# IL-KATEKIŻMU TAL-KNISJA KATTOLIKA

L-EWWEL PARTI

# L-ISTQARRIJA TAL-FIDI

KKK 1-1065

**2011**

**(edizzjoni riveduta minn Fr. Manwel Schembri O.C.D.)**

WERREJ TAL-EWWEL PARTI

# L-ISTQARRIJA TAL-FIDI

1-1065

**Kostituzzjoni Appostolika "Fidei Depositum"** ... 9
**Daħla** ... 16
I. Il-ħajja tal-bniedem – li jagħraf u jħobb lil Alla ... 16
II. Ix-xandir tal-fidi – il-katekeżi ... 16
III. L-għan ta' dan il-Katekiżmu – għal min hu ... 18
IV. L-istruttura tal-Katekiżmu ... 18
I. Tagħrif prattiku dwar l-użu ta' dan il-Katekiżmu ... 19
II. L-adattamenti meħtieġa ... 20
Fuq kollox – l-Imħabba ... 20

## L-EWWEL PARTI
## L-ISTQARRIJA TAL-FIDI

L-EWWEL SEZZJONI
"JIENA NEMMEN" – "AĦNA NEMMNU"

L-EWWEL KAPITLU: IL-BNIEDEM JISTA' JASAL BIEX IKUN JAF 'L ALLA ... 22

I. Ix-xewqa ta' Alla ... 22
II. It-triqat li jwasslu għall-għarfien ta' Alla ... 23
III. L-għarfien ta' Alla skont il-Knisja ... 24
IV. Kif titkellem dwar Alla? ... 25
Fil-qosor ... 26

IT-TIENI KAPITLU: ALLA F'LAQGĦA MAL-BNIEDEM ... 27

**L-ewwel artiklu: Ir-Rivelazzjoni ta' Alla** ... 27

I. Alla jirrivela "l-pjan kollu mħabba tiegħu" ... 27
II. Il-passi tar-Rivelazzjoni ... 28
Sa mill-bidu Alla għarraf lilu nnifsu – Il-Patt ma' Noè – Alla jagħżel 'l Abraham, – Alla jsawwar 'l Israel bħala l-poplu tiegħu.
III. Kristu Ġesù – "Il-Medjatur u l-milja tar-Rivelazzjoni kollha" ... 30
Alla qal kollox fil-Verb tiegħu – Mhux se jkun hemm aktar Rivelazzjoni.
Fil-qosor ... 31

**It-tieni artiklu: Kif titwassal ir-Rivelazzjoni ta' Alla** ... 31

I. It-tradizzjoni appostolika ... 31
Il-predikazzjoni appostolika – Titkompla minn dawk li ġew wara l-Appostli.
II. Ir-relazzjoni bejn it-Tradizzjoni u l-Iskrittura ... 32
Għajn waħda - Żewġ suriet distinti ta' trażmissjoni – Tradizzjoni appostolika u tradizzjonijiet ekkleżjali.
III. It-tifsir tat-teżor tal-fidi ... 33
It-teżor tal-fidi fdat lill-milja kollha tal-Knisja - Il-maġisteru tal-Knisja - Id-dommi tal-fidi - Is-sens sopranaturali tal-fidi - Il-kobor fl-għarfien tal-fidi.
Fil-qosor ... 35

**It-tielet artiklu: L-Iskrittura Mqaddsa** ........ 36

I. Kristu – il-Kelma waħdanija tal-Iskrittura Mqaddsa ........ 36
II. L-ispirazzjoni u l-verità tal-Iskrittura Mqaddsa ........ 37
III. L-Ispirtu s-Santu, interpretu tal-Iskrittura ........ 37
Is-sensi tal-Iskrittura.
IV. Il-Kanoni tal-Iskrittura ........ 39
It-Testment il-Qadim - It-Testment il-Ġdid - L-għaqda tat-Testment il-Qadim u tat-Testment il-Ġdid.
V. L-Iskrittura Mqaddsa fil-ħajja tal-Knisja ........ 42
Fil-qosor ........ 42

IT-TIELET KAPITLU: IT-TWEĠIBA TAL-BNIEDEM LIL ALLA ........ 43

**L-ewwel artiklu: Jiena nemmen** ........ 44

I. L-ubbidjenza tal-fidi ........ 44
Abraham, "Missier dawk kollha li jemmnu" - Marija: "hienja dik li emmnet".
II. "Jien naf f'min emmint" *(2 Tim 1,12)* ........ 45
Temmen f'Alla wieħed - Temmen f'Ġesù Kristu, l-Iben ta' Alla - Temmen fl-Ispirtu s-Santu.
III. Il-karatteristiċi tal-fidi ........ 45
Il-fidi hi grazzja - Il-fidi hi att tal-bniedem - Il-fidi u l-intelliġenza - Il-libertà tal-fidi - Il-ħtieġa tal-fidi - il-perseveranza tal-fidi - Il-fidi – bidu tal-ħajja ta' dejjem.

**It-tieni artiklu: Aħna nemmnu** ........ 49

I. "Ara, Mulej, il-fidi tal-Knisja tiegħek" ........ 49
II. Kliem il-fidi ........ 50
III. Fidi waħda ........ 50
Fil-qosor ........ 51
Il-Kredu ........ 52

## IT-TIENI SEZZJONI:
## L-ISTQARRIJA TAL-FIDI NISRANIJA

Is-Simboli tal-fidi ........ 53

L-EWWEL KAPITLU: JIENA NEMMEN F'ALLA L-MISSIER ........ 55

**L-ewwel artiklu: Jiena nemmen f'Alla l-Missier li jista' kollox li ħalaq is-sema u l-art** ........ 55

*L-ewwel paragrafu: Jiena nemmen f'Alla* ........ 55

I. "Jiena nemmen f'Alla wieħed" ........ 55
II. Alla jirrivela ismu ........ 56
Alla l-ħaj - "Jien li jien" - "Alla ta' tjieba u ħniena" - Alla biss hu.
III. Alla, "dak li hu", hu Verità u Mħabba ........ 58
Alla hu Verità - Alla hu mħabba.
IV. Safejn tasal il-fidi f'Alla waħdu ........ 60
Fil-qosor ........ 60

*It-tieni paragrafu: Il-Missier* ........ 61

I. Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu ........ 61
II. Ir-Rivelazzjoni ta' Alla bħala Trinità ........ 62

Il-Missier imgħarraf mill-Iben - Il-Missier u l-Iben rivelati mill-Ispirtu.
III. It-Trinità Qaddisa fid-duttrina tal-fidi ........ 64
Il-formazzjoni tad-domma tat-Trinità - Id-domma tat-Trinità Qaddisa.
IV. L-opri ta' Alla u l-missjonijiet Trinitarji ........ 66
Fil-qosor ........ 67

*It-tielet paragrafu: Alla li jista' kollox* ........ 68
"Hu jagħmel kulma jogħġbu" (Salm 115,3) – "Int tħenn għal kulħadd għax tista' kollox" (Għerf 11,23) – Il-misteru tal-fatt li xi kultant Alla jidher li ma jista' jagħmel xejn.
Fil-qosor ........ 69

*Ir-raba' paragrafu: Il-Ħallieq* ........ 70

I. Il-katekeżi tal-ħolqien ........ 70
II. Il-ħolqien: għemil tat-Trinità Qaddisa ........ 72
III. Id-dinja nħalqet għall-glorja ta' Alla ........ 73
IV. Il-misteru tal-ħolqien ........ 73
Alla ħalaq b'għerf u mħabba - Alla ħalaq "mix-xejn" - Alla ħalaq dinja tajba u b'ordni sħiħ - Alla hu 'l fuq mill-ħolqien iżda hu preżenti fih - Alla jżomm sħiħ il-ħolqien.
V. Alla jtemm il-pjan tiegħu: Il-providenza ta' Alla ........ 75
Il-Providenza u l-kawżi sekondarji - Il-providenza u l-iskandlu tal-ħażen.
Fil-qosor ........ 78

*Il-ħames paragrafu: Is-sema u l-art* ........ 79

I. L-anġli ........ 80
L-eżistenza tal-anġli: verità tal-fidi - Min huma? - Kristu "mal-anġli kollha tiegħu" - L-anġli fil-ħajja tal-Knisja.
II. Id-dinja li tidher ........ 82
Fil-qosor ........ 84

*Is-sitt paragrafu: Il-bniedem* ........ 84

I. Maħluq "xbieha ta' Alla" ........ 85
II. "Wieħed bir-ruħ u l-ġisem" ........ 86
III. "Raġel u mara ħalaqhom" ........ 87
L-ugwaljanza u d-differenza li ried Alla - "Huma għal Xulxin" - "Għaqda waħda minn tnejn".
IV. Il-bniedem fil-ġenna tal-art ........ 88
Fil-qosor ........ 89

*Is-seba' paragrafu: il-waqgħa* ........ 89

I. Fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja ........ 90
Ir-realtà tad-dnub - Id-dnub tan-nisel: verità essenzjali tal-fidi - Kif naqraw il-ġrajja tal-waqgħa.
II. Il-waqgħa tal-anġli ........ 91
III. Id-dnub tan-nisel ........ 92
Il-prova tal-libertà - L-ewwel dnub tal-bniedem - Il-konsegwenzi tad-dnub ta' Adam għall-familja kollha tal-bnedmin - Ġlieda kiefra.
IV. "Ma ħallejtux taħt is-setgħa tal-mewt" ........ 95
Fil-qosor ........ 96

IT-TIENI KAPITLU: "NEMMEN F'ĠESÙ KRISTU, IBNU WIEĦED, SIDNA" ........ 97
Il-Bxara t-Tajba: Alla bagħat lil Ibnu - "Inxandar... l-għana ta' Kristu li ebda moħħ ma jista' jifhmu" (Ef 3,8) - Il-qalba tal-katekeżi: Kristu.

**t-tieni artiklu: "U f'Ġesù Kristu, Ibnu wieħed, Sidna"** ........ 99

I. Ġesù ........ 99
II. Kristu ........ 100
III. Iben waħdieni ta' Alla ........ 102
IV. Mulej ........ 103
Fil-qosor ........ 104

**It-tielet artiklu: "Kien konċeput mill-Ispirtu s-Santu u twieled minn Marija Verġni"** ........ 105

*L-ewwel paragrafu: L-Iben ta' Alla sar bniedem* ........ 105

I. Għaliex l-Iben ta' Alla sar bniedem ........ 105
II. L-Inkarnazzjoni ........ 106
III. Veru Alla u veru bniedem ........ 106
IV. Kif l-Iben ta' Alla sar bniedem? ........ 108
Ir-ruħ u t-tagħrif ta' Kristu bħala bniedem - Ir-rieda umana ta' Kristu - Il-ġisem veru ta' Kristu - Il-qalb tal-Verb magħmul bniedem.
Fil-qosor ........ 110

*It-tieni paragrafu: "Kien konċeput mill-Ispirtu s-Santu, twieled minn Marija Verġni"* ........ 111

I. Kien konċeput mill-Ispirtu s-Santu ........ 111
II. .....twieled minn Marija Verġni ........ 111
Il-predestinazzjoni ta' Marija - Imnissla bla tebgħa - "....Ħa jsir minni skont kelmtek" - Il-maternità divina ta' Marija - Il-verġinità ta' Marija - Marija "dejjem verġni" - Il-maternità verġinali ta' Marija fil-pjan ta' Alla.
Fil-qosor ........ 116

*It-tielet paragrafu: Il-misteri tal-ħajja ta' Kristu* ........ 116

I. Il-ħajja kollha ta' Kristu hi misteru ........ 117
Il-karatteristiċi komuni tal-misteri ta' Ġesù - Ix-xirka tagħna fil-misteri ta' Ġesù.
II. Il-misteri tat-tfulija u tal-ħajja moħbija ta' Ġesù ........ 119
It-tħejjija - Il-misteru tal-Milied - Il-misteri tat-tfulija ta' Ġesù - Il-misteri tal-ħajja moħbija ta' Ġesù.
III. Il-misteri tal-ħajja pubblika ta' Ġesù ........ 122
Il-magħmudija ta' Ġesù - It-tiġrib ta' Ġesù - "Is-Saltna ta' Alla hi fil-qrib" - It-tħabbira tas-Saltna ta' Alla - Is-sinjali tas-Saltna ta' Alla - "L-imfietaħ tas-Saltna" - Tgawdija minn qabel tas-Saltna: it-Trasfigurazzjoni - It-tluq lejn Ġerusalemm - Id-daħla messjanika ta' Ġesù f'Ġerusalemm
Fil-qosor ........ 129

**Ir-raba' artiklu: Ġesù Kristu bata taħt Ponzju Pilatu, sallbuh, miet u difnuh** ........ 130

*L-ewwel paragrafu: Ġesù u Israel* ........ 131

I. Ġesù u l-Liġi ........ 132
II. Ġesù u t-Tempju ........ 133
III. Ġesù u l-fidi ta' Israel f'Alla wieħed u Salvatur ........ 134
Fil-qosor ........ 136

*It-tieni paragrafu: Ġesù jmut fuq is-salib* ...... 136

I. Il-proċess ta' Ġesù ...... 136
Firdiet fost l-awtoritajiet Lhud dwar Ġesù - Il-Lhud mhumiex ilkoll flimkien responsabbli tal-mewt ta' Ġesù - Il-midinbin kollha huma awturi tal-Passjoni tal-Mulej.
II. Il-mewt feddejja ta' Kristu fil-pjan ta' Alla għas-salvazzjoni ...... 138
"Ġesù ġie mogħti skont il-pjan ta' Alla mfassal minn qabel" - "Miet minħabba dnubietna skont l-Iskrittura" - "Alla għamlu dnub għalina" - Alla ħa l-inizjattiva tal-imħabba għall-fidwa ta' kulħadd.
III. Kristu offra lilu nnifsu lill-Missier għalina midinbin ...... 140
Il-ħajja kollha ta' Kristu kienet offerta lil Alla - "Il-ħaruf li Jneħħi d-dnub tad-dinja" - Ġesù jħaddan bil-qalb kollha l-imħabba feddejja tal-Missier - Fl-aħħar Ikla Ġesù jantiċipa l-offerta ħielsa ta' ħajtu - L-agunija fil-Ġetsemani - Il-mewt ta' Kristu hi s-sagrifiċċju waħdieni u definittiv - Ġesù jissostitwixxi d-diżubbidjenza tagħna bl-ubbidjenza tiegħu - Fuq is-salib Ġesù temm is-sagrifiċċju tiegħu - Is-sehem tagħna fis-sagrifiċċju ta' Kristu.
Fil-qosor ...... 143

*It-Tielet paragrafu: Ġesù Kristu ġie midfun* ...... 144
Kristu fil-qabar b'ġismu - "Ma tħallix il-qaddis tiegħek jara t-taħsir" - "Midfunin ma' Kristu".
Fil-qosor ...... 145

**Il-ħames artiklu: Ġesù Kristu niżel fil-Limbu u wara tlett ijiem qam mill-imwiet** ...... 145

*L-ewwel paragrafu: Kristu niżel fil-Limbu* ...... 146
Fil-qosor ...... 147

*It-tieni paragrafu: Fit-tielet jum qam mill-imwiet* ...... 147

I. Ġrajja storika u traxxendenti ...... 148
Il-qabar vojt - Id-dehriet tal-Irxoxt - L-Istat tal-umanità ta' Kristu mqajjem mill-mewt - Il-qawmien mill-imwiet hu fatt traxxendenti.
II. Il-qawmien mill-imwiet: opra tat-Trinità ...... 150
III. Is-sens u l-valur salvifiku tal-qawmien mill-imwiet ...... 151
Fil-qosor ...... 152

**Is-sitt artiklu: Ġesù tela' fis-smewwiet, qiegħed in-naħa tal-lemin ta' Alla l-Missier li jista' kollox** ...... 153
Fil-qosor ...... 154

**Is-seba' artiklu: Minn hemm għandu jiġi biex jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin** ...... 155

I. Jerġa' jiġi fil-glorja ...... 155
Kristu ġa qiegħed isaltan permezz tal-Knisja... - ...Huwa u jistenna li kollox ikun imqiegħed taħtu - Il-miġja ta' Kristu fil-glorja tama ta' Israel - L-aħħar prova tal-Knisja.
II. Biex jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin ...... 157
Fil-qosor ...... 158

IT-TIELET KAPITLU: NEMMEN FL-ISPIRTU S-SANTU ...... 158

**It-tmien artiklu: "Jiena nemmen fl-Ispirtu s-Santu"** ...... 160

I. Il-ħidma flimkien tal-Iben u tal-Ispirtu ...... 160
II. L-isem tal-Ispirtu s-Santu: kif jissejjaħ u x'inhuma s-simboli tiegħu ...... 161
L-isem proprju tal-Ispirtu s-Santu - Kif jissejjaħ l-Ispirtu s-Santu -

Is-simboli tal-Ispirtu s-Santu.
III. L-Ispirtu u l-Kelma ta' Alla fi żmien il-wegħdiet ..... 164
Fil-ħolqien - L-Ispirtu tal-wegħdiet - Fit-teofaniji u fil-Liġi - Fis-saltna u fl-eżilju - L-Istennija tal-Messija u tal-Ispirtu tiegħu.
IV. L-Ispirtu ta' Kristu fil-milja taż-żminijiet ..... 167
San Ġwann prekursur, profeta u għammied - "Ifraħ, mimlija bil-grazzja" - Kristu Ġesù
V. L-Ispirtu u l-Knisja fl-aħħar żminijiet ..... 170
Għid il-Ħamsin - L-Ispirtu s-Santu: don ta' Alla - L-Ispirtu s-Santu u l-Knisja.
Fil-qosor ..... 171

**Id-disa' artiklu: Nemmen fil-Knisja mqaddsa kattolika** ..... 172

*L-ewwel paragrafu: Il-Knisja fil-pjan ta' Alla* ..... 173

I. L-ismijiet u x-xbihat tal-Knisja ..... 173
Is-simboli tal-Knisja.
II. Bidu, twaqqif u missjoni tal-Knisja ..... 174
Pjan li ħareġ minn qalb il-Missier - Il-Knisja: xbihetha mill-bidu tad-dinja - Il-Knisja mħejjija fil-Patt il-Qadim - Il-Knisja mwaqqfa minn Kristu Ġesù - Il-Knisja murija mill-Ispirtu s-Santu - Il-Knisja tilħaq il-milja tagħha fil-glorja.
III. Il-misteru tal-Knisja ..... 177
Il-Knisja viżibbli u spiritwali fl-istess ħin - Il-Knisja misteru tal-għaqda tal-bnedmin ma' Alla - Il-Knisja sagrament universali ta' salvazzjoni.
Fil-qosor ..... 179

*It-tieni paragrafu: Il-Knisja – Poplu ta' Alla, Ġisem ta' Kristu, Tempju tal-Ispirtu s-Santu* ..... 180

I. Il-Knisja – poplu ta' Alla ..... 180
Il-karatteristiċi tal-poplu ta' Alla - Poplu saċerdotali, profetiku, regali.
II. Il-Knisja – Ġisem ta' Kristu ..... 182
Il-Knisja f'għaqda ma' Ġesù - "Ġisem wieħed" - "Ta' dan il-Ġisem, Kristu hu r-Ras" - Il-Knisja hi l-għarusa ta' Kristu.
III. Il-Knisja – Tempju tal-Ispirtu s-Santu ..... 184
Il-kariżmi.
Fil-qosor ..... 186

*It-tielet paragrafu: Il-Knisja hi waħda, qaddisa, kattolika u appostolika* ..... 186

I. Il-Knisja hi waħda ..... 187
"Il-misteru qaddis tal-unità tal-Knisja" - Il-ġrieħi tal-unità - Lejn l-għaqda.
II. Il-Knisja hi qaddisa ..... 190
III. Il-Knisja hi kattolika ..... 191
X'jiġifieri "kattolika"? - Kull Knisja partikulari hi "kattolika" - Min hu fil-Knisja Kattolika? - Il-Knisja u dawk li mhumiex Insara - "Barra l-Knisja m'hemmx salvazzjoni" - Il-missjoni: esiġenza tal-kattoliċità tal-Knisja.
IV. Il-Knisja hi appostolika ..... 197
Il-missjoni tal-Appostli - L-isqfijiet suċċessuri tal-Appostli - L-appostolat.
Fil-qosor ..... 200

*Ir-raba' paragrafu: Il-fidili ta' Kristu - ġerarkija, lajċi, ħajja kkonsagrata* ..... 200

I. Il-kostituzzjoni ġerarkija tal-Knisja ..... 201
Għaliex hu meħtieġ il-ministeru ekkleżjali? - Il-Kulleġġ Episkopali u

l-Kap tiegħu l-Papa - L-uffiċċju tat-tagħlim - L-uffiċċju tat-tqaddis - L-uffiċċju tat-tmexxija.
II. L-Insara lajċi ... 206
Il-vokazzjoni tal-lajċi - Is-sehem tal-lajċi fil-missjoni saċerdotali ta' Kristu - Is-sehem tal-lajċi fil-missjoni profetiku ta' Kristu - Is-sehem tal-lajċi fil-missjoni regali ta' Kristu.
III. Il-ħajja konsagrata ... 209
Kunsilli evanġeliċi, ħajja kkonsagrata - Siġra kbira b'ħafna frieghi - Il-ħajja tal-eremiti - Il-verġni u r-romol konsagrati - Il-ħajja reliġjuża - L-istituti sekulari - Is-Soċjetajiet ta' ħajja appostolika - Konsagrazzjoni u missjoni: tħabbira tas-Sultan li għandu jiġi.
Fil-qosor ... 213

*Il-ħames paragrafu: Ix-xirka tal-qaddisin* ... 214

I. Ix-xirka fil-ġid spiritwali ... 214
II. Ix-xirka tal-Knisja tas-sema u tal-art ... 215
Fil-qosor ... 217

*Is-sitt paragrafu: Marija, Omm Kristu, Omm il-Knisja* ... 217

I. Il-Maternità ta' Marija għall-Knisja ... 217
Magħquda ħaġa waħda ma' Binha... - ...Ukoll fit-tlugħ fis-Sema... - ...Hi Ommna fl-ordni tal-grazzja.
II. Il-Kult tal-Verġni Marija ... 219
III. Marija – l-Ikona eskatoloġika tal-Knisja ... 219
Fil-qosor ... 220

**L-għaxar artiklu: "Nemmen fil-maħfra tad-dnubiet"** ... 220

I. Magħmudija waħda għall-maħfra tad-dnubiet ... 220
II. Is-setgħa tal-imfietaħ ... 221
Fil-qosor ... 222

**Il-ħdax-il artiklu: "Nemmen fil-qawma mill-imwiet"** ... 222

I. Il-qawmien ta' Kristu u l-qawmien tagħna ... 223
Rivelazzjoni progressiva tal-qawmien mill-imwiet - Kif jirxoxtaw il-mejtin? - Nirxuxtaw ma' Kristu.
II. Immutu fi Kristu Ġesù ... 226
Il-mewt - It-tifsir tal-mewt nisranija.
Fil-qosor ... 228

**It-tnax-il artiklu: Nemmen fil-ħajja ta' dejjem** ... 229

I. Il-ġudizzju partikulari ... 229
II. Is-sema ... 230
III. It-tisfija tal-aħħar jew il-purgatorju ... 231
IV. L-infern ... 232
V. Il-ġudizzju tal-aħħar ... 233
VI. It-tama ta' smewwiet ġodda u art ġdida ... 234
Fil-qosor ... 235
"Ammen" ... 236

IL-KOSTITUZZJONI APPOSTOLIKA
**FIDEI DEPOSITUM**
GĦALL-PUBBLIKAZZJONI
tal-
**KATEKIŻMU TAL-KNISJA KATTOLIKA**
mħejji wara
L-KONĊILJU EKUMENIKU VATIKAN II

# ĠWANNI PAWLU II ISQOF
## QADDEJ TAL-QADDEJJA TA' ALLA
## B'TIFKIRA GĦAL DEJJEM

*Lill-Kardinali, Arċisqfijiet, Isqfijiet, Saċerdoti, Djakni u lill-Membri kollha tal-poplu ta' Alla.*

## Daħla

IL-ĦARSIEN TAD-DEPOŻITU TAL-FIDI hi l-missjoni li l-Mulej ried jafda lill-Knisja tiegħu, missjoni li l-Knisja qdiet tul iż-żminijiet kollha. Il-Konċilju Vatikan II, li beda tletin sena ilu meta kien Papa Ġwanni XXIII, kellu l-ħsieb u l-għan li juri x'inhi l-missjoni appostolika u pastorali tal-Knisja u jwassal il-bnedmin kollha li jfittxu u jilqgħu l-imħabba ta' Kristu, li tisboq kull għerf[1] billi ddawwalhom bid-dawl tal-Evanġelju.

Il-Papa Ġwanni XXIII ried li l-Konċilju jara kif iħares aħjar id-depożitu tal-fidi nisranija u jurih b'mod li jkunu jistgħu jilqgħuh aħjar kemm il-fidili ta' Kristu u kemm il-bnedmin kollha ta' rieda tajba. Il-Konċilju ma kellux l-ewwel jikkundanna t-tagħlim żbaljat ta' żminijietna, imma kellu qabelxejn juri l-qawwa u l-ġmiel tad-duttrina tal-fidi. "Imdawla mid-dija ta' dan il-Konċilju – qal il-Papa – il-Knisja... tistagħna b'għana spiritwali u, hija u tikseb qawwiet ġodda, tħares bla biża' għal dik il-ħidma li żmienna qiegħed jitlob biex hekk tkompli sejra 'l quddiem il-mixja li l-Knisja ilha tagħmel għal kważi għoxrin seklu".[2]

Bl-għajnuna ta' Alla l-isqfijiet fil-Konċilju, tul erba' snin ta' ħidma, ħejjew ġabra tassew tal-għaġeb ta' tagħlim, ta' duttrina u ta' direttivi pastorali u li huma offrew lill-Knisja kollha. Kemm ir-ragħajja tal-erwieħ u kemm l-Insara kollha f'din il-ġabra għandhom isibu "dak it-tiġdid fil-ħsieb u fl-għemil, fl-imġiba u fil-qawwa morali tagħhom ta' ferħ u ta' tama, li ried il-Konċilju".[3]

Il-Konċilju, wara li ntemm, baqa' jispira l-ħajja kollha tal-Knisja. Fl-1985 jien stajt ngħid: "Għalija – li kelli l-grazzja speċjali li nieħu sehem fil-Konċilju u ngħin attivament biex jimxi 'l quddiem - il-Konċilju Vatikan dejjem u b'mod partikulari tul iż-żmien li ili Papa, mexxieni f'kull ħidma pastorali tiegħi, bil-ħsieb u bl-impenn li nara li jseħħ bil-fatti kulma kien jitlob f'kull Knisja u fil-Knisja kollha. Jeħtieġ li mmorru dejjem għal din l-għajn".[4]

B'dan il-ħsieb, fil-25 ta' Jannar 1985 sejjaħt Assemblea straordinarja tas-Sinodu tal-Isqfijiet, fl-okkażjoni tal-għoxrin sena mill-għeluq tal-Konċilju; skop ta' din l-assemblea kien iċ-ċelebrazzjoni tal-grazzja

[1] Ara Kol 3,19.
[2] Ġwanni XXIII, Diskors fil-ftuħ tal-Konċilju Vatikan II fil-11 ta' Ottubru 1962, - AAS 54 (1962) pp. 788-789.
[3] Pawlu VI, Diskors f'għeluq il-Konċilju Vatikan II, 8 ta' Diċembru 1965 – AAS 58 (1966) pp. 7-8.
[4] Ġwanni Pawlu II, Diskors tal-25 ta' Jannar 1985. *L'Osservatore Romano* 27-1-1985.

kollha u tal-frott spiritwali tal-Konċilju Vatikan II, bil-ħsieb li nagħrfu aktar fil-fond it-tagħlim tiegħu ħalli nilqgħuh aħjar, nagħrfuh aktar, u nħarsuh bil-fatti.

Dakinhar l-Isqfijiet tas-Sinodu kienu qalu: "Hemm xewqa kbira fost kulħadd ta' Katekiżmu jew ġabra tad-duttrina nisranija kollha, kemm dwar il-fidi u kemm dwar l-imġiba, li jservi ta' referenza għall-katekiżmi u l-ġabriet tad-duttrina nisranija li jsiru f'ħafna postijiet. Id-duttrina trid tiġi ppreżentata b'mod li tkun biblika u liturġika, tagħti d-duttrina vera u fl-istess waqt adatta għall-ħajja tal-Insara ta' llum".[1] Wara li ntemm is-Sinodu, din ix-xewqa għamiltha tiegħi għaliex ħassejtha "twieġeb għall-ħtieġa vera, sew tal-Knisja universali u sew tal-Knejjes partikulari".[2] Kif ma nroddux ħajr lill-Mulej f'dan il-jum li fih nistgħu noffru lill-Knisja kollha l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, dan il-ktieb "biex iservi ta' referenza" għal katekeżi mġedda mill-għejjun ħajja tal-fidi.

Wara t-tiġdid tal-liturġija, wara l-Kodiċi l-ġdid tal-Knisja Latina u l-Kanoni mġedda tal-Knejjes Kattoliċi tal-Lvant, issa għandna wkoll dan il-Katekiżmu li għandu jagħti kontribut tassew importanti għat-tiġdid tal-ħajja kollha tal-Knisja li l-Konċilju Vatikan II ried u ta bidu għaliha.

## 1. It-tħejjija tal-Katekiżmu u l-ispirtu li bih tħejja

"Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika" hu frott ta' kollaborazzjoni wiesgħa ħafna: tħejja tul sitt snin ta' ħidma kbira li saret bi spirtu ta' ħeġġa liema bħalha u b'attenzjoni miftuħa għad-dinja tal-lum.

Fl-1986 waqqaft Kummissjoni ta' tnax-il Kardinal u Isqof, taħt il-presidenza tal-Kard. Joseph Ratzinger, biex tħejji proġett għall-Katekiżmu li ried is-Sinodu. Flimkien mal-Kummissjoni kien hemm kumitat ta' redazzjoni magħmul minn seba' Isqfijiet djoċesani esperti fit-teoloġija u l-katekeżi.

Il-Kummissjoni li kellha tagħti direttivi u tgħasses fuq ix-xogħol li kien qed isir, segwiet b'attenzjoni kbira x-xogħol kollu tar-redazzjoni li kien qiegħed isir u għarblet sewwa, wieħed wara l-ieħor, id-disa' proġetti tal-Katekiżmu li ħejja l-kumitat tar-redazzjoni; dan il-kumitat tgħabba bir-responsabbiltà li kull darba jikteb it-test, u jagħmel fih it-tibdiliet mitluba mill-Kummissjoni u jgħarbel sewwa l-osservazzjonijiet ta' għadd kbir ta' teoloġi, eseġeti, katekisti, u fuq kulħadd, tal-Isqfijiet tad-dinja kollha, biex it-test jitjieb dejjem aktar.

Dwar il-proġett saret konsultazzjoni mal-Isqfijiet Kattoliċi kollha, mal-Konferenzi Episkopali u mas-Sinodi tagħhom, u mal-Istituti tat-Teoloġija u tal-Kateketika. Nistgħu ngħidu li l-proġett intlaqa' tajjeb mill-Isqfijiet. Nistgħu ngħidu wkoll li dan il-Katekiżmu hu frott tal-kollaborazzjoni tal-Isqfijiet kollha tal-Knisja Kattolika li aċċettaw is-sehem tagħhom ta' responsabbiltà f'inizjattiva li tolqot l-istess ħajja tal-

---

[1] Rapport konklusiv tas-Sinodu straordinarju, 7 ta' Diċembru 1985, II B a n. 4. *Enchiridion Vaticanum* vol. 9 p. 1758, n. 179

[2] Ġwanni Pawlu II, Diskors f'għeluq is-Sinodu straordinarju, 7 ta' Diċembru, 1985 – AAS 78 (1986) p. 435.

Knisja. Dan lili jimlieni bil-ferħ, għaliex il-qbil ta' tant ilħna flimkien hu dak li nistgħu nsejħulu s-"sinfonija" tal-fidi. Dan il-Katekiżmu b'dan il-mod juri li hu xhieda tal-kolleġġjalità tal-Episkopat u tal-kattoliċità tal-Knisja.

## 2. It-tqassim tal-materjal

Il-Katekiżmu jrid jagħti bil-fedeltà kollha u b'mod organiku t-tagħlim tal-Iskrittura, tat-Tradizzjoni ħajja tal-Knisja u tal-Maġisteru awtentiku, flimkien mal-wirt spiritwali ta' Missirijiet il-Knisja u tal-Qaddisin biex jiftiehem aħjar il-misteru tal-Knisja u tissaħħaħ il-fidi tal-poplu ta' Alla. Irid iqis b'liema mod l-Ispirtu s-Santu għen il-Knisja tul iż-żminijiet fl-iżvilupp tad-duttrina nisranija. Irid ukoll jgħin biex il-fidi titfa' dawl fuq qagħdiet ġodda u problemi li fl-imgħoddi ma kinux jeżistu.

Fil-Katekiżmu għalhekk insibu ħwejjeġ ġodda u ħwejjeġ qodma[1] għaliex il-fidi tibqa' dejjem u hi fl-istess ħin għajn ta' dwal dejjem ġodda.

Minħabba f'dan "il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika" minn naħa żamm l-ordni "antik" tradizzjonali tal-Katekiżmu ta' San Piju V billi żamm l-erba' taqsimiet tradizzjonali: **il-Kredu, il-Liturġija** bis-sagramenti fl-ewwel post, **l-imġiba nisranija** bit-tagħlim dwar il-kmandamenti, u fl-aħħar nett **it-talb nisrani.** Iżda t-tagħlim f'dawn l-erba' taqsimiet hu ppreżentat f'sura "ġdida" biex iwieġeb għal ħafna mistoqsijiet ta' żminijietna.

L-erba' taqsimiet huma marbutin bejniethom: Il-misteru nisrani jitwemmen (l-ewwel taqsima); jiġi ċċelebrat u mogħti lilna fil-Liturġija (it-tieni taqsima); idawwal u jwettaq lil ulied Alla fl-imġiba kollha tagħhom (it-tielet taqsima); hu l-pedament tat-talb li bħala espressjoni privileġġjata tiegħu għandu l-Missierna, talba li tiġbor fiha s-suppliki tagħna, it-tifħir tagħna u l-interċessjonijiet tagħna (ir-raba' taqsima).

L-istess liturġija hi talba, l-istqarrija tal-fidi għandha l-post xieraq tagħha fiċ-ċelebrazzjoni tal-kult. Il-grazzja, frott tas-sagramenti, hi l-kundizzjoni meħtieġa biex l-imġiba nisranija, kif it-tisħib fil-liturġija tal-Knisja jitlob li jkun hemm il-fidi. Jekk il-fidi ma tidhirx fl-għemil, hi fidi mejta,[2] u ma tagħtix frott għall-ħajja ta' dejjem.

Il-qari tal-"Katekiżmu tal-Knisja Kattolika" jurina l-għaqda li hemm fil-misteru ta' Alla, u fil-pjan tiegħu ta' Salvazzjoni, u li fiċ-ċentru ta' kollox hemm Ġesù Kristu, l-Iben Waħdieni ta' Alla, mibgħut mill-Missier, li sar bniedem fil-ġuf tal-Verġni Mqaddsa Marija bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu, biex ikun il-Feddej tagħna. Mejjet u rxoxt hu dejjem preżenti fil-Knisja tiegħu, b'mod speċjali fis-sagramenti tal-fidi, xbieha tal-imġiba nisranija u Mgħallem tat-talb tagħna.

[1] Ara Mt 13,52.
[2] Ara Ġak 2,14-16.

## 3. Il-valur duttrinali tal-Katekiżmu

"Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika" li jien approvajt nhar il-25 ta' Ġunju li għadda u li llum qed nordna li jiġi ppubblikat bl-awtorità appostolika tiegħi, hu espożizzjoni tal-fidi tal-Knisja u tad-duttrina Kattolika, skont ix-xhieda u fid-dawl tal-Iskrittura mqaddsa, tat-Tradizzjoni appostolika u tal-Maġisteru tal-Knisja u bħala regola żgura għat-tagħlim tal-fidi. Jalla jservi għat-tiġdid li għalih l-Ispirtu s-Santu bla heda jsejjaħ il-Knisja ta' Alla, il-Ġisem ta' Kristu, miexja lejn id-dawl bla ebda dell tas-Saltna ta' dejjem!

L-approvazzjoni u l-pubblikazzjoni tal-"Katekiżmu tal-Knisja Kattolika" huma servizz li s-Suċċessur ta' San Pietru qiegħed jagħti lill-Knisja Kattolika u lill-Knejjes partikulari kollha u li huma fis-sliem u x-xirka mas-Sede appostolika ta' Ruma: hu qadi biex isaħħaħ u jwettaq il-fidi tad-dixxipli kollha tal-Mulej Ġesù[1] u biex iqawwi dejjem aktar ir-rabtiet mal-għaqda fl-istess fidi appostolika.

Nitlob għalhekk lir-Ragħajja tal-Knisja u lill-fidili kollha biex jilqgħu dan il-Katekiżmu bi spirtu ta' xirka u jużawh kontinwament huma u jaqdu l-missjoni tagħhom ħa jxandru l-fidi u jistiednu għall-ħajja skont l-Evanġelju. Dan il-Katekiżmu qed jingħatalhom biex ikollhom f'idejhom ktieb li fih isibu b'mod żgur u awtentiku t-tagħlim tad-duttrina Kattolika, u b'mod partikulari għajnuna għat-tħejjija tal-katekiżmu ta' kull post. Qed jingħata wkoll lill-fidili kollha li jridu u jixtiequ jkunu jafu aktar fil-fond l-għana bla qies tas-Salvazzjoni.[2] Irid jgħin l-isforzi ekumeniċi li qed isiru, sforzi mqanqlin minn xewqa kbira għall-għaqda tal-Insara kollha, għax juri b'mod eżatt x'inhi l-fidi Kattolika u kemm kollox fiha hu f'armonija sħiħa. "Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika" fl-aħħar nett qed jiġi mogħti lil kull bniedem li jitlobna l-"għala" tat-tama tagħna u jrid ikun jaf x'temmen il-Knisja Kattolika.

Dan il-katekiżmu ma jridx jieħu l-post tal-Katekiżmi partikulari maħruġin bl-approvazzjoni tal-Isqfijiet djoċesani jew tal-Konferenzi Episkopali, speċjalment dawk li kellhom l-approvazzjoni tas-Santa Sede. L-għan tal-Katekiżmu hu dak li jħajjar u jgħin biex jitħejjew katekiżmi partikulari ġodda, li jqisu sewwa l-kundizzjonijiet u l-kulturi ta' kull post, waqt li jħarsu sewwa l-għaqda fil-fidi u l-fedeltà għad-duttrina kattolika.

## 4. Għeluq

F'għeluq dan id-dokument li bih qed nippreżenta l-"Katekiżmu tal-Knisja Kattolika" nitlob lill-Imqaddsa Verġni Marija, Omm il-Verb magħmul bniedem u Omm il-Knisja biex, bl-interċessjoni qawwija tagħha, twettaq l-impenn kateketiku tal-Knisja kollha f'kull livell, f'dan iż-żmien li fih hi msejħa biex tagħti bidu għall-evanġelizzazzjoni ġdida. Jalla d-dawl tal-fidi vera jeħles il-ġens kollu tal-bnedmin mill-injoranza

[1] Ara Lq 22,32.
[2] Ara Ġw 8,32.

u mill-jasar tad-dnub biex jasal għal dak il-ħelsien tal-ħajja fi Kristu taħt it-tmexxija tal-Ispirtu s-Santu, hawn fid-dinja u fis-Saltna tas-sema fil-milja tal-hena tad-dehra ta’ Alla wiċċ imb wiċċ![1]

Illum, 11 ta’ Ottubru 1992, fit-tletin anniversarju mill-ftuħ tal-Konċilju Vatikan II, fl-erbatax-il sena tal-Pontifikat.

***Joannes Paulus pp II***

[1] Ara 1 Kor 13,13; 2 Kor 5,6-8.

# IL-KOTBA MQADDSA

| | |
|---|---|
| Apok | Apokalissi |
| Atti | Atti tal-Appostli |
| Bar | Baruk |
| Dan | Danjel |
| Dewt | Dewtoronomju |
| Ef | Efesin |
| Esd | Esdra |
| Est | Ester |
| Eż | Eżodu |
| Eżek | Eżekjel |
| Fil | Filippin |
| Filem | Filemon |
| Ġak | Ġakbu |
| Gal | Galatin |
| Ġen | Ġenesi |
| Ġer | Ġeremija |
| Ġobb | Ġobb |
| Ġoel | Ġoel |
| Ġona | Ġona |
| Ġoż | Ġożwè |
| Ġud | Ġuditta |
| Ġuda | Ġuda |
| Ġw | Ġwanni |
| 1 Ġw | 1 Ġwanni |
| 2 Ġw | 2 Ġwanni |
| 3 Ġw | 3 Ġwanni |
| Għab | Għabdija |
| Għam | Għamos |
| Għan | Għanja tal-Għanjiet |
| Għerf | Għerf |
| Ħab | Ħabakkuk |
| Ħag | Ħaggaj |
| Hos | Hosegħa |
| Is | Isaija |

| | |
|---|---|
| Koħ | Koħelet |
| Kol | Kolossin |
| 1 Kor | 1 Korintin |
| 2 Kor | 2 Korintin |
| 1 Kron | 1 Kronaki |
| 2 Kron | 2 Kronaki |
| Lam | Lamentazzjonijiet |
| Lev | Levitiku |
| Lq | Luqa |
| 1 Mak | 1 Makkabin |
| 2 Mak | 2 Makkabin |
| Mal | Malakija |
| Mħal | Mħallfin |
| Mik | Mikea |
| Mk | Mark |
| Mt | Mattew |
| Naħ | Naħum |
| Neħ | Neħemija |
| Num | Numri |
| 1 Piet | 1 Pietru |
| 2 Piet | 2 Pietru |
| Prov | Proverbji |
| Rum | Rumani |
| Rut | Rut |
| Salm | Salmi |
| Sir | Bin Sirak |
| 1 Slat | 1 Slaten |
| 2 Slat | 2 Slaten |
| Sof | Sofonija |
| Tob | Tobit |
| 1 Tim | 1 Timotju |
| 2 Tim | 2 Timotju |
| 1 Tess | 1 Tessalonkin |
| 2 Tess | 2 Tessalonkin |
| Żak | Żakkarija |

# Daħla

"Missier... din hi l-ħajja ta' dejjem, li jagħrfu lilek, Alla wieħed veru, u lil Ġesù Kristu, li inti bgħatt" *(Ġw 17,3*), "Alla, is-salvatur tagħna, ...irid li l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu biex jagħrfu l-verità *(1 Tim 2,3-4).* Imkien taħt is-sema ma hemm isem ieħor mogħti lill-bnedmin li bih aħna għandna nkunu salvi" *(Atti 4,12)* ħlief l-isem ta' ĠESÙ.

## 1. Il-ħajja tal-bniedem – li jagħraf u jħobb lil Alla

1. Alla, ta' safa bla qies u hieni fih innifsu, bi pjan purament ta' tjieba, ħalaq minn rajh il-bniedem biex jagħtih sehem fil-ħajja hienja tiegħu. Hu għalhekk li, f'kull żmien u kullimkien, jersaq lejn il-bniedem. Isejjaħlu, u jgħinu jfittxu, jagħrfu u jħobbu bil-ħila kollha tiegħu. Isejjaħ lill-bnedmin li d-dnub xerred u fired minn xulxin biex jiġborhom fil-familja tiegħu, il-Knisja. Dan jagħmlu b'Ibnu li bagħat bħala Feddej u Salvatur fil-milja taż-żminijiet. Fih u bih isejjaħ lill-bnedmin biex, fl-Ispirtu s-Santu, isiru wlied adottivi tiegħu u għalhekk werrieta tal-ħajja hienja tiegħu.

2. Biex din is-sejħa tasal fl-art kollha, Kristu bagħat l-Appostli li kien għażel u tahom ordni li jħabbru l-Evanġelju: "Morru, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien. U ara, jiena magħkom dejjem, sal-aħħar taż-żmien" (Mt 28,19-20). Bis-saħħa ta' din il-missjoni, l-Appostli "marru jippriedkaw kullimkien; il-Mulej kien jaħdem magħhom u jwettaq il-kelma bil-mirakli li kienu jsiru magħha" *(Mk 16,20).*

3. Dawk li bl-għajnuna ta' Alla laqgħu s-sejħa ta' Kristu u wieġbu minn rajhom għaliha, ġew imbagħad immexxija huma wkoll mill-imħabba ta' Kristu biex iħabbru kullimkien fid-dinja l-Bxara t-Tajba. Dan it-teżor li wasal mingħand l-Appostli ġie mħares bil-fedeltà kollha mis-suċċessuri tagħhom. Il-fidili kollha ta' Kristu huma msejħin biex iwasslu dan it-teżor minn ġenerazzjoni għal oħra, huma u jħabbru l-fidi, jgħixuha flimkien bħall-aħwa, u jiċċelebrawha fil-liturġija u fit-talb.[1]

## II. Ix-xandir tal-fidi – il-katekeżi

4. Minn kmieni ħafna fiż-żmien, bdew jissejħu katekeżi l-isforzi kollha li jsiru fil-Knisja ħa jagħmlu dixxipli, ħalli l-bnedmin isibu l-għajnuna li jeħtieġu biex jemmnu li Ġesù hu l-Iben ta' Alla, ħalli, bil-fidi, ikollhom il-ħajja f'ismu, u jiġu mrawmin u mgħallmin f'din il-ħajja u hekk jibnu l-Ġisem ta' Kristu.[2]

---

[1] Ara Atti 2,42.
[2] Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni appostolika *Catechesi tradendae*, 1;2.

5. “Il-katekeżi *hi trawwim fil-fidi* tat-tfal, taż-żgħażagħ u tal-kbar, u b’mod speċjali tħaddan it-tagħlim tad-duttrina nisranija mogħti b’mod organiku u sistematiku, bl-għan li jwassal għall-milja tal-ħajja nisranija”.[1]

6. Il-katekeżi hi dwar għadd ta’ elementi tal-missjoni pastorali tal-Knisja, li għandhom aspett kateketiku, li jħejju l-katekeżi jew joħorġu minnha, iżda mhijiex l-istess ħaġa bħalhom; dawn l-elementi huma: l-ewwel tħabbira tal-Evanġelju jew il-predikazzjoni missjunarja ħa tqanqal il-fidi; it-tfittix ta’ raġunijiet għaliex wieħed għandu jemmen; l-esperjenza ta’ ħajja nisranija; iċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti; l-għaqda mal-komunità ekkleżjali; ix-xhieda appostolika u missjunarja.[2]

7. “Il-Katekeżi għandha rabta intima mal-ħajja kollha tal-Knisja. Jiddependu essenzjalment mill-katekeżi mhux biss l-estensjoni ġeografika tal-Knisja u t-tkattir tal-għadd ta’ dawk li jemmnu, imma wkoll, u wisq aktar, jiddependi mill-katekeżi kemm il-Knisja tikber minn ġewwa u kemm taqbel mal-pjan ta’ Alla”.[3]

8. Iż-żminijiet ta’ tiġdid fil-Knisja huma wkoll żminijiet qawwija ta’ katekeżi. Hekk naraw, fl-aqwa żmien ta’ Missirijiet il-Knisja, isqfijiet qaddisa jiddedikaw għall-katekeżi, parti importanti ħafna tal-ministeru tagħhom. Kien żmien San Ċirillu ta’ Ġerusalemm u San Ġwann Griżostmu, San Ambroġ u Santu Wistin, u tant Missirijiet oħra: il-kitbiet kateketiċi tagħhom għadhom sal-lum eżempji mill-aqwa ta’ katekeżi.

9. Il-ministeru tal-katekeżi kiseb qawwa dejjem aktar ġdida mill-Konċilju. F’dan, il-Konċilju ta’ Trento ta eżempju ta’ min jisħaq fuqu: bil-kostituzzjonijiet u d-digrieti tiegħu qiegħed il-katekeżi fl-ewwel post; ta bidu għall-Katekiżmu Ruman li għadu jissejjaħ il-Katekiżmu tal-Konċilju ta’ Trento u huwa opra mill-aqwa ta’ ġabra fil-qosor tad-duttrina nisranija kollha; qajjem fil-Knisja organizzazzjoni tassew tal-għaġeb tal-katekeżi; wassal għall-pubblikazzjoni ta’ għadd mhux żgħir ta’ katekiżmi, ħidma ta’ isqfijiet qaddisa u ta’ teoloġi bħalma huma San Pietru Kanisju, San Karlu Borromeo, San Turibju ta’ Mongrovejo, u San Robertu Bellarmino.

10. Madankollu mhijiex xi ħaġa tal-għaġeb illi, bħala effett tal-Konċilju Vatikan II (li l-Papa Pawlu VI qiesu bħala l-katekiżmu kbir taż-żmien tal-lum), mill-ġdid qed tiġbed attenzjoni l-katekeżi tal-Knisja. “Id-Direttorju ġenerali tal-Katekeżi” tas-sena 1971, il-laqgħat tas-Sinodu tal-Isqfijiet dwar l-evanġelizzazzjoni (1974) u l-katekeżi (1977), l-eżortazzjonijiet appostoliċi marbutin magħhom *“Evangelii nuntiandi”* (1975) u *“Catechesi tradendae”* (1979), huma xhieda ta’ dan. Is-sessjoni straordinarja tas-Sinodu tal-Isqfijiet fl-1985 talbet li jitħejja “katekiżmu jew ġabra tad-duttrina nisranija kollha, kemm dwar il-fidi u kemm dwar il-morali” (rapport tal-aħħar, IIB a 4). Il-Papa Ġwanni Pawlu II għamel

[1] Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni appostolika *Catechesi tradendae*, 18.
[2] Ara *ibid.*
[3] *Ibid.*, 13

tiegħu din ix-xewqa tas-Sinodu tal-Isqfijet u stqarr li "din ix-xewqa twieġeb sewwa għall-ħtiġiet veri tal-Knisja universali u tal-Knejjes lokali.[1] Għamel minn kollox biex isseħħ din ix-xewqa tal-Isqfijiet tas-Sinodu.

## III. L-Għan ta' dan il-katekiżmu – għal min hu

11. Dan il-Katekiżmu għandu bħala għan li jagħti espożizzjoni organika u sintetika ta' dak li hu essenzjali u fundamentali fid-duttrina Kattolika sew dwar il-fidi u sew dwar il-morali, fid-dawl tal-Konċilju Vatikan II u tat-Tradizzjoni kollha tal-Knisja. L-għejjun ewlenin huma l-Kotba Mqaddsa, Missirijiet il-Knisja, il-Liturġija, u l-Maġisteru tal-Knisja. Dan il-katekiżmu jrid iservi "ta' referenza għall-katekiżmi u għall-ġabriet tad-duttrina nisranija li jsiru f'ħafna postijiet".[2]

12. Dan il-Katekiżmu hu l-aktar għal dawk responsabbli tal-katekeżi: l-ewwel nett għall-Isqfijiet, bħala għalliema tal-fidi u ragħajja tal-Knisja. Qed jiġi mogħti lilhom bħala strument f'idejhom ħa jaqdu d-dmir tagħhom li jgħallmu l-poplu ta' Alla. Permezz tal-Isqfijiet, dan il-katekiżmu se jasal għand dawk li jiktbu l-katekiżmi, lis-saċerdoti, lill-katekisti. Ikun ktieb ta' qari siewi għall-Insara l-oħra kollha.

## IV. L-Istruttura tal-Katekiżmu

13. L-istruttura ta' dan il-Katekiżmu hi mibnija fuq dik it-tradizzjoni kateketika kbira li tqiegħed il-katekeżi fuq erba' "pilastri": l-istqarrija tal-fidi fil-Magħmudija (il-Kredu jew simbolu); is-Sagramenti tal-fidi; il-ħajja tal-fidi (il-kmandamenti); it-talba ta' min jemmen (il-"Missierna").

L-EWWEL PARTI: L-ISTQARRIJA TAL-FIDI

14. Dawk li bil-fidi tagħhom u bil-Magħmudija huma ta' Kristu, għandhom jistqarru l-fidi li fiha tgħammdu quddiem il-bnedmin kollha.[3] Għalhekk il-Katekiżmu l-ewwel juri fiex tikkonsisti r-Rivelazzjoni li permezz tagħha Alla jkellem u jingħata lill-bniedem, u l-fidi li biha l-bniedem iwieġeb lil Alla (l-ewwel sezzjoni). Is-Simbolu tal-fidi (jew il-Kredu) jiġbor fih id-doni li ngħataw lill-bniedem minn Alla bħala Awtur ta' kull ġid, bħala Feddej, u bħala Dak li jqaddes il-bniedem: "tliet kapitli" tal-Magħmudija tagħna – il-fidi f'Alla wieħed: il-Missier li jista' kollox li ħalaq is-sema u l-art; Ġesù Kristu, Ibnu Sidna u Salvatur tagħna; u l-Ispirtu s-Santu, fil-Knisja mqaddsa (it-tieni sezzjoni).

[1] Diskors lis-Sinodu tal-Isqfijiet tas-7 ta' Diċembru, 1985.
[2] Sinodu tal-Isqfijiet, 1985: rapport tal-aħħar, II B a 4.
[3] Ara Mt 10,32; Rum 10,9.

IT-TIENI PARTI: IS-SAGRAMENTI TAL-FIDI

15. It-tieni parti tal-Katekiżmu turi kif is-salvazzjoni li seħħet darba għal dejjem permezz ta' Kristu Ġesù u tal-Ispirtu s-Santu, isseħħ bl-għemil imqaddes tal-liturġija tal-Knisja (l-ewwel sezzjoni), u b'mod partikulari permezz tas-seba' Sagramenti (it-tieni sezzjoni).

IT-TIELET PARTI: IL-ĦAJJA TAL-FIDI

16. It-tielet parti tal-Katekiżmu turi liema hu l-għan aħħari tal-bniedem, maħluq fuq is-sura tax-xbieha ta' Alla: l-hena u t-triqat li jwasslu għall-hena: hena li jinkiseb b'għemil rett u ħieles, mgħejjun mil-liġi u l-grazzja ta' Alla (l-ewwel sezzjoni); b'għemil li jħares il-kmandament tal-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu, imfisser fl-għaxar kmandamenti ta' Alla (it-tieni sezzjoni).

IR-RABA' PARTI: IT-TALB FIL-ĦAJJA TAL-FIDI

17. L-aħħar parti tal-Katekiżmu hi dwar it-tifsir u l-importanza tat-talb fil-ħajja ta' min jemmen (l-ewwel sezzjoni). Tilħaq il-qofol tagħha b'kummentarju qasir tas-seba' talbiet tat-Talba li għallimna l-Mulej (it-tieni sezzjoni). Fl-aħħar mill-aħħar, f'dawn is-seba' talbiet insibu miġbur il-ġid kollu li għandna nittamaw u li l-Missier tagħna tas-sema jrid jagħtina.

## V. Tagħrif prattiku dwar l-użu ta' dan il-katekiżmu

18. Dan il-Katekiżmu ġie maħsub bħala *espożizzjoni organika* tal-fidi Kattolika kollha. Għalhekk wieħed irid jaqrah bħala ħaġa sħiħa. Il-ħafna referenzi li hemm fit-test u l-werrej analitiku fl-aħħar tal-volum, jgħinu biex wieħed jara r-rabta ta' kull tema mal-fidi kollha kemm hi.

19. Spiss, kliem il-Kotba Mqaddsa mhux ċitat litteralment, imma ssir biss referenza għalih (bil-kelma "ara"). Għall-għarfien aktar fil-fond ta' dawn is-siltiet, wieħed irid ifittixhom direttament. Dawn ir-referenzi bibliċi huma strument ta' ħidma għall-katekeżi.

20. Meta, xi drabi, jintużaw tipi iżgħar, dan ifisser li l-osservazzjonijiet huma ta' karattru storiku, apoloġetiku, jew espożizzjonijiet duttrinali li jkomplu jfissru l-ħaġa.

21. Iċ-ċitazzjonijiet b'tipi żgħar minn kitbiet ta' Missirijiet il-Knisja, minn dokumenti liturġiċi, minn dokumenti tal-Maġisteru, jew minn kitbiet aġjografiċi, għandhom l-għan li jkattru u jagħnu l-espożizzjoni tad-duttrina. Spiss dawn it-testi ntgħażlu biex jintużaw direttament fil-katekeżi.

22. Wara kull artiklu, li jiġbor fih tema sħiħa, hemm għadd ta' testi "fil-qosor" li jiġbru f'għadd ta' formuli dak kollu li hu essenzjali fit-tagħlim li jingħata fl-artiklu. Dawn it-testi "fil-qosor" għandhom bħala skop li

jagħtu suġġerimenti għall-katekeżi lokali biex fuqhom jitħejjew formuli sintetiċi, li wieħed jista' jitgħallem malajr bl-amment.

## VI. L-adattamenti meħtieġa

23. Dan il-Katekiżmu jinsisti l-aktar fuq espożizzjoni tad-duttrina: irid jgħin biex ikun hemm għarfien aktar fil-fond tal-fidi, u għalhekk ifittex li jwassal din il-fidi għall-kobor sħiħ tagħha, biex trabbi l-għeruq tagħha fil-ħajja ta' dak li jkun u tiddi fix-xhieda li jagħti.[1]

24. Minħabba dan l-għan proprju tiegħu, dan il-Katekiżmu mhux se jfittex jadatta l-espożizzjoni tad-duttrina u l-metodi tal-katekeżi għall-kulturi, għall-etajiet, għall-maturità spiritwali, għal sitwazzjonijiet soċjali u ekkleżjali ta' dawk li għalihom issir il-katekeżi. Dawn l-adattamenti huma meħtieġa fil-katekiżmi li jridu jiġu adattati, u wisq aktar fil-katekiżmi għat-tagħlim tal-fidili:

> Min jgħallem irid "isir kollox ma' kulħadd" (1 Kor 9,22) biex jirbaħ lil kulħadd għal Ġesù Kristu... Fuq kollox ma għandux jaħseb li sura waħda ta' erwieħ ġiet fdata lilu u li għalhekk jista' jgħallem u jsawwar bl-istess mod il-fidili kollha fit-tjieba vera, bl-istess metodu wieħed, dejjem l-istess! Għandu jkun jaf li xi wħud huma f'Ġesù Kristu qishom trabi għadhom jitwieldu, oħrajn qishom adolexxenti, u oħrajn, fl-aħħar nett, qishom għandhom is-saħħa kollha tagħhom... Dawk li huma msejħin għall-ministeru tal-predikazzjoni, għandhom, huma u jwasslu t-tagħlim tal-misteri tal-fidi u r-regoli tal-imġiba, jadattaw kliemhom għall-ispirtu u l-intelliġenza ta' dawk li jkunu jisimgħuhom.[2]

## Fuq kollox – l-Imħabba

25. Nagħlqu din il-preżentazzjoni ta' dan il-Katekiżmu billi nfakkru l-prinċipju pastorali li ħabbar il-Katekiżmu Ruman:

> L-għan kollu tad-duttrina u tat-tagħlim irid ikun l-imħabba li ma tintemm qatt. Fil-fatt wieħed jista' jfisser dak li għandna nemmnu, nittamaw u nagħmlu, iżda fuq kollox irid dejjem juri l-imħabba ta' Sidna Ġesù Kristu, biex kull bniedem jifhem li kull għemil ta' virtù kollha kemm hi Nisranija ma għandux bidu ieħor ħlief l-imħabba u ebda tmiem ieħor ħlief l-imħabba.[3]

---

[1] Ara Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika *Catechesi tradendae,* 20-22; 25.
[2] *Catechismus Romanus,* daħla 11.
[3] *Ibid.*10.

L-EWWEL PARTI

# L-ISTQARRIJA TAL-FIDI

## L-EWWEL SEZZJONI

# "JIENA NEMMEN" – "AĦNA NEMMNU"

26 Meta niġu biex nistqarru l-fidi tagħna nibdew ngħidu: "Jiena nemmen" jew "Aħna nemmnu". Għalhekk qabel nuru x'inhi l-fidi tal-Knisja li nistqarru fil-Kredu, niċċelebraw fil-liturġija, ngħixu bil-ħarsien tal-kmandamenti u bit-talb, aħna rridu nistaqsu lilna nfusna x'jiġifieri "temmen". Il-fidi hi t-tweġiba tal-bniedem lil Alla li juri lilu nnifsu u jingħata lill-bniedem, waqt li fl-istess ħin idawwal b'dija tal-għaġeb lill-bniedem huwa u jfittex xi tfisser fl-aħħar mill-aħħar ħajtu. Naraw l-ewwel x'inhu dak li l-bniedem qiegħed ifittex (l-ewwel kapitlu), u mbagħad naraw x'inhi r-Rivelazzjoni ta' Alla, rivelazzjoni li biha Alla jiġi quddiem il-bniedem (it-tieni kapitlu), u fl-aħħar it-tweġiba tal-fidi (it-tielet kapitlu).

### L-EWWEL KAPITLU

## IL-BNIEDEM JISTA' JASAL BIEX IKUN JAF 'L ALLA

### I. Ix-xewqa ta' Alla

27. Ix-xewqa ta' Alla hi mnaqqxa f'qalb il-bniedem, għax il-bniedem inħalaq minn Alla u għal Alla; Alla ma jieqaf qatt jiġbed il-bniedem lejh, u f'Alla biss il-bniedem isib il-verità u l-hena li qatt ma jieqaf ifittex:

> L-ogħla aspett tad-dinjità tal-bniedem hi s-sejħa tal-bniedem għal xirka ma' Alla. L-istedina ta' Alla lill-bniedem biex jitkellem miegħu tibda mal-ħolqien tal-bniedem, għaliex il-bniedem jeżisti għax Alla ħalqu b'imħabba u, għax iħobbu, ma jieqaf qatt iżommu ħaj; u l-bniedem ma jgħix ħajja sħiħa skont il-verità jekk minn rajh, b'mod ħieles, ma jagħrafx din l-imħabba u jintelaq kollu kemm hu f'idejn min ħalqu.[1]

28. Il-bnedmin, fil-ġrajja tagħhom, sal-lum, b'ħafna manjieri, fissru t-tfittix tagħhom ta' Alla permezz tat-twemmin u l-imġiba reliġjuża tagħhom (talb, sagrifiċċji, kult, meditazzjonijiet, u l-bqija). Minkejja li dawn mhux dejjem ifissru l-istess ħaġa, huma hekk universali, li nistgħu ngħidu li l-bniedem huwa *esseri reliġjuż:*

> Alla minn bniedem wieħed għamel il-ġens kollu tal-bnedmin biex jgħammru fuq wiċċ l-art kollha, u qassmilhom bil-qies iż-żminijiet u t-truf tal-art fejn għandhom jgħammru; u dan għamlu biex huma jfittxu lil Alla u forsi jħossuh

[1] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 19.

b'idejhom u jsibuh: u tassew, hu mhuwiex 'il bogħod minn kull wieħed minna. Aħna fih ngħixu, nitħarrku u aħna (*Atti 17,26).*

29. Iżda din "ir-rabta intima u vitali tal-bniedem ma' Alla"[1] tista' tintesa, ma tiġix magħrufa, u wkoll tkun imwarrba espliċitament mill-bniedem. Qagħdiet bħal dawn jista' jkollhom bidu mhux l-istess:[2] jew bi protesta qawwija kontra d-deni kollu li hawn fid-dinja, jew minħabba l-injoranza jew l-indifferenza reliġjuża, jew minħabba l-ġibda tad-dinja u l-għana kollu tagħha,[3] jew minħabba l-eżempji ħżiena li jagħtu dawk li jemmnu, jew minħabba kurrenti ta' fehmiet kontra r-reliġjon, jew, fl-aħħar nett, minħabba l-qagħda tal-midneb li, għax jibża', jistaħba minn Alla,[4] jew jaħrab quddiem is-sejħa tiegħu.[5]

30. "Tifraħ il-qalb ta' dawk li jfittxu l-Mulej" *(Salm 105,3).* Jekk il-bniedem jasal biex jinsa u jiċħad lil Alla, Alla ma jieqaf qatt isejjaħ lil kull bniedem biex ifittxu ħa jgħix u jsib il-ġid. Iżda t-tfittix ta' Alla jitlob mill-bniedem l-isforz kollu tal-intelliġenza u r-rieda tajba tiegħu, "qalb retta", flimkien max-xhieda ta' oħrajn li jgħallmuh ifittex lil Alla.

Kbir int, Mulej, u ta' min ifaħħrek ħafna: int ta' qawwa kbira u bla tarf id-dehen tiegħek. U jrid ifaħħrek il-bniedem, din in-nitfa mill-ħolqien tiegħek, il-bniedem li jġorr madwaru ħajtu li tmut, li jġorr madwaru x-xhieda ta' dnubu u x-xhieda li inti tieqaf lill-kburin. Imma jrid ifaħħrek il-bniedem, din in-nitfa mill-ħolqien tiegħek. Inti stess tqanqlu ħa jfaħħrek għax għamilt li jsib l-għaxqa tiegħu f'tifħirek, għax int għamiltna għalik u qalbna ma ssibx kwiet qabel ma tistrieħ fik.[6]

## II. It-triqat li jwasslu għall-għarfien ta' Alla

31. Il-bniedem, maħluq xbieha ta' Alla, imsejjaħ biex jagħraf u jħobb lil Alla, meta jiġi biex ifittex lil Alla, isib li hemm xi "triqat" li jwassluh għall-għarfien ta' Alla. Dawn it-"triqat" jissejħu "provi tal-eżistenza ta' Alla", provi mhux fis-sens tal-provi li jitolbu x-xjenzi naturali, imma provi fis-sens ta' "argumenti konverġenti u konvinċenti" li jwasslu biex wieħed ikun tassew ċert mill-ħaġa.

Dawn it-"triqat" li bihom nersqu lejn Alla għandhom il-bidu tagħhom fil-ħolqien: id-dinja materjali u l-persuna tal-bniedem.

32. *Id-dinja.* Meta nqisu l-bidla li kollox jgħaddi minnha fil-bidu tal-eżistenza u wara wkoll, meta naraw kif kull ħaġa tiżviluppa, u kif kollox fid-dinja għandu l-bidu u t-tmiem tiegħu, meta nqisu l-ordni li hawn fid-dinja u l-ġmiel tad-dinja, nistgħu naslu biex nagħrfu lil Alla bħala l-bidu u t-tmiem tal-univers kollu.

[1] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 19.
[2] Ara Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 19, 21.
[3] Ara Mt 13,22.
[4] Ara Ġen 3,8-10.
[5] Ara Ġona 1,3.
[6] Santu Wistin, *Stqarrijiet*, 1, 1, 1.

> Dwar il-pagani San Pawl jgħid "Dak li wieħed jista' jagħraf minn Alla kien, iva, irrivelat lilhom: Alla stess urihulhom. Il-kobor tiegħu li ma jidhirx, jiġifieri s-setgħa tiegħu ta' dejjem, u d-divinità tiegħu, huma setgħu jagħrfuh sa mill-ħolqien tad-dinja, permezz tal-ħlejjaq".[1]
>
> U Santu Wistin: "Staqsi 'l-ġmiel tal-art, staqsi 'l-ġmiel tal-baħar, staqsi 'l-ġmiel tal-arja li tespandi u tinxtered, staqsi 'l-ġmiel tas-sema... staqsi 'l kull ħaġa li teżisti. Kollha jweġbuk: "Ara, aħna lkoll sbieħ. Il-ġmiel tagħhom huwa stqarrija *("confessio").* Dan il-ġmiel li jinbidel, min seta' jagħmlu jekk mhux il-Ġmiel *("Pulcher")* fih nnifsu, li ma jitbiddel qatt?"[2]

33. *Il-bniedem.* Il-bniedem, għax hu miftuħ għall-verità u għall-ġmiel, għas-sens li għandu ta' dak li hu moralment tajjeb, bil-libertà u b'leħen il-kuxjenza tiegħu, bil-ħerqa tiegħu għal dak li hu infinit u għall-hena, il-bniedem jasal biex jistaqsi lilu nnifsu dwar l-eżistenza ta' Alla. F'dan kollu jara sinjali tar-ruħ spiritwali tiegħu. "Żerriegħa tal-ħajja ta' dejjem li jġorr fih innifsu u li mhijiex u ma tistax tkun xi ħaġa materjali",[3] ruħu ma jistax ikollha l-bidu tagħha jekk mhux minn Alla biss.

34. Id-dinja u l-bniedem jixhdu li ma għandhomx fihom infushom la l-ewwel bidu tagħhom u lanqas it-tmiem aħħari tagħhom, imma jiġuhom minn Dak li hu fih innifsu bla bidu u bla tmiem. B'hekk, minn dawn "it-triqat" diversi, il-bniedem jista' jasal għall-għarfien tal-eżistenza ta' realtà li hi l-ewwel bidu u t-tmiem aħħari ta' kollox, realtà "li kulħadd isejjaħ Alla".[4]

35. Il-fakultajiet li għandu l-bniedem jagħmluh kapaċi jagħraf l-eżistenza ta' Alla personali. Iżda biex il-bniedem ikun jista' jkollu relazzjoni ta' intimità ma' Alla, Alla ried juri lilu nnifsu lill-bniedem u jagħti lill-bniedem il-grazzja li jkun jista' jilqa' din ir-rivelazzjoni fil-fidi. Madankollu, il-provi tal-eżistenza ta' Alla jistgħu jħejju għall-fidi u jgħinu biex wieħed jara li l-fidi mhijiex kontra r-raġuni tal-bniedem.

## III. L-għarfien ta' Alla skont il-Knisja

36. "Ommna l-Knisja mqaddsa żżomm u tgħallem li Alla, bidu u tmiem ta' kollox, jista' jkun magħruf b'mod żgur bid-dawl naturali tar-raġuni tal-bniedem permezz tal-ħlejjaq".[5] Mingħajr din il-ħila, il-bniedem ma jistax jilqa' r-rivelazzjoni ta' Alla. Il-bniedem għandu din il-ħila, għax maħluq "xbieha ta' Alla".[6]

37. Iżda minħabba l-kundizzjoni storika li fiha jinsab, il-bniedem isib ħafna diffikultajiet biex jagħraf 'l Alla bid-dawl biss tar-raġuni tiegħu:

> Għalhekk ir-raġuni tal-bniedem biss bil-ħila naturali tagħha u bid-dawl tagħha tista' tasal għall-għarfien veru u żgur ta' Alla personali wieħed, li

---

[1] Rum 1,19-20; ara Atti 14,15.17; 17,27-28; Għerf 13,1-9.
[2] Santu Wistin, *Sermones*, 241, 2; PL 38, 1134.
[3] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 18; ara 14.
[4] San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae*, 1, 2, 3.
[5] Konċ. Vatikan I: Denzinger-Schonmetzer 3004; ara 3026; Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 6.
[6] Ara Ġen 1,26.

jħares u jmexxi d-dinja bil-providenza tiegħu; tista' tasal ukoll biex tagħraf il-liġi naturali li l-ħallieq qiegħed fi qlubna; madankollu hemm ħafna xi jfixkel ir-raġuni biex tagħmel użu tajjeb mis-setgħat naturali tagħha hekk li jħallu l-frott mixtieq. Il-veritajiet dwar Alla u dwar il-bniedem u Alla huma veritajiet għalkollox superjuri għal kulma jaqa' taħt is-sensi tagħna, u meta niġu biex dawn il-veritajiet ngħixuhom fil-ħajja kollha tagħna u nagħmluhom, jitolbu minna li niċċaħħdu minna nfusna u nagħtu lilna nfusna lilhom. L-intelliġenza tal-bniedem, biex tikseb dawn il-veritajiet, tiltaqa' ma' ħafna diffikultajiet kemm min-naħa tas-sensi u tal-immaġinazzjoni u kemm min-naħa tax-xewqat ħżiena, frott id-dnub tan-nisel. U għalhekk jiġri li f'din il-ħaġa l-bniedem malajr jikkonvinċi ruħu li xi affarijiet huma foloz, jew għallinqas mhux żguri, għax ma jridhomx ikunu veri.[1]

38. Hu għalhekk li l-bniedem jeħtieġlu jiġi mdawwal mir-rivelazzjoni ta' Alla, mhux biss dwar dak li hu 'l fuq mill-intelliġenza tiegħu, imma wkoll dwar dawk "il-veritajiet reliġjużi u morali li, minnhom infushom, jistgħu jkunu magħrufin mir-raġuni tal-bniedem, biex, fil-qagħda li fiha jinsab il-bniedem illum, ikun jista' jasal biex isir jafhom bla ebda taħbit, u jkun żgur għalkollox minnhom u ħieles minn kull żball.[2]

## IV. Kif titkellem dwar Alla?

39. Il-Knisja, meta tiddefendi l-ħila tar-raġuni tal-bniedem li tasal biex tagħraf lil Alla, tkun qiegħda turi l-fiduċja tagħha li tista' tkellem lill-bnedmin kollha fuq Alla u titkellem magħhom dwar Alla. Fuq din il-konvinzjoni, il-Knisja tibni d-djalogu tagħha mar-reliġjonijiet l-oħra, mal-filosofija u max-xjenzi, u ma' dawk ukoll li ma jemmnux jew jiċħdu lil Alla.

40. L-għarfien tagħna ta' Alla hu limitat, u hekk ukoll hu limitat il-kliem tagħna dwar Alla. Ma nistgħux nitkellmu fuq Alla jekk ma nitilqux mill-ħlejjaq tiegħu u nitkellmu skont il-mod limitat tagħna l-bnedmin kif nifhmu u naħsbu.

41. Il-ħlejjaq kollha għandhom xi sura tax-xbieha ta' Alla, u b'mod speċjali għandu dan il-bniedem maħluq fuq is-sura u x-xbieha ta' Alla. Il-ħafna perfezzjonijiet tal-ħlejjaq (il-verità, it-tjieba, il-ġmiel tagħhom) huma rifless tal-perfezzjoni bla qies ta' Alla. Għalhekk nistgħu naslu biex nitkellmu fuq Alla jekk nitilqu mill-perfezzjonijiet tal-ħlejjaq tiegħu, "għax fil-kobor u l-ġmiel tal-ħlejjaq, jingħaraf, bħal fi xbieha, dak li għamilhom" *(Għerf 13,5).*

42. Alla hu 'l fuq mill-ħlejjaq kollha. Għalhekk irridu kontinwament insaffu kliemna minn dak kollu li hu limitat, tixbih, imperfett, biex ma nħalltux 'l Alla "li ma nistgħux infissruh bil-kliem, u lanqas nistgħu nifhmuh, narawh u nagħrfuh",[3] mal-fehmiet tagħna l-bnedmin. Il-kliem

---

[1] Piju XII, enċiklika *Humani generis*, Denzinger-Schonmetzer, 3875

[2] *Ibid.* Denzinger-Schonmetzer, 3876; ara Konċ. Vatikan I Denzinger-Schonmetzer, 3005; Konċ. Vatikan II *Dei Verbum*, 6; San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae*, 1, 1, 1.

[3] Liturġija ta' San Ġwann Griżostmu, Anafora.

tagħna ta' bnedmin li aħna, jibqa' dejjem 'l isfel ħafna mill-misteru ta' Alla.

43. Aħna u nitkellmu b'dan il-mod fuq Alla, kliemna jkun, iva, kliem ta' bnedmin, iżda jilħaq tassew 'l Alla nnifsu, għalkemm mingħajr ma jkun jista' jfissru fis-sempliċità bla qies tiegħu. Fl-aħħar mill-aħħar, irridu niftakru li "bejn il-ħallieq u l-ħliqa tiegħu wieħed ma jistax jintebaħ li hemm tant xebh li ma jintebaħx ukoll li n-nuqqas ta' xebh hu wisq aqwa",[1] u li "aħna ma nistgħux naslu biex nifhmu dwar Alla dak li hu, imma biss nifhmu dak li mhux, u x'inhi l-qagħda tal-"esseri l-oħra fir-relazzjoni tagħhom miegħu".[2]

## Fil-qosor

44. *Il-bniedem, min-natura tiegħu u bil-vokazzjoni tiegħu, hu esseri reliġjuż. Ġej minn Alla u sejjer għand Alla, il-bniedem ma jgħix ħajja li tixraq għalkollox il-bniedem, ħajja umana sħiħa, jekk ma jgħix minn rajh, b'mod għalkollox ħieles, ir-rabta tiegħu ma' Alla.*

45. *Il-bniedem hu maħluq biex jgħix f'xirka ma' Alla, li fih isib l-hena tiegħu. "Meta ningħaqad miegħek kollni kemm jien, qatt iżjed ma jkolli taħbit u niket u ħajti tkun ħajja vera kollha mimlija bik".*[3]

46. *Il-bniedem, meta jisma' x'jgħidulu l-ħlejjaq u x'jgħidlu leħen il-kuxjenza tiegħu, jista' jasal biex ikun żgur dwar l-eżistenza ta' Alla, bidu u tmiem ta' kollox.*

47. *Il-Knisja tgħallem li Alla hu wieħed u veru, ħallieq u Sid tagħna, u aħna nistgħu nagħrfuh b'mod żgur permezz tal-għemejjel tiegħu, bid-dawl naturali tar-raġuni tagħna l-bnedmin.*[4]

48. *Nistgħu nitkellmu tassew fuq Alla, jekk nitilqu mill-ħafna perfezzjonijiet tal-ħlejjaq tiegħu, xbihat ta' Alla ta' perfezzjoni bla qies, għalkemm kliemna hu limitat u ma jasal qatt biex ifisser għalkollox il-misteru.*

49. *"Il-ħlejjaq mingħajr il-ħallieq tagħhom jintemmu fix-xejn".*[5] *Hu għalhekk li min jemmen jaf li hu mmexxi mill-imħabba ta' Kristu biex iwassal id-dawl ta' Alla l-ħaj lil dawk li ma jafuhx jew jiċħduh.*

---

[1] Konċ. Lateran IV: Denzinger-Schonmetzer, 806
[2] San Tumas ta' Aquino, *Summa contra Gentiles*, 1, 30.
[3] Santu Wistin, *Stqarrijiet*, 10, 28, 39.
[4] Ara Konċ. Vatikan I: Denzinger-Schonmetzer, 3026
[5] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 36.

### IT-TIENI KAPITLU

# ALLA F'LAQGĦA MAL-BNIEDEM

50. Bir-raġuni naturali tiegħu, il-bniedem jista' żgur jagħraf 'l Alla permezz tal-għemejjel tiegħu. Iżda hemm ordni ta' għarfien ieħor, li l-bniedem bl-ebda mod ma jista' għalih bil-forzi tiegħu biss, l-ordni tar-Rivelazzjoni divina.[1] B'deċiżjoni kollha kemm hi ħielsa, Alla juri lilu nnifsu lill-bniedem. Dan jagħmlu billi juri x'inhu l-misteru tiegħu, il-pjan kollu mħabba mfassal qabel kull żmien fi Kristu, favur il-bnedmin kollha. Wera l-pjan fil-milja kollha tiegħu, meta bagħtilna 'l Ibnu l-Maħbub, Sidna Ġesù Kristu, u l-Ispirtu s-Santu.

### L-ewwel artiklu

## IR-RIVELAZZJONI TA' ALLA

### I. Alla jirrivela "l-pjan kollu mħabba tiegħu"

51. "Fl-għerf u t-tjieba tiegħu Alla għoġbu juri lilu nnifsu personalment u jgħarraf il-misteru tar-rieda tiegħu, li bih il-bnedmin, b'Ġesù Kristu, il-Verb magħmul bniedem, ikollhom id-dħul għand il-Missier, fl-Ispirtu s-Santu u jissieħbu fin-natura ta' Alla".[2]

52. Alla, li jgħammar "f'dawl li ħadd ma jista' jersaq lejh" *(1Tim 6,16),* irid jagħti l-istess ħajja divina lill-bnedmin li hu ħalaq minn rajh, biex, f'Ibnu l-waħdieni, jagħmilhom ulied adottivi tiegħu.[3] Huwa u juri lilu nnifsu, Alla ried jagħti lill-bnedmin il-ħila li jweġbuh, jagħrfuh u jħobbuh wisq aktar milli kieku kellhom joqogħdu fuq il-ħila tagħhom stess.

53. Il-pjan ta' Alla tar-rivelazzjoni seħħ fl-istess ħin "bl-għemil u bil-kliem, marbutin bejniethom b'rabta sħiħa, u jfissru 'l xulxin".[4] Il-pjan għandu "pedagoġija divina" partikulari: Alla juri lilu nnifsu ftit ftit lill-bniedem, iħejjih pass wara l-ieħor biex jilqa' r-Rivelazzjoni sopranaturali li hu stess jirrivelalu u li tilħaq il-milja tagħha fil-Persuna u l-missjoni tal-Verb magħmul bniedem, Ġesù Kristu.

> San Irinew ta' Lyon jitkellem kemm-il darba dwar din il-pedagoġija divina bħala għemil li bih Alla u l-bniedem jidraw 'il xulxin. "Il-Verb ta' Alla għammar fil-bniedem u sar Bin il-bniedem biex idarri 'l-bniedem jagħraf 'l Alla u biex Alla jidra jgħammar fil-bniedem skont ir-rieda tal-Missier".[5]

---

[1] Ara Konċ. Vatikan I: Denzinger-Schonmetzer, 3015.
[2] Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 2.
[3] Ara Ef 1,4-5.
[4] Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 2.
[5] San Irinew, *Adversus haereses*, 3, 20, 2; ara wkoll 3,17, 1;4, 12, 4, 21, 3.

## II. Il-passi tar-Rivelazzjoni

SA MILL-BIDU ALLA GĦARRAF LILU NNIFSU

54. "Alla, li ħalaq u jżomm kollox permezz tal-Verb, jagħti bla heda lill-bnedmin xhieda tiegħu fil-ħlejjaq kollha; u għax ried jiftaħ triq ta' salvazzjoni tas-sema, sa mill-bidu wera lilu nnifsu lill-proġenituri tagħna".[1] Stedinhom għal xirka intima miegħu billi żejjinhom bi grazzja u ġustizzja kollhom dija.

55. Din ir-Rivelazzjoni ma waqfitx mad-dnub tal-proġenituri tagħna. Alla, "wara l-waqgħa tagħhom, wegħedhom il-fidwa, qawwielhom qalbhom bit-tama tas-salvazzjoni; baqa' dejjem jieħu ħsieb il-familja kollha tal-bnedmin, biex jagħti l-ħajja ta' dejjem lil dawk kollha li jfittxu s-salvazzjoni u jipperseveraw sal-aħħar fl-għemil it-tajjeb".[2]

> U meta ma qagħadx għar-rieda tiegħek u tilef il-ħbiberija miegħek, int ma tlaqtux fil-jasar tal-mewt... Kemm-il darba minn rajk dħalt f'patt mal-bnedmin.[3]

IL-PATT MA' NOÈ

56. Meta l-għaqda tal-familja kollha tal-bnedmin ġiet fix-xejn bid-dnub, Alla fittex l-ewwel li jsalva l-bnedmin billi jilħaq kull wieħed mill-gruppi li fihom inqasmu. Il-Patt ma' Noè wara d-dilluvju[4] juri skont liema prinċipji Alla ġab ruħu man-"nazzjonijiet" jiġifieri mal-bnedmin imqassmin skont l-art tagħhom, "kull wieħed skont l-ilsien, u skont il-familji tagħhom bi ġnushom".[5]

57. Dan l-ordni kożmiku, soċjali u reliġjuż fl-istess ħin, tal-kotra kollha tal-ġnus[6], kellu jrażżan is-suppervja tal-umanità li, imwaqqgħa fid-dnub dnub u fil-ħażen imgħaddsa,[7] riedet bil-ħila tagħha biss iġġib l-għaqda tagħha b'manjieri bħal dawk ta' Babel.[8] Iżda minħabba d-dnub,[9] il-politeiżmu flimkien mal-idolatrija tan-nazzjon u tal-mexxej tagħha, kienu bla heda jheddu b'perversjoni pagana din l-ekonomija proviżorja ta' Alla.

58. Il-patt ma' Noè jibqa' sakemm jibqa' żmien il-ġnus;[10] sakemm jitħabbar l-Evanġelju ma' kullimkien. L-Iskrittura tqim xi persuni kbar tan-"nazzjonijiet", bħal "Abel il-Ġust", il-qassis-sultan Melkisedek,[11] xbieha ta' Kristu,[12] u t-tliet ġusti "Noè, Danjel u Ġobb" *(Eżek 14,14).*

[1] Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 3.
[2] *Ibid.*
[3] Missal Ruman, Talba Ewkaristika IV
[4] Ara Ġen 9,9.
[5] Ġen 10,5; ara 10,20-31.
[6] Ara Atti 17,26-27.
[7] Ara Għerf 10,5.
[8] Ara Ġen 11,4-6.
[9] Ara Rum 1,18-25.
[10] Ara Lq 21,24.
[11] Ara Ġen 14,18.
[12] Ara Lh 7,3.

B'dan il-mod l-Iskrittura turina għal liema grad għoli ta' qdusija setgħu jaslu dawk li għexu skont il-Patt ma' Noè, huma u jistennew li Kristu "jiġbor ġemgħa waħda l-ulied ta' Alla li kienu mxerrdin" *(Ġw 11,52).*

ALLA JAGĦŻEL 'L ABRAHAM

59. Biex jiġbor l-umanità mxerrda, Alla għażel 'l Abram u sejjaħlu biex jitlaq "minn artu, minn art twelidu, minn dar missieru" *(Ġen 12,1)* biex jagħmel minnu Abraham, jiġifieri "missier ta' kotra kbira ta' ġnus" *(Ġen 17,5); "*Jitbierku fik il-ġnus kollha tal-art".[1]

60. Il-poplu li tnissel minn Abraham ikun dak li fih tinżamm bla mittiefsa l-wegħda magħmula lill-patrijarki, il-poplu magħżul[2] imsejjaħ biex iħejji, xi darba, il-ġemgħa tal-ulied kollha ta' Alla fl-għaqda tal-Knisja:[3] il-fergħa li fuqha jitlaqqmu l-pagani li jibdew jemmnu.[4]

61. Il-patrijarki u l-profeti u l-persunaġġi l-oħra tal-Patt il-Qadim kienu u jibqgħu dejjem meqjuma bħala qaddisin fit-tradizzjonijiet liturġiċi kollha tal-Knisja.

ALLA JSAWWAR 'L ISRAEL BHALA L-POPLU TIEGHU

62. Wara l-patrijarki, Alla sawwar lil Israel bħala l-poplu tiegħu, meta ħelsu mill-jasar tal-Eġittu. Għamel miegħu l-Patt tas-Sinaj u, permezz ta' Mosè, tah il-Liġi, biex jagħrfu u jaqdih bħala Alla wieħed, ħaj u veru, Missier li jipprovdi, u mħallef ġust,[5] u biex jistenna s-Salvatur imwiegħed.

63. Israel hu l-poplu saċerdotali ta' Alla,[6] dak li "jġib isem il-Mulej" *(Dewt 28,10).* Hu l-poplu "li lilu qabel kulħadd waslet il-kelma ta' Alla",[7] il-poplu ta' "l-aħwa l-kbar" fil-fidi ta' Abraham.

64. Bil-profeti Alla jsawwar il-poplu tiegħu fit-tama tas-salvazzjoni, jistenna Patt ġdid u għal dejjem mal-bnedmin kollha,[8] patt li jinkiteb fi qlubhom.[9] Il-profeti ħabbru fidwa radikali tal-poplu ta' Alla: it-tisfija mill-infedeltajiet kollha tagħhom,[10] salvazzjoni li tħaddan in-nazzjonijiet kollha.[11] L-aktar li jkollhom din it-tama jkunu l-foqra u ċ-ċkejknin tal-Mulej.[12] In-nisa qaddisa bħal Sara, Rebekka, Rakel, Mirjam, Debora, Anna, Ġuditta, Ester żammew ħajja f'Israel din it-tama ta' salvazzjoni. Marija hi xbieha perfetta ta' dan.[13]

[1] Ġen 12,3 LXX; ara Gal 3,8.
[2] Ara Rum 11,28.
[3] Ara Ġw 11,52; 10,16.
[4] Ara Rum 11,17-18; 24.
[5] Ara Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum,* 3.
[6] Ara Eż 19,6.
[7] Missal Ruman, il-Ġimgħa Mqaddsa: Talba universali VI.
[8] Ara Is 2,2-4.
[9] Ara Ġer 31,31-34; Lh 10,16.
[10] Ara Eżek 36.
[11] Ara Is 49, 5-6; 53,11.
[12] Ara Sof 2,3.
[13] Ara Lq 1,38.dw

## III. Kristu Ġesù – "Il-Medjatur u l-milja tar-Rivelazzjoni kollha"[1]

ALLA QAL KOLLOX FIL-VERB TIEGĦU

65. "Alla fl-imgħoddi kellem lil missirijietna ħafna drabi u b'ħafna manjieri permezz tal-profeti. Issa, f'dan l-aħħar żmien huwa kellimna permezz ta' Ibnu" *(Lh 1,1-2).* Kristu, l-Iben ta' Alla magħmul bniedem, hu l-Kelma Waħda u perfetta tal-Missier, Kelma li ma jistax ikun hemm oħra aqwa minnha. Fih, fi Kristu, il-Missier qal kollox, u mhux se jkun hemm Kelma oħra barra minnha. San Ġwann tas-Salib, wara tant oħrajn ifissirha b'mod tassew imdawwal, huwa u jikkummenta *Lhud 1,1-2:*

> Miż-żmien li tana 'l Ibnu, li hu l-Kelma (il-Verb) tiegħu, Alla ma għandux xi Kelma oħra x'jagħtina. Qalilna kollox f'waqt wieħed, f'daqqa waħda f'din il-Kelma waħda, u ma kellu xejn aktar x'jgħidilna... għax dak li qal biċċa biċċa lill-profeti, qalu kollu f'Ibnu, huwa u jagħtina dak kollu li hu Ibnu. Araw għaliex issa, jekk xi ħadd irid jistaqsih xi ħaġa jew jixtieq mingħandu xi dehra jew xi rivelazzjoni, mhux biss ikun qed jagħmel xi bluha, imma jkun qed joffendi wkoll lil Alla, għax ma jkunx qed jitfa' ħarstu biss fuq Kristu, imma jkun ifittex xi ħaġ'oħra, jew xi ħaġa ġdida.[2]

MHUX SE JKUN HEMM AKTAR RIVELAZZJONI

66. "Il-Patt il-Ġdid hu definittiv u għal dejjem, għalhekk iż-żmien tal-ekonomija nisranija qatt mhu se jgħaddi, u m'għandna nistennew ebda rivelazzjoni pubblika ġdida f'dan iż-żmien qabel id-dehra glorjuża ta' Sidna Ġesù Kristu"[3] Iżda għalkemm ir-Rivelazzjoni ntemmet, għad ma ħariġx beraħ għalkollox kulma fiha. Hi l-fidi nisranija li trid tifhem u tara, bil-mod il-mod tul iż-żminijiet, kulma fiha r-Rivelazzjoni.

67. Tul iż-żminijiet kien hemm rivelazzjonijiet hekk imsejħa "privati", u xi wħud minnhom ġew magħrufa mill-awtorità tal-Knisja, iżda dawn mhumiex parti mid-depożitu tal-fidi. L-għan tagħhom mhux li "jtejbu" r-Rivelazzjoni definittiva ta' Kristu, jew li din issir "sħiħa" permezz tagħhom f'xi żmien tal-istorja tal-bniedem. Il-fidili, immexxijin mill-Maġisteru tal-Knisja, jafu jagħżlu, bis-sens tagħhom, u jilqgħu dak li f'dawn ir-rivelazzjonijiet ikun sejħa vera ta' Kristu jew tal-Qaddisin tiegħu lill-Knisja.

Il-fidi nisranija ma tistax taċċetta xi "rivelazzjonijiet" li jippretendu jgħaddu jew jikkoreġu r-Rivelazzjoni li tagħha l-qofol hu Kristu. Hu l-każ ta' xi reliġjonijiet mhux insara, u wkoll ta' xi setet ta' żmienna li jibbażaw ruħhom fuq rivelazzjonijiet bħal dawn.

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 2.
[2] San Ġwann tas-Salib, *Telgħa tal-Għolja tal-Karmelu*, Liturġija tas-Sigħat, it-Tnejn tat-tieni ġimgħa tal-Avvent, Uffiċċju tal-qari, Lezzjoni II.
[3] Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 4.

**Fil-Qosor**

68. *Alla, b'imħabba, wera lilu nnifsu u ngħata lill-bnedmin. B'hekk jagħti tweġiba definittiva u sħiħa għall-problemi li l-bniedem għandu dwar is-sens u l-għan ta' ħajtu.*

69. *Alla rrivela lilu nnifsu lill-bniedem, billi pass pass urieh il-misteru tiegħu bil-kliem u bl-għemil.*

70. *Barra x-xhieda li jagħti tiegħu nnifsu fil-ħlejjaq, Alla wera lilu nnifsu stess lill-proġenituri tagħna. Kellimhom u, wara li waqgħu fid-dnub, wegħedhom is-salvazzjoni*[1] *u offrielhom il-Patt miegħu.*

71. *Alla għamel ma' Noè patt għal dejjem bejnu u bejn il-ħlejjaq ħajjin kollha.*[2] *Dan il-Patt idum kemm iddum id-dinja.*

72. *Alla għażel lil Abraham u għamel Patt miegħu u ma' nislu. Sawwar il-poplu tiegħu u wrieh il-liġi tiegħu permezz ta' Mosè. Bil-profeti ħejjieh biex jilqa' s-salvazzjoni li hi għall-familja kollha tal-bnedmin.*

73. *Alla rrivela lilu nnifsu b'mod sħiħ meta bagħat lil Ibnu stess, u fih waqqaf Patt li jibqa' għal dejjem. Hu l-aħħar Kelma tal-Missier, hekk li mhux se jkun hemm Rivelazzjoni oħra warajh.*

### It-tieni artiklu

## KIF TITWASSAL IR-RIVELAZZJONI TA' ALLA

74. Alla "jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu biex jagħrfu l-verità" *(1 Tim 2,4),* jiġifieri dik ta' Kristu Ġesù.[3] Jeħtieġ mela li Kristu jitħabbar lill-popli kollha u lill-bnedmin kollha biex b'hekk ir-Rivelazzjoni tasal sa truf l-art:

> Alla, fit-tjubija tiegħu, ħa ħsieb biex din ir-Rivelazzjoni, mogħtija għas-salvazzjoni tan-nazzjonijiet kollha, tibqa' dejjem sħiħa u bla mittiefsa, u tasal lill-ġenerazzjonijiet kollha.[4]

### 1. It-Tradizzjoni appostolika

75. "Il-Mulej Ġesù, li fih ir-Rivelazzjoni kollha ta' Alla l-Għoli laħqet il-qofol tagħha, meta temmha hu stess u ħabbar b'fommu l-Evanġelju, imwiegħed qabel mill-profeti, ikkmanda lill-Appostli tiegħu biex

---

[1] Ara Ġw 3,15.
[2] Ara Ġen 9,16.
[3] Ara Ġw 14,6.
[4] Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 7.

iħabbruh lil kulħadd bħala l-għajn tal-verità kollha tas-salvazzjoni u bħala regola sħiħa ta' mġiba tajba, huma u jqassmu d-doni ta' Alla".[1]

IL-PREDIKAZZJONI APPOSTOLIKA

76. Ix-xandir tal-Evanġelju, skont l-ordni tal-Mulej, seħħ f'żewġ manjieri:

*Bil-fomm* "mill-Appostli li, bil-predikazzjoni tagħhom bil-fomm, wasslu, permezz ta' eżempji u ta' istituzzjonijiet, kemm dak li tgħallmu minn fomm Kristu huma u jgħixu miegħu u jaraw għemilu, u kemm dak li nebbaħhom bih l-Ispirtu s-Santu".[2]

*Bil-Kitba* mill-istess Appostli u minn nies ta' madwarhom li, imnebbħin mill-Ispirtu s-Santu, ħallew miktuba l-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni.[3]

.....TITKOMPLA MINN DAWK LI ĠEW WARA L-APPOSTLI

77. "Biex l-Evanġelju jibqa' dejjem bla mittiefes u ħaj fil-Knisja, l-Appostli ħallew bħala suċċessuri tagħhom lill-Isqfijiet, u ħallewlhom l-istess dmir tagħhom li jgħallmu".[4] Fil-fatt, "il-predikazzjoni tal-Appostli, li b'mod speċjali, tinsab imfissra fil-kotba ispirati, kellha tinżamm sħiħa sal-aħħar taż-żmien permezz ta' suċċessjoni li ma tiġi nieqsa qatt".[5]

78. Din it-trażmissjoni ħajja, imwettqa mill-Ispirtu s-Santu, tissejjaħ Tradizzjoni biex tingħażel mill-Iskrittura Mqaddsa, għalkemm għandha rabta liema bħalha magħha. Bit-Tradizzjoni "l-Knisja, fid-duttrina tagħha fil-ħajja u fil-kult tagħha tkompli tul iż-żminijiet u twassal lil kull ġenerazzjoni dak kollu li hija hi u dak kollu li temmen".[6] "It-tagħlim ta' Missirijiet il-Knisja jixhed il-preżenza ħajja ta' din it-Tradizzjoni, u l-għana kollu tagħha jgħaddi u jissawwab fil-ħajja u l-ħidma tal-Knisja li temmen u titlob".[7]

79. B'hekk ir-Rivelazzjoni li l-Missier għamel tiegħu nnifsu bil-Verb tiegħu fl-Ispirtu s-Santu tibqa' fil-Knisja u tibqa' taħdem fiha. "Alla, li tkellem fl-imgħoddi, ma jieqaf qatt jitkellem mal-Għarusa ta' Ibnu l-għażiż, u l-Ispirtu s-Santu, li bih il-kelma ħajja tal-Evanġelju tidwi fil-Knisja, u biha fid-dinja kollha, iwassal lil dawk kollha li jemmnu għall-Verità sħiħa u jagħmel li l-kelma ta' Kristu tgħammar kotrana fihom".[8]

## II. Ir-relazzjoni bejn it-Tradizzjoni u l-Iskrittura

GHAJN WAHDA

[1] *Ibid.*
[2] Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 7.
[3] *Ibid.*
[4] *Ibid.*
[5] *Ibid.* 8.
[6] *Ibid.*
[7] *Ibid.*
[8] *Ibid.*

80. "It-Tradizzjoni u l-Iskrittura għandhom rabta u jikkomunikaw mill-qrib bejniethom. It-tnejn ħerġin mill-istess għajn divina, u b'xi mod jingħaqdu ħaġa waħda u għandhom l-istess għan".[1] Kemm it-Tradizzjoni u kemm l-Iskrittura jagħmlu preżenti fil-Knisja, b'mod li jagħti kotra ta' frott, il-misteru ta' Kristu, li wiegħed li se jibqa' ma' dawk li huma tiegħu għal dejjem "sal-aħħar tad-dinja" *(Mt 28,20).*

...... ŻEWĠ SURIET DISTINTI TA' TRAŻMISSJONI

81. *"L-Iskrittura Mqaddsa* hi l-kelma ta' Alla miktuba bl-ispirazzjoni tal-Ispirtu s-Santu".

*"It-Tradizzjoni Mqaddsa* mbagħad tgħaddi l-kelma ta' Alla, fdata lill-Appostli minn Kristu l-Mulej u mill-Ispirtu s-Santu, u twassalha sħiħa u bla mittiefsa lis-suċċessuri tagħhom, biex, imdawlin mill-Ispirtu tal-Verità, huma u jippriedkawha, iħarsuha, ifissruha u jxandruha bil-fedeltà kollha.

82. Minn dan jiġi li l-Knisja, li lilha ġiet fdata t-trażmissjoni u l-interpretazzjoni tar-Rivelazzjoni, "ma tiksibx iċ-ċertezza tagħha dwar kulma ġie rrivelat mill-Iskrittura Mqaddsa biss. Għalhekk kemm it-Tradizzjoni u kemm l-Iskrittura Mqaddsa għandhom jiġu milqugħin u meqjuma bl-istess sentimenti ta' tjieba u ta' qima".[2]

TRADIZZJONI APPOSTOLIKA U TRADIZZJONIJIET EKKLEŻJALI

83. It-Tradizzjoni li dwarha qed nitkellmu hi dik li ġejja mill-Appostli u twassal dak li huma ħadu mit-tagħlim u l-eżempju ta' Ġesù, u dak li tgħallmu permezz tal-Ispirtu s-Santu. Fil-fatt l-ewwel ġenerazzjoni tal-Insara ma kellhiex it-Testment il-Ġdid miktub, u l-istess Testment il-Ġdid hu xhieda tal-proċess tat-Tradizzjoni ħajja.

Iridu jingħażlu għalihom it-"tradizzjonijiet" teoloġiċi, dixxiplinari, liturġiċi u devozzjonali li nibtu tul iż-żminijiet fil-Knejjes lokali. Huma suriet partikulari li fihom it-Tradizzjoni l-kbira tiġi mfissra b'mod adatt skont iż-żminijiet u l-postijiet li jkunu. Hu f'dan id-dawl li dawn it-tradizzjonijiet jistgħu jinżammu, jinbidlu jew jitwarrbu, ukoll taħt it-tmexxija tal-Maġisteru tal-Knisja.

## III. It-tifsir tat-teżor tal-fidi

IT-TEŻOR TAL-FIDI FDAT LILL-MILJA KOLLHA TAL-KNISJA

84. "It-teżor imqaddes"[3] tal-fidi *(depositum fidei)* li jinsab fit-Tradizzjoni u fl-Iskrittura Mqaddsa ġie fdat mill-Appostli lill-Knisja kollha. "Il-poplu qaddis ta' Alla kollu, huwa u jintrabat ma' dan il-wirt, flimkien mar-ragħajja tiegħu, jibqa' dejjem sħiħ fit-tagħlim tal-Appostli,

[1] *Ibid.*, 9.
[2] Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 9.
[3] Ara 1 Tim 6,20; 2 Tim 1,12-14.

fl-għaqda bejn kulħadd, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb, hekk li fil-ħarsien, fil-ħajja u fl-istqarrija tal-fidi li twasslitlu, ikun hemm, bejn ir-ragħajja u l-fidili, għaqda fl-ispirtu tassew singulari".[1]

IL-MAĠISTERU TAL-KNISJA

85. "Id-dmir tat-tifsir b'mod awtentiku tal-kelma ta' Alla, miktuba jew trażmessa ġie fdat biss lill-Maġisteru ħaj tal-Knisja",[2] jiġifieri lill-isqfijiet li huma f'xirka mas-suċċessur ta' San Pietru, l-isqof ta' Ruma.

86. "Għalhekk dan il-Maġisteru mhux aqwa mill-kelma ta' Alla imma hu għall-qadi tagħha, billi jgħallem dak biss li ġie trażmess, għaliex b'ordni ta' Alla u bl-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu, irid jisma' din il-Kelma bi tjieba, iħarisha bi qdusija u jfissirha b'fedeltà sħiħa, u minn dan id-depożitu waħdieni tal-fidi irid jieħu dak kollu li jipproponi biex jitwemmen bħala rivelat minn Alla".[3]

87. Il-fidili li jiftakru fi kliem Kristu lill-Appostli: "Min jisma' lilkom, ikun jisma' lili" *(Lq 10,16),*[4] jilqgħu bil-ħlewwa kollha t-tagħlim u d-direttivi li r-Ragħajja tagħhom jagħtuhom b'ħafna manjieri.

ID-DOMMI TAL-FIDI

88. Il-Maġisteru tal-Knisja jħaddem għalkollox l-awtorità li għandu minn Kristu, meta jiddefinixxi xi dommi, jiġifieri meta jipproponi b'sura li torbot il-poplu nisrani b'rabta ta' fidi li ma jistax jerġa' lura minnha, xi veritajiet li jinsabu fir-rivelazzjoni jew meta wkoll jipproponi b'mod definittiv xi veritajiet li għandhom rabta neċessarja magħhom.

89. Hemm rabta organika bejn il-ħajja spiritwali tagħna u d-dommi. Dawn huma dwal fil-mixi tal-fidi tagħna, li jdawluh u jiżgurawh. Min-naħa l-oħra, jekk ħajjitna hi dritta, kemm il-fehma tagħna u kemm qalbna jkunu miftuħin biex jilqgħu d-dawl tad-dommi tal-fidi.[5]

90. Ir-rabtiet bejniethom u l-koerenza tad-dommi nistgħu nsibuhom fir-Rivelazzjoni kollha kemm hi tal-misteru ta' Kristu.[6] "Hemm ordni jew 'ġerarkija' fil-veritajiet tad-duttrina Kattolika, għax ir-rabta ta' kull verità mal-pedament tal-fidi nisranija mhijiex l-istess".[7]

IS-SENS SOPRANATURALI TAL-FIDI

91. L-Insara kollha għandhom sehem fl-għarfien u fit-trażmissjoni tal-verità rivelata. Huma rċevew l-unzjoni tal-Ispirtu s-Santu li jgħallimhom[8] u jwassalhom għall-verità kollha.[1]

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 10
[2] Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 10.
[3] *Ibid.*
[4] Ara *Ibid.*, 20
[5] Ara Ġw 8,31-32.
[6] Ara Konċ. Vatikan I: Denzinger-Schonmetzer, 3016: "nexus mysterium"; Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 25.
[7] Konċ. Vatikan II, *Unitatis redintegratio*, 11
[8] Ara 1 Ġw 2,20-27.

92. “Ix-xirka tal-Insara... ma tistax titqarraq fil-fidi, u dan turih permezz tas-sens sopranaturali tal-fidi li għandu l-poplu kollu ta’ Alla, meta l-fidili kollha, “mill-Isqfijiet sa lanqas wieħed fost il-lajċi”, juru li jaqblu lkoll flimkien f’dak li għandu x’jaqsam mal-fidi u mal-morali.[2]

93. “Permezz ta’ dan is-sens tal-fidi, imqanqal u msaħħaħ mill-Ispirtu tal-Verità, il-poplu kollu ta’ Alla, immexxi minn dawk li għandhom is-setgħa li jgħallmu, ...jintrabat għal dejjem mal-fidi mogħtija darba lill-qaddisin, jifhimha aktar fil-fond, ifissirha kif jixraq, u jgħixha aktar f’ħajtu”.[3]

IL-KOBOR FL-GHARFIEN TAL-FIDI

94. Bl-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu, fil-ħajja tal-Knisja tista’ tikber kemm l-intelliġenza tar-realtajiet kif ukoll tal-kliem tal-wirt tal-fidi:

- “bil-kontemplazzjoni u l-istudju ta’ dawk kollha li jemmnu huma u jaħsbu fuqhom bejnhom u bejn ruħhom”;[4] b’mod partikulari “r-riċerka teoloġika twassal għall-għarfien aktar fil-fond tal-verità rivelata”.[5]

“bl-intelliġenza intima tal-veritajiet spiritwali li jkollhom dawk li jemmnu”,[6] “jikbru huma u jaqraw kliem Alla”.[7]

“bil-predikazzjoni ta’ dawk li, mas-suċċessjoni episkopali, jirċievu wkoll kariżma żgura tal-verità”.[8]

95. “Hi mela ħaġa ċara li t-Tradizzjoni Mqaddsa, l-Iskrittura Mqaddsa u l-Maġisteru tal-Knisja b’dispożizzjoni ta’ Alla ta’ għerf liema bħalu, huma hekk marbuta u mseħbin ma’ xulxin, li waħda ma tistax tkun mingħajr l-oħrajn, u lkoll flimkien, kull waħda bil-mod tagħha, bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu, jagħtu sehemhom biex tassew isseħħ is-salvazzjoni tal-erwieħ”.[9]

## Fil-qosor

96. *Dak li Kristu ried jafda lill-Appostli, dawn, bil-predikazzjoni u l-kitba tagħhom, imnebbħin mill-Ispirtu s-Santu, għaddewh lill-ġenerazzjonijiet kollha sa ma jerġa’ jiġi Kristu fil-glorja.*

[1] Ara Ġw 16,13.
[2] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 12.
[3] *Ibid.*
[4] Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 8.
[5] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 62; ara 44; *Dei Verbum*, 23-24; *Unitatis redintegratio*.
[6] Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 8.
[7] San Girgor il-Kbir, *Homiliae in Ezechielem* 1, 7, 8, PL 76, 8430.
[8] Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 8.
[9] *Ibid.* 13.

97. *"It-Tradizzjoni Mqaddsa u l-Iskrittura Mqaddsa jagħmlu depożitu qaddis waħdieni tal-kelma ta' Alla",*[1] *u fih, qisu f'mera, il-Knisja, fil-mixi tagħha, tikkontempla 'l Alla, bidu tal-għana kollu tagħha.*

98. *"Fid-duttrina tagħha, fil-ħajja u fil-kult tagħha, il-Knisja tkompli tul iż-żminijiet u twassal lil kull ġenerazzjoni dak kollu li hija hi u dak kollu li temmen".*[2]

99. *Bis-sens sopranaturali tal-fidi, il-poplu ta' Alla kollu kemm hu ma jieqaf qatt jilqa' d-don tar-Rivelazzjoni ta' Alla, jidħol fiha dejjem aktar fil-fond, u jgħixha dejjem aktar.*

100. *Id-dmir tat-tifsir b'mod awtentiku tal-kelma ta' Alla ġie fdat biss lill-Maġisteru tal-Knisja, lill-Papa u lill-Isqfijiet f'xirka miegħu.*

## It-tielet artiklu

# L-ISKRITTURA MQADDSA

### I. Kristu – il-Kelma waħdanija tal-Iskrittura Mqaddsa

101 Biex jgħarraf lilu nnifsu lill-bnedmin fit-tjieba tiegħu, Alla niżel għal-livell tagħhom biex kellimhom bi kliemhom stess. "Fil-fatt, kliem Alla, espress bi lsien il-bniedem ħa sura ta' kelmet il-bniedem, kif il-Verb tal-Missier ta' dejjem, meta ħa l-ġisem dgħajjef tagħna, sar jixbah lilna l-bnedmin".[3]

102 Permezz tal-kliem kollu tal-Iskrittura Mqaddsa, Alla ma qalx ħlief Kelma waħda, il-Verb waħdieni tiegħu li fih wera lilu nnifsu kollu kemm hu:[4]

> Ftakru li hi dejjem l-istess kelma waħda ta' Alla li tinqara fil-Kotba mqaddsa kollha, hu l-istess Verb li jitlissen minn fomm il-Kittieba mqaddsa kollha, hu l-istess Verb li fil-bidu kien Alla ma' Alla, u ma jeħtiegx diskorsi għaliex hu mhuwiex suġġett għaż-żmien.[5]

103 Minħabba f'hekk, il-Knisja dejjem qiemet il-Kotba Mqaddsa, kif tqim ukoll Ġisem il-Mulej. Qatt ma tieqaf tagħti lill-fidili kollha l-Ħobż tal-ħajja li tieħu mill-mejda tal-Kelma ta' Alla u minn dik tal-Ġisem ta' Kristu.[6]

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 13.
[2] Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 8.
[3] *Ibid.*,13.
[4] Ara Lh 1,1-3.
[5] Santu Wistin, *Enarrationes in Psalmos*, 103, 4, 1.
[6] Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 21.

104 Fl-Iskrittura Mqaddsa l-Knisja ssib bla heda l-manteniment u l-qawwa tagħha,[1] għax ma tilqax l-Iskrittura bħala biss kelma tal-bniedem, imma tilqagħha bħala dak li tassew hi, il-kelma ta' Alla *(ara 1 Tes 2,13).* Fil-Kotba Mqaddsa, il-Missier tas-sema, bit-tjieba kollha tiegħu, jiġi quddiem uliedu u joqgħod jitħaddet magħhom".[2]

## II. L-ispirazzjoni u l-verità tal-Iskrittura Mqaddsa

105 *Alla hu l-awtur tal-Iskrittura Mqaddsa.* "Il-verità rivelata minn Alla li tinsab ippreżentata fil-Kotba tal-Iskrittura Mqaddsa, inkitbet taħt l-ispirazzjoni tal-Ispirtu s-Santu".

"Ommna l-Knisja Mqaddsa b'fidi ġejja mill-Appostli tqis bħala kotba mqaddsa u kanoniċi l-Kotba kollha tat-Testment il-Qadim u tat-Testment il-Ġdid bil-partijiet tagħhom kollha għaliex, miktuba taħt l-ispirazzjoni tal-Ispirtu s-Santu, għandhom 'l Alla bħala awtur tagħhom u ngħataw lill-istess Knisja bħala kitba ta' Alla".[3]

106 Alla nebbaħ il-bnedmin li kitbu l-Kotba Mqaddsa. "Biex jinkitbu l-Kotba Mqaddsa, Alla għażel uħud u nqeda bihom bl-użu sħiħ tal-fakultajiet u l-mezzi tagħhom, hekk li, huwa u jaħdem fihom u bihom, huma jniżżlu bil-miktub bħala veri awturi dak kollu u dak biss li kien jaqbel mar-rieda tiegħu".[4]

107 Il-Kotba ispirati jgħallmu l-verità. "Kulma qalu l-awturi ispirati jew aġjografi, għandna nqisuh bħallikieku qalu l-Ispirtu s-Santu, u għalhekk għandna ngħidu wkoll li l-kotba tal-Iskrittura Mqaddsa jgħallmu b'mod żgur, bil-fedeltà kollha u bla żball il-veritajiet li Alla ried jitniżżlu fil-Kotba Mqaddsa għas-salvazzjoni tagħna".[5]

108 Iżda l-fidi Nisranija mhijiex "xi reliġjon ta' ktieb". Il-Kristjaniżmu huwa r-reliġjon tal-"Kelma" ta' Alla, kelma li "mhijiex xi kelma miktuba u mbikkma, iżda l-Kelma (l-Verb) ta' Alla magħmula bniedem u ħajja".[6] Biex il-Kotba Mqaddsa ma jibqgħux ittra mejta, jeħtieġ li Kristu, il-Kelma ta' dejjem ta' Alla l-ħaj, permezz tal-Ispirtu s-Santu, "jiftħilna moħħna biex nifhmu l-Iskrittura" (*Lq 24,45).*

## III. L-Ispirtu s-Santu, interpretu tal-Iskrittura

109 Fl-Iskrittura Mqaddsa, Alla jkellem lill-bniedem kif jitkellmu l-bnedmin. Biex ninterpretaw tajjeb l-Iskrittura jeħtieġ għalhekk

[1] Ara *Ibid.*, 24.
[2] Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 21.
[3] *Ibid.*, 11.
[4] *Ibid.*
[5] *Ibid.*
[6] San Bernard ta' Clairvaux, *Homilia super Missus est*, 4,11, PL 183, 86B

noqogħdu attenti għal dak li l-bnedmin li kitbu l-Kotba Mqaddsa riedu verament jgħidu, u għal dak li Alla ried tassew jurina bi kliemhom.[1]

110 Biex naraw x'kienet *l-intenzjoni tal-kittieba mqaddsa* rridu nqisu l-kundizzjonijiet ta' żmienhom u l-kultura tagħhom, il-"ġeneri litterarji" li kienu jintużaw dak iż-żmien, il-mod kif in-nies fi żmienhom kienu jħossu, jitkellmu u jirrakkontaw. Dan għaliex "il-verità wieħed jipproponiha u jesprimiha b'mod differenti b'testi li huma storiċi jew profetiċi jew poetiċi jew saħansitra ta' ġeneri oħra ta' espressjoni".[2]

111 Iżda, għax l-Iskrittura Mqaddsa hi ispirata, hemm prinċipju ieħor ta' interpretazzjoni vera, mhux inqas importanti minn dak ta' qablu, prinċipju li mingħajru l-Iskrittura tibqa' kitba mejta. "L-Iskrittura Mqaddsa rridu naqrawha u ninterpretawha fid-dawl tal-istess Spirtu, il-kawża prinċipali li nkitbet".[3]

Il-Konċilju Vatikan II isemmi *tliet kriterji* għall-interpretazzjoni tal-Iskrittura Mqaddsa, skont l-Ispirtu li nebbaħha:[4]

112 1. *Trid tingħata attenzjoni kbira għal dak li hemm fl-Iskrittura Mqaddsa u għall-unità tagħha.* Huma kemm huma differenti minn xulxin il-kotba li jiffurmaw l-Iskrittura Mqaddsa, l-Iskrittura hi waħda għax wieħed hu l-pjan ta' Alla, li tiegħu Kristu hu ċ-ċentru u l-qalb, li nfetħet wara l-qawmien ta' Kristu.[5]

> Qalb[6] Kristu turina l-Iskrittura Mqaddsa, li biha nsiru nafu l-qalb ta' Kristu. Din il-qalb kienet magħluqa qabel il-Passjoni għax l-Iskrittura ma kinitx ċara. Iżda l-Iskrittura nfetħet wara l-Passjoni, għax dawk li issa qegħdin jifhmuha, qegħdin iqisu u jagħrfu b'liema mod il-profeti għandhom jiġu mfissra.[7]

113 2. *L-Iskrittura trid tinqara fit-"Tradizzjoni ħajja tal-Knisja kollha".* Skont prinċipju ta' Missirijiet il-Knisja, "l-Iskrittura Mqaddsa tinqara ferm aktar f'qalb il-Knisja milli fil-mezzi materjali fejn hi miktuba".[8] Dan għaliex il-Knisja, fit-Tradizzjoni tagħha, iżżomm it-tifkira ħajja tal-kelma ta' Alla, skont is-sens spiritwali li l-Ispirtu s-Santu jagħti bi grazzja lill-Knisja.[9]

114 3. *Trid tingħata attenzjoni għall-"analoġija tal-fidi" (*ara *Rum 12,6).* B'"analoġija tal-fidi" nifhmu r-rabta liema bħalha tal-veritajiet tal-fidi bejniethom u mal-pjan kollu tar-Rivelazzjoni.

IS-SENSI TAL-ISKRITTURA

---

[1] Ara Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 12.
[2] Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 12.
[3] *Ibid.*
[4] Ara *ibid.*
[5] Ara Lq 24,25-27,44-46.
[6] Ara Salm 22,15.
[7] San Tumas ta' Aquino, *Expositio in psalmos*, 21, 11.
[8] "Sacra Scriptura principalius est in corde Ecclesiae quam in materialibus instrumentis scripta".
[9] "....secundum spiritualem sensum quem Spiritus donat Ecclesiae"; Origene, *Homiliae in Leviticum*, 5, 5.

115 Skont tradizzjoni antika, nistgħu niddistingwu żewġ *sensi* tal-Iskrittura, is-sens letterali u s-sens spiritwali; dan imbagħad jinqasam fis-sens allegoriku, morali u anagoġiku. Il-qbil sħiħ bejniethom ta' dawn l-erba' sensi jiżgura l-għana kollu tal-qari ħaj tal-Iskrittura fil-Knisja:

116 *Is-sens letterali.* Hu s-sens imfisser mill-kliem tal-Iskrittura u jingħaraf permezz tal-eseġesi li ssir skont ir-regoli tal-interpretazzjoni ġusta. Is-sensi kollha tal-Iskrittura għandhom is-sisien tagħhom fis-sens letterali.[1]

117 *Is-sens spiritwali.* Għaliex wieħed hu l-pjan ta' Alla, mhux biss il-kliem tal-Iskrittura, imma wkoll ir-realtajiet u l-ġrajjiet li dwarhom titkellem jistgħu jkunu sinjali.

1. Is-sens *allegoriku.* Nistgħu niksbu għarfien aktar fil-fond tal-ġrajjiet jekk inkunu nafu t-tifsir tagħhom fi Kristu; hekk, il-mogħdija mill-Baħar l-Aħmar hi sinjal tar-rebħa ta' Kristu u b'hekk tal-Magħmudija.

2. Is-sens *morali.* Il-ġrajjiet li ssemmi l-Iskrittura għandhom iwassluna biex nagħmlu għemil li jkun ġust u sewwa. "Inkitbu bi twiddiba għalina".[2]

3. Is-sens *anagoġiku.* Nistgħu naraw ir-realtajiet u l-ġrajjiet fit-tifsir tagħhom tal-ħajja ta' dejjem, huma u jmexxuna (bil-Grieg "anagoge") lejn is-sema pajjiżna. Hekk il-Knisja fuq l-art hi sinjal ta' Ġerusalemm tas-sema.[3]

118 Żewġ versi taż-żminijiet tan-nofs jiġbru fil-qosor it-tifsir ta' dawn l-erba' sensi:

*Littera gesta docet, quid credas allegoria,*
*moralis quod agas, quo tendas anagogia.*[4]

Bil-Malti: L-ittra tgħallmek x'ġara, x'temmen l-allegorija,
il-morali x'għandek tagħmel, fejn sejjer l-anagoġija.

119 Hu dmir l-eseġeti li jħabirku, skont dawn ir-regoli, ħa jidħlu aktar 'il ġewwa u jfissru aktar fil-fond is-sens tal-Iskrittura Mqaddsa, biex bl-istudji tagħhom, li b'xi mod ikunu studji ta' tħejjija, il-ġudizzju tal-Knisja jimmatura dejjem aktar. Dak kollu li għandu x'jaqsam mal-mod kif tiġi interpretata l-Iskrittura, fl-aħħar mill-aħħar jaqa' taħt il-ġudizzju tal-Knisja, li b'ministeru u mandat minn Alla għandha tħares il-kelma ta' Alla u tfissirha":[5]

> Jien ma kontx nemmen l-Evanġelju kieku ma wasslitnix għal dan l-awtorità tal-Knisja Kattolika.[6]

## IV. Il-Kanoni tal-Iskrittura

[1] San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae*, 1,1,10 ad 1 um: *"Omnes sensus (Sc. Scripturae) fundentur super litteralem.*

[2] 1 Kor 10,11; ara Lh 3-4,11.

[3] Ara Apok 21,1-22,5.

[4] Wistin ta' Daċja, Rotulus pugillaris, 1; ed. A. Walz: Angelicum 6 (1929) 256.

[5] Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 12, 3.

[6] Santu Wistin, *Contra epistulam Manichaei quem vocant fundamenti*, 5,6 PL 42, 176: "Ego vero Evangelio non crederem, nisi me Catholicae Ecclesiae commoveret auctoritas".

120 Kienet it-Tradizzjoni appostolika li wasslet il-Knisja biex tagħraf liema kitbiet kellhom jidħlu fil-lista tal-Kotba Mqaddsa.[1] Din il-lista sħiħa tissejjaħ "Kanoni" tal-Iskrittura. Tgħodd 46 (45 jekk inqisu Ġeremija u Lamentazzjonijiet ktieb wieħed) tat-Testment il-Qadim, u 27 tat-Testment il-Ġdid.[2]

> Ġenesi, Eżodu, Levitiku, Numri, Dewteronomju, Ġożwè, Imħallfin, Rut, iż-żewġ kotba ta' Samwel, iż-żewġ kotba tas-Slaten, iż-żewġ kotba tal-Kronaki, Esdra u Neħemija, Tobit, Ġuditta, Ester, iż-żewġ kotba tal-Makkabin, Ġobb, Salmi, Proverbji, Koħelet, l-Għanja tal-Għanjiet, Għerf, Bin Sirak, Isaija, Ġeremija, Lamentazzjonijiet, Baruk, Eżekjel, Danjel, Hosegħa, Ġoel, Għamos, Għabdija, Ġona, Mikea, Naħum, Ħabbakuk, Sofonija, Ħaggaj, Żakkarija, Malakija – għat-Testment il-Qadim.
>
> L-Evanġelji ta' San Mattew, San Mark, San Luqa u San Ġwann, l-Atti tal-Appostli, l-Ittra ta' San Pawl lir-Rumani, l-ewwel u t-tieni Ittra lill-Korintin, lill-Galatin, lill-Efesin, lill-Filippin, lill-Kolossin, l-ewwel u t-tieni Ittra lit-Tessalonkin, l-ewwel u t-tieni Ittra lil Timotju, lil Titu, lil Filemon, l-Ittra lil-Lhud, l-Ittra ta' San Ġakbu, l-ewwel u t-tieni Ittra ta' San Pietru, it-tlett Ittri ta' San Ġwann, l-Ittra ta' San Ġuda, l-Apokalissi - għat-Testment il-Ġdid.

IT-TESTMENT IL-QADIM

121 It-Testment il-Qadim huwa parti mill-Iskrittura Mqaddsa li ma jistax jitħalla barra. Il-kotba tat-Testment il-Qadim huma ispirati minn Alla u għandhom siwi li jibqa' għal dejjem[3] għaliex il-Patt il-Qadim qatt ma ġie mħassar.

122 "L-Ekonomija tat-Testment il-Qadim kellha prinċipalment l-għan li tħejji l-miġja ta' Kristu, is-Salvatur tad-dinja". "Għalkemm fihom hemm ukoll dak li mhux perfett u dak li kien għal xi żmien biss," il-Kotba tat-Testment il-Qadim huma xhieda tal-pedagoġija divina kollha tal-imħabba salvifika ta' Alla: "Fihom insibu tagħlim mill-aktar għoli dwar Alla, għerf tassew ta' ġid dwar il-ħajja tal-bniedem, teżor tassew għażiż ta' talb; fl-aħħar nett fihom hemm moħbi l-misteru tas-salvazzjoni tagħna".[4]

123 L-Insara jqimu t-Testment il-Qadim bħala vera kelma ta' Alla. Il-Knisja dejjem warrbet bil-qawwa kollha l-idea li twarrab it-Testment il-Qadim bl-iskuża li għadda żmienu bit-Testment il-Ġdid (Marċjoniżmu).

IT-TESTMENT IL-ĠDID

124 "Il-kelma ta' Alla, li hi qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni ta' kull min jemmen, narawha u turina l-qawwa tagħha b'mod tassew singulari fil-kitba tat-Testment il-Ġdid".[5] Dawn il-kitbiet wasslulna l-verità definittiva tar-Rivelazzjoni ta' Alla. Iċ-ċentru ta' dawn il-kitbiet hu Ġesù Kristu, l-Iben ta' Alla magħmul bniedem, l-għemil tiegħu, it-tagħlim

[1] Ara Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 8.
[2] Ara Denzinger-Schonmetzer, 179; Konċ. ta' Firenze (1442): 1334-1336; Konċ. ta' Trento, *ibid.*1501-1504
[3] Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 14.
[4] *Ibid.*, 15.
[5] *Ibid.*, 17.

tiegħu, il-passjoni u l-glorifikazzjoni tiegħu, u l-bidu wkoll tal-Knisja bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu.[1]

125 L-*Evanġelji* huma l-qalba tal-Iskrittura kollha "għax huma l-aqwa xhieda tal-ħajja u t-tagħlim tal-Verb magħmul bniedem, il-Feddej tagħna".

126 Fil-formazzjoni tal-Evanġelju nistgħu niddistingwu tliet stadji:

1. *Il-ħajja u t-tagħlim ta' Ġesù.* Il-Knisja bla tlaqliq issostni l-istoriċità tal-erba' Evanġelji, u "żżomm bil-qawwa kollha li dawn jgħaddulna fedelment, dak kollu li Ġesù Kristu, l-Iben ta' Alla, tul ħajtu fost il-bnedmin, tassew għamel u għallem għas-salvazzjoni ta' dejjem tal-bnedmin, sa ma ttieħed s-sema."

2. *It-tradizzjoni bil-fomm (orali).* "Dak li l-Mulej għamel u għallem, l-Appostli wara t-tlugħ tiegħu fis-sema għaddewh lil dawk li kienu jisimgħuhom b'dak l-għarfien aktar fil-fond ta' kollox li huma stess kisbu, mgħallmin mill-ġrajjiet glorjużi ta' Kristu u mdawlin mill-Ispirtu tal-Verità."

3. *L-Evanġelji miktuba.* "L-awturi mqaddsa mbagħad kitbu l-erba' Evanġelji billi għażlu xi ftit minn dak kollu li kien qiegħed jingħad bil-fomm jew kien ġa nkiteb, u xi ftit ieħor qaluh fil-qosor jew fissruh skont il-qagħda tal-Knejjes, waqt li żammew is-sura ta' tħabbira, hekk li dwar Ġesù, dejjem wasslulna kollox bil-verità u s-sinċerità kollha".[2]

127 L-Evanġelju, miktub minn erba' evanġelisti, għandu post uniku fil-Knisja, u dan jixhduh il-qima li jintwera lilu fil-liturġija u l-ġibda liema bħalha li dejjem kellu għall-qaddisin:

> Ma hemmx tagħlim li jista' jkun aħjar, aktar għażiż u aktar sabiħ mill-kitba tal-Evanġelju. Araw u żommu dak li l-Mulej u l-Imgħallem tagħna, Kristu għallimna bi kliemu u wettaq b'għemilu.[3]
>
> Hu l-*Evanġelju* kollu li jżommni mehdija waqt it-talb tiegħi: fih insib dak kollu li neħtieġ għar-ruħ fqajra tiegħi. Dejjem insib fih dwal ġodda, tifsir moħbi u misterjuż.[4]

L-GĦAQDA TAT-TESTMENT IL-QADIM U TAT-TESTMENT IL-ĠDID

128 Il-Knisja sa minn żmien l-Appostli,[5] u mbagħad fit-Tradizzjoni tagħha, dejjem uriet ċar li wieħed hu l-pjan ta' Alla, fiż-żewġ Testmenti, u dan permezz tat-*tipoloġija.* Din fl-għemil ta' Alla ta' żmien il-Patt il-Qadim tara tħabbira minn qabel ta' dak li Alla għamel fil-milja taż-żminijiet fil-Persuna ta' Ibnu magħmul bniedem.

129 L-Insara mela jaqraw it-Testment il-Qadim fid-dawl ta' Kristu mejjet u rxoxt. Dan il-qari tipoloġiku juri li dak li hemm fit-Testment il-Qadim ma jintemm qatt. Dan ma għandux inessina li t-Testment il-Qadim għandu s-siwi proprju tiegħu ta' Rivelazzjoni kif tenna l-Mulej tagħna stess.[6] Madankollu t-Testment il-Ġdid ukoll jitlob li jinqara fid-

---

[1] Ara *ibid.*, 20
[2] Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 18, 19.
[3] Santa Ċesarja ż-żgħira, *Lil Santa Richilda u lil Santa Radegonda,* Sources Chretiennes, 345, 480.
[4] Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, *Storja ta' Ruħ,* A, 83v.
[5] Ara 1 Kor 10,6.11; Lh 10,1; 1 Piet 3.21.
[6] Ara Mk 12,29-31.

dawl tat-Testment il-Qadim. Il-katekeżi nisranija tal-ewwel żminijiet dejjem irrikorriet għalih.[1] Skont qawl antik, it-Testment il-Ġdid hu moħbi fil-Qadim, waqt li l-Qadim jinkixef fil-Ġdid. *"Novum in Vetere latet et in Novo Vetus patet"*.[2]

130 It-tipoloġija tfisser id-dinamiżmu lejn it-tmiem tal-pjan ta' Alla meta "Alla jkun kollox f'kollox" *(1 Kor 15,28).* Hekk is-sejħa tal-patrijarki u l-ħruġ mill-Eġittu, biex insemmu eżempju, ma jitilfux is-siwi proprju tagħhom fil-pjan ta' Alla, għax fil-fatt huma fl-istess ħin stadji intermedji tal-pjan.

## V. L-Iskrittura Mqaddsa fil-ħajja tal-Knisja

131 "Hemm tant qawwa u saħħa fil-kelma ta' Alla, li żżomm u tqawwi l-Knisja, issaħħaħ ulied il-Knisja fil-fidi tagħhom, tmantni lil ruħhom, u hi nixxiegħa safja li ma tintemm qatt fil-ħajja spiritwali tagħhom".[3] Jeħtieġ li l-bieb tal-Iskrittura Mqaddsa jkun miftuħ beraħ għall-Insara.[4]

132 "L-istudju tal-Iskrittura Mqaddsa għandu jkun qisu r-ruħ tat-Teoloġija. Il-ministeru tal-Kelma wkoll, jiġifieri l-predikazzjoni pastorali, il-katekeżi u t-tagħlim nisrani kollu, fejn l-omelija liturġika għandu jkollha post privileġġjat, jitmantna tajjeb bl-istudju tal-Iskrittura u jikseb qawwa qaddisa".[5]

133 Il-Knisja "tħeġġeġ bil-qawwa kollha u tinsisti mal-Insara kollha biex bil-qari ta' spiss tal-Kotba Mqaddsa "jagħrfu lil Kristu Ġesù" *(Fil 3,8).* Fil-fatt, "Min ma jafx il-Kotba Mqaddsa ma jafx lil Kristu" (S. Ġirolmu).[6]

## Fil-qosor

134 *L-Iskrittura kollha hi ktieb wieħed u dan il-ktieb wieħed hu Kristu "għax l-Iskrittura kollha ta' Alla titkellem fuq Kristu, u l-Iskrittura kollha ta' Alla sseħħ fi Kristu".*[7]

135 *Il-Kotba Mqaddsa fihom il-kelma ta' Alla u, għax huma ispirati, huma tassew din il-kelma".*[8]

136 *Alla hu l-awtur tal-Iskrittura Mqaddsa għax nebbaħ in-nies li kitbuha, ħadem fihom u bihom. Hu jiżgura wkoll li l-kitbiet tagħhom jgħallmu bla żball il-verità tas-salvazzjoni.*[1]

---

[1] Ara 1 Kor 5,6-8; 10,1-11.
[2] Santu Wistin, *Quaestiones in Heptateucum* 2, 71; PL 34, 623; ara Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 16.
[3] Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 21.
[4] *Ibid.*, 22
[5] *Ibid.*, 24.
[6] *Ibid.*, 25: San Ġirolmu, *Comm. In Isaiam*, prol.: PI 24, 17.
[7] Ugo di San Vittore, *De arca Noe*, 2, 8: PL 176, 642; ara *ibid.* 2,9: P.L. 176, 642-643.
[8] Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 24.

137 *L-interpretazzjoni tal-Iskrittura ispirata titlob qabelxejn attenzjoni għal dak li Alla ried jirrivela għas-salvazzjoni tagħna permezz tal-kittieba mqaddsa. "Dak li jiġi mill-Ispirtu ma jiftiehemx sħiħ mingħajr il-ħidma tal-Ispirtu".*[2]

138 *Il-Knisja tilqa' u tqim bħala ispirati s-46 ktieb tat-Testment il-Qadim u s-27 tat-Testment il-Ġdid.*

139 *L-erba' Evanġelji għandhom post ċentrali għax Kristu Ġesù hu ċ-ċentru tagħhom.*

140 *L-unità taż-żewġ Testmenti tiġi mill-fatt li wieħed hu l-pjan ta' Alla u waħda r-Rivelazzjoni tiegħu. It-Testment il-Qadim iħejji l-Ġdid, waqt li dan itemm il-Qadim; iż-żewġ Testmenti jdawlu 'l xulxin; it-tnejn huma tassew il-kelma ta' Alla.*

141 *"Il-Knisja dejjem qiemet l-Iskrittura Mqaddsa, kif tqim l-istess Ġisem ta' Kristu";*[3] *kemm l-Iskrittura u kemm il-Ġisem ta' Kristu jmantnu u jmexxu l-ħajja nisranija kollha. "Musbieħ għal riġlejja l-kelma tiegħek u dawl fil-mogħdija tiegħi".*[4]

### IT-TIELET KAPITLU

## IT-TWEĠIBA TAL-BNIEDEM LIL ALLA

142 *Bir-rivelazzjoni tiegħu* "Alla li ma jidhirx, fil-kobor bla qies ta' mħabbtu jkellem lill-bnedmin qishom ħbiebu u jitħaddet magħhom biex jistedinhom jidħlu u jilqagħhom f'xirka miegħu".[5] It-tweġiba xierqa għal din l-istedina hi l-fidi.

143 Bil-fidi l-bniedem iħalli għalkollox f'idejn Alla l-intelliġenza u r-rieda tiegħu u, b'ruħu u ġismu jagħti l-kunsens tiegħu lil Alla, awtur tar-rivelazzjoni.[6] L-Iskrittura ssejjaħ "ubbidjenza tal-fidi" din it-tweġiba tal-bniedem lil Alla li jirrevela lilu nnifsu.[7]

---

[1] Ara *Ibid.*, 11.
[2] Oriġene, *Homiliae in Exodum*, 4, 5.
[3] Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 21.
[4] Salm 119, 105; ara Is 50,4.
[5] Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 2.
[6] Ara *Ibid.*, 5
[7] Ara Rum 1,5; 16,26.

### L-ewwel artiklu

## JIENA NEMMEN

### I. L-ubbidjenza tal-fidi

144 Tobdi (mill-Latin "*ob-audire*") fil-fidi ifisser toqgħod minn rajk b'mod ħieles għall-kelma li tisma', għax il-verità tagħha hi garantita minn Alla, il-Verità fih innifsu. Ta' din l-ubbidjenza Abraham hu mudell li tagħtina l-Iskrittura Mqaddsa. Fil-Verġni Marija din l-ubbidjenza seħħet b'mod l-iktar perfett.

ABRAHAM, "MISSIER DAWK KOLLHA LI JEMMNU"

145 L-Ittra lil-Lhud, fil-ġieħ kbir li tagħti lill-fidi ta' missirijietna, tinsisti b'mod partikulari fuq il-fidi ta' Abraham. "Kienet il-fidi li ġagħlet lil Abraham *jobdi* s-sejħa ta' Alla, meta dan qallu jmur f'art li kien se jagħtih b'wirt; u telaq bla ma kien jaf fejn kien sejjer".[1] Kienet il-fidi li wasslitu biex jgħix bħala barrani u frustier fl-Art imwiegħda.[2] Kienet il-fidi li ġagħlet lil Sara tilqa' l-fatt li kellha tnissel iben il-wegħda. U fl-aħħar nett, kienet il-fidi li wasslet lil Abraham biex joffri b'sagrifiċċju lil ibnu l-waħdieni.

146 B'hekk Abraham wera x'inhi d-definizzjoni tal-fidi mogħtija mill-Ittra lil-Lhud: "Il-fidi hija l-pedament tal-ħwejjeġ li għandna nittamaw, hija l-prova tal-ħwejjeġ li ma jidhrux" *(Lh 11,1).* "Abraham emmen lil Alla u kien magħdud lilu b'ġustizzja".[3] "Imsaħħaħ fil-fidi" *(Lh 4,20),* Abraham sar "il-Missier ta' dawk kollha li jemmnu".[4]

147 It-Testment il-Qadim għandu għana ta' xhieda dwar din il-fidi. L-Ittra lil-Lhud ixxandar it-tifħir tal-fidi eżemplari tax-xjuħ tal-imgħoddi "li qalgħu xhieda tajba" biha *(ara Lh 11, 2.39).* Iżda "Alla refa' xi ħaġa aħjar għalina", il-grazzja li nemmnu f'Ibnu Ġesù "li minnu tibda u fih tintemm il-fidi tagħna" *(Lh 11,40; 12,2).*

MARIJA: HIENJA DIK LI EMMNET

148 Il-Verġni Marija għexet b'mod l-aktar perfett l-ubbidjenza tal-fidi. Bil-fidi, Marija laqgħet it-tħabbira u l-wegħda li wasslilha l-anġlu Gabrijel, għax emmnet li "għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir"[5] u aċċettat dak li qalilha l-anġlu: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skont kelmtek" *(Lq 1,38).* Eliżabetta ssellmilha: "Hienja dik li

---

[1] Lh 11,8; ara Ġen 12,1-4.
[2] Ara Ġen 23,4.
[3] Rum 4,3; ara Ġen 15,6.
[4] Lh 4,11,18; ara Ġen 15,5.
[5] Lq 1,37; ara Ġw 18,14.

emmnet li jseħħ kulma bagħat jgħidilha l-Mulej" *(Lq 1,45).* Hu minħabba din il-fidi li kull nisel isejħilha hienja.[1]

149 Tul ħajjitha kollha, sal-aħħar prova li ġarrbet,[2] meta Ġesù binha kien qed imut fuq is-salib, il-fidi tagħha qatt ma ġiet nieqsa. Marija qatt ma waqfet li temmen li l-kelma tal-Mulej "dejjem isseħħ". U għalhekk il-Knisja tqim f'Marija s-sħuħija l-aktar safja tal-fidi.

## II. "Jien naf f'min emmint" *(2 Tim 1,12)*

TEMMEN F'ALLA WIEĦED

150 Il-fidi hi qabelxejn rabta *personali* tal-bniedem *ma' Alla,* u fl-istess ħin ukoll ħaġa waħda mal-*aċċettazzjoni ħielsa tal-verità kollha rrivelata minn Alla.* Bħala rabta ma' Alla u aċċettazzjoni tal-verità rrivelata minnu, il-fidi nisranija mhijiex l-istess bħat-twemmin f'xi bniedem. Hi ħaġa xierqa u sewwa li wieħed jafda ruħu għalkollox f'Alla u jemmen bis-sħiħ kulma jgħid. Iżda tkun ħaġa fiergħa u qarrieqa tqiegħed fidi bħal din f'xi ħolqien.[3]

TEMMEN F'ĠESÙ KRISTU, L-IBEN TA' ALLA

151 Għan-Nisrani, temmen f'Alla jfisser temmen ukoll f'Dak li bagħat, Ibnu l-għażiż li fih sab l-għaxqa tiegħu *(Mk 1,11);* Alla qalilna nisimgħu lilu, lil Ibnu *(Mk 9,7).* Il-Mulej stess qal lid-dixxipli tiegħu: "Emmnu f'Alla, u emmnu fija wkoll" *(Ġw 14,1).* Nemmen f'Ġesù Kristu għax hu wkoll Alla, il-Verb magħmul bniedem: "Lil Alla għadu ħadd ma rah, imma għarrafhulna l-Iben il-waħdieni ta' Alla, li hu fi ħdan il-Missier" *(Ġw 1,19).* Għax "ra lill-Missier" *(Ġw 6,46),* hu biss jagħraf il-Missier u jista' jgħarrfu lil min irid hu.[4]

TEMMEN FL-ISPIRTU S-SANTU

152 Ħadd ma jista' jemmen f'Ġesù Kristu jekk ma jkollux sehem mill-Ispirtu s-Santu li juri lill-bnedmin min hu Ġesù Kristu. Għaliex "ħadd ma jista' jgħid 'Ġesù hu Mulej' jekk mhux imqanqal mill-Ispirtu s-Santu" *(1 Kor 12,3).* "L-Ispirtu jgħarbel kollox, sa fil-qiegħ ta' Alla... ħadd ma jagħraf dak li hemm f'Alla ħlief l-Ispirtu ta' Alla" *(1 Kor 2,10-11).* Alla biss jagħraf 'l Alla kollu kemm hu. Aħna nemmnu fl-Ispirtu s-Santu għax hu Alla.

*Il-Knisja qatt ma tieqaf tistqarr il-fidi f'Alla tagħha f'Alla wieħed, il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu.*

## III. Il-Karatteristiċi tal-fidi

IL-FIDI HI GRAZZJA

[1] Ara Lq 1,48.
[2] Ara Lq 2,35.
[3] Ara Ġer 17,5-6; Salm 40,5; 146,3-4.
[4] Ara Mt 11,27.

153 Meta San Pietru stqarr li Ġesù hu l-Messija, Iben Alla l-ħaj, Ġesù qallu: "Mhux bniedem tad-demm u l-laħam uriek dan, imma Missieri li hu fis-smewwiet".[1] Il-fidi hi don ta' Alla, virtù sopranaturali msawba fina minnu. "Biex jistqarr din il-fidi l-bniedem għandu bżonn il-grazzja ta' Alla, li tkompli tgħinu fl-istqarrija tal-fidi (grazzja prevenjenti u grazzja adjuvanti) flimkien ma' għajnuna internament mill-Ispirtu s-Santu; li jmiss qalb il-bniedem u jdawwarha lejn Alla, jiftaħ għajnejn ir-ruħ u jagħti lil kulħadd li jilqa' bil-ħlewwa l-verità u jemminha".[2]

IL-FIDI HI ATT TAL-BNIEDEM

154 Ma jistax ikun li wieħed jemmen mingħajr il-grazzja u l-għajnuna fir-ruħ mill-Ispirtu s-Santu. Iżda mhux inqas veru li t-twemmin hu att li hu tassew uman. Mhux kontra l-libertà u lanqas kontra l-intelliġenza tiegħu li l-bniedem jafda f'Alla u jħaddan il-veritajiet li Alla jirrivelalu. Fl-istess relazzjonijiet tal-bnedmin bejniethom, mhijiex xi ħaġa kontra d-dinjità tagħhom ta' bnedmin li jemmnu dak li jgħidulhom nies oħra fuqhom infushom u fuq il-fehmiet tagħhom u jafdaw fil-wegħdiet li jagħmlulhom (bħal meta jiġri, biex insemmu eżempju, fiż-żwieġ bejn raġel u mara) biex ikunu xirka bejniethom. Imbagħad, hi ħaġa wisq anqas kontra d-dinjità tagħna jekk "bil-fidi nilqgħu dak li jirrivelalna Alla u noqgħodu għalkollox għalih bl-intelliġenza u r-rieda kollha tagħna",[3] u hekk nidħlu f'xirka intima miegħu.

155 Fil-fidi, l-intelliġenza u r-rieda tal-bniedem jaħdmu flimkien mal-grazzja ta' Alla. "It-twemmin hu għemil tal-intellett li jaċċetta l-verità ta' Alla b'ordni tar-rieda, imqanqla mill-grazzja ta' Alla": *("credere est actus intellectus assentientes veritati divinae ex imperio voluntatis a Deo motae per gratiam").*[4]

IL-FIDI U L-INTELLIĠENZA

156 *Il-motiv* li jġiegħel 'il wieħed jemmen mhux il-fatt li l-veritajiet rivelati jidhru bħala veri u jistgħu jiftiehmu fid-dawl tar-raġuni naturali tagħna. Aħna nemmnu "fuq l-awtorità ta' Alla li jirrivelalna l-veritajiet tiegħu u li la jista' jqarraq u lanqas jitqarraq". "Iżda biex il-qima tal-fidi tagħna tkun taqbel mar-raġuni, Alla ried li, mal-għajnuna interna tal-Ispirtu, ikun hemm provi esterni tar-Rivelazzjoni".[5] B'dan il-mod il-mirakli ta' Kristu u tal-qaddisin,[6] il-profeziji, il-qdusija tal-Knisja, il-fatt li dejjem aktar qiegħda tinxtered fid-dinja u tiżdied fl-għadd u l-fatt li qatt mhi se tiġi nieqsa, "huma sinjali żguri tar-Rivelazzjoni, sinjali adatti għall-intelliġenza ta' kulħadd" u "motivi ta' kredibbiltà" li juru illi l-aċċettazzjoni tal-fidi "bl-ebda mod mhi aġir fl-għama tal-ispirtu".[7]

---

[1] Mt 16,17; ara Gal 1,15; Mt 11,25.
[2] Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 5.
[3] Konċ. Vatikan I: Denzinger-Schonmetzer, 3008.
[4] San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae* 2-2, 2, 9; ara Konċ. Vatikan I: Denzinger-Schonmetzer, 3010.
[5] *Ibid.* Denzinger-Schonmetzer, 3009.
[6] Ara Mk 16,20: Lh 2,4.
[7] Konċ. Vatikan I: Denzinger-Schonmetzer, 3008-3010.

157 Il-fidi hi *ċerta,* aktar ċerta minn kulma jagħraf u jaf il-bniedem, għax hi mibnija fuq l-istess kelma ta' Alla, li ma jistax iqarraq. Veru li l-veritajiet rivelati jistgħu jidhru oskuri skont ir-raġuni u l-esperjenza umana, iżda "ċ-ċertezza li jagħti d-dawl ta' Alla hi wisq aqwa miċ-ċertezza li tagħti r-raġuni naturali".[1] "Għaxart elef diffikultà ma jagħmlux dubju wieħed".[2]

158 "Il-fidi *tfittex li tifhem*":[3] hi fin-natura tal-fidi li min jemmen ikun jixtieq jaf aktar 'il Dak li jemmen fih u jifhem aħjar dak li rrivela; għarfien aktar fil-fond minn naħa jwassal għall-fidi akbar, imħaddna dejjem aktar bl-imħabba. Il-grazzja tal-fidi tiftaħ "l-għajnejn tal-qalb" *(Ef 1,18)* għall-għarfien ħaj ta' kulma fiha r-Rivelazzjoni, jiġifieri tal-pjan ta' Alla kollu kemm hu u tal-misteri tal-fidi, tar-rabta bejniethom u ma' Kristu, iċ-ċentru tal-misteru li ġie rrivelat. Issa, l-Ispirtu s-Santu, biex ikun hemm għarfien aktar fil-fond tar-Rivelazzjoni, bid-doni tiegħu, ma jieqafx jagħmel il-fidi aktar perfetta.[4] Hekk, skont dak li jgħid Santu Wistin, "Jien nemmen biex nifhem, u nifhem biex nemmen aħjar".[5]

159 *Fidi u xjenza.* "Għalkemm il-fidi hi aqwa mir-raġuni, ma jista' qatt ikun hemm nuqqas ta' qbil bejniethom: għax hu l-istess Alla li jirrivela l-misteri u jagħti l-fidi u qiegħed id-dawl tar-raġuni fl-ispirtu tal-bniedem: Alla ma jistax jiċħad lilu nnifsu, u ma jista' qatt ikun hemm kontradizzjoni f'dak li hu veru".[6] "Hu għalhekk li r-riċerka metodika fl-oqsma kollha tal-għerf, jekk issir b'mod verament xjentifiku u timxi skont normi morali, qatt mhi se tkun tassew kontra l-fidi: għax kemm ir-realtajiet profani u kemm ir-realtajiet tal-fidi, it-tnejn ġejjin minn Alla. Anzi min iħabrek b'perseveranza u umiltà biex jagħraf kulma hu moħbi f'kull ħaġa, dan ukoll, mingħajr ma jintebaħ, ikun qiegħed jitmexxa minn id Alla, li jżomm sħiħa kull ħaġa u jagħmilha dak li hi".[7]

IL-LIBERTÀ TAL-FIDI

160 Biex tkun tixraq lill-bniedem "it-tweġiba tal-fidi mogħtija mill-bniedem lil Alla trid issir b'rieda ħielsa. Għalhekk ħadd ma jista' jiġi mġiegħel iħaddan il-fidi jekk ma jridx. Min-natura tiegħu stess, l-att tal-fidi hu volontarju".[8] "Alla, iva, isejjaħ lill-bnedmin biex jaqduh fl-ispirtu u l-verità; u jekk din is-sejħa tobbligahom fil-kuxjenza, ma tisforzahom bl-ebda mod... Dan deher fi grad mill-aktar għoli fi Kristu Ġesù".[9] Fil-fatt fatt Kristu stieden lin-nies biex jemmnu u jikkonvertu, iżda qatt ma sforza lil ħadd. "Ta xhieda għall-verità; iżda ma riedx jimponiha bil-forza fuq dawk li kienu jmeruh. Is-saltna tiegħu... tikber bil-qawwa tal-

[1] San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae* 2-2, 171, 5, ad. 3.
[2] John Henry Newman, *Apologia pro vita sua.*
[3] San Anselmu ta' Canterbury, *Proslogion*, proem.: PL 153, 225A.
[4] Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 5.
[5] Santu Wistin, *Sermones;* 43, 7, 9 PL 38, 258.
[6] Konċ. Vatikan I: Denzinger-Schonmetzer, 3017.
[7] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 36.
[8] Konċ. Vatikan II, *Dignitatis humanae*, 10; ara *Codex Iuris Canonici* kan 748§2
[9] Konċ. Vatikan II, *Dignitatis humanae*, 11.

imħabba li biha Kristu, merfugħ fuq is-salib, jiġbed il-bnedmin kollha lejh".[1]

IL-ĦTIEĠA TAL-FIDI

161 Biex niksbu s-salvazzjoni, irridu nemmnu f'Ġesù Kristu u f'Dak li bagħat għas-salvazzjoni tagħna.[2] Għax "mingħajr il-fidi ma jistax ikun li wieħed jogħġob lil Alla" *(Lh 11,6)* u ma jistax jasal għall-kundizzjoni ta' wlied Alla; ebda bniedem ma jista' jkun ġustifikat mingħajr il-fidi, u ebda bniedem ma jista' jikseb il-ħajja ta' dejjem jekk ma jżommx sħiħ sal-aħħar fiha.[3]

IL-PERSEVERENZA TAL-FIDI

162 Il-fidi hi don li Alla ta b'xejn lill-bnedmin. Dan id-don ta' siwi bla qies nistgħu nitilfuh. Dwar dan San Pawl iwissi lil Timotju: "Idħol bil-qawwa għat-taqbida, b'fidi u kuxjenza tajba; xi wħud, għax warrbu l-kuxjenza, tfarrku fil-fidi" *(1 Tim 1,18-19).* Biex ngħixu, nikbru u nibqgħu sħaħ fil-fidi sal-aħħar, irridu nmantnuha bil-kelma ta' Alla; irridu nitolbu l-Mulej ikattarhielna;[4] trid "taħdem permezz tal-imħabba",[5] trid trid tkun megħjuna mit-tama,[6] u trid ikollha l-għeruq tagħha fil-fidi tal-Knisja.

IL-FIDI – BIDU TAL-ĦAJJA TA' DEJJEM

163 Bil-fidi naslu biex ingawdu qisu minn qabel l-hena u d-dawl tal-viżjoni beatifika, l-għan tal-mixi tagħna hawn fid-dinja. Imbagħad naraw 'l Alla "wiċċ imb wiċċ" *(I Kor 13,12),* "kif inhu" *(1 Ġw 3,2).* Il-fidi għalhekk hi ġa l-bidu tal-ħajja ta' dejjem:

> Issa li qed nikkontemplaw il-barkiet tal-fidi qisu f'mera, qisu ġa għandna dawk il-ħwejjeġ tal-għaġeb li l-fidi tiżgurana li xi darba għad ingawduhom.[7]

164 Iżda issa "aħna ngħixu bil-fidi u mhux bil-viżjoni" *(2 Kor 5,7)* u nagħrfu 'l Alla "bħallikieku f'mera, imċajpar... biċċa" *(1 Kor 13,12).* Kollha dija b'Dak li temmen fih, il-fidi spiss ngħixuha fid-dlam. Il-fidi tista' tgħaddi minn prova. Id-dinja li fiha ngħixu spiss tidher bogħod ħafna minn dak li tiżgurana dwarha l-fidi: id-deni u t-tbatija, l-inġustizzji u l-mewt li nġarrbu qishom kontra dak li tgħidilna l-Bxara t-Tajba; jistgħu jfixklu l-fidi u jsiru ta' tiġrib għaliha.

---

[1] *Ibid.*
[2] Ara Mk 16,16; Ġw 3,36; 6,40 u l-bqija.
[3] Konċ. Vatikan I: Denzinger-Schonmetzer 3012; ara Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer 1532.
[4] Ara Mk 9,24; Lq 17,5; 2,32.
[5] Gal 5,6; ara Ġak 2,14-26.
[6] Ara Rum 15,13.
[7] San Bażilju ta' Ċesarija, *Liber de Spiritu Sancto*, 15, 36: PG 32, 132; ara San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae* 2-2, 4,1.

165 Għalhekk ikollna nduru lejn *ix-xhieda tal-fidi:* Abraham li emmen "meta ma kellu ebda tama... ittama u emmen" *(Rum 4,18);* il-Verġni Marija, fil-"mixi tagħha tal-fidi" waslet sal-"lejl bil-fidi"[1] meta ssieħbet fit-tbatijiet ta' Binha u fil-lejl tal-qabar tiegħu; u tant u tant xhieda oħra tal-fidi. "Ladarba aħna għandna wkoll madwarna sħaba hekk kbira ta' xhieda, ejjew inwarrbu minnha kull xkiel u dnub ta' madwarna li jfixkluna, u b'qalbna qawwija nibqgħu niġru t-triq tal-prova li għandna quddiemna: inżommu għajnejna merfugħa lejn Ġesù, li minnu tibda u fih tintemm il-fidi tagħna" *(Lh 12,1-2).*

### It-tieni artiklu

## AĦNA NEMMNU

166 Il-fidi hi att personali: hi t-tweġiba ħielsa tal-bniedem għall-inizjattiva ta' Alla li jirrivela lilu nnifsu. Iżda l-fidi mhijiex xi att iżolat. Ħadd ma jista' jemmen waħdu, kif ħadd ma jista' jgħix waħdu. Ħadd ma ta l-fidi lilu nnifsu, kif ħadd ma ta ħajtu lilu nnifsu. Min jemmen jirċievi l-fidi mingħand ħaddieħor, u jrid jgħaddiha lill-oħrajn. L-imħabba tagħna għal Ġesù u għall-bnedmin ħutna ġġegħelna nitkellmu mal-oħrajn fuq il-fidi tagħna. Kull wieħed li jemmen qisu ħolqa fil-katina kbira ta' dawk li jemmnu. Jien ma nistax nemmen jekk ma nkunx megħjun mill-fidi tal-oħrajn, u nagħti sehmi biex ngħin il-fidi tal-oħrajn.

167 "Jiena nemmen" (Kredu tal-Appostli) hi l-fidi tal-Knisja li jistqarr personalment kull min jemmen, prinċipalment fil-Magħmudija tiegħu. "Aħna nemmnu" (Kredu Niċea-Kostantinopli, skont il-verżjoni Griega) hi l-fidi tal-Knisja kif stqarrewha l-Isqfijiet f'Konċilju u, b'mod aktar ġenerali, kif tistqarrha l-ġemgħa liturġika ta' dawk li jemmnu. "Jiena nemmen" hi wkoll il-Knisja Ommna li twieġeb bil-fidi tagħha lil Alla u tgħallimna ngħidu: "Jiena nemmen", "aħna nemmnu".

### I. "Ara, Mulej, il-fidi tal-Knisja tiegħek"

168 Hi l-Knisja li temmen l-ewwel, u hekk twassal, tmantni u ssaħħaħ il-fidi tiegħi. Hi l-Knisja li l-ewwel tistqarr, kullimkien, il-Mulej ("Maddinja kollha l-Knisja Mqaddsa tistqarr fik",[2] inkantaw fit-*Te Deum*), u, magħha u fiha, aħna miġbuda u mmexxija biex nistqarru aħna wkoll: "Jiena nemmen", "aħna nemmnu". Hu permezz tal-Knisja li nirċievu l-fidi u l-ħajja ġdida fi Kristu bil-Magħmudija. Fir-Ritwal Ruman il-ministru tal-Magħmudija jistaqsi lill-katekumenu: "X'titlob int mill-Knisja ta' Alla?" u hu jwieġeb: "Il-fidi". "U x'tagħtik il-fidi?" "Il-ħajja ta' dejjem".

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen Gentium,* 58; Ġwanni Pawlu II, *Redemptoris Mater,* 18.
[2] *"Te per orbem terrarum Sancta confitetur Ecclesia".*

169 Is-salvazzjoni tiġina mingħand Alla waħdu; iżda billi aħna nirċievu l-ħajja tal-fidi permezz tal-Knisja, din hi ommna: "Aħna nemmnu fil-Knisja bħala l-omm tat-twelid ġdid tagħna, u mhux bħallikieku kienet l-awtur tas-salvazzjoni tagħna".[1] Għax hi ommna, hi wkoll tħarriġna fil-fidi.

## II. Kliem il-fidi

170 Aħna ma nemmnux f'xi formoli ta' kliem imma nemmnu fir-realtajiet imfissra minn dawn il-formoli ta' kliem u li l-fidi twassalna biex b'xi mod "immissu b'idejna". "L-att (tal-fidi) ta' min jemmen ma jiqafx bil-kliem li jħabbru imma fir-realtà (li titħabbar)".[2] Iżda aħna nersqu lejn dawn ir-realtajiet bl-għajnuna tal-formoli tal-fidi. Dawn il-formoli jgħinuna nfissru l-fidi u ngħadduha lill-oħrajn, niċċelebrawha fil-ġemgħat tagħna, nagħmluha tagħna u ngħixuha dejjem aktar.

171 Il-Knisja hi "kolonna u pedament tal-verità" *(1 Tim 3,15),* u tħares bil-fedeltà kollha "l-fidi li ngħatat darba għal dejjem lill-qaddisin" *(Ġuda 3).* Hi tħares it-tifkira ta' kliem Kristu, hi li twassal minn nisel għal nisel l-istqarrija tal-fidi tal-Appostli. Bħal omm li tgħallem 'l uliedha jitkellmu u jifhmu u jwieġbu, il-Knisja Ommna tgħallimna kliem il-fidi biex twassalna għall-għarfien u l-ħajja tal-fidi.

## III. Fidi waħda

172 Tul il-mijiet tas-snin, permezz ta' tant ilsna, kulturi, popli u nazzjonijiet, il-Knisja ma tieqaf qatt tistqarr fidi waħda, li rċieviet mingħand Mulej wieħed, u li tittrasmetti b'Magħmudija waħda, bl-għeruq fil-konvinzjoni li l-bnedmin kollha għandhom biss Alla wieħed u Missier wieħed.[3] San Irinew, xhud ta' din il-fidi, jgħid:

173 "Lill-Knisja, imxerrda mad-dinja kollha sa truf l-art, ġiet imħabbra l-fidi mill-Appostli u d-dixxipli tagħhom... din it-tħabbira u din il-fidi, il-Knisja tħarishom bl-għaqal kollu, qisha tgħammar f'dar waħda; ixxandarhom, tgħallimhom u tgħaddihom b'leħen wieħed, qisha għandha fomm wieħed".[4]

174 "Għax, għalkemm l-ilsna fid-dinja mhumiex l-istess, it-Tradizzjoni hi waħda u l-istess. U l-Knejjes li twaqqfu fil-Ġermanja, la jemmnu mod ieħor u lanqas għandhom Tradizzjoni oħra, u lanqas dawk li hemm fl-Iberja u li hemm fost iċ-Ċelti, u lanqas dawk li hemm fil-Lvant fl-Eġittu, fil-Libja, u lanqas dawk li jinsabu f'nofs id-dinja..."[5] "Il-messaġġ tal-

[1] Fawstu ta' Riez, *De Spiritu Sancto*, 1, 2; CSEL 21, 104.
[2] San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae* 2-2, 1, 2 ad 2.
[3] Ara Ef 4,4-6.
[4] San Irinew, *Adversus haereses* 1, 10, 1-2
[5] *Ibid.*

Knisja hu għalhekk veru u sod għaliex hi turi lid-dinja kollha triq waħda ta' salvazzjoni".[1]

175 "Din il-fidi, li rċevejna mingħand il-Knisja, ngħożżuha bl-għaqal kollu, qisha ġarra tajba li fiha tqiegħed xi ħaġa tassew għażiża li, bl-Ispirtu ta' Alla, dejjem tibqa' żagħżugħa, u tagħmel żagħżugħa wkoll il-ġarra li fiha tinsab".[2]

## Fil-qosor

176 *Bil-fidi l-bniedem kollu kemm hu jintrabat personalment ma' Alla li jirrivela lilu nnifsu. Il-fidi trid li l-bniedem jilqa' bl-intelliġenza u r-rieda kollha tiegħu r-rivelazzjoni li Alla għamillu tiegħu nnifsu b'għemilu u bi kliemu.*

177 *"Temmen" kemm lill-persuna u kemm fil-verità: temmen fil-verità għax għandek fiduċja fil-persuna li tagħti xhieda għaliha.*

178 *Ma għandniex nemmnu ħlief 'l Alla, il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu.*

179 *Il-fidi hi don sopranaturali ta' Alla. Biex jemmen il-bniedem jeħtieġ għajnuna internament (fir-ruħ) mill-Ispirtu s-Santu.*

180 *"Jemmen" il-bniedem ħieles li jaf x'inhu jagħmel: it-"twemmin" hu att li jaqbel mad-dinjità tal-persuna tal-bniedem.*

181 *It-"twemmin" hu att ekkleżjali. Il-fidi tal-Knisja tiġi qabel il-fidi tagħna, tnissilha, tgħinha u tmantniha. Il-Knisja hi Omm dawk kollha li jemmnu. "Hadd ma jista' jkollu 'l Alla bħala Missier jekk ma jkollux il-Knisja bħala Omm".[3]*

182 *Aħna nemmnu kulma hemm fil-kelma ta' Alla, miktuba jew mgħoddija lilna, u li l-Knisja tgħidilna nemmnu bħala rivelata minn Alla".[4]*

183 *Il-fidi hi meħtieġa għas-salvazzjoni. Il-Mulej stess jgħid dan: "Min jemmen u jitgħammed, isalva; iżda min ma jemminx ikun ikkundannat"* (Mk 16,16).

184 *"Il-fidi ddewwaqna minn qabel l-għarfien li jagħmilna hienja fil-ħajja ta' dejjem.[5]*

---

[1] *Ibid.* 5, 20, 1.
[2] *Ibid.* 3, 24, 1.
[3] San Ċiprijan, *De catholicae unitate ecclesiae;* PL 4, 503A
[4] Pawlu VI, Kredu tal-Poplu ta' Alla, professjoni solenni tal-fidi tat-30 ta' Ġunju 1968, 20.
[5] San Tumas ta' Aquino, *Compendium Theologiae*, 1, 2.

## Il-Kredu

IL-KREDU TAL-APPOSTLI

Jiena nemmen f’Alla li jista’
kollox li ħalaq is-sema u l-art.

U f’Ġesù Kristu, Ibnu
wieħed, Sidna,

li kien konċeput mill-Ispirtu
s-Santu u twieled minn
Marija Verġni,

bata taħt Ponzju Pilatu,
sallbuh, miet u difnuh,
niżel fil-limbu,
fit-tielet jum qam
minn bejn l-imwiet,
tela’ fis-smewwiet
u qiegħed in-naħa tal-lemin
ta’ Alla l-Missier li jista’ kollox,
minn hemm għandu jiġi
biex jagħmel ħaqq
mill-ħajjin u mill-mejtin

Nemmen fl-Ispirtu s-Santu,

Il-Knisja Mqaddsa kattolika,
ix-xirka tal-qaddisin,

il-maħfra tad-dnubiet,
il-qawma mill-imwiet,
u l-ħajja ta’ dejjem.
Ammen.

IL-KREDU TA’ NIĊEA-KOSTANTINOPLI

Jiena nemmen f’Alla wieħed,
il-Missier li jista’ kollox
li ħalaq is-sema u l-art,
dak kollu li jidher u ma jidhirx.
U f’Mulej wieħed, Ġesù Kristu,
Iben waħdieni ta’ Alla,
imnissel mill-Missier
qabel kull żmien:
Alla minn Alla, dawl minn dawl,
Alla veru minn Alla veru,
imnissel mhux magħmul,
natura waħda mal-Missier,
u bih sar kollox.
Niżel mis-smewwiet
għalina l-bnedmin u għall-fidwa
tagħna,
u ħa l-ġisem
bis-setgħa tal-Ispirtu s-Santu,
twieled minn Marija Verġni
u sar bniedem.
Sallbuh għalina,
bata taħt Ponzju Pilatu
miet u difnuh
u fit-tielet jum qam
minn bejn l-imwiet,
skont il-Kotba Mqaddsa,
tela’ s-sema
u qagħad fuq il-lemin tal-Missier.

U għandu jerġa’ jiġi bil-glorja
biex jagħmel ħaqq
mill-ħajjin u mill-mejtin.
u s-saltna tiegħu
ma jkollhiex tmiem.
U fl-Ispirtu s-Santu,
il-Mulej li jagħti l-ħajja,
li ġej mill-Missier u mill-Iben,
li hu meqjum u mweġġaħ
flimkien mal-Missier u mal-Iben,
hu li tkellem f’fomm il-profeti.
U fi Knisja waħda,
qaddisa, kattolika, appostolika.
Nistqarr magħmudija waħda
għall-maħfra tad-dnubiet.
U nistenna l-qawma mill-imwiet
u l-ħajja taż-żmien li ġej.
Ammen.

## IT-TIENI SEZZJONI

# L-ISTQARRIJA TAL-FIDI NISRANIJA

## IS-SIMBOLI TAL-FIDI

185 Min jgħid "Jiena nemmen" ikun qed jgħid "Jiena nintrabat ma' dak li *aħna* nemmnu". Ix-xirka fil-fidi teħtieġ diskors komuni dwar il-fidi, diskors li jkun regola għal kulħadd u jgħaqqad lil kulħadd fl-istess stqarrija tal-fidi.

186 Sa mill-bidu l-Knisja tal-Appostli fissret u xandret il-fidi tagħha f'formoli qsar u normattivi għal kulħadd.[1] Iżda minn kmieni ħafna, il-Knisja riedet ukoll tiġbor fil-qosor dak li hu essenzjali fil-fidi tagħha, b'mod organiku u artikulat, l-aktar għall-kandidati tal-Magħmudija:

> Dawn l-artikli tal-fidi ma sarux skont l-opinjoni tan-nies, imma mill-Iskrittura kollha nġabar dak li hu l-aktar importanti biex jingħata tagħlim sħiħ u waħdieni tal-fidi. U kif is-siġra tal-mustarda f'żerriegħa mill-iżgħar għandha l-ħafna friegħi tagħha, hekk is-simbolu tal-fidi jiġbor fi ftit kliem kulma nafu dwar it-tjieba vera li hemm fit-Testment il-Qadim u fit-Testment il-Ġdid.[2]

187 Dawn il-ġabriet fil-qosor tal-veritajiet tal-fidi jissejħu "stqarrijiet tal-fidi", għaliex jiġbru fil-qosor il-fidi li jistqarru l-Insara. Jissejħu "Kredu" għaliex ġeneralment jibdew bil-kelma "Jiena nemmen" *(Credo* bil-Latin). U jissejħu wkoll "Simboli tal-fidi".

188 Il-kelma Griega "simbolon" tfisser nofs ħaġa maqsuma (siġill, biex insemmu eżempju) li tiġi ppreżentata bħala sinjal għall-għarfien ta' dak li jkun. Iż-żewġ biċċiet li jingħaqdu sewwa ma' xulxin huma prova tal-identità ta' dak li jkollu għandu s-"simbolon". Is-"Simbolu tal-fidi" mela hu sinjal li bih jingħarfu minn xulxin dawk li jemmnu, hu sinjal tax-xirka ta' bejniethom. "Simbolon" aktar tard beda jfisser ġabra, kollezzjoni, summarju. Is-"Simbolu tal-fidi" hu ġabra tal-veritajiet ewlenin tal-fidi, u għalhekk il-katekeżi tagħmel l-ewwel referenza fundamentali tagħha għas-simbolu tal-fidi, għall-Kredu.

189 L-ewwel "stqarrija tal-fidi" ssir fil-Magħmudija. Is-"Simbolu tal-fidi" hu l-ewwel nett Simbolu *batteżimali.* Għax il-Magħmudija tingħata "fl-isem tal-Missier, u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu" *(Mt 28,19),* il-veritajiet tal-fidi li ssir l-istqarrija tagħhom fil-Magħmudija huma mqassmin f'artikli li jitkellmu dwar it-Tliet Persuni tat-Trinità Qaddisa.

190 Għalhekk is-Simbolu għandu tliet taqsimiet: jibda billi jsemmi l-Ewwel Persuna tat-Trinità Qaddisa u l-għemil tal-għaġeb tal-ħolqien; imbagħad isemmi t-Tieni Persuna divina u l-misteru tal-Fidwa tal-bniedem, u fl-aħħar isemmi t-Tielet Persuna divina, "għajn u bidu tat-

---

[1] Ara Rum 10,9; 1 Kor 15,3-5; u l-bqija.

[2] San Ċirillu ta' Ġerusalemm, *Catecheses illuminandorum,* 5, 12; PG 33, 521-524.

tqaddis tagħna".[1] Dawn huma "t-tliet kapitli tas-siġill (batteżimali) tagħna".[2]

191 Dawn it-tliet taqsimiet huma magħżulin minn xulxin, iżda hemm rabta bejniethom. Skont paragun spiss użat minn Missirijiet il-Knisja, insejħulhom *artikli.* Kif il-membri ta' ġisimna jintgħażlu mill-artikolazzjoni tagħhom, hekk f'din l-istqarrija tal-fidi, kulma rridu nemmnu, distintament u separatament bir-raġun kollu u sewwa, insejħulu artiklu.[3] Skont tradizzjoni antika, li ġa jsemmiha San Ambroġ, hi drawwa li jingħaddu *tnax-il* artiklu tal-Kredu, biex l-għadd tal-Appostli jkun simbolu tal-ġabra tal-fidi tal-Appostli.[4]

192 Hafna kienu s-simboli jew stqarrijiet tal-fidi tul iż-żminijiet, skont il-ħtiġijiet ta' kull żmien: is-simboli tal-Knejjes appostoliċi tal-ewwel żminijiet,[5] is-Simbolu *Quicumque* msejjaħ Simbolu ta' San Atanasju;[6] l-istqarrijiet tal-fidi ta' xi Konċilji,[7] jew ta' xi papiet, bħalma huma "l-fidi ta' Damasu" *(fides Damasi)*[8] jew "il-Kredu tal-Poplu ta' Alla" ta' Pawlu VI (1968).

193 Ebda wieħed mis-Simboli li dehru tul il-ħajja kollha tal-Knisja m'għandu jitqies li spiċċa żmienu u ma jiswiex aktar. Huma ta' għajnuna għaliex illum naraw x'inhi l-fidi ta' dejjem u nifhmuha aktar fil-fond permezz tal-ħafna ġabriet tagħha fil-qosor li saru tul iż-żminijiet. Fost is-Simboli tal-fidi hemm tnejn li għandhom post partikulari fil-ħajja tal-Knisja.

194 *Is-Simbolu tal-Appostli,* hekk imsejjaħ għax hu meqjus bir-raġun kollu bħala ġabra fidila fil-qosor tal-fidi tal-Appostli. Hu s-Simbolu batteżimali antik tal-Knisja ta' Ruma. L-awtorità kbira tiegħu ġejja minn dan il-fatt. "Hu s-Simbolu li żżomm il-Knisja ta' Ruma, dik li fiha San Pietru waqqaf il-katedra tiegħu, u fejn wassal il-fehma ta' kulħadd".[9]

195 *Is-Simbolu hekk imsejjaħ ta' Niċea-Kostantinopli* għandu awtorità kbira għax ħareġ mill-ewwel żewġ Konċilji Ekumeniċi (325 u 381). Għadu sal-lum is-simbolu komuni tal-Knejjes kbar kollha tal-Lvant u tal-Punent.

196 It-tifsir tagħna tal-fidi se jimxi fuq is-*Simbolu tal-Appostli* għaliex hu, biex ngħidu hekk, "l-eqdem katekiżmu Ruman". Iżda dan it-tifsir se jkollu kontinwament referenzi għas-*Simbolu ta' Niċea-Kostantinopli,* li hu spiss aktar espliċitu u aktar dettaljat.

---

[1] *Catechismus Romanus* 1, 1, 3.
[2] San Irinew, *Demonstratio apostolica*, 100.
[3] *Catechismus Romanus* 1, 1, 4.
[4] Ara San Ambroġ, *Explantio symboli*, 8; PL 17, 1158D
[5] Ara Denzinger-Schonmetzer 1-64.
[6] Ara *ibid.*, 75-76.
[7] Konċ. ta' Toledo: Denzinger-Schonmetzer
[8] *Fides Damasi:* ara Denzinger-Schonmetzer, 71-72.
[9] San Ambroġ, *Explanatio symboli*, 7; PL 17, 1158D

197 Kif għamilna f'jum il-Magħmudija tagħna, meta ħajjitna kollha ġiet fdata għal "dik il-kwalità ta' tagħlim li ngħatalna biex nemmnu fuqu",[1] ejjew nilqgħu issa wkoll is-Simbolu tal-fidi tagħna, li tagħti l-ħajja. Meta ngħidu l-Kredu bil-fidi, nidħlu f'xirka ma' Alla l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, u nkunu nidħlu wkoll f'xirka mal-Knisja kollha li twasslilna l-fidi u li fi ħdanha aħna nemmnu:

> Dan is-simbolu hu s-siġill spiritwali, hu l-meditazzjoni ta' qalbna u ħarsien dejjem qrib. Hu, żgur, it-teżor ta' ruħna.[2]

### L-EWWEL KAPITLU

# JIENA NEMMEN F'ALLA L-MISSIER

198 L-istqarrija tal-fidi tagħna tibda minn *Alla* għax Alla hu "l-Ewwel u l-Aħħar" *(Is 44,6),* il-Bidu u t-Tmiem ta' kollox. Il-Kredu jibda b'Alla *l-Missier,* għax il-Missier hu l-Ewwel Persuna divina; il-Kredu tagħna jibda bil-ħolqien tas-sema u l-art, għax il-ħolqien hu l-bidu u l-pedament tal-għemejjel kollha ta' Alla.

### L-ewwel artiklu

## "JIENA NEMMEN F'ALLA L-MISSIER LI JISTA' KOLLOX LI ĦALAQ IS-SEMA U L-ART"

L-ewwel paragrafu

## JIENA NEMMEN F'ALLA

199 "Jiena nemmen f'Alla". Dan l-ewwel kliem tal-istqarrija tal-fidi hu wkoll l-aktar fundamentali. Il-Kredu kollu jitkellem dwar Alla, u jekk isemmi l-bniedem u d-dinja, isemmihom b'relazzjoni ma' Alla. L-artikli kollha tal-Kredu jiddependu mill-ewwel wieħed, kif il-Kmandamenti kollha jfissru l-ewwel wieħed. L-artikli l-oħra jgħinuna nifhmu aħjar lil Alla, kif irrivela ruħu pass pass lill-bnedmin. "Il-fidili l-ewwel ħaġa li jistqarru hi li jemmnu f'Alla".[3]

### I. "Jiena nemmen f'Alla wieħed"

200 B'dan il-kliem jibda s-Simbolu ta' Niċea-Kostantinopli. L-istqarrija li Alla hu wieħed, għandha l-għeruq tagħha fir-Rivelazzjoni li għamel Alla fi żmien il-Patt il-Qadim u li ma tistax tinfired mill-istqarrija li Alla

[1] Ara Rum 6,17.
[2] San Ambroġ, *Explanatio symboli,* 1; PL 17, 1158D.
[3] *Catechismus Romanus,* 1, 2, 2.

ježisti, stqarrija li hi wkoll fundamentali. Alla hu Wieħed: m'hemmx ħlief Alla wieħed: "Il-fidi nisranija tistqarr li hemm Alla wieħed, fin-natura, is-sustanza u l-essenza tiegħu".[1]

201 Lil Israel, li hu għażel, Alla rrivela lilu nnifsu bħala l-Waħdu: "Isma', o Israel! Alla tagħna l-Mulej, il-Mulej wieħed. Hobb mela l-Mulej Alla tiegħek b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, u b'saħħtek kollha" *(Dewt 6,4-5).* Permezz tal-profeti, Alla sejjaħ lil Israel u lin-nazzjonijiet kollha biex iduru lejh, li hu Waħdu: "Duru lejja mill-ġdid, truf kollha tal-art, u intom tkunu salvi, għax jien hu Alla, u ma hemm ħadd ħliefi! ...għax quddiemi kull irkoppa tmil, bija jaħlef kull ilsien. Għalija għad jgħidu: 'Fil-Mulej waħdu hemm il-ħaqq u l-qawwa'".[2]

202 Ġesù nnifsu jwettaq li Alla hu "l-Mulej waħdu" u li għandna nħobbuh b'qalbna kollha, b'ruħna kollha, b'moħħna kollu, u bil-qawwa tagħna kollha.[3] Fl-istess ħin jagħtina x'nifhmu li hu wkoll "il-Mulej".[4] L-istqarrija li "Kristu hu l-Mulej" hi l-istqarrija proprja tal-fidi nisranija. Din l-istqarrija ma tmurx kontra l-fidi f'Alla waħdu. It-twemmin fl-Ispirtu s-Santu, "il-Mulej li jagħti l-ħajja" ma jġib ebda firda f'Alla waħdu:

> Aħna nemmnu bil-qawwa kollha u nistqarru sempliċiment li wieħed u waħdu hu l-veru Alla, bla qies u bla tibdil, ma jingħarafx, jista' kollox u tal-għaġeb, Missier, Iben u Spirtu s-Santu. Tliet Persuni, iżda essenza waħda, sustanza waħda jiġifieri natura għalkollox sempliċi.[5]

## II. Alla jirrivela ismu

203 Alla rrivela lilu nnifsu lill-poplu tiegħu Israel billi għarrafhom Ismu. L-isem ifisser l-essenza, l-identità tal-persuna u s-sens ta' ħajjitha. Alla għandu isem: mhuwiex xi qawwa bla isem, anonima. Tagħti ismek, ifisser tkun magħruf mill-oħrajn; hu b'xi mod tagħti lilek innifsek ħalli n-nies jkunu jistgħu jersqu lejk, ħalli tkun dejjem aktar magħruf intimament, ħalli jkunu jistgħu jsejħulek, personalment.

204 Alla rrivela lilu nnifsu lill-poplu tiegħu ftit ftit, taħt ismijiet diversi, iżda hi r-rivelazzjoni tal-Isem ta' Alla magħmula lil Mosè waqt it-teofanija tal-għolliq jaqbad bin-nar, fil-bidu tal-Eżodu u tal-Patt tas-Sinaj, li dehret bħala r-rivelazzjoni fundamentali għall-Patt il-Qadim u għall-Patt il-Ġdid.

ALLA L-ĦAJ

205 Alla sejjaħ lil Mosè minn nofs l-għolliq jaqbad bin-nar mingħajr ma jintemm. Alla jgħid lil Mosè: "Jien hu Alla ta' missirijietek: Alla ta' Abraham, Alla ta' Iżakk u Alla ta' Ġakobb" *(Eż 3,6),* Alla hu Alla ta'

[1] *Catechismus Romanus,* 1, 2, 2
[2] Is 45,22-24; ara Fil 2, 10-11.
[3] Ara Mk 12,29-30.
[4] Ara Mk 12,35-37.
[5] Konċ. Lateran IV (1215): Denzinger-Schonmetzer 800.

missirijietna, Dak li sejjaħ u mexxa lill-patrijarki fil-mixi tagħhom. Hu Alla fidil u ħanin li jiftakar fihom u fil-wegħdiet tiegħu; ġej biex jeħles nisilhom mill-jasar. Hu Alla li, 'l hemm mill-ispazju u ż-żmien, jista' u jrid jagħmel dan u se juża s-Setgħa kollha tiegħu biex iseħħ dan il-pjan.

"JIEN LI JIEN"

> Mosè qal lil Alla: "Ara, jiena mmur għand ulied Israel u ngħidilhom: 'Alla ta' missirijietkom bagħatni għandkom', u huma jistaqsuni, 'X'jismu?' Jien x'ngħidilhom?" Alla wieġbu: "Jien li jien", u kompla jgħidlu: "Hekk għandek tgħidilhom lil ulied Israel: 'Jaħweh... bagħatni għandkom. Dan ikun ismu għal dejjem, u dan l-isem ifakkarkom fija minn nisel għal nisel' " *(Eż 3,13-15).*

206 Huwa u juri l-isem misterjuż tiegħu (Jaħweh), "Jien dak li hu", jew "Jien dak li Jien", jew ukoll "Jien li jien", Alla qal min hu u b'liema isem għandu jissejjaħ. Dan l-isem ta' Alla hu misterjuż kif Alla nnifsu hu misteru. Hu fl-istess ħin isem rivelat u kważi ċaħda ta' isem, u hekk ifisser mill-aħjar lil Alla bħala Dak li hu, għalkollox 'il fuq minn dak kollu li nistgħu nifhmu u ngħidu: hu "Alla moħbi" *(Is 45,15),* ismu hu tal-għaġeb[1] u hu Alla li resaq qrib il-bnedmin.

207 Huwa u jirrivela ismu, Alla rrivela wkoll il-fedeltà tiegħu li hi minn dejjem u għal dejjem, kemm għall-imgħoddi ("Jien hu Alla ta' missirijietek", *Eż 3,6)* u kemm għall-ġejjieni ("Jiena nkun miegħek", *Eż 3,12).* Huwa u jgħid li ismu hu "Dak li Jien", Alla juri lilu nnifsu bħala Dak li hu dejjem hemm, qrib il-poplu tiegħu, biex isalvah.

208 Quddiem il-preżenza misterjuża ta' Alla li tiġbdu, il-bniedem jintebaħ biċ-ċokon tiegħu; quddiem l-għolliq jaqbad Mosè neħħa l-qorq u għatta wiċċu[2] għax kien qiegħed iħares lejn Alla l-Qaddis. Quddiem il-glorja ta' Alla, tliet darbiet Qaddis, Isaija qal: "Jaħasra għalija! Mitluf jien! Bniedem b'xufftejn imniġġsa jien! *(Is 6,5).* Quddiem is-sinjali li għamel Ġesù, San Pietru qal: "Tbiegħed minni, Mulej, għax jien raġel midneb" *(Lq 5,8).* Iżda għax Alla qaddis, jista' jaħfer lill-bniedem li jistqarr ruħu midneb quddiemu: "Le, ma nħaddimx il-korla mħeġġa tiegħi... għax Alla jien, u mhux bniedem, jien f'nofsok il-Qaddis" *(Hos 11,9).* L-istess jgħid l-Appostlu San Ġwann: "Quddiem Alla nserrħu l-kuxjenza tagħna u hu jaf kollox" *(1 Ġw 3,19-20).*

209 B'rispett għall-qdusija ta' Alla l-poplu ta' Israel ma kienx isemmi l-isem ta' Alla. Waqt il-qari tal-Iskrittura Mqaddsa flok l-isem rivelat ta' Alla kienu jgħidu "Mulej" ("Adonaj", bil-Grieg "Kirjos"). B'dan it-titlu ta' Mulej jixxandar li Kristu hu Alla: "Ġesù hu l-Mulej".

"ALLA TA' TJIEBA U HNIENA"

210 Wara d-dnub ta' Israel li warrab lil Alla biex iqim l-għoġol tad-deheb,[3] Alla ta widen għat-talba ta' Mosè u aċċetta li jimxi f'nofs poplu

---

[1] Ara Mħal 13,18.
[2] Ara Eż 3,5-6.
[3] Ara Eż 32.

infidil, u hekk wera mħabbtu.[1] Lil Mosè li talbu jara l-glorja tiegħu, Alla wieġbu: "Jiena ngħaddi tjubiti kollha minn quddiemek, u ngħajjat l-isem tiegħi 'Jaħweh' quddiemek" *(Eż 33,18-19).* U l-Mulej għadda quddiem Mosè u għajjat: "Jaħweh! Jaħweh! Alla li jagħder u jħenn, tqil biex jagħdab, u kbir fit-tjieba u l-fedeltà" *(Eż 34,5-6).* Mosè mbagħad jistqarr li l-Mulej hu Alla li jaħfer.[2]

211 L-isem ta' Alla "Jien hu" jew "Huwa hu" jfisser il-fedeltà ta' Alla li, minkejja d-dnub tal-bnedmin u l-kastig li ħaqqhom, "iħares it-tjieba tiegħu għal elf ġenerazzjoni".[3] Alla juri lilu nnifsu bħala "għani fil-ħniena" *(Ef 2,4)* tant li jasal biex jagħti 'l Ibnu stess. U Ġesù, huwa u jagħti ħajtu biex jeħlisna mid-dnub, juri li hu wkoll iġib l-isem ta' Alla: "Meta terfgħu 'l fuq lil Bin il-bniedem imbagħad tagħrfu li jiena hu" *(Ġw 8,28).*

ALLA BISS HU

212 Matul iż-żminijiet, il-fidi ta' Israel setgħet turi u tagħraf fil-fond l-għana kollu li hemm fir-rivelazzjoni tal-isem ta' Alla. Alla hu waħdu, ma hemmx allat oħra ħliefu.[4] Hu 'l fuq għalkollox mid-dinja u l-ġrajja tagħha. Hu li għamel is-sema u l-art: "huma jgħaddu, imma int tibqa', bħal libsa huma lkoll jiqdiemu... imma int li int tibqa', bla tmiem huma s-snin tiegħek" *(Salm 102,27-28).* Fih "ma hemm ebda tibdil, u anqas dell ta' tidwir" *(Ġak 1,17).* Hu "Dak li hu", minn dejjem u għal dejjem, u hekk jibqa' dejjem fidil fih innifsu u fil-wegħdiet tiegħu.

213 Ir-rivelazzjoni tal-Isem tal-għaġeb "Jien dak li jien" fiha l-verità li Alla biss HU. Hu f'dan is-sens li t-traduzzjoni tas-Sebgħin, u warajha t-Tradizzjoni tal-Knisja, fehmu l-isem ta' Alla; Alla hu l-milja tal-esseri u ta' kull perfezzjoni, bla bidu u bla tmiem. Waqt li l-ħlejjaq kollha rċevew mingħandu kulma huma u kulma għandhom, Hu biss hu l-esseri tiegħu nnifsu u hu minnu nnifsu dak kollu li hu.

## III. Alla, "Dak li hu", hu Verità u Mħabba

214 Alla, "Dak li hu" wera lilu nnifsu lil Israel bħala "kbir fit-tjieba u l-fedeltà" *(Eż 34,6).* Dawn iż-żewġ kelmiet juru fil-qosor l-għana kollu tal-isem ta' Alla. Fl-għemil kollu tiegħu Alla juri l-ħlewwa tiegħu, it-tjieba tiegħu, il-grazzja tiegħu, l-imħabba tiegħu, u juri wkoll il-lealtà tiegħu, il-qawwa tal-qalb tiegħu, il-fedeltà tiegħu, il-verità tiegħu. "Inroddlok ħajr għat-tjieba u l-fedeltà tiegħek.[5] Hu l-Verità għax "Alla hu Dawl u ebda dlam ma hemm fih" *(1 Ġw 1,5);* Alla hu Mħabba, kif jgħallem l-Appostlu San Ġwann.[6]

[1] Ara Eż 33,12-17.
[2] Ara Eż 34,9.
[3] Ara Eż 34,7.
[4] Ara Is 44,6.
[5] Salm 138,2; ara Salm 85,11.
[6] Ara 1 Ġw 4,8.

ALLA HU VERITÀ

215 "Is-sewwa tiegħek hu l-qofol ta' kelmtek; għal dejjem id-digrieti tal-ġustizzja tiegħek" *(Salm 119,160).* "U issa, Sidi l-Mulej, int Alla, il-kelma tiegħek hi sewwa" *(2 Sam 7,28);* għalhekk il-wegħdiet ta' Alla dejjem iseħħu.[1] Alla hu l-istess Verità, kliemu ma jqarraqx. Għalhekk nistgħu nafdaw b'fiduċja sħiħa fil-verità u fil-fedeltà ta' kelmtu f'kollox. Bidu tad-dnub u tal-waqgħa tal-bniedem kien il-gidba tat-tentatur li wasslet 'il-bniedem jiddubita mill-kelma ta' Alla, mit-tjieba u l-fedeltà tiegħu.

216 Il-verità ta' Alla hi l-għerf tiegħu li jikkmanda l-ordni tal-ħolqien u jmexxi d-dinja.[2] Alla, li waħdu ħalaq is-sema u l-art,[3] hu biss jista' jagħti għarfien veru ta' kull ħaġa maħluqa fir-relazzjoni tagħha miegħu.[4]

217 Alla hu veru wkoll meta jirrivela lilu nnifsu. It-tagħlim li jiġi mingħand Alla hu "tagħlim is-sewwa" *(Mal 2,6).* Meta ġie biex jibgħat 'l Ibnu fid-dinja, bagħtu "biex jixhed għall-Verità" *(Ġw 18,37).* "Nafu li l-Iben ta' Alla ġie u tana d-dehen biex nagħrfu 'l Alla l-veru".[5]

ALLA HU MĦABBA

218 Israel, tul il-ġrajja tiegħu, seta' jintebaħ li kien hemm raġuni waħda biss għala Alla ried jirrivela ruħu lilu u jagħżlu minn fost il-popli kollha ħa jkun il-poplu tiegħu: l-imħabba bla interess biss.[6] U Israel kellu jifhem, permezz tal-profeti, li kien ukoll għall-imħabba li Alla qatt ma waqaf li jsalvahom[7] u jaħfrilhom l-infedeltajiet tagħhom u dnubiethom.[8]

219 L-imħabba ta' Alla għal Israel nistgħu nxebbhuha mal-imħabba ta' missier għal ibnu *(Hos 11,1).* Din l-imħabba hi aqwa minn dik ta' omm għal uliedha.[9] Alla jħobb il-Poplu tiegħu aktar milli għarus iħobb il-maħbuba tiegħu;[10] din l-imħabba tegħleb l-agħar infedeltajiet;[11] tasal għall-għoti tad-don l-aktar għażiż: "Alla hekk ħabb id-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni" *(Ġw 3,16).*

220 L-imħabba ta' Alla hi "ta' dejjem" *(Is 54,8).* "Jistgħu jitħarrku l-muntanji, jitheżżu l-għoljiet, imma mħabbti minn miegħek ma titħarrikx" *(Is 54,10).* "Bi mħabba ta' dejjem ħabbejtek, għalhekk il-ħlewwa tiegħi erfajt għalik" *(Ġer 31,3).*

---

1 Ara Dewt 7,9.
2 Ara Għerf 13,1-9.
3 Ara Salm 115,15.
4 Ara Għerf 7,17-21.
5 1 Ġw 5,20; ara Ġw 17,3.
6 Ara Dewt 4,37; 7,8; 10,15.
7 Ara Is 43,1-7.
8 Ara Hos 2.
9 Ara Is 49,14-15.
10 Ara Is 62,4-5.
11 Ara Eżek 16; Hos 11.

221 Iżda San Ġwann imur aktar 'il bogħod meta jgħid: "Alla hu Mħabba" *(Ġw 4,8.16).* L-esseri stess ta' Alla hu Mħabba. Meta fil-milja taż-żminijiet bagħat l-Iben il-waħdieni tiegħu u l-Ispirtu tal-Imħabba, Alla rrivela l-misteru l-aktar moħbi tiegħu.[1] Hu fih innifsu minn dejjem ta' dejjem relazzjoni ta' mħabba: Missier, Iben u Spirtu s-Santu, u ddestinana li jkollna sehem fiha.

## IV. Safejn tasal il-fidi f'Alla waħdu

222 It-twemmin f'Alla Waħdu, u li tħobbu b'kulma int, għandhom konsegwenzi tassew kbar għal ħajjitna kollha:

223 *Ifisser tagħraf il-kobor u s-setgħa ta' Alla.* "Iva, Alla hu hekk kbir li anqas nifhmuh" *(Ġobb 36,26).* Hu għalhekk li Alla għandu jkun dak "li jiġi moqdi l-ewwel".[2]

224 *Ifisser tgħix bi spirtu ta' radd il-ħajr.* Jekk Alla hu Alla Waħdu, kulma aħna u kulma għandna ġejjin minnu: "X'għandek li ma ngħatalekx?" *(1 Kor 4,7).* "Xi nrodd lill-Mulej għall-ġid kollu li għamel miegħi?" *(Salm 116,12).*

225 *Ifisser l-għarfien tal-għaqda u d-dinjità vera tal-bnedmin kollha.* Ilkoll ġew maħluqin "fuq is-sura u x-xbieha ta' Alla" *(Ġen 1,26).*

226 *Ifisser l-użu tajjeb ta' kull ħaġa maħluqa.* Il-fidi f'Alla l-waħdieni twassalna biex nużaw kull ħaġa li mhijiex Alla skont il-qies li bih tressaqna lejn Alla, u nitbiegħdu minnha skont il-qies li bih tbegħedna minn Alla:[3]

> Mulej tiegħi u Alla tiegħi, ħudli kulma jbegħedni minnek. Mulej tiegħi u Alla tiegħi, agħtini kulma jressaqni lejk. Mulej tiegħi u Alla tiegħi, ħollni minni nnifsi biex ningħata lilek kollni kemm jien.[4]

227 *Ifisser tafda f'Alla f'kull ċirkostanza,* fit-tiġrib ukoll. Talba ta' Santa Tereża ta' Ġesù tfisser dan b'mod tassew tal-għaġeb:

> Tħalli xejn jinkwetak / Tħalli xejn ibeżżgħek,
> Kollox jgħaddi / Alla ma jinbidilx.
> Is-sabar kollox jikseb. / Min għandu lil Alla
> Xejn ma jonqsu. / Alla waħdu biżżejjed.[5]

## Fil-qosor

228 *"Isma', o Israel, Alla tagħna l-Mulej, il-Mulej waħdu..."* (Dewt 6,4; Mt 12,29). *"Hu meħtieġ li Dak li hu l-Aqwa u l-Ogħla jkun Waħdu, jiġifieri ma jkunx hemm ieħor daqsu... Jekk Alla mhux waħdu, mhux Alla".[1]*

---

[1] Ara 1 Kor 2,7-16; Ef 3,9-12.
[2] Frażi ta' Santa Ġovanna d'Arko.
[3] Ara Mt 5,29-30; 16,24; 19,23-24.
[4] San Nikola van der Flue, Talba.
[5] S. Tereża ta' Ġesù, *Poeżiji* 9 (*Poesias*, 30).

229 *Il-fidi f'Alla twassalna biex induru lejH biss bħala Dak li hu l-ewwel bidu tagħna u t-tmiem aħħari tagħna u li ma nippreferixxu 'l ħadd ħliefu jew indaħħlu 'l ħadd floku.*

230 *Alla, meta jirrivela lilu nnifsu, jibqa' misteru tal-għaġeb. "Jekk tifhmu, ma jkunx Alla".*[2]

231 *Alla li fih nemmnu wera lilu nnifsu bħala* Dak li hu: *għarraf lilu nnifsu bħala Dak li hu "kbir fit-tjieba u l-fedeltà"* (Eż 34,6). *L-Esseri tiegħu stess hi Verità u Mħabba.*

It-tieni paragrafu

## IL-MISSIER

### I. Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu

232 L-Insara jitgħammdu "fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu" *(Mt 28,19).* Iwieġbu: "Nemmen" għat-tliet mistoqsijiet li jsirulhom ħa jistqarru l-fidi tagħhom fil-Missier, fl-Iben u fl-Ispirtu s-Santu. "Il-fidi tal-Insara kollha hi fidi fit-Trinità".[3]

233 L-Insara jitgħammdu "f'isem" il-Missier u l-Iben u l-Ispirtu s-Santu u mhux "fl-ismijiet" tagħhom[4] għaliex ma hemmx ħlief Alla wieħed, il-Missier li jista' kollox u Ibnu l-waħdieni u l-Ispirtu s-Santu: it-Trinità Qaddisa.

234 Il-misteru tat-Trinità Qaddisa hu l-misteru ewlieni tal-fidi u tal-ħajja nisranija. Hu l-misteru ta' Alla fih innifsu. Hu għalhekk il-bidu tal-misteri l-oħra kollha tal-fidi, hu d-dawl li jdawwalhom. Hu t-tagħlim l-aktar fundamentali u essenzjali tal-"ġerarkija tal-veritajiet tal-fidi".[5] "Il-ġrajja kollha tas-salvazzjoni mhijiex ħlief il-ġrajja tat-triq u tal-mezzi li bihom Alla waħdu veru: il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, wera lilu nnifsu lill-bnedmin, u wara li reġgħu lura minn dnubiethom, ħabbibhom mill-ġdid u għaqqadhom miegħu".[6]

235 F'dan il-paragrafu nuru fil-qosor b'liema mod ġie rivelat il-misteru tat-Trinità Qaddisa (I), kif il-Knisja fformulat id-duttrina tal-fidi dwar dan il-misteru (II), u fl-aħħar, kif, bil-missjonijiet divini tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu, Alla l-Missier wassal għat-tmiem "il-pjan tiegħu kollu tjieba" tal-ħolqien, tal-fidwa u tal-qdusija (III).

236 Missirijiet il-Knisja jagħmlu għażla bejn "Teoloġija" u "Ojkonomija", bl-ewwel kelma fissru l-misteru tal-ħajja intima ta' Alla wieħed fi Tliet Persuni, bit-tieni kelma

[1] Tertulljan, *Adversus Marcionem* 1,3.
[2] Santu Wistin, *Sermones 52, 6*, 16; PL 38, 360.
[3] "Fides omnium Christianorum in Trinitate consistit": San Ċesarju ta' Arles, *Expositio symboli(Sermones 9);* CCL 103, 48.
[4] Ara l-istqarrija tal-fidi tal-Papa Viġilju fis-sena 552: Denzinger-Schonmetzer, 415.
[5] Kongr. għall-Kleru *Directorium Catecheticum Generale*, 43.
[6] *Ibid.* 47

fissru l-għemil kollu ta’ Alla li bih juri lilu nnifsu u jagħtina l-ħajja tiegħu. Hu permezz tal-“Ojkonomija” li ġiet irrivelata lilna t-“Teoloġija”; iżda min-naħa l-oħra, hi t-“Teoloġija” li turina fid-dawl kollu tagħha l-“Ojkonomija”. L-għemejjel ta’ Alla juru dak li hu fih innifsu; u min-naħa l-oħra, il-misteru tal-Esseri intimu tiegħu jagħti d-dawl għall-għarfien tal-għemejjel kollha tiegħu. Hekk jiġri wkoll analoġikament fost il-bnedmin. Persuna turi ruħha f’għemilha, u aħna aktar ma nagħrfu persuna aħjar, aktar nifhmu aħjar għemilha.

237 It-Trinità hi misteru tal-fidi fis-sens strett tal-kelma, wieħed mill-“misteri moħbija f’Alla, li ma setgħux ikunu magħrufin kieku ma ġewx rivelati minn Alla”.[1] Alla, iva, ħalla xi sinjali ta’ dan il-misteru fil-ħolqien u fir-Rivelazzjoni tul it-Testment il-Qadim. Iżda l-intimità tal-Esseri tiegħu bħala Trinità Qaddisa hu misteru li ma tilħqux ir-raġuni waħedha u lanqas kienet tilħqu l-fidi ta’ Israel qabel l-Inkarnazzjoni tal-Iben ta’ Alla u l-missjoni tal-Ispirtu s-Santu.

## II. Ir-Rivelazzjoni ta’ Alla bħala Trinità

IL-MISSIER MGĦARRAF MILL-IBEN

238 Ħafna reliġjonijiet isejħu ‘l Alla u jgħidulu: “Missier”. Alla spiss hu meqjus bħala “missier l-allat u l-bnedmin”. F’Israel Alla hu msejjaħ “Missier” għax ħalaq id-dinja.[2] Alla hu wisq aktar Missier minħabba l-Patt u l-għoti tal-Liġi lil Israel, “ibnu l-kbir” *(Eż 4,22).* Hu msejjaħ ukoll Missier is-sultan ta’ Israel.[3] B’mod speċjali wkoll “Missier il-foqra”, l-iltiema u r-romol li huma taħt il-ħarsien kollu mħabba tiegħu.[4]

239 Kliem il-fidi li bih insejħu lil Alla “Missier” juri prinċipalment żewġ aspetti: Alla hu l-bidu ta’ kollox u awtorità ‘l fuq minn kollox, traxxendenti; Alla hu fl-istess ħin ukoll tjieba u ħerqa kollha mħabba għal uliedu kollha. Din il-ħlewwa ta’ missier li juri Alla, tista’ tiġi mfissra wkoll bi xbieha tal-omm,[5] li turi aktar l-immanenza ta’ Alla u l-intimità li hemm bejn Alla u l-ħlejjaq tiegħu. B’hekk kliem il-fidi jinbena fuq l-esperjenza umana tal-ġenituri li b’xi mod huma l-ewwel rappreżentanti ta’ Alla għall-bniedem. Imma din l-esperjenza tgħidilna wkoll kemm huma dgħajfa l-ġenituri tal-bnedmin u għalhekk jistgħu jħassru d-dehra tal-paternità u l-maternità. Jaqbel għalhekk li niftakru li Alla hu ‘l fuq minn kull għażla bejn sess u ieħor. Alla la hu raġel u lanqas mara, imma hu Alla. Hu wkoll ‘il fuq mill-missier u l-omm tal-bnedmin, mill-paternità u l-maternità tal-bnedmin,[6] għalkemm hu l-bidu u l-qies tagħhom:[7] ebda persuna mhi missier daqs kemm hu Alla.

240 Ġesù rrivela lil Alla bħala “Missier” f’tifsir li qatt ma nstema’ bħalu: Alla huwa Missier mhux biss għax hu Ħallieq, imma hu minn dejjem ta’ dejjem Missier f’relazzjoni ma’ Ibnu l-waħdieni, li min-naħa tiegħu hu Iben minn dejjem ta’ dejjem biss f’relazzjoni ma’ Missieru: “Ħadd ma jagħraf il-Missier jekk mhux l-Iben u dak li lilu l-Iben irid jgħarrafulu” *(Mt 11,27).*

1 Konċ. Vatikan I: Denzinger-Schonmetzer, 3015.
2 Ara Dewt 32,6; Mal 2,10.
3 Ara 2 Sam 7,14.
4 Ara Salm 68,6.
5 Ara Is 66,13; Salm 131,20.
6 Ara Salm 27,10.
7 Ara Ef 3,14; Is 49,15.

241 Hu għalhekk li l-Appostli stqarrew lil Ġesù bħala "l-Verb li fil-bidu kien ma' Alla, u hu Alla" *(Ġw 1,1),* bħala "x-xbieha ta' Alla li ma jidhirx" *(Kol 1,15),* bħala "d-dija tal-glorja ta' Alla u x-xbieha tas-sustanza tiegħu" *(Lh 1,3).*

242 Warajhom, il-Knisja mxiet fuq it-tradizzjoni tal-Appostli u stqarret fis-sena 325, fl-ewwel Konċilju Ekumeniku f'Niċea, li l-Iben ta' Alla kien "tal-istess natura" tal-Missier, jiġifieri Alla wieħed miegħu. It-tieni Konċilju Ekumeniku li sar f'Kostantinopli fis-sena 381 żamm din l-espressjoni fil-formulazzjoni li ta lill-Kredu ta' Niċea u stqarr: "l-Iben Waħdieni ta' Alla, imnissel mill-Missier qabel kull żmien, dawl minn dawl, Alla veru minn Alla veru, imnissel mhux magħmul, natura waħda mal-Missier".[1]

IL-MISSIER U L-IBEN RIVELATI MILL-ISPIRTU

243 Qabel l-Għid, Ġesù ħabbar li se jintbagħat "Paraklitu (Difensur) ieħor", l-Ispirtu s-Santu. F'ħidma sa mill-ħolqien,[2] kien ġa "tkellem b'fomm il-profeti",[3] u issa se jkun mad-dixxipli u fihom[4] biex jgħallimhom[5] u jwassalhom "lejn il-verità kollha" *(Ġw 16,13).* B'hekk l-Ispirtu s-Santu jiġi rrivelat bħala Persuna divina oħra, f'relazzjoni ma' Ġesù u mal-Missier.

244 Il-bidu sa minn dejjem tal-Ispirtu s-Santu juri ruħu fil-missjoni tiegħu fiż-żmien. L-Ispirtu s-Santu ntbagħat lill-Appostli u lill-Knisja kemm mill-Missier f'isem l-Iben, u kemm mill-Iben personalment, meta reġa' lura għand il-Missier.[6] Il-miġja tal-persuna tal-Ispirtu s-Santu wara l-glorifikazzjoni ta' Ġesù[7] turi l-misteru tat-Trinità Qaddisa fil-milja kollha tiegħu.

245 Il-fidi tal-Appostli dwar l-Ispirtu stqarrha t-tieni Konċilju Ekumeniku fis-sena 381 f'Kostantinopli: "Nemmnu fl-Ispirtu s-Santu, il-Mulej li jagħti l-ħajja, li ġej mill-Missier".[8] B'dan, il-Knisja għarfet li l-Missier hu "l-għajn u l-bidu tad-divinità kollha".[9] L-oriġini minn dejjem ta' dejjem tal-Ispirtu s-Santu mhijiex madankollu mingħajr rabta ma' dik tal-Iben: "Nemmen li l-Ispirtu s-Santu, li hu t-Tielet Persuna tat-Trinità, hu Alla wieħed u l-istess mal-Missier u l-Iben, tal-istess sustanza u tal-istess natura... Iżda ma jingħadx li hu biss l-Ispirtu tal-Missier, imma li fl-istess waqt hu l-Ispirtu tal-Missier u tal-Iben".[10] Il-Kredu tal-Konċilju ta' Kostantinopli jistqarr: "Hu meqjum u mweġġaħ flimkien mal-Missier u mal-Iben".

246 It-tradizzjoni Latina tal-Kredu tistqarr li l-Ispirtu "ġej mill-Missier *u mill-Iben (Filioque)".* Il-Konċilju ta' Firenze, fl-1439, qal b'mod l-aktar ċar: "L-Ispirtu s-Santu għandu l-essenza u l-esseri tiegħu mill-Missier u mill-Iben flimkien, u ġej mill-wieħed u mill-ieħor qisu minn Prinċipju wieħed u minn ispirazzjoni waħda... U għaliex dak kollu li hu tal-Missier, barra l-esseri tiegħu ta' Missier, il-Missier stess tah lil Ibnu l-waħdieni

---

1 Denzinger-Schonmetzer, 150.
2 Ara Ġen 1,2.
3 Simbolu ta' Niċea-Kostantinopli.
4 Ara Ġw 14,17.
5 Ara Ġw 14,26.
6 Ara Ġw 14,26; 15,26; 16,24.
7 Ara Ġw 7,39.
8 Denzinger-Schonmetzer, 150.
9 Konċ. ta' Toledo VI (638): Denzinger-Schonmetzer, 490.
10 Konċ. ta' Toledo XI (675): Denzinger-Schonmetzer, 527.

meta nisslu, l-Iben ħa mingħand il-Missier, li l-Ispirtu s-Santu ġej ukoll mill-Iben".[1]

247 Il-kelma *Filioque* ma kinitx fis-simbolu li tiegħu saret l-istqarrija fis-sena 381 f'Kostantinopli. Iżda l-Papa San Ljun stqarrha dommatikament fis-sena 447[2] u bena l-istqarrija tiegħu fuq tradizzjoni antika Latina u Lixandrina, qabel stess ma Ruma kienet taf bis-Simbolu tas-sena 381, li rċevietu fis-sena 451 fil-Konċilju ta' Kalċedonja. L-użu ta' din il-formula fil-Kredu bdiet dieħla ftit ftit fil-liturġija Latina (bejn it-tmien seklu u l-ħdax-il seklu). Id-dħul tal-kelma *Filioque* fis-Simbolu ta' Niċea-Kostantinopli li sar fil-liturġija Latina, madankollu għadu llum ukoll raġuni ta' tilwim mal-knejjes Ortodossi.

248 It-tradizzjoni orjentali trid tfisser qabel kollox li l-Missier, fir-relazzjoni mal-Ispirtu s-Santu, hu l-ewwel bidu. Din it-tradizzjoni, meta tistqarr l-Ispirtu bħala "ġej mill-Missier" *(Ġw 15,26),* tkun qed tgħid li l-Ispirtu *ġej* mill-Missier *permezz* tal-Iben.[3] It-tradizzjoni tal-Punent, meta tgħid li l-Ispirtu s-Santu ġej mill-Missier u mill-Iben *(Filioque),* qabelkollox trid tfisser ix-xirka fin-natura tal-Missier u tal-Iben. Dan tgħidu b'mod leġittmu u raġjonevoli"[4] għax l-ordni minn dejjem ta' dejjem tal-Persuni divini fix-xirka tagħhom f'natura waħda, ifisser li l-Missier hu l-ewwel bidu tal-Ispirtu għax hu "bidu mingħajr bidu"[5] imma wkoll għax hu Missier l-Iben waħdieni, u hu miegħu "l-"l-bidu wieħed li minnu ġej l-Ispirtu s-Santu".[6] Din il-kumplimentarjetà leġittma, jekk wieħed ma jħarraxhiex, mhux se tolqot l-identità tal-fidi fir-realtà tal-misteru li nistqarru lkoll l-istess.

## III. It-Trinità Qaddisa fid-duttrina tal-fidi

### IL-FORMAZZJONI TAD-DOMMA TAT-TRINITÀ

249 Il-verità rivelata tat-Trinità Qaddisa kienet sa mill-bidu fl-għerq tal-fidi ħajja tal-Knisja, l-aktar permezz tal-Magħmudija. Hi mtennija fir-regola tal-fidi batteżimali u fformulata fil-predikazzjoni, il-kateketi u t-talba tal-Knisja. Xi formulazzjonijiet ta' dan il-misteru ġa nsibuhom fil-kitbiet ta' żmien l-Appostli, bħalma hi din it-tislima, li ttieħdet imbagħad mil-Liturġija ewkaristika: "Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla, u l-għaqda fl-Ispirtu s-Santu tkun magħkom ilkoll".[7]

250 Tul l-ewwel sekli, il-Knisja fittxet tifformula b'mod aktar miftuħ il-fidi fit-Trinità, kemm biex tifhem aktar fil-fond il-fidi tagħha, u kemm biex tħarisha kontra fehmiet qarrieqa li kienu jgħawġuha. Din kienet il-ħidma tal-Konċilji tal-ewwel żminijiet, megħjuna mill-ħidma teoloġika ta' Missirijiet il-Knisja, u mwettqa mis-sens tal-fidi tal-poplu nisrani.

251 Biex tifformula d-domma tat-Trinità, il-Knisja kellha tiżviluppa terminoloġija proprja bl-għajnuna ta' nozzjonijiet meħudin mill-filosofija: "sustanza", "persuna" jew "ipostasi", "relazzjoni", u l-bqija. Meta għamlet dan il-Knisja ma kenitx qiegħda tissottometti l-fidi għall-

[1] Denzinger-Schonmetzer, 1300-1301.
[2] Ara S. Ljun il-Kbir, ittra *laudabiter*, Denzinger-Schonmetzer, 284.
[3] Ara Konċ. Vatikan II, *Ad gentes,* 2.
[4] Konċ. ta' Firenze (1439): Denzinger-Shonmetzre, 850.
[5] Denzinger-Schonmetzer, 1331.
[6] Konċ. ta' Lyon II fk-1247): Denzinger-Schonmetzer, 850.
[7] 2 Kor 13,13; ara 1 Kor 12,4-6; Ef 4, 4-6.

għerf tal-bniedem, imma tat tifsir ġdid lil dawn in-nozzjonijiet li ma kellhomx qabel, u li ġew issa msejħa biex ifissru misteru tal-għaġeb, "ħafna 'l fuq minn dak kollu li nistgħu naħsbu bħala bnedmin".[1]

252 Il-Knisja tuża l-kelma "sustanza" (u xi kultant flokha tuża l-kelma "essenza" jew il-kelma "natura") biex tfisser l-esseri ta' (Dak li hu) Alla wieħed, tuża l-kelma "persuna" jew "ipostasi" biex tfisser il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu fl-għażla tassew tagħhom minn xulxin, u tuża l-kelma "relazzjoni" biex tfisser li d-distinzjoni jew l-għażla bejniethom tiġi mill-mod kif huma għal xulxin.

ID-DOMMA TAT-TRINITÀ QADDISA

253 *It-Trinità hi waħda.* Ma nistqarrux tlett allat, imma Alla wieħed fi Tliet Persuni: "It-Trinità konsustanzjali".[2] It-Tliet Persuni ma jaqsmux bejniethom in-natura waħda ta' Alla, imma kull waħda mill-Persuni hi Alla kollha kemm hi. "Il-Missier hu dak l-istess li hu l-Iben, l-Iben dak l-istess li hu l-Missier, il-Missier u l-Iben dak l-istess li hu l-Ispirtu s-Santu, jiġifieri Alla wieħed fin-natura tiegħu".[3] "Kull waħda mit-Tliet Persuni hi din ir-realtà, jiġifieri huma sustanza, essenza jew natura waħda".[4]

254 *It-Tliet Persuni huma tassew magħżulin minn xulxin.* "Alla hu wieħed, iżda mhux ta' waħdu, solitarju".[5] "Il-Missier", "l-Iben", "l-Ispirtu Ispirtu s-Santu" mhumiex biss ismijiet li jfissru suriet jew modalitajiet tal-esseri ta' Alla, għaliex huma tassew magħżulin minn xulxin. "Dak li hu l-Iben mhux il-Missier, u dak li hu l-Missier mhux l-Iben, u dak li hu l-Ispirtu s-Santu mhuwiex dak li hu l-Missier jew l-Iben".[6] Huma magħżulin minn xulxin mill-mod tal-bidu tagħhom: "Hu l-Missier li jnissel, hu l-Iben li jitnissel, u hu l-Ispirtu s-Santu li jiġi".[7] *Alla wieħed hu hu Trinità.*

255 *Il-Persuni divini huma relattivi għal xulxin.* L-għażla tassew tat-Tliet Persuni minn xulxin ma taqsamx lil Alla wieħed fi tlieta, għaliex l-għażla tat-Tliet Persuni bejniethom tiġi biss mir-relazzjonijiet tat-Tliet Persuni ma' xulxin. "Fl-ismijiet relattivi tat-Tliet Persuni, il-Missier jissejjaħ hekk b'relazzjoni mal-Iben u l-Iben b'relazzjoni mal-Missier, u l-Ispirtu s-Santu b'relazzjoni mat-tnejn; meta nitkellmu dwar dawn ir-relazzjonijiet ngħidu li l-Persuni huma Tlieta, imma nemmnu li huma natura jew sustanza waħda".[8] "Kollox hu wieħed (fihom), fejn ma hemmx relazzjoni kontra oħra".[9] "Għax kollox hu wieħed fihom: il-Missier hu kollu fl-Iben, kollu fl-Ispirtu s-Santu; l-Iben hu kollu fil-

[1] Pawlu VI, Kredu tal-Poplu ta' Alla, 2.
[2] Konċ. ta' Kostantinopli II (553); Denzinger-Schonmetzer, 421.
[3] Konċ. ta' Toledo XI (675): Denzinger-Schonmetzer, 530.
[4] Konċ. Lateran IV (1215): Denzinger-Schonmetzer, 804 .
[5] *Fides Damasi* Denzinger-Schonmetzer, 71.
[6] Konċilju ta' Toledo XI (675): Denzinger-Schonmetzer, 530.
[7] Konċ. Lateran IV (!215): Denzinger-Schonmetzer, 804.
[8] Konċ. ta' Toledo XI (675): Denzinger-Schonmetzer, 528.
[9] Konċ. ta' Firenze (1442): Denzinger-Schonmetzer, 1330.

Missier, kollu fl-Ispirtu s-Santu; l-Ispirtu s-Santu hu kollu fil-Missier, kollu fl-Iben".[1]

256 Lill-katekumeni ta' Kostantinopli San Girgor Nazjanzenu, imsejjaħ ukoll "it-Teologu", fdalhom din l-istqarrija fil-qosor tal-fidi fit-Trinità:

> Qabel kollox ħarsuli dan il-ġid li qed nafdalkom, li għalih qed ngħix u nitqabad, li bih nixtieq immut, li jagħtini niflaħ id-deni kollu u nistmerr kull pjaċir: jiġifieri l-istqarrija tal-fidi fil-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu. Illum qed nafdahulkom. Hu b'din l-istqarrija li jien dalwaqt se nniżżilkom fl-ilma u nerfagħkom minnu. Nagħtihielkom b'sieħba u patruna li tħariskom tul ħajjitkom kollha. Nagħtikom Alla wieħed, Setgħa waħda, Alla wieħed fi Tliet Persuni, Tlieta magħżulin minn xulxin, Divinità mingħajr naturi jew sustanzi mhux indaqs, mingħajr xi żieda li tkabbar jew nuqqas li jċekken... Hi l-unità infinita ta' Tlett infiniti: Alla kollu kemm hu kull wieħed fih innifsu, imma Alla wieħed fi Tliet Persuni meqjusin flimkien. Ma nkunx għadni bdejt naħseb fuq it-Trinità meta nsib ruħi maħtuf mill-misteru ta' Alla wieħed.[2]

## IV. L-opri ta' Alla u l-missjonijiet Trinitarji

257 "Alla wieħed tliet Persuni; dawl qaddis li jdawwal kollox!".[3] Alla hu l-hena ta' dejjem, ħajja li tibqa' għal dejjem, dawl li ma jintemm qatt. Alla hu mħabba: Missier, Iben u Spirtu s-Santu. Alla minn rajh, b'mod ħieles, irid jagħti s-sebħ tal-ħajja hienja tiegħu. Dan huwa "l-pjan kollu mħabba" *(Ef 1,4-5)* li Alla ħejja qabel il-ħolqien tad-dinja b'Ibnu l-Maħbub, "iddestinana li nkunu għalih ulied adottivi permezz ta' Ġesù Kristu" *(Ef 1,4-5),* "nieħdu s-sura fuq ix-xbieha ta' Ibnu" *(Rum 8,29)* permezz tal-Ispirtu li jagħmel minna wlied adottivi" *(Rum 8,15).* Dan il-pjan huwa "grazzja li tahielna qabel iż-żmien tal-eternità" *(2 Tim 1,9-10),* ġejja direttament mill-imħabba tat-Trinità. Turi ruħha fl-opra tal-ħolqien, fil-ġrajja kollha tas-salvazzjoni wara l-waqgħa, fil-missjoni tal-Iben, u fil-missjoni tal-Ispirtu, u tkompli fil-missjoni tal-Knisja.[4]

258 L-Ekonomija kollha ta' Alla hi opra tat-Tliet Persuni flimkien. Għax f'Alla m'hemmx ħlief natura waħda: it-Trinità m'għandhiex ħlief l-istess ħidma waħda.[5] "Il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu mhumiex tliet tliet prinċipji tal-ħlejjaq, imma prinċipju jew bidu wieħed".[6] Iżda kull Persuna tagħmel il-ħidma waħda ta' lkoll skont dak li hi personalment. Għalhekk il-Knisja tistqarr, mat-Testment il-Ġdid: "Alla hu Missier li minnu ġej kollox, Mulej Ġesù li permezz tiegħu sar kollox, u Spirtu s-Santu li fih hemm kollox".[7] Huma l-missjoni divina tal-Inkarnazzjoni tal-Iben, u l-missjoni divina tad-don tal-Ispirtu s-Santu li juru x'għandhom tagħhom it-Tliet Persuni divini.

---

[1] Konċ. ta' Firenze (1442): Denzinger-Schonmetzer, 1331.
[2] San Girgor Nazjanzenu, *Orationes*, 40,41; PG 36, 417.
[3] Liturġija tas-Sigħat, innu tat-II Għasar tal-Ħdud tat-II u r-IV ġimgħa.
[4] Konċ. Vatikan II, *Ad gentes*, *2-9*.
[5] Ara Konċ. ta' Kostantinopli II (553): Denzinger-Schonmetzer, 421.
[6] Konċ. ta' Firenze (1442): Denzinger-Schonmetzer, 1331.
[7] Konċ. ta' Kostantinopli II (553): Denzinger-Schonmetzer, 421. Ara 1 Kor 8,6.

259 L-Ekonomija kollha ta' Alla, ħidma fl-istess ħin komuni u personali tat-Tliet Persuni divini, turina kemm dak li hu ta' kull Persuna divina u kemm dak li hu tan-natura waħda tagħhom. Il-ħajja nisranija kollha wkoll hi xirka ma' kull waħda mit-Tliet Persuni divini, mingħajr ma tifridhom b'ebda mod minn xulxin. Kull min jagħti glorja lill-Missier, jagħtiha bl-Iben u fl-Ispirtu s-Santu; min jimxi wara Kristu, jagħmel dan għax jiġbdu l-Missier[1] u jmexxih l-Ispirtu.[2]

260 L-għan aħħari tal-Ekonomija kollha ta' Alla hu d-dħul tal-ħlejjaq kollha fl-għaqda perfetta tat-Trinità Qaddisa.[3] Minn issa aħna msejħa biex it-Trinità Qaddisa tgħammar fina. "Jekk xi ħadd iħobbni, jgħid il-Mulej, iħares kelmti u Missieri jħobbu, u aħna niġu għandu, u ngħammru għandu" *(Ġw 14,23)*:

> O Alla tiegħi, Trinità li nqim, għinni ninsa għalkollox lili nnifsi biex ngħammar fik, fis-sod u fis-sliem qisha ruħi ġa qiegħda fl-eternità; jalla xejn ma jkun jista' jtellifli s-sliem jew jġegħelni nitbiegħed minnek, o Alla tiegħi li fik mhemmx tibdil, iżda kull minuta teħodni aktar 'il bogħod fil-fond tal-misteru tiegħek! Agħti s-sliem lil ruħi. Agħmilha l-ġenna tiegħek, l-għamara għażiża tiegħek, u l-post tal-mistrieħ tiegħek. Jalla ma nħallik qatt waħdek, imma nkun hemm jien, kollni kemm jien, dejjem nishar fil-fidi tiegħi, dejjem inqimek, dejjem mogħtija għall-ħidma ħallieqa tiegħek.[4]

## Fil-qosor

261 *Il-misteru tat-Trinità Qaddisa hu l-misteru ewlieni tal-fidi u l-ħajja nisranija. Alla biss jista' jgħarrafna dan il-misteru, huwa u juri lilu nnifsu bħala Missier, Iben u Spirtu s-Santu.*

262 *L-Inkarnazzjoni tal-Iben ta' Alla tirrivela li Alla hu l-Missier ta' dejjem u minn dejjem, u li l-Iben hu l-istess natura tal-Missier, jiġifieri li hu fih u miegħu l-istess Alla wieħed.*

263 *Il-missjoni tal-Ispirtu s-Santu, mibgħut mill-Missier f'isem l-Iben*[5] *u mill-Iben "mingħand il-Missier" (Ġw 15,26), jirrivela li hu magħhom l-istess Alla wieħed. "Hu meqjum u mweġġaħ flimkien mal-Missier u mal-Iben".*

264 *"L-Ispirtu s-Santu ġej mill-Missier għax hu l-ewwel bidu, u ġej mill-Missier u mill-Iben f'xirka flimkien, minħabba d-don minn dejjem ta' dejjem tal-Missier lill-Iben".*[6]

265 *Bil-grazzja tal-Magħmudija "fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu", aħna msejħin biex nissieħbu fil-ħajja tat-Trinità Qaddisa,*

[1] Ara Ġw 6,44.
[2] Ara Rum 8,14.
[3] Ara Ġw 17,21-23.
[4] Talba tal-Beata Eliżabetta tat-Trinità.
[5] Ara Ġw 14,20.
[6] Santu Wistin, *De Trinitate*, 15, 26, 47.

*hawn fid-dinja fid-dalma tal-fidi, u 'l hemm mill-mewt, fid-dawl ta' dejjem.*[1]

266 *"Din hi l-fidi kattolika li nqimu Alla wieħed fi Tliet Persuni. Tliet Persuni f'Alla wieħed, mingħajr ma nħawdu ma' xulxin il-Persuni u lanqas naqsmu n-natura divina: waħda hi l-Persuna tal-Missier, waħda dik tal-Iben, u waħda dik tal-Ispirtu s-Santu, iżda l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu huma Alla wieħed, indaqs fil-glorja u setgħa waħda għal dejjem ta' dejjem".*[2]

267 *It-Tliet Persuni mhumiex magħżulin minn xulxin f'dak li huma, u lanqas f'dak li jagħmlu. Iżda fil-ħidma waħda ta' Alla, kull Persuna turi dak li hu proprju tagħha fit-Trinità, l-aktar fil-missjoni divina tal-Inkarnazzjoni tal-Iben u fil-missjoni divina tad-don tal-Ispirtu s-Santu.*

It-tielet paragrafu

## ALLA LI JISTA' KOLLOX

268 Mill-attributi kollha ta' Alla, is-Simbolu jsemmi biss li Alla jista' kollox: din l-istqarrija hi ta' importanza kbira għal ħajjitna. Nemmnu li din is-setgħa ta' Alla hi *universali,* għax Alla ħalaq kollox,[3] imexxi kollox, u jista' kollox. Hi setgħa *kollha mħabba,* għax Alla Missierna.[4] Hi setgħa misterjuża, għax il-fidi biss tista' tagħrafha meta "tidher fejn hemm id-dgħajjef".[5]

"HU JAGĦMEL KULMA JOGĦĠBU" (SALM 115,3)

269 L-Iskrittura Mqaddsa ta' spiss tistqarr is-setgħa *universali* ta' Alla. Jissejjaħ "il-Qawwi ta' Ġakobb.[6] "Il-Mulej tal-eżerċti", "il-Mulej Setgħan u u Qawwi" *(Salm 24,8-10).* Jekk Alla jista' kollox "fis-smewwiet u fuq l-art" *(Salm 135,6)* dan għaliex hu ħalaqhom. Għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir[7] u kulma jagħmel, jagħmel li jrid bih;[8] hu sid l-univers kollu u tah ordni li jiddependi għalkollox minnu u joqgħod għar-rieda tiegħu, Hu l-Imgħallem tal-istorja: imexxi l-qlub u l-ġrajjiet kif jogħġob lilu:[9] "Int dejjem għandek setgħa kbira, u min jista' jeħodha kontra s-setgħa ta' driegħek?" *(Għerf 11,21).*

"INT THENN GHAL KULHADD GHAX TISTA' KOLLOX" (GĦERF 11,23)

270 Alla hu l-*Missier* li jista' kollox. Il-paternità u s-setgħa tiegħu idawlu 'l xulxin. Hu juri s-setgħa kollha tiegħu ta' Missier bil-mod kif

[1] Ara Pawlu VI, Kredu tal-Poplu ta' Alla, 9.
[2] Is-Simbolu: *"Quicumque",* Denzinger-Schonmetzer, 75.
[3] Ara Ġen 1,1; Ġw 1,3.
[4] Ara Mt 6,9.
[5] 2 Kor 12,9; ara Kol 1,18.
[6] Ġen 49,24; Is 1,24; u l-bqija.
[7] Ara Ġen 32,17; Lq 1,37.
[8] Ara Ġen 27,5.
[9] Ara Est 4,176; Salm 21,1; Tob 13,2.

jieħu ħsieb il-ħtiġijiet tagħna kollha;[1] bl-adozzjoni ta' wlied li jagħtina ("Inkun għalikom Missier, u intom tkunu għalija wlied, subien u bniet, jgħid il-Mulej, li jista' kollox"- *2 Kor 6,18);* u fl-aħħar nett, bil-ħniena bla qies tiegħu, għax hu juri s-setgħa tiegħu fil-qofol tagħha meta minn rajh jaħfer id-dnubiet.

271 Is-setgħa ta' Alla li jista' kollox bl-ebda mod mhi arbitrarja. "F'Alla, is-setgħa u l-essenza, ir-rieda u l-intelliġenza, l-għerf u l-ġustizzja, huma kollha l-istess ħaġa waħda, hekk li xejn ma jista' jkun hemm fis-setgħa tiegħu li ma jistax ikun fir-rieda ġusta tiegħu jew fl-għerf tal-intelliġenza tiegħu".[2]

IL-MISTERU TAL-FATT LI XI KULTANT ALLA JIDHER
LI MA JISTA' JAGĦMEL XEJN

272 Il-fidi f'Alla l-Missier, li jista' kollox, tista' tgħaddi minn prova minħabba t-tiġrib tad-deni u tat-tbatija. Xi kultant Alla jidher assenti u ma jista' jagħmel xejn biex iwaqqaf id-deni. Issa, Alla l-Missier irrivela s-setgħa tiegħu bla qies b'mod l-aktar *misterjuż* meta Ibnu minn rajh ċekken u xejjen lilu nnifsu u mbagħad qam mill-imwiet, u hekk rebaħ kull ħażen. B'dan il-mod Kristu msallab hu "l-qawwa u l-għerf ta' Alla, għax il-bluha ta' Alla hija għarfa aktar mill-bnedmin, u d-dgħufija ta' Alla hi aqwa mill-bnedmin" *(1 Kor 1,24-25).* Hu fil-qawmien mill-imwiet u fil-glorifikazzjoni ta' Kristu li l-Missier "wera l-qawwa kbira tiegħu" u għarraf "x'inhu l-kobor bla qies tas-setgħa tiegħu fina li emminna" *(Ef 1,19-22).*

273 Bil-fidi biss nistgħu nagħrfu t-triqat misterjużi tas-setgħa bla qies ta' Alla. Din il-fidi tifraħ bid-dgħufija tagħha biex tiġbed fuqha s-setgħa ta' Kristu.[3] Il-Verġni Marija hi l-ogħla eżempju ta' din il-fidi; hi li emmnet li "għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir" *(Lq 1,37)* u li faħħret lill-Mulej: "Is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar: qaddis hu l-isem tiegħu" *(Lq 1,49).*

274 "Ma hemm ebda ħaġa li tiswa biex twettaq il-fidi u t-tama tagħna, milli nżommu sewwa fil-fehma tagħna li m'hemm xejn li ma jistax isir minn Alla. Imbagħad kulma jeħtiġilna nemmnu, għalkemm kbir u tal-għaġeb u 'l fuq mill-ordni tan-natura, ir-raġuni tagħna l-bnedmin malajr taċċettah, wara li tkun għarfet 'l Alla li jista' kollox.[4]

## Fil-qosor

275 *Ma' Ġobb, il-bniedem ġust, nistqarru "Jien naf li kollox tista', u ebda ħsieb għalik mhu tqil"* (Ġobb 42,2).

---

[1] Ara Mt 6,32.
[2] San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae*, 1, 25, 5 ad 1.
[3] Ara 2 Kor 12,9; Fil 4,13.
[4] *Catechismus Romanus*, 1, 2, 13.

276 *Il-Knisja, b'fedeltà sħiħa lejn l-Iskrittura, spiss titlob 'l Alla ta' dejjem li jista' kollox"* ("Omnipotens sempiterne Deus...") *u temmen bil-qawwa kollha li "għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir"* (Ġen 18,14; Lq 1,37; Mt 19,26).

277 *Alla juri s-setgħa kollha tiegħu huwa u jreġġagħna lura minn dnubietna u bil-grazzja tiegħu jerġa' jħabbibna miegħu ("O Alla, int tagħtina l-aqwa xhieda tas-setgħa tiegħek bla tarf billi taħfrilna u tħenn għalina...").*[1]

278 *Jekk ma nemmnux li l-imħabba ta' Alla tista' kollox, kif nistgħu nemmnu li l-Missier seta' jaħlaqna, l-Iben jifdina, u l-Ispirtu s-Santu jqaddisna?*

Ir-raba' paragrafu

## IL-ĦALLIEQ

279 "Fil-bidu Alla ħalaq is-sema u l-art" *(Ġen 1,1).* L-Iskrittura tibda b'dan il-kliem tassew solenni. Is-simbolu tal-fidi jieħu dan il-kliem biex jistqarr li Alla li jista' kollox, hu dak "li ħalaq is-sema u l-art", "dak kollu li jidher u dak li ma jidhirx". Nitkellmu l-ewwel fuq il-ħallieq, imbagħad fuq il-ħolqien, u fl-aħħar fuq il-waqgħa fid-dnub li biex isalvana minnu, ġie Ġesù Kristu, l-Iben ta' Alla.

280 Il-ħolqien hu l-pedament tal-"pjan kollu ta' Alla għas-salvazzjoni", "il-bidu tal-ġrajja tas-salvazzjoni"[2] li tilħaq il-qofol tagħha fi Kristu. Min-naħa l-oħra, il-misteru ta' Kristu jdawwal b'mod tassew ċar il-misteru tal-ħolqien: juri għaliex "fil-bidu Alla ħalaq is-sema u l-art" *(Ġen 1,1):* mill-bidu Alla kellu fi ħsiebu s-sebħ ta' ħolqien ġdid fi Kristu.[3]

281 Hu għalhekk li l-qari tal-Vġili tal-Għid, li tiċċelebra l-ħolqien ġdid fi Kristu, jibda bit-tħabbira tal-ħolqien. Hekk ukoll, fil-liturġija Biżantina t-tħabbira tal-ħolqien hi dejjem l-ewwel lezzjoni tal-Vġejjel tal-festi kbar tal-Mulej. Skont ix-xhieda tal-antiki, it-tħejjija tal-katekumeni għall-Magħmudija kienet tibda wkoll bil-ġrajja tal-ħolqien.[4]

### I. Il-Katekeżi tal-ħolqien

282 Il-katekeżi tal-ħolqien għandha importanza kapitali. Hi dwar is-sisien stess tal-ħajja tal-bniedem u tal-ħajja nisranija, għax turi ċar x'inhi t-tweġiba tal-fidi nisranija għall-mistoqsija li l-bnedmin ta' kull żmien jagħmlu lilhom infushom: "Aħna mnejn ġejjin?" "Fejn sejrin?" "X'inhu l-bidu tagħna?" "X'inhu t-tmiem tagħna?" "Minn fejn ġej u fejn

[1] "*Deus, qui imnipotentiam tuam parcendo maxime et miserando manifestas*" (Missal Ruman, Kolletta tas-26 Ħadd tas-sena).
[2] Kongr. għall-Kleru, *Directorium Catecheticum Generale,* 51.
[3] Ara Rum 8,18-29.
[4] Ara Eteria *Peregrinatio ad loca sancta,* 46 PLS 1, 1047; Santu Wistin, *De catechizandis rudibus,* 3,5.

sejjer kulma hawn?" Iż-żewġ problemi, il-problema tal-bidu u dik tat-tmiem, ma jinfirdux minn xulxin. Huma deċiżjonijiet li jiddeterminaw is-sens kollu u d-direzzjoni ta' ħajjitna u ta' għemilna.

283 Il-problema tal-bidu tad-dinja u tal-bniedem kienet is-suġġett ta' ħafna riċerki xjentifiċi li għanu b'mod tassew tal-għaġeb it-tagħrif tagħna dwar iż-żmien u l-kobor tal-univers, dwar kif żviluppat il-ħajja, dwar id-dehra tal-bniedem fid-dinja. Dawn l-iskoperti jistednuna biex nistagħġbu dejjem aktar bil-kobor tal-Ħallieq, inroddulu ħajr għall-għemil kollu tiegħu, u għall-intelliġenza u l-għerf li ta lill-għorrief u lil dawk dedikati għar-riċerka. Ma' Salamun, dawn jistgħu jgħidu: "Hu li tani tagħrif bla qerq ta' kulma hawn, li nagħraf kif inhi d-dinja u l-qawwa tal-elementi tagħha... għax għallimhomli l-għerf, li għamel kollox" *(Għerf 7,17-21).*

284 L-interess kbir f'din ir-riċerka hu mkebbes sewwa minn problema oħra, li hi 'l fuq mill-qasam proprju tax-xjenzi naturali. Il-problema mhijiex biss li nkunu nafu meta u kif materjalment beda l-univers, lanqas meta deher il-bniedem fid-dinja, imma l-problema hi li nkunu nafu xi jfisser dan il-bidu: jekk sarx kumbinazzjoni, jekk kienx xi pjan bla ebda ħsieb, jew xi ħaġa li bilfors kellha ssir minn rajha, jew sarx minn Esseri traxxendenti 'l fuq minn kollox, intelliġenti u kollu tjieba, li jissejjaħ Alla. U jekk id-dinja hi għemil l-għerf u t-tjieba ta' Alla, għaliex hawn il-ħażen u d-deni? Dan minn fejn ġej? Min hu responsabbli għalih? Hemm xi mod li neħilsu minnu?

285 Sa mill-bidu l-fidi nisranija ltaqgħet ma' tweġib li ma jaqbilx mat-tweġib tagħha għall-problema tal-bidu ta' kollox. Hekk insibu fir-reliġjonijiet u l-kulturi tal-imgħoddi mbiegħed ħafna miti dwar dan il-bidu. Xi filosofi qalu li kollox hu Alla, li d-dinja hi Alla, jew li l-iżvilupp u l-kobor tad-dinja hu l-iżvilupp u l-kobor ta' Alla (panteiżmu). Oħrajn qalu li d-dinja ħarġet bilfors minn Alla, faret minn din in-nixxiegħa li hu Alla, u terġa' lura lejha. Oħrajn imbagħad waslu biex jgħidu li hemm żewġ prinċipji eterni, it-Tajjeb u l-Ħażin, id-Dawl u d-Dlam, fi ġlieda dejjem sejra bejniethom (dualiżmu, manikeiżmu). Skont uħud minn dawn il-fehmiet, id-dinja (almenu d-dinja materjali) hi ħażina, frott ta' waqgħa, u għalhekk trid titwarrab jew wieħed irid jintrefa' 'l fuq minnha (anjosis). Oħrajn jgħidu li d-dinja ħalaqha Alla, imma bħala arluġġar li wara li jagħmel arloġġ jitilqu waħdu għalkollox bla ma jimpurtah xejn iżjed minnu (deiżmu). Oħrajn fl-aħħar nett ma jammettux bidu traxxendenti tad-dinja, imma jgħidu li hi żvilupp biss ta' materja li kienet minn dejjem (materjaliżmu). Dawn it-tentattivi kollha huma xhieda kemm il-problema tal-bidu tad-dinja hi mxerrda ma' kullimkien. Hi problema proprju tal-bniedem.

286 Bl-intelliġenza tiegħu l-bniedem ma jistax isib tweġiba għall-problema tal-bidu tad-dinja. L-eżistenza ta' Alla l-ħallieq tista' tingħaraf żgur mill-għemil tiegħu bid-dawl tar-raġuni tal-bniedem,[1] ukoll jekk dan l-għarfien hu spiss imdallam u mgħawweġ mill-iżball. Hu għalhekk li l-fidi twettaq u ddawwal ir-raġuni biex tifhem sewwa din il-verità. "Permezz tal-fidi aħna nemmnu li d-dinja nħolqot bil-kelma ta' Alla, hekk li minn dak li ma jidhirx sar dak li jidher" *(Lh 11,3).*

287 Il-verità tal-ħolqien hi tant importanti għall-ħajja tal-bniedem li Alla, fit-tjieba tiegħu, ried jirrivela lill-poplu tiegħu dak li jkun ta' ġid li jagħraf dwar din il-verità. Barra mit-tagħrif naturali li l-bniedem jista' jkollu tal-Ħallieq,[2] Alla ftit ftit irrivela lil Israel il-misteru tal-ħolqien. Alla li għażel il-patrijarki, li ħareġ lil Israel mill-Eġittu, li ħalqu u sawru wara li għażlu,[3] irrivela lilu nnifsu bħala dak li tiegħu huma l-popli

[1] Konċ. Vatikan I, Denzinger-Schonmetzer, 3026.
[2] Ara Atti 17,24-29; Rum 1,19-20.
[3] Ara Is 43,1.

kollha tal-art, id-dinja kollha, bħala dak "li għamel is-sema u l-art" *(Salm 115,15; 124,8; 134,3).*

288 B'dan il-mod ir-rivelazzjoni tal-ħolqien ma tistax tinfired mir-rivelazzjoni u mit-twettiq ta' Patt is-sħuħija ta' Alla, il-Waħdieni, mal-Poplu tiegħu. Il-ħolqien jintwera bħala l-ewwel pass lejn dan il-Patt, bħala l-ewwel xhieda universali tal-imħabba ta' Alla li jista' kollox.[1] B'hekk, il-verità tal-ħolqien titfisser b'qawwa dejjem akbar fit-tħabbir tal-profeti,[2] fit-talb tas-Salmi[3] u fil-liturġija, u fil-ħsieb dwar l-għerf[4] tal-poplu magħżul ta' Alla.

289 Fost il-kliem kollu tal-Iskrittura Mqaddsa fuq il-ħolqien, l-ewwel tliet kapitli tal-Ġenesi għandhom post għalihom. Fl-aspett letterarju tagħhom dawn il-kapitli setgħu ġew minn għejjun diversi. Il-kittieba ispirati qegħduhom fil-bidu tal-Iskrittura biex, bil-kliem solenni tagħhom, ifissru l-veritajiet tal-ħolqien, il-bidu u t-tmiem tiegħu f'Alla, l-ordni u t-tjieba tiegħu, il-vokazzjoni tal-bniedem, u fl-aħħar nett id-dramm tad-dnub u t-tama tas-salvazzjoni. Meta jinqraw fid-dawl ta' Kristu, b'rabta sħiħa mal-Iskrittura kollha u mat-Tradizzjoni ħajja tal-Knisja, dan il-kliem jibqa' l-għajn ewlenija għall-katekeżi dwar il-misteri tal-"bidu": ħolqien, waqgħa, wegħda ta' salvazzjoni.

## II. Il-ħolqien: għemil tat-Trinità Qaddisa

290 "Fil-bidu Alla ħalaq is-sema u l-art". B'dawn l-ewwel kelmiet tal-Iskrittura jingħadu tlett affarijiet: Alla ta' dejjem ta bidu lil dak kollu li hu barra minnu, hu biss il-Ħallieq (il-verb "toħloq", bil-Lhudi "bara" għandu dejjem Alla bħala suġġett). Kulma jeżisti (imfisser bil-kliem "is-sema u l-art") jiddependi minn min tah l-eżistenza.

291 "Fil-bidu kien il-Verb... u l-Verb kien Alla... kollox bih sar, u xejn ma sar mingħajru" *(Ġw 1,1-3).* It-Testment il-Ġdid jurina li Alla ħalaq kollox bil-Verb etern tiegħu, b'Ibnu l-għażiż. "Fih kien maħluq kollox, fis-sema u fl-art... kollox bih u għalih kien maħluq, hu li hu qabel kollox, u li kollox fih qiegħed iżomm" *(Kol 1,16-17).* Il-fidi tal-Knisja tistqarr ukoll il-ħidma tal-Ispirtu s-Santu fil-ħolqien: hu "l-Ispirtu li jagħti l-ħajja",[5] "Spirtu ħallieq",[6] "Għajn ta' kull ġid".[7]

292 Mogħti ħjiel tagħha fit-Testment il-Qadim[8] u rrivelata fil-Patt il-il-Ġdid, il-ħidma tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu fil-ħolqien, ħidma li bl-ebda mod ma tinfired minn dik tal-Missier, hi mtennija b'mod l-aktar ċar fir-regola tal-fidi tal-Knisja: "M'hemmx ħlief Alla wieħed... hu l-

[1] Ara Ġen 15,5; Ġen 33,19-26.
[2] Ara Is 44,24.
[3] Ara Salm 104.
[4] Ara Prov 8,22-31.
[5] Simbolu ta' Niċea-Kostantinopli.
[6] Liturġija tas-Sigħat, innu "Veni Creator Spiritus".
[7] Liturġija Biżantina, troparju tal-Għasar ta' Għid il-Ħamsin.
[8] Ara Salm 33,6; 104,30; Ġen 1,2-3.

Missier Alla li għamel u ħalaq kollox, u ordna kollox. Għamel kollox *bih innifsu* jiġifieri bil-Verb u l-Għerf tiegħu",[1] "bl-Iben u l-Ispirtu" li qishom kienu "idejh".[2] Il-ħolqien hu għemil flimkien tat-Tliet Persuni tat-Trinità Trinità Qaddisa.

## III. Id-dinja nħalqet għall-glorja ta' Alla

293 Hi verità fundamentali li l-Iskrittura u t-Tradizzjoni ma jieqfu qatt jgħallmu u jiċċelebraw: "Id-dinja nħalqet għall-glorja ta' Alla".[3] Alla ħalaq kollox, ifissrilna San Bonaventura, "mhux biex ikattar il-glorja tiegħu, imma biex juri l-glorja tiegħu u biex jagħtiha".[4] Alla ma għandux raġuni biex joħloq ħlief l-imħabba u t-tjieba tiegħu: "il-ħlejjaq ħarġu meta fetaħ idu bil-muftieħ tal-imħabba".[5] U l-Konċilju Vatikan I ifisser dan:

> Alla waħdu veru, fit-tjieba tiegħu u bil-qawwa tas-setgħa bla qies tiegħu, mhux biex ikattar l-hena tiegħu, mhux biex jikseb imma biex juri l-perfezzjoni tiegħu permezz tal-ġid li jagħti lill-ħlejjaq tiegħu, bi pjan mill-aktar ħieles, sa mill-bidu taż-żmien ħalaq mix-xejn, ħlejjaq u ħlejjaq, kemm ħlejjaq spiritwali u kemm ħlejjaq korporali.[6]

294 Hi l-glorja ta' Alla li sseħħ b'din il-manifestazzjoni u din il-komunikazzjoni tat-tjieba tiegħu: għalhekk inħalqet id-dinja. Li nkunu għalih "ulied adottivi permezz ta' Ġesù Kristu, hekk għoġob lir-rieda tiegħu għat-tifħir tal-glorja tal-grazzja tiegħu" *(Ef 1,5-6). "*Hu glorja ta' Alla l-bniedem ħaj, u hi l-viżjoni ta' Alla l-ħajja tal-bniedem. Jekk ir-rivelazzjoni ta' Alla permezz tal-ħolqien kienet biżżejjed biex tagħti l-ħajja lill-ħlejjaq kollha tal-art, kemm aktar ir-rivelazzjoni tal-Missier permezz tal-Verb tagħti l-ħajja lil dawk li jaraw 'l Alla".[7] L-għan aħħari tal-ħolqien hu "Alla, li ħalaq kollox biex ikun kollox f'kollox" *(1 Kor 15,28),* u hekk fl-istess waqt jikseb il-glorja tiegħu u l-hena tagħna.

## IV. Il-Misteru tal-ħolqien

ALLA HALAQ B'GHERF U MHABBA

295 Aħna nemmnu li Alla ħalaq id-dinja bl-għerf tiegħu.[8] Id-dinja ma saritx għax kellha ssir bilfors minnha nfisha, jew għax hekk kien id-destin bla raġuni tagħha, jew għax saret b'kumbinazzjoni, addoċċ u bla ħsieb. Aħna nemmnu li d-dinja saret bir-rieda ħielsa ta' Alla li ried isieħeb il-ħlejjaq tiegħu fl-esseri, l-għerf u t-tjieba tiegħu: "Għax int ħlaqt

---

[1] San Irinew, *Adversus haereses* 2, 30, 9
[2] *Ibid.*, 4, 20, 1.
[3] Konċ. Vatikan I: Denzinger-Schonmetzer, 3025.
[4] "*Non propter gloriam augendam, sed propter gloriam manifestandam, et propter gloriam communicandam.*" San Bonaventura, *In libros Sententiarum 2*, 1, 2, 2, 1.
[5] San Tumas ta' Aquino, *In libros Sententiarum 2,* prologus "*aperta manu clave amoris creaturae prodierunt*".
[6] Konċ. Vatikan I, Denzinger-Schonmetzer, 3002.
[7] San Irinew, *Adversus haereses* 4, 20, 7.
[8] Ara Għerf 9,9.

il-ħlejjaq kollha u huma kienu u nħolqu bir-rieda tiegħek" *(Apok 4,11).* "Kemm huma kotrana l-għemejjel tiegħek Mulej! Kollha bl-għerf għamilthom" *(Salm 104,27).* "Twajjeb ma' kulħadd il-Mulej, tjubitu fuq kulma għamel" *(Salm 145,9).*

ALLA ĦALAQ "MIX-XEJN"

296 Aħna nemmnu li Alla biex joħloq ma kien jeħtieġ ebda ħaġa li kienet teżisti qabel u lanqas ebda għajnuna.[1] Il-ħolqien lanqas mhu emanazzjoni li kellha bilfors toħroġ min-natura ta' Alla:[2]

> Kienet tkun xi ħaġa straordinarja kieku Alla ħareġ id-dinja minn materja li kienet ġa teżisti? Bniedem tas-sengħa, meta jingħatalu xi materjal, jagħmel bih dak li jrid. Waqt li s-setgħa ta' Alla tidher proprju meta mix-xejn jagħmel dak li jrid.[3]

297 Il-fidi tal-ħolqien "mix-xejn" insibuha fl-Iskrittura bħala verità mimlija wegħdiet u tamiet. B'dan il-mod l-omm tas-seba' aħwa ħeġġithom għall-martirju:

> "Jien ma nafx kif feġġejtu f'ġufi, ma kontx jien li tajtkom in-nifs, lanqas ma kont jien li għaqqadtilkom il-bċejjeċ ta' ġisimkom. Il-Ħallieq tad-dinja, li sawwar in-nisel tal-bniedem u fassal il-bidu ta' kollox, għad iroddilkom lura n-nifs u l-ħajja fil-ħniena tiegħu, bħalma issa ma intom tqisu xejn lilkom infuskom, minħabba l-liġijiet tiegħu... Ibni, ħares lejn is-sema u l-art, u ara kulma fihom. Kun af li mix-xejn għamilhom Alla; hekk ukoll sar il-ġens tal-bniedem" *(2 Mak 7,22-23.28).*

298 Għax Alla seta' joħloq mix-xejn, jista', bl-Ispirtu s-Santu, jagħti l-ħajja tar-ruħ lill-midinbin huwa u joħloq fihom qalb safja,[4] u l-ħajja tal-ġisem lill-mejtin bil-qawmien mill-imwiet, hu "li jagħti l-ħajja lill-mejtin u li jsejjaħ fl-eżistenza dak li ma jeżistix" *(Rum 4,17).* U jekk, bil-kelma tiegħu, seta' jagħmel id-dawl jiddi fid-dlam,[5] jista' wkoll jagħti d-dawl tal-fidi lil dawk li ma għandhomx fidi.[6]

ALLA ĦALAQ DINJA TAJBA U B'ORDNI SĦIĦ

299 Għaliex Alla ħalaq bl-għerf, il-ħolqien kollu hu mqassam tajjeb: "Int ordnajt kollox bil-qies, bl-għadd u bl-użin" *(Għerf 11,20).* Id-dinja maħluqa bil-Verb u għall-Verb ta' dejjem, "xbieha ta' Alla li ma jidhirx" (*Kol 1,15)* ġiet destinata, fdata lill-bniedem, xbieha ta' Alla,[7] imsejjaħ biex ikollu relazzjoni personali ma' Alla. L-intelliġenza tagħna, li għandha sehem mid-dawl tal-Intellett divin, tista' tifhem dak li Alla jgħidilna permezz tal-ħolqien tiegħu,[8] imma mhux mingħajr sforz kbir ħafna u bi spirtu ta' umiltà u ta' rispett lejn il-Ħallieq u l-għemil tiegħu.[9]

---

[1] Ara Konċ. Vatikan 1: Denzinger-Schonmetzer, 3022.
[2] Ara *Ibid.*, 3023-3024.
[3] San Teofilu ta' Antjokja, *Ad Autolycum* 2, 4; PG 6, 1052.
[4] Ara Salm 51,12.
[5] Ara Ġen 1,3.
[6] Ara 2 Kor 4,6.
[7] Ara Ġen 1,26.
[8] Ara Salm 19,2-5.
[9] Ara Ġobb 42,3.

Il-ħolqien, li ġie mit-tjieba ta' Alla, għandu sehem f'din it-tjieba: "U ra Alla li kien tajjeb... tajjeb ħafna".[1] Għax Alla ried li l-ħolqien ikun qisu don mogħti lill-bniedem, qisu wirt iddestinat għalih u fdat lilu. Il-Knisja kemm-il darba kellha tiddefendi t-tjieba tal-ħolqien, tad-dinja materjali wkoll.[2]

ALLA HU 'L FUQ MILL-ĦOLQIEN IŻDA HU PREŻENTI FIH

300 Alla hu wisq aktar kbir mill-għemejjel kollha tiegħu: "Int qegħidt is-sebħ tiegħek 'il fuq mis-smewwiet" *(Salm 8,2);* "bla tarf il-kobor tiegħu" *(Salm 145,3).* Iżda għax Alla hu ħallieq setgħan u ħieles, l-ewwel bidu ta' kulma jeżisti, hu preżenti ġewwa l-ħlejjaq kollha tiegħu; "aħna fih ngħixu, nitħarrku u aħna" *(Atti 17,28).* Skont kliem Santu Wistin, "hu ogħla minn dak li hu l-ogħla fija u aktar 'il ġewwa minn dak li hu l-iżjed ġewwieni ġo fija".[3]

ALLA JŻOMM SĦIĦ IL-ĦOLQIEN

301 Wara l-ħolqien, Alla ma telaqx il-ħlejjaq b'rajhom f'idejhom. Ma jagħtihomx biss l-esseri u l-eżistenza, iżda jżommhom f'kull mument tal-eżistenza tagħhom, u jagħtihom ukoll li jaġixxu u jwassalhom għat-tmiem tagħhom. L-għarfien ta' din id-dipendenza sħiħa tal-ħlejjaq mill-Ħallieq hu bidu ta' għerf u ta' ħelsien, ta' hena u ta' fiduċja:

> "Għax int tħobb il-ħlejjaq kollha, u xejn ma tistmell minn dak kollu li għamilt; li kien hemm xi ħaġa li stajt tobgħodha, int ma kontx tagħmilha. Kif setgħet tibqa' xi ħaġa fid-dinja, kieku int ma ridthiex, jew kif setgħet iżżomm kieku int ma sejjaħtilhiex? Imma int, O Sid li tħobb kulma jgħix, lil kulħadd tagħder, għax kollox huwa tiegħek" *(Għerf 11, 24-26).*

## V. Alla jtemm il-pjan tiegħu: il-providenza ta' Alla

302 Il-ħolqien għandu t-tjieba u l-perfezzjoni proprji tiegħu, iżda l-ħolqien ma ħarigx kollu lest u mitmum minn idejn Alla. Inħalaq "f'qagħda ta' mixi 'l quddiem" *(in statu viae)* lejn il-perfezzjoni tal-aħħar li għad trid isseħħ, perfezzjoni li għaliha Alla ddestina l-ħolqien kollu. Aħna nsejħu providenza ta' Alla d-dispożizzjonijiet kollha li bihom Alla jmexxi l-ħolqien lejn din il-perfezzjoni:

> Alla jħares u jmexxi bil-Providenza tiegħu kulma ħalaq, billi "jinfirex minn tarf sa tarf tal-art u jmexxi kollox bil-ħlewwa" *(Għerf 8,1).* Għaliex "xejn ma hemm fil-ħolqien li hu moħbi għalih, imma kollox hu miftuħ għal għajnejh" *(Lh 4,13),* dak kollu wkoll li jsir mill-għemil ħieles tal-ħlejjaq.[4]

303 Ix-xhieda tal-Iskrittura hi unanima. Il-ħerqa tal-providenza ta' Alla hi *konkreta u immedjata;* Alla jieħu ħsieb kollox mill-iċken ħwejjeġ sal-ġrajjiet kbar tad-dinja u tal-istorja. Bil-qawwa kollha l-Kotba

---

[1] Ġen 1,4.10.12.18.21.31.

[2] Ara S. Ljun il-Kbir, ittra *Quam laudabiliter.* Denzinger-Schonmetzer 286; Konċ. ta' Braga I, *ibid.455-463;* Konċ. Lateran IV, *ibid.* 800; Konċ ta' Firenze *ibid* 1333; Konċ. Vatikan I *ibid.* 3002.

[3] Santu Wistin, *Stqarrijiet* 3, 6, 11.

[4] Konċ. Vatikan I: Denzinger-Schonmetzer, 3003.

Mqaddsa jsemmu s-setgħa assoluta ta' Alla fuq il-ġrajjiet kollha: "Fis-smewwiet hu Alla tagħna: hu jagħmel kulma jogħġbu" *(Salm 115,3).* U għal Kristu jingħad: "jiftaħ u ħadd ma jagħlaq, jagħlaq u ħadd ma jiftaħ" *(Apok 3.7).* "Wieħed jista' jfassal ħafna ħsibijiet, imma dak li jseħħ hu l-ħsieb tal-Mulej" *(Prov 19, 21).*

304 Hekk naraw l-Ispirtu s-Santu, l-awtur prinċipali tal-Iskrittura Mqaddsa, spiss jgħid li xi għemil hu għemil ta' Alla, mingħajr ma jgħid min hu l-kawża sekondarja tal-għemil. Dan mhuwiex "sura ta' diskors" primittiv, imma mod mill-aktar għoli li juri l-primat ta' Alla u s-setgħa assoluta tiegħu fuq l-istorja u d-dinja[1] u hekk irawwem il-fiduċja fih. It-talb tas-Salmi hu l-aqwa skola ta' din il-fiduċja.[2]

305 Ġesù jitlob minna li nintelqu bħal tfal f'idejn il-providenza tal-Missier tas-sema, li jieħu ħsieb sal-iċken ħtiġijiet ta' wliedu. "Toqogħodux tinkwetaw ruħkom u tgħidu, 'x'se nieklu?' jew 'x'se nixorbu?'... Missierkom li hu fis-smewwiet jaf li dan kollu teħtiġuh. Mela fittxu l-ewwel is-Saltna u l-ġustizzja tiegħu, u dan kollu jingħatalkom ukoll".[3]

IL-PROVIDENZA U L-KAWŻI SEKONDARJI

306 Alla hu l-Imgħallem setgħan tal-pjan tiegħu. Iżda biex dan il-pjan iseħħ jinqeda wkoll bis-sehem tal-ħlejjaq. Dan mhux sinjal ta' dgħufija, imma sinjal tal-kobor u tat-tjieba ta' Alla li jista' kollox. Għaliex Alla lill-ħlejjaq tiegħu ma jagħtihomx biss li jkunu, imma jagħtihom ukoll id-dinjità li jagħmlu għemil huma wkoll, li jkunu l-kawża u l-bidu ta' xulxin u hekk jagħtu sehemhom ħa jseħħ il-pjan ta' Alla.

307 Lill-bnedmin, Alla jagħtihom li jkunu jistgħu jkollhom ukoll sehem ħieles fil-providenza tiegħu billi jafdalhom ir-responsabbiltà li "jaħkmu" u jsaltnu fuq l-art.[4] Alla jagħti wkoll lill-bnedmin li jkunu kawżi intelliġenti u ħielsa biex iwasslu sa tmiemha l-opra tal-ħolqien, bi qbil sħiħ mal-ġid tagħhom u ma' dak tal-oħrajn. Il-bnedmin li spiss jagħtu sehemhom ħa sseħħ ir-rieda ta' Alla mingħajr ma jkunu jafu, jistgħu b'rieda sħiħa jissieħbu fil-pjan ta' Alla b'għemilhom, bit-talb tagħhom, u bit-tbatijiet tagħhom ukoll.[5] B'dan il-mod ikunu għalkollox "ħaddiema ma' Alla" *(1 Kor 3,9; 1 Tes 3,2)* u ħaddiema fis-Saltna tiegħu.[6]

tiegħu.[6]

308 Din hi l-verità li ma tistax tinfired mill-fidi f'Alla l-ħallieq. Alla jaħdem f'kulma jagħmlu l-ħlejjaq tiegħu. Hu l-kawża prinċipali li taħdem fil-kawżi sekondarji u bihom: "Alla hu li jaħdem fikom u jġegħelkom tridu u tħabirku biex tagħmlu dak li jogħġob lilu".[7] Din il-verità mhux tnaqqas, imma tgħolli d-dinjità tal-ħlejjaq. Dawn, maħluqin mix-xejn bis-setgħa, l-għerf u t-tjieba ta' Alla, ma jistgħu jagħmlu xejn jekk

[1] Ara Is 10,5-15; 45,5-7; Dewt 32,39; Sir 11,14.
[2] Ara Salm 22; 32; 35; 103; 138; u l-bqija.
[3] Mt 6,31-33; ara 10, 29-31.
[4] Ara Ġen 1,26-28.
[5] Ara Kol 1,24.
[6] Ara Kol 4,11.
[7] Fil 2,13; ara 1 Kor 12,6.

jinqatgħu mill-bidu tagħhom għax "il-ħlejjaq mingħajr il-ħallieq jiġu fix-xejn";[1] wisq inqas jistgħu jilħqu l-għan aħħari tagħhom mingħajr l-għajnuna tal-grazzja.[2]

IL-PROVIDENZA U L-ISKANDLU TAL-ĦAŻEN

309 Jekk Alla l-Missier li jista' kollox ħalaq dinja tajba u f'qagħda sewwa, u jieħu ħsieb il-ħlejjaq kollha tiegħu, għaliex jeżisti l-ħażen? Ebda tweġiba ta' malajr mhi biżżejjed għal din il-problema li tant tagħfas fuqna u li ma nistgħux neħilsu minnha, tant tnikkitna daqskemm hi misterjuża. Hi l-fidi nisranija kollha kemm hi li tagħti tweġiba għal din il-problema: it-tjieba tal-ħolqien, it-traġedja tad-dnub, l-imħabba kollha sabar ta' Alla li jersaq lejn il-bnedmin b'pattijiet is-sħuħija tiegħu, bl-Inkarnazzjoni ta' Ibnu, bid-don tal-Ispirtu, bil-ġemgħa tal-Knisja, bil-qawwa tas-sagramenti, bis-sejħa għall-ħajja ta' hena li l-ħlejjaq ħielsa huma msejħin minn qabel biex jaċċettawha, iżda li jistgħu wkoll minn qabel iċaħħdu lilhom infushom minnha, permezz ta' misteru tassew tal-biża'. *M'hemmx aspett wieħed tal-messaġġ nisrani li mhux parti mit-tweġiba għall-problema tad-deni.*

310 Imma għaliex Alla ma ħalaqx dinja hekk perfetta li fiha ma setax ikun hemm il-ħażen? Bis-setgħa bla qies tiegħu, Alla seta' dejjem joħloq xi ħaġa aħjar.[3] Iżda fl-għerf u t-tjieba bla qies tiegħu, Alla b'mod ħieles ried joħloq dinja "f'qagħda ta' mixi" lejn perfezzjoni aħħarija. Dan il-mixi 'l quddiem, fil-pjan ta' Alla, jitlob li malli jidhru xi ħlejjaq, ma jibqgħux jidhru ħlejjaq oħra, li ma' dak li hu aktar perfett ikun hemm ukoll dak inqas perfett, li mal-bini tan-natura jkun hemm ukoll it-tiġrif. Flimkien mal-ġid fiżiku hemm ukoll għalhekk *id-deni fiżiku* għal żmien twil sa ma l-ħolqien jilħaq il-perfezzjoni tiegħu.[4]

311 L-anġli u l-bnedmin, ħlejjaq intelliġenti u ħielsa, iridu jimxu lejn id-destin aħħari tagħhom b'għażla ħielsa u b'imħabba preferenzjali. Jistgħu għalhekk jitilfu t-triq. Fil-fatt, dinbu. Hu b'dan il-mod li *d-deni morali* (il-ħażen), wisq aktar gravi mid-deni fiżiku, daħal fid-dinja. Alla bl-ebda mod mhu l-kawża tad-deni morali, la direttament u lanqas indirettament.[5] Iżda Alla jippermettih għax jirrispetta l-libertà tal-ħlejjaq u, b'mod misterjuż jaf joħroġ minnu l-ġid:

> Għax Alla li jista' kollox, ... u li hu ta' tjieba bla qies, ma kien se jħalli qatt li jkun hemm xi deni fl-għemejjel tiegħu kieku ma kienx hekk setgħan u tajjeb li joħroġ il-ġid mid-deni nnifsu.[6]

312 Hekk, biż-żmien, wieħed jista' jara li Alla, fil-providenza setgħana tiegħu, jista' joħroġ għadd kbir ta' effetti tajbin minn deni morali wkoll, magħmul mill-ħlejjaq tiegħu. "Mhux intom bgħattuni

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 36.
[2] Ara Mt 19,26; Ġw 15,5; Fil 4,13.
[3] Ara San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae*, 1, 25, 6.
[4] San Tumas ta' Aquino, *Summa contra Gentiles*, 3,71.
[5] Ara Santu Wistin, *De libero arbitrio*, 1, 1, 1: PL 32, 1221-1223; San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae* 1-2, 79, 1.
[6] Santu Wistin, *Enchiridion de fide, spe et caritate* 11, 31.

hawn", - qal Ġużeppi lil ħutu – "imma Alla; ...intom ġibtuli fuqi d-deni, Alla biddlu fil-ġid biex isalva l-ħajja ta' kotra tal-ġnus".[1] L-akbar deni morali li qatt sar kien iċ-ċaħda u l-qtil tal-Iben ta' Alla, li seħħ bid-dnubiet tal-bnedmin kollha. Alla, għax kotrot fuq li kotrot il-grazzja,[2] ħareġ minnu l-akbar ġid: il-glorifikazzjoni ta' Kristu u l-fidwa tagħna. Id-deni b'hekk mhu se jsir qatt ġid.

313 "Ma dawk li jħobbu 'l Alla kollox jaħdem id f'id għall-ġid tagħhom" *(Rum 8,28).* Ix-xhieda tal-qaddisin iwettqu din il-verità:

> Santa Katerina ta' Siena, lil "dawk li kienu jiskandalizzaw ruħhom u jeħduha kontra dak li kien jiġrilhom", kienet tgħidilhom: "Kollox jiġi mill-imħabba, kollox hu għas-salvazzjoni tal-bniedem. Alla xejn ma jagħmel ħlief għal dan l-għan".[3]
>
> U San Tumas More, ftit qabel il-martirju tiegħu, farraġ lil bintu: "Ma jiġri xejn li ma jkunx iridu Alla. Issa kulma jrid hu, ħażin kemm narawh ħażin aħna, hu madankollu dak li hu l-aħjar għalina".[4]
>
> U Lady Juliana ta' Norwich: "Bil-grazzja ta' Alla tgħallimt li jaqbilli nżomm sħiħ fil-fidi, u nemmen b'mod mhux anqas sħiħ li kull ħaġa se tiġi tajba" "Thou shalt see thyself that all MANNER of thing shall be well".[5]

314 Aħna nemmnu bil-qawwa kollha li Alla hu Sid id-dinja u Sid l-istorja. Iżda t-triqat tal-Providenza tiegħu spiss ma nagħrfuhomx. Biss fit-tmiem ta' kollox ma nibqgħux nagħrfu biċċa, imma naraw 'l Alla "wiċċ imb wiċċ", u jkunu magħrufin għalkollox minna t-triqat li minnhom ukoll, permezz tat-traġedji tad-deni u tad-dnub, Alla jkun wassal il-ħolqien tiegħu sal-mistrieħ tas-*Sabbat* (Sibt) definittiv:[6] hu għal dan l-għan li Alla ħalaq is-sema u l-art.

## Fil-qosor

315 *Fil-ħolqien tad-dinja u tal-bniedem Alla qiegħed l-ewwel xhieda, u xhieda universali tal-imħabba setgħana tiegħu u tal-għerf tiegħu, l-ewwel tħabbira tal-"pjan tiegħu kollu mħabba", li jilħaq il-milja tiegħu fit-twelid ġdid fi Kristu.*

316 *Għalkemm l-opra tal-ħolqien hi b'mod partikulari attribwita lill-Missier, hi verità tal-fidi wkoll li l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu huma l-bidu waħdieni u indiviżibbli tal-ħolqien.*

317 *Alla waħdu ħalaq l-univers, b'mod ħieles, direttament, mingħajr għajnuna ta' ħadd.*

---

[1] Ġen 45,8; 50,20; ara Tob 2,12-18 Vulg.
[2] Ara Rum 5.20.
[3] Santa Katerina ta' Siena *Djalogi*, 1, 6.
[4] San Tumas More, Itta lil Alice Alington, minn Margaret Roper dwar il-kollokwju tagħha ma' missierha; ara Liturġija tas-Sigħat, Uffiċċju tal-qari tat-22 ta' Ġunju.
[5] Lady Juliana of Norwich, *Revelation of Divine Love*, 32.
[6] Ara Ġen 2,2.

318 *Ebda ħaġa maħluqa ma għandha s-setgħa bla qies meħtieġa biex "toħloq" fit-tifsir veru tal-kelma, jiġifieri tagħmel u tagħti li jkun dak li qabel bl-ebda mod ma kien (issejjaħ għall-eżistenza mix-xejn,* "ex nihilo").[1]

319 *Alla ħalaq id-dinja biex juri u jagħti l-glorja tiegħu. Din hi l-glorja li għaliha Alla ħalaq il-ħlejjaq: li jkollhom sehem fil-verità, fit-tjieba u fil-ġmiel ta' Alla.*

320 *Alla ħalaq l-univers u qiegħed iżommu bil-Verb tiegħu, "Ibnu li jżomm id-dinja kollha bil-kelma setgħana tiegħu"* (Lh 1,3) *u bl-Ispirtu ħallieq tiegħu li jagħti l-ħajja.*

321 *Il-providenza ta' Alla hi d-dispożizzjonijiet li bihom Alla, b'għerf u mħabba, iwassal il-ħlejjaq kollha għall-għan aħħari tagħhom.*

322 *Kristu jistedinna biex nintelqu bħala wlied f'idejn il-providenza tal-Missier tagħna tas-sema,*[2] *u l-appostlu San Pietru jtenni: "Ixħtu fuqu l-ħsibijiet kollha tagħkom għax hu jaħseb fikom".*[3]

323 *Il-providenza ta' Alla taħdem ukoll bil-ħidma tal-ħlejjaq. Alla jagħti lill-bnedmin li jissieħbu b'mod ħieles fil-pjanijiet tiegħu.*

324 *Li Alla jippermetti l-ħażen fiżiku u l-ħażen morali hu misteru li Alla dawwal b'Ibnu Ġesù Kristu, li miet u rxoxta biex jirbaħ il-ħażen. Il-fidi tiżgurana li Alla ma kienx se jippermetti l-ħażen kieku ma kienx jista' joħroġ il-ġid mill-istess ħażen, minn triqat li nagħrfuhom sewwa biss fil-ħajja ta' dejjem.*

Il-ħames paragrafu

## IS-SEMA U L-ART

325 Is-Simbolu tal-Appostli jistqarr li Alla "ħalaq is-sema u l-art", u s-Simbolu ta' Niċea-Kostantinopli jiċċara u jżid "...dak kollu li jidher u ma jidhirx".

326 Fl-Iskrittura Mqaddsa l-espressjoni "is-sema u l-art" tfisser dak kollu li jeżisti, il-ħolqien kollu. Tgħidilna wkoll bir-rabta li hemm fi ħdan il-ħolqien, rabta li biha fl-istess waqt is-sema u l-art jingħaqdu u jingħażlu minn xulxin: 'L-art" hi d-dinja tal-bnedmin.[4] "Is-sema" jew "is-"is-smewwiet" jistgħu jfissru l-firxa tas-sema,[5] iżda jistgħu jfissru wkoll "il-post" proprju ta' Alla: "Missierna li hu fis-smewwiet"[6] u, għalhekk, ifissru wkoll is-"sema" li hi l-glorja eskatoloġika, tat-tmiem ta' kollox. Fl-

[1] Ara Kongr. għall-Edukazzjoni Kattolika digriet tas-27 ta' Lulju 1914, *Theses approbatae philosophiae Thomisticae*, Denzinger-Schonmetzer, 3624.
[2] Ara Mt 6,26-34.
[3] 1 Piet 5,7; ara Salm 55,23.
[4] Ara Salm 115,6.
[5] Ara Salm 19,2.
[6] Mt 5,16; ara Salm 115,16.

aħħar nett il-kelma "sema" tfisser "il-post" tal-ħlejjaq spiritwali tal-anġli li huma madwar Alla.

327 L-istqarrija tal-fidi tar-raba' Konċilju tal-Lateran tgħid li "Alla, f'daqqa, sa mill-bidu taż-żmien, ħalaq mix-xejn ħlejjaq u ħlejjaq, il-ħlejjaq spiritwali u l-ħlejjaq korporali, jiġifieri l-anġli u d-dinja ta' fuq l-art, u fl-aħħar il-bniedem li għandu mit-tnejn, għax hu ruħ u ġisem".[1]

## I. L-anġli

### L-EŻISTENZA TAL-ANĠLI – VERITÀ TAL-FIDI

328 L-eżistenza ta' ħlejjaq spiritwali, mingħajr ġisem, li l-Iskrittura Mqaddsa s-soltu ssejjaħ "anġli", hi verità tal-fidi. Ix-xhieda tal-Iskrittura hi ċara daqs kemm hi unanima t-Tradizzjoni.

### MIN HUMA?

329 Dwarhom Santu Wistin jgħid: "Anġlu hu isem ta' uffiċċju u mhux ta' xi natura. Jekk trid taf l-isem ta' din in-natura, l-isem hu spirtu, jekk trid taf x'inhu l-uffiċċju u d-dmir ta' dan l-ispirtu, l-uffiċċju hu ta' anġlu: hu spirtu f'dak li hu, u hu anġlu f'dak li jagħmel".[2] Min-natura kollha tagħhom, l-anġli huma qaddejja u messaġġiera ta' Alla. Għaliex "dejjem jaraw wiċċ Missieri li hu fis-smewwiet" *(Mt 18,10),* huma "jagħmlu l-ordni tiegħu, malli jisimgħu l-kelma tiegħu" (*Salm 103,20).*

330 Bħala ħlejjaq kollha kemm huma spiritwali, għandhom intelliġenza u rieda: huma ħlejjaq personali[3] u immortali.[4] Huma jgħaddu fil-perfezzjoni l-ħlejjaq kollha li jidhru. Dan tixhdu d-dija tal-glorja tagħhom.[5]

### KRISTU "MAL-ANĠLI KOLLHA TIEGĦU"

331 Kristu hu ċ-ċentru tad-dinja tal-anġli: "Meta jiġi Bin il-bniedem fil-glorja tiegħu u bl-anġli kollha miegħu" *(Mt 25,31).* Huma tiegħu għax maħluqin *bih u għalih:* "Għax fih kien maħluq kollox fis-sema u fl-art, dak kollu li jidher u dak kollu li ma jidhirx: Troni u Ħakmiet, Prinċipati u Setgħat: kollox bih u għalih kien maħluq" *(Kol 1,16).* Huma wisq aktar tiegħu għax għamilhom ħabbara tal-pjan tiegħu ta' salvazzjoni: "Mhumiex huma wkoll spirti qaddejja mibgħuta biex jaqdu lil dawk li għandhom jiksbu s-salvazzjoni?" *(Lh 1,14).*

[1] Konċ. Lateran IV. Denzinger-Schonmetzer, 800; ara *ibid.*, 3002 u Pawlu VI, Kredu tal-Poplu ta' Alla, professjoni solenni tal-fidi.
[2] "Angelus officii nomen est, non naturae. Quaeris nomen huius naturae, spiritus est; quaeris officium, angelus est; es eo quod est, spiritus est, es eo quod agit, angelus". Santu Wistin, *Enarratio in Psalmos*, 103, 1, 15.
[3] Ara Piju XII, enċiklika *Humani generis*, Denzinger-Schonmetzer, 3891.
[4] Ara Lq 20,36.
[5] Ara Dan 10,9-12.

332 Huma hemm, sa mill-ħolqien[1] u tul il-ġrajja tas-salvazzjoni, li ħabbruha mill-bogħod u mill-qrib u qdew il-pjan ta' Alla ħa sseħħ: għalqu l-bieb tal-ġenna tal-art ,[2] ħarsu 'l Lot,[3] salvaw 'il Hagar u 'l binha,[4] żammew id Abraham,[5] il-liġi ngħatat bil-qadi tagħhom *(Atti 7,53),* mexxew il-poplu ta' Alla,[6] ħabbru twelid[7] u sejħat,[8] għenu 'l profeti,[9] biex insemmu xi eżempji. U fl-aħħar kien l-anġlu Gabrijel li ħabbar it-twelid tal-Prekursur u dak ta' Ġesù stess.[10]

333 Mill-Inkarnazzjoni sat-Tlugħ fis-sema l-ħajja tal-Verb magħmul bniedem hi mdawra bl-adorazzjoni u l-qadi tal-anġli. Alla "huwa u jdaħħal 'l Ibnu l-Kbir fid-dinja, jgħid: 'Ħa jqimuh l-anġli kollha ta' Alla'" *(Lh 1,6).* L-għana ta' tifħir li lissnu l-anġli fit-twelid ta' Kristu ma waqaf qatt mit-tifħir tal-Knisja: "Glorja 'l Alla..." *(Lq 2,14).* Ħarsu t-tfulija ta' Ġesù,[11] qdew lil Ġesù fid-deżert,[12] farrġuh fl-agunija,[13] setgħu jeħilsuh minn idejn l-għedewwa tiegħu[14] kif qabel ħelsu lil Israel.[15] Huma wkoll l-anġli li "jevanġelizzaw" *(Lq 2,10)* huma u jħabbru l-Bxara t-tajba tal-Inkarnazzjoni[16] u tal-Qawmien mill-Imwiet[17] ta' Kristu. U hemm ikunu meta Kristu jerġa' jiġi, wara li jkunu ħabbru t-tieni miġja tiegħu,[18] biex ikunu qaddejja tal-ġudizzju tiegħu.[19]

L-ANĠLI FIL-ĦAJJA TAL-KNISJA

334 Minn dan jiġi li l-ħajja kollha tal-Knisja tikseb ġid mill-għajnuna misterjuża u setgħana tal-anġli.[20]

335 Fil-liturġija tagħha, il-Knisja tissieħeb mal-anġli biex tqim 'l Alla tliet darbiet Qaddis.[21] Hija titlob l-għajnuna tagħhom (fil-liturġija tal-funerali: "Ħa jwassluk l-anġli fis-sema", ukoll fil-"Kerubikon" tal-liturġija Biżantina: "Ġej ir-Re tar-Rejiet...") u tiċċelebra b'mod partikulari t-tifkira ta' xi anġli (San Mikiel, San Gabrijel, San Rafel, l-anġli kustodji).

[1] Ara Ġobb 38,7 fejn l-anġli jissejħu "wlied Alla".
[2] Ara Ġen 3,24.
[3] Ara Ġen 19.
[4] Ara Ġen 21,17.
[5] Ara Ġen 22,11.
[6] Ara Eż 20,20-23,
[7] Ara Mħal 13.
[8] Ara Mħal 6,11-24; Is 6,6.
[9] Ara 1 Sl 19,5.
[10] Ara Lq 1,11.26.
[11] Ara Mt 1,20; 2,13.19.
[12] Ara Mk 1,12; Mt 4,11.
[13] Ara Lq 22,43.
[14] Ara Mt 26,53.
[15] Ara 2 Mak 10,29-30; 11,8.
[16] Ara Lq 2,8-14.
[17] Ara Mk 16,5-7.
[18] Ara Atti 1,10-11.
[19] Ara Mt 13,41; 24,31; Lq 12,8-9.
[20] Ara Atti 5,18-20; 8,26-29; 10,3-8; 12,6-11; 27,23-25.
[21] Missal Ruman: "Sanctus, sanctus, sanctus".

336 Mit-tnissil tagħha[1] sal-mewt,[2] il-ħajja tal-bniedem hija mħarsa mħarsa minnhom[3] u bit-talb tagħhom.[4] "Kull Nisrani għandu ħdejh anġlu bħala protettur u ragħaj tiegħu ħa jwasslu għall-ħajja".[5] Minn hawn fuq l-art, il-ħajja nisranija għandha sehem, bil-fidi, fix-xirka hienja tal-anġli u tal-bnedmin magħqudin ma' Alla.

## II. Id-dinja li tidher

337 Hu Alla li ħalaq id-dinja li tidher bl-għana kollu tagħha, bid-diversitajiet u l-ordni tagħha. L-Iskrittura tippreżentalna simbolikament il-ħidma tal-Ħallieq bħala sitt ijiem "ta' xogħol" ta' Alla li jintemmu bil-"mistrieħ" fis-seba' jum *(Ġen 1,1-2.4).* L-Iskrittura, meta titkellem fuq il-ħolqien, tgħallimna veritajiet rivelati minn Alla għas-salvazzjoni tagħna,[6] veritajiet li jħalluna "nagħrfu fil-fond in-natura tal-ħolqien, is-siwi tiegħu, u l-għan tiegħu, li hu l-glorja ta' Alla".[7]

338 *M'hemm xejn li ma għandux l-eżistenza tiegħu mingħand Alla l-Ħallieq.* Id-dinja bdiet meta bil-kelma ta' Alla ħarġet mix-xejn: kulma jeżisti, in-natura kollha, il-ġrajja kollha tal-bniedem, għandhom l-għeruq tagħhom f'dan il-fatt tal-bidu: hu dan il-fatt tal-bidu stess li bih saret id-dinja u beda ż-żmien.[8]

339 *Kull ħlejqa għandha t-tjieba u l-perfezzjoni proprja tagħha:* Għal kull xogħol tas-"sitt ijiem" ingħad: "U ra Alla li kien tajjeb". "Il-ħwejjeġ kollha għaliex huma maħluqin, għandhom l-istabbiltà tagħhom, il-verità, it-tjieba proprja tagħhom, il-liġijiet u l-ordni tagħhom".[9] Il-ħlejjaq kollha kollha ta' kull xorta li Alla riedhom skont is-sura proprja tagħhom, jirriflettu, kull waħda skont il-manjiera tagħha, raġġ tal-għerf u t-tjieba bla qies ta' Alla. Hu għalhekk li l-bniedem hu fid-dmir li jirrispetta t-tjieba proprja ta' kull ħaġa maħluqa, biex jevita li juża b'mod diżordinat il-ħlejjaq, ħaġa li hi ta' stmerrija lejn Alla u ġġib konsegwenzi mill-agħar għall-bnedmin u għall-ambjent tagħhom.

340 *Alla ried li l-ħlejjaq ikunu jiddependu minn xulxin.* Ix-xemx u l-qamar, iċ-ċedru u l-iċken fjura, l-ajkla u l-għasfur tal-bejt: il-ħafna diversitajiet ta' ħlejjaq, ebda waħda daqs l-oħra, juru li ebda ħaġa maħluqa mhi biżżejjed għaliha nfisha, u l-ħlejjaq kollha jeżistu biss għax jiddependu minn xulxin, biex jgħinu 'l xulxin ħa jilħqu l-kobor sħiħ tagħhom, f'qadi lil xulxin.

---

[1] Ara Mt 18,10.
[2] Ara Lq 16,22.
[3] Ara Salm 34,8;91,10-13.
[4] Ara Ġobb 33,23-24; Żak 1,12; Tob 12,12.
[5] San Bażilju l-Kbir, *Adversus Eunomium* 3,1; PG 29, 656B.
[6] Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 11.
[7] Konċ. Vatikan II, *Lumen Gentium*, 36
[8] Ara Santu Wistin, *De Genesi contra Manichaeos, 1, 2, 4;* PL 35, 175.
[9] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et Spes*, 36.

341 *Il-ġmiel tal-univers.* L-ordni u l-armonija li naraw fid-dinja maħluqa ġejjin mid-diversità tal-ħlejjaq u mir-relazzjonijiet ta' bejniethom. Il-bniedem intebaħ b'dan l-ordni bil-mod il-mod, bħala liġijiet tan-natura, liġijiet li jgħaġġbu lill-għorrief. Il-ġmiel tal-ħolqien hu rifless tal-ġmiel bla qies tal-Ħallieq. Għandu joħloq rispett fil-bniedem u jwasslu biex joqgħod għalih bl-intelliġenza u r-rieda tiegħu.

342 *Il-ġerarkija tal-ħlejjaq* hi mfissra mill-ordni li bih sar ix-xogħol tas-"sitt ijiem": minn dak li hu inqas perfett għal dak li hu aktar perfett. Alla jħobb il-ħlejjaq tiegħu kollha,[1] jieħu ħsieb kull waħda, imqar tal-għasfur tal-bejt. Iżda Ġesù qal: "Intom aktar minn ħafna għasafar tal-bejt tiswew" *(Lq 12,6-7),* jew ukoll: "Kemm jiswa' bniedem aktar minn nagħġa!" *(Mt 12,12).*

343 *Il-bniedem hu fil-quċċata* tal-ħolqien. Il-kliem ispirat tal-Iskrittura dan jurih għax jagħżel b'mod ċar il-ħolqien tal-bniedem minn dak tal-ħlejjaq l-oħra.[2]

344 Hemm *solidarjetà bejn il-ħlejjaq kollha* għax kollha għandhom Ħallieq wieħed u kollha nħalqu għall-glorja tiegħu:

> Ħallihom ifaħħruk il-ħlejjaq kollha,
> u l-aktar id-dawl sfiq ta' Oħtna x-Xemx
> li twelled il-jum ġdid, u bl-isfaq dija
> turi, Mulej, li ogħla minnek m'hemmx...
>
> Mulej, ħa tkun imfaħħar f'Ħuna l-ilma,
> irżin u safi wisq, meħtieġ qatigħ...
>
> U f'Oħtna l-art ħa tkun imfaħħar;
> aħna nqisuha wkoll b'Ommna ħanina
> la hi minn ħdanha trodd, biex aħna ngħixu,
> ħxejjex, ilwien ta' ward, u l-frotta bnina...
>
> Ejjew infaħħru lill-Mulej u Sidna
> u niżżuh ħajr għal dejjem inberkuh,
> bla xejn kburija f'qalbna, b'qima kbira
> ninxteħtu lkoll f'riġlejh sabiex naqduh.[3]

345 *Is-Sibt – it-tmiem tal-opri tas-"sitt ijiem".* L-Iskrittura Mqaddsa tgħid: "Fis-seba' jum Alla temm ix-xogħol kollu li kien għamel" u "hekk intemmu s-sema u l-art", u Alla "waqaf fis-seba' jum mix-xogħol", u qaddes u bierek dan il-jum *(Ġen 2,1-3).* Dan il-kliem ispirat hu għani b'tagħlim għas-salvazzjoni.

346 Fil-ħolqien Alla għamel pedament u liġijiet li jibqgħu ma jinbidlux[4] u li min jemmen jista' jafda fihom u jkunu għalih sinjal u pleġġ tal-fedeltà tal-Patt ta' ħbiberija

---

[1] Ara Salm 145,9.
[2] Ara Ġen 1,26.
[3] San Franġisk ta' Assisi, *Kantiku tal-Ħlejjaq.*
[4] Ara Lh 4,3-4.

ma' Alla li ma jinkiser qatt.[1] Min-naħa tiegħu l-bniedem irid jibqa' fidil għal dan il-pedament u jħares il-liġijiet li hemm imnaqqxa fih.

347 Il-ħolqien sar bil-ħsieb tas-Sibt u għalhekk bil-ħsieb tal-kult u l-qima ta' Alla. Il-kult hu minqux fl-ordni tal-ħolqien;[2] "xejn ma għandu jiġi qabel ix-xogħol ta' Alla" – *"operi Dei nihil praeponatur"*, tgħid ir-regola ta' San Benedittu, u hekk turi liema għandu jkun l-ordni fit-tħassib tal-bniedem.

348 *Is-Sibt* hu fil-qalba tal-liġi ta' Israel. Il-ħarsien tal-kmandamenti jwieġeb għall-għerf u r-rieda ta' Alla, imfissra fix-xogħol tal-ħolqien.

349 *It-tmien jum.* Iżda għalina, il-jum il-ġdid ġa sebaħ: jum il-qawmien ta' Kristu mill-imwiet. Fis-seba' jum intemm l-ewwel ħolqien. Fit-tmien jum jibda l-ħolqien ġdid. Hekk ix-xogħol tal-ħolqien jilħaq il-qofol tiegħu fil-ħidma aktar kbira tal-fidwa. L-ewwel ħolqien isib it-tifsir u l-qofol tiegħu fil-ħolqien ġdid fi Kristu, u d-dija tiegħu hi aqwa u akbar minn dik tal-ewwel ħolqien.[3]

## Fil-qosor

350 *L-anġli huma ħlejjaq spiritwali li bla heda jigglorifikaw 'l Alla u jaqdu l-pjanijiet tiegħu ta' salvazzjoni mal-ħlejjaq l-oħra: "huma jagħtu sehemhom għall-ġid tagħna kollu" – "Ad omnia bona nostra cooperantur angeli".*[4]

351 *L-anġli huma madwar Kristu sidhom. Jaqduh b'mod partikulari biex isseħħ il-missjoni tiegħu fost il-bnedmin.*

352 *Il-Knisja tqim l-anġli li jgħinuha fil-mixi tagħha f'din id-dinja, u jħarsu kull bniedem.*

353 *Alla ried li jkun hemm diversità fost il-ħlejjaq tiegħu u kull waħda mill-ħlejjaq ikollha t-tjieba proprja tagħha, ir-rabta tagħha mal-ħlejjaq l-oħra, u l-ordni tagħha. Hu ried li l-ħlejjaq materjali kollha jkunu għall-ġid tal-bnedmin. Il-bniedem, u l-ħolqien kollu permezz tal-bniedem, għandu bħala destin tiegħu l-glorja ta' Alla.*

354 *Ir-rispett tal-liġijiet li hemm minquxa fil-ħolqien, u tar-rapporti li joħorġu mill-istess natura ta' kull ħaġa, hu l-prinċipju tal-għerf u pedament tal-morali.*

Is-Sitt Paragrafu

## IL-BNIEDEM

[1] Ara Ġen 31,35-37; 33,19-26.
[2] Ara Ġen 1,14.
[3] Ara Missal Ruman, Vġili tal-Għid: il-kolletta ta' wara l-ewwel qari.
[4] San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae* 1, 114, 3 ad 3

355 “Alla ħalaq il-bniedem fuq xbihetu, fuq xbihet Alla ħalqu, raġel u mara ħalaqhom” *(Ġen 1,27).* “Il-bniedem għandu post għalih fil-ħolqien: hu maħluq “xbihet Alla” (I): fin-natura tiegħu jgħaqqad flimkien id-dinja materjali u d-dinja spiritwali (II): hu maħluq “raġel u mara” (III): Alla riedu b’ħabibu (IV).

## 1. Maħluq “Xbieha ta’ Alla”

356 Fost il-ħlejjaq kollha li naraw, il-bniedem biss “għandu l-ħila jagħraf u jħobb lil min ħalqu”,[1] hu biss ġie msejjaħ biex, bl-għarfien u l-imħabba tiegħu, ikollu sehem mill-ħajja ta’ Alla. Għalhekk ħalqu Alla, u din hi r-raġuni fundamentali tad-dinjità tiegħu:

> “Għaliex, min ġiegħelek tgħolli l-bniedem għal din id-dinjità hekk kbira? Żgur xejn ħlief l-imħabba bla qies li biha rajt fik innifsek il-bniedem li ħlaqt u ssaħħart b’imħabba għalih, u għax ħabbejtu tajtu natura kapaċi dduq il-ġid bla qies tiegħek”.[2]

357 Għaliex hu xbieha ta’ Alla, il-bniedem għandu d-dinjità ta’ persuna: mhuwiex biss xi ħaġa, imma xi ħadd. Għandu l-ħila li jkun jaf, li jkollu xi ħaġa tiegħu, li jingħata minn rajh b’mod ħieles, u jkun f’xirka ma’ persuni oħra u, permezz tal-grazzja, hu msejjaħ biex jidħol f’patt mal-Ħallieq tiegħu, jagħtih tweġiba ta’ fidi u ta’ mħabba li ħadd ma jista’ jagħtih floku.

358 Alla ħalaq kollox għall-bniedem,[3] iżda l-bniedem inħoloq biex jaqdi u jħobb lil Alla u biex joffrilu l-ħolqien kollu:

> Min hu dan li se jibda jkun imdawwar minn tant attenzjoni? Hu l-bniedem figura ħajja, kbira u tal-għaġeb, aktar għażiż għal għajnejn Alla mill-ħolqien kollu: hu l-bniedem, li għalih hemm is-sema u l-art u l-baħar u l-ħolqien kollu, u Alla tant ra importanti s-salvazzjoni tiegħu li lanqas lil Ibnu l-waħdieni stess ma ħafirha minħabba fih. Għax Alla qatt ma waqaf mit-tħejjijiet tiegħu biex itella’ ħdejh il-bniedem u jqiegħdu fuq lemintu.[4]

359 “Fil-fatt, hu fil-misteru tal-Verb magħmul bniedem li jiddawwal tassew il-misteru tal-bniedem”:[5]

> Żewġ bnedmin kienu, jgħallimna l-Appostlu San Pawl, li taw il-bidu lir-razza tal-bnedmin, Adam u Kristu... L-ewwel bniedem, Adam, jgħidilna, sar ruħ ħajja, l-aħħar wieħed hu spirtu li jagħti l-ħajja. L-ewwel bniedem issawwar minn dan l-aħħar bniedem, mingħandu ħa l-eżistenza u l-ħajja biex jgħix... Dan l-aħħar wieħed hu t-tieni Adam li qiegħed ix-xbieha tiegħu fl-aħħar Adam meta sawru. U biex ma jintilifx dak li hu sawwar xbieha tiegħu, ħa s-sura tiegħu u ssejjaħ bniedem bħalu. Mela hemm l-ewwel Adam, u t-tieni Adam: l-ewwel wieħed kellu bidu, it-tieni wieħed ma għandux tmiem. U dan

[1] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 24.
[2] Santa Katerina ta’ Siena, *Djalogi* 4, 13; ara Liturġija tas-Sigħat, uffiċċju tal-qari tad-19-il Ħadd tas-sena.
[3] Ara Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 12; 24; 39.
[4] San Ġwann Griżostmu, *Sermones in Genesium*, 2, 1; PG 54, 587D-588A.
[5] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 23.

> l-aħħar wieħed hu wkoll l-ewwel tassew, kif jgħid hu stess: Jien l-Ewwel u l-Aħħar.[1]

360 *Il-ġens tal-bnedmin hu wieħed,* għax għandu bidu wieħed: "Minn bniedem wieħed Alla għamel il-ġens kollu tal-bnedmin":[2]

> Dehra tal-għaġeb iġġegħelna nikkontemplaw il-ġens tal-bnedmin, fil-bidu wieħed tiegħu f'Alla;... fin-natura waħda tiegħu magħmula minn ġisem materjali u ruħ spiritwali; fl-għan aħħari wieħed tiegħu u fil-missjoni tiegħu fid-dinja; fl-għamara waħda tiegħu fuq l-art, li minnha, bi dritt tan-natura, il-bnedmin kollha jistgħu jieħdu l-ġid kollu li jeħtieġu għall-għajxien u għall-iżvilupp ta' ħajjithom; fl-għan sopranaturali wieħed tiegħu: Alla nnifsu, li lejh ilkoll irridu ninġibdu; fl-għaqda tal-mezzi meħtieġa biex jilħaq dan l-għan; fil-fidwa waħda tiegħu, li Kristu kiseb għal kulħadd".[3]

361 "Din il-liġi tas-solidarjetà tal-bnedmin u tal-imħabba",[4] mingħajr ma twarrab l-għana tal-varjetà tal-persuni, tal-kulturi u tal-popli, tiżgurana li l-bnedmin kollha huma verament aħwa.

## II. "Wieħed bir-Ruħ u l-Ġisem"

362 Il-bniedem maħluq xbieha ta' Alla, hu fl-istess ħin esseri korporali u spiritwali. Ir-rakkont bibliku jfisser dan bi kliem simboliku, u jasal biex jgħid li "Alla sawwar il-bniedem mit-trab tal-art u nefaħlu f'imnifsejh nifs il-ħajja u l-bniedem sar ruħ ħajja" *(Ġen 2,7).* Il-bniedem sħiħ mela *riedu* Alla.

363 Spiss il-kelma *ruħ* fl-Iskrittura Mqaddsa tfisser il-ħajja tal-bniedem[5] jew inkella l-persuna sħiħa tal-bniedem.[6] Imma tfisser ukoll dak li hu l-aktar intimu fil-bniedem,[7] l-aktar ta' siwi fih,[8] dak li bih hu, b'mod l-aktar partikulari, xbieha ta' Alla: "ruħ" tfisser il-*prinċipju* spiritwali fil-bniedem.

364 Il-*ġisem* tal-bniedem għandu sehem mid-dinjità tax-"xbieha ta' Alla": hu ġisem tal-bniedem proprju għax jingħata l-ħajja minn ruħ spiritwali, u hi l-persuna tal-bniedem kollha kemm hi, li hi destinata biex, fil-Ġisem ta' Kristu, issir Tempju tal-Ispirtu:[9]

> Il-bniedem, esseri wieħed iżda magħmul minn ruħ u ġisem, minħabba l-kundizzjoni korporali tiegħu, jiġbor fih innifsu l-elementi tad-dinja materjali, li fih jaslu għall-quċċata tagħhom, u jistgħu bil-libertà kollha jfaħħru lil min ħalaqhom. Mhux permess għalhekk għall-bniedem imaqdar il-ħajja tal-ġisem, imma għandu jqisu bħala ħaġa tajba li jistħoqqilha kull

[1] San Pietru Krisologu, *Sermo* 117, PL 52, 520B; ara Liturġija tas-Sigħat, uffiċċju tal-qari tas-Sibt tad-29 ġimgħa.
[2] Atti 17,26; ara Tob 8,6.
[3] Piju XII, enċiklika *Pontificatus;* ara Konċ. Vatikan II, *Nostra aetate,* 1.
[4] *Ibid.*
[5] Ara Mt 16, 25-26; Ġw 15,13.
[6] Ara Atti 2,41.
[7] Ara Mt 26,38; Ġw 12,27.
[8] Ara Mt 10,28; 2 Mak 6,30.
[9] Ara 1 Kor 6,19-20; 15,44-45.

ġieħ, għax ġisem il-bniedem ġie maħluq minn Alla u għad jirxoxta fl-aħħar jum.[1]

365 L-għaqda tar-ruħ u l-ġisem tal-bniedem hi hekk kbira li wieħed għandu jqis ir-ruħ bħala l-"forma" tal-ġisem,[2] jiġifieri li hu minħabba r-ruħ spiritwali li l-ġisem, magħmul mill-materja, hu ġisem ta' bniedem, ġisem ħaj. L-ispirtu u l-materja tal-bniedem mhumiex żewġ naturi magħqudin flimkien, imma l-għaqda tal-ispirtu u l-materja fil-bniedem hi natura waħda.

366 Il-Knisja tgħallem li kull ruħ spiritwali hi maħluqa direttament minn Alla;[3] ma "jagħmluhiex" il-ġenituri; hi immortali;[4] ma tintemmx meta tinfired mill-ġisem fil-mewt, u għad tingħaqad mill-ġdid mal-ġisem fil-qawmien mill-imwiet fl-aħħar taż-żmien.

367 Xi kultant niltaqgħu ma' għażla bejn ruħ u spirtu. Hekk San Pawl jitlob biex Alla jżommna "sħaħ bla mittiefsa fl-ispirtu, fir-ruħ u fil-ġisem" *(1 Tes 5,23).* Il-Knisja tgħallem li din l-għażla bejn ruħ u spirtu ma taqsamx ir-ruħ b'xi mod fi tnejn.[5] "Spirtu" jfisser li l-bniedem mill-ħolqien tiegħu hu destinat għall-ħajja sopranaturali[6] u li ruħu tista' tintrefa' bi grazzja għal xirka ma' Alla.[7]

368 It-tradizzjoni spiritwali tal-Knisja tinsisti wkoll fuq il-qalb, fit-tifsir bibliku ta' din il-kelma: "fihom" *(Ġer 31,33),* fil-bnedmin, fil-fond ta' qalbhom fejn il-persuna tagħmel l-għażla tagħha dwar Alla: taċċettah jew tirrifjutah.[8]

## III. "Raġel u Mara ħalaqhom"

L-UGWALJANZA U DIFFERENZA LI RIED ALLA

369 Ir-raġel u l-mara nħolqu, jiġifieri riedhom Alla, perfettament indaqs kemm bħala persuni u kemm bħala raġel u mara. "Tkun raġel", "tkun mara" hi realtà tajba li riedha Alla; u r-raġel u l-mara għandhom dinjità li ma tista' tintilef qatt, mogħtija lilhom direttament minn Alla li ħalaqhom.[9] Ir-raġel u l-mara huma, bl-istess dinjità, "xbieha ta' Alla". Ir-Ir-raġel għax "hu raġel", u l-mara għax "hi mara" jirriflettu l-għerf u t-tjieba ta' min ħalaqhom.

370 Alla bl-ebda mod mhu xbieha tal-bniedem, la hu raġel u lanqas mara. Hu spirtu li fih ma jistax ikun hemm għażla bejn sess u ieħor. Iżda l-"perfezzjonijiet" tar-

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 14
[2] Ara Konċ. ta' Vienna (1312): Denzinger-Schonmetzer, 902.
[3] Ara Piju XII, enċiklika *Humani generis, 1950: Denzinger-Schonmetzer*, 3896; Kredu tal-Poplu ta' Alla, 8.
[4] Ara Konċ. Lateran V (1513): Denzinger-Schonmetzer, 3005; Konċ Vatikan II: *Gaudium et Spes*, 22.
[5] Ara Konċ. Kostantinopli IV (870): Denzinger-Schonmetzer, 687.
[6] Konċ. Vatikan I: Denzinger-Schonmetzer, 3005; Konċ. Vatikan 11: *Gaudium et spess*, 22.
[7] Ara Piju XII, enċiklika *Humani generis*, Denzinger-Schonmetzer, 3891.
[8] Ara Dewt 6,5; 29,3; Is 29,13; Eż 39,26; Mt 6,21; Lq 8,15; Rum 5;5.
[9] Ara Ġen 2,7.22.

raġel u tal-mara jirriflettu xi ħaġa mill-perfezzjoni bla qies ta' Alla: il-"perfezzjonijiet" ta' omm[1] u dawk ta' missier u għarus.[2]

"HUMA GHAL XULXIN" – "GHAQDA WAĦDA MINN TNEJN"

371 Maħluqin *flimkien,* ir-raġel u l-mara Alla riedhom ikunu għal xulxin. Il-kelma ta' Alla ġġegħelna nifhmu dan minn għadd ta' siltiet: "Mhux sewwa li l-bniedem jibqa' waħdu. Ħa nagħmlulu għajnuna tgħodd għalih" *(Ġen 2,18).* Ebda wieħed mill-annimali ma seta' jkun "għajnuna tgħodd għalih",[3] għall-bniedem. Il-mara li Alla "sawwar" minn kustilja ta' Adam, meta ġabhielu quddiemu, ġegħlitu toħroġ minn fommu għajta ta' stagħġib, ta' mħabba u ta' għaqda: "Din hi għadma minn għadmi u laħam minn laħmi" *(Ġen 2,23).* Ir-raġel sab li l-mara hi bħal "jien" ieħor tal-istess umanità.

372 Ir-raġel u l-mara huma magħmulin "għal xulxin", mhux għax Alla għamilhom "żewġ nofsijiet" jew għamilhom "mhux sħaħ". Ħalaqhom biex ikunu xirka ta' persuni, li fiha waħda tkun ta' "għajnuna" għall-oħra, għax huma fl-istess ħin indaqs bħala persuni ("għadma minn għadmi"...) u kumplimentari għal xulxin bħala raġel u mara. Fiż-żwieġ Alla jgħaqqadhom flimkien b'mod li jagħmlu "ġisem wieħed" *(Ġen 2,24)* u hekk jittrażmettu l-ħajja: "Nisslu u oktru u imlew l-art" *(Ġen 1,28).* Huma u jwasslu l-ħajja lil dawk li jitnisslu minnhom, ir-raġel u l-mara, bħala miżżewġin u ġenituri, għandhom sehem b'mod liema bħalu fil-ħidma tal-Ħallieq.[4]

373 Fil-ħsieb ta' Alla, ir-raġel u l-mara huma msejħin biex "jaħkmu" l-art *(Ġen 1,28)* bħala "prokuraturi" ta' Alla. Din il-ħakma ma għandhiex tkun ħakma arbitrarja u qerrieda. F'xebh mal-Ħallieq li "jħobb il-ħlejjaq kollha" *(Għerf 11,24),* ir-raġel u l-mara huma msejħin biex jissieħbu mal-Providenza ta' favur il-ħlejjaq l-oħra. Minn hawn ir-responsabbiltà tal-bnedmin għad-dinja li Alla fdalhom f'idejhom.

## IV. Il-bniedem fil-ġenna tal-art

374 L-ewwel bniedem mhux biss ġie maħluq tajjeb, imma wkoll tqiegħed f'qagħda ta' ħbiberija ma' min ħalqu u f'qagħda ta' armonija miegħu nnifsu u mal-ħolqien madwaru, qagħda u armonija li xejn ma kien se jgħaddihom ħlief il-ħolqien ġdid fi Kristu.

375 Il-Knisja, hija u tfisser b'mod awtentiku s-simboliżmu tal-kliem tal-Iskrittura fid-dawl tat-Testment il-Ġdid u tat-Tradizzjoni, tgħallem li l-ewwel ġenituri tagħna, Adam u Eva, tqiegħdu fi stat ta' "qdusija u

[1] Ara Is 49,14-15; 66,13; Salm 130,2-3.
[2] Hos 11,1-4; Ġer 4,19.
[3] Ara Ġen 2,19-20.
[4] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes,* 50.

ġustizzja tal-bidu".[1] Din il-grazzja tal-qdusija oriġinali kienet "sehem fil-ħajja ta' Alla".[2]

376 Din il-grazzja kienet tinxtered fid-dimensjonijiet kollha tal-ħajja tal-bniedem u hekk kellhom il-faraġ tagħha. Sakemm dam f'qagħda ta' intimità ma' Alla, il-bniedem ma kellux imut[3] u lanqas ibati.[4] L-armonija tal-persuna tal-bniedem fiha nfisha, l-armonija bejn ir-raġel u l-mara,[5] u l-armonija bejn l-ewwel raġel u mara u l-ħolqien kollu – dan kollu jissejjaħ stat ta' "ġustizzja oriġinali".

377 Il-"ħakma" tad-dinja li Alla ta lill-bniedem fil-bidu, seħħet qabelxejn fil-bniedem stess li kellu l-*ħakma fuqu nnifsu.* Il-bniedem kien kollu kemm hu sħiħ u ordnat fih innifsu, għax kien ħieles mit-tliet ġibdiet:[6] il-ħajra li twassal biex ifittex il-pjaċiri tal-ġisem, ir-regħba tal-ġid tad-dinja, u l-ebusija ta' rasu kontra dak li tgħidlu r-raġuni.

378 Alla qiegħed il-bniedem fil-ġnien li ħawwel, bħala sinjal tal-familjarità tal-bniedem ma' Alla[7] jgħix fih biex "jaħdmu u jħarsu" *(Ġen 2,15).* Ix-xogħol mhuwiex xi kastig,[8] imma t-tisħib tar-raġel u l-mara ma' ma' Alla għat-titjib tad-dinja li tidher.

379 Hi din l-armonija kollha tal-ġustizzja tal-bidu, imħejjija għall-bniedem fil-pjan ta' Alla, li l-ewwel ġenituri tagħna tilfu bid-dnub.

## Fil-qosor

380 *"Ħlaqt il-bniedem fi xbieha tiegħek, o Alla, fdajtlu f'idejh id-dinja kollha biex jieħu ħsiebha ħalli jaqdi lilek waħdek, Ħallieq tiegħu, u jsaltan fuq il-ħlejjaq kollha".*[9]

381 *Il-bniedem hu ddestinat minn qabel li jġib ix-xbieha tal-Iben ta' Alla magħmul bniedem, "ix-xbieha ta' Alla li ma jidhirx"* (Kol 1,15), *biex Kristu jkun il-kbir fost ħafna aħwa.*[10]

382 *Il-bniedem hu "wieħed bir-ruħ u l-ġisem".*[11] *Id-duttrina tal-fidi tgħallem li r-ruħ spiritwali u immortali tal-bniedem hi maħluqa direttament minn Alla.*

[1] Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1511.
[2] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 2.
[3] Ara Ġen 2,17; 3,19.
[4] Ara Ġen 3,16,
[5] Ara Ġen 2,25.
[6] Ara 1 Ġw 2,16.
[7] Ara Ġen 2,8.
[8] Ara Ġen 3,17-19.
[9] Missal Ruman, Talba Ewkaristika IV.
[10] Ara Ef 1,3-6; Rum 8,29.
[11] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes,* 14.

383 *Alla ma ħalaqx il-bniedem waħdu: sa mill-bidu "raġel u mara ħalaqhom"* (Ġen 1,27), *L-għaqda tagħhom hi l-ewwel sura ta' xirka bejn persuni.*[1]

384 *Ir-rivelazzjoni għarrfitna bl-istat ta' qdusija u ġustizzja tal-bidu li fih ir-raġel u l-mara kienu jgħixu qabel id-dnub; mill-ħbiberija tagħhom ma' Alla kien jiġi l-hena tal-ħajja tagħhom fil-ġenna tal-art.*

Is-seba' paragrafu

## IL-WAQGĦA

385 Alla hu tjieba bla qies u kulma għamel hu kollu tajjeb. Iżda ebda persuna ma teħles li tgħaddi mill-esperjenza tat-tbatija, mid-diżgrazzji tan-natura – li jidhru qishom marbutin mal-limitazzjonijiet proprji tal-ħlejjaq – u, fuq kollox, ebda persuna ma tista' teħles mill-problema tal-ħażen morali. Minn fejn jiġi l-ħażen? "Fittixt minn fejn ġej il-ħażen, u ma sibtx triq minn fejn noħroġ" jgħid Santu Wistin,[2] u fit-tfittix tiegħu ma sabx triq li minnha joħroġ ħlief fil-konverżjoni tiegħu lejn Alla l-ħaj. Għaliex "il-misteru tal-ħażen" *(2Tes 2,7)* jiftiehem biss fid-dawl tal-"misteru tar-reliġjon" *(1 Tim 3,16).* Ir-rivelazzjoni tal-imħabba ta' Alla fi Kristu wriet fl-istess ħin kemm hu mxerred il-ħażen u kemm kotrot il-grazzja.[3] Aħna għalhekk irridu nersqu lejn il-problema tal-bidu tal-ħażen billi nħarsu bil-fidi lejn Dak li, waħdu, rebaħ il-ħażen.[4]

### I. Fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja

IR-REALTÀ TAD-DNUB

386 Id-dnub jinsab fil-ġrajja tal-bniedem: ikun kollu għalxejn jekk din ir-realtà misterjuża ninjorawha jew insejħulha b'xi isem ieħor. Biex wieħed jasal biex jifhem x'inhu d-dnub, irid l-ewwel jagħraf *ir-rabta kbira li hemm bejn Alla u l-bniedem,* għaliex jekk wieħed ma jqisx din ir-rabta, il-ħażen tad-dnub ma jinkixifx fl-identità vera tiegħu, dik taċ-ċaħda ta' Alla, ta' qagħda kontra Alla, qagħda li ma tieqaf qatt tagħfas fuq il-ħajja tal-bniedem u l-ġrajja tiegħu.

387 Ir-realtà tad-dnub, u b'mod partikulari r-realtà tad-dnub tal-bidu, tidher tassew dik li hi biss fid-dawl tar-Rivelazzjoni ta' Alla. Mingħajr it-tagħrif li din ir-Rivelazzjoni tagħtina fuq Alla ma nistgħux nagħrfu sewwa x'inhu d-dnub, u tiġina t-tentazzjoni li nfissruh sempliċiment bħala xi difett tagħna aħna u nikbru, xi dgħufija psikoloġika, xi żball, xi effett li bilfors kellu joħroġ minn strutturi soċjali mhux adatti biżżejjed, u l-bqija. Mill-għarfien biss tal-pjan ta' Alla għall-

[1] *Ibid.*, 12.
[2] Santu Wistin, *Stqarrijiet*, 7, 7, 11: "Quaerebam unde malum et non erat exitus".
[3] Ara Rum 5,20.
[4] Ara Lq 11,21-22; Ġw 16,11; 1 Ġw 3,8.

bniedem naslu biex nifhmu li d-dnub hu abbuż tal-libertà li Alla ta lill-persuni li hu ħalaq biex ikunu jistgħu jħobbuh u jħobbu lil xulxin.

ID-DNUB TAN-NISEL - VERITÀ ESSENZJALI TAL-FIDI

388 Ir-Rivelazzjoni, tul iż-żmien li kienet issir, iċċarrat ukoll ir-realtà tad-dnub. Għalkemm il-poplu ta' Alla tat-Testment il-Qadim b'xi mod kien jaf x'kienet il-qagħda tal-bniedem fid-dawl tal-ġrajja tal-waqgħa fil-Ġenesi, qatt ma seta' jasal biex jara t-tifsir sħiħ ta' din il-ġrajja, li deher biss fid-dawl tal-Mewt u l-Qawmien mill-imwiet ta' Ġesù Kristu.[1] Irridu nagħrfu 'l Kristu bħala għajn tal-grazzja biex nagħrfu 'l Adam bħala għajn tad-dnub. Hu l-Ispirtu-Paraklitu, mibgħut minn Kristu rxoxt, li ġie biex "juri d-dinja li għandha żball dwar id-dnub" *(Ġw 16,8),* huwa u jirrivelalna l-Feddej tad-dnub.

389 Id-duttrina tad-dnub tan-nisel qisha l-"maqlub" tal-Bxara t-Tajba li Ġesù hu s-Salvatur tal-bnedmin kollha, li kollha jeħtieġu s-salvazzjoni, u li s-salvazzjoni qiegħda tiġi offruta lil kulħadd bis-saħħa ta' Kristu. Il-Knisja, li għandha l-ħsieb ta' Kristu,[2] taf sewwa li ħadd ma jista' joqgħod iġib fix-xejn ir-rivelazzjoni tad-dnub tan-nisel mingħajr ma jhedded il-misteru ta' Kristu.

KIF NAQRAW IL-ĠRAJJA TAL-WAQGĦA

390 Ir-rakkont tal-waqgħa *(Ġen 3)* jingħad b'diskors mimli immaġinazzjoni, imma jsemmi ġrajja tal-bidu, fatt li seħħ fil-bidu tal-ġrajja tal-bniedem.[3] Ir-Rivelazzjoni tiżgurana biċ-ċertezza tal-fidi li l-ġrajja kollha tal-bniedem għandha fuqha l-marka tal-ħtija tal-bidu, ħtija li twettqet b'mod għalkollox ħieles mill-ewwel ġenituri tagħna.[4]

## II. Il-waqgħa tal-anġli

391 L-għażla ta' diżubbidjenza li għamlu l-ewwel ġenituri tagħna kellha warajha leħen qarrieq, kontra Alla[5] li, għall-għira, waqqagħhom fil-mewt.[6] L-Iskrittura u t-Tradizzjoni tal-Knisja f'dan il-leħen jaraw leħen ta' anġlu li waqa', imsejjaħ Xitan jew demonju.[7] Il-Knisja tgħallem li dan qabel kien anġlu tajjeb, maħluq minn Alla. "Ix-xitan u x-xjaten l-oħra ġew maħluqin minn Alla tajbin fin-natura tagħhom, iżda kienu huma stess li saru ħżiena".[8]

[1] Ara Rum 5,12-21.
[2] Ara 1 Kor 2,16.
[3] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 13.
[4] Ara Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1513; Piju XII: enċ. *Humani generis;* Denzinger-Schonmetzer, 3897; Pawlu VI diskors tal-11 ta' Lulju 1966.
[5] Ara Ġen 3,4-5.
[6] Ara Għerf 2,24.
[7] Ara Ġw 8,44; Apok 12,9.
[8] "Diabolis et alii daemones a Deo quidem natura creati sunt boni, sed ipsi per se facti sunt mali": Konċ. Lateran IV (1215): Denzinger-Schonmetzer, 800.

392 L-Iskrittura titkellem dwar *dnub* tal-anġli.[1] Din il-"waqgħa" kienet għażla ħielsa ta' dawn l-ispirti maħluqa li *ċaħdu* 'l Alla u s-Saltna tiegħu b'mod radikali u b'mod li ma setgħux jerġgħu lura minnu. Insibu rifless ta' dan l-irvell kontra Alla fil-kliem ta' dak li ġarrab lill-ewwel ġenituri tagħna: "Issiru bħal Alla" *(Ġen 3,5).* Ix-xitan "dineb sa mill-bidu" *(1 Ġw 3,8),* hu "missier il-gideb" *(Ġw 8,44).*

393 Id-dnub tal-anġli ma jistax jinħafer, mhux minħabba xi nuqqas tal-ħniena bla qies ta' Alla, imma għaliex l-għażla tagħhom saret b'mod li ma setgħux jerġgħu lura minnha. "M'hemmx sogħba għalihom wara l-waqgħa, kif m'hemmx sogħba għall-bnedmin wara l-mewt".[2]

394 L-Iskrittura tixhdilna x'influwenza ħażina għandu dak li Ġesù sejjaħlu "qattiel sa mill-bidu" *(Ġw 8,44)* u li pprova wkoll idawwar lil Ġesù mill-missjoni li fdalu l-Missier.[3] "Kien għalhekk li deher l-Iben ta' Alla, biex iħott kulma għamel ix-xitan" *(1 Ġw 3,8).* Minn kulma għamel ix-xitan, minħabba l-konsegwenzi li ġieb, l-agħar kien il-qerq giddieb li bih wassal lill-bniedem biex jikser l-ordni ta' Alla.

395 Iżda l-qawwa tax-xitan mhijiex bla qies. Hu biss ħlejqa. Setgħani għax spirtu pur, imma dejjem ħlejqa; ma jistax iwaqqaf il-bini tas-Saltna ta' Alla. Jagħmel x'jagħmel ix-xitan fid-dinja b'mibegħda għal Alla u għas-Saltna tiegħu fi Kristu, u kbar kemm huma kbar il-ħsarat li tagħmel il-ħidma tiegħu – ħsarat ta' natura spiritwali u, indirettament, ta' natura fiżika wkoll – lil kull bniedem u lis-soċjetà, il-ħidma tiegħu tippermettiha l-providenza ta' Alla, li bil-qawwa u bil-ħlewwa tmexxi l-istorja tal-bniedem u tad-dinja. Hu misteru kbir li Alla jippermetti l-ħidma tax-xitan, iżda "aħna nafu li Alla, ma' dawk li jħobbuh, f'kollox jaħdem id f'id għall-ġid tagħhom" *(Rum 8,28).*

## III. Id-Dnub tan-nisel

IL-PROVA TAL-LIBERTÀ

396 Alla ħalaq il-bniedem xbieha tiegħu u riedu ħabib tiegħu. Kreatura spiritwali, il-bniedem ma jistax jgħix din il-ħbiberija jekk mhux billi joqgħod b'mod ħieles għal kulma jrid Alla minnu. Il-projbizzjoni magħmula lill-bniedem biex ma jikolx mis-siġra ta' tagħrif it-tajjeb u l-ħażin tfisser dan, "għax dak inhar li tiekol minnha żgur li tmut" *(Ġen 2,17).* "Is-siġra ta' tagħrif it-tajjeb u l-ħażin" *(Ġen 2,17)* turina simbolikament liema huma l-limiti li l-bniedem ma jistax jaqbeż. Il-bniedem, billi hu kreatura, għandu jagħraf dawn il-limiti u jirrispettahom bil-fiduċja kollha. Il-bniedem jiddependi minn Alla li ħalqu, u jrid joqgħod għal-liġijiet tal-ħolqien u għan-normi morali li jirregolaw l-użu tal-libertà.

[1] Ara 2 Piet 3,4.
[2] San Ġwann Damaxxenu, *De fide orthodoxa* 2, 4: PG 94, 877C.
[3] Ara Mt 4,11.

397 Il-bniedem, imġarrab mix-xitan, ħalla tintemm f'qalbu l-fiduċja li kellu fil-Ħallieq tiegħu,[1] abbuża mil-libertà tiegħu, u *ma obdiex* il-kmandament ta' Alla.[2] Dan kien l-ewwel dnub tal-bniedem. Kull dnub li ġie wara hu att ta' diżubbidjenza lejn Alla u nuqqas ta' fiduċja fit-tjieba tiegħu.

398 Bid-dnub tiegħu, il-bniedem *ippreferixxa* lilu nnifsu għal Alla, u għalhekk stmerr lil Alla, għażel lilu nnifsu flok Alla, flok dak li kienet titlob minnu l-qagħda tiegħu ta' maħluq, u għalhekk ukoll flok il-ġid proprju tiegħu. Imqiegħed (kostitwit) fi stat ta' qdusija, il-bniedem kien destinat li jkun għalkollox divinizzat minn Alla fil-glorja. Imqarraq mix-xitan, ried "isir bħal allat",[3] iżda "mingħajr Alla, qabel Alla, u mhux skont Alla".[4]

399 L-Iskrittura turina x'kienu l-konsegwenzi traġiċi ta' din l-ewwel diżubbidjenza. Adam u Eva minnufih tilfu l-grazzja tal-qdusija tal-bidu.[5] Beżgħu minn Alla,[6] li tiegħu kienu fasslu xbieha qarrieqa, dik ta' Alla għajjur għall-prerogattivi tiegħu.[7]

400 L-armonija li fiha kienu jgħixu, li tathielhom il-grazzja tal-ġustizzja oriġinali, inqerdet; il-ħakma tal-fakultajiet spiritwali tar-ruħ fuq il-ġisem tkissret;[8] l-għaqda tar-raġel u l-mara bdiet iġġarrab tensjonijiet,[9] u r-rapporti bejniethom indarbu minn xewqat ħżiena u minn spirtu ta' ħakma.[10] Inkisret ukoll l-armonija li kien hemm mal-ħolqien: id-dinja li tidher saret barranija għall-bniedem u għadu tiegħu.[11] Minħabba l-bniedem, il-ħolqien kollu "jinsab taħt il-frugħa" *(Rum 8,20).* U fl-aħħar nett seħħ l-effett tad-diżubbidjenza, imħabbar espliċiment minn qabel: il-bniedem "jerġa' lura lejn l-art għax minnha ġie meħud" *(Ġen 3,19). Il-mewt daħlet fil-ġrajja tal-bniedem.*[12]

401 Wara dan l-ewwel dnub, kien hemm "invażjoni" sħiħa ta' dnubiet li xterdet mad-dinja: il-qtil ta' Abel minn Kajjin ħuh;[13] l-art kollha tħassret minħabba d-dnub;[14] fil-ġrajja ta' Israel id-dnub kien jidher ta' spiss, l-aktar bħala nuqqas ta' fedeltà lejn Alla tal-Patt, jew bħala ksur tal-liġi ta' Mosè; u wkoll wara l-Fidwa ta' Kristu, fost l-Insara,

[1] Ara Ġen 3,11.
[2] Ara Rum 5,19.
[3] Ara Ġen 3,5.
[4] San Massimu l-Konfessur, *Ambiguorum liber,* PG 91, 1156C
[5] Ara Rum 3,23.
[6] Ara Ġen 3,9-10.
[7] Ara Ġen 3,5.
[8] Ara Ġen 3,7.
[9] Ara Ġen 3,11-13.
[10] Ara Ġen 3,16.
[11] Ara Ġen 3,17-19.
[12] Ara Rum 5,12.
[13] Ara Ġen 4,3-15.
[14] Ara Ġen 6,5.12; Rum 1,18-32.

id-dnub juri ruħu taħt ħafna suriet.[1] L-Iskrittura u t-Tradizzjoni tal-Knisja ma jieqfu qatt ifakkru li *d-dnub* jinsab u *hu mxerred fil-ġrajja kollha kemm hi* tal-bniedem:

> Dak li nsiru nafu bih mir-Rivelazzjoni ta' Alla, jaqbel mal-esperjenza tagħna. Għax il-bniedem, jekk iħares f'qalbu, għandu jintebaħ li hu miġbud ukoll lejn il-ħażen, u mgħaddas f'tant suriet ta' deni, li żgur ma jistgħux jiġu mill-Ħallieq tajjeb tiegħu. Spiss il-bniedem ma jkunx irid jagħraf lil Alla bħala l-bidu tiegħu, u hekk jikser ukoll l-ordni li jmexxih lejn l-għan aħħari tiegħu, u fl-istess ħin ukoll iħarbat kull relazzjoni kemm miegħu nnifsu u kemm mal-bnedmin l-oħra u mal-ħlejjaq kollha.[2]

IL-KONSEGWENZI TAD-DNUB TA' ADAM GĦALL-FAMILJA KOLLHA TAL-BNEDMIN

402 Il-bnedmin kollha huma mdaħħlin fid-dnub ta' Adam. Jgħidu San Pawl: "Bid-diżubbidjenza ta' bniedem wieħed il-ħafna (jiġifieri l-bnedmin kollha) saru midinbin" *(Rum 5,19).* "Bħalma kien permezz ta' bniedem wieħed li fid-dinja daħal id-dnub, u permezz tad-dnub il-mewt, u hekk il-mewt laħqet il-bnedmin kollha, għax kollha dinbu..." *(Rum 5,12).* Kontra l-universalità tad-dnub u tal-mewt l-Appostlu jqiegħed l-universalità tas-salvazzjoni fi Kristu: "Kif bil-ħtija ta' wieħed waħdu waslet il-kundanna fuq il-bnedmin kollha, hekk ukoll bl-opra tal-ġustizzja ta' wieħed waslet lill-bnedmin kollha l-ġustifikazzjoni tal-ħajja" *(Rum 5,18).*

403 Wara San Pawl, il-Knisja dejjem għallmet li l-miżerja kbira li tagħfas fuq il-bnedmin u l-ġibda tagħhom lejn il-ħażen u lejn il-mewt ma jinftehmux mingħajr ir-rabta tagħhom mad-dnub ta' Adam u mal-fatt li hu għaddielna dnub li bih nitwieldu u li hu "l-mewt tar-ruħ".[3] Għaliex din hi verità żgura tal-fidi, il-Knisja tagħti l-Magħmudija għall-maħfra tad-dnubiet ukoll lit-trabi li ma għamlux dnubiet pesonali.[4]

404 B'liema mod id-dnub ta' Adam sar id-dnub ta' dawk kollha li tnisslu minnu? Il-ġens kollu tal-bnedmin hu f'Adam "qisu ġisem wieħed fi bniedem wieħed".[5] Minħabba din "l-għaqda tal-ġens tal-bnedmin", il-bnedmin kollha huma mdaħħlin fid-dnub ta' Adam, kif kollha huma mdaħħlin fil-ġustizzja ta' Kristu. Madankollu, kif id-dnub tan-nisel jgħaddi fil-bnedmin kollha hu misteru li qatt ma nistgħu naslu biex nifhmuh għalkollox. Imma nafu mir-Rivelazzjoni li Adam kien irċieva l-qdusija u l-ġustizzja tal-bidu mhux għalih waħdu, imma għan-natura kollha tal-bnedmin; meta ċedew għat-tentazzjoni, Adam u Eva għamlu *dnub personali,* iżda dan id-dnub tagħhom laqat *in-natura tal-bniedem,* li huma jgħaddu lil kull min jitnissel minnhom *f'qagħda mwaqqgħa.*[6] Hu dnub li jgħaddi u jinxtered fil-familja kollha tal-bnedmin, jiġifieri tingħata natura umana mċaħħda mill-qdusija u l-ġustizzja tal-bidu. Hu

[1] Ara 1 Kor 1-6; Apok 2-3.
[2] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 13.
[3] Ara Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1512.
[4] *Ibid.*, 1514.
[5] San Tumas ta' Aquino, *Quaestiones disputate de malo,* 4, 1.
[6] Ara Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1511-1512.

għalhekk li d-dnub tan-nisel hu msejjaħ "dnub", b'mod ta' analoġija, għaliex hu dnub li "ttieħed" u mhux dnub li "sar", hu stat mhux għemil.

405 Għalkemm kull bniedem jitwieled bid-dnub tan-nisel,[1] f'ebda persuna mnissla minn Adam id-dnub tan-nisel mhu xi ħtija personali. Hu ċ-ċaħda tal-qdusija u tal-ġustizzja tal-bidu, iżda n-natura tal-bniedem ma ġietx imħassra għalkollox: ġiet midruba fis-setgħat naturali proprji tagħha, waqgħet taħt il-ħakma tal-injoranza, tat-tbatija u tas-setgħa tal-mewt, u tal-ġibda lejn id-dnub (din il-ġibda lejn il-ħażin tissejjaħ "konkupixxenza"). Il-Magħmudija, hija u tagħtina l-ħajja tal-grazzja fi Kristu, tneħħi d-dnub tan-nisel u treġġa' lura l-bniedem lejn Alla; iżda jibqgħu fina l-konsegwenzi tad-dnub tan-nisel fin-natura mdgħajfa u miġbuda lejn il-ħażen, u jistednuna niġġieldu l-ġlieda spiritwali.

406 It-tagħlim tal-Knisja dwar kif jintiret id-dnub tan-nisel tfisser b'mod preċiż l-aktar fis-seklu ħamsa, b'mod partikulari meta Santu Wistin ħaseb ħafna fuq il-problema tad-dnub tan-nisel ħa jeħodha kontra l-Pelaġjaniżmu, u fis-seklu sittax kontra r-Riforma tal-Protestanti. Pelaġju kien tal-fehma li l-bniedem jista' jgħix ħajja moralment tajba bil-qawwa naturali tar-rieda ħielsa tiegħu mingħajr il-ħtieġa tal-grazzja ta' Alla; u għalhekk naqqas ħafna l-influwenza tad-dnub ta' Adam; qal li Adam bid-dnub tiegħu tana biss eżempju ħażin. L-ewwel Protestanti, għall-kuntrarju, għallmu li l-bniedem tħassar għalkollox u l-libertà tiegħu nqerdet bid-dnub tan-nisel; huma qiesu li huma l-istess ħaġa d-dnub li jiret kull bniedem u l-ġibda lejn il-ħażen *("concupiscientia")* li qatt ma tista' tingħeleb. Il-Knisja b'mod speċjali tkellmet dwar dak li tgħidilna r-Rivelazzjoni fuq id-dnub tan-nisel fit-tieni Konċilju ta' Orange fis-sena 529[2] u fil-Konċilju ta' Trento.[3]

ĠLIEDA KIEFRA

407 It-tagħlim fuq id-dnub tan-nisel – marbut mat-tagħlim fuq il-fidwa li seħħet bi Kristu – juri ċar x'inhi u jagħraf sewwa l-qagħda tal-bniedem u l-imġiba tiegħu fid-dinja. Bid-dnub tal-ewwel ġenituri tagħna, ix-xitan kiseb ċerta ħakma fuq il-bniedem, għalkemm dan baqa' ħieles. Id-dnub tan-nisel ġab miegħu "jasar taħt is-setgħa ta' dak li għandu f'idu s-saltna tal-mewt, jiġifieri x-xitan".[4] Nagħmlu żbalji kbar fl-fl-oqsma tal-edukazzjoni, tal-politika, tal-ħidma soċjali,[5] u tal-imġiba morali jekk ma nammettux li l-bniedem għandu natura midruba u miġbuda lejn il-ħażen.

408 Il-konsegwenzi tad-dnub tan-nisel u d-dnubiet personali kollha tal-bnedmin jagħtu lid-dinja kollha kemm hi qagħda ta' dnub, li nistgħu nfissru bi kliem San Ġwann: "id-dnub tad-dinja" *(Ġw 1,29).* Dan il-kliem ifisser ukoll l-influwenza ħażina li jħallu fuq in-nies il-qagħdiet komunitarji u l-istrutturi soċjali li huma frott dnubiet il-bnedmin.[6]

---

[1] *Ibid.*, 1513.
[2] Ara Konċ. ta' Orange II: Denzinger-Schonmetzer, 371-372.
[3] Ara Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1510-1516.
[4] *Ibid.*, 1511. Ara Lh 2,14.
[5] Ara Ġwanni Pawlu II, *Centesimus annus*, 25.
[6] Ara Ġwanni Pawlu II, *Reconciliatio et paenitentia*, 16.

409 Din il-qagħda drammatika tad-dinja li "kollha qiegħda taħt idejn il-ħażin"[1] tagħmel il-ħajja tal-bniedem ġlieda waħda:

> Tul il-ġrajja kollha tal-bniedem niltaqgħu dejjem ma' ġlieda kiefra kontra s-setgħat tad-dlamijiet li bdiet fil-bidu u tibqa' sejra sal-aħħar jum – u dan qalulna l-Mulej. Impenjat f'din it-taqbida, il-bniedem irid jiġġieled bla heda biex jintrabat ma' dak li hu tajjeb; u mhux mingħajr sforzi kbar, bl-għajnuna tal-grazzja ta' Alla, jirnexxilu jikseb l-għaqda fih innifsu.[2]

## IV. "Ma ħallejtux taħt is-setgħa tal-mewt"

410 Wara l-waqgħa, il-bniedem ma ġiex abbandunat minn Alla. Għall-kuntrarju, Alla sejjaħlu[3] u b'mod misterjuż ħabbarlu rebħa fuq il-ħażen u l-irfigħ tiegħu mill-waqgħa.[4] Din is-silta tal-Ġenesi ssejħet "Protoevanġelju", għax fiha hemm l-ewwel tħabbira tal-Messija-Feddej, tal-ġlieda bejn is-serp u l-Mara u r-rebħa fl-aħħar ta' nisilha.

411 It-tradizzjoni nisranija, f'din is-silta, tara tħabbira ta' "Adam ġdid"[5] li, "billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib" *(Fil 2,8)* patta fuq fuq li patta għad-diżubbidjenza ta' Adam.[6] Imbagħad, ħafna Missirijiet u u Dutturi tal-Knisja, fil-mara mħabbra fil-"Protoevanġelju", raw lil omm Kristu, Marija, bħala "Eva ġdida". Kienet dik li, l-ewwel waħda u b'mod waħdieni, kisbet ġid mir-rebħa fuq id-dnub li kiseb Kristu: ġiet meħlusa minn kull tinġis tad-dnub tan-nisel[7] u tul ħajjitha kollha fid-dinja, bi grazzja speċjali ta' Alla, ma għamlet ebda sura ta' dnub.[8]

412 Iżda *għaliex Alla ma żammx l-ewwel bniedem milli jidneb?* San Ljun il-Kbir iwieġeb: "Il-grazzja tal-għaġeb ta' Kristu tatna ġid wisq aqwa minn dak li l-għira tax-xitan ħaditilna".[9] U San Tumas d'Aquino: "Ma hemm xejn li jista' jmur kontra l-fatt li n-natura tal-bniedem ġiet destinata għal sejħa aktar għolja wara d-dnub. Alla jippermetti d-deni biex minnu joħroġ ġid akbar. Għalhekk San Pawl jgħid: 'Fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja' *(Rum 5,20),* u fl-'*Exsultet*' jitkanta: 'X'ħaġa hienja kienet, ladarba stħoqqilha Feddej kbir bħal dan!' ".[10]

## Fil-qosor

413 *"Il-mewt mhux Alla għamilha, u anqas togħġbu l-qerda tal-ħajjin... bl-għira tax-xitan daħlet il-mewt fid-dinja"* (Għerf 1,13; 2,24).

---

[1] 1 Ġw 5,19; ara 1 Piet 5,8.
[2] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 37.
[3] Ara Ġen 3,9.
[4] Ara Ġen 3,15.
[5] Ara 1 Kor 15,21-22.45.
[6] Ara Rum 5,19-20.
[7] Ara Piju IX, bolla *Ineffabilis Deus:* Denzinger-Schonmetzer, 2803.
[8] Ara Konċilju ta' Trento, Denzinger-Schonmetzer, 1573.
[9] San Ljun il-Kbir *Sermones*, 73, 4; PL 54, 396.
[10] San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae*, 3, 1, 3 ad 3.

414 *Ix-xitan u x-xjaten l-oħra huma anġli li waqgħu għax, b'mod ħieles, ċaħdu li jaqdu 'l Alla u l-pjan tiegħu. L-għażla tagħhom kontra Alla kienet definittiva. Huma jfittxu jsieħbu l-bniedem magħhom kontra Alla.*

415 *"Il-bniedem, imqiegħed minn Alla f'qagħda ta' qdusija, imqarraq mix-xitan, sa mill-bidu tal-ġrajja tiegħu, abbuża mil-libertà tiegħu, u ħadha kontra Alla u ried jilħaq il-fini tiegħu mingħajr Alla".*[1]

416 *Bid-dnub tiegħu, Adam, bħala l-ewwel bniedem, tilef il-qdusija u l-ġustizzja tal-bidu li rċieva mingħand Alla mhux biss għalih innifsu, imma għall-bnedmin kollha.*

417 *Adam u Eva, lil dawk kollha li tnisslu minnhom, tawhom natura midruba bl-ewwel dnub tagħhom, u għalhekk nieqsa mill-qdusija u l-ġustizzja tal-bidu. Dan in-nuqqas jissejjaħ "dnub tan-nisel".*

418 *Minħabba d-dnub tan-nisel in-natura tal-bniedem ġiet imdgħajfa fis-setgħat naturali tagħha, waqgħet taħt il-ħakma tal-injoranza u tat-tbatija u taħt is-setgħa tal-mewt u għandha ġibda lejn id-dnub (din il-ġibda tissejjaħ "konkupixxenza").*

419 *"Aħna nżommu, mal-Konċilju ta' Trento, li d-dnub tan-nisel nirtuh flimkien man-natura tagħna ta' bnedmin, 'mhux b'imitazzjoni' imma bi 'propagazzjoni', mhux għax aħna nagħmlu bħalma għamlu l-ewwel ġenituri tagħna, imma għax huma għaddewh lilna u għalhekk hu "proprju ta' kull wieħed minna".*[2]

420 *Ir-rebħa fuq id-dnub li kiseb Kristu tatna ġid wisq aqwa minn dak li ħadilna d-dnub: "Fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja"* (Rum 5,20).

421 *"L-Insara jemmnu li d-dinja twaqqfet u qed tinżamm mill-imħabba tal-Ħallieq; waqgħet, iva, fil-jasar tad-dnub, iżda ġiet meħlusa minn Kristu msallab u rxoxt li farrak is-setgħa tal-ħażen".*[3]

### IT-TIENI KAPITLU

## "NEMMEN F'ĠESÙ KRISTU IBNU WIEĦED SIDNA"

IL-BXARA T-TAJBA: ALLA BAGĦAT LIL IBNU

422 "Meta waslet il-milja taż-żminijiet, Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-liġi, biex jifdi lil dawk li kienu taħt

[1] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 13.
[2] Pawlu VI, Kredu tal-Poplu ta' Alla, 16.
[3] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 2.

il-liġi, biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied" *(Gal 4,4-5).* Din hi "l-Bxara t-tajba ta' Ġesù Kristu, l-Iben ta' Alla" *(Mk 1,1):* Alla żar lill-poplu tiegħu,[1] wettaq il-wegħdiet li kien għamel lil Abraham u lil nislu,[2] u Alla għamel dan b'mod li ħadd ma kien jistenna: bagħat 'l "Ibnu l-għażiż" *(Mk 1,11).*

423 Aħna nemmnu u nistqarru li Ġesù ta' Nazaret, imwieled Lhudi minn xebba ta' Israel, f'Betlehem, fi żmien is-sultan Erodi l-Kbir u l-imperatur Ċesari Awgustu, kellu s-sengħa ta' mastrudaxxa, miet imsallab f'Ġerusalemm, taħt il-prokuratur Ponzju Pilatu, fi żmien is-saltna tal-imperatur Tiberju – hu l-Iben etern ta' Alla magħmul bniedem li "ġie mingħand Alla" *(Ġw 13,3),* "niżel mis-sema" *(Ġw 3,13; 6,33),* "sar bniedem" *(1 Ġw 4,2),* għax "il-Verb sar bniedem u għammar fostna, u aħna rajna l-glorja tiegħu, il-glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni mimli bil-grazzja u l-verità... u mill-milja tiegħu aħna lkoll ħadna, grazzja fuq grazzja" *(Ġw 1,14.16).*

424 Imbuttati mill-grazzja tal-Ispirtu s-Santu u miġbudin mill-Missier, aħna nemmnu u nistqarru dwar Ġesù: "Inti Kristu, l-Iben ta' Alla l-ħaj" *(Mt 16,16).* Hu fuq il-blata ta' din il-fidi, li stqarr San Pietru, li Kristu bena l-Knisja tiegħu.[3]

### "INXANDAR... L-GHANA TA' KRISTU LI EBDA MOĦĦ MA JISTA' JIFHMU" (*Ef 3,8*)

425 Ix-xandir tal-fidi nisranija hi l-ewwel nett it-tħabbira ta' Ġesù Kristu, li trid twassal għall-fidi fih. Sa mill-bidu, l-ewwel dixxipli kienu mkebbsin bix-xewqa li jħabbru 'l Kristu: "Aħna ma nistgħux ma nitkellmux fuq dak li rajna u smajna" *(Atti 4,20).* U stiednu l-bnedmin ta' kull żmien biex jidħlu fl-hena tax-xirka ma' Kristu:

> Dak li aħna smajna, li rajna b'għajnejna, li lejh ħarisna u messew idejna, jiġifieri l-Verb, il-Kelma tal-ħajja, dan sejrin inxandrulkom. Għax il-ħajja dehret u aħna rajnieha u qegħdin nixhdu għaliha. Qegħdin inxandrulkom il-ħajja ta' dejjem li kienet għand il-Missier u dehret lilna. Qegħdin inxandrulkom dak li aħna rajna u smajna, biex intom tissieħbu magħna, u l-għaqda tagħna tkun mal-Missier u ma' Ibnu Ġesù Kristu. Qegħdin niktbu dan biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ *(1 Ġw 1,1-4).*

### IL-QALBA TAL-KATEKEŻI: KRISTU

426 "Fil-qalba tal-katekeżi nsibu essenzjalment Persuna, dik ta' Ġesù ta' Nazaret, l-Iben Waħdieni tal-Missier... li bata u miet għalina, li qam mill-imwiet, u issa qiegħed magħna għal dejjem... Tikkatekizza... jiġifieri turi fil-Persuna ta' Kristu l-pjan ta' dejjem ta' Alla. Tipprova tifhem it-tifsir tal-ġesti u tal-kliem ta' Kristu, tifhem is-sinjali li għamel".[4] L-għan tal-katekeżi: "Tixxierek ma' Ġesù Kristu: hu biss jista'

[1] Ara Lq 1,68.
[2] Ara Lq 1,55.
[3] San Ljun il-Kbir, *Sermones* 4, 3; 51, 1: PL 54, 309B; 62,2: PL 54, 350C-351A; 83,3: PL 54, 432A. Ara Mt 16,18.
[4] Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika, *Catechesi tradendae,* 5.

jwassal għall-imħabba tal-Missier fl-Ispirtu s-Santu u jagħtina sehem mill-ħajja tat-Trinità Qaddisa".[1]

427 "Fil-katekeżi hu Kristu, il-Verb magħmul bniedem u Bin Alla, li jiġi mgħallem – il-bqija kollu li jingħad, jingħad b'referenza għalih: u Kristu biss hu dak li jgħallem; ħadd ieħor jgħallem għax isemma' l-kelma ta' Kristu, għax iħalli 'l Kristu jgħallem b'fommu... Kull katekista għandu jkun jista' jgħid għalih stess il-kliem misterjuż ta' Kristu: 'It-tagħlim tiegħi mhuwiex tiegħi, imma ta' dak li bagħatni' *(Ġw 7,16)*".[2]

428 Min hu msejjaħ biex "jgħallem 'il Kristu" irid l-ewwel nett ifittex "il-qligħ kbir li hemm filli jagħraf lil Kristu"; irid jaċċetta "li jitlef kollox... biex jirbaħ lil Kristu u jkun jinsab fih" u "jagħraf lilu u l-qawwa tal-qawmien tiegħu mill-imwiet u jaqsam miegħu t-tbatijiet tiegħu u jkun jixbhu fil-mewt biex jirnexxilu jikseb il-qawmien mill-imwiet".[3]

429 Hu dan l-għarfien kollu mħabba ta' Kristu li jqanqal ix-xewqa għat-tħabbir, għall-"evanġelizzazzjoni" biex iwassal lill-oħrajn għall-"Iva" tal-fidi fi Kristu. Iżda fl-istess ħin tinħass il-ħtieġa li din il-fidi tkun magħrufa dejjem aktar u aħjar. Biex jintlaħaq dan l-għan, skont l-ordni tas-Simbolu tal-fidi, se nfissru l-ewwel it-titli ewlenin ta' Ġesù: Kristu, Iben ta' Alla, Mulej (artiklu 2). Is-Simbolu mbagħad jistqarr il-misteri ewlenin tal-ħajja ta' Kristu: għalhekk se nitkellmu fuq il-misteru tal-Inkarnazzjoni (artiklu 3), fuq dak tal-Għid (artiklu 4 u 5), u fl-aħħar fuq dak tal-glorifikazzjoni ta' Kristu (artiklu 6 u 7).

### It-Tieni Artiklu

## "U F'ĠESÙ KRISTU, IBNU WIEĦED, SIDNA"

### I. Ġesù

430 *Ġesù* bil-Lhudi jfisser "Alla jsalva". Dak inhar tat-Tħabbira, l-anġlu Gabrijel ta lil Ġesù, bħala isem proprju tiegħu, l-isem ta' Ġesù, isem li fl-istess ħin kien ifisser l-identità tiegħu u l-missjoni tiegħu.[4] Għaliex "Alla biss jista' jaħfer id-dnubiet",[5] hu Alla li, f'Ġesù Ibnu minn dejjem ta' dejjem u li sar bniedem, "isalva l-poplu tiegħu minn dnubietu" *(Mt 1,21)*. B'dan il-mod, Alla, f'Ġesù, jiġbor il-ġrajja kollha tas-salvazzjoni favur il-bnedmin.

[1] *Ibid.*
[2] *Ibid.*, 6.
[3] Ara Fil 3,8-11.
[4] Ara Lq 1,31.
[5] Ara Mk 2,7.

431 Fil-ġrajja tas-salvazzjoni, Alla ma ħelisx biss lil Israel minn "dar il-jasar" *(Dewt 5,6)* meta ħarġu mill-Eġittu. Salvah ukoll minn dnubu. Id-dnub hu dejjem offiża li ssir lil Alla,[1] u hu biss jista' jaħfru.[2] Hu għalhekk li Israel, li beda jintebaħ dejjem aktar kif id-dnub hu mxerred ma' kullimkien, għaraf li ma setax ifittex is-salvazzjoni jekk mhux filli jsejjaħ l-isem ta' Alla-Feddej.[3]

432 L-isem ta' Ġesù jfisser li l-istess isem ta' Alla jinsab fil-Persuna ta' Ibnu,[4] sar bniedem biex jeħles il-bnedmin kollha darba għal dejjem minn dnubiethom. Hu l-isem ta' Alla biss li jagħti s-salvazzjoni,[5] u issa jista' jissejjaħ minn kulħadd għax Ġesù ngħaqad mal-bnedmin kollha bl-Inkarnazzjoni[6] hekk li "mkien taħt is-sema ma hemm isem ieħor mogħti mogħti lill-bnedmin li bih aħna għandna nkunu salvi".[7]

433 L-isem ta' Alla-Feddej kien jissemma' darba biss fis-sena mill-qassis il-kbir għall-espjazzjoni tad-dnubiet ta' Israel, meta kien iroxx fuq l-għatu ta' fuq l-arka tax-xhieda miktuba fil-post l-aktar Qaddis id-demm tas-sagrifiċċju.[8] L-għatu ta' fuq l-arka, jew propizjatorju, kien juri juri l-preżenza ta' Alla fost il-poplu.[9] Meta San Pawl għal Ġesù qal li "Alla "Alla kkostitwieh vittma ta' espjazzjoni b'demmu" *(Rum 3,25)* ried ifisser li, permezz ta' Kristu magħmul bniedem, "kien Alla li fi Kristu ħabbeb id-dinja miegħu".[10]

434 Il-qawmien ta' Kristu mill-imwiet igglorifika l-isem ta' Alla-Feddej[11] għax issa hu l-isem ta' Ġesù li juri fil-milja kollha tagħha l-qawwa, għolja fuq li għolja, ta' "l-Isem li hu fuq kull isem" *(Fil 2,9-10).* L-ispirti ħżiena jibżgħu mill-isem ta' Ġesù,[12] u f'isem Ġesù d-dixxipli tiegħu għamlu l-mirakli,[13] għax kulma kienu jitolbu lill-Missier f'isem Ġesù, il-Missier kien jagħtihulhom *(Ġw 15,16).*

435 L-isem ta' Ġesù hu fil-qalba tat-talb nisrani. It-talbiet liturġiċi kollha jagħlqu bil-formula *B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna...* U s-"Sliema u Qaddisa" tilħaq il-quċċata tagħha bil-kliem "u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek, Ġesù". U t-talba tal-qalb tal-orjentali, magħrufa bħala "Talba lil Ġesù", tgħid: "Ġesù Kristu, Iben Alla, Mulej, ħenn għalija l-midneb". Ħafna Nsara jmutu huma u jtennu b'fommhom, bħal Santa Ġovanna d'Arko, kelma waħda biss: "Ġesù!"

---

[1] Ara Salm 51,6.
[2] Ara Salm 51,12.
[3] Ara Salm 79,9.
[4] Ara Atti 5,4; 3 Ġw 7.
[5] Ara Ġw 3,5; Atti 2,21.
[6] Ara Rum 10,6-13.
[7] Atti 4,12; ara Atti 9,14; Ġak 2,7.
[8] Ara Lev 16,15-16; Sir 50,20; Lh 9,7.
[9] Ara Eż 25,22; Lev 162; Num 7,89; Lh 9,5.
[10] Ara 2 Kor 5,19.
[11] Ara Ġw 12,28.
[12] Ara Atti 16,16-18; 19,13-16.
[13] Ara Mk 16,17.

## II. Kristu

436 *Kristu* hi traduzzjoni bil-Grieg tal-kelma Lhudija "Messija", kelma li tfisser "midluk". Il-kelma saret l-isem proprju ta' Ġesù għax dan temm perfettament il-missjoni, imfissra b'ismu, fdata lilu minn Alla. F'Israel kienu jiġu midlukin f'isem Alla dawk li kienu jiġu kkonsagrati lilu għal xi missjoni ġejja minnu. Kienu slaten,[1] qassisin[2] u rarament profeti.[3] Dan kellu jkun il-każ speċjali tal-Messija, mibgħut minn Alla biex iwaqqaf is-Saltna darba għal dejjem.[4] Il-Messija kellu jiġi midluk mill-Ispirtu s-Santu[5] biex ikun fl-istess waqt sultan u qassis,[6] imma wkoll profeta.[7] Kristu temm it-tama messjanika ta' Israel bil-missjoni tiegħu ta' qassis, profeta u sultan.

437 L-anġlu ħabbar lir-ragħajja t-twelid ta' Ġesù bħala t-twelid tal-Messija mwiegħed lil Israel: "Illum, fil-belt ta' David, tweldilkom Salvatur li hu l-Kristu, il-Mulej" *(Lq 2,11).* Sa mill-bidu hu dak li "l-Missier ikkonsagrah u bagħtu fid-dinja" *(Ġw 10,36),* li tnissel bħala "qaddis" *(Lq 1,35)* fil-ġuf safi tal-Verġni Marija. Alla sejjaħ lil Ġużeppi biex "jieħu lil Marija għandu b'martu" għax "dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu" *(Mt 1,21),* biex Ġesù "li jsejħulu Kristu" jitwieled minna xebba mgħarrsa lil Ġużeppi min-nisel messajniku ta' David.[8]

438 Il-konsagrazzjoni messjanika ta' Ġesù turi x'kienet il-missjoni divina tiegħu. "Wara kollox ismu stess hekk ifisser, għax l-isem Kristu jiġbor fih lil Dak li ta d-dilka, lill-Midluk u lid-Dilka nfisha li biha ġie midluk. Dak li ta d-dilka hu l-Missier, il-Midluk hu l-Iben li rċieva d-dilka fl-Ispirtu s-Santu li hu d-Dilka nfisha".[9] Il-konsagrazzjoni messjanika ta' Kristu, li kienet minn dejjem, ġiet irrivelata fiż-żmien li Ġesù kien fid-dinja, meta tgħammed minn San Ġwann u "Alla kkonsagrah bl-Ispirtu s-Santu u l-qawwa" *(Att 10,38) "*biex hu jkun mgħarraf lil Israel" *(Ġw 1,31)* bħala l-Messija. Kliemu u għemilu jagħmluh magħruf bħala l-"Qaddis ta' Alla".[10]

439 Ħafna Lhud u xi pagani, li kellhom sehem fit-tama tal-Lhud, f'Ġesù raw il-karatteristiċi fundamentali ta' "bin David" messjaniku, imwiegħed minn Alla lil Israel.[11] Ġesù aċċetta t-titlu ta' Messija għax kellu dritt għalih,[12] iżda mhux mingħajr riservi, għaliex parti min-nies

[1] Ara 1 Sam 9,16; 10,1.12.13; 1 Slat 1,3.
[2] Ara Eż 29,7; Lev 8,12.
[3] Ara 1 Slat 19,16.
[4] Ara Salm 2,2; Atti 4,26-27.
[5] Ara Is 11,2.
[6] Ara Żak 4,14; 6,13.
[7] Ara Is 16,1; Lq 4,16-21.
[8] Mt 1,16; ara Rum 1,3; 2 Tim 2,8; Apok 22,16.
[9] San Irinew, *Adversus haereses* 3, 18, 3.
[10] Mk 1,24; Ġw 6,69; Atti 3,14.
[11] Ara Mt 2,2; 9,27; 12,23; 15,22; 20,30; 21,9.15.
[12] Ara Ġw 4,25-26; 11,27.

ta' żmien Ġesù kienu jifhmu ħażin dan it-titlu ta' nies li kienu:[1] it-titlu ta' ta' Messija kienu jagħtuh tifsira essenzjalment politika.[2]

440 Ġesù laqa' l-istqarrija tal-fidi ta' San Pietru li għarfu bħala l-Messija tiegħu, huwa u jħabbar il-passjoni ta' Bin il-bniedem li ma kellhiex iddum ma sseħħ.[3] Hu wera t-tifsir veru tas-Saltna messjanika kemm fl-identità traxxendenti ta' Bin il-bniedem "li niżel mis-sema"[4] u kemm fil-missjoni tiegħu għall-fidwa tad-dinja bħal l-Qaddej li jbati: "Bin il-bniedem ma ġiex biex ikun moqdi, imma biex jaqdi u jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra".[5] Hu għalhekk li t-tifsir veru tas-Saltna tiegħu deher deher minn fuq l-għoli tas-Salib.[6] Kien biss wara l-qawmien mill-imwiet imwiet li s-Saltna messjanika ta' Kristu setgħet titħabbar minn San Pietru quddiem il-poplu ta' Alla: "Mela ħa jkun jaf biżgur il-poplu kollu ta' Israel li lil dan Ġesù, li intom sallabtuh, Alla għamlu Mulej u Messija" *(Atti 2,36).*

## III. Iben waħdieni ta' Alla

441 *It-titlu ta' Bin Alla,* fit-Testment il-Qadim, kien jingħata lill-anġli,[7] lill-poplu magħżul ta' Alla,[8] lil ulied Israel[9] u lis-slaten tagħhom.[10] tagħhom.[10] Dak iż-żmien kien ifisser l-adozzjoni ta' wlied li biha Alla waqqaf relazzjonijiet ta' intimità partikulari mal-bniedem li hu ħalaq. Meta s-Sultan-Messija mwiegħed jissejjaħ "Bin Alla"[11] ma kienx ta' bilfors ifisser, skont is-sens letterali ta' dawn is-siltiet, li kellu jkun 'il fuq mill-bnedmin. Dawk li sejħu lil Ġesù bħala l-Messija ta' Israel,[12] forsi ma ridux jgħidu aktar minn hekk.[13]

442 Iżda dan ma nistgħux ngħiduh għal San Pietru meta stqarr li Ġesù hu "Kristu, l-Iben ta' Alla l-ħaj" *(Mt 16,16),* għax Ġesù għall-istqarrija tiegħu wieġbu b'mod l-aktar solenni: "Mhux bniedem tad-demm u l-laħam uriek dan *(din ir-rivelazzjoni),* imma *Missieri* li hu fis-smewwiet" *(Mt 16,17).* Bl-istess mod, San Pawl, huwa u jsemmi l-konverżjoni tiegħu fit-triq ta' Damasku, jgħid: "Meta Dak li għażilni sa minn ġuf ommi u li sejjaħli permezz tal-grazzja tiegħu, għoġbu jirrivelali lil Ibnu biex inħabbru lill-pagani..." *(Gal 1,15-16).* "U malajr beda jxandar

[1] Ara Mt 22,41-46.
[2] Ara Ġw 6,15; Lq 24,21.
[3] Ara Mt 16,16-23.
[4] Ġw 3,13; ara Ġw 6,62; Dan 7,13.
[5] Mt 20,28; ara Is 53,10-12.
[6] Ara Ġw 19,19-22; Lq 23,39-43.
[7] Ara Dewt 32,8; Ġobb 1,6.
[8] Ara Eż 4,22; Hos 11,1; Ġw 3,19; Sir 36,11; Għerf 18,13.
[9] Ara Dewt 14,1; Hos 2,1.
[10] Ara 2 Sam 7,14; Salm 82,6.
[11] Ara 1 Kron 17,13; Salm 2,7.
[12] Ara Mt 27,54.
[13] Ara Lq 23,47.

lil Ġesù fis-sinagogi u jgħid li dan hu l-Iben ta' Alla" *(Atti 9,20).* Dan kien mill-bidu ċ-ċentru tal-fidi tal-Appostli[1] li stqarrha l-ewwel San Pietru bħala pedament tal-Knisja.[2]

443 Jekk San Pietru seta' jagħraf il-karattru traxxendenti ta' Ġesù l-Messija bħala Bin Alla, dan ġara għaliex Ġesù stess tah li jifhem dan b'mod l-aktar ċar. Quddiem is-Sanhedrin Ġesù lil dawk li kien jixluh: "Inti mela Bin Alla?", wieġeb: "Inti stess qiegħed tgħidu; iva, jien".[3] Ħafna qabel kien sejjaħ lilu nnifsu "l-Iben" li jagħraf lill-Missier,[4] differenti mill-"qaddejja" li Alla qabel kien jibgħat lill-poplu tiegħu,[5] aqwa mill-istess anġli.[6] Hu għażel il-filjazzjoni tiegħu minn dik tad-dixxipli għax qatt ma qal "Missierna"[7] ħlief meta qalilhom: "*intom* itolbu itolbu hekk: Missierna" *(Mt 6,9),* u insista fuq din l-għażla: "Missieri u Missierkom" *(Ġw 20,17).*

444 L-evanġelisti jsemmu żewġ mumenti solenni, il-Magħmudija u t-Trasfigurazzjoni ta' Kristu, meta nstema' leħen il-Missier isejjaħlu "Ibni l-għażiż".[8] Ġesù stess isejjaħ lilu nnifsu "Iben waħdieni ta' Alla" *(Ġw 3,16)* u hekk juri li kien Iben minn dejjem ta' dejjem.[9] Irid li t-twemmin ikun "fl-isem tal-Iben il-waħdieni ta' Alla" *(Ġw 3,18).* Din l-istqarrija nisranija narawha ġa fil-kliem taċ-ċenturjun quddiem Ġesù msallab: "Dan il-bniedem kien tassew Bin Alla" *(Mk 15,39).* Fil-fatt hu fil-misteru tal-Għid biss, li dak li jemmen jista' jagħti lit-titlu "Bin Alla" t-tifsir sħiħ tiegħu.

445 Wara l-qawmien ta' Kristu mill-imwiet il-filjazzjoni divina tiegħu dehret fil-qawwa kollha tagħha fl-umanità glorifikata tiegħu: "skont l-Ispirtu s-Santu, kostitwit bħala l-Iben ta' Alla b'kull qawwa permezz tal-qawmien mill-imwiet".[10] L-Appostli setgħu għalhekk jistqarru: "Aħna rajna l-glorja tiegħu, il-glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni, mimli bil-grazzja u l-verità" *(Ġw 1,14).*

## IV. Mulej

446 Fit-traduzzjoni Griega tal-kotba tat-Testment il-Qadim l-isem hekk għoli li bih Alla wera lilu nnifsu lil Mosè,[11] JAĦWEH, ġie mfisser bil-kelma *Kirjos* (Mulej). Il-kelma *Mulej* minn dak iż-żmien bdiet tintuża tista' tgħid dejjem għall-istess Alla ta' Israel. Hu f'dan is-sens li t-Testment il-Ġdid juża din il-kelma "Mulej", u jużaha mhux biss għal Alla

---

1 Ara Ġw 20,31.
2 Ara Mt 16,18.
3 Lq 22,70; Mt 26,64; Mk 14,61.
4 Ara Mt 11,27; 21,37-38.
5 Ara Mt 21,34-36.
6 Ara Mt 24,36.
7 Ara Mt 5,48; 6,8; 7,21; Lq 11,13.
8 Ara Mt 3,17; 17,5.
9 Ara Ġw 10,36.
10 Rum 1,4; ara Atti 13,33.
11 Ara Es 3,14.

l-Missier, imma wkoll – u din hi l-ħaġa ġdida – għal Ġesù, li għalhekk hu wkoll Alla.[1]

447 Ġesù nnifsu jużah għalih dan it-titlu, b'mod mistur, fid-diskussjoni tiegħu mal-Fariżej dwar it-tifsir tas-Salm 110,[2] imma b'mod b'mod ċar, espliċiment, meta jkellem lill-Appostli.[3] Tul il-ħajja pubblika kollha tiegħu, is-setgħa tiegħu fuq in-natura, fuq il-mard, fuq ix-xjaten, fuq il-mewt u d-dnub huma xhieda tas-setgħa divina tiegħu.

448 Ta' spiss, fl-Evanġelju, xi nies isejħu lil Ġesù "Mulej". Il-kelma turi r-rispett u l-fiduċja li bihom kienu jersqu lejn Ġesù dawk li kienu jistennew minnu għajnuna u fejqan.[4] Magħmula taħt il-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, din is-sejħa "Mulej" hi stqarrija tal-misteru divin ta' Ġesù.[5] Fil-laqgħa ma' Kristu mqajjem mill-imwiet, tinbidel f'espressjoni ta' adorazzjoni: "Mulej tiegħi u Alla tiegħi" *(Ġw 20,28).* U hekk tieħu t-tifsira ta' mħabba u mħabba kbira, tifsira li hi proprja tat-tradizzjoni nisranija: "Hu l-Mulej!" *(Ġw 21,7).*

449 L-ewwel stqarrijiet tal-fidi tal-Knisja, huma u jsejħu lil Ġesù bit-titlu divin ta' Mulej, sa mill-bidu[6] għarfu li s-setgħa, il-ġieħ u l-glorja li kienu jistħoqqu lil Alla l-Missier kienu wkoll jixirqu lil Ġesù[7] għax "kellu "kellu n-natura ta' Alla" *(Fil 2,6)* u għax il-Missier wera din is-setgħa ta' Ġesù meta qajmu mill-imwiet u għollieh għall-glorja tiegħu.[8]

450 Sa mill-bidu tal-istorja nisranija, kull meta ntqal li Ġesù jsaltan fuq id-dinja u fuq ġrajjietha,[9] dan kien ifisser ukoll li l-bniedem ma għandux jissottometti għalkollox, b'mod assolut, il-libertà personali tiegħu lil xi setgħa ta' din id-dinja, imma għandu jissottomettiha biss lil Alla l-Missier u lill-Mulej Ġesù Kristu: Ċesari mhuwiex "il-Mulej".[10] "Il-Knisja temmen... li l-muftieħ, iċ-ċentru u l-għan aħħari tal-ġrajja kollha tal-bniedem jinsabu fis-Sid u l-Imgħallem tagħha".[11]

451 It-talba nisranija tingħaraf mit-titlu "Mulej", kemm jekk hi stedina għat-talb: "il-Mulej magħkom", kemm jekk hi għeluq tat-talba: "B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna", u kemm jekk hi l-għajta mimlija tama u fiduċja: "Maran atha" ("Il-Mulej ġej") jew "Marana tha" ("Ejja, Mulej!") *(1 Kor 16,22).* "Hekk ikun. Ejja, Mulej Ġesù" *(Apok 22,20).*

### Fil-qosor

---

[1] Ara 1 Kor 2,8.
[2] Ara Mt 22,41-46; ara wkoll Atti 2,34-36; Lh 1,1-2.
[3] Ara Ġw 13,13.
[4] Ara Mt 8,2; 14,30; 15,22; u l-bqija.
[5] Ara Lq 1,43; 2,11.
[6] Ara Atti 2,34-36.
[7] Ara Rum 9,5; Tit 2,13; Apok 5,13.
[8] Ara Rum 10,9; 1 Kor 12,3; Fil 2,11.
[9] Ara Apok 11,15.
[10] Ara Mk 12,17; Atti 5,29.
[11] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes* 10; ara 45.

452 *L-isem ta' Ġesù jfisser "Alla jsalva". L-iben li twieled mill-Verġni Marija ssemma "Ġesù" għax kellu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubietu"* (Mt 1,21): *"għax imkien taħt is-sema ma hemm isem ieħor mogħti lill-bnedmin li bih aħna għandna nkunu salvi"* (Atti 4,12).

453 *L-isem ta' Kristu jfisser "Midluk", "Messija". Ġesù hu Kristu għax "Alla kkonsagra lil Ġesù ta' Nazaret bl-Ispirtu s-Santu u bil-qawwa"* (Atti 10,38). *Hu "dak li għandu jiġi"* (Lq 7,19), "*it-tama ta' Israel"* (Atti 28,20).

454 *L-isem ta' Bin Alla jfisser ir-relazzjoni waħdanija minn dejjem ta' dejjem bejn Ġesù Kristu u Missieru. Hu l-Iben il-waħdieni tal-Missier*[1] *u hu hu nnifsu Alla.*[2] *Biex wieħed ikun Nisrani jrid bilfors jemmen li Ġesù Kristu Kristu hu l-Iben ta' Alla.*[3]

455 *L-isem ta' Mulej juri s-setgħa ta' Alla. Meta wieħed jistqarr jew isejjaħ lil Ġesù Mulej, ikun jemmen li Ġesù hu Alla. "Ħadd ma jista' jgħid 'Ġesù hu l-Mulej' jekk mhux imqanqal mill-Ispirtu s-Santu"* (1 Kor 12,3).

### It-tielet artiklu

## "KIEN KONĊEPUT MILL-ISPIRTU S-SANTU U TWIELED MINN MARIJA VERĠNI"

L-ewwel paragrafu

## L-IBEN TA' ALLA SAR BNIEDEM

### I. Għaliex l-Iben ta' Alla sar bniedem

456 Mal-Kredu ta' Niċea-Kostantinopli aħna nistqarru: "Niżel mis-smewwiet *għalina l-bnedmin u għall-fidwa tagħna.* U ħa l-ġisem bis-setgħa tal-Ispirtu s-Santu minn Marija Verġni u sar bniedem".

457 Il-Verb sar bniedem *biex isalvana u jħabbibna mill-ġdid ma' Alla:* "għax Alla ħabbna u bagħat lil Ibnu biex ikun ta' tpattija għal dnubietna" *(1 Ġw 4,10). "*Il-Missier bagħat lil Ibnu, is-salvatur tad-dinja" *(1 Ġw 4,14):* "deher biex ineħħi d-dnubiet" *(1 Ġw 3,5)*:

> Marida, in-natura tagħna kienet titlob fejqan; imwaqqgħa, kienet titlob li tintrefa'; mejta, kienet titlob li jingħatalha l-qawmien mill-imwiet. Tlifna l-ġid li kellna, issa jeħtieġ li nerġgħu niksbuh. Magħluqin fid-dlamijiet, jeħtieġ li joħorġuna għad-dawl; marbutin bil-ktajjen, nistennew feddej; fil-ħabs, nistennew l-għajnuna; ilsiera, nistennew min jeħlisna. Dawn ir-raġunijiet

[1] Ara Ġw 1,14.18; 3,16.18.
[2] Ara Ġw 1,1.
[3] Ara Atti 8,37; 1 Ġw 2,23.

kollha, tgħid, kienu neqsin minn xi importanza? Ma kellhomx iqanqlu 'l Alla biex jiċċekken san-natura tagħna l-bnedmin biex iżurna, ladarba l-bnedmin kienu f'qagħda hekk miżera u hekk ħażina? [1]

458 Il-Verb sar bniedem *biex hekk aħna nagħrfu l-imħabba ta' Alla.* "B'dan dehret l-imħabba ta' Alla fina, għax Alla bagħat lil Ibnu l-waħdieni fid-dinja biex ngħixu bih" *(1 Ġw 4,9).* "Għax Alla hekk ħabb lid-dinja, li ta lil Ibnu l-waħdieni biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem" *(Ġw 3,16).*

459 Il-Verb sar bniedem *biex ikun għalina eżempju ta' qdusija:* "Ħudu fuqkom il-madmad tiegħi u tgħallmu minni..." *(Mt 11,29).* "Jiena hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja. Ħadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux permezz tiegħi" *(Ġw 14,6).* U l-Missier fuq l-għolja tat-Trasfigurazzjoni ordna: "Isimgħu lilu".[2] Fil-fatt hu għalina eżempju tal-Beatitudni u r-regola tal-Liġi l-ġdida: "Ħobbu lil xulxin, kif ħabbejtkom jien" *(Ġw 15,12).* Din l-imħabba tissopponi l-offerta effettiva tagħna nfusna fil-mixi wara l-Mulej.[3]

460 Il-Verb sar bniedem *biex inkunu nistgħu "nissieħbu fin-natura ta' Alla" (2 Piet 1,4).* "Din hi r-raġuni għaliex il-Verb sar bniedem u Bin Alla sar Bin il-bniedem: biex il-bniedem isir Bin Alla billi jixxierek mal-Verb u hekk jikseb il-filjazzjoni divina".[4] "L-Iben ta' Alla sar bniedem biex lilna jagħmilna allat",[5] "L-Iben waħdieni ta' Alla ried li jseħibna fin-natura tiegħu ta' Alla u għalhekk ħa n-natura tagħna biex hu, magħmul bniedem, jagħmel allat lill-bnedmin".[6]

## II. L-Inkarnazzjoni

461 Il-Knisja tieħu kliem San Ġwann ("Il-Verb sar bniedem" - *Ġw 1,14)* u ssejjaħ "Inkarnazzjoni" il-fatt li l-Iben ta' Alla ħa n-natura tagħna l-bnedmin biex biha jtemm is-salvazzjoni tagħna. F'innu li jsemmi San Pawl, il-Knisja tkanta l-misteru tal-Inkarnazzjoni:

> Aħsbu bħalma kien jaħseb Kristu Ġesù: hu għad li kellu n-natura ta' Alla, ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir; sar jixbah lill-bnedmin, u deher minn barra bħala bniedem; ċekken lilu nnifsu, billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib *(Fil 2,5-8).*[7]

462 L-Ittra lil-Lhud titkellem ukoll dwar dan il-misteru:

> Għalhekk Kristu meta daħal fid-dinja, qal "Sagrifiċċju u offerta int ma ridtx, imma ġisem int ħejjejt għalija; vittmi maħruqa u vittmi għad-dnubiet lilek

[1] San Girgor ta' Nissa, *Oratio catechetica*, 15: PG 45, 48B.
[2] Mk 9,7; ara Dewt 6,4-5.
[3] Ara Mk 8,34.
[4] San Irinew, *Adversus haereses*, 3, 19, 1.
[5] San Atanasju ta' Lixandra, *De Incarnatione*, 54, 3: PG 25, 192B.
[6] "Unigenitus Dei Filius, suae divinitatis volens nos esse partecipes naturam nostram assumpsit, ut homines deos faceret factus homo" (San Tumas ta' Aquino, *Opusculum 57 in festo Corporis Christi*, 1).
[7] Ara Liturġija tas-Sigħat, kantiku tal-Għasar tas-Sibtijiet matul is-sena.

ma għoġbukx. Jien imbagħad għedt: Hawn jien, ġejt biex nagħmel ir-rieda tiegħek".[1]

463 Il-fidi fl-Inkarnazzjoni tassew tal-Iben ta' Alla hi sinjal li jagħżel il-fidi nisranija minn twemmin ieħor. "L-Ispirtu ta' Alla tagħrfuh b'dan: li kull Spirtu li jistqarr li Ġesù Kristu sar bniedem, hu minn Alla" *(1 Ġw 4,2).* Din kienet il-konvinzjoni hienja tal-Knisja sa mill-bidu tagħha, meta kienet tkanta: "Kbir hu l-misteru tar-reliġjon tagħna: Hu deher fil-ġisem" *(1 Tim 3,16).*

## III. Veru Alla u veru bniedem

464 Il-fatt waħdieni u kollu kemm hu singulari tal-Inkarnazzjoni tal-Iben ta' Alla ma jfissirx li Ġesù Kristu hu biċċa Alla u biċċa bniedem, jew li Ġesù Kristu hu taħlita konfuża tad-divin u tal-uman, tan-natura ta' Alla u tan-natura tal-bniedem. Sar bniedem tassew u baqa' Alla tassew. Ġesù Kristu hu veru Alla u veru bniedem. Il-Knisja kellha tiddefendi u tiċċara din il-verità tal-fidi tul l-ewwel mijiet tas-snin tagħha kontra ereżiji li kienu qegħdin jiffalsifikawha.

465 L-ewwel ereżiji aktar milli d-divinità ta' Kristu ċaħdu l-umanità vera tiegħu (doċetiżmu Anjostiku). Sa minn żmien l-Appostli l-fidi nisranija kienet tinsisti fuq l-inkarnazzjoni vera tal-Iben ta' Alla, "li ġie fil-ġisem ta' bniedem".[2] Iżda mbagħad, sa mit-tielet seklu 'l quddiem, il-Knisja kellha tgħid kontra Pawlu ta' Samosata, f'Konċilju li ltaqa' f'Antijokja, li Ġesù Kristu hu Bin Alla min-natura tiegħu stess u mhux għax kellu l-adozzjoni. L-ewwel Konċilju Ekumeniku ta' Niċea fis-sena 325 stqarr fil-Kredu tiegħu li l-Iben ta' Alla hu "mnissel, mhux magħmul, ħaġa waħda *('homousios')* mal-Missier" u kkundanna lil Arju li kien jgħid illi "l-Iben ta' Alla ħareġ mix-xejn",[3] u li "ma kienx ħaġa waħda mal-Missier".[4]

466 L-ereżija Nestorjana rat fi Kristu persuna umana li ngħaqdet mal-persuna divina tal-Iben ta' Alla. Quddiem din l-ereżija, San Ċirillu ta' Lixandra u t-tielet Konċilju ta' Efesu fis-sena 431 stqarru li "meta l-Verb għaqqad mal-Persuna tiegħu ġisem ħaj mogħti l-ħajja minn ruħ imżejna bir-raġuni, sar bniedem".[5] In-natura umana ta' Kristu hi tal-Persuna divina tal-Iben ta' Alla li ħadha u għamilha tiegħu sa mit-tnissil tiegħu bħala bniedem. Minħabba f'hekk il-Konċilju ta' Efesu fl-431 ipproklama li Marija saret verament Omm Alla għaliex nisslet bħala bniedem fil-ġuf tagħha lill-Iben ta' Alla: "Omm Alla, mhux għaliex il-Verb ta' Alla ħa mingħandha n-natura tiegħu ta' Alla, imma għax mingħandha ħa l-ġisem imqaddes tiegħu b'ruħ imżejna bir-raġuni, u dan il-ġisem

[1] Lh 10,5-7, ċitazzjoni tas-Salm 40,7-9 LXX.
[2] Ara 1 Ġw 4,2-3; 2 Ġw 7.
[3] Konċ. ta' Niċea I, Denzinger-Schonmetzer, 130.
[4] *Ibid.*, 126.
[5] Konċ. ta' Efesu: Denzinger-Schonmetzer, 250.

għaqqdu miegħu fil-Persuna divina tiegħu, u għalhekk ngħidu li l-Verb sar bniedem".[1]

467 Il-Monofisiti kienu jistqarru li n-natura umana ma baqgħetx li kienet fi Kristu għax ġiet magħquda mal-Persuna divina tiegħu tal-Iben t'Alla. Quddiem din l-ereżija, ir-raba' Konċilju Ekumeniku f'Kalċedonja fl-451 stqarr:

> Fuq il-passi tal-Missirijiet imqaddsa, aħna lkoll ngħallmu u nistqarru Iben, waħdieni u mhux mibdul, Sidna Ġesù Kristu, il-Mulej perfett bħala Alla u perfett bħala bniedem, veru Alla u veru bniedem, magħmul minn ruħ imżejna bir-raġuni u minn ġisem, natura waħda mal-Missier fid-divinità tiegħu, natura waħda magħna fl-umanità tiegħu, "bħalna f'kollox minbarra fid-dnub" *(Lh 4,15),* imnissel mill-Missier qabel kull żmien bħala Alla, u, f'dawn l-aħħar żminijiet imwieled għalina u għall-fidwa tagħna mill-Verġni Marija, Omm Alla bħala bniedem.
>
> Jeħtieġ li nagħrfu 'l Kristu, wieħed u mhux mibdul, Mulej, Iben waħdieni, li b'żewġ naturi, mingħajr ma tħalltu bejniethom, mingħajr ma nbiddlu, mingħajr ma nqasmu, mingħajr diviżjoni, mingħajr separazzjoni. Id-differenza bejn iż-żewġ naturi bl-ebda mod ma ġiet fix-xejn meta ngħaqdu flimkien fi Kristu, anzi l-proprjetajiet ta' kull natura ġew imħarsa u ġew magħquda flimkien f'persuna waħda u f'ipostasi waħda.[2]

468 Wara l-Konċilju ta' Kalċedonja kien hemm xi wħud li n-natura umana ta' Kristu tawha sura ta' persuna. Kontra dawn, il-ħames Konċilju Ekumeniku ta' Kostantinopli fis-sena 553, stqarr dwar Kristu: "M'hemmx ħlief ipostasi (jew Persuna) waħda, li hi Sidna Ġesù Kristu, *wieħed mit-Trinità.*[3] Kulma hemm fl-umanità ta' Kristu għandu jiġi attribwit lill-Persuna divina tiegħu bħala suġġett proprju (ara dak li ntqal mill-Konċilju ta' Efesu),[4] mhux il-mirakli biss, imma wkoll it-tbatijiet[5] u l-istess mewt: "Dak li ġie msallab fil-ġisem, Sidna Ġesù Kristu, hu veru Alla, il-Mulej tal-glorja, u wieħed mit-Trinità Qaddisa".[6]

469 B'hekk il-Knisja tistqarr li Ġesù hu fl-istess waqt veru Alla u veru bniedem. Hu verament l-Iben ta' Alla li sar bniedem, sar ħuna, u dan mingħar ma waqaf li jkun Alla Sidna:

> "Hu baqa' dak li kien minn dejjem, u ħa s-sura tagħna li ma kellux" - *"Id quod fuit remansit, et quod non fuit assumpsit".*[7] U l-Liturġija ta' San Ġwann Griżostmu xxandar hija u tkanta: "O Iben waħdieni u Verb ta' Alla, inti li ma tmut qatt għoġbok tieħu ġisem għas-salvazzjoni tagħna mill-Qaddisa Marija Omm Alla u dejjem Verġni Marija, u mingħajr ebda tibdil sirt bniedem u ġejt imsallab. O Kristu Alla, li bil-mewt tiegħek qridt il-mewt, inti li int wieħed mit-Trinità Qaddisa, imsebbaħ mal-Missier u mal-Ispirtu s-Santu, salvana!"[8]
>
> salvana!"[8]

[1] *Ibid.*, 251.
[2] Konċ. ta' Kalċedonja: Denzinger-Schonmetzer, 301-302.
[3] Konċ. ta' Kostantinopli II: Denzinger-Schonmetzer, 424.
[4] Konċ. ta' Efesu: Denzinger-Schonmetzer, 255.
[5] Ara Konċ. ta' Kostantinopli II: Denzinger - Schonmetzer, 424
[6] *Ibid.*, 432.
[7] "Id quod fuit remansit, et quod non fuit assumpsit": Liturġija tas-Sigħat, antifona ta' Tifħir ta' Sbiħ il-Jum fl-1 ta' Jannar, ara San Ljun il-Kbir, *Sermo 21,* 2-3: PL 54, 192A.
[8] Liturġija Biżantina, troparju "O Monoghenis".

## IV. Kif l-Iben ta' Alla sar bniedem?

470 Għaliex fl-għaqda misterjuża tal-Inkarnazzjoni "n-natura ta' bniedem ittieħdet u mhux inxtorbot",[1] il-Knisja tul iż-żminijiet kellha tistqarr li Kristu kellu ruħ tassew ta' bniedem, bil-ħidmiet kollha tal-intelliġenza u tar-rieda, u ġisem tassew ta' bniedem. Iżda fl-istess ħin, il-Knisja kellha wkoll kull darba tfakkar li n-natura umana ta' Kristu kienet tappartieni bħala proprja lill-Persuna divina tal-Iben ta' Alla, li ħadha għalih. Kulma Kristu hu u dak li għamel fiha juri li hu "wieħed mit-Trinità". L-Iben ta' Alla jagħti lill-umanità li rċieva l-mod personali tiegħu li bih jeżisti fit-Trinità. B'hekk kemm fir-ruħ tiegħu u kemm fil-ġisem tiegħu Kristu juri bħala bniedem l-imġiba divina tat-Trinità:[2]

> L-Iben ta' Alla ħadem b'idejn ta' bniedem, ħaseb b'fehma ta' bniedem, aġixxa b'rieda ta' bniedem, ħabb b'qalb ta' bniedem. Imwieled mill-Verġni Marija, sar tassew wieħed minna, jixbahna f'kollox, barra mid-dnub.[3]

IR-RUĦ U T-TAGĦRIF TA' KRISTU BĦALA BNIEDEM

471 Apollinare ta' Laodikija kien jgħid li fi Kristu l-Verb ħa l-post tar-ruħ jew tal-ispirtu. Kontra dan l-iżball, il-Knisja stqarret li l-Iben ta' Alla ħa wkoll ruħ ta' bniedem, imżejna bir-raġuni.[4]

472 Din ir-ruħ ta' bniedem li l-Iben ta' Alla ħa għalih kienet tassew tikseb tagħrif kif jiksbuh il-bnedmin. Dan it-tagħrif minnu nnifsu ma setax ikun illimitat: ir-ruħ umana ta' Kristu kienet tikseb it-tagħrif fil-kundizzjonijiet storiċi taż-żmien u tal-imkien li fihom għex. Hu għalhekk li l-Iben ta' Alla, meta sar bniedem, seta' jaċċetta li "jikber fl-għerf, fis-snin u fil-grazzja" *(Lq 2,52)* u li jsir jaf dak li bħala bniedem seta' jkun jaf bih b'esperjenza.[5] Dan kollu jaqbel mal-fatt li minn rajh ried jiċċekken u u jieħu "n-natura ta' lsir" *(Fil 2,7).*

473 Iżda fl-istess waqt din il-konoxxenza verament umana tal-Iben ta' Alla kienet turi l-ħajja divina tal-Persuna tiegħu.[6] "In-natura umana tal-Iben ta' Alla, *mhux minnha nfisha imma permezz tal-għaqda tagħha mal-Verb,* kienet taf u wriet fiha nfisha kulma kien jixraq lil Alla".[7] L-ewwel nett hemm l-għarfien intimu u immedjat li l-Iben ta' Alla magħmul bniedem kellu ta' Missieru.[8] Fil-konoxxenza tiegħu bħala bniedem l-Iben ta' Alla wera wkoll li kellu s-setgħa divina li jidħol fil-fond tal-qlub tal-bnedmin u jagħraf il-ħsibijiet moħbija tagħhom.[9]

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 22.
[2] Ara Ġw 14,9-10.
[3] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 22.
[4] Ara Damasu I, Ittra lill-isqfijiet tal-Lvant, Denzinger-Schonmetzer, 149.
[5] Ara Mk 6,38; Mk 8,27; Ġw 11,34; u l-bqija.
[6] Ara San Girgor il-Kbir, ittra *Sicut aqua:* Denzinger-Schonmetzer, 475.
[7] San Massimu l-Konfessur, *Quaestiones et dubia*, 66: PG 90, 840A.
[8] Ara Mk 14,36; Mt 11,27; Ġw 1,18; 8,55, u l-bqija.
[9] Ara Mk 2,8; Ġw 2,25; 6,61 u l-bqija.

474 U permezz tal-għaqda mal-għerf ta' Alla fil-persuna tal-Verb magħmul bniedem, il-konoxxenza umana ta' Kristu kienet tgawdi l-għarfien, fil-milja kollha tiegħu, tal-pjan etern ta' Alla, il-pjan li Kristu ġie fid-dinja biex jgħarrafhulna.[1] Dak li Ġesù jgħid li ma jafux dwar dan il-pjan,[2] drabi oħra jgħid li ma kellux il-missjoni li jirrivelah.[3]

IR-RIEDA UMANA TA' KRISTU

475 Bl-istess mod il-Knisja fis-sitt Konċilju Ekumeniku (it-tielet Konċilju ta' Kostantinopli fis-sena 681) stqarret li Kristu għandu kemm rieda divina u kemm rieda umana, u ħidma naturali divina u ħidma naturali umana: mhumiex kontra xulxin, imma jaħdmu flimkien, hekk li l-Verb magħmul bniedem ried bħala bniedem, f'att ta' ubbidjenza lejn il-Missier, dak li bħala Alla ddeċieda flimkien mal-Missier u l-Ispirtu s-Santu għas-salvazzjoni tagħna.[4] Ir-rieda umana ta' Kristu "timxi wara r-rieda divina tiegħu mingħajr ma teqfilha jew tmur kontra tagħha, imma billi tkun subordinata għar-rieda setgħana tiegħu ta' Alla".[5]

IL-ĠISEM VERU TA' KRISTU

476 Għaliex il-Verb sar bniedem u ħa tassew natura ta' bniedem, il-ġisem ta' Kristu kien limitat.[6] Minħabba f'hekk ix-xbieha ta' Kristu tista' "titpinġa" *(Gal 3,2).* Fis-seba' Konċilju Ekumeniku[7] l-Knisja għarfet bħala bħala ħaġa leġittma li jkun hemm xbihat ta' Kristu.

477 Iżda, fl-istess waqt, il-Knisja dejjem għarfet li, fil-ġisem ta' Ġesù, "Alla li ma nistgħux narawh, rajnieh fostna".[8] Fil-fatt il-partikularitajiet individwali tal-ġisem ta' Kristu kienu juru l-Persuna divina tal-Iben ta' Alla: dan għamel tiegħu s-sura tal-ġisem tiegħu ta' bniedem tant li, impinġi fuq xbieha mqaddsa, jista' jiġi meqjum għaliex min jemmen u jqim ix-xbieha, "iqim fiha l-Persuna mpinġija fiha".[9]

IL-QALB TAL-VERB MAGHMUL BNIEDEM

478 Ġesù għarafna u ħabbna lkoll wieħed wieħed, tul ħajtu kollha u, fl-agunija u l-passjoni tiegħu, offra lilu nnifsu għal kull wieħed minna: "L-Iben ta' Alla ħabbni u ta ruħu għalija" *(Gal 2,20).* Habbna lkoll b'qalb ta' bniedem. Għalhekk il-Qalb imqaddsa ta' Ġesù minfuda minn dnubietna u għas-salvazzjoni tagħna[10] "titqies sinjal u simbolu mill-aqwa... ta' dik l-imħabba li biha l-Feddej divin iħobb bla heda 'l-Missier ta' dejjem u 'l-bnedmin kollha" *("praecipuus consideratur index et*

[1] Ara Mk 8,31; 9,31; 10,33-34; 18,20.26-30.
[2] Ara Mk 13,32.
[3] Ara Atti 1,7.
[4] Ara Konċ. ta' Kostantinopli III (681): Denzinger-Schonmetzer, 556-559.
[5] *Ibid.*, 556.
[6] Ara Konċ. ta' Lateran (649): Denzinger-Schonmetzer, 504.
[7] Konċ. ta' Niċea II (787); Denzinger-Schonmetzer, 600-603.
[8] Prefazju tal-Milied.
[9] Konċilju ta' Niċea II (787): Denzinger-Schonmetzer, 601.
[10] Ara Ġw 19,34.

*symbolus... illius amoris... quo divinus Redemptur aeternum Patrem hominesque universos continenter amat").*[1]

**Fil-qosor**

479 *Fiż-żmien iffissat minn Alla, l-Iben waħdieni tal-Missier, il-Kelma ta' dejjem, jiġifieri l-Verb u x-xbieha tal-essenza tal-Missier, sar bniedem: mingħajr ma tilef in-natura tiegħu ta' Alla, ħa wkoll in-natura ta' bniedem.*

480 *Ġesù Kristu hu veru Alla u veru bniedem, u Persuna waħda, il-Persuna divina; għalhekk hu l-Medjatur waħdieni bejn Alla u l-bnedmin.*

481 *Ġesù għandu żewġ naturi, in-natura divina u n-natura umana, mhux imħalltin ma' xulxin, imma magħqudin flimkien fil-Persuna waħda tal-Iben ta' Alla.*

482 *Kristu, għax hu veru Alla u veru bniedem, għandu intelliġenza u rieda ta' bniedem li fi qbil perfett u sottomess mal-intelliġenza u r-rieda tiegħu ta' Alla, li għandu flimkien mal-Missier u l-Ispirtu s-Santu, u joqogħdu għalihom.*

483 *L-Inkarnazzjoni hi għalhekk il-misteru tal-għaqda tal-għaġeb tan-natura ta' Alla man-natura tal-bniedem fil-Persuna waħda tal-Verb.*

It-tieni paragrafu

## "KIEN KONĊEPUT MILL-ISPIRTU S-SANTU, TWIELED MINN MARIJA VERĠNI"

### I. Kien konċeput mill-Ispirtu s-Santu...

484 It-tħabbira li saret lil Marija tat bidu għall-"milja taż-żminijiet" *(Gal 4,4),* jiġifieri għaż-żmien li fih kellhom iseħħu l-wegħdiet u t-tħejjijiet kollha. Marija ġiet mistiedna biex tnissel lil Dak li fih kellha tgħammar "il-milja sħiħa tad-divinità fil-ġisem" *(Kol 2,9).* It-tweġiba ta' Alla għall-mistoqsija: "Kif ikun dan ladarba jiena verġni?" ingħatat bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek" *(Lq 1,35).*

485 Il-missjoni tal-Ispirtu s-Santu hi dejjem marbuta u mwettqa b'risq dik tal-Iben u ssir għalih.[2] L-Ispirtu s-Santu jintbagħat biex iqaddes il-ġuf tal-Verġni Marija u jagħtiha li tnissel bil-qawwa tiegħu ta'

[1] Piju XII, enċiklika *Haurietis aquas,* Denzinger-Schonmetzer 3924; ara wkoll l-enċ. *Mystici corporis: ibid.,* 3812.
[2] Ara Ġw 16,14-15.

Alla. L-Ispirtu s-Santu, li hu "l-Mulej li jagħti l-ħajja", jagħtiha li tnissel l-Iben etern tal-Missier b'ġisem meħud minnha.

486 L-Iben waħdieni tal-Missier imnissel bħala bniedem fil-ġuf tal-Verġni Marija hu "Kristu", jiġifieri dak li rċieva l-unzjoni mill-Ispirtu s-Santu[1] sa mill-bidu tal-eżistenza tiegħu bħala bniedem, għalkemm din l-unzjoni bdiet tidher ftit ftit: lir-ragħajja,[2] lill-maġi,[3] lil Ġwanni l-Battista,[4] lid-dixxipli.[5] Il-ħajja kollha ta' Ġesù wriet kif "Alla kkonsagra lil Ġesù ta' Nazaret bl-Ispirtu s-Santu u bil-qawwa" *(Atti 10,38).*

## I. ...Twieled minn Marija Verġni

487 Dak li l-fidi Kattolika temmen dwar Marija hu mibni fuq dak li temmen dwar Kristu, iżda dak li tgħallem dwar Marija jiċċara l-fidi tagħha fi Kristu.

IL-PREDESTINAZZJONI TA' MARIJA

488 "Alla bagħat lil Ibnu" *(Gal 4,4),* iżda biex "iħejjilu ġisem" *(Lh 10,5)* ried il-kooperazzjoni ħielsa ta' kreatura. Għalhekk, sa mill-eternità, Alla għażel, biex tkun Omm Ibnu, waħda minn ulied Israel, tfajla Lhudija minn Nazaret tal-Galilija, "xebba, mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi, mid-dar ta' David. Dix-xebba kien jisimha Marija" *(Lq 1,26-27).*

> Il-Missier ta' kull ħniena ried li qabel l-Inkarnazzjoni dik li ġiet predestinata biex tkun Omm taċċetta dan biex, kif kienet mara li tat sehem biex tiġi l-mewt, hekk tkun mara li tagħti sehemha biex tiġi l-ħajja.[6]

489 Tul iż-żmien kollu tal-Patt il-Qadim, il-missjoni ta' Marija *tħejjiet* minn dik ta' nisa qaddisa. Fil-bidu hemm Eva: minkejja d-diżubbidejnza tagħha, kellha l-wegħda li nisilha kien se joħroġ rebbieħ fuq il-Ħażin[7] u kellha tkun omm il-ħajjin kollha.[8] Bis-saħħa ta' din il-wegħda, Sara nisslet iben għalkemm imdaħħla fiż-żmien.[9] Kontra kull ħsieb tal-bnedmin, Alla jagħżel lid-dgħajfa u lil dawk bla setgħa tad-dinja[10] biex juri li hu jżomm kelmtu: Anna, omm Samwel,[11] Debora, Rut, Ġuditta, Ester, u ħafna nisa oħra. "Marija hi l-ewwel waħda fost iċ-ċkejknin u l-foqra tal-Mulej li minnu, bil-fiduċja kollha, jistennew is-salvazzjoni u jiksbuha. Magħha, ma' din il-Bint għolja ta' Sijon, wara

[1] Ara Mt 1,20; Lq 1,35.
[2] Ara Lq 2,8-20.
[3] Ara Mt 2,1-12.
[4] Ara Ġw 1,33-34.
[5] Ara Ġw 2,1.
[6] Konċ. Vatikan II, *Lumen Gentium,* 56; ara 61.
[7] Ara Ġen 3,15.
[8] Ara Ġen 3,20.
[9] Ara Ġen 18,10-13; 21,1-2.
[10] Ara 1 Kor 1,27.
[11] Ara 1 Sam 1.

stennija twila ħa sseħħ il-wegħda, intemmu ż-żminijiet u twaqqfet sura ġdida ta' ħajja".[1]

IMNISSLA BLA TEBGĦA

490 Marija, biex tkun Omm il-Feddej, "ġiet mogħtija minn Alla doni jixirqu lill-uffiċċju għoli tagħha".[2] L-anġlu Ġabrijel, fit-tħabbira tiegħu, sellmilha "mimlija bil-grazzja" *(Lq 1,28).* Infatti, biex tkun tista' tilqa' bil-fidi b'mod ħieles it-tħabbira tas-sejħa tagħha, kien jeħtieġ li tkun kollha kemm hi mqanqla mill-grazzja ta' Alla.

491 Tul iż-żminijiet il-Knisja ntebħet li Marija, "mimlija bil-grazzja" minn Alla *(Lq 1,28),* ġiet mifdija sa mit-tnissil tagħha. Hu dan li tistqarr id-domma tat-Tnissil bla tebgħa tal-Verġni Marija, ipproklamata fl-1854 mill-Papa Piju IX:

> L-Imqaddsa Verġni Marija, sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha, bi grazzja u favur singulari ta' Alla li jista' kollox, f'ġieħ il-merti magħrufin minn qabel ta' Ġesù Kristu, is-Salvatur tal-bnedmin kollha, kienet ħielsa għalkollox minn kull tebgħa tad-dnub tan-nisel.[3]

492 Din "il-qdusija singulari tassew tal-għaġeb" li biha Marija "kienet imżejna sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha"[4] ġietha kollha kollha kemm hi minn Kristu: "ġiet mifdija b'mod tal-għaġeb f'ġieħ il-merti ta' Binha".[5] Aktar minn kull persuna oħra maħluqa, il-Missier "imlieha b'kull xorta ta' barka spiritwali fis-smewwiet fi Kristu" *(Ef 1,3).* "Għażilha fih, sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja, biex tkun qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba" *(Ef 1,4).*

493 Missirijiet il-Knisja tal-Lvant isejħu 'l Omm Alla "Panaghija" – dik li hi kollha kemm hi qaddisa; u jqimuha bħala "dik li kienet ħielsa minn kull tebgħa ta' dnub għax qisha magħġuna mill-Ispirtu s-Santu u magħmula ħolqien ġdid".[6] Bil-grazzja ta' Alla, Marija baqgħet ħielsa minn kull dnub personali tul ħajjitha kollha.

"...ĦA JSIR MINNI SKONT KELMTEK..."

494 Mat-tħabbira li se tnissel "Bin l-Għoli" bla ma tagħraf raġel, imma bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu,[7] Marija wieġbet bl-"ubbidjenza tal-tal-fidi" *(Rum 1,5),* żgura li "għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir": "Ara jiena l-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skont kelmtek" *(Lq 1,37-38).* Hekk, hija u tagħti l-kunsens tagħha għall-kelma ta' Alla, saret omm Ġesù u, mhux imxekkla minn ebda dnub, b'qalbha kollha ħaddnet ir-rieda ta' Alla għas-salvazzjoni u tat ruħha kollha kemm hi għall-Persuna

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen Gentium,* 55.
[2] *Ibid.,* 56.
[3] Piju IX, bolla *Ineffabilis Deus:* Denzinger-Schonmetzer, 2803.
[4] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 56.
[5] *Ibid.,* 53.
[6] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 56.
[7] Ara Lq 1,28-37.

u l-ħidma ta' Binha biex taħtu u miegħu, bil-grazzja ta' Alla li jista' kollox, taqdi l-misteru tas-salvazzjoni:[1]

> Kif jgħid San Irinew: "bl-ubbidjenza tagħha, saret kawża ta' salvazzjoni għaliha stess u għall-ġens kollu tal-bnedmin". Miegħu, mhux ftit mill-Missirijiet tal-imgħoddi qalu... "L-għoqda tad-diżubbidjenza ta' Eva nħallet bl-ubbidjenza ta' Marija: dak li rabtet il-Verġni Eva bin-nuqqas ta' fidi tagħha, ħallitu l-Verġni Marija bil-fidi tagħha"; huma u jqabblu lil Marija ma' Eva, isejħu 'l Marija "Omm il-ħajjin kollha" u spiss jgħidu: "permezz ta' Eva l-mewt, u permezz ta' Marija l-ħajja".[2]

IL-MATERNITÀ DIVINA TA' MARIJA

495 Imsejħa fl-Evanġelju Omm Ġesù,[3] Marija qabel stess ma tat it-twelid lil Binha, ġiet imsejħa "Omm Sidi" *(Lq 1,43),* b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu. Dak li ġie konċeput bħala bniedem mill-Ispirtu s-Santu u sar tassew Bin Marija skont il-ġisem, mhuwiex ħlief l-Iben etern tal-Missier, it-Tieni Persuna tat-Trinità Qaddisa. Il-Knisja tistqarr li Marija hi tassew *Omm Alla* ["Theotokos"].[4]

IL-VERĠINITÀ TA' MARIJA

496 Sa mill-ewwel formuli tal-fidi[5] il-Knisja stqarret li Ġesù tnissel bil-qawwa biss tal-Ispirtu s-Santu fil-ġuf tal-Verġni Marija, waqt li fl-istess ħin tennew li t-tnissil sar fil-ġisem. Ġesù tnissel "mill-Ispirtu mingħajr is-sehem tar-raġel".[6] Missirijiet il-Knisja jaraw fit-tnissil verġinali ta' Ġesù, sinjal li hu verament Bin Alla li ġie fid-dinja b'ġisem bħal tagħna:

> Hekk San Injazju ta' Antjokja, fil-bidu tat-tieni seklu: "Intom żguri fuq li żguri dwar Sidna li hu tassew min-nisel ta' David skont il-ġisem" *(*ara *Rum 1,3),* Iben Alla bir-rieda u l-qawwa ta' Alla[7] hu mwieled tassew minn Verġni... kien tassew imsallab fil-ġisem għalina taħt Ponzju Pilatu... tassew bata għalina, kif tassew qam mill-imwiet".[8]

497 Ir-rakkonti tal-Evanġelju[9] jqisu t-tnissil verġinali bħala għemil divin li jisboq kull intelliġenza u kull setgħa umana:[10] "Dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu" qal l-anġlu lil Ġużeppi dwar Marija, l-għarusa tiegħu *(Mt 1,20).* F'dan, il-Knisja tara qiegħda sseħħ il-wegħda ta' Alla mħabbra mill-profeta Isaija: "Ara x-xebba tnissel u jkollha iben".[11]

498 Xi kultant niltaqgħu ma' tħassib dwar is-skiet tal-Evanġelju ta' San Mark u tal-Ittri tat-Testment il-Ġdid fuq it-tnissil verġinali ta' Marija. Kien hemm ukoll minn staqsa jekk din hijiex xi leġġenda jew xi arranġament teoloġiku nieqes minn pretensjonijiet storiċi, ħsieb teoloġiku mibni fuq fatt li ma seħħ qatt. Għal dan kollu

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 56.
[2] *Ibid.* Ara S. Irinew, *Adversus haereses,* 3, 22, 4.
[3] Ġw 2,1; 19,25; ara Mt 13,55.
[4] Ara Konċ. ta' Efesu, Denzinger-Schonmetzer, 251.
[5] Ara Denzinger-Schonmetzer, 10-64.
[6] "Absque semine ex Spiritu Sancto": Konċ. Lateran (649): Denzinger-Schonmetzer, 503.
[7] Ara Ġw 1,13.
[8] San Injazju ta' Antjokja, *Epistula ad Smyrnaeos* 1, 2.
[9] Ara Mt 1,18-25; Lq 1,26-38.
[10] Ara Lq 1,34.
[11] Is 7,14, skont it-traduzzjoni Griega ta' Mt 1,23.

nwieġbu: Il-fidi fit-tnissil verġinali ta' Ġesù kellha min kien kuntrarju għaliha, min waqqagħha għaċ-ċajt u ż-żebliħ, min ma fehemhiex fost dawk li ma jemmnux, kemm Lhud u kemm pagani:[1] it-tnissil verġinali ma ġiex ispirat mill-mitoloġija pagana jew kien ġie adattat għall-fehmiet ta' dak iż-żmien. It-tifsir tal-fatt jinsab biss fil-fidi li tarah "bħala ħolqa li torbot il-misteri ma' xulxin",[2] il-misteri kollha ta' Kristu, mill-Inkarnazzjoni sal-Għid. San Injazju ta' Antjokja hu xhud ta' din ir-rabta: "Il-prinċep ta' din id-dinja ma kienx jaf bil-verġinità ta' Marija, bit-tnissil ta' Binha, u wkoll bil-mewt tal-Mulej: tliet misteri tal-għaġeb li seħħu fis-skiet ta' Alla".[3]

## MARIJA "DEJJEM VERĠNI"

499 Il-Knisja, hija u tidħol aktar fil-fond fil-fidi tagħha dwar il-maternità verġinali, waslet biex tistqarr li Marija kienet verġni tassew u baqgħet dejjem verġni,[4] ukoll meta tat it-twelid lill-Iben ta' Alla magħmul bniedem.[5] Fil-fatt, it-twelid ta' Ġesù "ma naqqasx imma qaddes l-integrità verġinali ta' ommu" – xbubitha baqgħet bla mittiefsa.[6] mittiefsa.[6] Il-liturġija tal-Knisja tiċċelebra l-Verġni Marija bħala l-"Aejparthenos" – "dejjem Verġni".[7]

500 Xi kultant dwar dan issib min jgħid li l-Iskrittura ssemmi 'l-aħwa bniet u subien ta' Ġesù.[8] Il-Knisja dejjem fehmet li dawn is-siltiet mhux qegħdin isemmu wlied wlied oħra tal-Verġni Marija: fil-fatt Ġakbu u Ġużeppi, "ħut Ġesù" *(Mt 13,55)* huma wlied ta' ċerta Marija, waħda mid-dixxipli ta' Kristu,[9] li hi msejħa – u dan għandu tifsira qawwija – "Marija l-oħra" *(Mt 28,1).* Dawn l-aħwa huma qraba ta' Ġesù, skont espressjoni komuni fit-Testment il-Qadim.[10]

501 Ġesù hu l-Iben waħdieni ta' Marija. Iżda l-maternità spiritwali ta' Marija[11] tħaddan il-bnedmin kollha li hu ġie biex isalva. "Hi jkollha Iben li Alla għamlu li jkun 'il-kbir fost ħafna aħwa' *(Rum 9,29),* jiġifieri fost dawk kollha li jemmnu, li għat-twelid u t-trawwim tagħhom Marija tagħti sehemha bl-imħabba tagħha ta' omm".[12]

## IL-MATERNITÀ VERĠINALI TA' MARIJA FIL-PJAN TA' ALLA

502 Il-ħarsa tal-fidi tista' ssib, b'rabta ma' kulma hemm fir-Rivelazzjoni, ir-raġunijiet misterjużi għaliex Alla, fil-pjan tas-salvazzjoni tiegħu, ried li Ibnu jitwieled minn Verġni. Dawn ir-raġunijiet għandhom x'jaqsmu sewwa kemm mal-Persuna u l-missjoni ta' Kristu għas-salvazzjoni, u kemm mal-fatt li din il-missjoni laqgħetha Marija għall-bnedmin kollha.

---

[1] Ara San Ġustinu, *Dialogus cum Tryphone Iudeo* 99, 7; Origene, *Contra Celsum* I, 32, 69. et alia.
[2] Konċ. Vatikan I, Denzinger-Schonmetzer, 3016.
[3] San Injazju ta' Antjokja *Epistula ad Ephesios*, 19, 1.
[4] Ara Konċ. ta' Kostantinopli II: Denzinger-Schonmetzer, 427.
[5] Ara San Ljun il-Kbir, ittra *Lectis dilectionis tuae*, Denzinger-Schonmetzer 291; 294; Pelaġju I, ittra *Humani generis: ibid.*,442; Konċ. tal-Lateran (649); *ibid.*, 503; Konċ. ta' Toledo XVI: *ibid.*, 571; Piju IV, kost. *Cum quorundum hominum, ibid.*, 1880.
[6] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 57.
[7] Ara *ibid.* 52.
[8] Ara Mt 3,31-35; 6,3; 1 Kor 9,5; Gal 1,19.
[9] Ara Mt 27,56.
[10] Ara Ġen 13,8; 14,16; 29,15; u l-bqija.
[11] Ara Ġw 19,26-27; Apok 12,17.
[12] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 63.

503 Il-Verġinità ta' Marija turi l-inizjattiva assoluta ta' Alla fl-Inkarnazzjoni: Ġesù ma għandux ħlief lil Alla bħala Missier.[1] "In-natura umana li ħa qatt ma firditu mill-Missier... Iben naturali tal-Missier bħala Alla, iben naturali ta' omm bħala bniedem, imma proprjament Iben Alla fiż-żewġ naturi".[2]

504 Ġesù tnissel mill-Ispirtu s-Santu fil-ġuf tal-Verġni Marija għax hu *Adam il-ġdid*[3] li jagħti bidu għall-ħolqien ġdid. "L-ewwel bniedem, mit-trab, hu tal-art, it-tieni bniedem mis-sema" *(1 Kor 15,45).* L-umanità ta' Kristu, sa mit-tnissil tagħha, hi mimlija bl-Ispirtu s-Santu għax Alla "ma tahx l-Ispirtu s-Santu bil-kejl".[4] Hu mill-"milja tiegħu", ta' min hu r-Ras tal-umanità mifdija,[5] "li aħna lkoll ħadna grazzja fuq grazzja" *(Ġw 1,11).*

505 Ġesù, Adam il-ġdid, bit-tnissil verġinali tiegħu, ta bidu għat-*twelid ġdid* bil-fidi tal-ulied adottivi fl-Ispirtu s-Santu. "Kif ikun dan?".[6] Is-sehem fil-ħajja ta' Alla ma jiġix "mid-demm, anqas mill-ġibda tal-ġisem, u anqas mir-rieda tal-bniedem, imma minn Alla" *(Ġw 1,13).* Il-mod kif tiġi milqugħa din il-ħajja hu verġinali, għax tingħata kollha kemm hi lill-bniedem mill-Ispirtu. Is-sens ta' għerusija li għandha s-sejħa tal-bniedem f'relazzjoni ma' Alla[7] iseħħ b'mod l-aktar perfett fil-maternità verġinali ta' Marija.

506 Marija hi Verġni għaliex il-verġinità tagħha hi *s-sinjal tal-fidi tagħha* "li ebda dubju ma jista' jħassarha",[8] u tal-għotja sħiħa tagħha lir-rieda ta' Alla biss.[9] Hi l-fidi tagħha li tagħmilha omm il-Feddej. Marija hi aktar hienja minħabba l-fidi fi Kristu milli minħabba t-tnissil tal-ġisem ta' Kristu" – *"beatior est Maria percipiendi fidem Christi quam concipiendo carnem Christi".*[10]

507 Marija hi fl-istess ħin Verġni u Omm, għax hi x-xbieha tal-Knisja u b'mod l-aktar perfett turi x'inhi l-Knisja.[11] "Il-Knisja hi wkoll omm għax tilqa' bil-fidi l-kelma ta' Alla; bil-predikazzjoni u bil-Magħmudija hi tagħti ħajja ġdida li ma tintemm qatt lill-ulied imnissla mill-Ispirtu s-Santu u mwielda minn Alla. Hi wkoll verġni għax ħarset sħiħa u safja l-fidi li tat lill-Għarus tagħha".[12]

## Fil-qosor

508 *Minn nisel Eva, Alla għażel il-Verġni Marija biex tkun Omm Ibnu. "Mimlija bil-grazzja" hi "l-aqwa u l-ogħla frott tal-fidwa;*[13] *sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha, kienet għalkollox ħielsa minn kull tebgħa tad-dnub tan-nisel u baqgħet ħielsa minn kull dnub personali tul ħajjitha kollha.*

509 *Marija hi tassew "Omm Alla" għax hi Omm l-Iben etern ta' Alla magħmul bniedem, li hu wkoll Alla.*

---

[1] Ara Lq 2,48-49.
[2] Konċ. ta' Friuli (796): Denzinger-Schonmetzer, 619.
[3] Ara 1 Kor 15,45.
[4] Ara Ġw 3,34.
[5] Ara Kol 1,18.
[6] Lq 1,34; ara Ġw 39.
[7] Ara 2 Kor 11,2.
[8] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 63.
[9] Ara 1 Kor 7,34-35.
[10] Santu Wistin, *De sancta virginitate*, 3; PL 40, 398.
[11] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 63.
[12] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 63.*Ibid.*
[13] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 103.

510 *Marija "baqgħet Verġni fit-tnissil ta' Binha, Verġni fit-twelid ta' Binha, Verġni meta kienet iġġorru f'ġufha, Verġni meta kienet tisqih minn ħdanha, Verġni dejjem":*[1] *kollha kemm hi, bl-eżistenza kollha tagħha, hi "l-"l-qaddejja tal-Mulej"* (Lq 1,38).

511 *Il-Verġni Marija "ssieħbet fis-salvazzjoni tal-bnedmin kollha b'fidi ħielsa u bl-ubbidjenza tagħha".*[2] *Hi qalet il-*fiat *tagħha, "f'isem in-natura umana kollha".*[3] *Bl-ubbidjenza tagħha saret Eva ġdida, omm il-ħajjin kollha.*

It-tielet paragrafu

## IL-MISTERI TAL-ĦAJJA TA' KRISTU

512 Is-Simbolu tal-fidi, dwar il-ħajja ta' Kristu jsemmi biss il-misteri tal-Inkarnazzjoni (tnissil u twelid) u tal-Għid (passjoni, tislib, mewt, difna, inżul fil-limbu, qawmien mill-imwiet, tlugħ fis-sema). Is-Simbolu ma jsemmi xejn espliċitament dwar il-misteri tal-ħajja moħbija u tal-ħajja pubblika ta' Ġesù, iżda l-artikli tal-fidi dwar l-Inkarnazzjoni u l-Għid ta' Ġesù jdawlu l-ħajja *kollha* ta' Kristu fuq l-art. "Dak kollu li Ġesù kien għamel u għallem minn mindu beda sal-jum li fih kien meħud fis-sena" *(Atti 1,1-2)* irridu nħarsu lejh fid-dawl tal-misteri tal-Milied u tal-Għid.

513 Il-katekeżi, skont iċ-ċirkostanzi, tiżviluppa l-għana kollu tal-misteri ta' Ġesù. Hawn biżżejjed insemmu xi elementi li nsibuhom fil-misteri kollha tal-ħajja ta' Kristu (I), biex imbagħad naraw fuq fuq il-misteri ewlenin tal-ħajja moħbija (II) u tal-ħajja pubblika (III) ta' Ġesù.

### I. Il-Ħajja kollha ta' Kristu hi Misteru

514 Ħafna affarijiet dwar Ġesù li żgur jinteressa l-kurżità tal-bnedmin, ma jissemmewx mill-Evanġelju. Ftit li xejn jingħad dwar il-ħajja ta' Ġesù f'Nazaret, u parti kbira wkoll mill-ħajja pubblika tiegħu ma tissemma xejn.[4] Dak li nkiteb fl-Evanġelju nkiteb "sabiex intom temmnu li Ġesù hu l-Messija Bin Alla u biex bit-twemmin tagħkom ikollkom il-ħajja f'ismu" *(Ġw 20,31).*

515 L-Evanġelji nkitbu minn nies li kienu minn tal-ewwel li kellhom il-fidi[5] u li riedu jaqsmuha mal-oħrajn. Għax għarfu bil-fidi min kien Ġesù, setgħu juru u jwasslu lill-oħrajn is-sinjali tal-misteru ta' Kristu fil-ħajja kollha tiegħu fuq l-art. Mill-fsieqi ta' twelidu[6] sal-ħall tal-passjoni[7]

---
[1] Santu Wistin, *Sermones* 186, 1; PL 38, 999.
[2] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 56.
[3] San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae*, 3, 30, 1.
[4] Ara Ġw 20,30.
[5] Ara Mk 1,1; Ġw 21,24.
[6] Ara Lq 2,7.

passjoni[1] u l-liżar tal-qawmien mill-imwiet,[2] kollox fil-ħajja ta' Kristu hu sinjal tal-misteru tiegħu. Permezz tal-ġesti, tal-mirakli u tal-kliem tiegħu wera li "fih hemm tgħammar il-milja sħiħa tad-divinità fil-ġisem" *(Kol 2,9).* Hekk l-umanità tiegħu dehret bħala "sagrament", jiġifieri sinjal u strument tad-divinità tiegħu u tas-salvazzjoni li ġab: dak li kien jidher f'ħajtu fuq l-art kien iwassal għall-misteru li ma jidhirx tal-filjazzjoni divina tiegħu u tal-missjoni tiegħu għas-salvazzjoni.

IL-KARATTERISTIĊI KOMUNI TAL-MISTERI TA' ĠESÙ

516 Il-ħajja kollha ta' Ġesù hi r-*Rivelazzjoni* tal-Missier: kliemu u għemilu, is-skiet tiegħu u t-tbatijiet tiegħu, kif kien jgħix u jitkellem. Ġesù seta' jgħid: "Min ra lili ra lill-Missier" *(Ġw 14,9),* u l-Missier qal: "Dan hu Ibni l-maħbub: isimgħu lilu" *(Lq 9,35).* Sidna sar bniedem biex jagħmel ir-rieda tal-Missier.[3] L-iċken karatteristiċi tal-misteri tiegħu juruna "l-imħabba ta' Alla għalina" *(1 Ġw 4,9).*

517 Il-ħajja kollha ta' Ġesù hi misteru tal-*Fidwa.* Il-Fidwa tiġina qabelxejn mid-demm tas-salib,[4] iżda dan il-misteru narawh jaħdem fil-ħajja kollha ta' Kristu: fl-Inkarnazzjoni tiegħu li biha ftaqar biex bil-faqar tiegħu nistagħnew aħna;[5] fil-ħajja moħbija tiegħu meta bl-ubbidjenza tiegħu[6] patta għad-diżubbidjenza tagħna; f'kelmtu li tnaddaf tnaddaf lil min jisimgħu;[7] fil-fejqan u l-eżorċiżmi tiegħu li minħabba fihom "refa' fuqu l-mard tagħna u tgħabba bl-uġigħ tagħna";[8] fil-qawmien tiegħu mill-imwiet li bih iġġustifikana.[9]

518 Il-ħajja kollha ta' Kristu hi misteru ta' *bidu ġdid* jew *rikapitulazzjoni.* Kulma Ġesù għamel, qal u bata kellu bħala għan li jreġġa' l-bniedem imwaqqa' għas-sejħa tiegħu tal-bidu:

> Meta inkarna u sar bniedem, (Ġesù) ta bidu ġdid fih innifsu lill-ġrajja twila tal-bnedmin u ġabarha kollha fih fil-qosor ħa jagħtina s-salvazzjoni, hekk li dak li konna tlifna f'Adam... jiġifieri li nkunu sura u xbieha ta' Alla, niksbuh mill-ġdid fi Kristu Ġesù.[10] Hu għalhekk li Kristu għadda mill-etajiet kollha tal-ħajja biex hekk jagħti lill-bnedmin kollha x-xirka ma' Alla.[11]

IX-XIRKA TAGĦNA FIL-MISTERI TA' ĠESÙ

519 L-għana kollu ta' Kristu "hu għal kull bniedem u hu l-ġid ta' kull wieħed".[12] Kristu ma għex ħajtu għalih innifsu imma *għalina,* mill-Inkarnazzjoni "għalina l-bnedmin u għas-salvazzjoni tagħna" sal-mewt tiegħu "għal dnubietna" *(1 Kor 15,3)* u sal-qawmien tiegħu mill-imwiet

[1] Ara Mt 27,48.
[2] Ara Ġw 20,7.
[3] Ara Lh 10,5-7.
[4] Ara Ef 1,7; Kol 1,13-14; 1 Piet 1,18-19.
[5] Ara 2 Kor 8,9.
[6] Ara Lq 2,51.
[7] Ara Ġw 15,3.
[8] Mt 8,17; ara Is 53,4.
[9] Ara Rum 4,25.
[10] San Irinew, *Adversus haereses,* 3, 81, 1.
[11] *Ibid.,* 3, 18, 7; ara 2, 22, 4.
[12] Ġwanni Pawlu II, enċ. *Redemptor hominis,* 11.

"għall-ġustifikazzjoni tagħna" *(Rum 4,25).* U issa wkoll hu "d-Difensur tagħna quddiem il-Missier" *(1 Ġw 2,1),* "dejjem ħaj biex jidħol għalina" *(Lh 7,25).* B'dak kollu li għadda minnu u b'dak kollu li bata għalina darba għal dejjem, jibqa' dejjem "jidher għalina quddiem Alla" *(Lh 9,24).*

520 Tul ħajtu kollha, Ġesù juri ruħu ta' *eżempju għalina.*[1] Hu "l-bniedem perfett"[2] li jistedinna nsiru dixxipli tiegħu u nimxu warajh. Meta ċekken lilu nnifsu, tana eżempju biex nagħmlu bħalu.[3] Bit-talb tiegħu, jiġbidna għat-talb.[4] Bil-faqar tiegħu jistedinna nilqgħu b'mod ħieles iċ-ċaħda ta' kollox u l-persekuzzjonijiet.[5]

521 Dak kollu li għadda minnu Kristu jwassalna biex inkunu nistgħu *ngħixu fih u hu jgħix fina.* "Bl-Inkarnazzjoni tiegħu, l-Iben ta' Alla b'xi mod ingħaqqad ma' kull bniedem".[6] Aħna msejħin biex ma nagħmlu nagħmlu xejn jekk mhux miegħu. Dak li għadda minnu f'ġismu għalina, dak li għex f'ġismu għalina u b'eżempju għalina, għaddieh lilna bħala membri ta' Ġismu:

> Irridu nkomplu u ntemmu fina l-qagħdiet u misteri ta' Ġesù u nitolbuh spiss biex itemmhom fina u fil-Knisja kollha tiegħu... Dan għaliex l-Iben ta' Alla għandu ħsieb jagħmel li aħna u l-Knisja kollha jkollna sehem f'dawn il-misteri, u jwassalhom u jkomplihom fina u fil-Knisja kollha tiegħu permezz tal-grazzji li jrid jagħti u permezz tal-effetti li jġib fina. U dawn il-misteri, b'dawn il-mezzi, irid itemmhom fina.[7]

## II. Il-misteri tat-tfulija u tal-ħajja moħbija ta' Ġesù

IT-ĦEJJIJA

522 Il-miġja tal-Iben ta' Alla fuq l-art hi ġrajja hekk kbira li Alla ried iħejjiha tul iż-żminijiet. Ir-riti u s-sagrifiċċji, il-figuri u s-simboli ta' "l-Ewwel Patt" *(Lh 9,15),* kollox kellu jwassal għal Kristu. Dan ħabbru b'fomm il-profeti li kienu jiġu wieħed wara l-ieħor f'Israel. Qajjem ukoll fi qlub il-pagani stennija misterjuża għal din il-miġja.

523 *San Ġwann Battista* hu l-prekursur[8] immedjat tal-Mulej, mibgħut biex iħejjilu t-triq.[9] "Profeta ta' Alla l-Għoli" *(Lq 1,76),* jgħaddi l-l-profeti l-oħra kollha.[10] Hu l-aħħar wieħed fost il-profeti,[11] jagħti bidu għall-Evanġelju,[12] isellem il-miġja ta' Kristu sa minn ġuf ommu,[13] u

[1] Ara Rum 15,5; Fil 2,5.
[2] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes,* 38.
[3] Ara Ġw 13,15.
[4] Ara Lq 11,1.
[5] Ara Mt 5,11-12.
[6] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes,* 22.
[7] San Ġwann Eudes, ara Liturġija tas-Sigħat, uff. tal-qari tal-Ġimgħa tat-33 ġimgħa.
[8] Ara Atti 13,24.
[9] Ara Mt 3,3.
[10] Ara Lq 7,26.
[11] Ara Mt 11,13.
[12] Ara Atti 1,22; Lq 16,16.
[13] Ara Lq 1,41.

jifraħ għax hu "ħabib tal-għarus" *(Ġw 3,29)* li hu jsejjaħ "il-Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnub tad-dinja" *(Ġw 1,29).* Ġwanni mar qabel Ġesù "mimli bl-ispirtu u l-qawwa ta' Elija" *(Lq 1,17),* u ta xhieda għalih bil-predikazzjoni, bil-magħmudija għall-konverżjoni, u fl-aħħar nett bil-martirju.[1]

524 Il-Knisja, hija u tiċċelebra kull sena *l-Liturġija tal-Avvent,* iġġedded illum din l-istennija tal-Messija: l-Insara, huma u jissieħbu fit-tħejjija twila għall-ewwel miġja tal-Feddej, iġeddu x-xewqa kbira tagħhom għat-tieni miġja.[2] Biċ-ċelebrazzjoni tat-twelid u tal-martirju tal-Prekursur, il-Knisja tingħaqad max-xewqa tiegħu: "Jeħtieġ jikber hu u niċkien jien" *(Ġw 3,30).*

IL-MISTERU TAL-MILIED

525 Ġesù twieled fiċ-ċokon ta' stalla minn familja fqira:[3] ragħajja jkunu l-ewwel xhieda ta' dan. Hu fil-faqar li tidher il-glorja tas-sema.[4] Il-Il-Knisja ma tieqaf qatt tkanta l-glorja ta' dak il-lejl:

> Illum il-Verġni tat l-Etern lid-dinja,
> U l-art tat għar lill-Għoli li hu fuq kollox u fuq kulħadd.
> Ifaħħruh l-anġli u r-ragħajja,
> Jersqu lejh il-maġi mmexxijin minn kewkba,
> Għax Int twelidt għalina,
> Tfajjel ċkejken, Alla ta' dejjem.[5]

526 "Issir bħat-tfal iż-żgħar" quddiem Alla – dan hu meħtieġ biex tidħol fis-Saltna[6] Għal dan l-għan trid tiċċekken,[7] issir żgħir; anzi, wisq aktar jeħtieġ li "titwieled mill-ġdid" *(Ġw 3,7),* "titwieled minn Alla" *(Ġw 1,13)* biex issir wieħed minn "ulied Alla" *(Ġw 1,12).* Il-misteru tal-Milied iseħħ fina meta Kristu "jissawwar" fina *(Gal 4,19).* Il-Milied hu l-misteru ta' din il-bidla tal-għaġeb":

> "X'bidla tal-għaġeb! Il-ħallieq tal-bnedmin ħa ġisem ħaj u twieled minn Marija Verġni: sar bniedem bħalna biex jagħtina sehem fin-natura tiegħu ta' Alla".[8]

IL-MISTERI TAT-TFULIJA TA' ĠESÙ

527 *Iċ-ċirkonċiżjoni* ta' Ġesù, fit-tmien jum wara t-twelid tiegħu,[9] hi sinjal li hu ġie magħdud man-nisel ta' Abraham, mal-poplu tal-Patt, sinjal li hu qagħad għal-Liġi[10] u ġie destinat għall-kult ta' Israel, li hu

---

1 Ara Mk 6,17-29.
2 Ara Apok 22,17.
3 Ara Lq 2,6-7.
4 Ara Lq 2,8-20.
5 Kantakion ta' Romanu l-Melodi.
6 Ara Mt 18,3-4.
7 Ara Mt 23,12.
8 Liturġija tas-Sigħat, antifona tal-Ottava tal-Milied.
9 Ara Lq 2,21.
10 Ara Gal 4,4.

jieħu sehem fih tul ħajtu kollha. Dan is-sinjal iħabbar "iċ-ċirkonċiżjoni ta' Kristu", li hi l-Magħmudija.[1]

528 *L-Epifanija* hi l-manifestazzjoni ta' Ġesù bħala l-Messija ta' Israel, Iben Alla u Feddej tad-dinja. Flimkien mal-Magħmudija ta' Ġesù fil-Ġordan u t-tieġ ta' Kana,[2] il-Knisja tiċċelebra l-adorazzjoni ta' Ġesù mill-"maġi" li ġew mil-Lvant *(Mt 2,1).* F'dawn il-"maġi", rappreżentanti tar-reliġjonijiet pagani ta' madwar il-Lhudija, l-Evanġelju jara l-ewwel frott tan-nazzjonijiet li jilqgħu l-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni permezz tal-Inkarnazzjoni. Il-wasla tal-maġi f'Ġerusalemm biex "iqimu dak li twieled sultan tal-Lhud" *(Mt 2,2)* turi li kienu qed ifittxu f'Israel, fid-dawl messjaniku tal-kewkba ta' David,[3] dak li kien se jkun is-Sultan tal-ġnus.[4] Il-miġja tagħhom tfisser li l-pagani ma jistgħux isibu 'l Ġesù u jaduraw l-Iben ta' Alla u l-Feddej tad-dinja jekk ma jdurux lejn il-Lhud[5] biex ikollhom mingħandhom il-wegħda tal-Messija kif tinsab fit-Testment il-Qadim.[6] L-Epifanija turi li "l-kotra l-kbira tal-pagani dieħla fil-familja tal-patrijarki"[7] u tikseb "id-dinjità sħiħa" ta' nisel Abraham.[8]

529 *Il-preżentazzjoni ta' Ġesù fit-Tempju*[9] turi li, bħala l-ewwel imwieled, hu tal-Mulej.[10] Ma' Xmun u Anna, dawk kollha li kienu jistennew il-fidwa ta' Israel imorru għal-*Laqgħa* mal-Feddej (hekk issejjaħ din il-ġrajja t-tradizzjoni Biżantina). Ġesù jingħaraf bħala l-Messija mistenni, "dawl biex idawwal il-ġnus" u "glorja tal-poplu ta' Israel", iżda wkoll bħala "sinjal li jmeruh". Is-sejf ta' niket imħabbar lil Marija hu tħabbira ta' offerta oħra, perfetta u waħdanija, tal-offerta tas-salib li jagħti s-salvazzjoni, li Alla "ħejja għall-popli kollha".

530 *Il-ħarba fl-Eġittu* u l-istraġi tal-innoċenti[11] juru l-oppożizzjoni bejn id-dawl u d-dlamijiet: "ġie f'daru u niesu ma laqgħuhx" *(Ġw 1,11).* Il-ħajja kollha ta' Kristu se tkun taħt is-sinjal tal-persekuzzjoni. Dawk li huma tiegħu jaqsmu dan miegħu.[12] It-tluq mill-Eġittu[13] jfakkar l-Eżodu u juri 'l Ġesù bħala l-ħellies definittiv.

## IL-MISTERI TAL-ĦAJJA MOĦBIJA TA' ĠESÙ

531 Tul parti kbira minn ħajtu Ġesù qasam mal-kotra l-kbira tal-bnedmin il-qagħda ta' ħajjithom: ħajja ta' kuljum li tidher nieqsa minn kulma jista' jagħmilha kbira f'għajnejn in-nies, ħajja ta' xogħol tal-id,

[1] Ara Kol 2,11-13.
[2] Ara Liturġija tas-Sigħat l-antifona tat-II Għasar tal-Epifanija.
[3] Ara Num 24,17; Apok 22,16.
[4] Ara Num 24,17-19.
[5] Ara Ġw 4,22.
[6] Ara Mt 2,4-6.
[7] San Ljun il-Kbir, *Sermo* 23, PL 54, 224B; ara Liturġija tas-Sigħat, uff. tal-qari tal-Epifanija.
[8] Ara Missal Ruman, Vġili tal-Għid, il-kolletta ta' wara t-tielet lezzjoni.
[9] Ara Lq 2,22-29.
[10] Ara Eż 13,12-13.
[11] Ara Mt 2,13-18.
[12] Ara Ġw 15,20.
[13] Ara Mt 2,15.

ħajja reliġjuża Lhudija fil-ħarsien tal-Liġi ta' Alla,[1] ħajja f'komunità. Minn dan kollu kulma kien rivelat lilna hu li Ġesù kien "jobdi" 'l-ġenituri tiegħu, u kien "jikber fl-għerf, fis-snin u fil-grazzja quddiem Alla u quddiem il-bnedmin" *(Lq 2,51-52).*

532 Is-sottomissjoni ta' Ġesù lejn ommu u lejn il-missier legali tiegħu twettaq ir-raba' kmandament fil-perfezzjoni tiegħu. Hi xbieha taż-żmien tal-ubbidjenza tal-Iben għar-rieda tal-Missier tas-sema. Is-sottomissjoni ta' Ġesù jum wara l-ieħor għar-rieda ta' Ġużeppi u ta' Marija tħabbar u turi minn qabel l-ubbidjenza ta' Ħamis ix-Xirka: "Mhux ir-rieda tiegħi..." *(Lq 22,42).* L-ubbidjenza ta' Ġesù, jum wara jum, tul il-ħajja moħbija tat bidu għat-twaqqif ġdid ta' dak li d-diżubbidjenza ta' Adam kienet ġarrfet.[2]

533 Il-ħajja moħbija f'Nazaret tħalli 'l kull bniedem jissieħeb ma' Ġesù fit-triqat ordinarji tal-ħajja ta' kuljum:

> Id-dar ta' Nazaret hija skola, skola fejn wieħed jitgħallem jagħraf il-ħajja ta' Kristu, skola tal-Evanġelju... u l-ewwel nett hawn nitgħallmu s-siwi tas-skiet. Mhux li konna nġeddu fina l-ħsieb dwar kemm hu għażiż is-skiet, dik il-ġabra hekk tal-għaġeb u meħtieġa għar-ruħ... Nitgħallmu wkoll hawnhekk kif għandha tkun l-imġiba tagħna fil-ħajja tad-dar. Għax id-dar ta' Nazaret tfissrilna tajjeb x'inhi l-familja fix-xirka tagħha ta' għożża, fis-sbuħija kbira u mdawla tagħha, fir-rabta qaddisa u sħiħa tagħha... U fl-aħħar nett, hawn insibu tagħlim kbir fuq ix-xogħol. O dar ta' Nazaret, dar ta' bin il-mastrudaxxa, kemm nixtiequ hawn nitgħallmu u nfaħħru l-liġi iebsa imma feddejja tax-xogħol tal-bniedem... Irridu fl-aħħar nett minn hawn insellmu lill-ħaddiema tad-dinja kollha u nistednuhom iħarsu lejn il-mudell kbir tagħhom, ħuhom divin.[3]

534 *Is-sejba ta' Ġesù fit-Tempju*[4] hi l-uniku fatt li jikser is-skiet tal-Evanġelju dwar is-snin moħbija ta' Ġesù. Ġesù jħallina naraw ftit il-misteru tal-konsagrazzjoni sħiħa tiegħu għall-missjoni li kienet ġejja mill-fatt li hu Bin Alla: "Ma tafux li jien għandi nkun f'dak li hu ta' Missieri?" Marija u Ġużeppi dan il-kliem "ma fehmuhx", imma laqgħuh bil-fidi, u Marija "kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha" tul is-snin kollha li fihom Ġesù kien moħbi fis-skiet ta' ħajja ordinarja.

## III. Il-misteri tal-ħajja pubblika ta' Ġesù

### IL-MAGĦMUDIJA TA' ĠESÙ

535 Il-bidu[5] tal-ħajja pubblika ta' Ġesù seħħ bil-Magħmudija tiegħu minn Ġwanni fil-Ġordan.[6] San Ġwann xandar "magħmudija ta' ndiema għall-maħfra tad-dnubiet" *(Lq 3,3).* Folla ta' midinbin, pubblikani u

[1] Ara Gal 4,4.
[2] Ara Rum 5,19.
[3] Pawlu VI, diskors f'Nazaret fil-5 ta' Jannar 1964: ara Liturġija tas-Sigħat, uff. tal-qari fil-festa tal-Familja Mqaddsa.
[4] Ara Lq 2,41-52.
[5] Ara Lq 3,23.
[6] Ara Atti 1,22.

suldati *(Lq 3,10-14),* Fariżej u Sadduċej[1] u nisa tat-triq,[2] marru jitgħammdu minnu. U "deher Ġesù". Il-Battista beda jaħsibha, iżda Ġesù insista: irċieva l-magħmudija. U l-Ispirtu s-Santu niżel fuq Ġesù f'sura ta' ħamiema, u leħen mis-sema xandar: "Dan hu Ibni l-għażiż" *(Mt 3,13-17).* Hi l-manifestazzjoni ("epifanija") ta' Ġesù bħala Messija ta' Israel u Bin Alla.

536 Il-Magħmudija ta' Ġesù hi, fiha nfisha, l-aċċettazzjoni u l-bidu tal-missjoni tal-Qaddej li jbati. Iħalli lilu nnifsu jingħadd mal-midinbin,[3] hu ġa "l-Haruf ta' Alla li jneħħi d-dnub tad-dinja" *(Ġw 1,29);* ġa jgħix minn qabel "il-magħmudija" tal-mewt imdemma tiegħu.[4] Ġa ġie "jtemm is-sewwa kollu" *(Mt 3,15),* jiġifieri se joqgħod f'kollox għar-rieda tal-Missier: għall-imħabba jaċċetta l-magħmudija tal-mewt għall-maħfra ta' dnubietna.[5] Għal din l-aċċettazzjoni jwieġeb leħen il-Missier li qiegħed l-l-għożża kollha tiegħu f'Ibnu.[6] Il-milja tal-Ispirtu li Ġesù kellu sa mit-tnissil tiegħu, jiġi "joqgħod" fuqu.[7] Ikun għajn għall-umanità kollha. Fil-magħmudija tiegħu "s-smewwiet infetħu" *(Mt 3,16),* is-smewwiet li kienu ngħalqu bid-dnub ta' Adam; l-ilmijiet tqaddsu bl-inżul ta' Ġesù u tal-Ispirtu s-Santu fihom, preludju tal-ħolqien ġdid.

537 Bil-Magħmudija, in-Nisrani jixxebbah sagramentalment ma' Ġesù, u fil-Magħmudija tiegħu għex minn qabel il-mewt u l-qawmien tiegħu mill-imwiet. In-Nisrani għandu jidħol f'dan il-misteru tal-għarfien taċ-ċokon u x-xejn tiegħu u tal-indiema, jinżel fl-ilma ma' Ġesù, biex miegħu jerġa' joħroġ minnu, jitwieled mill-ilma u l-Ispirtu s-Santu, fl-Iben isir iben adottiv tal-Missier, u "jgħix ħajja ġdida" *(Rum 6,4)*:

> Nindifnu ma' Kristu fil-Magħmudija biex nirxoxtaw miegħu, ninżlu miegħu biex itellagħna hu, nitilgħu miegħu biex inkunu glorifikati fih.[8]

> Kulma seħħ fi Kristu jurina li, wara l-ħasil bl-ilma, l-Ispirtu jiġi għal fuqna mis-sema, u adottati mil-leħen tal-Missier, insiru wlied Alla.[9]

IT-TIĠRIB TA' ĠESÙ

538 L-Evanġelji jitkellmu dwar żmien li fih Ġesù kien waħdu fid-deżert, minnufih wara li tgħammed minn Ġwanni. "Imbuttat mill-Ispirtu" fid-deżert, dam erbgħin jum sajjem; għex mal-bhejjem selvaġġi u kienu jaqduh l-anġli.[10] Meta għadda dan iż-żmien, ix-xitan ġarrbu tliet darbiet biex jipprova jbiddillu l-imġiba filjali tiegħu lejn il-Missier. Ġesù jbiegħed minnu dan it-tiġrib, li kien jiġbor fih it-tiġrib ta' Adam fil-ġenna u ta' Israel fid-deżert, u x-xitan telaq minn ħdejh "sa ma jasal il-waqt" *(Lq 4,13).*

---

[1] Ara Mk 3,7.
[2] Ara Mt 21,32.
[3] Ara Is 53,12.
[4] Ara Mk 10,38; Lq 12,50.
[5] Ara Mt 26,30.
[6] Ara Lq 3,22; Is 42,1
[7] Ġw 1,32-33; ara Is 11,2.
[8] San Girgor Nazjanżenu, *Orationes 40,9;* PG 36, 369B.
[9] San Ilarju ta' Poiters, *In Evangelium Matthaei*, 2; PL 9, 927.
[10] Ara Mk 1,12-13.

539 L-Evanġelisti juruna x'kien ifisser għas-salvazzjoni dan il-fatt misterjuż. Ġesù hu Adam il-ġdid, li baqa' fidil fejn l-ewwel Adam kien ċeda għat-tentazzjoni. Ġesù wassal għall-perfezzjoni sħiħa l-vokazzjoni ta' Israel: kontra l-imġiba ta' dawk li darba ġarrbu 'l Alla għal erbgħin sena fid-deżert,[1] Kristu juri ruħu bħala l-Qaddej ta' Alla li jobdi f'kollox ir-rieda ta' Alla. F'dan, Ġesù jirbaħ lix-xitan: rabat "il-wieħed qawwi" biex jeħodlu l-priża *(Mk 3,27).* Ir-rebħa ta' Ġesù fuq ix-xitan fid-deżert hi tħabbira tar-rebħa tal-passjoni, l-ogħla att ta' ubbidjenza tal-imħabba tiegħu ta' Iben għall-Missier.

540 It-tiġrib ta' Ġesù juri l-mod kif l-Iben ta' Alla hu l-Messija, kontra dak li ssuġġerielu x-xitan u li n-nies[2] xtaquh li jkun. Hu għalhekk li Kristu rebaħ ix-xitan *għalina.* "Għax aħna ma għandniex qassis il-kbir li ma jistax jagħder id-dgħufija tagħna, imma għandna wieħed li kien imġarrab bħalna f'kollox, minbarra d-dnub" *(Lh 4,15).* Il-Knisja kull sena, bl-erbgħin jum *tar-Randan*, tingħaqad mal-misteru ta' Ġesù fid-deżert.

"IS-SALTNA TA' ALLA HI FIL-QRIB"

541 "Wara li arrestaw lil Ġwanni, Ġesù mar il-Galilija jxandar il-Bxara t-tajba ta' Alla u jgħid: 'Iż-żmien huwa mitmum u s-Saltna ta' Alla waslet: indmu u emmnu fil-Bxara t-tajba'" *(Mk 1,15).* "Biex itemm ir-rieda tal-Missier, Ġesù ta bidu għas-Saltna tas-sema fuq l-art".[3] Issa r-rieda tal-Missier hi li "jgħolli l-bnedmin ħa jkollhom sehem fil-ħajja ta' Alla".[4] Dan jagħmlu billi jiġma' l-bnedmin madwar Ibnu Ġesù Kristu. Din Din il-ġemgħa hija l-Knisja, li fuq l-art hi "ż-żerriegħa u l-bidu tas-Saltna ta' Alla".[5]

542 Kristu hu fil-qalba tal-ġemgħa tal-bnedmin fi ħdan "il-familja ta' Alla". Isejħilhom madwaru bil-kelma tiegħu, bis-sinjali li juru s-Saltna ta' Alla, bil-missjoni tad-dixxipli. U l-miġja tas-Saltna tiegħu sseħħ l-aktar fil-misteru kbir tal-Għid: il-mewt tiegħu fuq is-salib u l-qawmien mill-imwiet. "Meta nintrefa' 'l fuq mill-art niġbed il-bnedmin kollha lejja" *(Ġw 12,32).* Il-bnedmin kollha huma msejħin għal din l-għaqda ma' Kristu.[6]

IT-TĦABBIRA TAS-SALTNA TA' ALLA

543 *Il-bnedmin kollha* huma msejħin biex jidħlu fis-Saltna. Imħabbra l-ewwel lil ulied Israel,[7] din is-Saltna messjanika trid tiġbor fiha l-bnedmin tal-ġnus kollha.[8] Biex wieħed jidħol fiha jrid jilqa' l-kelma ta' Ġesù:

---

1 Ara Salm 95,10.
2 Ara Mt 16,21-23.
3 Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 3.
4 *Ibid.*, 2.
5 *Ibid.*, 5.
6 Ara *ibid.*, 3.
7 Ara Mt 10,5-7.
8 Ara Mt 8,11; 28,19.

> Il-kelma ta' Alla tixbah żerriegħa li tinżera' f'għalqa; dawk li jilqgħuha bil-fidi u ngħaqqdu mal-merħla żgħira ta' Kristu, ikunu laqgħu l-istess Saltna; imbagħad, iż-żerriegħa bis-saħħa tagħha stess tinbet u tikber sa jum il-ħsad.[1]

544 Is-Saltna hi *tal-foqra u taċ-ċkejknin,* jiġifieri ta' dawk li jilqgħuha b'qalb imċekkna u umli. Ġesù ntbagħat biex "iwassal il-Bxara t-tajba lill-fqajrin".[2] Isejħilhom hienja għax "tagħhom hi s-Saltna tas-smewwiet" *(Mt 5,3).* Hu liċ-"ċkejknin" li l-Missier għoġbu jgħarraf il-ħwejjeġ moħbija lil min għandu l-għerf u d-dehen.[3] Ġesù għex l-istess ħajja tal-foqra mill-maxtura sas-salib; kien jaf x'inhu l-ġuħ,[4] l-għatx,[5] u l-l-faqar.[6] Wisq aktar: iqis ruħu wieħed mill-foqra ta' kull xorta, u poġġa bħala kundizzjoni għad-dħul fis-Saltna tiegħu mħabba ħabrieka lejn il-foqra.[7]

545 Ġesù jistieden 'il-*midinbin* għall-mejda tas-Saltna: "Mhux il-ġusti ġejt insejjaħ, iżda l-midinbin".[8] Jistedinhom għall-konverżjoni li mingħajrha ma jistgħux jidħlu fis-Saltna, iżda jurihom bil-kliem u bl-għemil il-ħniena bla qies ta' Missieru għalihom[9] u "l-ferħ kbir fis-sema għal midneb wieħed li jindem" *(Lq 15,7).* L-ogħla prova ta' din l-imħabba tkun is-sagrifiċċju ta' ħajtu "għall-maħfra tad-dnubiet" *(Mt 26,28).*

546 Ġesù jsejjaħ għad-dħul fis-Saltna permezz tal-*parabboli,* element tipiku tat-tagħlim tiegħu.[10] Bil-parabboli jistieden għall-festa tat-tieġ tas-Saltna,[11] iżda jitlob ukoll għażla radikali: biex wieħed jikseb is-Saltna, hu meħtieġ li jinqata' minn kollox;[12] il-kliem mhuwiex biżżejjed, huma meħtieġa l-fatti.[13] Il-parabboli qishom mirja għall-bniedem: il-kelma jilqagħha qisha taqa' f'art moxa jew f'art tajba?[14] X'jagħmel bit-talenti li ngħatawlu?[15] Ġesù u l-preżenza tas-Saltna ta' Alla fid-dinja huma moħbijin fil-qalba tal-parabboli. Jeħtieġ li tidħol fis-Saltna, jiġifieri ssir dixxiplu ta' Kristu, biex "tagħraf il-misteri tas-Saltna tas-Smewwiet" *(Mt 13,11).* Għal dawk li jinsabu "barra", kollox jibqa' bla tifsir.[16]

IS-SINJALI TAS-SALTNA TA' ALLA

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 5.
[2] Lq 4,18; ara 7,22.
[3] Ara Mt 11,25.
[4] Ara Mt 2,23-26; Mt 21,18.
[5] Ara Ġw 4,6-7; 19,28.
[6] Ara Lq 9,58.
[7] Ara Mt 25,31-46.
[8] Mk 2,17; ara 1 Tim 1,15.
[9] Ara Lq 15,11-32.
[10] Ara Mk 4,33-34.
[11] Ara Mt 22,1-14.
[12] Ara Mt 13,44-45.
[13] Ara Mt 21,28-32.
[14] Ara Mt 13,3-9.
[15] Ara Mt 25,14-30.
[16] Ara Mt 13,10-15.

547 Ġesù jsieħeb ma' kliemu għadd kbir ta' "mirakli, għeġubijiet u sinjali" *(Atti 2,22)* li juru li s-Saltna tinsab fih. Huma xhieda li hu l-Messija mħabbar.[1]

548 Is-sinjali li għamel Ġesù huma xhieda li l-Missier bagħtu.[2] Jistiednu għat-twemmin fih.[3] Lil dawk li jersqu lejh bil-fidi, jagħtihom dak li jitolbu.[4] Imbagħad il-mirakli jsaħħu l-fidi f'dak li jagħmel għemil il-Missier: jixhdu li hu Bin Alla.[5] Iżda jistgħu jkunu wkoll "okkażjoni ta' tfixkil" *(Mt 11,6)*: ma kellhomx jissodisfaw il-kurżità tan-nies u lanqas ix-xewqat tagħhom għall-ħwejjeġ maġiċi. Minkejja l-mirakli tassew ċari tiegħu, Ġesù ġie mwarrab minn xi wħud,[6] anzi xlewh li kien jinqeda bix-bix-xjaten.[7]

549 Huwa u jeħles xi nies mid-deni tad-dinja – bħalma hu l-ġuħ,[8] l-inġustizzja,[9] il-mard u l-mewt[10] – Ġesù kien jagħmel sinjali messjaniċi. Iżda hu ma ġiex biex ineħħi d-deni kollu li hawn fuq l-art *(Lq 12,13-14; Ġw 18,36)* imma biex jeħles lill-bnedmin mill-jasar l-aktar kiefer, dak tad-dnub,[11] li jxekkel il-vokazzjoni tagħhom ta' wlied Alla, u hu l-bidu tas-suriet kollha tal-jasar tal-bniedem.

550 Il-miġja tas-Saltna ta' Alla hi l-qerda tas-Saltna tax-xitan:[12] "Jekk jiena qiegħed inkeċċi x-xjaten bl-Ispirtu ta' Alla, dan ifisser li waslitilkom is-Saltna ta' Alla" *(Mt 12,28)*. *L-Eżorċiżmi* ta' Ġesù kienu jeħilsu lill-bnedmin mis-setgħa tax-xitan.[13] Jantiċipaw ir-rebħa kbira ta' Ġesù fuq "il-prinċep ta' din id-dinja" *(Ġw 12,31)*. Hu bis-salib ta' Kristu li s-Saltna ta' Alla titwaqqaf darba għal dejjem: Alla saltan "minn fuq l-għuda tas-salib".[14]

### "L-IMFIETAĦ TAS-SALTNA"

551 Sa mill-bidu tal-ħajja pubblika tiegħu, Ġesù għażel tnax biex ikunu miegħu u jissieħbu fil-missjoni tiegħu:[15] tahom sehem mill-awtorità tiegħu, u "bagħathom ixandru s-Saltna ta' Alla u jfejqu l-morda" *(Lq 9,2)*. Jibqgħu dejjem imseħbin mas-Saltna ta' Kristu, għax bihom hu jmexxi l-Knisja:

---

[1] Ara Lq 7,18-23.
[2] Ara Ġw 5,36; 10,25.
[3] Ara Ġw 10,38.
[4] Ara Mk 5,25-34; 10,52 u l-bqija.
[5] Ara Ġw 10,31-38.
[6] Ara Ġw 11,47-48.
[7] Ara Mk 3,22.
[8] Ara Ġw 6,5-15.
[9] Ara Lq 19,8.
[10] Ara Mt 11,5.
[11] Ara Ġw 8,34-36.
[12] Ara Mt 12,26.
[13] Ara Lq 8,26-39.
[14] Innu "Vexilla Regis": "Regnavit a ligno Deus".
[15] Ara Mk 3,13-19.

> Bħalma Missieri ħejja saltna għalija, hekk ukoll jien inħejji Saltna għalikom, biex tieklu u tixorbu fuq il-mejda tiegħi, f'Saltnati, u toqogħdu fuq tronijiet biex tagħmlu ħaqq mit-tnax-il tribù ta' Israel *(Lq 22,29-30).*

552 Fil-Kulleġġ tat-Tnax, Xmun Pietru għandu l-ewwel post.[1] Ġesù fdalu missjoni unika. B'rivelazzjoni mill-Missier, San Pietru kien stqarr: "Inti l-Messija, Bin Alla l-ħaj!" Il-Mulej imbagħad qallu: "Inti Pietru u fuq din il-blata jiena nibni l-Knisja tiegħi, u s-setgħat tal-infern ma jegħlbuhiex" *(Mt 16,18).* Kristu, "il-ġebla ħajja" *(1 Piet 2,4)* jiżgura lill-Knisja tiegħu, mibnija fuq Pietru, ir-rebħa fuq is-setgħat tal-mewt. Pietru, minħabba l-fidi li stqarr, jibqa' l-blata sħiħa tal-Knisja. Ikollu l-missjoni li jħares din il-fidi biex qatt ma tiġi nieqsa u li jwettaq lil ħutu fiha.[2]

553 Ġesù ried jafda setgħa speċifika lil San Pietru. "Jiena nagħtik l-imfietaħ tas-Saltna tas-smewwiet, u kulma torbot fuq l-art ikun marbut fis-smewwiet u kulma tħoll fuq l-art ikun maħlul fis-smewwiet" *(Mt 16,19).* Is-"setgħa tal-imfietaħ" tfisser l-awtorità li tmexxi d-dar ta' Alla li hi l-Knisja. Ġesù, "ir-Ragħaj it-tajjeb" *(Ġw 10,11)* wettaq din is-setgħa wara l-qawmien mill-imwiet: "Irgħa n-nagħaġ tiegħi" *(Ġw 21,15-17).* Is-setgħa li "tħoll u torbot" tfisser l-awtorità li taħfer id-dnubiet, tagħti ġudizzju dwar duttrina, u tieħu deċiżjonijiet dixxiplinari fil-Knisja. Ġesù ried jafda din l-awtorità lill-Knisja permezz tal-ministeru tal-Appostli[3] u u b'mod partikulari, permezz tal-ministeru ta' San Pietru, li lilu waħdu ngħataw espliċitament l-imfietaħ tas-Saltna.

TGAWDIJA MINN QABEL TAS-SALTNA: IT-TRASFIGURAZZJONI

554 Mill-jum li fih San Pietru stqarr li Ġesù hu l-Messija, Bin Alla l-ħaj, l-Imgħallem "beda juri lid-dixxipli tiegħu li kien meħtieġ għalih li jmur Ġerusalemm, isofri ħafna..., " joqtluh, u fit-tielet jum iqum" *(Mt 16,22-23);* l-oħrajn ma fehmuha xejn.[4] U f'dawn iċ-ċirkostanzi nsibu l-episodju misterjuż tat-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù[5] fuq muntanja għolja quddiem tliet xhieda magħżula, Pietru, Ġakbu u Ġwanni. Wiċċ Ġesù u lbiesu dehru jiddu bħax-xemx. Mosè u Elija dehru "jitħaddtu fuq it-tmiem ta' ħajtu li kellu jseħħ f'Ġerusalemm" *(Lq 9,31).* Sħaba tgħattihom u jinstema' leħen mis-sema jgħid: "Dan hu Ibni l-maħtur, isimgħu lilu" *(Lq 9,35).*

555 Għal mument Ġesù juri l-glorja divina tiegħu, u hekk iwettaq l-istqarrija ta' San Pietru. Juri wkoll li biex "jidħol fil-glorja tiegħu" *(Lq 24,26)* kellu jgħaddi mis-salib f'Ġerusalemm. Mosè u Elija kienu raw il-glorja ta' Alla fuq il-muntanja, il-Liġi u l-Profeti kienu ħabbru t-tbatijiet tal-Messija.[6] Il-passjoni ta' Ġesù riedha l-Missier; l-Iben ġab ruħu ta'

---

[1] Ara Mk 3,16; 9,2; Lq 24,34; 1 Kor 15,5.
[2] Ara Lq 22,32.
[3] Ara Mt 18,18.
[4] Ara Mt 17,23; Lq 9,45.
[5] Ara Mt 17,1-8 u s-siltiet l-oħra tal-Evanġelju; 2 Piet 1,16-18.
[6] Ara Lq 24,27.

Qaddej ta' Alla.[1] Is-sħaba turi l-preżenza tal-Ispirtu s-Santu. "Dehret it-Trinità kollha: il-Missier fil-leħen, l-Iben fil-bniedem, l-Ispirtu s-Santu fi sħaba tiddi":[2]

> Int tbiddilt fuq il-muntanja u d-dixxipli tiegħek, safejn setgħu, ikkontemplaw il-glorja tiegħek, o Kristu Alla, biex meta jarawk imsallab jifhmu li int minn rajk ridt issofri l-passjoni tiegħek u li huma kellhom iħabbru lid-dinja li int tassew id-dija tal-Missier.[3]

556 Fil-bidu tal-ħajja pubblika: il-Magħmudija; ftit qabel l-Għid tiegħu: it-Trasfigurazzjoni. Bil-Magħmudija ta' Ġesù "tħabbar il-misteru tat-twelid ġdid", il-Magħmudija tagħna. It-Trasfigurazzjoni "hi sinjal tat-twelid għall-ħajja ta' dejjem", il-qawmien tagħna mill-imwiet.[4] U minn issa aħna nissieħbu fil-qawmien tal-Mulej permezz tal-Ispirtu s-Santu li jaħdem fis-sagrament tal-ġisem ta' Kristu. It-Trasfigurazzjoni tagħtina niggustaw minn qabel it-tieni miġja glorjuża ta' Kristu li "għad irid ibiddlilna l-ġisem imsejken tagħna fis-sura tal-ġisem glorjuż tiegħu" *(Fil 3,21).* Imma tfakkarna wkoll li "jeħtiġilna nbatu ħafna biex nidħlu fis-Saltna ta' Alla" *(Atti 14,22)*:

> Dan San Pietru kien għadu ma fehmux meta wera x-xewqa li jibqa' jgħix ma' Kristu fuq il-muntanja.[5] Dan refagħhulek, Pietru, għal wara l-mewt. Issa hu stess jgħidlek: Inżel biex tbati fuq l-art, biex taqdi, tkun mistmerr, imsallab fuq l-art. Il-Ħajja niżlet biex tinqatel, il-Ħobż niżel biex ibati l-ġuħ; it-Triq niżlet biex tgħejja bil-mixi; l-Għajn niżlet biex tbati l-għatx, u int ma tridx tbati? [6]

IT-TLUQ LEJN ĠERUSALEMM

557 "Meta qorob għalih iż-żmien li fih kellu jittieħed mid-dinja, Ġesù b'rieda sħiħa dar u telaq lejn Ġerusalemm".[7] B'din id-deċiżjoni wera li kien sejjer Ġerusalemm lest biex imut hemm. Tliet darbiet kien ħabbar il-Passjoni u l-Qawmien tiegħu mill-imwiet.[8] Huwa u sejjer lejn Ġerusalemm qal li "ma għandux ikun li profeta jinqered barra Ġerusalemm" *(Lq 13,33).*

558 Ġesù jfakkar il-martirju tal-profeti li nqatlu f'Ġerusalemm.[9] Iżda Iżda ma jiqafx isejjaħ lil Ġerusalemm biex tinġabar madwaru: "Kemm-il darba ridt niġbor lil uliedek bħalma qroqqa tiġbor il-flieles taħt ġwenħajha, u int ma ridtx!" *(Mt 23,37b).* Meta Ġerusalemm dehret quddiemu, hu beka fuqha u reġa' tenna x-xewqa ta' qalbu: "Mhux li għaraft int ukoll f'dan il-jum x'inhu l-ġid tiegħek! Imma issa, dan hu moħbi minn għajnejk" *(Lq 19,41-42).*

---

[1] Ara Is 42,1.
[2] "Tota Trinitas apparuit: Pater in voce, Filius in homine, Spiritus in nube clara": San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae* 3, 45, 4 ad 2.
[3] Liturġija Biżantina, Kontakion tal-festa tat-Trasfigurazzjoni.
[4] "Declaratum fuit mysterium primae regenerationis (in baptismate Christi).....(et transfigutatio) est sacramentum secundae regenerationis": San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae* 3. 45, 4 ad 2.
[5] Ara Lq 9,33.
[6] Santu Wistin, *Sermones*, 78, 6; PL 38, 492-493.
[7] Lq 9,51; ara Ġw 13,13.
[8] Ara Mk 8,31-33; 9,31-32; 10,32-34.
[9] Ara Mt 23,37a.

559 Kif se tilqa' Ġerusalemm il-Messija tagħha? Qabel, Ġesù dejjem żamm ruħu 'l bogħod mit-tentattivi kollha tan-nies biex jagħmluh sultan,[1] imma issa hu stess jagħżel il-mument u jħejji l-irqaqat kollha tad-daħla messajnika tiegħu fil-belt ta' "David missieru".[2] Isellmulu bħala Bin David, bħala dak li jġib is-salvazzjoni ("Hosanna" jiġifieri "mela salvana", "agħtina s-salvazzjoni"). Issa "s-Sultan tal-glorja" *(Salm 24,7-10)* dieħel fil-belt "riekeb fuq ħmara" *(Żak 9,9);* ma jirbaħx għalih lil Bint Sijon, xbieha tal-Knisja tiegħu, la bil-qerq u lanqas bil-vjolenza, imma bl-umiltà li tagħti xhieda għall-Verità.[3] Hu għalhekk li s-sudditi tas-Saltna tiegħu dak inhar huma t-tfal[4] u "l-foqra tal-Mulej", u jsellmulu jsellmulu kif l-anġli ħabbruh lir-ragħajja.[5] L-għajta tagħhom: "Imbierek min ġej f'isem il-Mulej" *(Salm 118,26)* ittenniha l-Knisja fis-*"Sanctus"* tal-Liturġija ewkaristika, hija u tagħti bidu għat-tifkira tal-Għid tal-Mulej.

560 *Id-dħul ta' Kristu f'Ġerusalemm* juri li waslet is-Saltna li s-Sultan-Messija kien se jwaqqaf bl-Għid tal-mewt u l-qawmien tiegħu mill-imwiet. Hi b'din iċ-ċelebrazzjoni, nhar Ħadd il-Palm, li l-liturġija tal-Knisja tagħti bidu għall-Ġimgħa Mqaddsa.

## Fil-qosor

561 *"Il-ħajja kollha ta' Kristu hi tagħlim dejjem sejjer: is-skiet tiegħu, il-mirakli tiegħu, il-ġesti tiegħu, it-talb tiegħu, l-imħabba tiegħu għall-bniedem, l-imħabba speċjali tiegħu għat-tfal u għall-foqra, l-aċċettazzjoni tas-sagrifiċċju sħiħ tiegħu fuq is-salib għall-fidwa tad-dinja, il-qawmien tiegħu mill-imwiet jagħmlu sseħħ il-kelma tiegħu u jwasslu għat-tmiem tagħha r-Rivelazzjoni".*[6]

562 *Id-dixxipli għandhom ifittxu li jkunu dejjem aktar bħal Kristu, sakemm Kristu jissawwar fihom* (Gal 4,19). *"Dan għaliex ġejna mdaħħlin fil-misteri ta' ħajtu, sirna nixbhuh u sseħibna fil-mewt u l-qawmien tiegħu mill-imwiet, u għad insaltnu miegħu".*[7]

563 *Ragħajja jew maġi, ma nistgħux niltaqgħu ma' Alla hawn fuq l-art mingħajr ma ninżlu għarkupptejna quddiem il-maxtura ta' Betlehem, biex nadurawh moħbi fid-dgħufija ta' tarbija.*

564 *Bl-ubbidjenza tiegħu għal Marija u Ġużeppi, u bil-ħidma umli tiegħu għal tant snin f'Nazaret, Ġesù jagħtina eżempju tal-qdusija tal-ħajja ta' kuljum fil-familja u fuq ix-xogħol.*

---

[1] Ara Ġw 6,15.
[2] Lq 1,32; ara Mt 21,1-11.
[3] Ara Ġw 18,37.
[4] Ara Mt 21,15-16; Salm 8,3.
[5] Ara Lq 19,38; 2,14.
[6] Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika, *Catechesi tradendae*, 9.
[7] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 7.

565 *Sa mill-bidu tal-ħajja pubblika tiegħu, fil-Magħmudija tiegħu, Ġesù hu l-"Qaddej", ikkonsagrat kollu kemm hu għax-xogħol tal-fidwa, li sseħħ bil-"magħmudija" tal-passjoni tiegħu.*

566 *It-tiġrib fid-deżert jurina lil Ġesù, Messija umli li joħroġ rebbieħ fuq ix-xitan, għaliex marbut għalkollox mal-pjan tas-salvazzjoni li ried il-Missier.*

567 *Is-Saltna tas-smewwiet bdieha Kristu fuq l-art. "Iddiet għal għajnejn il-bnedmin fil-kliem, fl-għemil u bil-preżenza ta' Kristu".*[1] *Il-Knisja hi ż-żerriegħa u l-bidu tas-Saltna. L-imfietaħ tagħha huma fdati lil San Pietru.*

568 *It-Trasfigurazzjoni ta' Kristu riedet issaħħaħ il-fidi tal-Appostli minħabba l-passjoni: it-telgħa fuq "muntanja għolja" tħejji t-tlugħ tal-Kalvarju. Kristu, ir-Ras tal-Knisja, juri dak li hemm f'Ġismu u li jiddi fis-sagramenti: "it-tama tal-glorja"* (Kol 1,27).[2]

569 *Ġesù tela' minn rajh f'Ġerusalemm, għalkemm kien jaf li hemm kellu jmut b'mewta kiefra minħabba oppożizzjoni kbira min-naħa tal-midinbin.*[3]

570 *Id-dħul ta' Ġesù f'Ġerusalemm juri l-miġja tas-Saltna li s-Sultan-Messija, milqugħ f'beltu mit-tfal u minn dawk ta' qalb umli, se jwaqqaf bl-Għid tal-mewt u l-qawmien tiegħu mill-imwiet.*

**Ir-raba' artiklu**

## ĠESÙ KRISTU BATA TAĦT PONZJU PILATU, SALLBUH, MIET U DIFNUH

571 Il-misteru tal-Għid tas-salib u tal-qawmien mill-imwiet ta' Kristu hu fil-qalba tal-Bxara t-Tajba li l-Appostli, u l-Knisja warajhom, kellhom ixandru lid-dinja. Il-pjan ta' Alla għas-salvazzjoni seħħ "darba għal dejjem" *(Lh 9, 26)* bil-mewt li fdietna ta' Ibnu Ġesù Kristu.

572 Il-Knisja tħares bil-fedeltà kollha "t-tifsir ta' kulma hemm fl-Iskrittura" li ta Ġesù stess kemm qabel u kemm wara l-Għid tiegħu: "U ma kellux il-Messija jgħaddi minn dawn il-ħwejjeġ u hekk jidħol fil-glorja tiegħu?" *(Lq 24, 26-27, 44-45).* It-tbatijiet ta' Ġesù ħadu s-sura storika tagħhom għaliex kien "miċħud mill-anzjani u mill-qassisin il-kbar u mill-kittieba" *(Mk 8,31)* li tawh "f'idejn il-pagani biex jiddieħku bih u jagħtuh is-swat u jsallbuh" *(Mt 20,19).*

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 5.
[2] San Ljun il-Kbir, *Sermones 51*, 3: PL 54, 310C
[3] Ara Lh 12,3.

573 Il-fidi tista' għalhekk tgħarbel iċ-ċirkostanzi tal-mewt ta' Ġesù, ċirkostanzi li l-Evanġelji wasslulna bil-fedeltà kollha[1] u ġew imdawlin minn għejjun storiċi oħra, u hekk tifhem aħjar xi tfisser il-fidwa.

L-ewwel paragrafu

## ĠESÙ U ISRAEL

574 Mill-bidu tal-ministeru pubbliku ta' Ġesù, xi Fariżej u xi Erodjani, flimkien ma' xi qassisin u xi kittieba, ftiehmu bejniethom kif jeqirduh.[2] Għal xi għemil tiegħu – it-tkeċċija tax-xjaten,[3] il-maħfra tad-dnubiet,[4] il-fejqan f'jum is-Sibt,[5] l-interpretazzjoni oriġinali tal-preċetti tas-safa fil-Liġi,[6] il-familjarità mal-pubblikani u l-midinbin magħrufa[7] – xi wħud li kellhom fehmiet ħżiena qalu li kellu fih xitan.[8] Xlewh li kien midgħi[9] u li kien profeta qarrieq,[10] delitti reliġjużi li l-Liġi kienet tikkastiga bil-mewt bi tħaġġir.[11]

575 Ħafna mela mill-għemil u mill-kliem ta' Ġesù kienu "sinjal li jmeruh" *(Lq 2,34)* għall-awtoritajiet reliġjużi ta' Ġerusalemm, għal dawk li l-Evanġelju ta' San Ġwann spiss isejjaħ "il-Lhud",[12] wisq aktar milli għall-poplu kollu ta' Alla.[13] Iżda r-relazzjonijiet ta' Kristu mal-Fariżej ma kinux biss ta' kuntrast u ta' polemika. Kienu Fariżej li wissewh bil-periklu li kien qiegħed jheddu.[14] Ġesù faħħar lil xi wħud minnhom, bħall-kittieb ta' *Mark 12,34,* u kemm-il darba kiel għand il-Fariżej.[15] Ġesù wettaq xi tagħlim li kien iħaddan dan il-grupp reliġjuż ewlieni tal-poplu ta' Alla: il-qawmien mill-imwiet,[16] is-suriet tat-tjieba tagħhom (il-karità, is-sawm u t-talb[17]), u d-drawwa tagħhom li jsejħu lil Alla bħala Missier, il-karattru ewlieni tal-kmandament tal-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu.[18]

576 F'għajnejn ħafna f'Israel Ġesù kien jidher li hu kontra l-istituzzjonijiet essenzjali tal-poplu ta' Alla:

- L-ubbidjenza għal-Liġi fis-sħuħija kollha tal-preċetti miktuba u, għall-Fariżej, tal-interpretazzjoni tat-tradizzjonijiet li kienu jitwasslu bil-fomm.

[1] Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 19.
[2] Ara Mk 3,6.
[3] Ara Mt 12,24.
[4] Ara Mk 2,7.
[5] Ara Mk 3,1-6.
[6] Ara Mk 7,14-23.
[7] Ara Mk 2,14-17.
[8] Ara Mk 3,22; Ġw 18,48; 10,20.
[9] Ara Mk 2,7; Ġw 5,18; 10,33.
[10] Ara Ġw 7,12; 7,52.
[11] Ara Ġw 8,59; 10,31.
[12] Ara Ġw 1,19; 2,18; 5,10; 7,13; 9,22; 18,12; 19,38; 20,19.
[13] Ara Ġw 7,48-49.
[14] Ara Lq 13,31.
[15] Ara Lq 7,36; 14,1.
[16] Ara Mt 22,23-24; Lq 20,39.
[17] Ara Mt 6,18.
[18] Ara Mk 12,28-34.

- It-Tempju ta' Ġerusalemm bħala ċentru tal-ħajja reliġjuża kollha għax hu l-post qaddis fejn Alla jgħammar b'mod privileġġjat.

- Il-fidi f'Alla wieħed, li mill-glorja tiegħu ebda bniedem ma jista' jkollu sehem.

## I. Ġesù u l-Liġi

577 Ġesù ta twissija mill-aktar solenni fil-bidu tad-Diskors minn fuq il-Muntanja meta fisser il-Liġi mogħtija minn Alla fis-Sinaj fi żmien il-Patt il-Qadim, fid-dawl tal-grazzja tal-Patt il-Ġdid:

> Xejn taħsbu li ġejt inwaqqa' l-Liġi jew il-Profeti: jiena ma ġejtx biex inwaqqagħhom, iżda biex inwassalhom għall-perfezzjoni. Tassew, ngħidilkom, li sa ma jkunu għaddew is-sema u l-art anqas l-iżgħar ittra jew tikka waħda mil-Liġi ma titneħħa sa ma jkun seħħ kollox. Jekk mela xi ħadd iġib fix-xejn wieħed mill-iżgħar minn dawn il-kmandamenti u jgħallem lin-nies biex jagħmlu l-istess, dan jissejjaħ l-iżgħar fis-Saltna tas-Smewwiet, imma min iħarishom u jgħallimhom dan kbir jissejjaħ fis-Saltna tas-Smewwiet *(Mt 5,17-19).*

578 Ġesù, il-Messija ta' Israel, għalhekk l-ikbar wieħed fis-Saltna tas-Smewwiet, kellu jwassal il-Liġi għall-perfezzjoni tagħha huwa u jħarisha fis-sħuħija kollha tagħha, sal-iżgħar wieħed mill-kmandamenti, skont kliemu stess. U hu biss ukoll li seta' jagħmel dan b'mod l-aktar perfett.[1] Il-Lhud, kif stqarru huma stess, qatt ma setgħu jħarsu l-Liġi fis-fis-sħuħija kollha tagħha, perfettament, mingħajr ma jiksru l-iżgħar kmandament.[2] Hu għalhekk li kull sena, fil-festa tat-Tpattija, ulied Israel Israel jitolbu lil Alla maħfra għal kull darba li kisru l-Liġi. Fil-fatt, il-Liġi hi ħaġa waħda u, kif ifakkarna San Ġakbu "min il-liġi jħarisha kollha imma jiksirha f'ħaġa waħda biss, ikun ħati ta' kollox" *(Ġak 2,10; Gal 3,10; 5,3).*

579 Dan il-prinċipju tal-ħarsien tal-Liġi fis-sħuħija kollha tagħha, mhux biss fl-ittra imma wkoll fl-ispirtu tagħha, kien għażiż ħafna għall-Fariżej. Huma u jfissruha għal Israel wasslu ħafna Lhud fi żmien Kristu għal żelu reliġjuż esaġerat.[3] Dan, biex ma ma jkunx każistika "ta' wiċċ b'ieħor",[4] ma setax ikun ħlief tħejjija tal-Poplu għall-indħil indħil tal-għaġeb ta' Alla permezz tal-ħarsien perfett tal-Liġi minn dak li hu waħdu l-Ġust minflok il-midinbin kollha.[5]

580 Leġiżlatur divin biss, imwieled taħt il-Liġi fil-persuna tal-Iben ta' Alla,[6] seta' jwassal il-Liġi għall-perfezzjoni sħiħa tagħha. F'Ġesù, il-Liġi ma dehritx aktar minquxa fuq twavel tal-ġebel, imma "fil-fond tal-qalb"[7] tal-Qaddej li, għax "iġib il-ġustizzja fis-sewwa" *(Is 42,3)* sar "Patt tal-poplu" *(Is 42,6).* Ġesù wassal il-Liġi għall-perfezzjoni billi ġieb fuqu

[1] Ara Ġw 8,46.
[2] Ara Ġw 7,19; Atti 13, 28-41; 15,10.
[3] Ara Rum 10,2.
[4] Ara Mt 15,3-7; Lq 11,39-54.
[5] Ara Is 53,11; Lh 9,15.
[6] Ara Gal 4,4.
[7] Ara Ġer 31,33.

"s-saħta tal-Liġi" *(Gal 3,13)*, li fiha jaqgħu dawk li "ma joqogħdux għall-ħwejjeġ kollha li hemm imniżżla fil-Liġi" *(Gal 3,10)*, għaliex il-mewt ta' Kristu seħħet "għall-fidwa tal-ħtijiet li saru fi żmien il-Patt ta' qabel" *(Lh 9,15)*.

581 Ġesù deher bħala "rabbi" għal għajnejn il-Lhud u l-mexxejja reliġjużi tagħhom.[1] Id-diskussjonijiet tiegħu spiss kienu skont kif ir-rabbini kienu jinterpretaw il-Liġi.[2] Iżda fl-istess ħin, Ġesù ma setax ma jurtax l-għorrief fil-Liġi għax għalih ma kienx biżżejjed li jagħti interpretazzjoni tiegħu bħalma kienu jagħmlu huma: "kien jgħallimhom bħal wieħed li għandu s-setgħa u mhux bħall-kittieba" *(Mt 7,28-29)*. Fih, hi l-istess kelma li nstemgħet fuq il-muntanja Sinaj biex tagħti lil Mosè l-Liġi miktuba, li issa nstemgħet mill-ġdid fuq il-muntanja tal-Beatitudni.[3] Hi ma tħassarx il-Liġi, iżda twettaqha billi b'mod divin, tagħtiha interpretazzjoni definittiva: "Smajtu x'intqal lin-nies ta' dari... imma jiena ngħidilkom" *(Mt 5,33-34)*. Bl-istess awtorità divina jwarrab xi "tradizzjonijiet tal-bnedmin" *(Mk 7,8)* tal-Fariżej li "kienu jġibu fix-xejn il-kelma ta' Alla" *(Mk 7,13)*.

582 Ġesù mar aktar 'l hemm u wassal il-Liġi għall-perfezzjoni, ukoll dwar is-safa tal-ikel, hekk importanti fil-ħajja ta' kuljum tal-Lhud, billi wera x'kien it-tifsir "pedagoġiku" tal-Liġi dwar l-ikel:[4] taha interpretazzjoni divina: "Xejn ma jista' jtebba' l-bniedem minn dak li jidħol ġo fih minn barra..." u hekk wera li l-ikel kollu hu safi... "Dak li joħroġ minn ġol-bniedem dak hu li jtebba' l-bniedem. Għax hu minn ġewwa, mill-qalb tal-bniedem, li joħorġu l-ħsibijiet ħżiena" *(Mk 7,18-21)*. Huwa u jagħti b'awtorità divina, interpretazzjoni definittiva tal-Liġi, Ġesù sab ruħu f'konfront ma' xi għorrief tal-Liġi li ma ridux jaċċettaw l-interpretazzjoni tiegħu, minkejja li kienet imwettqa minn sinjali divini li ssieħbu magħha.[5] Dan jgħodd b'mod partikulari għall-ħarsien tas-Sibt, Ġesù jfakkar, u dan spiss kien jagħmlu b'argumenti tar-rabbini,[6] li l-mistrieħ tas-Sibt ma jinkisirx bil-qadi lil Alla[7] jew lill-proxxmu,[8] qadi li kien jagħmel huwa u jfejjaq.

## II. Ġesù u t-Tempju

583 Ġesù, bħall-profeti li ġew qablu, wera rispett kbir ħafna għat-Tempju ta' Ġerusalemm. Ġie ppreżentat fih minn Ġużeppi u Marija erbgħin jum wara li twieled.[9] Ta' tnax-il sena ried jibqa' fit-Tempju biex ifakkar lill-ġenituri tiegħu li hu kellu jkun f'dak li hu ta' Missieru.[10] Kull sena kien jitla' almenu għall-festa tal-Għid tul iż-żmien tal-ħajja moħbija tiegħu;[11] l-istess ministeru pubbliku tiegħu kien imqassam skont il-pellegrinaġġi tiegħu lejn Ġerusalemm għall-festi kbar tal-Lhud.[12]

584 Ġesù kien jitla' fit-Tempju bħala l-post privileġġjat għal-laqgħa ma' Alla. Għalih it-Tempju kien l-għamara tal-Missier, dar tat-talb, u

1 Ara Ġw 11,38; 3,2; Mt 22,23-24; 34-36.
2 Ara Mt 12,5; 9,12; Mk 2,23-27; Lq 6,6-9; Ġw 7,22-23.
3 Ara Mt 5,1.
4 Ara Gal 3,24.
5 Ara Ġw 5,36; 10,25;37-38; 12,37.
6 Ara Mt 2,25-27; Ġw 7,22-24.
7 Ara Mt 12,5; Num 28,9.
8 Ara Lq 13,15-16; 14,3-4.
9 Ara Lq 2,22-39.
10 Ara Lq 2,46-49.
11 Ara Lq 2,41.
12 Ara Ġw 2,13-14; 5,1,14; 7,1.10.14; 8,2; 10,22-23.

jeħodha kontra dawk li għamlu suq fil-bitħa ta' barra.[1] Jekk keċċa l-bejjiegħa mit-Tempju, dan għamlu b'imħabba għajjura għall-Missier: "Dar Missieri tagħmluhiex dar tan-negozju!" Id-dixxipli ftakru f'dak li kien hemm miktub fl-Iskrittura: "Il-ħeġġa għal darek kilitni" *(Ġw 2,16-17).* Wara l-qawmien mill-imwiet l-Appostli baqgħu juru rispett reliġjuż lejn it-Tempju.[2]

585 Iżda lejlet il-passjoni, Ġesù ħabbar it-tiġrif ta' dan il-bini sabiħ li minnu ma kinitx se tibqa' ġebla fuq ġebla.[3] Hawn għandna tħabbira ta' sinjal tal-aħħar żminijiet li se jibdew proprju bl-Għid tiegħu.[4] Iżda din il-il-profezija ġiet imfissra ħażin minn xhieda qarrieqa waqt li kien qed jiġi mistoqsi quddiem il-qassis il-kbir,[5] u nqdew b'din il-profezija biex jinġurjawh waqt li kien imsallab fuq is-salib.[6]

586 Tant ma kienx kontra t-Tempju[7] fejn xandar il-qofol tat-tagħlim tagħlim tiegħu,[8] li Ġesù ried iħallas it-taxxa tat-Tempju u f'dan sieħeb miegħu lil San Pietru,[9] li kien qiegħed bħala pedament tal-Knisja tiegħu li kellha tiġi.[10] U wisq aktar, hu identifika ruħu mat-Tempju meta wera lilu nnifsu bħala l-għamara definittiva ta' Alla fost il-bnedmin.[11] U għalhekk il-mewt tiegħu fil-ġisem[12] kellha tħabbar il-qerda tat-Tempju u turi l-bidu ta' żmien ġdid fil-ġrajja tas-salvazzjoni. "Jiġi żmien meta mhux fuq din il-muntanja naduraw il-Missier, lanqas f'Ġerusalemm".[13]

## III. Ġesù u l-fidi ta' Israel f'Alla wieħed u Salvatur

587 Jekk il-Liġi u t-Tempju ta' Ġerusalemm setgħu kienu okkażjoni għal Ġesù biex "imeruh",[14] għall-awtoritajiet reliġjużi tal-Lhud, kienet il-ħidma tiegħu għall-fidwa tad-dnubiet, ħidma kollha kemm hi ta' Alla, li kienet tassew vera ġebla li fixklithom.[15]

588 Ġesù skandalizza lill-Fariżej għax kien jiekol mal-pubblikani u l-midinbin[16] bl-istess familjarità li biha kien jiekol magħhom.[17] Kontra dawk fosthom "li waħħlu f'rashom li huma nies ġusti u kienu jmaqdru

[1] Ara Mt 21,13.
[2] Ara Atti 2,46; 3,1; 5,20-21; u l-bqija.
[3] Ara Mt 24,1-2.
[4] Ara Mt 24,3; Lq 13,35.
[5] Ara Mt 14,57-58.
[6] Ara Mt 27,39-40.
[7] Ara Mt 8; 23,21; Lq 17,14; Ġw 4,22.
[8] Ara Ġw 18,20.
[9] Ara Mt 17,24-27.
[10] Ara Mt 16,18.
[11] Ara Ġw 2,21; Mt 12,6.
[12] Ara Ġw 2,18-22.
[13] Ġw 4,21; ara Ġw 4,23-24; Mt 27,51; Lh 9,11; Apok 21,22.
[14] Ara Lq 2,34.
[15] Ara Lq 20,17-18; Salm 118,22.
[16] Ara Lq 5,30.
[17] Ara Lq 7,36; 11,37; 14,1.

lill-oħrajn"[1] Ġesù qal: "Jien mhux il-ġusti ġejt insejjaħ, iżda l-midinbin għall-indiema" *(Lq 5,32).* U mar aktar 'il bogħod meta ħabbar quddiem il-Fariżej li, għax id-dnub hu mxerred ma' kullimkien,[2] dawk li jaħsbu li ma jeħtiġux is-salvazzjoni huma għomja dwarhom stess.

589 Ġesù skandalizza l-aktar għax l-imġiba tiegħu kollha ħniena mal-midinbin identifikaha mal-imġiba ta' Alla nnifsu magħhom.[3] Wasal biex iġegħelhom jifhmu illi huwa u jiekol mal-midinbin,[4] kien b'hekk qiegħed idaħħalhom għall-ikla messjanika.[5] Iżda, b'mod partikulari, hu ġieb f'dilemma u ma kinux jafu x'jaqbdu jagħmlu l-awtoritajiet reliġjużi ta' Israel, meta ħafer id-dnubiet. Għax, kif qalu sewwa fit-taħwida li fiha sabu ruħhom: "Min jista' jaħfirhom id-dnubiet ħlief Alla biss?" *(Mk 2,7).* Meta ħafer id-dnubiet, Ġesù jew kien jidgħi, għax kien bniedem u għamel lilu nnifsu daqs Alla,[6] jew kien veru dak li kien qiegħed jgħid għax fil-Persuna tiegħu kien hemm u kien jidher l-isem ta' Alla.[7]

590 Biss l-identità divina tal-Persuna ta' Ġesù, tiġġustifika esiġenza assoluta bħal din: "Min mhuwiex miegħi, hu kontra tiegħi" *(Mt 12,30).* Hekk ukoll, għax kien Alla, seta' jgħid li fih hemm min hu "aqwa minn Ġona, aqwa minn Salamun" *(Mt 12,41-42),* "aqwa mit-Tempju" *(Mt 12,6);* seta' jfakkar li David sejjaħ lill-Messija Sidu,[8] u seta' qal: "Qabel ma kien Abraham, jien hu" *(Ġw 8,58);* hekk ukoll: "Jiena u l-Missier aħna ħaġa waħda" *(Ġw 10,30).*

591 Ġesù talab lill-awtoritajiet reliġjużi ta' Ġerusalemm biex jemmnu fih minħabba l-għemejjel ta' Missieru li kien qiegħed jagħmel.[9] Iżda biex jagħmlu att ta' fidi bħal dan kellhom jgħaddu minn mewt misterjuża tagħhom infushom biex "jitwieldu mill-ġdid mis-sema"[10] bl-għajnuna mill-grazzja ta' Alla.[11] Ħtieġa bħal din ta' konverżjoni wara li seħħu b'mod tal-għaġeb il-wegħdiet kollha[12] twassalna biex nifhmu l-iżball traġiku tas-Sanhedrin li qies lil Ġesù ħati tal-mewt bħala midgħi.[13] Il-membri tas-Sanhedrin żbaljaw ilkoll għax kollha wrew "injoranza",[14] "ebusija tal-qalb" *(Mk 3,5; Rum 11,25)* u "nuqqas ta' fidi" *(Rum 11,20).*

[1] Lq 18,9; ara Ġw 7,49; 9,34.
[2] Ara Ġw 8,33-36.
[3] Ara Mt 9,13; Hos 6,6.
[4] Ara Lq 15,1-2.
[5] Ara Lq 15,23-32.
[6] Ara Ġw 5,18; 10,33.
[7] Ara Ġw 17,6.26.
[8] Ara Mk 12,36-37.
[9] Ara Ġw 10,36-38.
[10] Ara Ġw 3,7.
[11] Ara Ġw 6,44.
[12] Ara Is 53,1.
[13] Ara Mk 3,6, Mt 26,64-66.
[14] Ara Lq 23,24; Atti 3,17-18.

## Fil-qosor

592 *Ġesù ma neħħiex il-Liġi tas-Sinaj, iżda wassalha għall-perfezzjoni*[1] *hekk sħiħa*[2] *li wera t-tifsir sħiħ tagħha*[3] *u patta għall-ħtijiet ħtijiet kollha li saru kontriha.*[4]

593 *Kristu wera rispett lejn it-Tempju għax kien jitla' għall-festi tal-Lhud meta dawn kienu jmorru pellegrinaġġ lejn it-Tempju; u ħabb b'imħabba għajjura din l-għamara ta' Alla mal-bnedmin. It-Tempju hu xbieha tal-misteru tiegħu. Jekk ħabbar it-tiġrif tat-Tempju, b'dan kien qed iħabbar il-mewt tiegħu u l-bidu ta' żmien ġdid fil-ġrajja tas-salvazzjoni, fejn ġismu se jkun Tempju tassew għal dejjem.*

594 *Ġesù wettaq xi għemil bħalma hi l-maħfra tad-dnubiet, li bih wera li hu nnifsu kien Alla s-Salvatur.*[5] *Xi Lhud li, għax ma għarfux lil Alla li sar bniedem,*[6] *raw f'Ġesù "bniedem" li għamel lilu nnifsu Alla"* (Ġw 10,33), *u kkundannawh bħala midgħi.*

It-tieni paragrafu

## ĠESÙ JMUT FUQ IS-SALIB

### I. Il-proċess ta' Ġesù

FIRDIET FOST L-AWTORITAJIET LHUD DWAR ĠESÙ

595 Fost l-awtoritajiet reliġjużi ta' Ġerusalemm mhux biss kien hemm il-Fariżew Nikodemu[7] u Ġużeppi minn Arimatija, li kienu dixxipli tal-Mulej bil-moħbi,[8] imma kien kien hemm ukoll minn żmien qabel nuqqas ta' ftehim dwar Ġesù,[9] tant li lejlet il-passjoni stess San Ġwann seta' jgħid għalihom li ħafna minnhom emmnu wkoll, għalkemm dan jgħidu b'mod mhux perfett.[10] Din mhijiex xi ħaġa tal-għaġeb meta nqisu li l-għada ta' Għid il-Ħamsin "kotra kbira ta' qassisin kienu jilqgħu l-fidi" *(Atti 6,7)* u li "xi wħud min-naħa tal-Fariżej kienu emmnu" *(Atti 15,5)* tant li San Ġakbu seta' jgħid lil San Pawl "Qiegħed tara kemm eluf ta' Lhud emmnu, u dawn kollha għadhom imħeġġa għal-Liġi" *(Atti 21,20).*

596 L-awtoritajiet reliġjużi ta' Ġerusalemm ma kinux jaqblu bejniethom dwar kif kellhom iġibu ruħhom ma' Ġesù.[11] Il-Fariżej heddu bi skomunika lil min imur wara

[1] Ara Mt 5,17-19.
[2] Ara Ġw 8,46.
[3] Ara Mt 5,33.
[4] Ara Lh 9,15.
[5] Ara Ġw 5,16-18.
[6] Ara Ġw 1,14.
[7] Ara Ġw 7,52.
[8] Ara Ġw 19,38-39.
[9] Ara Ġw 9,16-17; 10,19-21.
[10] Ara Ġw 12,42.
[11] Ara Ġw 9,16; 10,19.

Ġesù.[1] Lil dawk li kienu mbeżżgħin "għax kulħadd jemmen fih u jiġu r-Rumani u jeqirdulna kemm it-Tempju u kemm il-ġens tagħna" *(Ġw 11,48),* il-qassis il-kbir Kajfa pproponielhom dik li fiha nfisha kienet profezija: "Jaqblilkom jekk imut bniedem wieħed għall-poplu u mhux jinqered il-ġens kollu" *(Ġw 11,49-50).* Is-Sanhedrin iddeċieda li Ġesù "ħaqqu l-mewt" *(Mt 26,66)* bħala midgħi, imma għax ma kellhomx setgħa joqtlu lil ħadd,[2] taw 'il Ġesù lir-Rumani u xlewh bħala xewwiex politiku *(Lq 23,2)* u hekk għamluh daqs Barabba, mixli b'"rewwixta" *(Lq 23,19).* Il-qassisin il-kbar inqdew ukoll b'theddid politiku biex jġiegħlu 'l Pilatu jikkundanna 'l Ġesù għall-mewt.[3]

mewt.[3]

IL-LHUD MHUMIEX ILKOLL FLIMKIEN RESPONSABBLI TAL-MEWT TA' ĠESÙ

597 Meta nqisu kemm hi kumplessa l-ġrajja storika tal-proċess ta' Ġesù kif jidher fl-Evanġelju, u meta nqisu x'kien id-dnub personali ta' kull min kellu x'jaqsam mal-proċess (Ġuda, is-Sanhedrin, Pilatu) li Alla biss jafu, ma nistgħux ngħabbu bir-responsabbiltà tal-mewt ta' Ġesù n-nies kollha ta' Ġerusalemm, minkejja l-għajjat ta' folla ta' nies imxewxa,[4] imxewxa,[4] u minkejja ċ-ċanfir għal kulħadd li nsibu f'kull stedina għall-konverżjoni li saret wara Għid il-Ħamsin.[5] Ġesù stess ħafrilhom fuq is-salib,[6] u Pietru warajh semma' l-"injoranza" *(Atti 3,17)* tal-Lhud ta' Ġerusalemm u tal-istess kapijiet tagħhom. Wisq anqas ma għandna nqisu għajta tal-poplu: "Demmu fuqna u fuq uliedna" *(Mt 27,25),* għajta li kienet biss formula ta' ratifika,[7] biex ngħabbu r-responsabbiltà tal-mewt ta' Kristu fuq il-Lhud kollha ta' kull żmien u ta' kullimkien:

> Il-Knisja qalet dan ukoll fil-Konċilju Vatikan II. "B'dak li sar fil-passjoni ma jistgħux jiġu mixlija bla ebda distinzjoni l-Lhud kollha li għexu dak iż-żmien, u lanqas il-Lhud ta' kull żmien... Il-Lhud ma għandhomx jitqiesu bħala mistmerra jew misħuta minn Alla, qisu dan jgħiduh il-Kotba Mqaddsa".[8]

IL-MIDINBIN KOLLHA HUMA AWTURI TAL-PASSJONI TAL-MULEJ

598 Il-Knisja, fil-maġisteru tal-fidi tagħha u fix-xhieda tal-qaddisin tagħha, qatt ma nsiet li "l-midinbin stess huma l-awturi u l-istrumenti tat-tbatijiet kollha li ġarrab il-Feddej divin".[9] Hija u tqis li dnubietna jolqtu 'l Kristu nnifsu,[10] il-Knisja ma toqgħodx taħsibha biex tgħabbi lill-Insara bl-akbar responsabbiltà għall-passjoni ta' Ġesù, dik ir-responsabbiltà li l-Insara spiss għabbew biha lil-Lhud biss:

> Għandna nqisu ħatja ta' dan il-fatt tal-biża' dawk li kontinwament jaqgħu fi dnubiethom. Huma l-ħtijiet tagħna li ġiegħlu lil Sidna Ġesù Kristu jġarrab it-tbatija tas-salib, u hi ħaġa żgura li dawk li qegħdin jgħixu fil-fond tad-diżordni u tal-ħażen, bl-istess imġiba tagħhom "qed isallbu lill-Iben ta' Alla u jwaqqgħuh għat-tmaqdir" *(Lh 6,6).* U rridu nammettu li l-ħtija tagħna f'dan il-każ hi akbar minn dik tal-Lhud għax huma, skont ix-xhieda tal-Appostlu

[1] Ara Ġw 9,22.
[2] Ara Ġw 18,31.
[3] Ara Ġw 19,12; 15,21.
[4] Ara Mk 15,11.
[5] Ara Atti 2,23-36; 3,13-14; 4,10; 5,30; 7,52; 10,39; 13,27-28, 1 Tes 2,14-15.
[6] Ara Lq 23,34.
[7] Ara Atti 5,28; 18,6.
[8] Konċ. Vatikan II, *Nostrae aetate,* 4
[9] *Catechismus Romanus,* 1, 5, 11. Ara Lh 12,3.
[10] Ara Mt 25,45; Atti 9,4-5.

San Pawl, "kieku għarfuh qatt ma kienu se jsallbu l-Mulej tal-glorja" *(1 Kor 2,8).* Aħna, għall-kuntrarju, ngħidu li nagħrfuh u meta niċħduh b'għemilna, inkunu b'xi mod qed immiddu fuqu l-idejn qattiela tagħna.[1]

U mhumiex ix-xjaten li sallbuh imma magħhom int sallabtu u għadek issallbu, int u tithenna fil-vizzju u fid-dnub.[2]

## II. Il-mewt feddejja ta' Kristu fil-pjan ta' Alla għas-salvazzjoni

"ĠESÙ ĠIE MOGĦTI SKONT IL-PJAN TA' ALLA
MFASSAL MINN QABEL."

599 Il-mewt vjolenta ta' Kristu ma ġratx b'kumbinazzjoni għax iltaqgħu ħażin flimkien għadd ta' ċirkostanzi. Il-mewt ta' Kristu hi parti mill-misteru tal-pjan ta' Alla, kif San Pietru fisser lil-Lhud ta' Ġerusalemm fl-ewwel diskors tiegħu nhar Għid il-Ħamsin: "Alla telaqulhom f'idejhom skont l-għerf u l-pjan imfassal minn qabel" *(Atti 2,23).* Dan il-kliem tal-Iskrittura ma jfissirx li dawk li "ttradew lil Ġesù" *(Atti 3,13)* ma kinux ħlief eżekuturi passivi ta' xenarju mħejji minn qabel minn Alla.

600 Il-mumenti kollha ta' kull żmien jinsabu quddiem Alla huma u jsiru. Hu ffissa l-pjan etern tiegħu tal-"predestinazzjoni", u daħħal fih it-tweġiba ħielsa ta' kull bniedem għall-grazzja tiegħu. "Għax tabilħaqq f'din il-belt, Erodi u Ponzju Pilatu ngħaqdu flimkien mal-pagani u n-nies ta' Israel kontra l-qaddej tiegħek Ġesù[3] li int ikkonsagrajt, biex jagħmlu dak kollu li bil-qawwa u r-rieda tiegħek iddestinajt minn qabel li kellu jsir" *(Atti 4,27-28).* Alla ppermetta li jsir dak l-għemil li kien ħiereġ mill-għama tagħhom[4] biex iseħħ il-pjan tiegħu ta' salvazzjoni.[5]

"MIET MINĦABBA DNUBIETNA SKONT L-ISKRITTURA"

601 Dan il-pjan ta' Alla għas-salvazzjoni bil-mewt tal-"Qaddej ġust"[6] ġust"[6] tħabbar minn qabel fl-Iskrittura bħala misteru ta' fidwa universali, jiġifieri ta' fidwa li teħles il-bnedmin kollha mill-jasar tad-dnub.[7] San Pawl, fi stqarrija ta' fidi, jgħid li kien "tgħallem" li "Kristu miet minħabba dnubietna skont l-Iskrittura.[8] Il-mewt ta' Kristu għall-fidwa tagħna temmet b'mod partikulari l-profezija tal-Qaddej li jbati.[9] Ġesù nnifsu wera s-sens ta' ħajtu u ta' mewtu fid-dawl tal-Qaddej li

[1] *Catechismus Romanus,* 1, 5, 11.
[2] San Franġisk ta' Assisi, *Admonitio* 5, 3.
[3] Ara Salm 2,1-2.
[4] Ara Mt 26,54; Ġw 18,36; 19,11.
[5] Ara Atti 3,17-18.
[6] Ara Is 53,11; ara Atti 3,14.
[7] Ara Is 53,11-12; Ġw 8,34-36.
[8] 1 Kor 15,3; ara wkoll Atti 3,18; 7,52; 13,29; 26,22-23.
[9] Ara Is 53,7-8 u Atti 8,32-35.

jbati.[1] Wara l-qawmien mill-imwiet ta din l-interpretazzjoni tal-Iskrittura lid-dixxipli ta' Għemmaws[2] u mbagħad lill-istess Appostli.[3]
"ALLA GHAMLU DNUB GHALINA"

602 San Pietru għalhekk seta' jfisser b'dan il-mod il-fidi tal-Appostli fil-pjan ta' Alla għas-salvazzjoni: "Intom kontu mifdija mill-ħajja tagħkom fiergħa li ħadtu mingħand missirijietkom, mhux b'xi ħaġa li tintemm bħalma hi l-fidda jew id-deheb, imma bid-demm għażiż ta' Kristu, li kien bħal ħaruf bla għajb u bla tebgħa. Hu kien ippredestinat sa minn qabel saret id-dinja, imma deher fl-aħħar taż-żminijiet minħabba fikom" *(1 Piet 1,18-20).* Id-dnubiet tal-bnedmin, li saru wara d-dnub tan-nisel ġew ikkastigati bil-mewt.[4] Meta bagħat lil Ibnu stess fis-sura ta' lsir,[5] fis-sura ta' umanità mwaqqgħa u mogħtija għall-mewt minħabba d-dnub,[6] "dak li ma kienx jaf x'inhu dnub, Alla għamlu dnub għalina biex biex aħna nsiru fih ġustizzja ta' Alla" *(2 Kor 5,21).*

603 Ġesù ma ġarrabx kundanna bħallikieku hu stess għamel id-dnub.[7] Imma fl-imħabba fejjieda li għaqqditu dejjem mal-Missier,[8] għaqqadna miegħu bil-firda b'kollox tagħna minn Alla minħabba d-dnub, tant li fuq is-salib seta' jgħid: "Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?" *(Mk 15,34; Salm 22,1).* Għaliex riedu jkun ħaġa waħda magħna midinbin, Alla "anqas lil Ibnu stess ma ħafirha, imma tah għalina lkoll" *(Rum 8,32),* biex aħna "ninħabbu megħu bis-saħħa tal-mewt ta' Ibnu" *(Rum 5,10).*

ALLA HA L-INIZJATTIVA TAL-IMĦABBA
GHALL-FIDWA TA' KULĦADD

604 Meta Alla ta lil Ibnu minħabba dnubietna, hu wera li l-pjan tiegħu għalina kien pjan ta' mħabba u tjieba, qabel stess kull mertu tagħna. "U hawn qiegħda l-imħabba: mhux għax aħna ħabbejna lil Alla, imma għax ħabbna hu u bagħat lil Ibnu biex ikun ta' tpattija għal dnubietna".[9] "Alla wriena l-imħabba tiegħu meta Kristu miet għalina, aħna li konna għadna midinbin" *(Rum 5,8).*

605 Din l-imħabba li ħadd ma ġie mwarrab minnha, Ġesù fakkarha fi tmiem il-parabbola tan-nagħġa l-mitlufa: "Hekk ukoll, anqas Missierkom li hu fis-smewwiet ma jrid li jintilef wieħed minn dawn iż-żgħar" *(Mt 18,14).* Hu jtenni li "ġie biex jagħti ħajtu b'fidwa *għall-kotra" (Mt 20,28);* din l-aħħar kelma mhijiex restrittiva imma tagħmel kuntrast bejn il-kotra kollha tal-bnedmin minn naħa, u l-persuna waħdanija tal-Feddej li joffri lilu nnifsu għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha, min-naħa

[1] Ara Mt 20,28.
[2] Ara Lq 24, 25-27.
[3] Ara Lq 24,44-45.
[4] Ara Rum 5,12; 1 Kor 15,56.
[5] Ara Fil 2,7.
[6] Ara Rum 8,3.
[7] Ara Ġw 8,46.
[8] Ara Ġw 8,29.
[9] 1 Ġw 4, 10; ara 4,19.

l-oħra.[1] Il-Knisja, wara l-Appostli,[2] tgħallem li Kristu miet għall-bnedmin kollha bla ebda eċċezzjoni: "M'hemmx, ma kienx hemm, u lanqas ma jkun hemm xi bniedem, li għalih Kristu ma batiex".[3]

## III. Kristu offra lilu nnifsu lill-Missier għalina midinbin

### IL-ĦAJJA KOLLHA TA' KRISTU KIENET OFFERTA LIL ALLA

606 L-Iben ta' Alla, li "niżel mis-sema mhux biex jagħmel ir-rieda tiegħu, imma r-rieda tal-Missier li bagħtu" *(Ġw 6,38), "*meta daħal fid-dinja qal... Hawn jien ġejt biex nagħmel ir-rieda tiegħek, o Alla... Bis-saħħa ta' din ir-rieda aħna tqaddisna, permezz tal-offerta tal-ġisem ta' Ġesù Kristu, magħmula darba għal dejjem" *(Lh 10,5-10).* Mill-ewwel mument tal-Inkarnazzjoni tiegħu, l-Iben ħaddan il-pjan tas-salvazzjoni ta' Alla fil-missjoni tiegħu ta' fidwa: "L-ikel tiegħi hu li nagħmel ir-rieda ta' min bagħatni u li nwassal fit-tmiem l-opra tiegħu" *(Ġw 4,34).* Is-sagrifiċċju ta' Ġesù "għad-dnubiet tad-dinja kollha" *(1 Ġw 2,2)* juri l-għaqda tiegħu ta' mħabba mal-Missier: "Iħobbni l-Missier għax jiena nagħti ħajti" *(Ġw 10,17).* "Jeħtieġ li d-dinja tagħraf li jiena nħobb il-Missier u li jiena nagħmel kif ordnali l-Missier" *(Ġw 14,31).*

607 Din ix-xewqa li jagħmel tiegħu l-pjan ta' mħabba fejjieda ta' Missieru taħji l-ħajja kollha ta' Ġesù,[4] għaliex il-Passjoni li biha fdiena kienet ir-raġuni għaliex hu sar bniedem. "Missier, eħlisni minn din is-siegħa. Imma jien għalhekk ġejt: għal din is-siegħa" *(Ġw 12,27).* "Forsi l-kalċi li tani Missieri ma nixorbux?" *(Ġw 18,11).* U mill-ġdid fuq is-salib, qabel ma kollox kien mitmum *(Ġw 19,30),* qal: "Għandi l-għatx!" *(Ġw 19,28).*

### "IL-ĦARUF LI JNEĦĦI D-DNUB TAD-DINJA"

608 Wara li aċċetta li jgħammed lil Ġesù flimkien mal-midinbin,[5] San Ġwann Battista ra u wera f'Ġesù "l-Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnubiet tad-dinja".[6] B'hekk juri li Ġesù hu fl-istess ħin il-Qaddej li jbati, li jħalli lil lil min jieħdu għall-qatla bla ma jiftaħ fommu,[7] mgħobbi bid-dnubiet tal-tal-kotra,[8] kif ukoll il-ħaruf tal-Għid simbolu tal-fidwa ta' Israel fi żmien l-ewwel Għid.[9] Il-ħajja kollha ta' Kristu turi x'kienet il-missjoni tiegħu: "jaqdi u jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra" *(Mk 10,45).*

---

[1] Ara Rum 5,18-19.
[2] Ara 2 Kor 5,15; Ġw 2,2.
[3] Konċ. ta' Quiercy (853): Denzinger-Schonmetzer, 624.
[4] Ara Lq 12,50; 22,15; Mt 16,21-23.
[5] Ara Lq 3,21; Mt 3,14-15.
[6] Ġw 1,29; ara Ġw 1,36.
[7] Is 53,7; ara Ġer 11,19.
[8] Ara Is 53,12.
[9] Eż 12,3-14; ara Ġw 19,36; 1 Kor 5,.

ĠESÙ JĦADDAN BIL-QALB KOLLHA
L-IMĦABBA FEDDEJJA TAL-MISSIER

609 Huwa u jilqa' fil-qalb tiegħu ta' bniedem l-imħabba tal-Missier għall-bnedmin kollha, Ġesù "ħabbhom għall-aħħar" *(Ġw 13,1),* għax "ħadd ma għandu mħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu" *(Ġw 15,13).* Hekk fit-tbatija u l-mewt, in-natura tiegħu ta' bniedem saret strument ħieles u perfett tal-imħabba ta' Alla li trid s-salvazzjoni tal-bnedmin kollha.[1] Fil-fatt, Ġesù aċċetta minn rajh il-passjoni u l-mewt għall-imħabba ta' Missieru u tal-bnedmin kollha li l-Missier ried isalva: "Ħadd ma jeħodli ħajti, iżda jien nagħtiha minn rajja" *(Ġw 10,18).* Minn hawn il-libertà setgħana tal-Iben ta' Alla meta mar minn rajh lejn il-mewt.[2]

FL-AĦĦAR IKLA ĠESÙ JANTIĊIPA L-OFFERTA ĦIELSA TA' ĦAJTU

610 Ġesù fisser b'mod l-aktar għoli l-offerta minn rajh f'Ikla li għamel mat-tnax-il Appostlu,[3] "fil-lejl li fih kien ittradut" *(1 Kor 11,23).* Lejlet il-Passjoni, meta kien għadu ħieles, Ġesù b'din l-Aħħar Ikla mal-Appostli għamel it-tifkira tal-offerta ħielsa tiegħu lill-Missier[4] għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha. "Dan hu ġismi *mogħti* għalikom" *(Lq 22,19).* "Dan huwa demmi, id-demm tal-patt, li *jixxerred* għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet" *(Mt 26,28).*

611 L-Ewkaristija li waqqaf dak il-ħin hi t-"tifkira" *(1 Kor 11,25)* tas-sagrifiċċju tiegħu. Ġesù jdaħħal l-Appostli fl-offerta tiegħu u jitlobhom ikomplu jagħmluha sal-aħħar taż-żmien.[5] U hekk Ġesù għamel l-Appostli qassisin tal-Patt il-Ġdid: "Minħabba fihom nikkonsagra lili nnifsi biex huma wkoll ikunu kkonsagrati permezz tal-verità" *(Ġw 17,19).*[6]

L-AGUNIJA FIL-ĠETSEMANI

612 Il-kalċi tal-Patt il-Ġdid li Ġesù jantiċipa fl-Aħħar Ikla huwa u joffri lilu nnifsu,[7] jilqgħu mbagħad minn idejn il-Missier waqt l-agunija fil-Ġetsemani[8] billi "obda sal-mewt".[9] Ġesù talab: "Missier, jekk jista' jkun, biegħed minni dan il-kalċi..." *(Mt 26,39).* B'hekk juri l-kruha li l-mewt tirrappreżenta għan-natura tiegħu ta' bniedem li, bħan-natura

[1] Ara Lh 2,10.17-18; 4,15; 5,7-9.
[2] Ara Ġw 18,4-6; Mt 26,53.
[3] Ara Mt 26,20.
[4] Ara 1 Kor 5,7.
[5] Ara Lq 22,19.
[6] Ara Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1752, 1764.
[7] Ara Lq 22,20.
[8] Ara Mt 26,42.
[9] Fil 2,8; ara Lh 5,7-8.

tagħna, hi destinata għall-ħajja ta' dejjem. Barra dan, in-natura ta' Kristu bħala bniedem, mhux bħan-natura tagħna, hi għalkollox ħielsa mid-dnub[1] li jġib il-mewt;[2] iżda fuq kollox ġiet magħquda mal-Persuna divina tal-"Awtur tal-ħajja" *(Atti 3,15),* tal-"ħaj".[3] Huwa u jaċċetta bir-rieda tiegħu ta' bniedem li sseħħ ir-rieda tal-Missier[4] jaċċetta l-mewt għax hi għall-fidwa u "tgħabba hu nnifsu bi dnubietna sa fuq is-salib" *(1 Piet 2,24).*

IL-MEWT TA' KRISTU HI S-SAGRIFIĊĊJU WAĦDIENI U DEFINITTIV

613 Il-mewt ta' Kristu hi fl-istess ħin *is-sagrifiċċju tal-Għid* li jwassal għat-tmiem, darba għal dejjem, il-fidwa tal-bnedmin kollha.[5] Dan iseħħ bil-"Ħaruf li jneħħi d-dnub tad-dinja"[6] u s-*sagrifiċċju tal-Patt il-Ġdid*[7] li jerġa' jdaħħal il-bniedem f'xirka ma' Alla,[8] huwa u jħabbu miegħu bid-"demm li jixxerred għall-kotra, għall-maħfra tad-dnubiet".[9]

614 Dan is-sagrifiċċju ta' Kristu huwa uniku, itemm u jgħaddi s-sagrifiċċji kollha.[10] Hu qabelxejn don ta' Alla l-Missier innifsu; hu l-Missier li jagħti 'l Ibnu biex iħabbibna miegħu.[11] Hu fl-istess ħin ukoll l-offerta tal-Iben ta' Alla magħmul bniedem li, minn rajh u għall-imħabba,[12] joffri ħajtu[13] lill-Missier bl-Ispirtu s-Santu s-Santu[14] biex ipatti għad-diżubbidjenza tagħna.

ĠESÙ JISSOSTITWIXXI D-DIŻUBBIDJENZA TAGĦNA BL-UBBIDJENZA TIEGĦU

615 "Kif bid-diżubbidjenza ta' bniedem wieħed il-ħafna saru midinbin, hekk ukoll b'ubbidjenza ta' wieħed il-ħafna jsiru ġusti" *(Rum 5,19).* Bl-ubbidjenza tiegħu sal-mewt, Ġesù wassal għall-perfezzjoni l-ħidma tal-Qaddej li jbati flok ħaddieħor, li "joffri ħajtu f'*sagrifiċċju* ta' riparazzjoni", "meta tgħabba bid-dnub tal-kotra", "neħħa l-ħtijiet tagħhom u ndaħal għall-midinbin" *(Is 53,10-12).* Ġesù patta għad-dnubiet tagħna u ta ħlas xieraq lill-Missier għal dnubietna.[15]

FUQ IS-SALIB ĠESÙ TEMM IS-SAGRIFIĊĊJU TIEGĦU

616 Hu l-fatt li Ġesù "ħabbna għall-aħħar" *(Ġw 13,1)* illi jagħti valur ta' fidwa u ta' riparazzjoni, ta' tpattija u ta' ħlas xieraq lis-sagrifiċċju ta'

---

[1] Ara Lh 4,15.
[2] Ara Rum 5,12.
[3] Apok 1,17; ara Ġw 1,4; 5,26.
[4] Ara Mt 26,42.
[5] Ara 1 Kor 5,7; Ġw 8,34-36.
[6] Ġw 1,29; ara 1 Piet 1,19.
[7] Ara 1 Kor 11,25.
[8] Ara Eż 24,8.
[9] Mt 26,28; ara Lev 16,15-16.
[10] Ara Lh 10,10.
[11] Ara 1 Ġw 4,10.
[12] Ara Ġw 15,13.
[13] Ara Ġw 10,17-18.
[14] Ara Lh 9,1.
[15] Ara Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer 1529.

Kristu. Fl-offerta ta' ħajtu għarafna lkoll u ħabbna lkoll.[1] "L-imħabba ta' Kristu ġġegħelna naħsbu dan: li, jekk wieħed miet għal kulħadd, mela kulħadd miet" *(2 Kor 5,14).* Ebda bniedem, lanqas l-ikbar qaddis, ma seta' jitgħabba bid-dnubiet tal-bnedmin kollha u joffri lilu nnifsu b'sagrifiċċju għal kulħadd. L-eżistenza fi Kristu tal-Persuna divina tal-Iben, li fl-istess waqt, tiżboq u tħaddan il-bnedmin kollha, u tagħmel minnu r-Ras tal-umanità kollha, tagħmel possibbli s-sagrifiċċju tiegħu ta' fidwa *għal kulħadd.*

617 "Bil-passjoni mqaddsa tiegħu fuq l-għuda tas-salib kisbilna l-ġustifikazzjoni" – *"sua sanctissima passione in ligno crucis nobis iustificationem meruit",* jgħallem il-Konċilju ta' Trento huwa u juri sewwa l-karattru waħdieni tas-sagrifiċċju ta' Kristu bħala "awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem" *(Lh 5,9)*. U l-Knisja tqim is-salib hija u tkanta: "Sliem għalik, o Salib, tama tagħna!.[2]

IS-SEHEM TAGĦNA FIS-SAGRIFIĊĊJU TA' KRISTU

618 Is-salib hu s-sagrifiċċju waħdieni ta' Kristu "l-medjatur wieħed bejn Alla u l-bniedem" *(1 Tim 2,5).* Iżda għaliex l-Iben ta' Alla magħmul bniedem, fil-Persuna tiegħu ta' Alla "b'xi mod ingħaqad ma' kull bniedem",[3] joffri "lill-bnedmin kollha, b'mod li Alla biss jaf kif, ħalli jkunu jistgħu jissieħbu fil-misteru tal-Għid",[4] hu sejjaħ id-dixxipli tiegħu tiegħu biex "jieħdu s-salib u jimxu warajh" *(Mt 16,24),* għaliex "hu bata għalina u ħallielna eżempju biex nimxu fuq il-passi tiegħu" *(1 Piet 2,21).* Infatti ried isieħeb fis-sagrifiċċju tiegħu għall-fidwa ta' dawk stess li kienu se jkunu minn tal-ewwel li jgawduha.[5] Dan seħħ l-aktar għal Ommu, li kienet imsieħba intimament miegħu wisq aktar minn kull ħadd ieħor fil-misteru tat-tbatija tiegħu għall-fidwa tagħna:[6]

> Barra mis-salib m'hemmx sellum ieħor li bih nilħqu s-sema.[7]

## Fil-qosor

619 *"Kristu miet minħabba dnubietna, skont l-Iskrittura"* (1 Kor 15,3).

620 *Is-salvazzjoni tagħna ħarġet mill-inizjattiva tal-imħabba ta' Alla għalina għax "ħabbna hu, u bagħat lil Ibnu biex ikun vittma ta' tpattija għal dnubietna"* (1 Ġw 4,10). *"Alla kien li ħabbeb il-ħolqien miegħu nnifsu permezz ta' Kristu"* (2 Kor 5,19).

---

[1] Ara Gal 2,20; Ef 5,2-25.
[2] "O crux, ave, spes unica": innu "Vexilla Regis".
[3] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et Spes*, 22, 2.
[4] *Ibid.*, 22,5.
[5] Ara Mk 10,39; Ġw 21,18-19; Kol 1,24.
[6] Ara Lq 2,35.
[7] Santa Roża ta' Lima, *Vita mirabilis* (P. Hansen, Louvain 1668).

621 *Ġesù offra minn rajh lilu nnifsu għas-salvazzjoni tagħna. Dan id-don fissru u wettqu minn qabel fl-Aħħar Ikla: "Dan hu ġismi li jingħata għalikom"* (Lq 22,19).

622 *F'dan tikkonsisti l-fidwa ta' Kristu: "ġie biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra"* (Mt 20,28), *jiġifieri "ħabb lil tiegħu għall-aħħar"* (Ġw 13,1) *biex ikunu "mifdija mill-ħajja fiergħa li ħadu mingħand missirijiethom"* (1 Piet 1,18).

623 *Bl-ubbidjenza kollha mħabba lejn Missieru "sal-mewt tas-salib"* (Fil 2,8) *Ġesù temm il-missjoni riparatriċi*[1] *tal-Qaddej li jbati, li "jiġġustifika l-kotra u jitgħabba bil-ħażen tagħhom hu stess".*[2]

It-tielet paragrafu

## ĠESÙ KRISTU ĠIE MIDFUN

624 "Għall-grazzja ta' Alla, il-mewt li daq tkun għall-ġid ta' kulħadd" *(Lh 2,9).* Fil-pjan tiegħu tas-salvazzjoni, Alla ried li Ibnu mhux biss "imut għal dnubietna" *(1 Kor 15,3),* imma riedu wkoll "iduq il-mewt", jiġifieri jagħraf il-qagħda tal-mewt, il-qagħda tal-firda tar-ruħ mill-ġisem, mill-mument tal-aħħar nifs tiegħu fuq is-salib sal-mument tal-qawmien mill-imwiet. Din il-qagħda ta' Kristu mejjet hi l-misteru tad-difna fil-qabar u tal-inżul tiegħu fil-limbu. Hu l-misteru tas-Sibt imqaddes tal-Għid meta Kristu midfun fil-qabar[3] iħabbar il-mistrieħ kbir tas-Sibt ta' Alla,[4] wara wara li tintemm[5] is-salvazzjoni tal-bnedmin kollha u jkun hemm is-sliem fis-sema u l-art.[6]

### KRISTU FIL-QABAR B'ĠISMU

625 Il-qagħda ta' Ġesù fil-qabar torbot sewwa l-istat ta' tbatija ta' Kristu qabel l-Għid mal-istat glorjuż tiegħu ta' issa bħala Rxoxt. Hu l-istess persuna tal-"Ħaj" li jista' jgħid: "Jien kont mejjet, u issa, ara, jien issa ħaj għal dejjem ta' dejjem" *(Apok 1,18)*:

> Alla (l-Iben) ma żammx il-mewt milli tifred ir-ruħ mill-ġisem, skont l-ordni meħtieġ tan-natura, imma issa reġa' għaqqadhom flimkien bil-qawmien mill-imwiet, biex *ikun hu stess fil-Persuna tiegħu l-imkien fejn jiltaqgħu l-mewt u l-ħajja* billi ma jħallix ikompli sejjer fih it-taħsir tan-natura li ġġib il-mewt u billi jkun hu l-prinċipju tal-għaqda flimkien taż-żewġ elementi li nfirdu minn xulxin.[7]

626 Billi l-"Awtur tal-ħajja" li ġie maqtul *(Atti 3,15)* hu wkoll l-istess wieħed "li qam mill-imwiet" *(Lq 24,5-6),* kien jeħtieġ li l-Persuna divina

[1] Ara Is 53,10.
[2] Is 53,11; ara Rum 5,19.
[3] Ara Ġw 19,42.
[4] Ara Lh 4,7-9.
[5] Ara Ġw 19,30.
[6] Ara Kol 1,18-20.
[7] San Girgor ta' Nissa, *Oratio catechetica*, 16; PG 45, 52B.

tal-Iben ta' Alla tkompli tgħaqqad magħha r-ruħ u l-ġisem mifrudin minn xulxin bil-mewt:

> Il-fatt li bil-mewt ta' Kristu r-ruħ infirdet mill-ġisem, ma jfissirx li l-Persuna waħda ta' Kristu sabet ruħha maqsuma f'żewġ persuni: għaliex il-ġisem u r-ruħ ta' Kristu kellhom l-istess relazzjoni mal-Persuna tal-Verb sa mill-bidu; u fil-mewt, għalkemm mifrudin minn xulxin, baqgħu bl-istess relazzjoni mal-Persuna waħda tal-Verb.[1]

"MA THALLIX IL-QADDIS TIEGHEK JARA T-TAHSIR"

627 Il-mewt ta' Kristu kienet mewt tassew għax temmet il-ħajja tiegħu fuq l-art bħala bniedem. Iżda minħabba l-għaqda li l-Persuna tal-Iben żammet mal-ġisem, il-mewt ma kinitx l-istess bħalma hi l-mewt tal-bnedmin kollha, għax ma setax ikun li l-mewt iżżommu taħt is-setgħa tagħha (Atti 2,24); għalhekk "il-qawwa ta' Alla ħarset il-ġisem ta' Kristu minn kull taħsir".[2] Għal Kristu nistgħu ngħidu fl-istess ħin: "qaċċtuh mill-art tal-ħajjin" *(Is 53,8)* u "Ġismi wkoll jistrieħ fit-tama għax inti ma titlaqx fl-imwiet lil ruħi u ma tħallix il-Qaddis tiegħek jara t-taħsir" *(Atti 2,26-27).* Il-qawmien ta' Kristu mill-imwiet fit-tielet jum *(1 Kor 15,4; Lq 24,46)* kien is-sinjal ta' dan, għax it-taħsir kien meqjus li jibda jidher mar-raba' jum.

"MIDFUNIN MA' KRISTU"

628 Il-Magħmudija, li s-sinjal sħiħ u oriġinali tagħha hi l-immersjoni, tfisser b'mod l-aktar effikaċi l-inżul fil-qabar flimkien ma' Kristu tan-Nisrani, mejjet għad-dnub, lejn ħajja ġdida. "Indfinna miegħu fil-mewt permezz tal-Magħmudija sabiex, kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida".[3]

### Fil-qosor

629 *Ġesù daq il-mewt b'risq il-bnedmin kollha,*[4] *Hu verament l-Iben ta' Alla li miet u ġie midfun.*

630 *Tul iż-żmien li Kristu kien fil-qabar, il-Persuna divina tiegħu baqgħet tgħaqqad magħha ruħu u ġismu, għalkemm mifrudin minn xulxin bil-mewt. Hu għalhekk li ġisem Kristu mejjet "ma rax it-taħsir"* (Atti 12,27).

### Il-ħames artiklu

## ĠESÙ KRISTU NIŻEL FIL-LIMBU U WARA TLETT IJIEM

[1] San Ġwann Damaxxenu, *De fide orthodoxa*, 3, 27; PG 94, 1098A.
[2] San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae*, 3, 51, 3.
[3] Rum 6,4; ara Kol 2,12; Ef 5,26.
[4] Ara Lh 2,9.

## QAM MILL-IMWIET

631 "Ġesù niżel fl-inħawi l-aktar t'isfel tal-art. Dak li niżel huwa dak li tela'" *(Ef 4,9-10).* Is-Simbolu tal-Appostli fl-istess artiklu tal-fidi jistqarr l-inżul ta' Kristu fil-limbu u qawmien tiegħu mill-imwiet fit-tielet jum, għaliex fl-Għid tiegħu, mill-fond tal-mewt, huwa fawwar il-ħajja:

Kristu Ibnek
meta qam mill-imwiet
xerred id-dawl u s-sliem fuq il-bnedmin kollha
u issa jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

*Christus Filius tuus*
*qui regressus a mortuis*
*humano generi serenus illuxit*
*et vivit et regnat in saecula saeculorum. Amen.*[1]

L-ewwel paragrafu

## KRISTU NIŻEL FIL-LIMBU

632 It-Testment il-Ġdid spiss jgħid li Ġesù "qam mill-imwiet" *(Atti 3,15; Rum 8,11; 1 Kor 15,20)*: dan il-kliem jissoponi li Ġesù qabel irxoxta kien f'post l-imwiet.[2] Dan hi l-ewwel tifsira li l-predikazzjoni tal-Appostli tat għall-inżul ta' Ġesù fil-limbu. Ġesù ra l-mewt bħalma jarawha l-bnedmin kollha, u ssieħeb magħhom b'ruħu f'art il-mejtin. Imma niżel hemm bħala Salvatur, biex iħabbar il-Bxara t-Tajba lill-erwieħ li kienu magħluqa hemm.[3]

633 L-Iskrittura ssejjaħ art l-imwiet fejn niżel Kristu mejjet bħala "qiegħ l-art", "post il-mejtin" "l-inħawi l-aktar t'isfel tal-art".[4] Il-Lhud kienu jsejħulu "xeol" u l-Griegi "ħades" (bil-Malti "limbu"), għaliex dawk kollha li kienu jinsabu hemm ma kinux jaraw 'l Alla.[5] Din kienet il-qagħda tal-mejtin kollha, tajbin u ħżiena, huma u jistennew il-Feddej,[6] għalkemm dan ma jfissirx li kellhom l-istess xorti. Kif jurina Ġesù bil-parabbola tal-fqajjar Lazzru li ntlaqa' fi "ħdan Abraham" *(Lq 16,22-26),* "huma proprju l-erwieħ qaddisa li kienu jistennew fi ħdan Abraham dak li kellu jeħlishom, li Ġesù ħeles meta niżel f'art il-mejtin".[7] Ġesù ma niżilx fil-limbu biex jeħles lid-dannati,[8] lanqas biex jeqred l-infern tad-

---

[1] Missal Ruman, Tħabbira tal-Għid.
[2] Ara Lh 13,20.
[3] Ara 1 Piet 3,18-19.
[4] Ara Fil 2,10; Atti 2,24; Apok 1,18; Ef 4,9.
[5] Ara Salm 6,6; 88,11-13.
[6] Ara Salm 89,49; 1 Sam 28,29; Eż 32,17-32.
[7] *Catechismus Romanus,* 1, 6, 3.
[8] Ara Konċ. ta' Ruma (745): Denzinger-Schonmetzer, 587.

dannati;[1] imma biex jeħles il-ġusti li għexu qabel il-miġja tiegħu fid-dinja[2] *(Mt 27,52-53).*

634 "L-Evanġelju ġie mħabbar lill-mejtin ukoll" *(1 Piet 4,6).* Bl-inżul f'art il-mejtin seħħet it-tħabbira tal-Evanġelju tas-salvazzjoni fil-milja kollha tagħha. Hi l-aħħar fażi tal-missjoni messjanika ta' Ġesù, fażi qasira fiż-żmien iżda tassew wiesgħa fit-tifsir għax il-ħidma tal-fidwa tilħaq il-bnedmin kollha ta' kull żmien u ta' kull imkien: dawk kollha li salvaw ħadu sehem mill-fidwa.

635 Kristu, meta niżel fil-qiegħ tal-mewt,[3] niżel biex "il-mejtin jisimgħu l-leħen ta' Alla, u dawk li jisimgħuh jgħixu" *(Ġw 5,25).* Ġesù, l-"Awtur tal-ħajja" *(Atti 3,15),* "b'mewtu jeqred is-setgħa ta' dak li kellu l-mewt f'idejh, jiġifieri x-xitan, u jeħles lil dawk kollha li minħabba fil-biża' tal-mewt, kienu mjassrin għal għomorhom kollu" *(Lh 2,14-15).* Issa Kristu rxoxt għandu "l-imfietaħ tal-Mewt u ta' Post il-Mejtin" *(Apok 1,18)* u "fl-isem ta' Ġesù jinżlu għarkupptejhom il-ħlejjaq kollha fis-sema, fl-art u f'qiegħ l-art" *(Fil 2,10).*

> Illum fid-dinja waqa' skiet kbir; skiet kbir, imbagħad solitudni; skiet kbir għax is-sultan raqad; l-art twerwret u siktet għaliex Alla magħmul bniedem raqad u qajjem lil dawk li kienu ilhom ħafna reqdin... Hu mar ifittex l-ewwel missier tagħna, li kien qisu n-nagħġa mitlufa. Iva, ried iżur lil dawk li kienu fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt; iva Alla, u Ibnu, mar iħoll l-irbit tat-tbatija lil Adam l-imjassar u lil Eva l-imjassra... "Jiena hu Alla tiegħek li minħabba fik sirt ibnek. Stenbaħ li int rieqed għax jien ma għamiltekx biex tibqa' marbut f'art l-imwiet. Qum mill-imwiet; jiena l-ħajja tal-mejtin".[4]

**Fil-qosor**

636 *Bil-kliem "Ġesù niżel fil-limbu" s-Simbolu jistqarr li Ġesù tassew miet u li, bil-mewt tiegħu għalina, rebaħ il-mewt u x-xitan "li kellu l-mewt f'idejh"* (Lh 2,14).

637 *Kristu mejjet, b'ruħu magħquda mal-Persuna divina tiegħu, niżel f'art l-imwiet. Fetaħ għall-ġusti li kienu marru qablu bwieb is-sema.*

It-tieni paragrafu

## FIT-TIELET JUM QAM MILL-IMWIET

638 "Nagħtukom il-Bxara t-tajba; il-wegħda li Alla kien għamel lil missirijietna, temmha għalina, li aħna wliedhom, billi qajjem lil Ġesù mill-imwiet" *(Atti 13,32-33).* Il-qawmien ta' Kristu mill-imwiet huwa l-qofol tal-fidi tagħna fi Kristu; l-ewwel komunitajiet insara emmnuha u

[1] Ara Benedittu XII, opuskulu *Cum dudum,* Denzinger-Schonmetzer 1011; Klement VI, ittra *Super quibusdam, ibid.*, 1077.
[2] Ara Konċ. ta' Toledo IV (625); Denzinger-Schonmetzer, 485.
[3] Ara Mt 12,24; Rum 10,7; Ef 4,9.
[4] Omelija antika fuq is-Sibt qaddis tal-Għid, PG 43, 452C; ara Liturġija tas-Sigħat, Uff. tal-qari, Sibt il-Għid.

għexuha bħala verità fiċ-ċentru ta' twemminhom, it-Tradizzjoni għaddietha tul iż-żminijiet bħala verità fundamentali, id-dokumenti tat-Testment il-Ġdid iffissawha; u ġiet imxandra bħala parti essenzjali tal-misteru tal-Għid flimkien mas-Salib:

> Kristu qam mill-imwiet. Bil-mewt tiegħu rebaħ il-mewt u ta l-ħajja lill-mejtin.[1]

## 1. Ġrajja storika u traxxendenti

639 Il-misteru tal-qawmien ta' Kristu mill-imwiet hu fatt reali għax Kristu rxoxt deher u d-dehriet tiegħu ġew magħrufa storikament kif jixhed it-Testment il-Ġdid. San Pawl ġa seta' jikteb lill-Korintin qrib is-sena 56; "Qabelxejn jien għallimtkom dak li tgħallimt jien, jiġifieri li Kristu miet minħabba dnubietna skont l-Iskrittura, difnuh u qam mill-imwiet fit-tielet jum skont l-Iskrittura. U deher lil Kefa, imbagħad lit-Tnax" *(1 Kor 15,3-4).* L-Appostlu hawn jitkellem dwar it-*Tradizzjoni ħajja tal-qawmien mill-imwiet* li kien tgħallem wara l-konverżjoni tiegħu qrib Damasku.[2]

IL-QABAR VOJT

640 "L-għala qegħdin tfittxuh qalb il-mejtin dak li hu ħaj? Mhux hawn, irxoxta!" *(Lq 24,5-6).* Fil-kwadru tal-ġrajja tal-Għid l-ewwel fatt li niltaqgħu miegħu hu l-qabar vojt. Waħdu mhuwiex prova diretta. Il-fatt li l-ġisem ta' Kristu ma kienx fil-qabar jista' jiġi mfisser mod ieħor.[3] Minkejja dan, il-qabar vojt hu sinjal essenzjali għal kulħadd. Is-sejba tal-qabar vojt kien l-ewwel pass għad-dixxipli biex jagħrfu l-fatt tal-qawmien mill-imwiet. L-ewwel kienu xi nisa,[4] imbagħad San Pietru.[5] "Id-dixxiplu li kien iħobb Ġesù" *(Ġw 20,2)* jgħid li meta daħal fil-qabar vojt u sab "il-faxex tal-għażel imqiegħda hemm" *(Ġw 20,6),* "ra u emmen".[6] Dan iġegħelna naħsbu li San Ġwann minn kif sab il-qabar vojt[7] fehem li l-fatt li l-ġisem ta' Ġesù ma kienx fil-qabar ma seħħx b'xi għemil ta' bniedem, u fehem ukoll li Ġesù ma reġax lura għall-ħajja ta' qabel fuq l-art kif kien ġara fil-każ ta' Lazzru.[8]

ID-DEHRIET TAL-IRXOXT

641 Marija ta' Magdala u n-nisa l-oħra li marru bil-fwejjaħ biex jidilku ġisem Ġesù[9] midfun bl-għaġla l-Ġimgħa filgħaxija għax kien wasal jum is-Sibt,[10] kienu l-ewwel nies li ltaqgħu mal-Irxoxt.[1] B'hekk

[1] Liturġija Biżantina, Troparju tal-Għid.
[2] Ara Atti 9,3-18.
[3] Ara Ġw 20,13; Mt 28,11-15.
[4] Ara Lq 24,3.22-23.
[5] Ara Lq 24,12.
[6] Ara Ġw 20,8.
[7] Ara Ġw 20,5-7.
[8] Ara Ġw 11,44.
[9] Ara Mk 16,1; Lq 24,1.
[10] Ara Ġw 19,31.42.

kienu n-nisa l-ewwel ħabbara tal-qawmien ta' Ġesù mill-imwiet lill-Appostli stess *(Lq 24,9-10).* Lil dawn imbagħad deher Ġesù: l-ewwel lil San Pietru, imbagħad lit-Tnax.[2] San Pietru, imsejjaħ biex iwettaq fil-fidi lil ħutu,[3] ra 'l Kristu rxoxt qabel l-oħrajn u hi fuq ix-xhieda tiegħu li l-ġemgħa qalet: "Il-Mulej qam tassew, u deher lil Xmun" *(Lq 24,34-36).*

642 Kulma ġara f'dawk il-jiem tal-Għid impenja 'l kull wieħed mill-Appostli – b'mod partikulari lil San Pietru – fil-bini taż-żmien il-ġdid li beda nhar l-Għid filgħodu. Bħala xhieda ta' Kristu Rxoxt huma jibqgħu l-pedament tal-Knisja tiegħu. Il-fidi tal-ewwel komunità ta' dawk li emmnu hi mibnija fuq ix-xhieda ta' bnedmin veri, li l-Insara kienu jafuhom, u li ħafna minnhom kienu għadhom jgħixu fosthom. Dawn "ix-xhieda tal-qawmien ta' Kristu mill-imwiet"[4] huma t-Tnax u San Pietru qabel kulħadd; iżda mhux huma biss. San Pawl isemmi għadd ta' aktar minn ħames mitt aħwa li Kristu dehrilhom flimkien darba biss, imbagħad deher lil Ġakbu u lill-Appostli kollha.[5]

643 Quddiem dawn ix-xhieda ma jistax ikun li l-qawmien ta' Kristu mill-imwiet jitfisser bħala fatt 'il fuq mill-ordni fiżiku u li ma jingħarafx bħala fatt storiku. Dan jiġi mill-fatt li d-dixxipli għaddew mill-prova radikali tal-Passjoni u tal-Mewt fuq is-salib tal-Imgħallem tagħhom imħabbrin lilhom minn qabel.[6] L-iskossa li ħadu d-dixxipli kienet hekk kbira li almenu xi wħud minnhom ma emmnux minnufih il-bxara tal-qawmien mill-imwiet. L-Evanġelji, aktar milli juruna komunità milquta minn eżaltazzjoni mistika, jippreżentawlna lid-dixxipli bħala nies qalbhom maqtugħa b'ħarsa ta' niket *(Lq 24,17)* u mbeżżgħin.[7] Hu għalhekk li ma emmnux lin-nisa meta dawn reġgħu lura mill-qabar u kliemhom "stħajluh thewdin".[8] Meta Ġesù deher lill-Ħdax nhar l-Għid filgħaxija, "ċanfarhom talli kienu nieqsa mill-fidi u hekk rashom iebsa li ma emmnux lil dawk li kienu rawh wara li qam mill-mewt" *(Mk 16,14).*

644 U mqar bir-realtà ta' Kristu Rxoxt quddiemhom, id-dixxipli baqgħu jiddubitaw:[9] tant kienu jaraw li l-ħaġa ma setgħetx tkun, ħasbu li qed jaraw xi spirtu.[10] "Fil-ferħ tagħhom kienu għadhom ma jridux jemmnu u baqgħu mistagħġba" *(Lq 24,41).* San Tumas għadda mill-istess prova tad-dubju[11] u wara l-aħħar dehra ta' Ġesù fil-Galilija li jsemmilna Mattew, "xi wħud baqgħu jiddubitaw" *(Mt 28,17).* Għalhekk hi bla bażi l-ipotesi li l-ġrajja tal-qawmien mill-imwiet hi "prodott" tal-fidi (jew tal-kredulità tal-Appostli), anzi, għall-kuntrarju, il-fidi tagħhom fil-qawmien ta' Kristu mill-imwiet ġiethom mill-esperjenza diretta li kellhom tar-realtà ta' Kristu Rxoxt, bil-ħidma tal-grazzja ta' Alla.

## L-ISTAT TAL-UMANITÀ TA' KRISTU MQAJJEM MILL-MEWT

645 Ġesù rxoxt kellu għadd ta' rapporti diretti mad-dixxipli: messewh[12] u kiel magħhom.[1] Stedinhom biex jaraw li ma kienx xi

---

[1] Ara Mt 28,9-10; Ġw 20,11-18.
[2] Ara 1 Kor 15,5.
[3] Ara Lq 22,31-34.
[4] Ara Atti 1,22.
[5] Ara 1 Kor 15, 4-8.
[6] Ara Lq 22,31-32.
[7] Ara Ġw 20,19.
[8] Lq 24,11; ara Mk 16,11-13.
[9] Ara Lq 24,38.
[10] Ara Lq 24,39.
[11] Ara Ġw 20,24-27.
[12] Ara Lq 24,39; Ġw 20,27.

spirtu,[2] anzi stedinhom l-aktar biex jaraw li l-ġisem irxuxtat li bih deher quddiemhom kien l-istess ġisem li ġie msawwat u msallab, għax kien għad kellu l-marki tal-passjoni.[3] Dan il-ġisem veru u reali, fl-istess waqt għandu l-kwalitajiet ġodda ta' ġisem glorjuż: ma jinsabx fl-ispazju u fiż-żmien imma jista' jidher kif inhu fejn u kif irid[4] għax l-umanità tiegħu ma tistax tinżamm aktar fuq l-art u hi taħt is-setgħa divina biss tal-Missier.[5] Għalhekk ukoll Ġesù Rxoxt għandu s-setgħa kollha li jidher kif irid, bħala l-ġardinar[6] jew "taħt sura oħra" *(Mk 16,12)* li mhijiex bħal dik li biha kienu mdorrijin id-dixxipli, u dan biex iqanqlilhom il-fidi tagħhom.[7]

646 Bil-qawmien mill-imwiet Ġesù ma reġax lura għas-sura tal-ħajja fuq l-art, kif kienu l-qawmien mill-imwiet li seħħu qabel l-Għid: bint Ġajru, iż-żagħżugħ ta' Najm, Lazzru. Dawn kienu mirakli u dawk, imqajmin mill-mewt bil-qawwa ta' Ġesù, reġgħu lura għall-ħajja "ordinarja" fid-dinja. F'xi mument kellhom jerġgħu jmutu. Il-qawmien ta' Kristu mill-imwiet hi ħaġa essenzjalment differenti. Fil-ġisem irxuxtat tiegħu, Ġesù, bil-qawmien mill-imwiet, jgħaddi minn stat ta' mewt għal stat ta' ħajja 'l hemm mill-ispazju u ż-żmien. Il-ġisem ta' Ġesù fil-qawmien mill-imwiet hu mimli bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, hu msieħeb fil-ħajja ta' Alla fi stat ta' glorja hekk li San Pawl jista' jgħid għal Kristu li hu "bniedem tas-sema".[8]

IL-QAWMIEN MILL-IMWIET HU FATT TRAXXENDENTI

647 "Hieni tassew dan il-lejl – tkanta l-Knisja fit-tħabbira tal-Għid – li hu waħdu jaf is-siegħa u l-waqt tal-qawmien ta' Kristu mill-imwiet". Fil-fatt ebda bniedem ma ra l-qawmien ta' Kristu mill-imwiet u ebda Evanġelista ma ddeskrivieh. Ħadd ma jista' jgħid kif seħħ fiżikament il-qawmien mill-imwiet. Wisq inqas ma jista' jfisser l-essenza interna ta' dan il-qawmien, il-mogħdija għall-ħajja oħra, li s-sensi tagħna ma jintebħux biha. Il-qawmien mill-imwiet hu fatt storiku, ippruvat mill-qabar vojt u mil-laqgħat tassew tal-Appostli ma' Kristu Rxoxt, iżda jibqa' dejjem fil-qalba tal-misteru tal-fidi f'dak li hu 'l fuq mill-istorja u jissuperaha. Hu għalhekk li Kristu Rxoxt ma deherx lid-dinja[9] imma lid-dixxipli, "lil dawk li telgħu miegħu mill-Galilija lejn Ġerusalemm u li issa huma stess xhieda tiegħu quddiem il-poplu" *(Atti 13,31).*

## II. Il-qawmien mill-imwiet: opra tat-Trinità

---

1 Ara Lq 24,30.41-43; Ġw 21,9.13-15.
2 Ara Lq 24,39.
3 Ara Lq 24,40; Ġw 20,20-27.
4 Ara Mt 28,9-16-17; Lq 24,15-36; Ġw 20,14.19.26; 21,4.
5 Ara Ġw 20,17.
6 Ara Ġw 20,14.
7 Ara Ġw 20,14; 16:21,4-7.
8 Ara 1 Kor 15,35-50.
9 Ara Ġw 14,22.

648 Il-qawmien mill-imwiet ta' Kristu nemmnuh għaliex hu att traxxendenti ta' Alla nnifsu fil-ħolqien u fl-istorja. Fil-qawmien mill-imwiet, it-Tliet Persuni tat-Trinità jagħmlu ħidma flimkien u juru l-oriġinalità proprja tagħhom. Il-qawmien mill-imwiet sar bis-setgħa tal-Missier li "qajjem"[1] 'il Kristu Ibnu, u b'dan il-mod daħħal fit-Trinità b'manjiera mill-aktar perfetta l-umanità – permezz ta' ġisem Kristu. Ġesù ġie kkostitwit "l-Iben ta' Alla b'kull qawwa skont l-Ispirtu s-Santu permezz tal-qawmien mill-imwiet" *(Rum 1,3-4).* San Pawl jinsisti fuq il-manifestazzjoni tal-qawwa ta' Alla[2] bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu li ta l-ħajja lill-umanità mejta ta' Ġesù u sejħilha għall-istat glorjuż ta' Mulej.

649 L-Iben iqajjem lilu nnifsu mill-imwiet bis-saħħa tal-qawwa tiegħu ta' Alla. Ġesù jħabbar li Bin il-bniedem kellu jbati ħafna, imut u jirxoxta.[3] Band'oħra jgħid ċar u tond: "Jien nagħti ħajti biex nerġa' neħodha... Għandi s-setgħa li nagħtiha u għandi s-setgħa li nerġa' neħodha" *(Ġw 10,17-18).* "Aħna nemmnu li Ġesù miet u, wara, qam mill-imwiet" *(1 Tes 4,14).*

650 Missirijiet il-Knisja kkontemplaw il-qawmien mill-imwiet billi telqu mill-Persuna divina ta' Kristu li baqgħet magħquda ma' ruħu u ma' ġismu, għalkemm mifrudin minn xulxin bil-mewt. "Għax in-natura divina hi waħda u tibqa' preżenti f'kull wieħed miż-żewġ elementi tan-natura tal-bniedem, dawn jerġgħu jingħaqdu flimkien. Hekk il-mewt isseħħ bil-firda taż-żewġ elementi tan-natura tal-bniedem, ir-ruħ u l-ġisem, u l-qawmien mill-imwiet iseħħ bl-għaqda mill-ġdid ta' dawn iż-żewġ elementi mifrudin".[4]

## III. Is-sens u l-valur salvifiku tal-qawmien mill-imwiet

651 "Jekk Kristu ma kienx imqajjem mill-imwiet, fiergħa hi l-predikazzjoni tagħna u fiergħa wkoll il-fidi tagħkom" *(1 Kor 15,14).* Il-qawmien mill-imwiet qabelxejn iwettaq kulma Kristu stess għamel u għallem. Il-veritajiet kollha, dawk ukoll li moħħ il-bniedem ma jasalx għalihom, isibu l-ġustifikazzjoni tagħhom fi Kristu, għax Kristu, bil-qawmien tiegħu mill-imwiet, ta l-prova definittiva li kien wiegħed, l-awtorità tiegħu ta' Alla.

652 Il-qawmien ta' Kristu mill-imwiet hu s-sħuħija tal-wegħdiet kollha tat-Testment il-Qadim[5] u tal-wegħdiet tal-istess Ġesù tul ħajtu fid-dinja.[6] Il-kelma "skont l-Iskrittura"[1] turi li l-qawmien ta' Kristu temm kulma tħabbar.

[1] Ara Atti 2,24.
[2] Ara Rum 6,4; 2 Kor 13,4; Fil 3,10; Ef 1,19-22; Lh 7,16.
[3] Ara Mk 8,31; 9,9.31; 10,34.
[4] San Girgor ta' Nissa, *In Christi resurrectionem,* 1: PG 46, 617B; ara wkoll *Statuta Ecclesiae antiqua*: Denzinger-Schonmetzer, 325; Anastaju II, ittra *In prolixitate epistulae,* ibid., 359; Ormisda, *Inter ea quae, ibid.,* 369; Konċ. ta' Toledo, *ibid.:* 539.
[5] Ara Lq 24,26-27.44-48.
[6] Ara 1 Kor 15,3-4. Ara wkoll is-Simbolu ta' Niċea-Kostantinopli.

653 Il-verità li *Kristu hu veru Alla* twettqet bil-qawmien tiegħu mill-imwiet. Hu kien qal: "Meta terfgħu 'l fuq 'il Bin il-bniedem, imbagħad tagħrfu li jiena hu" *(Ġw 8,28).* Il-qawmien mill-imwiet tal-Imsallab juri kemm kien veru kliemu: "Jiena hu", l-Iben ta' Alla u Alla nnifsu. San Pawl seta' jgħid lil-Lhud: "Il-wegħda li Alla kien għamel lil missirijietna, temmha għalina... kif hemm miktub fit-tieni Salm: 'Ibni int, jien illum nissiltek'".[2] Il-qawmien ta' Kristu mill-imwiet għandu rabta liema bħalha mal-misteru tal-Inkarnazzjoni tal-Iben ta' Alla. Il-misteru tal-Inkarnazzjoni seħħ fil-milja kollha tiegħu fil-qawmien mill-imwiet skont il-pjan ta' dejjem ta' Alla.

654 Il-misteru tal-Għid għandu żewġ aspetti: bil-mewt tiegħu l-Mulej ħelisna mid-dnub, bil-qawmien tiegħu mill-imwiet fetħilna t-triq għall-ħajja ġdida. Din l-ewwel nett hi l-*ġustifikazzjoni* li biha nerġgħu ninħabbu ma' Alla[3] biex "kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna wkoll ngħixu ħajja ġdida" *(Rum 6,4).* Din il-ħajja ġdida tikkonsisti fir-rebħa fuq il-mewt tad-dnub u fit-tisħib mill-ġdid fil-grazzja.[4] Wasslet għall-*adozzjoni ta' wlied* għax biha l-bnedmin isiru aħwa ma' Kristu, kif Ġesù stess sejjaħ lid-dixxipli tiegħu wara li qam mill-imwiet: "Morru wasslu l-aħbar lil ħuti" *(Mt 28,10; Ġw 20,17).* Aħwa mhux għax għandhom l-istess natura, imma aħwa b'don tal-grazzja, għaliex din l-adozzjoni ta' wlied iġġib tisħib tassew fil-ħajja tal-Iben il-waħdieni ta' Alla, li dehret fil-milja kollha tagħha fil-qawmien tiegħu mill-imwiet.

655 Fl-aħħar nett il-qawmien ta' Kristu mill-imwiet – Kristu Rxoxt innifsu – hu l-bidu u l-għajn tal-*qawmien tagħna mill-imwiet li għad irid iseħħ:* "Kristu kien imqajjem tassew mill-imwiet, l-ewwel frott fost dawk li raqdu... Għax bħalma l-bnedmin kollha jmutu f'Adam, hekk ilkoll jiksbu l-ħajja fi Kristu" *(1 Kor 15,20-22).* Kristu Rxoxt jgħix f'qalb il-fidili tiegħu, huma u jistennew iseħħ il-qawmien tagħhom mill-imwiet. Fi Kristu l-Insara "jduqu l-qawwa taż-żmien li għad irid jiġi" *(Lh 6,5)* u ħajjithom inħbiet minn Kristu fil-ħajja ta' Alla[5] "biex ma jgħixux aktar għalihom infushom, imma għal dak li miet u rxoxta għalihom" *(2 Kor 5,15).*

## Fil-qosor

656 *Il-fidi fil-qawmien mill-imwiet hi dwar fatt storiku li tiegħu kienu xhieda d-dixxipli li tassew iltaqgħu ma' Kristu rxoxt u, fl-istess ħin, dwar fatt misterjuż 'il fuq minn kulma l-moħħ tal-bniedem jista' jifhem, għaliex bil-qawmien mill-imwiet l-umanità ta' Kristu daħlet fil-glorja ta' Alla.*

---

[1] Ara 1 Kor 15,3-4.
[2] Atti 13,32.34; ara Salm 2,7.
[3] Ara Rum 4,25.
[4] Ara Ef 2,4-5; 1 Piet 1,3.
[5] Ara Kol 3,1-3.

657 *Il-qabar vojt u l-faxex tal-għażel imqiegħda hemm, minnhom infushom ifissru li ġisem Kristu nħeles mill-irbit tal-mewt u tat-taħsir bil-qawwa ta' Alla u ħejjew id-dixxipli għal-laqgħa tagħhom mal-Mulej.*

658 *Kristu, "il-kbir li qam mill-imwiet"* (Kol 1,18) *hu l-bidu tal-qawmien tagħna mill-imwiet, minn issa permezz tal-ġustifikazzjoni ta' ruħna,*[1] *aktar tard permezz tal-ħajja ġdida li jkollu l-ġisem tagħna.*[2]

### Is-sitt artiklu

## ĠESÙ TELA' FIS-SMEWWIET, QIEGĦED IN-NAĦA TAL-LEMIN TA' ALLA L-MISSIER LI JISTA' KOLLOX

659 "Hekk il-Mulej Ġesù, wara li kellimhom, kien imtella' fis-sema u qagħad in-naħa tal-lemin ta' Alla" *(Mk 16,19).* Il-ġisem ta' Kristu kien igglorifikat sa mill-ewwel mument tal-qawmien mill-imwiet, kif juru l-proprjetajiet ġodda u sopranaturali li bihom ġismu kien issa mżejjen għal dejjem.[3] Iżda tul l-erbgħin jum li fihom kien jiekol u jixrob familjarment mad-dixxipli[4] u jgħallimhom fuq is-Saltna,[5] il-glorja tiegħu tiegħu kienet għadha moħbija taħt l-aspetti tal-ħajja ordinarja tal-bniedem.[6] L-aħħar dehra ta' Ġesù tintemm bid-dħul darba għal dejjem tal-umanità tiegħu fil-glorja ta' Alla, li tagħha s-sħaba u s-sema[7] kienu s-s-simbolu: issa qiegħed fis-sema fin-naħa tal-lemin ta' Alla.[8] Hi f'din is-sura kollha kemm hi eċċezzjonali u unika li Kristu wera ruħu lil San Pawl "qisu twieled mormi qabel il-waqt" *(1 Kor 15,8),* fl-aħħar dehra li għamlitu Appostlu.[9]

660 Is-sura moħbija tal-glorja tal-Irxoxt tul dan iż-żmien dehret fil-kelma misterjuża li qal lil Marija ta' Magdala: "Għadni ma tlajtx għand il-Missier, imma mur għand ħuti u għidilhom li se nitla' għand Missieri u Missierkom, Alla tiegħi u Alla tagħkom" *(Ġw 20,17).* Dan il-kliem juri d-differenza bejn il-glorja ta' Kristu Rxoxt u l-glorja ta' Kristu mtella' fuq in-naħa tal-lemin tal-Missier. Il-fatt storiku u fl-istess ħin traxxendenti tat-Tlugħ fis-sema juri l-passaġġ minn glorja għall-oħra.

661 Dan it-tieni pass jibqa' marbut b'rabta liema bħalha mal-ewwel pass, jiġifieri mal-inżul tiegħu mis-sema li seħħ fl-Inkarnazzjoni. Biss dak li "ħareġ mingħand il-Missier" seta' jerġa' "lura għand il-Missier":

---

[1] Ara Rum 6,4.
[2] Ara Rum 8,11.
[3] Ara Lq 24,31; Ġw 20,19.26.
[4] Ara Atti 10,4.
[5] Ara Atti 1,3.
[6] Ara Mk 16,12; Lq 24,15; Ġw 20,14-15; 21,4.
[7] Ara Lq 24,51; Atti 1,9; ara wkoll Lq 9,34-35; Es 13,22.
[8] Ara Mk 16,19; Atti 2,33; 7,56; ara wkoll Salm 110,1.
[9] Ara 1 Kor 9,1; Gal 1,16.

Kristu.[1] “Hadd ma tela’ s-sema ħlief Bin il-bniedem, li niżel mis-sema”.[2] sema”.[2] In-natura tal-bniedem, imħollija waħedha, ma għandhiex dħul fid-“dar tal-Missier” *(Ġw 14,2),* għall-ħajja u l-hena ta’ Alla. Kristu biss jista’ jiftaħ dan il-bieb għall-bniedem, “biex aħna, il-membri tiegħu, inqawwu qalbna li aħna wkoll għad immorru warajh fejn mar qabilna hu, ir-Ras u l-bidu tagħna”.[3]

662 “Meta nintrefa’ ‘l fuq mill-art, jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja” *(Ġw 12,32).* L-irfigħ ta’ Kristu fuq is-salib ifisser u jħabbar it-Tlugħ fis-sema. Dan kien il-bidu. Ġesù, il-Qassis waħdieni tal-Patt il-Ġdid u għal dejjem, “ma daħalx f’santwarju magħmul b’idejn il-bnedmin... imma daħal fis-sema stess, biex issa jidher għalina quddiem Alla” *(Lh 9,24).* Kristu fis-sema jaqdi dejjem is-saċerdozju tiegħu, “dejjem ħaj biex jidħol għal dawk li bih jersqu lejn Alla” *(Lh 9,25).* Bħala “l-qassis il-kbir tal-ġid li għad irid jiġi” *(Lh 9,11),* hu ċ-ċentru u ċ-ċelebrant ewlieni tal-liturġija li tqim il-Missier fis-smewwiet.[4]

663 Kristu issa *qiegħed fuq in-naħa tal-lemin tal-Missier.* “Bil-kelmiet fil-lemin tal-Missier aħna nifhmu dik il-glorja u dak il-ġieħ tad-divinità, fejn Dak li bħala Bin Alla kien ġa jeżisti qabel kull żmien u b’natura waħda mal-Missier, wara li ħa l-ġisem u dan ġie gglorifikat, issa qiegħed fil-lemin ukoll bin-natura umana”.[5]

664 Il-qagħda fuq in-naħa tal-lemin tal-Missier tfisser il-bidu tas-saltna tal-Messija, u tfisser li seħħet id-dehra tal-profeta Danjel dwar Bin il-bniedem: “Tawh ħakma, ġieħ u saltna, biex lilu jaqdi kull ġens u poplu u lsien. Il-ħakma tiegħu ħakma għal dejjem li ma tgħaddix, u s-saltna tiegħu li ma tinqeridx” *(Dan 7,14).* Minn dan il-waqt l-Appostli saru xhieda tas-“Saltna li ma jkollhiex tmiem”.[6]

## Fil-qosor

665 *It-Tlugħ ta’ Kristu fis-sema hi d-dħul definittiv tal-umanità ta’ Ġesù fis-saltna ta’ Alla fis-sema, minn fejn għad jerġa’ jiġi,*[7] *iżda għalissa din is-saltna hi moħbija għal għajnejn il-bnedmin.*[8]

666 *Ġesù Kristu, ir-Ras tal-Knisja, mar qabilna fis-saltna glorjuża tal-Missier biex aħna, il-membri tal-Ġisem tiegħu, ngħixu fit-tama li darba għad inkunu għal dejjem miegħu.*

---

[1] Ara Ġw 16,28.
[2] Ġw 3,13; ara Ef 4,8-10.
[3] Missal Ruman, prefazju ta’ Lapsi.
[4] Ara Apok 4,6-11.
[5] San Ġwann Damaxxenu, *De fide orthodoxa*, 4, 2: PG 94, 1104D
[6] Simbolu ta’ Niċea-Kostantinopli.
[7] Ara Atti 1,11.
[8] Ara Kol 3,3.

667 *Ġesù Kristu, issa li daħal darba għal dejjem fis-santwarju tas-sema, jidħol għalina dejjem bħala medjatur tagħna u jiżgurana li l-Ispirtu s-Santu jibqa' dejjem jissawwab fina.*

### Is-seba' artiklu

## MINN HEMM GĦANDU JIĠI BIEX JAGĦMEL ĦAQQ MILL-ĦAJJIN U MILL-MEJTIN

### III. Jerġa' jiġi fil-glorja

KRISTU ĠA QIEGĦED ISALTAN PERMEZZ TAL-KNISJA...

668 "Kristu għalhekk miet u rxoxta biex ikun sid kemm tal-ħajjin u kemm tal-mejtin" *(Rum 14,9).* It-Tlugħ ta' Kristu fis-sema jfisser is-sehem tiegħu, bħala bniedem, fis-setgħa u l-awtorità ta' Alla nnifsu. Ġesù Kristu hu l-Mulej: għandu kull setgħa fis-sema u fl-art. Hu " 'l fuq minn kull Saltna u Setgħa, minn kull Qawwa u Ħakma", għax il-Missier "qiegħed kollox taħt riġlejh" *(Ef 1,20-21).* Kristu hu Sid il-ħolqien kollu[1] u l-istorja kollha. Fih, il-ġrajja tal-bniedem, dik ukoll tal-ħolqien kollu, "tinġabar" *(Ef 1,10)* u tikseb il-milja traxxendentali tagħha.

669 Bħala Mulej, Kristu hu r-Ras tal-Knisja li hi Ġismu.[2] Imtella' fis-sema u gglorifikat, issa li temm għalkollox il-missjoni tiegħu, Kristu baqa' fid-dinja fil-Knisja tiegħu. Il-fidwa hi l-bidu tal-awtorità li Kristu, bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, għandu fuq il-Knisja.[3] "Is-Saltna ta' Kristu Kristu ġa tinsab b'mod misterjuż fil-Knisja", "żerriegħa u bidu ta' din is-Saltna fuq l-art".[4]

670 Wara t-Tlugħ fis-sema tal-Mulej, il-pjan ta' Alla wasal fi tmiemu. "Qegħdin fl-aħħar siegħa".[5] "Ġa waslu għalina l-aħħar żminijiet u t-tiġdid tad-dinja seħħ u ma jitreġġax lura, u b'xi mod dan it-tiġdid ġa qed jinħass minn qabel f'din id-dinja, għax il-Knisja ġa minn din id-dinja hi mogħnija bi qdusija vera, għalkemm mhux perfetta".[6] Is-Saltna ta' Kristu Kristu ġa qiegħda turi li tinsab fid-dinja bil-mirakli[7] li jsieħbu x-xandir tagħha mill-Knisja.[8]

...HUWA U JISTENNA LI KOLLOX IKUN IMQIEGĦED TAĦTU

[1] Ara Ef 4,10; 1 Kor 15,24; 27-28.
[2] Ara Ef 1,22.
[3] Ara Ef 4,11-13.
[4] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 3,5.
[5] 1 Ġw 2,18; ara 1 Piet 4,7.
[6] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 48.
[7] Ara Mt 16,17-18.
[8] Ara Mk 16,20.

671 Is-Saltna ta' Kristu, għalkemm ġa tinsab fil-Knisja tiegħu, għad ma tinsabx "b'qawwa u glorja kbira":[1] dan iseħħ bil-miġja tas-Sultan fid-dinja. Din is-Saltna għadha mhedda mis-setgħat tal-ħażen,[2] għalkemm dawn ġa ntrebħu fl-għerq tagħhom bl-Għid ta' Kristu. Sa ma kollox ikun imqiegħed taħtu,[3] "sakemm ma jkun hemm smewwiet ġodda u art ġdida, li fihom tgħammar il-ġustizzja, il-Knisja fil-mixi, fis-sagramenti u l-istituzzjonijiet tagħha, li huma ta' dan iż-żmien, għandha s-sura ta' dan iż-żmien li jgħaddi u tinsab fost il-ħlejjaq li għadhom jitniehdu bl-uġigħ tal-ħlas, jistennew id-dehra ta' wlied Alla".[4] L-Insara għalhekk jitolbu, l-aktar fl-Ewkaristija,[5] biex iħaffu l-miġja mill-ġdid ta' Kristu[6] huma u jgħidulu: "Ejja Mulej!" *(1 Kor 16,22; Apok 22,17-20).*

672 Qabel tela' s-sema, Kristu qal li ma kienx wasal il-waqt li titwaqqaf is-Saltna glorjuża tal-Messija mistennija minn Israel,[7] saltna li, li, skont il-profeti,[8] kellha ġġib tassew il-ġustizzja, l-imħabba u s-sliem. Iż-żmien ta' issa, skont il-Mulej, hu ż-żmien tal-Ispirtu u tax-xhieda,[9] imma hu wkoll żmien li għadu mġarrab mit-"taħbit" *(1 Kor 7,26)* u mill-ħażen[10] li minnu mhijiex meħlusa lanqas il-Knisja,[11] ħażen li għad jagħti bidu għat-taqbida tal-aħħar jiem.[12] Hu żmien li fih irridu nistennew u nishru.[13]

IL-MIĠJA TA' KRISTU FIL-GLORJA, TAMA TA' ISRAEL

673 Wara t-Tlugħ ta' Kristu fis-sema, il-miġja tiegħu fil-glorja se sseħħ dalwaqt,[14] ukoll jekk "mhux biċċa tagħna li nkunu nafu l-waqt u ż-żmien li l-Missier għażel bis-setgħa tiegħu".[15] Dan il-fatt eskatoloġiku jista' jseħħ minn mument għall-ieħor,[16] ukoll jekk hu "mrażżan", kemm hu u kemm il-prova tal-aħħar li tiġi qablu.[17]

674 Il-miġja tal-Messija fil-glorja hi sospiża f'kull mument tal-istorja[18] sa ma l-Mulej jingħaraf minn "Israel kollu" *(Rum 11,26; Mt 23-39),* għax "fuq il-biċċa l-kbira tiegħu waqgħet l-ebusija tal-qalb" *(Rum 11,25)* "għax ma emmnux" *(Rum 11,20)* f'Ġesù. Dan qalu San Pietru lil-Lhud nhar Għid il-Ħamsin: "Indmu, mela, u erġgħu lura minn dnubietkom biex jinħafrulkom. Hekk jiġu żminijiet ta' faraġ mingħand

[1] Lq 21,27; ara Mt 25,31.
[2] Ara 2 Tes 2,7.
[3] Ara 1 Kor 15,28.
[4] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 48.
[5] Ara 1 Kor 11,26.
[6] Ara 2 Piet 3,11-12.
[7] Ara Atti 1,6-7.
[8] Ara Is 11,1-9.
[9] Ara Atti 1,8.
[10] Ara Ef 5,16.
[11] Ara 1 Piet 4,17.
[12] Ara 1 Ġw 2,18; 4,3; 1 Tim 4,1
[13] Ara Mt 25,1,13; Mk 13,33-37.
[14] Ara Apok 22,20.
[15] Atti 1,7; ara Mk 13,32.
[16] Ara Mt 24,44; Tes 5,20.
[17] Ara 2 Tes 2,3-12.
[18] Ara Rum 11,31.

il-Mulej u hu jibgħatilkom il-Messija li għażlilkom, li hu Ġesù, li għalissa għandu jibqa' fis-sema sa ma jseħħ it-tiġdid kollu li fl-imgħoddi semma' Alla b'fomm il-profeti qaddisa tiegħu" *(Atti 3,19-21).* U San Pawl itenni kliemu: "Jekk it-tkeċċija tagħhom ġiebet il-ħbiberija tad-dinja ma' Alla, l-ilqugħ tagħhom mill-ġdid xi jkun ifisser, jekk mhux ħajja mill-imwiet?" *(Rum 11,15).* Id-dħul tal-"milja tal-Lhud"[1] fis-salvazzjoni tal-Messija wara "l-milja tal-ġnus"[2] se jwassal biex għall-poplu ta' Alla "sseħħ il-milja ta' Kristu" *(Ef 4,13)* fejn Alla jkun "kollox f'kulħadd" *(1 Kor 15,28).*

L-AĦĦAR PROVA TAL-KNISJA

675 Qabel il-miġja ta' Kristu, il-Knisja trid tgħaddi mill-prova tal-aħħar li ġġarrab il-fidi ta' ħafna minn dawk li jemmnu.[3] Il-persekuzzjoni, persekuzzjoni, li hi dejjem imsieħba mal-Knisja fil-mixi tagħha fid-dinja,[4] tikxef "il-misteru tal-ħażen" u turih bħala qerq reliġjuż li jagħti soluzzjoni taparsi lill-bnedmin bħala premju tal-apostasija tagħhom, taċ-ċaħda tagħhom tas-sewwa. L-ogħla qerq reliġjuż hu dak tal-antikrist, jiġifieri ta' dak li hu messjaniżmu taparsi fejn il-bniedem jigglorifika lilu nnifsu flok jigglorifika 'l Alla u l-Messija tiegħu li ġie fostna bħala Alla magħmul bniedem.[5]

676 Dan il-qerq tal-antikrist ġa juri ruħu fid-dinja kull darba li jkun hemm xi ħadd li jippretendi li t-tama messjanika jagħmilha sseħħ f'din id-dinja, meta tista' sseħħ biss barra din id-dinja permezz tal-ġudizzju tal-aħħar, il-ġudizzju eskatoloġiku. il-Knisja tirrifjuta wkoll dik il-fehma inqas qarrieqa tas-Saltna li hi magħrufa bħala millenariżmu,[6] l-aktar fis-sura politika ta' messjaniżmu "għalkollox qarrieq fih innifsu".[7]

677 Il-Knisja ma tidħolx fil-glorja tas-Saltna, jekk mhux permezz ta' dan l-aħħar Għid li bih timxi wara Sidha fil-mewt u l-qawmien tiegħu għall-ħajja.[8] Is-Saltna mhux se sseħħ fl-aħħar b'xi trijonf storiku tal-Knisja[9] li jiġi wara rebħiet dejjem akbar, imma bir-rebħa ta' Alla fuq il-qilla tal-ħażen.[10] It-trijonf ta' Alla fuq il-qilla tal-ħażen ikollu s-sura tal-ġudizzju tal-aħħar,[11] wara t-taqlib kożmiku tal-aħħar ta' din id-dinja li tgħaddi.[12]

## IV. **Biex jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin**

---

[1] Ara Rum 11,12.
[2] Rum 11,25; ara Lq 21,24.
[3] Ara Lq 18,8; Mk 24,12.
[4] Ara Lq 21,12; Ġw 15,19-20.
[5] Ara 2 Tes 2,4-12; 1 Tes 5,2-3; 2 Ġw 2,18-22.
[6] Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, digriet tad-19 ta' Lulju 1944, *De millenarismo* Denzinger-Schonmetzer, 3839.
[7] Ara Piju XI enċiklika *Divini Redemptoris* li tikkundanna "l-mistiċiżmu qarrieq" ta' din il-falsifikazzjoni tal-fidwa tal-umli, *Gaudium et spes,* 20-21.
[8] Ara Apok 19,1-9.
[9] Ara Apok 13,8.
[10] Ara Apok 21,2-4.
[11] Ara Apok 20,12.
[12] Ara 2 Piet 3,12-13.

678 Wara li ħabbruh il-profeti[1] u wara li ħabbru San Ġwann Battista, Ġesù, fil-predikazzjoni tiegħu, ħabbar hu wkoll il-ġudizzju tal-aħħar jum. Imbagħad toħroġ fid-dawl l-imġiba ta' kull wieħed[2] u jinkixfu l-ħsibijiet l-aktar moħbija tal-qlub.[3] Imbagħad jiġi kkundannat in-nuqqas ta' fidi, il-ħtija tal-istmerrija tal-grazzja offerta minn Alla.[4] L-imġiba mal-proxxmu turi jekk ġietx milqugħa jew imwarrba l-grazzja u l-imħabba ta' Alla *(Mt 5,22; 7,1-5).* Fl-aħħar jum, Ġesù jgħid: "Kulma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi" *(Mt 25,40).*

679 Kristu hu Sid il-ħajja ta' dejjem. Hu għandu d-dritt kollu li jagħmel ħaqq darba għal dejjem mill-għemejjel u l-qlub tal-bnedmin għax hu l-Feddej tad-dinja. "Kiseb" dan id-dritt permezz tas-salib tiegħu. Il-Missier ukoll "ħalla f'idejn l-Iben biex jagħmel il-ħaqq kollu hu".[5] Issa, l-Iben ma ġiex biex jagħmel ħaqq, imma biex isalva[6] u biex jagħti l-ħajja li hemm fih.[7] Kull wieħed li rrifjuta l-grazzja ta' din il-ħajja li hi fi Kristu, Kristu, jagħmel hu stess ħaqq minnu nnifsu[8] u jieħu skont għemilu;[9] jista' għalhekk jibgħat lilu nnifsu għall-kundanna ta' dejjem għax iċċaħħad mill-Ispirtu tal-imħabba.[10]

## Fil-qosor

680 *Kristu l-Mulej ġa qiegħed isaltan permezz tal-Knisja, iżda l-ħwejjeġ kollha tad-dinja għadhom mhumiex taħtu. It-trijonf tas-Saltna ta' Kristu ma jseħħx qabel ma s-setgħat tal-ħażen jagħmlu l-aħħar theddida tagħhom.*

681 *F'jum il-ħaqq, fl-aħħar tad-dinja, Kristu jiġi fil-glorja biex isseħħ ir-rebħa sħiħa tat-tajjeb fuq il-ħażin, li bħall-qamħ u s-sikrana, jkunu kibru flimkien tul iż-żminijiet.*

682 *Kristu, meta jiġi fil-glorja fl-aħħar taż-żminijiet biex jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin, jikxef il-ħsibijiet moħbija tal-qlub u jagħti lil kull wieħed skont ma jkun għamel u skont kemm ikun laqa' jew stmerr il-grazzja.*

## IT-TIELET KAPITLU

---

[1] Ara Dan 7,10; Ġoel 3-4; Mal 3,19.
[2] Ara Mk 12,38-40.
[3] Ara Lq 12,1-3; Ġw 3,20-21; Rum 2,16; 1 Kor 4,5.
[4] Ara Mt 11,20-24; 12,41-42.
[5] Ġw 5,22; ara Ġw 5,27; Mt 25,31; Atti 10,42; 17,31; 2 Tim 4,1.
[6] Ara Ġw 3,17.
[7] Ara Ġw 5,26.
[8] Ara Ġw 3,18; 12,48.
[9] Ara 1 Kor 3,12-15.
[10] Ara Mt 12,32; Lh 6,4-6; 10,26-31.

# NEMMEN FL-ISPIRTU S-SANTU

683 "Ħadd ma jista' jgħid: 'Ġesù hu l-Mulej' jekk mhux imqanqal mill-Ispirtu s-Santu" *(1 Kor 12,3).* "Alla bagħat l-Ispirtu ta' Ibnu f'qalbna jgħajjat 'Abba! Missier!'" *(Gal 4,6).* Dan l-għarfien tal-fidi hu possibbli biss fl-Ispirtu s-Santu. Biex tkun hemm ma' Kristu, qabelxejn irid ikun nefaħ fuqek l-Ispirtu s-Santu. Hu jiġi quddiemna u jqanqal fina l-fidi. Hekk ukoll mill-Magħmudija tagħna, l-ewwel sagrament tal-fidi, tiġi l-ħajja, li l-bidu tagħha hu fil-Missier, tingħatalna fl-Iben, u tiġi mwassla fil-Knisja lil kull wieħed minna, intimament u personalment, mill-Ispirtu s-Santu:

> Il-Magħmudija tagħtina l-grazzja tat-twelid ġdid f'Alla l-Missier permezz ta' Ibnu fl-Ispirtu s-Santu. Għax dawk li għandhom l-Ispirtu ta' Alla jitwasslu għand il-Verb, jiġifieri għand l-Iben. Imma hu l-Iben li jippreżentahom lill-Missier u l-Missier jagħtihom in-nuqqas ta' taħsir. Mela mingħajr l-Ispirtu ma jistax ikun li tara l-Iben ta' Alla, u mingħajr l-Iben ħadd ma jista' jersaq lejn il-Missier, għax l-għarfien tal-Missier hu l-Iben u l-għarfien tal-Iben ta' Alla jseħħ bl-Ispirtu s-Santu.[1]

684 L-Ispirtu s-Santu, bil-grazzja tiegħu, hu l-ewwel wieħed li jqajjem fina l-fidi li jagħtina l-ħajja ġdida li hi din: "nagħrfu 'l-Missier u lil dak li bagħat, Ġesù Kristu" *(Ġw 17,3).* Iżda l-Ispirtu s-Santu hu l-aħħar wieħed mit-Tliet Persuni tat-Trinità Qaddisa li ġie rrivelat. San Girgor Nazjanzenu, it-"Teologu", jgħid li dan il-progress tar-rivelazzjoni tal-misteru tat-Trinità sar permezz tal-pedagoġija tal-"kondixxendenza" ta' Alla:

> It-Testment il-Qadim ħabbar b'mod ċar 'il-Missier, u b'mod mhux ċar lill-Iben. It-Testment il-Ġdid wera b'mod ċar lill-Iben, u tana biss ħjiel li l-Ispirtu s-Santu hu wkoll Alla. Issa l-Ispirtu s-Santu jinsab fostna u qiegħed jurina lilu nnifsu b'mod aktar ċar. Ma kinitx ħaġa sewwa, meta d-divinità tal-Missier ma kinitx għadha magħrufa, li tixxandar bid-dieher id-divinità tal-Iben, u sakemm id-divinità tal-Iben ma kinitx għadha milqugħa, iżżid ukoll il-piż tal-Ispirtu, biex nużaw espressjoni ftit ażżardata żżejjed... Hu permezz ta' mixi 'l quddiem "minn glorja għal glorja" li d-dawl tat-Trinità jiddi b'dija dejjem aktar qawwija.[2]

685 Temmen fl-Ispirtu s-Santu jfisser, mela, tistqarr li l-Ispirtu s-Santu hu wieħed mit-Tliet Persuni tat-Trinità Qaddisa, natura waħda mal-Missier u mal-Iben, "li hu meqjum u mweġġaħ flimkien mal-Missier u mal-Iben".[3] Hu għalhekk li fit-"teoloġija" trinitarja hemm il-kwistjoni tal-misteru divin tal-Ispirtu s-Santu. Hawn għalhekk il-konsiderazzjoni dwar l-Ispirtu s-Santu se tkun biss fl-"ekonomija" divina.

686 L-Ispirtu s-Santu hu mill-bidu sat-tmiem flimkien mal-Missier u mal-Iben fil-ħidma biex iseħħ il-pjan għas-salvazzjoni tagħna. Imma hu biss "fl-aħħar żminijiet", mibdijin bl-Inkarnazzjoni tal-Iben għas-

[1] San Irinew, *Demonstratio apostolica*, 7.
[2] San Girgor Nazjanzenu, *Orationes theologicae*, 5,26: PG 36, 161C.
[3] Simbolu ta' Niċea-Kostantinopli.

salvazzjoni tagħna, li l-Ispirtu s-Santu ġie rrivelat u mogħti, magħruf u milqugħ bħala Persuna. Il-pjan ta' Alla li seħħ fi Kristu, "il-kbir fost ħafna aħwa" u r-Ras tal-ħolqien ġdid, seta' jseħħ fi ħdan il-familja kollha tal-bnedmin bl-inżul tal-Ispirtu s-Santu: il-Knisja, ix-xirka tal-qaddisin, il-maħfra tad-dnubiet, il-qawmien mill-imwiet, il-ħajja ta' dejjem.

**It-tmien artiklu**

## "JIENA NEMMEN FL-ISPIRTU S-SANTU"

687 "Ħadd ma jagħraf dak li hemm f'Alla ħlief l-Ispirtu ta' Alla" *(1 Kor 2,11).* Issa l-Ispirtu ta' Alla li jgħarrafna dak li hemm f'Alla, għarrafna bi Kristu, il-Verb ta' Alla, il-Kelma ħajja ta' Alla, iżda ma għarrafna xejn fuqu nnifsu. L-Ispirtu, "li tkellem b'fomm il-profeti", semmgħalna l-Kelma tal-Missier. Imma lilu, l-Ispirtu, ma smajnieh qatt. Nafuh biss kif hu, l-Ispirtu s-Santu, uriena l-Verb u kif ħejjiena biex nilqgħu l-Verb bil-fidi. L-Ispirtu tal-Verità, li "wriena" 'l Kristu, "ma jgħid xejn minn tiegħu" *(Ġw 16,13).* Dan il-ħabi, proprju ta' Alla, jgħinna nifhmu għaliex "id-dinja ma tistax tirċevih (lill-Ispirtu), għax hija la tarah u lanqas tagħrfu", waqt li dawk li jemmnu fi Kristu jagħrfuh għax jgħammar fihom *(Ġw 14,17).*

688 Il-Knisja, xirka ħajja fil-fidi tal-Appostli li hi twassal minn żmien għall-ieħor, hi l-post fejn nagħrfu l-Ispirtu s-Santu:

- fil-Kotba Mqaddsa, ispirati minnu;
- fit-Tradizzjoni, li tagħha Missirijiet il-Knisja huma dejjem ix-xhieda għaż-żminijiet kollha;
- fil-Maġisteru tal-Knisja, li l-Ispirtu hu magħha dejjem;
- fil-liturġija tas-Sagramenti, permezz tal-kliem u s-simboli: biha l-Ispirtu s-Santu jdaħħalna f'għaqda ma' Kristu;
- fit-talb, fejn jidħol għalina;
- fil-kariżmi u l-ministeri li bihom tinbena l-Knisja;
- fis-sinjali tal-ħajja appostolika u missjunarja;
- fix-xhieda tal-qaddisin, fejn l-Ispirtu juri l-qdusija tiegħu u jkompli l-ħidma tas-salvazzjoni.

### I. Il-ħidma flimkien tal-Iben u tal-Ispirtu

689 Dak li l-Missier bagħat fi qlubna, l-Ispirtu ta' Ibnu,[1] hu verament Alla. Ta' natura waħda mal-Missier u mal-Iben, ma jistax ikun mifrud minnhom, kemm fil-ħajja tat-Trinità fiha nfisha u kemm fl-għoti tal-imħabba għad-dinja. Iżda waqt li l-fidi tal-Knisja tadura t-Trinità, li tagħti l-ħajja, li hi ta' natura waħda u mhux maqsuma, il-fidi tagħha tistqarr ukoll li fit-Trinità hemm Tliet Persuni. Meta l-Missier jibgħat il-Verb tiegħu, jibgħat ukoll dejjem l-Ispirtu tiegħu: missjoni flimkien li fiha l-Iben u l-Ispirtu, għalkemm magħżulin minn xulxin, mhumiex

[1] Ara Gal 4,6.

mifrudin. Iva, hu Kristu li jidher għax hu x-xbieha tidher tal-Missier li ma jidhirx, imma hu l-Ispirtu s-Santu li jirrivelah.

690 Ġesù hu l-Kristu, "il-midluk", għax hu l-Ispirtu s-Santu li tah l-Unzjoni – id-Dilka – u kulma jsir mill-Inkarnazzjoni 'l quddiem joħroġ mill-milja tal-Ispirtu.[1] Meta fl-aħħar Kristu jkun igglorifikat,[2] hu wkoll ikun jista', mal-Missier, jibgħat l-Ispirtu fuq dawk li jemmnu fih: jagħtihom il-glorja tiegħu.[3] Il-missjoni flimkien tibqa' mbagħad sejra fl-ulied adottivi tal-Missier fil-Ġisem ta' Ibnu: il-missjoni tal-Ispirtu ta' adozzjoni tkun dik li jgħaqqadhom ma' Kristu u jagħmilhom jgħixu fih:

> Il-kelma "unzjoni" tagħti x'jifhem... li m'hemm ebda firda bejn l-Iben u l-Ispirtu. Fil-fatt, kif bejn il-ġilda tal-ġisem u ż-żejt midluk la r-raġuni u lanqas is-sensazzjoni ma jagħrfu li hemm x'jifridhom, hekk ukoll hu immedjat il-kuntatt tal-Iben mal-Ispirtu s-Santu. B'konsegwenza ta' hekk, dak li se jidħol f'kuntatt mal-Iben permezz tal-fidi, irid bilfors l-ewwel jidħol f'kuntatt maż-żejt. L-ebda parti, fil-fatt, mhi nieqsa mill-Ispirtu s-Santu. U għaliex l-istqarrija ta' dawk li jirċievu l-unzjoni li Kristu hu s-Sid ta' kollox, għalhekk titwettaq fl-Ispirtu s-Santu, ladarba l-Ispirtu jiġi mit-trufijiet kollha biex jiltaqa' ma' dawk li jinġibdu permezz tal-fidi.[4]

## II. L-isem tal-Ispirtu s-Santu: kif jissejjaħ, u x'inhuma s-simboli tiegħu

### L-ISEM PROPRJU TAL-ISPIRTU S-SANTU

691 "l-Ispirtu s-Santu": dan hu l-isem proprju ta' Dak li nqimu u ta' Dak li lilu nagħtu ġieħ flimkien mal-Missier u mal-Iben. Dan l-isem il-Knisja rċevietu mingħand il-Mulej u tistqarru fil-Magħmudija tal-ulied ġodda tagħha.[5]

> It-terminu "Spirtu" hu traduzzjoni tat-terminu Lhudi "Ruaħ" li, fis-sens ewlieni tiegħu jfisser nifs, arja, riħ. Ġesù bir-raġun juża x-xbieha sensibbli tar-riħ biex ifiehem lil Nikodemu r-realtà traxxendentali ġdida, Dak li hu personalment in-Nifs ta' Alla, l-Ispirtu divin *(Ġw 3,5-8).* Min-naħa l-oħra, "Spirtu" u "Qaddis" huma attributi divini użati wkoll għat-Tliet Persuni Qaddisa. Iżda meta ż-żewġ termini huma magħqudin flimkien, l-Iskrittura, il-liturġija u l-lingwaġġ teoloġiku jifhmu l-Persuna ta' kobor bla qies tal-Ispirtu s-Santu, mingħajr il-periklu li dan is-sens jitħallat ma' dak ta' meta jintużaw it-termini "Spirtu" u "Qaddis" għalihom waħedhom.

### KIF JISSEJJAĦ L-ISPIRTU S-SANTU

692 Ġesù, meta ħabbar u wiegħed il-miġja tal-Ispirtu s-Santu, sejjaħlu "Paraklitu", letteralment "wieħed li jissejjaħ ħdejn xi ħadd", "avukat" *(Ġw 14,16,26; 15,26; 16,7).* "Paraklitu" fil-Bibbja Maltija hu ġeneralment tradott bil-kelma "Difensur". Ġesù hu l-ewwel difensur

---

[1] Ara Ġw 13,34.
[2] Ara Ġw 7,39.
[3] Ara Ġw 16,14.
[4] San Girgor ta' Nissa, *De Spiritu Sancto,* 3,1: PG 45, 1321A-B.
[5] Ara Mt 28,19.

tagħna.[1] Il-Mulej innifsu jsejjaħ l-Ispirtu s-Santu "Spirtu tal-Verità" *(Ġw 16,13).*

693 Barra l-isem proprju tal-Ispirtu s-Santu, isem li l-iktar li jintuża fl-Atti tal-Appostli u fl-Ittri, f'San Pawl insibu dawn l-ismijiet: l-Ispirtu li kien imwiegħed *(Ef 1,13; Gal 3,14);* l-Ispirtu ta' adozzjoni *(Rum 8,15; Gal 4,6);* l-Ispirtu ta' Kristu *(Rum 8,11);* l-Ispirtu tal-Mulej *(2 Kor 3,17);* l-Ispirtu ta' Alla *(Rum 8,9,14; 15,19; 1 Kor 6,11; 7,40),* u f'San Pietru: l-Ispirtu tal-glorja *(1 Piet 4,14).*

IS-SIMBOLI TAL-ISPIRTU S-SANTU

694 *L-ilma.* Is-simboliżmu tal-ilma jfisser il-ħidma tal-Ispirtu s-Santu fil-Magħmudija, għax, wara l-invokazzjoni tal-Ispirtu s-Santu, l-ilma jsir sinjal sagramentali effikaċi tat-twelid ġdid, sinjal li jfisser u jġib it-twelid ġdid. Kif it-tħejjija tal-ewwel twelid tagħna saret fl-ilma, hekk l-ilma tal-Magħmudija jfisser tassew li t-twelid tagħna għall-ħajja ta' Alla jingħatalna fl-Ispirtu s-Santu. "Mgħammdin fi Spirtu wieħed", aħna wkoll "xrobna minn Spirtu wieħed" *(1 Kor 12,13).* L-Ispirtu mela hu wkoll personalment l-ilma ħaj li ħareġ minn Kristu msallab[2] bħal minn għajn, u li tnixxi fina sal-ħajja ta' dejjem.[3]

695 *L-unzjoni.* Is-simboliżmu tal-unzjoni jew tad-dilka biż-żejt hu marbut mat-tifsir tal-Ispirtu s-Santu, li sar is-sinonimu tiegħu.[4] Fir-riti għad-dħul fil-ħajja nisranija, l-unzjoni hi s-sinjal sagramentali tal-Griżma jew Konfermazzjoni, li l-Knejjes tal-Lvant isejħu bir-raġun kollu *"Chrismatio"* jiġifieri unzjoni jew dlik bil-*"chrisma"* (żejt imħallat bil-balzmu). Iżda biex naraw il-qawwa kollha tal-unzjoni, irridu mmorru għall-ewwel unzjoni li saret mill-Ispirtu s-Santu, dik ta' Ġesù. Kristu ("Messija" bil-Lhudi) ifisser "midluk" mill-Ispirtu ta' Alla, "ħa l-unzjoni" mill-Ispirtu ta' Alla. Kien hemm oħrajn li fil-Patt il-Qadim ħadu l-unzjoni tal-Mulej,[5] is-sultan David b'mod speċjali.[6] Iżda Ġesù hu l-"midluk" ta' Alla b'mod li m'hemmx ieħor bħalu: in-natura ta' bniedem li ħa l-Iben "ħadet l-unzjoni sħiħa" mill-Ispirtu s-Santu, Ġesù ġie kostitwit "Kristu" mill-Ispirtu s-Santu.[7] Il-Verġni Marija nisslet fil-ġuf tagħha lil Kristu bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu li permezz tal-anġlu ħabbru bħala Kristu sa mit-twelid tiegħu,[8] u li qanqal lil Xmun biex imur fit-Tempju ħa jara 'l Kristu tal-Mulej.[9] Hu l-Ispirtu s-Santu li jimla 'l Kristu[10] u minnu toħroġ il-qawwa ta' Kristu meta jfejjaq u jagħti salvazzjoni.[11] Imbagħad kostitwit kollu kemm hu "Kristu" fin-natura tiegħu ta' bniedem rebbieħa fuq il-mewt,[12] Ġesù jsawwab bil-kotra l-Ispirtu s-Santu sakemm "il-qaddisin", fl-għaqda tagħhom mal-umanità tal-Iben ta' Alla, isiru "Raġel magħmul... u hekk isseħħ il-milja ta' Kristu" *(Ef 4,13):* "Kristu sħiħ", skont kif jgħid Santu Wistin.

696 *In-nar.* Kif l-ilma jfisser it-twelid u l-frott tal-ħajja li jagħti l-Ispirtu s-Santu, hekk in-nar huwa simbolu tal-qawwa tal-għemil tal-Ispirtu s-Santu għat-tiġdid. Il-profeta Elija, li "qam qisu nar u l-kelma tiegħu kienet tqabbad bħal torċa" *(Sir 48,1),* bit-talb tiegħu niżżel nar mis-sema fuq is-sagrifiċċju tal-għolja tal-Karmel,[13] xbieha

[1] Ara 1 Ġw 2,11.
[2] Ara Ġw 19,34; 1 Ġw 5,8.
[3] Ara Ġw 4,10-14; 7,38; Eż 17,1-6; Is 55,1; Żak 14,8; 1 Kor 10,4; Apok 21,6; 22,17.
[4] Ara 1 Ġw 2,20.27; 2 Kor 1,21.
[5] Ara Eż 30,22-32.
[6] Ara 1 Sam 16,13.
[7] Ara Lq 4,18-19; Is 61,1.
[8] Ara Lq 2,11.
[9] Ara Lq 2,26-27.
[10] Ara Lq 4,1.
[11] Ara Lq 6,19; 8,46.
[12] Ara Atti 2,36.
[13] Ara 1 Sl 13,38-39.

tan-nar tal-Ispirtu s-Santu li jbiddel kulma jmiss. San Ġwann Battista, li jimxi quddiem il-Mulej "mimli bl-ispirtu u l-qawwa ta' Elija" *(Lq 1,17),* iħabbar lil Kristu bħala dak li "jgħammidkom bl-Ispirtu s-Santu u n-nar" *(Lq 3,16),* dak l-Ispirtu li dwaru Ġesù jgħid: "nar ġejt inqabbad fuq l-art u kemm nixtieq li ġa qabad" *(Lq 12,49).* Hu f'sura ta' ilsna "qishom tan-nar" li l-Ispirtu s-Santu niżel fuq id-dixxipli filgħodu nhar Għid il-Ħamsin u mliehom bih.[1] It-tradizzjoni spiritwali tieħu dan is-simboliżmu tan-nar bħala wieħed wieħed mill-aktar li jfissru l-ħidma tal-Ispirtu s-Santu.[2] "Ixxekklux l-Ispirtu" (*1 Tes 5,19).*

697 *Is-sħaba u d-dawl.* Dawn iż-żewġ simboli mhumiex mifrudin minn xulxin fil-manifestazzjonijiet ta' Alla fit-Testment il-Qadim: sħaba, xi kultant tant imdallma u xi kultant kollha dija, turi lil Alla l-ħaj u salvatur, waqt li taħbi l-glorja tiegħu li l-moħħ tal-bniedem ma jistax jagħraf: ma' Mosè fuq l-għolja tas-Sinaj,[3] u tul il-mixi fid-deżert;[4] deżert;[4] ma' Salamun fid-dedikazzjoni tat-Tempju.[5] Dawn ix-xbihat seħħu bi Kristu fl-fl-Ispirtu s-Santu. Hu l-Ispirtu s-Santu li jiġi fuq il-Verġni Marija u jixħet fuqha "d-dell tiegħu" biex tnissel fil-ġuf tagħha lil binha Ġesù *(Lq 1,35).* Fuq l-għolja tat-Trasfigurazzjoni hu l-Ispirtu s-Santu li "jiġi fi sħaba u jieħu taħt id-dell tiegħu" lil Ġesù, lil Mosè, lil Elija, lil Pietru, lil Ġakbu u lil Ġwanni, "u minn ġos-sħaba nstema' leħen jgħid: 'Dan hu Ibni l-maħtur; isimgħu lilu'" *(Lq 9,34-35).* U fl-aħħar nett hija l-istess sħaba li "ħadet minn quddiem għajnejn" id-dixxipli lil Ġesù dak inhar li tela' fis-sema *(Atti 1,9)* u li għad turi lil Bin il-bniedem fil-glorja tiegħu fil-jum tat-tieni miġja tiegħu.[6]

tiegħu.[6]

698 *Is-siġill* hu simbolu qrib tal-unzjoni. Fil-fatt huwa Kristu li "Alla mmarka bis-siġill tiegħu" *(Ġw 6,27)* u huwa fi Kristu li l-Missier jimmarkana bis-siġill tiegħu.[7] Għaliex is-siġill juri l-effett li ma jitħassar qatt tal-unzjoni tal-Ispirtu s-Santu fis-sagramenti tal-Magħmudija, tal-Griżma jew Konfermazzjoni, u tal-Ordni Sagri. Ix-xbieha tas-siġill ("sfraġis") ġiet użata minn xi tradizzjonijiet teoloġiċi biex tfisser il-"karattru" li ma jitħassar qatt li jagħtu dawn it-tliet sagramenti, li ma jistgħux jingħataw ħlief darba biss.

699 *L-id.* Bit-tqegħid tal-idejn Ġesù fejjaq il-morda,[8] u bierek it-tfal ċkejknin.[9] F'ismu l-Appostli għamlu l-istess.[10] U wisq aktar, l-Ispirtu s-Santu ngħata bit-tqegħid ta' idejn l-Appostli.[11] L-ittra lil-Lhud issemmi t-tqegħid tal-idejn fost "l-artikli fundamentali" tat-tagħlim tagħha.[12] Dan is-sinjal tat-tiswib tas-setgħa tal-Ispirtu s-Santu, il-Knisja żammitu fl-epiklesi sagramentali kollha.

700 *Is-saba'.* "Hu bis-saħħa (bis-saba') ta' Alla li (Ġesù) jkeċċi x-xjaten" *(Lq 11,20).* Jekk il-Liġi ta' Alla nkitbet fuq it-twavel tal-ġebel "bis-saba' ta' Alla" *(Eż 31,18),* "l-ittra ta' Kristu" fdata f'idejn l-Appostli "hi miktuba bl-Ispirtu ta' Alla l-ħaj mhux fuq it-twavel tal-ġebel iżda fuq it-twavel tal-laħam tal-qalb" *(2 Kor 3,3).* Fl-innu *"Veni, Creator"* l-Ispirtu s-Santu hu msejjaħ *"digitus paternae dexterae".*[13]

701 *Il-ħamiema.* Meta ntemm id-dilluvju (li minnu ħareġ is-simboliżmu tiegħu marbut mal-Magħmudija), il-ħamiema li tajjar Noè reġgħet lura b'werqa friska taż-

[1] Ara Atti 2,3-4.
[2] Ara San Ġwann tas-Salib, *Fjamma Ħajja ta' Mħabba.*
[3] Ara Eż 33,9-10.
[4] Ara Eż 40, 36-38; 1 Kor 10,1-2.
[5] Ara 1 Sl 8,10-12.
[6] Ara Lq 21,27.
[7] Ara 2 Kor 1,22; Ef 1,13; 4,30.
[8] Ara Mk 6,5; 8,23.
[9] Ara Mk 10,16.
[10] Ara Mk 16,28; Atti 5,12; 14,3.
[11] Ara Atti 8,17-19; 13,3; 19,6.
[12] Ara Lh 6,2.
[13] Letteralment: "Is-saba' lemini tal-Missier". Bil-Malti l-vers ġie tradott: "Int turi l-qawwa ta' Alla".

żebbuġ f'munqarha, sinjal li l-art setgħet titgħammar mill-ġdid.[1] Meta Kristu ħareġ mill-ilma wara l-Magħmudija tiegħu, l-Ispirtu s-Santu, f'sura ta' ħamiema, niżel u baqa' fuqu.[2] L-Ispirtu jinżel u jibqa' fil-qlub imsoffija tal-imgħammdin. F'xi knejjes, l-Ewkaristija tinżamm f'kaxxa tal-metall sura ta' ħamiema (il-*columbarium),* imdendla fuq l-artal. Is-simbolu tal-ħamiema biex jitfisser l-Ispirtu s-Santu hi tradizzjonali fl-ikonografija nisranija.

## V. L-Ispirtu u l-Kelma ta' Alla fi żmien il-wegħdiet

702 Mill-bidu sal-"milja taż-żminijiet" *(Gal 4,4)* il-missjoni flimkien tal-Verb u tal-Ispirtu tal-Missier baqgħet *moħbija,* għalkemm kienet titwettaq. L-Ispirtu ta' Alla ħejja żmien il-Messija, u t-tnejn, l-Iben u l-Ispirtu, mingħajr ma kienu għadhom irrivelati għalkollox, kienu ġa mwiegħda sabiex ikunu mistennija, u milqugħin malli jidhru. Hu għalhekk li, waqt li l-Knisja tkun taqra t-Testment il-Qadim,[3] hi tistħarreġ[4] biex tara x'inhu dak li l-Ispirtu s-Santu, "li tkellem b'fomm il-il-profeti", irid jgħidilna dwar Kristu.

> Bi "profeti", il-fidi tal-Knisja hawn tifhem dawk kollha li l-Ispirtu s-Santu nebbaħ biex iħabbru b'mod ħaj u biex jiktbu l-Kotba Mqaddsa. It-tradizzjoni Lhudija tagħżel hekk: il-Liġi (l-ewwel ħames kotba jew il-Pentatewku), il-Profeti (il-kotba storiċi u profetiċi), u l-Kitbiet (l-aktar dawk sapjenzali, u b'mod partikulari s-Salmi[5]*).*

FIL-ĦOLQIEN

703 Il-Kelma ta' Alla u l-Ispirtu tiegħu huma fil-bidu tal-eżistenza u tal-ħajja tal-ħlejjaq kollha:[6]

> L-Ispirtu s-Santu jixraqlu li jsaltan, iqaddes u jagħti l-ħajja lill-ħolqien kollu, għaliex hu Alla tal-istess natura tal-Missier u tal-Iben... Hu għandu s-setgħa fuq il-ħajja, għaliex hu Alla u għalhekk iħares il-ħolqien fil-Missier permezz tal-Iben.[7]

704 Alla sawwar 'il-bniedem b'idejh stess (jiġifieri bl-Iben u bl-Ispirtu s-Santu)... u fassallu ġismu fuq is-sura u x-xbieha tiegħu, biex dak li jidher ikollu wkoll is-sura ta' Alla.[8]

L-ISPIRTU TAL-WEGĦDIET

705 Imħassar mid-dnub u mill-mewt, il-bniedem għadu jġib "ix-xbieha ta' Alla" fis-sura tal-Iben, iżda "mċaħħad mill-glorja ta' Alla" *(Rum 3,23),* imċaħħad minn dan ix-"xebh". Il-wegħda li saret lil Abraham tagħti bidu lill-pjan tas-salvazzjoni, li meta jasal fi tmiemu, l-Iben stess jieħu għalih ix-"xbieha"[9] u mill-ġdid jagħtiha fih ix-"xebh"

[1] Ara Ġen 8,8-12.
[2] Ara Mk 3,16, u s-siltiet l-oħra tal-Evanġelji li jsemmu l-Magħmudija tal-Mulej.
[3] Ara 2 Kor 3,14.
[4] Ara Ġw 5,39.46.
[5] Ara Lq 24,44.
[6] Ara Salm 33,6; 104,30; Ġw 1,2; 2,7; Qoħ 3,20-21; Eżek 37,10.
[7] Liturġija Biżantina, Troparju tal-Matutin tal-Ħdud tat-tieni sura.
[8] San Irinew, *Demonstratio Apostolica*, 1.
[9] Ara Ġw 1,14; Fil 2,7.

mal-Missier, huwa u jagħtiha mill-ġdid il-glorja, l-Ispirtu, "li jagħti l-ħajja".

706 Kontra kull tama tal-bniedem, Alla wiegħed nisel lil Abraham, bħala frott tal-fidi u tal-qawwa tal-Ispirtu s-Santu.[1] F'nislu jitbierku l-ġnus kollha tal-art.[2] Dan in-nisel hu Kristu[3] li fih it-tiswib tal-Ispirtu s-Santu jiġbor "f'ġemgħa waħda l-ulied ta' Alla li kienu mxerrdin" *(Ġw 11,52).* Marbut b'ħalfa,[4] Alla wiegħed li jagħti b'don 'l Ibnu l-għażiż[5] u li li jagħti "l-Ispirtu s-Santu li kien imwiegħed, li hu rahan... tal-fidwa sħiħa tal-poplu li Alla kiseb għalih".[6]

FIT-TEOFANIJI U FIL-LIĠI

707 It-Teofaniji (manifestazzjonijiet ta' Alla) jdawlu t-triq tal-wegħda, mill-Patrijarki sa Mosè u Ġożwè, sad-dehriet li taw bidu għall-missjoni tal-profeti l-kbar. It-tradizzjoni nisranija dejjem għarfet li f'dawn it-teofaniji l-Verb ta' Alla ried li jidher u jinstema', rivelat u "moħbi" fl-istess waqt fis-sħaba tal-Ispirtu s-Santu.

708 Din il-pedagoġija (tmexxija) ta' Alla tidher b'mod speċjali fid-don tal-Liġi.[7] Alla ta l-Liġi biex bħala "pedagogu" (mexxej ta' tifel) tmexxi l-poplu tiegħu lejn Kristu *(Gal 3,24)*. Iżda minħabba li l-Liġi ma setgħetx issalva lill-bniedem imċaħħad mix-"xebh" ma' Alla u serviet biex jingħaraf id-dnub,[8] fil-bniedem tqanqlet ix-xewqa tal-Ispirtu s-Santu. Jixhdu dan it-tnehid tas-Salmi.

FIS-SALTNA U FL-EŻILJU

709 Il-Liġi, sinjal tal-Wegħda u tal-Patt, kellha tmexxi qalb il-Poplu li ħareġ mill-fidi ta' Abraham u l-istituzzjonijiet tiegħu: "Jekk tisimgħu leħni u żżommu l-patt tiegħi, intom tkunu l-wirt tiegħi... intom tkunu għalija saltna ta' qassisin u ġens qaddis".[9] Iżda, wara David, Israel waqa' waqa' fit-tentazzjoni li jkun saltna bħall-ġnus l-oħra. Iżda s-saltna, li dwarha saru l-wegħdiet lil David[10] hi opra tal-Ispirtu s-Santu; hi saltna tal-fqar fl-Ispirtu.

710 Il-Liġi ntesiet u l-fedeltà lejn il-Patt ġiet fix-xejn, u dan wassal għall-mewt: dan kien l-eżilju, li deher qisu li l-wegħdiet spiċċaw fix-xejn. Iżda fil-fatt l-eżilju kien il-fedeltà misterjuża ta' Alla li jsalva u bidu ta' tiġdid imwiegħed, imma bidu skont l-Ispirtu. Kien meħtieġ li l-poplu ta' Alla jbati biex jissaffa.[11] L-eżilju ġa juri d-dell tas-salib fil-pjan ta' Alla, u

1 Ara Ġen 18,1-15; Lq 1,26-38.54-55; Ġw 1,12-13; Rum 4,16-21.
2 Ara Ġen 12,3.
3 Ara Gal 3,16.
4 Ara Lq 1,73.
5 Ara Ġen 22,17-19; Rum 8,32; Ġw 3,16.
6 Ef 1,13-14; ara Gal 3,14.
7 Ara Eż 19-20; Dewt 1-11; 29-30.
8 Ara Rum 3,20.
9 Eż 19,5-6; ara 1 Piet 2,9.
10 Ara 2 Sam 7; Salm 89; Lq 1,32-33.
11 Ara Lq 24,26.

l-"fdal" tal-fqajrin li jerġgħu lura hu wieħed mix-xbihat l-aktar ċari tal-Knisja.

L-ISTENNIJA TAL-MESSIJA U TAL-ISPIRTU TIEGĦU

711 "Arawni, sejjer nagħmel ħaġa ġdida" *(Is 43,19).* Il-profeziji jaqbdu żewġ triqat, waħda lejn il-Messija mistenni, l-oħra lejn it-tħabbira ta' Spirtu ġdid, u t-tnejn jiltaqgħu fil-"fdal" ċkejken, fl-umli tal-art[1] li jistennew bit-tama "l-faraġ ta' Israel" u "l-fidwa ta' Ġerusalemm" *(Lq 2,25-38).*

Aktar 'il fuq rajna li Ġesù temm il-profeziji kollha dwaru. Hawn insemmu biss dawk il-profeziji li juru l-aħjar ir-relazzjoni tal-Messija mal-Ispirtu tiegħu.

712 L-ewwel tagħrif li juri d-dehra tal-Messija mistenni jibda jidher fil-Ktieb tal-Għimmanu-El[2] (meta "Isaija ra l-glorja" tal-Mulej: *Ġw 12,41*), b'mod partikulari f'*Is* 11,1-2:

Għad toħroġ fergħa miz-zokk ta' Ġesse,
għad tinbet rimja minn għeruqu;
fuqu jistrieħ l-ispirtu tal-Mulej,
l-ispirtu tal-għerf u d-dehen,
l-ispirtu tal-għaqal u l-qawwa,
l-ispirtu tal-għerf u l-biża' tal-Mulej.

713 It-tagħrif dwar il-Messija nsibuh l-aktar fl-għana tal-Qaddej.[3] Dan l-għana jħabbar it-tifsira tal-Passjoni ta' Ġesù u juri kif se jibgħat l-Ispirtu s-Santu biex jagħti ħajja lill-kotra: dan Ġesù għamlu mhux minn barra, imma billi ħa n-"natura ta' lsir" *(Fil 2,7),* in-natura tagħna. Ha fuqu l-mewt tagħna, biex ikun jista' jagħtina l-Ispirtu tiegħu tal-ħajja.

714 Għalhekk Ġesù beda jħabbar il-Bxara t-Tajba billi għamel tiegħu din is-silta ta' Isaija:[4]

L-Ispirtu tal-Mulej fuqi,
għax hu kkonsagrani
biex inwassal il-Bxara t-Tajba lill-fqajrin.
Bagħatni nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin
u d-dawl mill-ġdid lill-għomja.
Inrodd il-ħelsien lill-maħqurin
u nxandar sena tal-grazzja tal-Mulej.

715 Is-siltiet profetiċi li jsemmu direttament il-missjoni tal-Ispirtu s-Santu huma orakli li bihom Alla jkellem lill-Poplu bi kliem il-Wegħda, kliem "kollu mħabba u fedeltà".[5] San Pietru jħabbar li kliem Ġoel seħħ nhar Għid il-Ħamsin filgħodu.[6] Skont dawn il-wegħdiet, fl-"aħħar żminijiet" l-Ispirtu tal-Mulej iġedded qlub il-bnedmin u jonqox fi

[1] Ara Sof 2,3.
[2] Ara Is 6-12.
[3] Is 42, 1-9; ara Mt 12, 18-21; Ġw 1,32-34; imbagħad Is 49, 1-6; ara Mt 3,17; Lq 2,32; u fl-aħħar nett Is 50, 4-10 u 52,13-53,12.
[4] Lq 4,18-19; ara Is 61,1-2.
[5] Ara Eżek 11,19; 36,25-28; 37,1-14; Ġer 31,31-34; Ġoel 3,1-5.
[6] Ara Atti 2,17-21.

qlubhom Liġi ġdida, jiġbor u jħabbeb flimkien il-ġnus imxerrda u mifruda, iġedded il-ħolqien tal-bidu, u Alla jgħammar fis-sliem fost il-bnedmin.

716 Il-Poplu tal-"fqajrin", tal-umli[1] u tat-twajbin, li joqogħdu kollhom kemm huma għall-pjan misterjuż ta' Alla tagħhom, dawk li jistennew ġustizzja mhux mill-bnedmin imma mingħand Alla: lil dawn, fl-aħħar mill-aħħar, kellha tħejji l-missjoni moħbija tal-Ispirtu s-Santu tul iż-żmien tal-Wegħdiet, biex tlesti għall-miġja ta' Kristu. Hi l-qalb tagħhom imsaffija u mdawla mill-Ispirtu li jfissru s-Salmi. F'dawn il-fqajrin l-Ispirtu jlesti għall-Mulej "poplu mħejji sewwa" *(Lq 1,17).*

## VI. L-Ispirtu ta' Kristu fil-milja taż-żminijiet

### SAN ĠWANN PREKURSUR, PROFETA U GĦAMMIED

717 "Kien hemm raġel mibgħut minn Alla, jismu Ġwanni" *(Ġw 1,6);* kien "mimli bl-Ispirtu s-Santu sa minn ġuf ommu" *(Lq 1,15.41)* permezz ta' Kristu stess li l-Verġni Marija kienet nisslet fil-ġuf tagħha bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Iż-"żjara" ta' Marija lil Eliżabetta b'hekk saret "żjara ta' Alla lill-poplu tiegħu" *(Lq 1,68).*

718 Ġwanni hu "Elija li għandu jiġi" *(Mt 17,10-13).* In-nar tal-Ispirtu jgħammar fih u jġiegħelu "jiġri (bħala "prekursur") quddiem il-Mulej li ġej". B'San Ġwann, il-Prekursur, l-Ispirtu s-Santu, "ilesti għall-Mulej poplu mħejji sewwa" *(Lq 1,17).*

719 Ġwanni hu "iżjed minn profeta" *(Lq 7,26).* Fih l-Ispirtu s-Santu ma jkomplix "jitkellem b'fomm il-profeti". Ġwanni jagħlaq iċ-ċiklu tal-profeti mibdi minn Elija.[2] Iħabbar li kien qorob sewwa l-Faraġ ta' Israel, hu "leħen" il-Faraġ ta' Israel li għandu jiġi.[3] Kif kellu jagħmel l-Ispirtu tal-verità, Ġwanni ġie "bħala xhud biex jixhed għad-dawl".[4] F'San Ġwann, l-Ispirtu jwassal għat-tmiem "dak li kienu jfittxu l-profeti" u dak li l-anġli stess "xtaqu jifhmu sewwa" *(1 Piet 1,10-12):* "Fuq min tara l-Ispirtu nieżel u joqgħod, dak hu li jgħammed bl-Ispirtu s-Santu... Dan rajtu b'għajnejja, għalhekk xhedt: 'Dan hu l-Iben ta' Alla... Araw il-Ħaruf ta' Alla'" *(Ġw 1,33-36).*

720 Fl-aħħar, f'San Ġwann Battista, l-Ispirtu s-Santu ta bidu, billi ħabbru minn qabel, għal dak kollu li għamel ma' Kristu u fi Kristu: jagħti mill-ġdid lill-bniedem ix-"xebh" ma' Alla. Il-magħmudija ta' Ġwanni kienet magħmudija ta' ndiema; il-Magħmudija bl-ilma u l-Ispirtu s-Santu tkun il-Magħmudija tat-twelid ġdid.[5]

---

[1] Ara Sof 2,3; Salm 22,27; 34,31; Is 49,13,61,1; u l-bqija.
[2] Ara Mt 11,13-14.
[3] Ġw 1,23; ara Is 40,1-3.
[4] Ġw 1,7; ara Ġw 15,26; 5,33.
[5] Ara Ġw 3,5.

721 Marija, l-Omm qaddisa ta' Alla u dejjem Verġni, hi l-aqwa opra tal-missjoni tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu fil-milja taż-żminijiet. Għall-ewwel darba fil-pjan tas-salvazzjoni, il-Missier sab, għax ħejjieha l-Ispirtu s-Santu, *għamara* fejn Ibnu u l-Ispirtu s-Santu setgħu jgħammru fost il-bnedmin. Hu f'dan is-sens li t-Tradizzjoni tal-Knisja taqra b'referenza għal Marija l-isbaħ siltiet dwar l-Għerf.[1] Il-liturġija fil-kant tagħha turi lil Marija bħala "Tron tal-Għerf".

Fiha bdew jidhru "l-għeġubijiet ta' Alla" li l-Ispirtu kien se jagħmel fi Kristu u fil-Knisja.

722 L-Ispirtu s-Santu ħejja lil Marija bil-grazzja tiegħu. Kien jaqbel li tkun "mimlija bil-grazzja" omm Dak li "fih hemm tgħammar il-milja sħiħa tad-divinità fil-ġisem" *(Kol 2,9)*. Hu biss bil-qawwa tal-grazzja li Marija tnisslet ħielsa minn kull dnub, bħala l-iċken fost il-ħlejjaq kollha, u l-aqwa waħda biex tilqa' fiha d-Don tal-għaġeb ta' Dak li jista' kollox. Bir-raġun kollu għalhekk l-anġlu sellmilha bħala "Bint Sijon": "Ifraħ".[2] Hu r-radd ta' ħajr tal-poplu kollu ta' Alla, u għalhekk tal-Knisja, li Marija twassal lill-Missier fl-Ispirtu s-Santu bil-kantiku tagħha[3] meta kienet iġġorr f'ġufha Bin il-Missier etern.

723 F'Marija l-Ispirtu s-Santu *jagħmel li jseħħ* il-pjan kollu tjieba tal-Missier. Bl-Ispirtu s-Santu, il-Verġni Marija tnissel u tagħti t-twelid lill-Iben ta' Alla. Il-verġinità tagħha tagħti frott liema bħalu bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu u tal-fidi.[4]

724 F'Marija, l-Ispirtu s-Santu *juri* lil Bin il-Missier li sar Bin il-Verġni. Hi l-għolliq jaqbad tat-teofanija jew manifestazzjoni ta' Alla li kellha tkun darba għal dejjem. Mimlija bl-Ispirtu s-Santu, turi l-Verb fiċ-ċokon tiegħu bħala bniedem, u turih lill-fqajrin[5] u lill-ewwel rappreżentanti tal-ġnus.[6]

725 Fl-aħħar nett, hu permezz ta' Marija li l-Ispirtu s-Santu jibda *jgħaqqad* ma' Kristu lill-bnedmin "li jogħġbu lilu".[7] U ċ-ċkejknin huma dejjem l-ewwel nies li jilqgħuh: ir-ragħajja, il-maġi, Xmun u Anna, l-għarajjes ta' Kana, l-ewwel dixxipli.

726 Fi tmiem din il-missjoni tal-Ispirtu, Marija ssir il-"Mara", Eva l-ġdida "omm il-ħajjin", Omm "Kristu sħiħ".[8] Hu hekk li hi tinsab mat-Tnax, "ilkoll qalb waħda jitolbu flimkien" *(Atti 1,14)*, mas-sebħ ta' "l-aħħar żminijiet", li għalihom l-Ispirtu s-Santu jagħti bidu nhar Għid il-Ħamsin filgħodu bil-manifestazzjoni tal-Knisja.

[1] Ara Prov 8,1-9.6; Sir 24.
[2] Ara Sof 3,14; Żak 2,14.
[3] Ara Lq 1,46-55.
[4] Ara Lq 1,26-38; Rum 4,18-21; Gal 4,26-28.
[5] Ara Lq 1,15-19.
[6] Ara Mt 2,11.
[7] Ara Lq 2,14.
[8] Ara Ġw 19,25-27.

727 Il-missjoni kollha tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu fil-milja taż-żminijiet tinsab fil-fatt li l-Iben irċieva l-unzjoni tal-Ispirtu tal-Missier sa mill-Inkarnazzjoni tiegħu. Ġesù hu Kristu, il-Messija.

> It-tieni kapitlu kollu tas-Simbolu tal-Fidi rridu naqrawh f'dan id-dawl. Il-ħidma kollha ta' Kristu hi l-missjoni flimkien tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Hawn se nsemmu biss dak li għandu x'jaqsam mal-wegħda tal-Ispirtu s-Santu li għamel Ġesù u mad-don tal-Ispirtu s-Santu mogħti mill-Mulej glorifikat.

728 Ġesù ma weriex għalkollox l-Ispirtu s-Santu qabel ma kien hu stess glorifikat bil-mewt u l-qawmien tiegħu mill-imwiet. Minkejja dan, urih ftit ftit, fit-tagħlim tiegħu lill-folol ukoll, meta ħabbrilhom li ġismu kellu jsir ikel għad-dinja.[1] Ħabbru wkoll mhux ċar lil Nikodemu,[2] lis-Samaritana *(Ġw 4,10.14.23-24)* u lil dawk li marru għall-festa tal-Għarajjex.[3] Lid-dixxipli kellimhom bil-miftuħ dwar l-Ispirtu s-Santu meta tkellem fuq it-talb[4] u fuq ix-xhieda li kellhom jagħtu.[5]

729 Kien biss meta waslet is-siegħa li fiha kellu jkun igglorifikat li Ġesù wiegħed il-miġja tal-Ispirtu s-Santu, għax il-mewt u l-qawmien tiegħu mill-imwiet kienu se jwettqu l-wegħdiet magħmula lil missirijiethom.[6] L-Ispirtu tal-verità, id-Difensur l-ieħor, jingħata mill-Missier fuq talba ta' Ġesù: jibagħtu l-Missier f'isem Ġesù; Ġesù jibagħtu mingħand il-Missier għax joħroġ mill-Missier. L-Ispirtu jiġi, aħna nagħrfuh, ikun dejjem magħna, jibqa' magħna; jgħallimna kollox u jfakkarna kulma qalilna Kristu u jixhed għalih: imexxina lejn il-verità kollha u jagħti glorja lil Kristu. Lid-dinja juriha li għandha żball dwar id-dnub, il-ġustizzja u l-ġudizzju.

730 Fl-aħħar tiġi s-siegħa ta' Ġesù:[7] Ġesù jerħi l-ispirtu tiegħu f'idejn il-Missier[8] filwaqt li bil-mewt tiegħu jirbaħ il-mewt b'mod li "mqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier" *(Rum 6,4)* jagħti minnufih l-Ispirtu s-Santu huwa u "jonfoħ" fuq id-dixxipli.[9] Minn dik is-siegħa l-missjoni ta' Kristu u tal-Ispirtu s-Santu ssir il-missjoni tal-Knisja: "Kif il-Missier bagħat lili, hekk jiena nibgħat lilkom".[10]

---

1 Ara Ġw 6,27.51.62-63.
2 Ara Ġw 3,5-8.
3 Ara Ġw 7,37-39.
4 Ara Lq 11,13.
5 Ara Mt 10,19-20.
6 Ara Ġw 14,16-17.26; 15,26; 16,7-15; 17,26.
7 Ara Ġw 13,1; 17,1.
8 Ara Lq 23,46; Ġw 19,30.
9 Ara Ġw 20,22.
10 Ġw 20,21; ara Mt 28,19; Lq 24,47-48; Atti 1,8.

## V. L-Ispirtu u l-Knisja fl-aħħar żminijiet

GĦID IL-ĦAMSIN

731 F’jum Għid il-Ħamsin (fi tmiem is-seba’ ġimgħat tal-Għid), l-Għid tal-Mulej jasal fi tmiemu bil-miġja tal-Ispirtu s-Santu li juri ruħu, jingħata u jitwassal bħala Persuna divina: mill-milja tiegħu, Kristu, il-Mulej isawwab bil-kotra l-Ispirtu.[1]

732 F’dan il-jum tiġi rivelata għalkollox it-Trinità Qaddisa. Minn dan il-jum is-Saltna mħabbra minn Kristu hi miftuħa għal dawk kollha li jemmnu fih: għalkemm mhuma xejn fil-ġisem u dgħajfin fil-fidi, ġa għandhom sehem fl-għaqda tat-Trinità Qaddisa. Bil-miġja tiegħu fid-dinja, miġja li ma tintemm qatt, l-Ispirtu s-Santu jdaħħal id-dinja “fl-aħħar żminijiet”, fiż-żminijiet tal-Knisja, u Saltna hi ġa meħuda b’wirt iżda għad mhix mitmuma:

> Aħna rajna d-dawl veru, irċevejna l-Ispirtu tas-sema, sibna l-fidi vera: naduraw it-Trinità indiviżibbli; għax hi li salvatna.[2]

L-ISPIRTU S-SANTU: DON TA’ ALLA

733 “Alla hu mħabba” *(1 Ġw 4,8.16)* u l-Imħabba hi l-ewwel don, u jiġbor fih id-doni l-oħra kollha. Din “l-imħabba ta’ Alla ssawbet fina permezz tal-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna” *(Rum 5,5)*.

734 Billi aħna mejtin jew, almenu, midrubin minħabba d-dnub, l-ewwel effett tad-don tal-Imħabba hu l-maħfra tad-dnubiet. Hi l-għaqda fl-Ispirtu s-Santu *(2 Kor 13,13)* li, fil-Knisja, tagħti lill-imgħammdin ix-xebh ma’ Alla li kien intilef bid-dnub.

735 Jagħtina mbagħad ir-“rahan” jew “l-ewwel frott” tal-wirt tagħna *(Rum 8,23; 2 Kor 1,21)*, l-istess ħajja tat-Trinità Qaddisa, jiġifieri li nħobbu “kif Alla ħabbna”.[3] Din l-imħabba *(1 Kor 13)* hi l-bidu tal-ħajja ġdida fi Kristu, li jista’ jkollna għax irċevejna “l-qawwa tal-Ispirtu s-Santu” *(Atti 1,8).*

736 Hi b’din il-qawwa tal-Ispirtu li wlied Alla jistgħu jagħmlu frott. L-Ispirtu, li laqqamna fid-Dielja vera, jagħtina li jkollna “l-frott tal-Ispirtu li huma: l-imħabba, l-hena, is-sliem, is-sabar, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi, il-ħlewwa, ir-rażan” *(Gal 5,22-23)*. “L-Ispirtu hu l-ħajja tagħna”: aktar ma niċċaħħdu minna nfusna,[4] “aktar nimxu bl-Ispirtu” *(Gal 5,25)*:

> Magħqudin miegħu l-Ispirtu jagħmilna spiritwali, iqegħedna mill-ġdid fit-triq tal-ġenna, iwassalna fis-Saltna tas-smewwiet u għall-adozzjoni tal-ulied, jagħtina l-ħila li nsejħu “Missier” lil Alla, u li jkollna sehem mill-grazzja ta’ Kristu, li nissejħu wlied id-dawl, u li jkollna sehem fil-glorja ta’ dejjem.[5]

---

[1] Ara Atti 2,36.
[2] Troparju tal-Għasar ta’ Għid il-Ħamsin, li jiġi mtenni fil-liturġija ewkaristika wara t-tqarbin.
[3] Ara 1 Ġw 4,11-12.
[4] Ara Mt 16,24-26.
[5] San Bażilju l-Kbir, *Liber de Spiritu Sancto*, 15, 36: PG 32,132.

737 Il-missjoni ta' Kristu u tal-Ispirtu s-Santu ssib il-milja tagħha fil-Knisja, il-Ġisem ta' Kristu, u t-Tempju tal-Ispirtu s-Santu. Din il-missjoni flimkien issa ssieħeb il-fidili ta' Kristu fl-għaqda li għandu mal-Missier fl-Ispirtu s-Santu. L-Ispirtu s-Santu *jħejji* l-bnedmin, imexxihom 'il quddiem bil-grazzja tiegħu biex jiġbidhom lejn Kristu. *Jurihom* 'il-Mulej irxoxt, ifakkarhom fi kliemu, u jiftħilhom l-ispirtu biex jifhmu l-mewt u l-qawmien ta' Kristu. *Iqiegħed quddiemhom* il-misteru ta' Kristu, b'mod mill-aktar għoli fl-Ewkaristija, biex iħabbibhom, *jgħaqqadhom* ma' Alla, ħa jkunu jistgħu jagħmlu "kotra ta' frott" *(Ġw 15,5.8.16)*.

738 Hekk il-missjoni tal-Knisja mhijiex xi żieda ma' dik ta' Kristu u tal-Ispirtu s-Santu, imma hi s-sagrament tal-missjoni tagħhom. Bl-esseri tagħha u fil-membri kollha tagħha hi mibgħuta biex ixxandar u tagħti xhieda, biex taħdem ħa jseħħ u jinfirex il-misteru tal-għaqda tat-Trinità Qaddisa (dan narawh fl-artiklu li ġej):

> Ilkoll kemm aħna rċevejna l-istess spirtu wieħed, l-Ispirtu s-Santu, sirna ħaġa waħda bejnietna u ma' Alla. Għalkemm aħna ħafna jekk nitqiesu wieħed wieħed, u għalkemm Kristu għamel li l-Ispirtu tal-Missier u tiegħu jiġi f'kull wieħed minna, dan l-Ispirtu wieħed indiviżibbli jwassal minnu nnifsu għall-għaqda flimkien lil dawk kollha li huma magħżulin minn xulxin... u jagħmel li jidhru li huma ħaġa waħda fih. U kif is-setgħa tal-umanità mqaddsa ta' Kristu tagħmel li dawk kollha li tinsab fihom jagħmlu Ġisem wieħed, naħseb li bl-istess mod l-Ispirtu s-Santu, wieħed u indiviżibbli, li jinsab f'kulħadd iwassalhom ilkoll għall-għaqda waħda spiritwali.[1]

739 Billi l-Ispirtu s-Santu hu l-Unzjoni ta' Kristu, hu Kristu, ir-Ras tal-Ġisem, li jxerrdu fil-membri tiegħu, biex imantnihom, ifejjaqhom, jorganizzahom fid-dmirijiet tagħhom lejn xulxin, jagħtihom il-ħajja, jibgħathom ikunu xhieda, iseħibhom fl-offerta tiegħu lill-Missier u fl-interċessjoni tiegħu għad-dinja kollha. Hu permezz tas-sagramenti tal-Knisja li Kristu jagħti lill-membri tal-Ġisem tiegħu l-Ispirtu tiegħu qaddis u li jqaddes (dan narawh fit-tieni parti tal-Katekiżmu).

740 Dawn "l-għeġubijiet ta' Alla", mogħtija lil min jemmen permezz tas-sagramenti tal-Knisja, jagħtu l-frott tagħhom fil-ħajja ġdida, fi Kristu, skont l-Ispirtu (dan narawh fit-tielet parti tal-Katekiżmu).

741 "L-Ispirtu jgħinna fin-nuqqas ta' ħila tagħna, għax aħna anqas nafu nitolbu kif imiss, imma l-Ispirtu stess jidħol għalina bit-talb tiegħu bi tnehid li ma jistax jitfisser bi kliem" *(Rum 8,26)*. L-Ispirtu s-Santu, mgħallem tal-opri ta' Alla, jgħallimna nitolbu (dan narawh fir-raba' parti tal-Katekiżmu).

## Fil-qosor

742 *"Il-prova li aħna wlied Alla hi l-fatt li Alla bagħat l-Ispirtu tiegħu f'qalbna jgħajjat, "Abba!" "Missier!"* (Gal 4,6).

[1] San Ċirillu ta' Lixandra, *Commentarius in Joannem*, 12: PG 74, 560-561.

743 *Mill-bidu sat-tmiem taż-żminijiet, meta Alla bagħat lil Ibnu, bagħat ukoll l-Ispirtu tiegħu: il-missjoni tal-Iben u tal-Ispirtu ssir dejjem flimkien u ma jinfirdux minn xulxin.*

744 *Fil-milja taż-żminijiet l-Ispirtu s-Santu temm f'Marija t-tħejjijiet*

*kollha meħtieġa għall-miġja ta' Kristu fost il-poplu ta' Alla. Bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu f'Marija, il-Missier ta lid-dinja l-"Għimmanu-el", "Alla magħna"* (Mt 1,23).

745 *L-Iben ta' Alla ġie kkonsagrat Kristu (Messija) bl-unzjoni tal-Ispirtu s-Santu meta sar bniedem.*[1]

746 *Bil-mewt u l-qawmien tiegħu mill-imwiet, Ġesù ġie kkostitwit Mulej u Kristu fil-glorja.*[2] *Mill-milja tiegħu hu jsawwab l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli kollha u fil-Knisja.*

747 *L-Ispirtu s-Santu, li Kristu r-Ras isawwab fil-membri tiegħu, jibni, jaħji u jqaddes il-Knisja. Hi s-sagrament tal-għaqda tat-Trinità Qaddisa u tal-bnedmin.*

### Id-disa' artiklu

## NEMMEN FIL-KNISJA MQADDSA KATTOLIKA

748 "Kristu huwa dawl il-ġnus: għalhekk dan il-Konċilju Mqaddes imlaqqa' fl-Ispirtu s-Santu jixtieq b'ħeġġa kbira jħabbar lill-ħlejjaq kollha l-Bxara t-Tajba tal-Evanġelju, ixerred fuq il-bnedmin kollha d-dija ta' Kristu, li tiddi f'wiċċ il-Knisja". Hu b'dan il-kliem li tibda l-Kostituzzjoni dommatika fuq il-Knisja tal-Konċilju Vatikan II. B'dan il-kliem il-Konċilju juri li l-artiklu tal-fidi fuq il-Knisja jiddependi kollu kemm hu mill-artikli fuq Kristu Ġesù. Il-Knisja ma għandhiex dawl ieħor ħlief dak ta' Kristu: hi, biex nużaw xbieha għażiża ħafna għal Missirijiet il-Knisja, qisha l-qamar li d-dawl tiegħu kollu mhux ħlief rifless tad-dawl tax-xemx.

749 L-artiklu fuq il-Knisja jiddependi wkoll, kollu kemm hu, mill-artiklu fuq l-Ispirtu s-Santu li jiġi qablu. "Wara li rajna li l-Ispirtu s-Santu hu l-bidu ta' kull qdusija u jagħti l-qdusija kollha, issa nistqarru li huwa hu li jżejjen bil-qdusija l-Knisja".[3] Il-Knisja hi, skont l-espressjoni ta' Missirijiet il-Knisja, il-post "fejn jiffjorixxi l-Ispirtu".[4]

---

[1] Ara Salm 2,6-7.
[2] Ara Atti 2,36.
[3] *Catechismus Romanus*, 1, 10, 1.
[4] San Ippolitu ta' Ruma, *Traditio Apostolica*, 35

750 It-twemmin li l-Knisja hi "Qaddisa" u "Kattolika" u li hi "Waħda" u "Appostolika" (kif iżid is-Simbolu ta' Nicea-Kostantinopli), ma nistgħux nifirduh mill-fidi f'Alla l-Missier, l-Iben, u l-Ispirtu s-Santu. Fis-Simbolu tal-Appostli aħna nistqarru (meta ngħiduh bil-Latin) li nistqarru l-fidi tagħna fi Knisja waħda qaddisa *(Credo... Ecclesiam)* u mhux *fil*-Knisja, biex ma nħawdux 'l Alla mal-għemejjel tiegħu, u biex nattribwixxu b'mod ċar lit-tjubija ta' Alla d-doni *kollha* li hu sawwab fil-Knisja.[1]

L-ewwel paragrafu

## IL-KNISJA FIL-PJAN TA' ALLA

### I. L-Ismijiet u x-xbihat tal-Knisja

751 Il-kelma "Knisja", ("ekkleżja" mill-Grieg "ek-kalejn", "issejjaħ għall-ġemgħa") tfisser "sejħa", u tintuża biex tfisser ġemgħat tal-poplu,[2] ġeneralment ta' karattru reliġjuż. Hi kelma li ntużat spiss fit-Testment il-Qadim bil-Grieg biex tfisser il-ġemgħa tal-poplu magħżul, miġbur quddiem Alla, u l-aktar il-ġemgħa tas-Sinaj meta Israel irċieva l-Liġi u ġie kkostitwit minn Alla bħala l-poplu qaddis tiegħu.[3] L-ewwel komunità ta' dawk li emmnu fi Kristu, meta sejħet lilha nfisha "Knisja", għarfet li kienet wirtet il-ġemgħa tas-Sinaj. Fiha, fil-Knisja, Alla jsejjaħ il-Poplu tiegħu mit-truf kollha tal-art. Il-kelma "Kirijake", li minnha ġejja l-kelma *"Church"* u l-kelma *"Kirche"* (bil-Ġermaniż), tfisser "dik li hi tal-Mulej (il-Kirjos)"

752 Fost l-Insara l-kelma "Knisja" tfisser il-ġemgħa liturġika,[4] iżda tfisser ukoll il-komunità tal-post[5] jew il-komunità ta' dawk kollha li jemmnu u jinsabu fid-dinja kollha.[6] Dawn it-tliet tifsiriet fil-fatt imorru dejjem flimkien. "Il-Knisja" hi l-poplu ta' Alla miġbur flimkien mid-dinja kollha. Tinsab fil-komunitajiet ta' kull post. U turi ruħha fil-ġemgħa liturġika, l-aktar fl-Ewkaristija. Tgħix permezz tal-kelma ta' Alla u tal-ġisem ta' Kristu, filwaqt li hi stess issir ukoll Ġisem ta' Kristu.

IS-SIMBOLI TAL-KNISJA

753 Fl-Iskrittura Mqaddsa aħna nsibu għadd kbir ta' xbihat u ta' figuri marbutin ma' xulxin, li bihom ir-rivelazzjoni titkellem dwar il-misteru tal-Knisja, li qatt mhu se naslu biex nifhmuh kollu kemm hu. Ix-xbihat meħudin mit-Testment il-Qadim huma varjazzjonijiet ta' idea waħdanija: dik tal-"poplu ta' Alla". Fit-Testment il-Ġdid[7] il-qofol ta'

---

[1] *Catechismus Romanus,* 1, 10, 22.
[2] Ara Atti 19,39.
[3] Ara Eż 19.
[4] Ara 1 Kor 11,18; 14,19.28.34.35.
[5] Ara 1 Kor 1,2; 16,1.
[6] Ara 1 Kor 15,9, Gal 1,13; Fil 3,6.
[7] Ara Ef 1,22; Kol 1,18.

dawn ix-xbihat hu Kristu, għax hu "r-Ras" tal-poplu tiegħu[1] u dan il-poplu hu l-Ġisem tiegħu. Madwar Kristu jinġabru xbihat meħudin mill-ħajja tar-ragħajja jew tal-biedja, jew mix-xogħol tal-bini jew mill-familja u ż-żwieġ.[2]

754 Il-Knisja fil-fatt hi dak il-*maqjel* li tiegħu Kristu waħdu hu l-bieb li wieħed jista' jidħol minnu *(Ġw 10,1-10)*. Hi wkoll il-merħla li Alla nnifsu ħabbar minn qabel li kien se jkun ir-ragħaj tagħha,[3] u li n-nagħaġ tagħha, minkejja li għandhom ragħajja bnedmin li jimxu quddiemhom, dejjem jitmexxew u jitmantnu minn Kristu nnifsu, ir-Ragħaj it-tajjeb u r-Ragħaj il-kbir[4] li jagħti ħajtu għan-nagħaġ tiegħu.[5]

755 Il-Knisja hi *art tajba għall-biedja*, l-għalqa ta' Alla *(1 Kor 3,9)*. F'din l-għalqa tikber iż-żebbuġa antika li tagħha l-patrijarki kienu l-għeruq qaddisa u li fiha seħħet u għad isseħħ ir-rikonċiljazzjoni bejn Lhud u pagani *(Rum 11,13-26)*. Tħawlet mis-Sid tas-sema bħala dielja magħżula.[6] Id-Dielja vera huwa Kristu: hu dak li jagħti l-ħajja u l-l-frott lill-friegħi li huma aħna: permezz tal-Knisja, aħna nibqgħu fi Kristu, u mingħajru ma nistgħu nagħmlu xejn *(Ġw 15,1-5)*.

756 "Spiss ukoll il-Knisja tissejjaħ *bini ta' Alla (1 Kor 3,9)*. Il-Mulej stess ixebbah lilu nnifsu mal-ġebla li warrbu l-bennejja u li saret il-ġebla tax-xewka.[7] Fuq dan il-pedament tinbena l-Knisja mill-Appostli *(1 Kor 3,11)*, u dan il-pedament isaħħaħha u jorbotha sewwa. Dan il-bini jissejjaħ b'ħafna ismijiet: id-dar ta' Alla *(1 Tim 3,15)* fejn tgħammar il-*familja* tiegħu; l-għamara ta' Alla fl-Ispirtu *(Ef 2,19-22)*, l-għamara ta' Alla mal-bnedmin *(Apok 21,3)* u l-aktar it-*tempju* mqaddes li, irrappreżentat mis-santwarji tal-ġebel, hu mfaħħar minn Missirijiet il-Knisja u pparagunat bir-raġun kollu fil-liturġija mal-Belt qaddisa, Ġerusalemm tas-sema. Fil-fatt aħna fil-Knisja fuq l-art aħna bħal ġebel ħaj għall-bini tagħha *(1 Piet 2,5)*. Din il-Belt qaddisa, San Ġwann raha nieżla mis-sema, mingħand Alla, fit-tiġdid tad-dinja, imħejjija bħala għarusa mżejna għall-għarus tagħha" *(Apok 21,1-2)*.

757 "Il-Knisja tissejjaħ ukoll "Ġerusalemm tas-sema" u "Ommna":[8] hi deskritta bħala l-għarusa bla tebgħa tal-Ħaruf bla tebgħa[9] li Kristu ħabb, u ta lilu nnifsu għaliha biex tkun qaddisa *(Ef 5,25-26)*, u seħibha miegħu b'rabta li ma titħassar qatt, u "dejjem imantniha u jieħu ħsiebha" *(Ef 5,29)*.

## II. Bidu, twaqqif u missjoni tal-Knisja

758 Biex nistħarrġu l-misteru tal-Knisja, irridu l-ewwel nett naħsbu fuq il-bidu tagħha fid-dawl tal-pjan tat-Trinità Qaddisa u fuq kif dehret, pass wara l-ieħor, fl-istorja tad-dinja.

### PJAN LI ĦAREĠ MINN QALB IL-MISSIER

759 "Il-Missier ta' dejjem, bi ħsieb għalkollox ħieles u misterjuż tal-għerf u t-tjieba tiegħu, ħalaq id-dinja u ried jgħolli l-bniedem biex ikollu

---

[1] Ara Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 9.
[2] *Ibid.*, 6.
[3] Ara Is 40,11; Eżek 34,11-31.
[4] Ara Ġw 10,11; 1 Piet 5,4.
[5] Ara Ġw 10,11-15.
[6] Ara Mt 21,33-43 u s-siltiet tal-Evanġelji l-oħra; ara Is 5,1-7.
[7] Mt 21,42 u s-siltiet l-oħra; ara Atti 4,11; 1 Piet 2,7; Salm 118,22.
[8] Gal 4,26 ara Apok 12,17.
[9] Apok 19,7; 21,2.9; 22,17.

sehem mill-ħajja ta' Alla", li għaliha jsejjaħ lill-bnedmin kollha f'Ibnu: "Dawk kollha li jemmnu fi Kristu, il-Missier ried jiġborhom fil-Knisja mqaddsa". Din "il-familja ta' Alla" titwaqqaf u tinbena ftit ftit tul il-mumenti tal-istorja tal-bniedem, skont kif ikun irid il-Missier. Fil-fatt, il-Knisja tħabbret sa mill-bidu tad-dinja, tħejjiet b'mod tassew tal-għaġeb fil-ġrajja tal-poplu ta' Israel u fil-Patt il-Qadim, u fl-aħħar twaqqfet f'dawn iż-żminijiet tal-aħħar, u dehret meta niżel fuqha l-Ispirtu s-Santu u, fl-aħħar taż-żminijiet tilħaq il-kobor sħiħ tagħha fil-glorja".[1]

IL-KNISJA: XBIHETHA MILL-BIDU TAD-DINJA

760 "Id-dinja nħalqet għall-Knisja": hekk kienu jgħidu l-Insara tal-ewwel żminijiet.[2] Alla ħalaq id-dinja bil-ħsieb li din tidħol f'xirka mal-ħajja tiegħu, xirka li sseħħ permezz tas-"sejħa" tal-bnedmin fi Kristu, u din is-"sejħa għall-għaqda" hi l-Knisja. Il-Knisja hi "l-għan ta' kollox"[3] u l-l-istess ġrajjiet ta' niket li seħħu, bħall-waqgħa tal-anġli u d-dnub tal-bniedem, Alla ppermettiehom biss biex ikunu okkażjoni u mezz ħalli juri l-qawwa ta' driegħu, il-kobor kollu tal-imħabba li ried jagħti lid-dinja:

> Hekk ir-rieda ta' Alla hi għemil u dan jissejjaħ dinja, hekk ukoll il-ħsieb ta' Alla hu s-salvazzjoni tal-bnedmin, u din tissejjaħ Knisja.[4]

IL-KNISJA MHEJJIJA FIL-PATT IL-QADIM

761 Is-sejħa għall-ġemgħa tal-poplu ta' Alla bdiet fil-mument li fih id-dnub qered ir-rabta tal-bnedmin ma' Alla u tal-bnedmin bejniethom. Il-ġemgħa tal-Knisja hi, biex ngħidu hekk, ir-reazzjoni ta' Alla għall-konfużjoni li ġieb id-dnub. Din l-għaqda mill-ġdid isseħħ bil-moħbi fi ħdan il-ġnus kollha. Alla "jilqa' lil kull min għandu l-biża' tiegħu u jagħmel is-sewwa, ikun minn liema poplu jkun".[5]

762 It-*tħejjija* mill-bogħod tal-ġemgħa tal-poplu ta' Alla tibda bis-sejħa ta' Abraham; lilu Alla wiegħdu li jkun missier ta' poplu kbir.[6] It-tħejjija immedjata tibda bl-għażla ta' Israel bħala l-poplu ta' Alla.[7] Bl-għażla tiegħu, Israel kellu jkun sinjal tal-ġemgħa fil-ġejjieni tal-ġnus kollha.[8] Iżda l-profeti ġa bdew jixlu lil Israel li kiser il-Patt u li ġieb ruħu ta' prostituta.[9] Iħabbru Patt ġdid u għal dejjem.[10] "Dan il-Patt il-Ġdid waqqfu Kristu".[11]

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 2.
[2] Erma, *Visionis Pastoris: visio* 2,4,1; ara Aristide *Apologia,* 16,6; San Ġustinu, *Apologia,* 2, 7.
[3] Ara San Epifanju, *Panarion seu Adversus LXXX haereses,* 1, 1, 5: PG 41, 181C.
[4] Klement ta' Lixandra, *Paedagogus,* 1, 6.
[5] Atti 10,35; ara Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 9; 13; 16.
[6] Ara Ġen 12,2; 15,5-6.
[7] Ara Eż 19,5-6; Dewt 7,6.
[8] Ara Is 2,2-5; Mk 4,1-4.
[9] Ara Hos 1; Is 1,2-4; Ġer 2; u l-bqija.
[10] Ara Ġer 31,31-34; Is 55,3.
[11] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 9.

763 Kellu jkun l-Iben li fil-milja taż-żminijiet wassal biex iseħħ il-pjan tal-Missier għas-salvazzjoni: dan kien l-iskop tal-"missjoni" tal-Iben.[1] "Il-Mulej Ġesù ta bidu għall-Knisja tiegħu huwa u jxandar il-Bxara Bxara t-Tajba, il-miġja tas-Saltna ta' Alla mwiegħda fil-Kotba Mqaddsa tul iż-żminijiet".[2] Biex jagħmel ir-rieda tal-Missier, Kristu ta bidu għas-Saltna tas-smewwiet fuq l-art. Il-Knisja "hi s-Saltna ta' Kristu li ġa tinsab fid-dinja b'mod misterjuż".[3]

764 "Din is-Saltna tiddi għal għajnejn il-bnedmin fil-kliem, l-għemil, u l-preżenza ta' Kristu".[4] Min jilqa' l-Kelma Ġesù, ikun jilqa' s-Saltna tiegħu stess.[5] Iż-żerriegħa u l-bidu tas-Saltna hi "l-merħla żgħira" *(Lq 12,32)* ta' dawk li Ġesù ġie jsejjaħ madwaru u li tagħhom hu stess hu r-ragħaj.[6] Huma jagħmlu l-familja vera ta' Ġesù.[7] Lil dawk li ġabar madwaru b'dan il-mod, għallimhom "sura ġdida ta' għemil", iżda għallimhom talba proprja wkoll.[8]

765 Il-Mulej Ġesù ta lill-komunità tiegħu struttura li għandha tibqa' sakemm is-Saltna tilħaq il-kobor sħiħ tagħha. Hemm qabelxejn l-għażla tat-Tnax, b'San Pietru bħala l-kap.[9] Rappreżentanti tat-tnax-il tribù ta' Israel[10] huma l-pedamenti ta' Ġerusalemm il-ġdida.[11] It-Tnax[12] u d-dixxipli l-oħra[13] huma mseħbin fil-missjoni ta' Kristu, fis-setgħa tiegħu, imma wkoll f'xortih.[14] Bl-għemil kollu tiegħu, Ġesù jħejji u jwaqqaf il-Knisja tiegħu.

766 Iżda l-Knisja twieldet prinċipalment mill-għotja sħiħa ta' Kristu għas-salvazzjoni tagħna, imħejjija minn qabel fl-Ewkaristija u mitmuma fuq is-salib. "Il-bidu u t-tkabbir tal-Knisja huma mfissra mid-demm u l-ilma li ħarġu mill-ġenb minfud ta' Kristu msallab".[15] "Għax mill-ġenb ta' Kristu rieqed fil-mewt fuq is-salib twieled is-sagrament tal-għaġeb tal-Knisja kollha kemm hi".[16] Kif Eva ssawret mill-ġenb ta' Adam waqt li kien rieqed, hekk il-Knisja twieldet mill-qalb minfuda ta' Kristu mejjet fuq is-salib.[17]

[1] Ara Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 3; *Ad Gentes,* 3.
[2] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 5.
[3] *Ibid.,* 3.
[4] *Ibid.,* 5.
[5] *Ibid.*
[6] Ara Mt 10,16; 26,31; Ġw 10,1-21.
[7] Ara Mt 12,49.
[8] Ara Mt 5-6.
[9] Ara Mk 3,14-15.
[10] Ara Mt 19,28; Lq 22,30.
[11] Ara Apok 21,12-14.
[12] Ara Mk 6,7.
[13] Ara Lq 10,1-2.
[14] Ara Mt 10,25; Ġw 15,20.
[15] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 3.
[16] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium,* 5.
[17] Ara San Ambroġ, *Expositio Evangelii secundum Lucam,* 2, 85-89: PL 15, 1538-1586.

IL-KNISJA – MURIJA MILL-ISPIRTU S-SANTU

767 “Mitmuma l-ħidma li l-Missier ta lill-Iben biex jagħmel fuq l-art, nhar Għid il-Ħamsin l-Ispirtu s-Santu ntbagħat biex iqaddes il-Knisja għal dejjem”.[1] Kien dan il-waqt li fih “il-Knisja wriet ruħha pubblikament quddiem il-kotra u beda x-xandir tal-Evanġelju permezz tal-predikazzjoni”.[2] Għax hi “l-ġemgħa” tal-bnedmin kollha msejħin għas-salvazzjoni, il-Knisja hi – min-natura tagħha stess – missjunarja, mibgħuta minn Kristu fost il-ġnus kollha biex tagħmel dixxipli minnhom.[3]

768 Sabiex tkun tista’ twettaq il-missjoni tal-Knisja, l-Ispirtu s-Santu “jgħallem il-Knisja u jmexxiha permezz tal-ħafna doni ġerarkiċi u kariżmatiċi”.[4] “B’hekk il-Knisja, mogħnija bid-doni tal-Fundatur tagħha, – hija u tħares bil-fedeltà kollha l-preċetti tiegħu ta’ mħabba, umiltà u ċaħda – tilqa’ l-missjoni li tħabbar is-Saltna ta’ Kristu u ta’ Alla u twaqqafha fost il-ġnus kollha: hekk hi tkun iż-żerriegħa u l-bidu ta’ din is-saltna fuq l-art”.[5]

IL-KNISJA – TILĦAQ IL-MILJA TAGĦHA FIL-GLORJA

769 “Il-Knisja… ma jkollhiex il-kobor sħiħ tagħha jekk mhux fil-glorja tas-sema”,[6] meta Kristu jerġa’ jiġi bi glorja kbira. Sa dak inhar, “il-“il-Knisja tmur ’il quddiem fil-mixi tagħha fost il-persekuzzjoni tad-dinja u l-faraġ ta’ Alla”.[7] Hawn fid-dinja taf li tinsab fl-eżilju, ’il bogħod minn Sidha[8] u tixxennaq għall-mument li fih is-Saltna tidher fil-kobor sħiħ tagħha, “is-siegħa li fih tingħaqad mas-Sultan tagħha fil-glorja”.[9] Il-Knisja u, permezz tagħha, id-dinja, ma tilħaqx il-kobor sħiħ tagħha fil-glorja, mingħajr ma jkollha tgħaddi minn ħafna provi kbar. Biss imbagħad il-ġusti kollha, minn Adam, “minn Abel il-ġust, sal-aħħar wieħed fost il-magħżulin, isibu ruħhom f’ġemgħa flimkien fil-Knisja universali quddiem il-Missier”.[10]

## III. Il-Misteru tal-Knisja

770 Il-Knisja tagħmel parti mill-istorja tad-dinja, iżda fl-istess waqt hi ’l fuq minnha. Hu biss “bl-għajnejn tal-fidi”[11] li nistgħu fl-istess waqt naraw fir-realtà li tidher tagħha, realtà spiritwali li ġġib magħha l-ħajja divina.

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 4.
[2] Konċ. Vatikan II, *Ad gentes,* 4.
[3] Ara *ibid.,* 2,5-6. Ara Mt 28,19-20.
[4] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 4.
[5] *Ibid.,* 5.
[6] *Ibid.,* 48.
[7] Santu Wistin, *Il-Belt ta’ Alla,* 18, 51; ara Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 8.
[8] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 6. Ara 2 Kor 5,6.
[9] *Ibid.,* 5.
[10] *Ibid.,* 2.
[11] *Catechismus Romanus,* 1, 10, 20.

IL-KNISJA – VIŻIBBLI U SPIRITWALI FL-ISTESS HIN

771 "Kristu, il-medjatur waħdieni, waqqaf u dejjem iżomm hawn fuq l-art il-Knisja Mqaddsa tiegħu: komunità ta' fidi, tama u mħabba, bħala organizzazzjoni li tidher, u biha jxerred fost kulħadd il-verità u l-grazzja".[1] Il-Knisja hi fl-istess waqt:

- soċjetà mogħnija b'organizzazzjoni ġerarkika u l-Ġisem mistiku ta' Kristu;
- ġemgħa li tidher u komunità spiritwali;
- Knisja fid-dinja u Knisja mżejna b'doni tas-sema.

Dawn id-dimensjonijiet flimkien jagħmlu "realtà waħda kumplessa, magħmula minn element uman u element divin."[2]

> Hu min-natura stess tal-Knisja li tkun fl-istess waqt umana u divina, tkun tidher iżda mżejna bi kwalitajiet li ma jidhrux, kollha ħeġġa fil-ħidma u mogħtija għall-kontemplazzjoni, preżenti f'din id-dinja iżda miexja lejn oħra, hekk li kulma għandha li hu tal-bniedem, irid iwassal għal kulma għandha li hu ta' Alla u joqgħod għalih, kulma jidher irid joqgħod għal dak li ma jidhirx, kull ħidma trid twassal għall-kontemplazzjoni u toqgħod għaliha, kulma hu ta' issa jrid iwassal għall-Belt li għad trid tiġi u li qegħdin issa nfittxu.[3]

> X'umiltà! X'sublimità! Għarix ta' Kedar u santwarju ta' Alla, għamara tal-art u salib tas-sema, dar tat-tajn u palazz tas-sultan, ġisem li jmut u tempju tad-dawl, stmerrija tal-imkabbrin u għarusa ta' Kristu! Samranija, imma sbejħa bint Ġerusalemm; għalkemm bi sfura wiċċha minħabba t-taħbit u n-niket ta' eżilju twil, hi mżejna bi ġmiel tas-sema.[4]

IL-KNISJA – MISTERU TAL-GHAQDA TAL-BNEDMIN MA' ALLA

772 Fil-Knisja Kristu jtemm u juri l-misteru tiegħu bħala l-għan tal-pjan ta' Alla "li jinġabar kollox fih" *(Ef 1,10)*. San Pawl isejjaħ "misteru kbir" *(Ef 5,32)* l-għerusija ta' Kristu u l-Knisja: minħabba li l-Knisja ngħaqdet ma' Kristu bħala l-Għarus tagħha,[5] il-Knisja ssir hi wkoll misteru.[6] San Pawl, huwa u jikkontempla fil-Knisja l-misteru ta' Kristu, jikteb: "Kristu fikom, it-tama tal-glorja tagħkom" *(Kol 1,27)*.

773 Fil-Knisja din l-għaqda tal-bnedmin ma' Alla permezz ta' "l-imħabba li ma tintemm qatt" *(1 Kor 13,8)* hi l-għan li lejh jimmira dak kollu li fiha hu mezz sagramentali, marbut mad-dinja li tgħaddi.[7] "L-istruttura tal-Knisja hi kollha kemm hi magħmula biex tagħti l-qdusija lill-membri ta' Kristu. U l-qdusija titqies fid-dawl tal-misteru kbir li fih l-għarusa twieġeb bid-don tal-imħabba għad-don li jagħtiha l-Għarus".[8]

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 8.
[2] *Ibid.*
[3] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium,* 2.
[4] San Bernard ta' Clairvaux, *Sermones in Canticum,* 27,14: O humilitas! O sublimitas! Et tabernaculum Cedar et Sanctuarium Dei, et terrenum habitaculum et caeleste patibulum, et domus lutae et aula regia, et corpus mortis et templum lucis, et despectio denique superbis et sponsa Christi! Nigra est sed formosa, filia Hierusalem quam etsi labor et dolor longi exilii decolorat, species tamen caelestis exornat.
[5] Ara Ef 5,25-27.
[6] Ara Ef 3,9-11.
[7] Ara Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 48.
[8] Ġwanni Pawlu II, ittra appostolika *Mulieres dignitatem,* 27.

Marija tgħaddina lkoll fil-qdusija, li hi l-misteru tal-Knisja bħala "Għarusa bla tebgħa u bla tikmix" *(Ef 5,27)*. Hu għalhekk li d-dimensjoni Marjana tal-Knisja tiġi qabel id-dimensjoni Petrina.[1]

IL-KNISJA – SAGRAMENT UNIVERSALI TA' SALVAZZJONI

774 Il-kelma Griega *mysterion* bil-Latin ġiet maqluba għal żewġ kelmiet *mysterium* u *sacramentum*, u aktar tard il-kelma *sacramentum* bdiet tfisser sinjal li jidher tar-realtà moħbija tas-salvazzjoni; realtà li ssejħet "mysterium". F'dan is-sens Kristu nnifsu hu l-misteru tas-salvazzjoni "għax m'hemmx misteru ieħor ta' Alla, jekk mhux Kristu".[2] Il-ħidma ta' salvazzjoni tal-umanità qaddisa ta' Kristu li tqaddes hi s-sagrament tas-salvazzjoni li juri ruħu u jaħdem fis-sagramenti tal-Knisja (li Knejjes tal-Lvant isejħulhom ukoll "il-misteri qaddisa"). Is-seba' sagramenti huma s-sinjali u l-istrumenti li bihom l-Ispirtu s-Santu jxerred il-grazzja ta' Kristu, li hu r-Ras, fil-Knisja li hi l-Ġisem tiegħu. Il-Knisja mela tippossedi u tqassam il-grazzja inviżibbli li hi tfisser. Hu f'dan is-sens analoġiku li l-Knisja tissejjaħ "sagrament".

775 "Il-Knisja, fi Kristu, hi sura ta' sagrament għax fl-istess waqt hi sinjal u strument ta*l-għaqda intima ma' Alla* u tal-għaqda flimkien tal-ġens kollu tal-bnedmin".[3] Tkun sagrament tal-għaqda intima tal-bnedmin ma' Alla: dan hu l-ewwel għan tal-Knisja. Minħabba li l-għaqda tal-bnedmin bejniethom għandha l-għeruq tagħha fl-għaqda ma' Alla, il-Knisja hi wkoll sagrament tal-għaqda flimkien tal-ġens kollu tal-bnedmin. Fil-Knisja din l-għaqda ġa bdiet isseħħ, għaliex hi ġabret il-bnedmin "minn kull ġens u tribù, minn kull poplu u lsien" *(Apok 7,9)*; fl-istess waqt il-Knisja hi "sinjal u sagrament" tas-sħuħija perfetta ta' din l-għaqda li għad trid isseħħ.

776 Bħala sagrament, il-Knisja hi strument ta' Kristu. "F'idejh hi strument ta' fidwa għall-bnedmin kollha",[4] "is-sagrament universali ta' salvazzjoni"[5] li bih Kristu "juri u jagħmel li sseħħ l-imħabba ta' Alla għall-bnedmin".[6] Hi "l-proġett li jidher tal-imħabba ta' Alla għall-ġens kollu tal-bnedmin",[7] li jrid "li l-ġens tal-bnedmin, kollu kemm hu, ikun il-il-poplu wieħed ta' Alla, miġbur fil-Ġisem wieħed ta' Kristu, mibni f'Tempju wieħed tal-Ispirtu s-Santu." [8]

## Fil-qosor

777 *Il-kelma "Knisja" tfisser "ġemgħa": hi l-ġemgħa ta' dawk li l-kelma ta' Alla sejħet biex jagħmlu l-poplu ta' Alla, li, għax jieklu l-ġisem ta' Kristu, huma stess isiru Ġisem ta' Kristu.*

778 *Il-Knisja hi fl-istess waqt it-triq u l-għan tal-pjan ta' Alla; imħabbra fil-ħolqien, imħejjija fi żmien il-Patt il-Qadim, imwaqqfa bil-*

[1] Ġwanni Pawlu II, ittra appostolika *Mulieres dignitatem*, 27.
[2] Non est enim aliud Dei mysterium nisi Christus: Santu Wistin, *Epistulae*, 187, 11 34P PL 183, 920D.
[3] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium* 1.
[4] *Ibid.* 9.
[5] *Ibid.* 48.
[6] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 45.
[7] Pawlu VI, diskors tat-22 ta' Ġunju 1973.
[8] Konċ. Vatikan II, *Ad gentes*, 7; ara *Lumen gentium*, 17.

*kliem u l-għemil ta' Ġesù Kristu, imwettqa fuq is-salib tiegħu tal-fidwa u bil-qawmien tiegħu mill-imwiet, u ntweriet bħala misteru ta' salvazzjoni bil-miġja tal-Ispirtu s-Santu. Tilħaq il-kobor sħiħ tagħha fis-sema bħala l-ġemgħa tal-mifdijin kollha tal-art.*[1]

779 *Il-Knisja hi fl-istess ħin viżibbli u spiritwali, soċjetà ġerarkika u Ġisem mistiku ta' Kristu. Hi waħda, b'żewġ elementi, uman u divin. F'dan jikkonsisti l-misteru tal-Knisja, li l-fidi biss tista' taċċetta.*

780 *Il-Knisja f'din id-dinja hi sagrament ta' salvazzjoni, sinjal u strument tal-għaqda ta' Alla mal-bnedmin.*

It-tieni paragrafu

## IL-KNISJA – POPLU TA' ALLA, ĠISEM TA' KRISTU, TEMPJU TAL-ISPIRTU S-SANTU

### I. Il-Knisja – poplu ta' Alla

781 "F'kull żmien u f'kull nazzjon, Alla jilqa' kull min għandu l-biża' tiegħu u jagħmel is-sewwa. Iżda Alla għoġbu jqaddes u jsalva l-bnedmin, mhux wieħed wieħed, bla ebda rabta bejniethom, imma ried jagħmilhom poplu li jagħrfu fil-verità u jaqdih bil-qdusija. Għalhekk għażel il-ġens ta' Israel biex ikun il-poplu tiegħu u għamel miegħu patt u għallmu bil-mod il-mod... Iżda dan kollu ma kienx ħlief tħejjija u xbieha tal-Patt Ġdid u perfett li kellu jsir bi Kristu... hu l-Patt il-Ġdid f'demmu li jsejjaħ poplu, magħmul minn Lhud u minn ġnus, ħa jinġema' f'għaqda mhux skont il-ġisem imma skont l-Ispirtu".[2]

IL-KARATTERISTIĊI TAL-POPLU TA' ALLA

782 Il-poplu ta' Alla għandu ċerti karatteristiċi li jagħżluh sewwa minn kull grupp ieħor reliġjuż, etniku, politiku u kulturali li nsibu fil-ġrajja tal-bniedem:

— Hu l-poplu *ta' Alla*. Alla proprjament mhu ta' ebda poplu. Iżda kiseb għalih poplu minn dawk li qabel ma kinux poplu: "ġens magħżul, saċerdozju regali, nazzjoni qaddis" *(1 Piet 2,9)*.

— Wieħed *isir membru* ta' dan il-poplu mhux bi twelid skont il-ġisem, imma bi "twelid mill-ġdid", mill-ilma u l-Ispirtu s-Santu" *(Ġw 3,3-5),* jiġifieri bil-fidi fi Kristu u bil-Magħmudija.

— Dan il-Poplu għandu bħala Kap (Ras) lil Ġesù l-Kristu (il-Midluk, il-Messija): minħabba li l-istess Unzjoni, l-Ispirtu s-Santu, tgħaddi mir-Ras għall-Ġisem, hu "l-Poplu messjaniku".

---

[1] Ara Apok 14,4.
[2] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 9.

— Il-*kundizzjoni* ta' dan il-Poplu hi d-dinjità u l-ħelsien ta' wlied Alla: fi qlubhom jgħammar l-Ispirtu s-Santu qisu f'tempju.

— Il-*Liġi* ta' dan il-Poplu hi l-kmandament ġdid li nħobbu bħalma ħabbna Kristu stess.[1] Hi l-liġi "ġdida" tal-Ispirtu s-Santu *(Rum 8,2; Gal 5,25)*.

— Il-*missjoni* ta' dan il-Poplu hi li jkun melħ tal-art u dawl għad-dinja.[2] "Hu, għall-ġens kollu tal-bnedmin, iż-żerriegħa l-aktar b'saħħitha ta' għaqda, ta' tama u ta' salvazzjoni".

— Id-*destin* ta' dan il-Poplu, fl-aħħar nett, hu s-Saltna ta' Alla, li nbdiet fuq l-art minn Alla stess, saltna li trid tikber dejjem aktar, sa ma fl-aħħar taż-żmien, tikseb il-kobor sħiħ tagħha minn Alla stess.[3]

POPLU SAĊERDOTALI, PROFETIKU, REGALI

783 Ġesù Kristu hu dak li l-Missier dilek bl-Ispirtu s-Santu u għamlu "Qassis, Profeta u Sultan". Il-poplu ta' Alla kollu kemm hu għandu sehem f'dawn it-tlett uffiċċji ta' Kristu, u huwa mgħobbi bir-responsabbiltajiet tal-missjoni u tal-qadi li joħorġu minnhom.[4]

784 Min jissieħeb fil-poplu ta' Alla permezz tal-fidi u l-Magħmudija, jingħatalu sehem fis-sejħa waħdanija ta' dan il-Poplu: fis-sejħa *saċerdotali* tiegħu: "Kristu l-Mulej, il-Qassis il-kbir meħud minn fost il-bnedmin, għamel mill-poplu ġdid 'saltna u qassisin għal Alla Missieru'. L-imgħammdin, bit-twelid ġdid tagħhom u l-unzjoni tal-Ispirtu s-Santu, jiġu *kkonsagrati* ħa jinbnew f'dar spiritwali, saċerdozju qaddis".[5]

785 "Il-poplu ta' Alla għandu wkoll sehem fl-uffiċċju *profetiku* ta' Kristu". Il-poplu ta' Alla hu poplu profetiku l-aktar permezz tas-sens sopranaturali tal-fidi, sens li hu proprju tal-Poplu kollu kemm hu, lajċi u ġerarkija, meta "jintrabat bis-sħiħ bla ma jonqos qatt ma' dik il-fidi li ngħatat darba għal dejjem lill-qaddisin,"[6] jifhimha aktar fil-fond, u jsir xhieda ta' Kristu f'nofs din id-dinja.

786 Il-Poplu għandu fl-aħħar nett sehem fl-uffiċċju *regali* ta' Kristu. Kristu jaqdi l-uffiċċju tiegħu ta' Sultan billi jiġbed lejh il-bnedmin kollha bil-mewt u l-qawmien tiegħu.[7] Kristu, Sultan u Sid tal-univers kollu, sar il-qaddej ta' kulħadd, għax ġie "mhux biex ikun moqdi; imma biex jaqdi u jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra" *(Mt 20,28)*. Għan-Nisrani, "issaltan ifisser taqdi"[8] lil Kristu, b'mod partikulari "fil-foqra u fl-imġarrbin li fihom il-Knisja tara x-xbieha tal-Fundatur tagħha, fqir u mġarrab".[9] Il-

[1] Ara Ġw 13,34.
[2] Ara Mt 5,13-16.
[3] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 9.
[4] Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Redemptor hominis*, 18-21.
[5] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 10.
[6] *Ibid.*, 12.
[7] Ara Ġw 12,32.
[8] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 36.
[9] *Ibid.*, 8.

poplu ta' Alla jikseb "id-dinjità regali tiegħu" billi jgħix skont is-sejħa tiegħu li jaqdi flimkien ma' Kristu.

> Lil dawk li twieldu mill-ġdid fi Kristu, is-sinjal tas-salib jagħmilhom slaten, l-unzjoni tal-Ispirtu s-Santu tikkonsagrahom bħala qassisin (iżda mhux għall-qadi partikulari tal-ministeru tagħna li hawn qed inħalluh fil-ġenb) biex l-Insara kollha li għandhom kariżma spiritwali, huma u jużaw ir-raġuni tagħhom, jagħrfu li huma membri ta' dan il-ġens regali u għandhom sehem fl-uffiċċju saċerdotali. Għaliex fl-aħħar mill-aħħar x'hemm aktar regali għar-ruħ milli tmexxi l-ġisem ħa joqgħod għal Alla? U x'hemm aktar saċerdotali milli toffri lill-Mulej kuxjenza safja u toffri fuq l-artal ta' qalbek il-vittmi bla tebgħa tat-tjieba tiegħek? [1]

## II. Il-Knisja Ġisem ta' Kristu

IL-KNISJA F'GĦAQDA MA' ĠESÙ

787 Sa mill-bidu, Ġesù sieħeb id-dixxipli tiegħu ma' ħajtu:[2] irrivelalhom il-misteru tas-Saltna;[3] tahom sehem fil-missjoni tiegħu, fil-fil-ferħ tiegħu[4] u fit-tbatijiet tiegħu.[5] Ġesù jitkellem ukoll dwar għaqda aktar intima bejnu u bejn dawk li jmorru warajh: "Ibqgħu fija u jiena nibqa' fikom... Jiena d-dielja, intom il-friegħi" *(Ġw 15,4-5)*. Iħabbar ukoll għaqda misterjuża u reali bejn il-ġisem tiegħu u l-ġisem tagħna: "Min jiekol ġismi u jixrob demmi jibqa' fija u jiena fih" *(Ġw 6,56)*.

788 Meta mbagħad Ġesù ttieħed minn mad-dixxipli, ma ħallihomx iltiema.[6] Wegħedhom li se jibqa' magħhom sal-aħħar taż-żmien.[7] Bagħtilhom l-Ispirtu tiegħu.[8] L-għaqda ma' Ġesù saret, b'xi mod, aktar qawwija. "Huwa u jagħti l-Ispirtu tiegħu lil ħutu, li ġabar minn fost il-ġnus kollha, għamilhom mistikament Ġismu".[9]

789 It-tqabbil tal-Knisja mal-ġisem jagħti dawl lir-rabta intima bejn il-Knisja u Kristu. Il-Knisja mhijiex biss miġbura *madwaru*, imma hi wkoll magħquda *miegħu* f'Ġismu. Hemm tlett aspetti fil-Knisja, Ġisem ta' Kristu, li ta' min jitkellem dwarhom b'mod speċifiku: l-għaqda tal-membri kollha bejniethom permezz tal-għaqda tagħhom fi Kristu; Kristu Ras tal-Ġisem tiegħu; il-Knisja l-Għarusa ta' Kristu.

"ĠISEM WIEĦED"

790 Min jemmen u jwieġeb għall-kelma ta' Alla jsir membru tal-Ġisem ta' Kristu: "F'dan il-Ġisem il-ħajja ta' Kristu tinxtered f'dawk li jemmnu li, permezz tas-sagramenti, b'mod veru u misterjuż, jingħaqdu

[1] San Ljun il-Kbir, *Sermones*, 4, 1: PL 54, 149.
[2] Ara Mk 1,16-20; 3,13-19.
[3] Ara Mt 13,10-17.
[4] Ara Lq 10,17-20.
[5] Ara Lq 22,28-30.
[6] Ara Ġw 14,18.
[7] Ara Mt 28,20.
[8] Ara Ġw 20,22; Atti 2,33.
[9] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 7.

ma' Kristu jbati u gglorifikat".[1] Dan hu veru b'mod partikulari għall-Magħmudija li biha aħna ningħaqdu mal-mewt u l-qawmien ta' Kristu,[2] u għall-Ewkaristija, li biha "aħna u nieħdu tassew sehem mill-ġisem ta' Kristu", "nintrefgħu għall-għaqda miegħu u bejnietna".[3]

791 Għalkemm aħna ġisem wieħed, nibqgħu ħafna membri. "Fil-bini tal-Ġisem ta' Kristu hemm ħafna membri u ħafna ministeri. Wieħed hu l-Ispirtu li jqassam varjetà ta' doni għall-ġid tal-Knisja skont l-għana u l-ħtiġijiet tal-qadi tagħha".[4] L-għaqda tal-Ġisem mistiku ġġib u tqanqal l-imħabba fost il-fidili. "Hekk, jekk membru jbati, ibatu miegħu l-membri kollha; jekk membru jingħata ġieħ, jifirħu miegħu l-membri kollha".[5] Fl-Fl-aħħar nett, l-għaqda tal-Ġisem mistiku ġġib rebħa sħiħa fuq il-firdiet kollha tal-bnedmin: "Intom, li intom mgħammdin fi Kristu, ilbistu 'l Kristu. Issa ma hemmx iżjed Lhudi u anqas Grieg, ma hemmx ilsir u anqas ħieles, ma hemmx raġel anqas mara, għax intom ilkoll ħaġa waħda fi Kristu Ġesù" *(Gal 3,27-28)*.

"TA' DAN IL-ĠISEM, KRISTU HU R-RAS"

792 Kristu "hu r-Ras tal-Ġisem, li hu l-Knisja" *(Kol 1,18)*. Hu s-Sultan, bidu tal-ħolqien u tal-fidwa. Imtella' fil-glorja tal-Missier, "hu l-ewwel f'kollox" *(Kol 1,18)*, u l-iktar fil-Knisja li biha jwassal is-saltna tiegħu fuq kollox.

793 *Iseħibna fil-misteru tal-Għid tiegħu.* Il-membri kollha jridu jħabirku biex ikunu jixbhuh "sakemm Kristu jissawwar fihom" *(Gal 4,19)*. "Għalhekk ġejna mdaħħlin fil-misteri ta' ħajtu ...imseħbin fit-tbatijiet tiegħu, bħalma l-ġisem mar-Ras, ningħaqdu fit-tbatijiet tiegħu ħa niġu gglorifikati miegħu".[6]

794 *Iġib 'il quddiem il-kobor tagħna*.[7] Biex nikbru fih, ir-Ras tagħna,[8] tagħna,[8] Kristu ħejja fil-Ġisem tiegħu, il-Knisja, id-doni u l-ministeri li bihom ngħinu 'l xulxin fit-triq tas-salvazzjoni.

795 Kristu u l-Knisja jagħmlu *"Kristu sħiħ" ["Christus totus"]*: il-Knisja hi ħaġa waħda ma' Kristu. Il-qaddisin jafu tajjeb din l-għaqda:

> Nifirħu u nroddu ħajr għal dak li sirna, mhux biss li sirna Nsara, imma li sirna Kristu nnifsu. Tifhmu, ħuti, xi grazzja tana Alla, meta tana 'l Kristu bħala Ras? Ammiraw u ifirħu: aħna sirna Kristu. La hu r-Ras u aħna l-membri tiegħu, il-bniedem sħiħ hu aħna u hu... Kristu sħiħ mela hu r-Ras u l-membri: x'jiġifieri r-Ras u l-membri? Kristu u l-Knisja.[9]

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 7.
[2] Ara Rum 6,4-5; 1 Kor 12,13.
[3] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 7.
[4] *Ibid.*
[5] *Ibid.*
[6] *Ibid.*
[7] Ara Kol 2,19.
[8] Ara Ef 4,11-16.
[9] Santu Wistin, *In Evangelium Johannis tractatus*, 21, 8.

Il-Feddej tagħna wera ruħu bħala wieħed u l-istess persuna bħalma hi l-Knisja li magħha ntrabat.[1]

Ir-Ras u l-membri qishom persuna waħda mistika.[2]

Frażi li Santa Ġovanna d'Arko qalet lill-imħallfin tagħha, tiġbor fiha l-fidi tad-Dutturi qaddisa u s-sentimenti tajba ta' min jemmen: "Dwar Ġesù Kristu u l-Knisja jidhirli li flimkien jagħmlu ħaġa waħda, u fuq dan m'hemmx għalfejn tinħoloq xi diffikultà".[3]

IL-KNISJA HI L-GĦARUSA TA' KRISTU

796 L-għaqda ta' Kristu u l-Knisja, l-għaqda tar-Ras u l-membri tal-Ġisem, turi wkoll għażla bejniethom f'dawk li huma r-relazzjonijiet personali ma' xulxin. Dan l-aspett hu spiss imfisser bix-xbieha tal-għarus u l-għarusa. Ix-xbieha ta' Kristu għarus tal-Knisja tħejjiet mill-profeti u tħabbret minn San Ġwann Battista.[4] Il-Mulej innifsu sejjaħ lilu nnifsu "l-Għarus".[5] L-Appostlu jxebbah il-Knisja u kull fidil, membru tal-tal-Ġisem ta' Kristu, ma' Għarusa "mgħarrsa" mal-Mulej Ġesù, biex miegħu tkun ruħ waħda.[6] Il-Knisja hi l-Għarusa bla tebgħa tal-Ħaruf bla tebgħa[7] li Kristu "ħabb u ta ħajtu għaliha biex iqaddisha" *(Ef 5,26)* u seħibha miegħu b'Patt għal dejjem, u ma jieqaf qatt jieħu ħsiebha bħala Ġismu stess:[8]

Araw il-Kristu sħiħ, ras u ġisem, wieħed magħmul minn ħafna... Kemm jekk titkellem ir-Ras, u kemm jekk il-membri, hu Kristu li jkun qed jitkellem. Jitkellem kemm bħala r-Ras *("ex persona capitis")* u kemm bħala l-ġisem *("ex persona corporis").* Skont kif hemm miktub: "u jsiru t-tnejn ġisem wieħed. Dan il-misteru – qiegħed ngħid għal Kristu u l-Knisja – huwa kbir!" *(Ef 5,31-32*). U l-Mulej fl-Evanġelju jgħid: "Mhumiex iżjed tnejn, imma ġisem wieħed" *(Mt 19,6).* Kif rajtu, hemm żewġ persuni differenti, u madankollu, it-tnejn huma ġisem wieħed fir-rabta taż-żwieġ... *Bħala ras isejjaħ lilu nnifsu "għarus", u bħala ġisem isejjaħ lilu nnifsu "għarusa".*[9]

## III. Il-Knisja – Tempju tal-Ispirtu s-Santu

797 "Dak li l-ispirtu tagħna, jiġifieri ruħna, hu għall-membri ta' ġisimna, l-Ispirtu s-Santu hu għall-membri ta' Kristu, għall-Ġisem ta' Kristu, li hu l-Knisja".[10] "Hu l-Ispirtu ta' Kristu, qisu prinċipju moħbi, li jorbot flimkien il-membri kollha tal-Ġisem, kemm bejniethom u kemm mar-Ras tagħhom, għax jinsab kollu kemm hu fir-Ras, kollu kemm hu

[1] Redemptor noster unam se personam cum sancta Ecclesia, quam assumpsit, exhibuit: San Girgor il-Kbir, *Moralia in Job, praefatio,* 1, 6, 4: PL 75, 525A.
[2] Caput et membra quasi una persona mystica: San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae,* 3, 48, 2, ad 1.
[3] Santa Ġovanna d'Arko, Atti tal-proċess tagħha.
[4] Ara Ġw 3,29.
[5] Mk 2,19; ara Mt 22,1-14;25,1-13.
[6] Ara 1 Kor 6,15-17; 2 Kor 11,2.
[7] Ara Apok 22,17; Ef 1,4; 5,27.
[8] Ara Ef 5,29.
[9] Santu Wistin, *Enarratio in Psalmos,* 74, 4.
[10] Quod est spiritus noster, id est anima nostra, adad membra nostra, hos est Spiritus Sanctus ad membra Christi, ad corpus Christi, quod est Ecclesia: Santu Wistin, *Sermones,* 267, 4: PL 38, 1213D

fil-Ġisem, kollu kemm hu f'kull wieħed mill-membri tiegħu".[1] L-Ispirtu s-Santu jagħmel il-Knisja "Tempju ta' Alla l-ħaj":[2]

> Lill-Knisja stess ġie fdat id-Don ta' Alla... Fiha qiegħda l-għaqda ma' Kristu, jiġifieri l-Ispirtu s-Santu, rahan tan-nuqqas ta' taħsir, twettiq tal-fidi tagħna, sellum biex nitilgħu fis-sema... għax fejn hemm l-Ispirtu ta' Alla, hemm il-Knisja; fejn hemm il-Knisja, hemm il-grazzja kollha.[3]

798 L-Ispirtu s-Santu hu "l-bidu ta' kull ħidma ħajja li tassew twassal għas-salvazzjoni f'kull wieħed mill-membri tal-Ġisem".[4] B'ħafna B'ħafna manjieri jibni l-Ġisem kollu fl-imħabba:[5] bil-kelma ta' Alla, "li għandha l-qawwa li tibni" *(Atti 20,32)*; bil-magħmudija, li biha (l-Ispirtu) jsawwar il-Ġisem ta' Kristu;[6] bis-sagramenti, li jagħtu kobor u fejqan lill-membri ta' Kristu; "permezz tal-grazzja li ngħatat lill-Appostli, li hi l-ewwel fost id-doni tiegħu";[7] bil-virtujiet, li jġegħeluna nagħmlu dak li hu tajjeb; u fl-aħħar nett bil-ħafna grazzji speċjali, imsejħa "kariżmi", li "bihom jagħmel il-fidili kapaċi u lesti biex jidħlu għal kull xorta ta' ħidmiet u ta' ministeri li jiswew għat-tiġdid u għall-kobor tal-Knisja".[8]

IL-KARIŻMI

799 Il-kariżmi, kemm dawk straordinarji u kemm dawk sempliċi u ċkejknin, huma grazzji tal-Ispirtu s-Santu li, direttament jew indirettament, huma ta' siwi għall-Knisja, għax jingħataw għall-bini tal-Knisja, għall-ġid tal-bnedmin, u għall-ħtiġijiet tad-dinja.

800 Il-kariżmi għandhom jiġu milqugħin b'radd ta' ħajr mhux biss minn min jirċevihom, imma mill-membri kollha tal-Knisja. Huma għana tassew tal-għaġeb tal-grazzja għall-ħajja tal-appostolat u għall-qdusija tal-Ġisem kollu ta' Kristu, basta jkunu doni li ġejjin tassew mill-Ispirtu s-Santu u jintużaw dejjem skont ma jkun qiegħed verament inebbaħ l-istess Spirtu, jiġifieri skont l-imħabba li hu l-qies veru tal-kariżmi *(1 Kor 13)*.

801 Hu f'dan is-sens li dejjem jeħtieġ li jkun hemm dixxerniment u għażla dwar il-kariżmi. L-ebda kariżma ma tneħħi l-obbligu li wieħed iħares lejn r-Ragħajja tal-Knisja "li hi kompetenza tagħhom, mhux li jxekklu l-Ispirtu, imma li jippruvaw kollox u t-tajjeb iżommuh"[9] biex il-kariżmi kollha flimkien, bid-diversità u l-kumplimentarjetà tagħhom, jaħdmu "għall-ġid ta' kulħadd" *(1 Kor 12,7)*.[10]

---

[1] Piju XII, enċiklika *Mystici Corporis:* Denzinger-Schonmetzer, 3803.
[2] 2 Kor 6,16; ara 1 Kor 3,16-17; Ef 2,21.
[3] S. Irinew, *Adversus haereses*, 3, 24, 1.
[4] Piju XII, enċiklika *Mystici Corporis:* Denzinger-Schonmetzer, 3808.
[5] Ara Ef 4,16.
[6] Ara 1 Kor 12,13.
[7] Konċ. Vatikan II, *Lumen Gentium*, 7.
[8] *Ibid.* 121 ara *Apostolicam actuositatem*, 3.
[9] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 7.
[10] Ara *Ibid.* 30; Ġwanni Pawlu II eżortazzjoni appostolika *Christifideles laici*, 24.

**Fil-qosor**

802 *"Kristu ta lilu nnifsu għalina biex jifdina minn kull ħażen u jnaddafna u jagħmel minna poplu għalih"* (Titu 2,14).

803 *"Intom ġens maħtur, saċerdozju regali, nazzjon qaddis, poplu li Alla kiseb għalih"* (1 Piet 2,9).

804 *Wieħed jingħaqad mal-poplu ta' Alla bil-fidi u bil-Magħmudija. "Il-bnedmin kollha huma msejħin biex jingħaqdu mal-poplu ta' Alla"*[1] *biex, biex, fi Kristu, "il-bnedmin ikunu familja waħda u l-poplu wieħed ta' Alla".*[2]

805 *Il-Knisja hi l-Ġisem ta' Kristu. Permezz tal-Ispirtu u l-ħidma tiegħu fis-sagramenti u l-aktar fl-Ewkaristija, Kristu mejjet u rxoxt, jagħmel Ġisem tiegħu x-xirka ta' dawk li jemmnu.*

806 *Fil-Ġisem wieħed hemm ħafna membri u ministeri. Il-membri kollha huma marbutin ma' xulxin, b'mod partikulari ma' dawk li qed ibatu u li huma foqra u ppersegwitati.*

807 *Il-Knisja hi l-Ġisem li tiegħu Kristu hu r-Ras: hi tgħix bih, fih u għalih. Hu jgħix magħha u fiha.*

808 *Il-Knisja hi l-Għarusa ta' Kristu. Hu ħabbha u ta lilu nnifsu għaliha. Saffieha b'demmu. Għamilha omm li tnissel l-ulied kollha ta' Alla.*

809 *Il-Knisja hi t-Tempju tal-Ispirtu s-Santu. L-Ispirtu qisu hu r-ruħ tal-Ġisem mistiku, il-prinċipju ta' ħajjitha, tal-għaqda flimkien tal-ħafna membri tagħha, u tal-għana tad-doni u l-kariżmi tagħha.*

810 *Hekk il-Knisja universali tidher bħala "Poplu miġbur flimkien ġej mill-għaqda tal-Missier, u tal-Iben, u tal-Ispirtu s-Santu".*[3]

It-tielet paragrafu

## IL-KNISJA HI WAĦDA, QADDISA, KATTOLIKA U APPOSTOLIKA

811 "Din hi l-Knisja waħda ta' Kristu, li fis-Simbolu nistqarru li hi waħda, qaddisa, kattolika u appostolika".[4] Dawn l-erba' attributi tal-Knisja, marbutin b'rabta bejniethom li ma tiġi nieqsa qatt,[5] juru l-

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 13.
[2] Konċ. Vatikan II, *Ad gentes*, 1.
[3] San Ċiprijan: Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 4.
[4] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 8.
[5] Ara Kongr. Ghad-Duttrina tal-Fidi, ittra lill-Isqfijiet tal-Ingilterra, 16 ta' Settembru 1864, Denzinger -Schonmetzer, 2889.

karatteristiċi essenzjali tal-Knisja u tal-missjoni tagħha. Dawn l-attributi mhumiex tal-Knisja minnha nfisha, imma kien Kristu, permezz tal-Ispirtu s-Santu, li għamel il-Knisja waħda, qaddisa, kattolika u appostolika, u hu wkoll isejħilha biex tara li jseħħu dawn l-attributi tagħha.

812 Il-fidi biss tista' tara li dawn il-kwalitajiet tal-Knisja ġewha mingħand Alla. Dawn il-kwalitajiet kif jidhru fl-istorja tal-Knisja huma wkoll sinjali ċari ħafna li jkellmu r-raġuni tal-bniedem. "Il-Knisja", ifakkarna l-Konċilju Vatikan I, "minħabba l-qdusija tagħha, minħabba l-għaqda kattolika tagħha, minħabba l-kostanza qatt mirbuħa tagħha, hi minnha nfisha raġuni mill-aqwa u dejjiema ta' kredibbiltà u prova li ma tista' titwaqqa' qatt tal-missjoni divina tagħha".[1]

## I. Il-Knisja hi waħda

"IL-MISTERU QADDIS TAL-UNITÀ TAL-KNISJA"[2]

813 *Il-Knisja hi waħda għax hekk hu l-bidu tagħha:* "L-ogħla mudell u l-prinċipju ta' dan il-misteru hu l-misteru tat-Tliet Persuni f'Alla wieħed, il-Missier u l-Iben u l-Ispirtu s-Santu".[3] Il-Knisja hi waħda *għax hekk riedha l-Fundatur tagħha:* "L-Iben ta' Alla magħmul bniedem bis-salib tiegħu ħabbeb mill-ġdid il-bnedmin kollha ma' Alla, waqqaf mill-ġdid l-għaqda tal-bnedmin kollha f'Poplu wieħed u f'Ġisem wieħed".[4] Il-Knisja hi waħda *għax hekk hi mir-"ruħ" tagħha:* "L-Ispirtu s-Santu li jgħammar f'dawk kollha li jemmnu u jimla u jmexxi l-Knisja kollha, iġib dik l-għaqda tal-għaġeb bejn il-fidili kollha, u jgħaqqad b'mod intimu lilhom kollha ma' Kristu, li minnu ġej li l-Knisja hi waħda".[5] Hu proprju tal-essenza stess tal-Knisja li tkun waħda:

> "X'misteru tal-għaġeb! Hemm Missier wieħed tal-univers kollu, Logos wieħed tal-univers, u Spirtu s-Santu wieħed ukoll, l-istess kullimkien: hemm ukoll Verġni waħda li saret omm, u nħobb insejħilha Knisja".[6]

814 Sa mill-bidu din il-Knisja waħda, turi ruħha b'ħafna *diversitajiet* kbar li ġejjin, fl-istess ħin, mill-varjetà tad-doni ta' Alla u mill-għadd kbir ta' persuni li jirċevuhom. Fl-għaqda u l-unità tal-poplu ta' Alla jinġabru għadd ta' popli u kulturi differenti. Fost il-membri tal-Knisja hemm diversità kbira ta' doni, ta' uffiċċji, ta' kundizzjonijiet, u ta' suriet ta' ħajja, u "fi ħdan ix-xirka tal-Knisja, jeżistu leġittimament Knejjes partikulari li jgawdu t-tradizzjonijiet proprji tagħhom".[7] Dan l-għana kollu ta' diversitajiet mhuwiex kontra l-unità tal-Knisja. Iżda d-dnub u t-toqol tal-konsegwenzi tiegħu jheddu kontinwament id-don tal-għaqda.

[1] Konċ. Vatikan I: Denzinger-Schonmetzer, 3013.
[2] Konċ. Vatikan II, *Unitatis redintegratio*, 2.
[3] *Ibid.*
[4] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 78.
[5] Konċ. Vatikan II, *Unitatis redintegratio*, 2.
[6] Klement ta' Lixandra, *Paedagogus*, 1, 6.
[7] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 13.

Għalhekk l-Appostlu stess iħeġġeġ biex "inżommu spirtu wieħed bir-rabta tas-sliem" *(Ef 4,3)*.

815 Liema huma r-rabtiet li jġibu din l-unità? "Fuq kollox l-imħabba, li hi l-qofol tal-perfezzjoni" *(Kol 3,14)*. Iżda l-unità tal-Knisja, fil-mixi tagħha f'din id-dinja, hi żgurata wkoll minn rabtiet jidhru ta' għaqda:

— l-istqarrija ta' fidi waħda li ġejja mill-Appostli;

— iċ-ċelebrazzjoni komuni ta' kult divin, l-aktar tas-sagramenti;

— is-suċċessjoni appostolika permezz tas-sagrament tal-Ordni, li żżomm l-għaqda bejn l-aħwa fil-familja ta' Alla.[1]

816 "Il-Knisja waħda ta' Kristu... hi dik li l-Feddej tagħna, wara l-qawmien tiegħu mill-imwiet, fdaha lil San Pietru biex jirgħaha, u lill-Appostli l-oħra biex ixandruha u jmexxuha ... Din il-Knisja, bħala soċjetà kostitwita u organizzata, fid-dinja tinsab *(subsistit in)* fil-Knisja Kattolika mmexxija mis-suċċessur ta' San Pietru u mill-isqfijiet li huma f'għaqda miegħu":[2]

> Id-Digriet dwar l-Ekumeniżmu tal-Konċilju Vatikan II dan ifissru hekk: `"Biss permezz tal-Knisja Kattolika ta' Kristu, li hi l-mezz tas-salvazzjoni għal kulħadd, jistgħu jinkisbu l-mezzi kollha għas-salvazzjoni, għax aħna nemmnu li l-Mulej ried jafda lill-kulleġġ biss tal-Appostli, li tiegħu San Pietru hu l-kap, il-ġid kollu tal-Patt il-Ġdid, biex fuq l-art jitwaqqaf il-Ġisem wieħed ta' Kristu li fih iridu jissieħbu dawk kollha li b'xi mod ġa jagħmlu sehem mill-poplu ta' Alla".[3]

IL-ĠRIEHI TAL-UNITÀ

817 Fil-fatt, "f'din il-Knisja waħda ta' Alla, sa mill-bidu dehru xi firdiet li l-Appostlu jikkundanna għax jistħoqqilhom li jiġu kkundannati. Matul is-sekli ta' wara nibtu firdiet aktar kbar, u komunitajiet mhux żgħar ta' Nsara nfirdu mix-xirka tal-Knisja Kattolika, xi kultant mhux mingħajr il-ħtija kemm ta' naħa u kemm tal-oħra".[4] Il-firdiet li ġabu ġrieħi fl-unità tal-Ġisem ta' Kristu (fi kliem ieħor: l-ereżija, l-apostasija u x-xiżma)[5] ma kinux ħielsa mid-dnubiet tal-bnedmin:

> Fejn hemm id-dnub hemm issib it-tkattir tiegħu, hemm issib ix-xiżma, hemm issib l-ereżija, hemm issib il-ġlied. Għall-kuntrarju, fejn hemm il-virtù, hemm issib l-umiltà, issib l-għaqda, li tagħmel minn dawk kollha li jemmnu qalb waħda u ruħ waħda".[6]

818 Dawk li llum jitwieldu f'dawn il-komunitajiet li ħarġu minn dawn il-firdiet u "li jgħixu l-fidi fi Kristu, ma jistgħux jiġu mixlija bid-

[1] Konċ. Vatikan II, *Unitatis redintegratio*, 2; *Lumen gentium*, 14; CIC Kan, 205.
[2] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 8.
[3] Konċ. Vatikan II, *Unitatis redintegratio*, 3.
[4] *Ibid*.
[5] Ara CIC kan 751.
[6] Ubi peccata sunt, ibi est multitude, ibi schismata, ibi haereses, ibi discussions. Ubi autem virtus, ibi singularitas, ibi unio, ex quo omnium credentium erat cor unum et anima una: Origene, *Homiliae in Ezechielem*, 9, 1.

dnub tal-firda, u l-Knisja Kattolika tirrispettahom bħal aħwa u turihom mħabba… Iġġustifikati permezz tal-fidi li rċevew fil-Magħmudija, u magħqudin mal-Ġisem ta' Kristu, bir-raġun kollu jissejħu Nsara, u wlied il-Knisja Kattolika bid-dritt kollu jagħrfuhom bħala ħuthom fil-Mulej".[1]

819 Barra dan, "ħafna elementi ta' qdusija u ta' verità"[2] jinsabu barra l-limiti li jidhru tal-Knisja Kattolika: "il-kelma ta' Alla miktuba, il-ħajja tal-grazzja, il-fidi, it-tama u l-imħabba, doni oħra interjuri tal-Ispirtu s-Santu, u elementi oħra li jidhru".[3] L-Ispirtu ta' Kristu jinqeda b'dawn il-Knejjes u b'dawn il-komunitajiet ekkleżjali bħala mezzi ta' salvazzjoni, li jiksbu l-qawwa tagħhom mill-milja tal-grazzja u tal-verità li Kristu ried jafda lill-Knisja Kattolika. "Dan il-ġid kollu jiġi minn Kristu u jwassal għandu,"[4] u minnu nnifsu jitlob "l-unità Kattolika".[5]

LEJN L-GĦAQDA

820 Kristu "ta l-għaqda lill-Knisja tiegħu sa mill-bidu. Aħna nemmnu li din l-għaqda tinsab b'mod li ma jista' jiġi nieqes qatt fil-Knisja Kattolika, u nittamaw li tkompli tikber minn jum għal ieħor sat-tmiem taż-żminijiet".[6] Kristu dejjem jagħti d-don tal-għaqda lill-Knisja tiegħu, iżda l-Knisja trid dejjem titlob u titħabat biex iżżommu, issaħħu, ħa ġġib l-għaqda li Kristu jrid li jkollha. Hu għal din l-għaqda li Kristu talab fis-siegħa tal-Passjoni tiegħu, u ma jieqaf qatt jitlob lill-Missier għall-għaqda fost id-dixxipli tiegħu…" "Nitolbok li jkunu lkoll ħaġa waħda: kif inti fija, Missier, u jiena fik, ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina biex hekk id-dinja temmen li inti bgħattni" *(Ġw 17,21)*. Ix-xewqa għall-għaqda tal-Insara kollha hi don ta' Kristu u sejħa tal-Ispirtu s-Santu.[7]

821 Biex ikun hemm tweġiba xierqa għal dan, jeħtieġ:

— *tiġdid* li ma jaqtax tal-Knisja fil-fedeltà dejjem akbar lejn is-sejħa tagħha. Dan it-tiġdid hu l-qawwa tal-moviment lejn l-għaqda;[8]
— *il-konverżjoni tal-qalb* "biex wieħed jgħix l-Evanġelju b'mod aktar safi,"[9] għaliex hu n-nuqqas ta' fedeltà għad-don ta' Kristu tal-membri tiegħu li joħloq il-firdiet;
— *it-talb flimkien,* għax "il-konverżjoni tal-qalb u l-qdusija tal-ħajja, flimkien mat-talb pubbliku u privat għall-għaqda tal-Insara, għandhom jitqiesu bħala r-ruħ ta' kull ekumeniżmu, u bid-dritt kollu jistgħu jissejħu ekumeniżmu spiritwali".[10]
— *l-għarfien ta' xulxin bħala aħwa*;[11]
— *il-formazzjoni ekumenika* tal-Insara, speċjalment tas-saċerdoti;[12]
— *id-djalogu* bejn it-teoloġi u l-laqgħat bejn l-Insara ta' Knejjes u

[1] Konċ. Vatikan II, *Unitatis redintegratio,* 3.
[2] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 8.
[3] Konċ. Vatikan II, *Unitatis redintegratio,* 3; ara *Lumen gentium,*15.
[4] Konċ. Vatikan II, *Unitatis redintegratio,* 3.
[5] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 8.
[6] Konċ. Vatikan II, *Unitatis redintegratio,* 4.
[7] Ara *ibid.,* 1.
[8] *Ibid.,* 6
[9] Ara *ibid.,* 7.
[10] *Ibid.,* 8.
[11] Ara *ibid.,* 9.
[12] *Ibid.,*10.

komunitajiet differenti;[1]
— *il-ħidma flimkien* tal-Insara fl-oqsma kollha tas-servizz lill-bnedmin.[2]

822 Il-ħerqa għall-għaqda "għandha tkun il-ħerqa tal-Knisja kollha, tal-fidili u tar-ragħajja".[3] Iżda wieħed għandu wkoll "jifhem li dan il-proġett qaddis, jiġifieri r-rikonċiljazzjoni tal-Insara kollha fl-għaqda tal-Knisja waħda ta' Kristu, hu 'l fuq minn kull setgħa u kull ħila tal-bniedem". Hu għalhekk li nqiegħdu t-tamiet kollha tagħna "fit-talb ta' Kristu għall-Knisja tiegħu, fl-imħabba tal-Missier għalina, u fil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu".[4]

## II. Il-Knisja hi qaddisa

823 "Il-Knisja... għall-għajnejn tal-fidi hi qaddisa u bla tebgħa. Kristu, l-Iben ta' Alla, li flimkien mal-Missier u mal-Ispirtu, hu "waħdu qaddis", ħabb il-Knisja bħala l-għarusa tiegħu, u ta lilu nnifsu għaliha biex iqaddisha, u għaqqadha miegħu bħala Ġismu, u mlieha bid-don tal-Ispirtu s-Santu għall-glorja ta' Alla".[5] Il-Knisja, mela, hi "l-poplu qaddis ta' Alla",[6] u l-membri tagħha jissejħu "qaddisin".[7]

824 Il-Knisja, magħquda ma' Kristu, hi mqaddsa minnu; bih u fih hi tqaddes ukoll. "L-għemil kollu tal-Knisja għandu bħala għan il-qdusija tal-bnedmin fi Kristu u l-glorifikazzjoni ta' Alla".[8] Hu fil-Knisja li tinsab "il-milja tal-mezzi kollha tas-salvazzjoni".[9] Fiha "aħna niksbu l-qdusija bil-grazzja ta' Alla".[10]

825 "Il-Knisja fuq l-art hi mżejna bi qdusija tassew, għalkemm mhux perfetta".[11] Fil-membri tagħha, il-qdusija perfetta għad trid tinkiseb. "Mogħnijin b'tant u tant mezzi ta' salvazzjoni, dawk kollha li jemmnu fi Kristu, ta' kull qagħda u kull kundizzjoni, kull wieħed skont is-sejħa tiegħu, huma msejħin għal dik il-perfezzjoni ta' qdusija li biha l-Missier innifsu hu perfett".[12]

826 *L-imħabba* hi r-ruħ tal-qdusija li għaliha kulħadd hu msejjaħ. "L-imħabba tmexxi l-mezzi kollha tal-qdusija, tagħtihom is-sura tagħha, u twassalhom għall-għan tagħhom":[13]

> Jiena fhimt li jekk il-Knisja għandha ġisem, magħmul minn membri differenti, żgur ma kinitx nieqsa mill-membru l-aktar meħtieġ, l-aktar nobbli

1 Ara *ibid.* 4, 9, 11.
2 Konċ. Vatikan II, *Unitatis redintegratio,* 12.
3 *Ibid.,* 5.
4 Konċ. Vatikan II, *Unitatis redintegratio,* 24.
5 Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 39.
6 *Ibid.,* 12.
7 Ara Atti 9,13; 1 Kor 6,1; 16,1.
8 Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium,* 10.
9 Konċ. Vatikan II, *Unitatis redintegratio,* 3.
10 Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 48.
11 *Ibid.,* 48.
12 *Ibid.,* 11.
13 *Ibid.,* 42.

> fost il-membri kollha; fhimt li l-Knisja għandha *qalb u li din il-qalb THEĠĠEĠ BL-IMĦABBA*. Fhimt li *l-Imħabba biss* tqanqal għall-ħidma l-membri tal-Knisja, li jekk l-Imħabba kellha tiġi nieqsa, l-Appostli ma kinux ikomplu jħabbru aktar l-Evanġelju, il-Martri ma kinux ixerrdu aktar demmhom… Fhimt li *L-IMHABBA TIĠBOR FIHA L-VOKAZZJONIJIET KOLLHA, LI L-IMHABBA HI KOLLOX, LI THADDAN KULL ŻMIEN U KULL IMKIEN… F'KELMA WAHDA, HI ETERNA.*[1]

827 "Waqt li Kristu hu qaddis, innoċenti, safi, li ma jafx x'inhu dnub, iżda ġie biex ipatti għad-dnubiet tal-poplu, il-Knisja, li fi ħdanha *tħaddan il-midinbin,* hi fl-istess ħin qaddisa, imma trid dejjem tissaffa billi bla heda tiġġedded u tagħmel penitenza".[2] Il-membri kollha tal-Knisja, il-ministri tagħha wkoll, iridu jagħrfu li huma midinbin.[3] F'kulħadd, is-sikrana tad-dnub hi mħallta mal-qamħ tajjeb tal-Evanġelju sal-aħħar taż-żminijiet.[4] Il-Knisja għalhekk tiġbor flimkien lill-midinbin salvati minn Kristu, iżda li għadhom dejjem mexjin fit-triq tal-qdusija:

> Il-Knisja hi qaddisa, minkejja li fi ħdanha hemm il-midinbin, għax hi stess ma għandhiex triq oħra ħlief it-triq tal-grazzja. Il-membri tagħha jitqaddsu jekk jgħixu l-ħajja tagħha. Meta jitbiegħdu mill-ħajja tagħha, huma jaqgħu fid-dnub u fid-diżordni, li jfixklu t-tixrid tal-qdusija. Għalhekk hi ssofri u tagħmel penitenza għal dawn il-ħtijiet, li għandha s-setgħa li tfejjaq 'l uliedha minnhom bid-demm ta' Kristu u bid-don tal-Ispirtu s-Santu.[5]

828 Meta *tikkanonizza* xi fidili, jiġifieri meta tipproklama solennement li dawn il-fidili ħarsu l-virtujiet kollha b'mod erojku u għexu b'fedeltà sħiħa l-grazzja ta' Alla, il-Knisja tkun tagħraf l-Ispirtu tal-qdusija li jinsab fiha u ssaħħaħ it-tama tal-Insara hija u tagħtihomlhom bħala eżempji għalihom u bħala dawk li jidhru għalihom quddiem Alla. "Il-qaddisin, irġiel u nisa, dejjem kienu l-għajn u l-bidu ta' tiġdid fil-mumenti l-aktar diffiċli tal-istorja tal-Knisja".[6] Fil-fatt, "il-qdusija hi l-għajn moħbija u l-qies eżatt tal-ħidma appostolika tagħha u tal-ħeġġa missjunarja tagħha"[7]

829 "Waqt li l-Knisja laħqet fil-Verġni mbierka l-perfezzjoni, li biha hi bla tebgħa u bla tikmixa, il-fidili għadhom jitħabtu biex jirbħu d-dnub u jikbru fil-qdusija, u għal dan l-iskop huma jgħollu għajnejhom lejn Marija";[8] fiha l-Knisja hi ġa kollha kemm hi qaddisa.

## III. Il-Knisja hi Kattolika

X'JIĠIFIERI "KATTOLIKA"?

830 Il-kelma "kattolika" tfisser "universali", kemm fit-"totalità" u kemm fl-"integralità" tagħha. Il-Knisja hi kattolika f'dawn iż-żewġ sensi:

---

[1] Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, *Storja ta' Ruħ* B 3v.
[2] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 8; ara *Unitatis redintegratio*, 3; 6.
[3] Ara 1 Ġw 1,8-10.
[4] Ara Mt 11,24-30.
[5] Pawlu VI: Kredu tal-Poplu ta' Alla, 19.
[6] Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika *Christifideles laici*, 16, 3.
[7] *Ibid.*, 17, 3.
[8] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 65.

Hi Kattolika għax Kristu jinsab fiha. "Fejn hemm Kristu Ġesù, hemm tinsab il-Knisja Kattolika".[1] Fiha hemm il-milja tal-Ġisem kollu ta' Kristu magħqud mar-Ras,[2] u dan ifisser li tirċievi mingħand Kristu "l-mezzi li jwasslu għas-salvazzjoni fil-milja kollha tagħhom"[3] illi Kristu ried li jkollha, jiġifieri l-istqarrija sħiħa u vera tal-fidi, ħajja sagramentali nieqsa minn xejn, u ministeru ordnat b'suċċessjoni appostolika. F'dan is-sens fundamentali, il-Knisja ġa kienet Kattolika dak inhar ta' Għid il-Ħamsin, u hekk tibqa' sa Jum il-Parusija, sa jum il-miġja tal-Mulej fil-glorja.

831 Il-Knisja hi Kattolika għaliex Kristu taha l-missjoni li tmur għand il-ġnus kollha tal-bnedmin:[4]

> Il-ġnus kollha huma msejħin ħa jkunu fil-poplu ġdid ta' Alla. Għalhekk dan il-poplu li jibqa' dejjem wieħed waħdu, għandu jinxtered fid-dinja kollha matul iż-żminijiet, biex isseħħ ir-rieda ta' Alla, li fil-bidu ħalaq natura waħda tal-bniedem, u jrid li fl-aħħar l-ulied kollha li kienu xterrdu jinġabru flimkien... Dan il-karattru ta' universalità, li jżejjen il-poplu ta' Alla, hu don tal-Mulej stess, don li bih il-Knisja tfittex b'mod effikaċi li tagħti bidu ġdid lill-ġens kollu tal-bnedmin, bil-ġid kollu tiegħu, fi Kristu r-Ras, fl-għaqda mal-Ispirtu s-Santu.[5]

KULL KNISJA PARTIKULARI HI "KATTOLIKA"

832 "Il-Knisja ta' Kristu tinsab fil-kongregazzjonijiet leġittmi kollha kullimkien li, magħqudin mar-ragħajja tagħhom, fit-Testment il-Ġdid jissejħu wkoll Knejjes... F'dawn il-Knejjes il-fidili jinġabru bix-xandir tal-Evanġelju ta' Kristu, u jiġi ċċelebrat il-misteru tal-Ikla tal-Mulej... F'dawn il-komunitajiet, li spiss huma żgħar u foqra jew huma mxerrdin, jinsab Kristu li bis-setgħa tiegħu sseħħ il-Knisja waħda, qaddisa, kattolika u appostolika".[6]

833 Il-frażi "Knisja partikulari", li fl-ewwel post hija d-djoċesi jew eparkija, tirreferi għall-komunità tal-fidili Nsara.[7] Dawn il-Knejjes partikulari huma "xbieha tal-Knisja universali għax fihom u bihom teżisti l-Knisja waħda kattolika".[8]

834 Il-Knejjes partikulari huma kollha kemm huma kattoliċi minħabba l-għaqda li għandhom ma' waħda fosthom: il-Knisja ta' Ruma "li tippresiedi fl-imħabba".[9] "Għaliex ma' din il-Knisja, minħabba l-bidu tal-akbar ġieħ tagħha, jeħtieġ li tkun taqbel kull Knisja, jiġifieri l-fidili ta' kullimkien".[10] "Fil-fatt, mill-miġja fostna tal-Verb magħmul bniedem, il-Knejjes insara kollha ta' kullimkien qiesu u għadhom iqisu l-Knisja li

---

[1] San Injazju ta' Antjokja, *Epistula ad Smyrnaeos*, 8, 2.
[2] Ara Ef 1,22-23.
[3] Konċ. Vatikan II, *Ad gentes*, 6.
[4] Ara Mt 28,19.
[5] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 13.
[6] *Ibid.*, 26.
[7] Konċ. Vatikan II, *Christus Dominus*, 11; CIC kan 368-369; Kodiċi tal-Knejjes Orjentali: 177 1, 178, 311 1, 312.
[8] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 23.
[9] San Injazju ta' Antjokja, *Epistula ad Romanos*, 1, 1.
[10] San Irinew, *Adversus haereses*, 3, 3, 2, ċitat mill-Konċ. Vatikan I, Denzenger-Schonmetzer, 3057.

tinsab hawn (f'Ruma) bħala pedament u fundament waħdieni, għaliex, skont il-wegħdiet magħmula mill-Feddej, il-bibien tal-infern ma jegħlbuhiex”.[1]

835 “Il-Knisja universali ma għandhiex titqies bħala t-total tal-Knejjes partikulari kollha magħdudin flimkien jew bħala federazzjoni tagħhom. Imma hi l-Knisja għax il-vokazzjoni u l-missjoni tagħha huma universali, li tniżżel l-għeruq tagħha f'varjetà ta' oqsma kulturali, soċjali u umani, u tieħu f'kull parti tad-dinja aspetti u suriet differenti li bihom tfisser lilha nfisha”.[2] Il-varjetà kbira ta' dixxiplini ekkleżjastiċi, ta' riti liturġiċi, ta' wirt teoloġiku u spiritwali tal-Knejjes partikulari “juru b'mod l-aktar ċar, huma u jfittxu l-għaqda bejniethom, li l-Knisja waħda hi kattolika”.[3]

## MIN HU FIL-KNISJA KATTOLIKA?

836 “Il-bnedmin kollha huma msejħin għal din l-għaqda kattolika tal-poplu ta' Alla…; minn din l-għaqda jagħmlu sehem taħt suriet diversi jew huma msejħin lejha, kemm il-Kattoliċi kollha u kemm dawk li, għalkemm mhumiex Kattoliċi, jemmnu fi Kristu; u huma msejħin ukoll il-bnedmin kollha bla ebda eċċezzjoni, li l-grazzja ta' Alla ssejħilhom għas-salvazzjoni”.[4]

837 “Huma mseħbin b'mod sħiħ fis-soċjetà tal-Knisja dawk li għandhom l-Ispirtu ta' Kristu, u jaċċettaw l-organizzazzjoni sħiħa tagħha u l-mezzi kollha għas-salvazzjoni li għandha. F'din l-organizzazzjoni li tidher huma magħqudin ma' Kristu li jmexxi l-Knisja permezz tal-Papa u tal-isqfijiet, permezz tal-istqarrija tal-fidi, tas-sagramenti, tat-tmexxija ekkleżjastika u tax-xirka ekkleżjali. Iżda ma jiksibx is-salvazzjoni min, għalkemm imsieħeb fil-Knisja, ma jibqax sħiħ fl-imħabba: hu jibqa' fil-“ġisem” tal-Knisja, iżda mhux “f'qalbha”.[5]

838 “Il-Knisja tħoss li għal ħafna raġunijiet hi marbuta ma' dawk li huma mgħammdin u jissejħu Nsara, iżda ma jistqarrux il-fidi fis-sħuħija kollha tagħha, jew mhumiex magħqudin mas-suċċessur ta' San Pietru”.[6] Pietru”.[6] “Dawk li jemmnu fi Kristu u tgħammdu validament, jinsabu b'xi mod, għalkemm mhux perfett, fil-Knisja Kattolika”.[7] *Mal-Knejjes Ortodossi* mbagħad din l-għaqda hi hekk fil-fond li “jonqos ftit ferm biex tkun għaqda sħiħa li twassal għaċ-ċelebrazzjoni flimkien tal-Ewkaristija tal-Mulej”.[8]

---

[1] San Massimu l-Konfessur, *Opuscula theologica et polemica:* PG 91, 137-140.
[2] Pawlu VI, eżortazzjoni appostolika *Evangelii nuntiandi*, 62.
[3] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 23.
[4] *Ibid.*, 13.
[5] *Ibid.*, 14.
[6] *Ibid.*, 15.
[7] Konċ. Vatikan II, *Unitatis redintegratio*, 3.
[8] Pawlu VI, diskors tal-14 ta' Diċembru, 1975; ara Konċ. Konċ. Vatikan II, *Unitatis redintegratio*, 13-18.

839 "Dawk li għad ma laqgħux l-Evanġelju, huma wkoll imsejħin, taħt ħafna suriet diversi, ħa jkunu fil-poplu ta' Alla".[1]

*Ir-relazzjonijiet tal-Knisja mal-Poplu Lhudi.* Il-Knisja, il-poplu ta' Alla tal-Patt il-Ġdid, hija u tistħarreġ il-misteru tagħha, tara li hi marbuta mal-Poplu Lhudi[2] "li lilu qabel kulħadd waslet il-kelma ta' Alla".[3] Il-fidi Lhudija, b'differenza mir-reliġjonijiet l-oħra mhux Insara, hi ġa tweġiba għar-rivelazzjoni ta' Alla fil-Patt il-Qadim. Tal-Poplu Lhudi huma: "l-adozzjoni ta' wlied Alla, il-glorja, il-pattijiet u l-liġi, il-liturġija u l-wegħdiet; tagħhom huma l-patrijarki u kien minnhom li, skont il-ġisem, ħareġ Kristu" *(Rum 9, 4-5)*, għax "Alla ma jreġġax lura d-doni u s-sejħa tiegħu" *(Rum 11,29)*.

840 Barra dan, meta nqisu l-ġejjieni, naraw li l-poplu ta' Alla tal-Patt il-Qadim u l-Poplu Ġdid ta' Alla mexjin lejn l-istess għanijiet, l-istennija għall-miġja (jew għall-miġja mill-ġdid) tal-Messija. Iżda għall-Insara, minn naħa, l-istennija hi għall-miġja mill-ġdid tal-Messija li miet u rxoxta, magħruf bħala Mulej u Bin Alla, waqt li min-naħa l-oħra, għal-Lhud hi l-istennija tal-miġja fl-aħħar taż-żminijiet tal-Messija, li l-karatteristiċi tiegħu huma moħbija, stennija li hi msieħba mal-fatt li ma jafux jew ma jagħrfux lil Kristu Ġesù.

841 *Ir-relazzjonijiet tal-Knisja mal-Misilmin.* "Il-pjan tas-salvazzjoni jħaddan ukoll lil dawk li jagħrfu 'l Alla bħala l-Ħallieq, u l-ewwel fosthom il-Misilmin, li jgħidu li jħaddnu l-fidi ta' Abraham, u flimkien magħna jqimu Alla wieħed u ħanin li għad jagħmel ħaqq mill-bnedmin kollha fl-aħħar jum".[4]

842 *Ir-rabta tal-Knisja mar-reliġjonijiet mhux Insara* tinsab qabelxejn fil-bidu u t-tmiem li hu wieħed għall-ġens kollu tal-bnedmin:

> Il-ġnus kollha huma komunità waħda: għandhom bidu wieħed, għax Alla għamel li l-bnedmin kollha jgħammru fuq wiċċ l-art. Għandhom ukoll l-istess għan tal-aħħar, lil Alla, li tiegħu l-providenza, ix-xhieda ta' tjubitu u l-pjan tas-salvazzjoni huma għal kulħadd, sa ma l-magħżulin kollha jinġabru lkoll fil-Belt qaddisa.[5]

843 Il-Knisja tagħraf li fir-reliġjonijiet l-oħra Alla hu mfittex "taħt dellijiet u taħt xbihat" u, għalkemm mhux magħruf, jinsab fil-qrib għaliex huwa hu li jagħti 'l kulħadd il-ħajja u n-nifs u kollox u jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw. Hekk il-Knisja tqis dak kollu li hemm tajjeb u veru f'dawn ir-reliġjonijiet bħala tħejjija għall-Evanġelju u bħala don ta' dak li jdawwal kull bniedem biex, fl-aħħar, ikollu l-ħajja".[6]

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 16.
[2] Ara Konċ. Vatikan II, *Nostra aetate*, 4.
[3] Missal Ruman, Il-Ġimgħa tal-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej, Talba Universali VI.
[4] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 16; ara *Nostra aetate*, 33.
[5] Konċ. Vatikan II, *Nostra aetate*, 1.
[6] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 16; ara *Nostra aetate*, 2; Pawlu VI eżortazzjoni appostolika *Evangelii nuntiandi*, 53.

844	Iżda fl-imġiba reliġjuża tagħhom, il-bnedmin juru xi limiti u xi żbalji li jħassru x-xbieha ta' Alla fihom:

> Spiss, il-bnedmin imqarrqa mill-Ħażin, żbaljaw fir-raġunar tagħhom u biddlu ma' gidba l-verità ta' Alla, billi qdew il-ħlejjaq flok il-Ħallieq jew għexu u mietu mingħajr Alla u hekk f'din id-dinja qiegħdu lilhom infushom f'qagħda ta' disperazzjoni mill-agħar.[1]

845	Alla ried isejjaħ il-ġens kollu tal-bnedmin fil-Knisja ta' Ibnu għax ried jiġbor mill-ġdid 'l uliedu kollha li d-dnub kien xerred u qarraq. Il-Knisja hi l-post fejn il-bnedmin għandhom isibu l-għaqda u s-salvazzjoni tagħhom. Hi "d-dinja li tħabbet mill-ġdid".[2] Hi dak il-ġifen li "bil-qlugħ tas-salib tal-Mulej mimli bir-riħ tal-Ispirtu s-Santu jbaħħar tajjeb f'din id-dinja"[3] u, bi xbieha oħra, għażiża ħafna għal Missirijiet il-Knisja, hi l-Arka ta' Noè li hi biss teħles mid-dilluvju.[4]

"BARRA L-KNISJA M'HEMMX SALVAZZJONI"

846	Kif għandna nifhmu din l-affermazzjoni mtennija kemm-il darba minn Missirijiet il-Knisja? Meħuda f'sens pożittiv, tfisser li s-salvazzjoni kollha kemm hi tiġi minn Kristu, ir-Ras, permezz tal-Knisja li hi l-Ġisem tiegħu:

> Il-Konċilju, minn dak li jgħidu l-Iskrittura u t-Tradizzjoni, jgħallem li din il-Knisja fil-mixi tagħha f'din id-dinja hi meħtieġa għas-salvazzjoni. Kristu biss hu l-medjatur u t-triq tas-salvazzjoni, Kristu li hu fostna bil-Ġisem tiegħu, li hu l-Knisja. Kristu stess huwa u jinsisti bi kliem ċar li l-fidi u l-Magħmudija huma meħtieġa, wettaq il-ħtiega tal-Knisja li fiha l-bnedmin jidħlu mill-bieb tal-Magħmudija. Għalhekk ma jistgħux isalvaw dawk il-bnedmin li ma jridux jidħlu fil-Knisja Kattolika jew jibqgħu fiha, għalkemm jafu li waqqafha Alla permezz ta' Ġesù Kristu bħala meħtieġa għas-salvazzjoni.[5]

847	Din l-affermazzjoni ma tolqotx lil dawk li bla ħtija tagħhom, ma jafux bi Kristu u bil-Knisja tiegħu:

> Dawk li bla ebda ħtija tagħhom ma jafux bl-Evanġelju ta' Kristu jew bil-Knisja tiegħu, imma qegħdin ifittxu 'l Alla bis-sinċerità kollha ta' qalbhom, u, bl-għajnuna tal-grazzja, qed iħabirku biex jagħmlu r-rieda ta' Alla skont ma tgħidilhom il-kuxjenza tagħhom, dawn jistgħu jiksbu s-salvazzjoni ta' dejjem.[6]

848	"Għalkemm Alla jista', minn triqat magħrufa minnu biss, iwassal għall-fidi – li "mingħajrha ma jistax ikun li wieħed jogħġob lil Alla" *(Lh 11,6)* – lil dawk il-bnedmin li, bla ħtija tagħhom, ma jafux l-Evanġelju, il-Knisja għandha d-dmir u d-dritt ukoll li xxandar l-Evanġelju"[7] lill-bnedmin kollha.

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 16.
[2] Santu Wistin, *Sermones* 96, 7, 9: PL 38, 588.
[3] Pleno dominicae crucis velo Sancti Spiritus flatu in hoc bene navigat mundo: San Ambroġ, *De virginitate*, 18, 118: PL 16, 297A.
[4] Ara ġa 1 Piet 3,20-21.
[5] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 14.
[6] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 16; ara Kongr. għad-Duttrina tal-Fidi, ittra lill-Arċisqof ta' Boston tat-8 ta' Awwissu, 1949, Denzinger-Schonmetzer, 3866-3872.
[7] Konċ. Vatikan II, *Ad gentes*, 7.

## IL-MISSJONI – ESIĠENZA TAL-KATTOLIĊITÀ TAL-KNISJA

849 *Il-mandat missjunarju.* "Il-Knisja, mibgħuta minn Alla lill-ġnus kollha biex tkun sagrament universali ta' salvazzjoni, għaliex dan hu meħtieġ mill-istess natura tagħha ta' Knisja kattolika u għaliex trid tobdi l-ordni tal-Fundatur tagħha, tħabrek biex twassal l-Evanġelju lill-bnedmin kollha".[1] "Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha u għammduhom fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien. U, ara, jiena magħkom dejjem sal-aħħar taż-żmien" *(Mt 28,19-20)*.

850 *Il-bidu u l-għan tal-Missjoni.* Il-mandat missjunarju tal-Mulej għandu l-ewwel bidu tiegħu fl-imħabba ta' dejjem tat-Trinità Qaddisa. "Min-natura tagħha l-Knisja, tul il-mixi tagħha fid-dinja, hi Knisja missjunarja għax hi stess tagħraf il-bidu tagħha fil-missjoni tal-Iben u fil-missjoni tal-Ispirtu s-Santu, skont il-pjan ta' Alla l-Missier".[2] U l-għan tal-missjoni mhux ħlief dak li twassal il-bnedmin kollha għal dik l-għaqda li hemm bejn il-Missier u l-Iben fl-Ispirtu tagħhom ta' mħabba.[3]

851 *Il-motiv tal-Missjoni.* Il-Knisja ta' kull żmien jiġiha d-dmir u l-qawwa tal-ħeġġa missjunarja tagħha mill-imħabba ta' Alla għall-bnedmin kollha: "L-imħabba ta' Alla ġġegħelna naħsbu dan…" *(2 Kor 5,14)*.[4] "Alla jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu biex jagħrfu l-verità" verità" *(1Tim 2,4)*. Alla jrid li kulħadd isalva billi jkun jaf il-*verità*. Is-salvazzjoni hi fil-verità. Dawk kollha li jobdu l-ispirazzjonijiet tal-Ispirtu tal-verità, huma ġa mexjin fit-triq tas-salvazzjoni, iżda l-Knisja li lilha ġiet fdata din il-verità għandha tilqa' din ix-xewqa tal-bnedmin għall-verità u twassalhielhom. Minħabba li l-Knisja temmen fil-pjan universali tas-salvazzjoni, ma tistax ma tkunx missjunarja.

852 *It-triqat tal-Missjoni.* "L-Ispirtu s-Santu hu l-protagonista tal-missjoni kollha tal-Knisja".[5] Hu li jmexxi l-Knisja fit-triqat tal-missjoni. "Din il-missjoni tkompli u, tul il-ġrajja tad-dinja, ġġib 'il quddiem il-missjoni ta' Kristu nnifsu li ntbagħat biex iħabbar il-Bxara t-Tajba lill-fqajrin. Mela l-Knisja, immexxija mill-Ispirtu ta' Kristu, trid tgħaddi mill-istess triq li għadda minnha Kristu, jiġifieri mit-triq tal-faqar, tal-ubbidjenza, tas-servizz u tas-sagrifiċċju sal-mewt, li fuqha Kristu ħareġ rebbieħ bil-qawmien tiegħu mill-imwiet".[6] Hu għalhekk li "d-demm tal-martri hu ż-żerriegħa tal-Insara".[7]

853 Iżda l-Knisja, fil-mixi tagħha, tara mill-esperjenza tagħha "kemm huma bogħod minn xulxin il-messaġġ li twassal u d-dgħufija ta' dawk li lilhom jiġi fdat l-Evanġelju.[8] Hu biss bil-mixi 'l quddiem mit-triq "tal-penitenza u tat-tiġdid"[9] u bid-dħul

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Ad gentes,*,1.
[2] *Ibid.* 2.
[3] Ara Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Redemptoris missio,* 23.
[4] Ara Konċ. Vatikan II, *Apostolicam actuositatem,* 6; Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Redemptoris missio,* 11.
[5] Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Redemptoris missio,* 21.
[6] Konċ. Vatikan II, *Ad gentes,* 5.
[7] Tertulljan, *Apologeticus,* 50.
[8] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes,* 43.
[9] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 9; ara 15.

dħul mill-"bieb dejjaq tas-salib"[1] li l-poplu ta' Alla jista' jxerred is-Saltna ta' Kristu.[2] "Kif Kristu temm l-opra tal-fidwa fil-faqar u l-persekuzzjoni, hekk il-Knisja hi msejħa biex tgħaddi mill-istess triq ħa twassal lill-bnedmin kollha l-frott tas-salvazzjoni".[3]

854 Bl-istess missjoni tagħha, "il-Knisja timxi 'l quddiem flimkien mal-ġens kollu tal-bnedmin, u taqsam xortiha ma' dik tad-dinja fuq l-art. Hi qisha l-ħmira u, biex ngħidu hekk, ir-ruħ tas-soċjetà tal-bnedmin, imsejħa biex tiġġedded fi Kristu u tinbidel f'familja ta' Alla".[4] L-isforz missjunarju għalhekk jitlob *is-sabar*. Jibda bit-tħabbira tal-Evanġelju lill-ġnus u lill-gruppi li għad ma jemmnux fi Kristu,[5] ikompli sejjer bit-twaqqif ta' komunitajiet insara li jkunu "sinjali tal-preżenza ta' Alla fid-dinja";[6] u bit-twaqqif tal-knejjes lokali[7] jibda proċess ta' inkulturazzjoni biex l-Evanġelju jinkarna fil-kulturi tal-ġnus;[8] u ma jonqosx it-tfixkil. "F'dak li għandu x'jaqsam mal-bnedmin, mal-gruppi tan-nies u tal-popli, il-Knisja tista' tilħaqhom u tidħol fihom biss bil-mod il-mod, biex twassalhom għall-milja Kattolika".[9]

855 Il-missjoni tal-Knisja titlob sforz ħa sseħħ *l-għaqda tal-Insara*.[10] "Il-firdiet bejn l-Insara ma jħallux lill-Knisja tikseb il-milja tal-kattoliċità li hi proprju tagħha f'dawk uliedha, li żgur huma tagħha permezz tal-Magħmudija, iżda jinsabu mifrudin mill-għaqda sħiħa magħha. Anzi, għall-Knisja stess, dan jagħmel diffiċli aktar għaliha li turi l-milja tal-kattoliċità fl-istess ħajja tagħha".[11]

856 Id-dmir tal-missjoni jitlob ukoll *djalogu bir-rispett kollu* ma' dawk li għadhom ma laqgħux l-Evanġelju.[12] L-Insara stess jistgħu jiksbu ġid minn dan id-djalogu għax isiru jafu aħjar "kulma ġa hemm ta' verità u ta' grazzja fost il-ġnus, qisu preżenza moħbija ta' Alla".[13] Jekk l-Insara jħabbru l-Bxara t-Tajba lil dawk li ma jafux biha, dan jagħmluh biex isaħħu, iwasslu għas-sħuħija, u jgħollu l-verità u l-ġid li Alla xerred fost il-bnedmin u l-ġnus, u biex isaffuhom minn kull żball u mid-deni kollu "għall-glorja ta' Alla, għat-taħwid tax-xitan, u għall-hena tal-bniedem".[14]

## IV. Il-Knisja hi Appostolika

857 Il-Knisja hi appostolika għax imwaqqfa fuq l-Appostli, u dan fi tlett aspetti:

-- hi twaqqfet u għada mwaqqfa "fuq il-pedament tal-Appostli" *(Ef 2,20; Apok 21,14),* xhieda magħżula u mibgħuta b'missjoni minn Kristu nnifsu;[15]

-- tħares u twassal bl-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu, li jgħammar fiha, it-tagħlim,[1] it-teżor sabiħ, il-kliem qaddis li ġie fdat lill-Appostli;[2]

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Ad gentes,* 1.
[2] Ara Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Redemptoris missio,* 12-20.
[3] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 8.
[4] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes,* 40.
[5] Ara Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Redemptoris missio,* 42-47.
[6] Konċ. Vatikan II, *Ad gentes,* 15.
[7] Ara Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Redemptoris missio,* 48-49.
[8] Ara *Ibid.,* 52-54.
[9] Konċ. Vatikan II, *Ad gentes,* 6.
[10] Ara Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Redemptoris missio,* 50.
[11] Konċ. Vatikan II, *Unitatis redintegratio,* 4.
[12] Ara Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Redemptoris missio,* 55.
[13] Konċ. Vatikan II, *Ad gentes,* 9.
[14] *Ibid.*
[15] Ara Mt 28,16-20; Atti 1,8; 1 Kor 9,1; 15,7-8; Gal 1,1; u l-bqija.

-- tkompli tiġi mgħallma, mqaddsa u mmexxija mill-Appostli, sa ma jerġa' jiġi Kristu, permezz tas-suċċessuri tagħhom fil-ħidma pastorali: il-kulleġġ tal-isqfijiet "bl-għajnuna tas-saċerdoti, f'għaqda mas-suċċessur ta' San Pietru, ir-ragħaj il-kbir tal-Knisja":[3]

> Int Ragħaj ta' dejjem, ma tħallix waħidha l-Knisja tiegħek, imma tibqa' dejjem tieħu ħsiebha u tħarisha permezz tal-Appostli, biex ikomplu jreġuha dawk stess li int qegħidt fuqha bħala ragħajja f'isem Ibnek.[4]

IL-MISSJONI TAL-APPOSTLI

858 Ġesù hu l-mibgħut tal-Missier. Mill-bidu tal-ministeru tiegħu "sejjaħ ħdejh lil dawk li ried, u għażel Tnax biex jibqgħu miegħu u jibgħathom jippriedkaw" *(Mk 3,13-14)*. Minn dak inhar 'il quddiem kienu "mibgħuta" (dan tfisser il-kelma Griega "apostoloj"). Fihom Ġesù kompla l-missjoni tiegħu: "Kif il-Missier bagħat lili, hekk jien nibgħat lilkom" *(Ġw 20,21; 13,20; 17,28)*. Il-ministeru tagħhom għalhekk ikompli l-missjoni ta' Kristu: "min jilqa' lilkom, ikun jilqa' lili," qal Ġesù lit-Tnax.[5]

859 Ġesù sieħeb 'l-Appostli fil-missjoni li rċieva mingħand il-Missier: kif "l-Iben ebda ħaġa ma jista' jagħmel minn rajh" *(Ġw 5,19,30)* imma jirċievi kollox mingħand il-Missier li bagħtu, hekk dawk li Ġesù jibgħat ma jistgħu jagħmlu xejn mingħajr Dak[6] li mingħandu rċevew il-mandat tal-missjoni u s-setgħa li jagħmluh. L-Appostli ta' Kristu mela jafu li ġew magħżula minn Alla bħala "ministri tal-Patt il-Ġdid" *(2 Kor 3,6)*, "ministri ta' Alla" *(2 Kor 6,4)*, "ambaxxaturi ta' Kristu" *(2 Kor 5,20)*, "ministri ta' Kristu u amministraturi tal-misteri ta' Alla" *(1 Kor 4,1)*.

860 Fl-uffiċċju tal-Appostli hemm aspett li ma jistax jgħaddi lil dawk li jiġu warajhom, l-aspett li jkunu xhieda magħżula tal-qawmien mill-imwiet ta' Kristu u pedamenti tal-Knisja... Iżda hemm ukoll aspett permanenti tal-uffiċċju tagħhom. Kristu wegħedhom li jibqa' *magħhom* sal-aħħar taż-żmien.[7] "Il-missjoni divina li Kristu ried jafda lill-Appostli għandha tibqa' sal-aħħar taż-żminijiet, għax l-Evanġelju li kellhom ixandru hu l-prinċipju tal-ħajja tal-Knisja għal kemm itulu ż-żminijiet. Għalhekk l-Appostli ħadu ħsieb li jkollhom... is-suċċessuri tagħhom".[8]

L-ISQFIJIET SUĊĊESSURI TAL-APPOSTLI

861 "Biex il-missjoni fdata lilhom setgħet tkompli wara mewthom, l-Appostli taw mandat, qisu b'testment, lill-kooperaturi l-aktar qrib tagħhom, biex ikomplu l-ħidma tagħhom u jsaħħu l-opra li kienu bdew huma, u ħeġġuhom biex jieħdu ħsieb il-merħla li fuqha qegħedhom l-

---

1 Ara Atti 2,42.
2 Ara 2 Tim 1,13-14.
3 Konċ. Vatikan II, *Ad gentes*, 5.
4 Gregem tuum, Pastor aeterne, non deseras, sed per beatos apostolos continua protectione custodis, ut iisdem rectoribus gubernentur, quos Filii tui vicarios eidem contulisti praeesse pastores: Missal Ruman, prefazju tal-Appostli.
5 Mt 10,40; ara Lq 10,16.
6 Ara Ġw 15,5.
7 Ara Mt 28,20.
8 Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 20.

Ispirtu s-Santu biex jirgħu l-Knisja ta' Alla. Mela għamlu dawn in-nies u riduhom li wara mewthom jagħżlu nies oħra mħarrġin ħa jkomplu l-ministeru tagħhom".[1]

862 "Hekk ukoll l-uffiċċju fdat personalment mill-Mulej lil San Pietru, l-ewwel fost l-Appostli, kellu jgħaddi lis-suċċessuri tiegħu, għax hu uffiċċju li jibqa', kif hu wkoll uffiċċju li jibqa' dak mogħti lill-Appostli li jkunu ragħajja tal-Knisja, uffiċċju li l-Ordni tal-episkopat jiżgura li jibqa' dejjem." Hu għalhekk li l-Knisja tgħallem li l-isqfijiet, bir-rieda ta' Kristu, huma suċċessuri tal-Appostli bħala ragħajja tal-Knisja, hekk li, min jisma' lilhom ikun jisma' lil Kristu, u min iwarrab lilhom ikun iwarrab lil Kristu u lil dak li bagħat Kristu".[2]

L-APPOSTOLAT

863 Il-Knisja kollha hi appostolika sakemm tibqa', permezz tas-suċċessuri ta' San Pietru u tal-Appostli, fix-xirka ta' fidi u ta' ħajja mal-bidu tagħha. Il-Knisja kollha hi appostolika għax "mibgħuta" fid-dinja kollha; il-membri kollha tal-Knisja, għalkemm f'manjieri diversi, għandhom sehem f'din il-missjoni. "Il-vokazzjoni nisranija hi min-natura tagħha vokazzjoni għall-appostolat". Jissejjaħ "appostolat" "kull ħidma tal-Ġisem mistiku" li għandu l-għan "li jwassal is-Saltna ta' Kristu fl-art kollha".[3]

864 "Ladarba Kristu, mibgħut mill-Missier, hu l-għajn u l-bidu ta' kull appostolat fil-Knisja", hi ħaġa ċara li l-frott tal-appostolat, kemm dak tal-ministri ordnati u kemm dak tal-lajċi, jiddependi mill-għaqda ħajja tagħhom ma' Kristu.[4] Skont il-vokazzjoni, il-ħtiġijiet taż-żmien, u d-doni diversi tal-Ispirtu s-Santu, l-appostolat jieħu ħafna suriet, diversi minn xulxin. Imma hi dejjem l-imħabba meħuda fuq kollox bl-Ewkaristija, li hi "qisha r-ruħ ta' kull appostolat".[5]

865 Il-Knisja hi *waħda, qaddisa, kattolika u appostolika* fil-qofol tal-identità tagħha, għax fiha ġa tinsab u tilħaq il-milja tagħha fl-aħħar taż-żmien "is-Saltna tas-Smewwiet", "is-Saltna ta' Alla",[6] li waslet fil-Persuna ta' Kristu u qiegħda tikber f'misteru fil-qalb ta' dawk li huma mseħbin fil-Ġisem tiegħu, sa ma tidher fis-sħuħija kollha tagħha fit-tmiem ta' kollox. Imbagħad il-bnedmin *kollha*, mifdijin minn Kristu, magħmulin minnu "*qaddisin* u bla tebgħa quddiem Alla fl-imħabba" *(Ef 1,4)*, jinġabru fil-poplu *wieħed* ta' Alla, "l-Għarusa ta' Kristu" *(Apok 21,9)*, "il-Belt qaddisa, nieżla mis-sema, mingħand Alla, bil-glorja ta' Alla fiha" *(Apok 21,10-11)*; u "l-ħajt tal-belt għandu tnax-il pedament li fuqhom hemm it-tnax-il isem tat-*tnax-il Appostlu tal-Haruf" (Apok 21,14)*.

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 20; ara San Klement I, Papa. *Epistula ad Corinthios*, 42-44.
[2] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 20.
[3] Konċ. Vatikan II, *Apostolicam actuositatem*, 2.
[4] *Ibid.*, 5. Ara Ġw 15,5.
[5] *Ibid.*, 3.
[6] Ara Apok 19,6.

**Fil-qosor**

866 *Il-Knisja hi* waħda: *għandha Mulej wieħed, tistqarr fidi waħda, titwieled minn Magħmudija waħda, hi Ġisem wieħed, mogħti l-ħajja minn Spirtu wieħed, b'tama waħda,*[1] *li meta sseħħ jintrebħu l-firdiet kollha.*

867 *Il-Knisja hi* qaddisa: *Alla l-qaddis hu l-awtur tagħha, Kristu hu l-Għarus tagħha li ta lilu nnifsu għaliha biex iqaddisha; l-Ispirtu tal-qdusija jagħtiha l-ħajja. Għalkemm fi ħdanha hemm xi midinbin, hi* "ex maculatis immaculata" – *"bla tebgħa hi, iżda bi mtebbgħin (bid-dnubiet) fiha". Qdusitha tiddi fil-qaddisin, u f'Marija hi ġa qaddisa kollha kemm hi.*

868 *Il-Knisja hi* kattolika: *tħabbar il-fidi kollha kemm hi: tiġbor fiha u tamministra l-mezzi kollha tas-salvazzjoni fil-milja kollha tagħhom; tintbagħat fost il-ġnus kollha: tkellem lill-bnedmin kollha, tħaddan iż-żminijiet kollha, "min-natura tagħha stess hi missjunarja".*[2]

869 *Il-Knisja hi* appostolika. *Hi mibnija fuq pedamenti li jibqgħu: "it-Tnax-il Appostlu tal-Ħaruf"* (Apok 21,14). *Hi ma tiġġarrafx;*[3] *hi infallibilment miżmuma fis-sewwa: Kristu jmexxiha permezz ta' San Pietru u tal-Appostli l-oħra, li jinsabu preżenti fis-suċċessuri tagħhom, il-Papa u l-kulleġġ tal-isqfijiet.*

870 *"Il-Knisja waħda ta' Kristu, li fil-Kredu nistqarru li hi waħda, qaddisa, kattolika u appostolika... tinsab fil-Knisja kattolika, immexxija mis-suċċessur ta' San Pietru u mill-isqfijiet li huma magħqudin miegħu, għalkemm barra minnha jinsabu ħafna elementi ta' qdusija u ta' verità".*[4]

Ir-raba' paragrafu

## IL-FIDILI TA' KRISTU – ĠERARKIJA, LAJĊI, ĦAJJA KKONSAGRATA

871 "Il-fidili ta' Kristu huma dawk li, għax ingħaqdu ma' Kristu permezz tal-Magħmudija, jagħmlu l-poplu ta' Alla u, minħabba f'hekk, għandhom sehem bil-mod proprju tagħhom, fl-uffiċċju saċerdotali, profetiku u regali ta' Kristu: huma msejħin biex jaqdu, kull wieħed skont il-qagħda proprja tiegħu, il-missjoni li Alla ried jafda lill-Knisja biex taqdiha fid-dinja".[5]

872 "Il-fidili kollha ta' Kristu, għax ilkoll twieldu mill-ġdid fi Kristu, huma verament indaqs f'dak li huma d-dinjità u l-ħidma tagħhom, u

[1] Ara Ef 4,3-5.
[2] Konċ. Vatikan II, *Ad gentes*, 2.
[3] Ara Mt 16,18.
[4] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 8.
[5] CIC kan 204; ara Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 31.

għalhekk ilkoll jagħtu sehemhom għall-bini tal-Ġisem ta' Kristu, skont il-qagħda u l-uffiċċju proprju ta' kull wieħed".[1]

873 L-istess differenzi li l-Mulej ried li jqiegħed bejn il-membri tal-Ġisem tiegħu jaqdu l-għaqda u l-missjoni tiegħu. "Fil-Knisja hemm ħafna ministeri imma missjoni waħda. Kristu ried jafda lill-Appostli u lis-suċċessuri tagħhom id-dmir li jgħallmu, iqaddsu u jmexxu f'ismu u bis-setgħa tiegħu. Iżda l-lajċi, imseħbin fil-missjoni saċerdotali, profetika u regali ta' Kristu, fil-Knisja u fid-dinja għandhom is-sehem li hu proprju tagħhom fil-missjoni tal-poplu ta' Alla, kollu kemm hu".[2] Fl-aħħar nett, hemm "xi fidili li jagħmlu parti kemm mill-ġerarkija u kemm mill-lajkat, u li, bil-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi... huma kkonsagrati lil Alla u għandhom sehem fil-missjoni tal-Knisja għas-salvazzjoni, bil-mod proprju tagħhom".[3]

## I. Il-Kostituzzjoni ġerarkika tal-Knisja

GĦALIEX HU MEĦTIEĠ IL-MINISTERU EKKLEŻJALI?

874 Hu Kristu nnifsu l-għajn tal-ministeru fil-Knisja. Hu waqqfu, tah l-awtorità u l-missjoni tiegħu, id-direzzjoni u l-għan tiegħu:

> Kristu l-Mulej, biex ikun żgur li l-poplu ta' Alla jkollu ragħajja u mezzi għall-kobor tiegħu, waqqaf fil-Knisja tiegħu għadd ta' ministeri ħa jfittxu l-ġid tal-ġisem kollu. Il-ministri li għandhom setgħa mqaddsa huma għall-qadi ta' ħuthom biex dawk kollha li jagħmlu sehem mill-poplu ta' Alla... jaslu għas-salvazzjoni".[4]

875 "Kif jistgħu jemmnu f'dak li ma semgħux bih? Kif jistgħu jisimgħu jekk ma jxandrulhomx? Kif jistgħu jxandrulhom jekk ma jkunux mibgħuta?" *(Rum 10,14-15)*. Ebda persuna, ebda individwu, ebda komunità ma tista' tħabbar l-Evanġelju lilha nfisha. "Il-fidi tiġi mis-smigħ" *(Rum 10,17)*. Ħadd ma jista' jagħti lilu nnifsu l-mandat u l-missjoni li jxandar l-Evanġelju. Min jintbagħat mill-Mulej, jitkellem u jaħdem mhux bl-awtorità proprja tiegħu imma bil-qawwa tal-awtorità ta' Kristu, mhux bħala membru tal-komunità imma bħala dak li jkellimha f'isem Kristu. Ħadd ma jista' jagħti lilu nnifsu l-grazzja, imma trid tingħatalu u tiġi offruta lilu. Għalhekk irid ikun hemm ministri tal-grazzja, bl-awtorità u l-ħila mogħtijin lilhom minn Kristu. L-isqfijiet u l-presbiteri jirċievu mingħandu l-missjoni u l-fakultà (is-setgħa qaddisa) li jaġixxu *"in persona Christi Capitis"* – "fil-persuna ta' Kristu r-Ras", id-djakni jirċievu l-qawwa li jaqdu l-poplu ta' Alla fid-"djakonija" tal-liturġija, tal-kelma u tal-imħabba f'xirka mal-isqof u l-presbiterju tiegħu.

876 Marbut intrinsikament man-natura sagramentali tal-ministeru ekkleżjali hemm *il-karattru tiegħu ta' qadi*. Il-ministri, għax jiddependu

[1] CIC kan 208; ara Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 32.
[2] Konċ. Vatikan II, *Apostolicam actuositatem*, 2.
[3] CIC 6 kan 207, §2.
[4] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 18.

għalkollox minn Kristu li jagħtihom il-missjoni u l-awtorità, huma "qaddejja ta' Kristu" *(Rum 1,1)*, b'xebh ma' Kristu li, minn rajh, minħabba fina ħa "s-sura ta' lsir" *(Fil 2,7)*. Għaliex il-kelma u l-grazzja li tagħhom huma ministri, mhumiex tagħhom, imma ta' Kristu li fdahomlhom għall-ġid tal-oħrajn, huma jsiru minn rajhom qaddejja ta' kulħadd.[1]

877 Hekk ukoll, minħabba n-natura sagramentali tiegħu, il-ministeru ekkleżjali għandu *karattru kolleġġjali*. Mill-bidu tal-ministeru tiegħu Ġesù waqqaf it-Tnax, "iż-żerriegħa ta' Israel il-ġdid u fl-istess waqt bidu tal-ġerarkija mqaddsa".[2] Magħżulin flimkien, intbagħtu wkoll flimkien, u l-għaqda tal-aħwa bejniethom kollha u s-sens għall-għaqda tal-aħwa bejn l-Insara kollha, kellha tkun ta' rifless u ta' xhieda tal-għaqda bejn il-Persuni tat-Trinità Qaddisa.[3] Minħabba f'dan kull isqof jaqdi l-ministeru tiegħu fi ħdan il-kulleġġ tal-isqfijiet, f'għaqda mal-isqof ta' Ruma, suċċessur ta' San Pietru u kap tal-kulleġġ; is-saċerdoti jaqdu l-ministeru tagħhom fi ħdan il-presbiterju tad-djoċesi, taħt id-direzzjoni tal-isqof tagħhom.

878 Fl-aħħar nett, minħabba n-natura sagramentali tiegħu, il-ministeru ekkleżjali għandu *karattru personali*. Il-ministri ta' Kristu jaħdmu f'għaqda bejniethom, iżda l-ħidma tagħhom jagħmluha dejjem b'mod personali wkoll. Kull wieħed hu msejjaħ personalment: "Int, imxi warajja"[4] biex, fil-missjoni tal-Knisja kollha, ikun xhud personali, b'responsabbiltà personali quddiem dak li tah il-missjoni, huwa u jaġixxi "fil-Persuna ta' Kristu", favur kull bniedem: "Jiena ngħammdek fl-isem tal-Missier…", "Jiena naħfirlek…".

879 Mela l-ministeru sagramentali fil-Knisja hu qadi li jsir f'isem Kristu. Huwa qadi kemm personali kif ukoll kolleġġjali.

IL-KULLEĠĠ EPISKOPALI U L-KAP TIEGĦU L-PAPA

880 Kristu, meta għażel lit-Tnax, "tahom sura ta' kulleġġ, jiġifieri grupp stabbli, u tahom bħala kap lil San Pietru li għażel minn fosthom".[5] "Kif San Pietru u l-Appostli l-oħra huma, skont ir-rieda tal-Mulej, kulleġġ appostoliku wieħed, hekk l-isqof ta' Ruma bħala s-suċċessur ta' San Pietru u l-isqfijiet, suċċessuri tal-Appostli, huma magħqudin bejniethom".[6]

881 Il-Mulej għamel biss lil Xmun il-blata tal-Knisja tiegħu u tah l-isem ta' Pietru. Tah f'idejh l-imfietaħ tagħha;[7] għamlu ragħaj tal-merħla tiegħu.[8] "Iżda dan l-uffiċċju li jħoll u jorbot ingħata wkoll, bla ebda

[1] Ara 1 Kor 9,19.
[2] Konċ. Vatikan II, *Ad gentes*, 5.
[3] Ara Ġw 17,21-23.
[4] Ġw 21,22; ara Mt 4,19.21; Ġw 1,43.
[5] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 19.
[6] *Ibid.* 22; ara CIC kan 330.
[7] Ara Mt 16,18-19.
[8] Ara Ġw 21,15-17.

dubju, lill-kulleġġ tal-Appostli, magħqudin mal-kap tagħhom.[1] Dan l-uffiċċju ta' San Pietru u tal-Appostli l-oħra hu parti mill-pedament tal-Knisja; dan l-uffiċċju jkompluh l-isqfijiet taħt il-primat tal-Papa.

882 *Il-Papa*, isqof ta' Ruma u suċċessur ta' San Pietru, "huwa prinċipju perpetwu u viżibbli u l-pedament tal-għaqda li torbot flimkien kemm 'l-isqfijiet u kemm 'il-kotra tal-fidili".[2] L-isqof ta' Ruma, bis-setgħa tal-uffiċċju tiegħu bħala Vigarju ta' Kristu u Ragħaj tal-Knisja kollha, għandu setgħa sħiħa u suprema u universali fil-Knisja, u jista' dejjem iħaddimha bla ebda xkiel.[3]

883 "*Il-kulleġġ tal-isqfijiet* ma għandux awtorità jekk mhux flimkien mal-isqof ta' Ruma, bħala l-kap tiegħu". F'dan il-każ il-kulleġġ tal-isqfijiet "ukoll għandu setgħa suprema u sħiħa fil-Knisja kollha, iżda setgħa li ma jistax iħaddimha jekk mhux bil-kunsens tal-isqof ta' Ruma".[4]

884 "Il-kulleġġ tal-isqfijiet iħaddem is-setgħa tiegħu fil-Knisja kollha kemm hi b'mod solenni f'Konċilju Ekumeniku".[5] "M'hemmx Konċilju Ekumeniku jekk ma jkunx imwettaq, jew almenu aċċettat, bħala Konċilju Ekumeniku mis-suċċessur ta' San Pietru".[6]

885 "Dan il-kulleġġ, għax magħmul minn ħafna, juri l-varjetà u l-universalità tal-poplu ta' Alla; miġbur taħt kap wieħed, juri l-għaqda tal-merħla waħda ta' Kristu".[7]

886 "Kull wieħed mill-isqfijiet hu l-prinċipju u l-pedament tal-għaqda fil-Knisja partikulari tiegħu".[8] "Huma jħaddmu l-awtorità pastorali tagħhom fuq dik il-parti tal-poplu ta' Alla li ġiet fdata lilhom",[9] bl-għajnuna tas-saċerdoti u d-djakni. Iżda, bħala membri tal-kulleġġ episkopali, kull wieħed minnhom għandu sehem fil-ħerqa għall-Knejjes kollha,[10] ħerqa li jħaddmu l-ewwel nett "huma u jmexxu sewwa l-Knisja proprja tagħhom bħala parti mill-Knisja universali", għax b'hekk ikunu qed jagħtu sehemhom għall-ġid tal-Ġisem mistiku kollu li hu wkoll il-ġisem tal-Knejjes".[11] Din il-ħerqa għandha tkun b'mod partikulari favur il-foqra,[12] l-ippersegwitati minħabba twemminhom, kif ukoll favur il-missjunarji li qegħdin jaħdmu kullimkien fid-dinja.

887 Il-Knejjes partikulari li huma qrib xulxin u għandhom l-istess għamla ta' kultura jagħmlu provinċji ekkleżjastiċi jew ġemgħat aktar

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 22.
[2] *Ibid.*, 23.
[3] *Ibid.* 22; ara Konċ. Vatikan II, *Christus Dominus*, 2.
[4] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 22; ara CIC kan 336.
[5] CIC kan 337, §1.
[6] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 22.
[7] *Ibid.*
[8] *Ibid.*, 23.
[9] *Ibid.*
[10] Ara Konċ. Vatikan II, *Christus Dominus*, 3.
[11] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 23.
[12] Ara Gal 2,10.

kbar imsejħin patrijarkati jew reġjunijiet.[1] L-isqfijiet ta' dawn il-ġemgħat jistgħu jingħaqdu flimkien f'sinodi jew konċilji provinċjali. "Hekk ukoll, il-Konferenzi episkopali llum jistgħu wkoll jagħtu l-kontribut tagħhom b'ħafna suriet li jagħtu frott biex l-ispirtu kolleġġjali jseħħ bil-fatti".[2]

L-UFFIĊĊJU TAT-TAGĦLIM

888 L-isqfijiet, flimkien mal-kollaboraturi tagħhom is-saċerdoti, "bħala l-ewwel dmir tagħhom għandhom dak li jxandru l-Evanġelju ta' Alla lill-bnedmin kollha",[3] skont l-ordni tal-Mulej.[4] Huma "l-ħabbara tal-tal-fidi li jwasslu dixxipli ġodda għand Kristu, l-għalliema veri" tal-fidi tal-Appostli, "imżejnin bl-awtorità minn Kristu".[5]

889 Biex il-Knisja żżomm is-safa tal-fidi li għaddewlha l-Appostli, Kristu riedha taqsam miegħu l-infallibbiltà tiegħu. Hu l-Verità. Permezz tas-"sens sopranaturali tal-fidi" l-poplu ta' Alla "jintrabat mal-fidi b'mod li ma jonqos qatt minnha", immexxi mill-Maġisteru ħaj tal-Knisja.[6]

890 Il-missjoni tal-Maġisteru hi marbuta mal-karattru definittiv tal-Patt magħmul minn Alla fi Kristu mal-Poplu tiegħu. Il-Maġisteru hu fid-dmir li jħares lil dan il-Poplu minn kull tgħawwiġ u minn kull nuqqas, u jiżguralu li jkun jista' jistqarr il-fidi vera bla ebda żball. Il-Maġisteru għandu wkoll id-dmir pastorali li jgħasses biex il-poplu ta' Alla, jibqa' jħaddan il-verità li tagħti l-ħelsien. Biex jaqdu dan id-dmir, Kristu ta lir-ragħajja l-kariżma tal-infallibbiltà f'dak li għandu x'jaqsam mal-fidi u l-morali. It-tħaddim ta' din il-kariżma jista' jkollu ħafna suriet:

891 "Għandu din l-infallibbiltà l-isqof ta' Ruma, bħala Kap tal-kulleġġ tal-isqfijiet, bis-saħħa tal-istess uffiċċju tiegħu, bħala l-ogħla ragħaj u għalliem tal-Insara kollha, bid-dmir li jwettaq lil ħutu fil-fidi, meta b'att definittiv iħabbar xi duttrina tal-fidi jew tal-morali... L-infallibiltà mwiegħda lill-Knisja tinsab ukoll fil-ġemgħa tal-isqfijiet meta jħaddmu l-ogħla maġisteru f'għaqda mas-suċċessur ta' San Pietru", l-aktar f'Konċilju Ekumeniku.[7] Meta bil-maġisteru għoli tagħha l-Knisja tipproponi xi ħaġa u tgħid li "għandha titwemmen għax rivelata minn Alla"[8] bħala tagħlim ta' Kristu, aħna "rridu nilqgħu bl-ubbidjenza tal-fidi fidi dawn id-definizzjonijiet".[9] Din l-infallibbiltà tħaddan dak kollu li jinsab fl-istess depożitu tar-Rivelazzjoni ta' Alla.[10]

892 L-għajnuna ta' Alla tingħata lis-suċċessuri tal-Appostli, huma u jgħallmu f'għaqda mas-suċċessur ta' San Pietru, u, b'mod partikulari, tingħata lill-isqof ta' Ruma, Ragħaj tal-Knisja kollha, ukoll meta,

[1] Ara Kanoni tal-Appostli, 34.
[2] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 23.
[3] Konċ. Vatikan II, *Presbyterorum Ordinis*, 4.
[4] Ara Mk 16,15.
[5] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 25.
[6] *Ibid.* 12; *Dei Verbum*, 10.
[7] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 25; ara Konċ. Vatikan I: Denzinger-Schonmetzer, 3074.
[8] Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 10.
[9] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 25.
[10] *Ibid.*

mingħajr ma jkun hemm definizzjoni infallibbli u mingħajr ma tingħad "b'mod definittiv", jipproponu fit-taħriġ tal-maġisteru ordinarju tagħhom xi tagħlim li jwassal biex nifhmu aħjar ir-Rivelazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-fidi u l-morali. L-Insara għandhom jilqgħu dan it-tagħlim "bir-rispett reliġjuż kollu tagħhom",[1] li għalkemm mhuwiex l-istess bħall-att tal-fidi, b'danakollu huwa konness miegħu.

L-UFFIĊĊJU TAT-TQADDIS

893 L-isqof hu wkoll "dak li jqassam il-grazzja tal-ogħla saċerdozju"[2] b'mod partikulari fl-Ewkaristija li hu stess joffri u jara li joffruha wkoll is-saċerdoti, kollaboraturi tiegħu, għaliex l-Ewkaristija hija ċ-ċentru tal-ħajja ta' kull Knisja partikulari. L-isqof u s-saċerdoti jqaddsu l-Knisja bit-talb u l-ħidma tagħhom, bil-ministeru tal-Kelma u tas-sagramenti, iqaddsuha bl-eżempju ta' ħajjithom, "mhux bħallikieku jaħkmu bil-qawwa fuq dawk li messewhom b'xortihom, imma billi jkunu eżempju tal-merħla" *(1 Piet 5,3)*. B'dan il-mod "huma jaslu, flimkien mal-merħla fdata lilhom, fil-ħajja ta' dejjem".[3]

L-UFFIĊĊJU TAT-TMEXXIJA

894 "L-isqfijiet imexxu l-Knejjes partikulari tagħhom bħala vigarji u legati ta' Kristu permezz tal-pariri u l-eżempji tagħhom, billi jħajru l-fidili tagħhom għat-tajjeb, u bl-awtorità u bit-tħaddim tas-setgħat qaddisa tagħhom ukoll".[4] Iżda dan iridu jagħmluh b'mod li jkun ta' eżempju għall-merħla fdata lilhom, b'dak l-ispirtu ta' qadi li kien proprju tal-Imgħallem tagħhom.[5]

895 "Din is-setgħa li huma jħaddmu personalment f'isem Kristu, hi setgħa proprja, ordinarja u immedjata: iżda fit-tħaddim tagħha hi fl-aħħar mill-aħħar immexxija mill-ogħla awtorità tal-Knisja".[6] Iżda dan ma jfissirx li għandna nqisu l-isqfijiet bħala vigarji tal-Papa, għaliex l-awtorità ordinarja u immedjata tiegħu fuq il-Knisja kollha ma tħassarx, anzi twettaq u tħares l-awtorità tal-isqfijiet. Din trid tinħadem f'għaqda mal-Knisja kollha taħt it-tmexxija tal-Papa.

896 Ir-Ragħaj it-tajjeb huwa l-mudell u s-"sura" tal-uffiċċju pastorali tal-isqof. "L-isqof, huwa u jagħraf id-dgħufija tiegħu, jagħder lil dawk li ma jafux u li jiżbaljaw. Ma jistmerrx li jisma' lil dawk li jiddependu minnu u jgħożżhom bħala wliedu… Il-fidili mbagħad għandhom jingħaqdu mal-isqof tagħhom bħalma l-Knisja tingħaqad ma' Kristu, u Ġesù Kristu ma' Missieru":[7]

> Obdu lill-isqof, kif Ġesù Kristu obda lill-Missier, u lill-presbiterju bħala l-Appostli; id-djakni mbagħad irrispettawhom bħala liġi ta' Alla. Araw li ħadd

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 25.
[2] *Ibid.*, 26.
[3] *Ibid.*
[4] *Ibid.*, 27.
[5] Ara Lq 22,26-27.
[6] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 27.
[7] *Ibid.*

> ma jagħmel xejn mingħajr ma jkun jaf l-isqof, xejn minn dak li għandu x'jaqsam mal-Knisja.[1]

## II. L-Insara Lajċi

897 "Insejħu lajċi l-Insara kollha, barra dawk li għandhom l-Ordni sagri u dawk li jħaddnu stat reliġjuż magħruf mill-Knisja, jiġifieri dawk li għax membri tal-Ġisem ta' Kristu permezz tal-Magħmudija u ġew imdaħħlin fil-poplu ta' Alla, għandhom sehem, skont in-natura proprja tagħhom, fl-uffiċċju saċerdotali, profetiku u regali ta' Kristu u jaqdu min-naħa tagħhom fil-Knisja u fid-dinja l-missjoni li hi dik tal-poplu kollu ta' Alla".[2]

IL-VOKAZZJONI TAL-LAJĊI

898 "Il-lajċi, skont il-vokazzjoni proprja tagħhom, għandhom ifittxu s-Saltna ta' Alla huma u jagħmlu l-ħwejjeġ ta' din id-dinja u jmexxuhom lejn Alla. B'mod partikulari, idawlu u jmexxu l-ħwejjeġ kollha tad-dinja, li magħhom huma għandhom rabta liema bħalha, biex isiru kif irid Kristu u jikbru u jkunu ta' tifħir għall-Ħallieq u l-Feddej".[3]

899 L-inizjattiva tal-lajċi Nsara hi meħtieġa b'mod partikulari meta jridu jinstabu u jinħolqu mezzi biex l-oqsma kollha soċjali, politiċi u ekonomiċi tad-dinja jilqgħu fihom dak li titlob id-duttrina u l-ħajja Nisranija. Din l-inizjattiva hi ħaġa normali fil-ħajja tal-Knisja:

> Il-lajċi huma quddiem nett fil-ħajja tal-Knisja: bihom il-Knisja hi għajn ta' ħajja għas-soċjetà; għalhekk, b'mod speċjali, għandhom jagħrfu dejjem aħjar li huma mhumiex biss fil-Knisja, iżda huma l-Knisja, jiġifieri huma komunità ta' Nsara fuq l-art, immexxijin mill-Kap ta' kulħadd, jiġifieri mill-Papa, u mill-isqfijiet f'xirka miegħu. Dawn huma l-Knisja.[4]

900 Għaliex il-lajċi, bħall-Insara kollha, huma mgħobbijin minn Alla bid-dmir tal-appostolat, bis-saħħa tal-Magħmudija u tal-Konfermazzjoni tagħhom, huma fid-dmir u għandhom id-dritt li, individwalment jew fl-assoċjazzjonijiet, iħabirku biex il-Bxara t-Tajba tas-salvazzjoni ta' Alla jilqgħuha l-bnedmin kollha u tinxtered sa truf l-art. Dan id-dmir jorbot wisq aktar fil-każ li jkun permezz tal-lajċi biss li l-bnedmin ikunu jistgħu jisimgħu t-tħabbira tal-Evanġelju u jsiru jafu 'l Kristu. Fil-komunitajiet ekkleżjali, il-ħidma tal-lajċi hi hekk meħtieġa, li mingħajrha l-appostolat tar-ragħajja spiss ma jkollux l-effett sħiħ tiegħu.[5]

IS-SEHEM TAL-LAJĊI FIL-MISSJONI SAĊERDOTALI TA' KRISTU

901 "Il-lajċi, għax ġew ikkonsagrati lil Kristu u rċevew l-unzjoni tal-Ispirtu s-Santu, huma msejħin b'mod tal-għaġeb u mħarrġin biex l-

---

[1] San Injazju ta' Antjokja, *Epistula ad Smyrnaeos*, 8, 1.
[2] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 31.
[3] *Ibid.*
[4] Piju XII, diskors tal-20 ta' Frar 1946, iċċitat minn Ġwanni Pawlu II fl-eżortazzjoni appostolika *Christifideles laici*, 9.
[5] Ara Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 33.

Ispirtu s-Santu jagħmel kotra dejjem akbar ta' frott fihom. Il-ħidmiet kollha tagħhom, it-talb u l-inizjattivi tagħhom ta' appostolat, il-ħajja tagħhom fiż-żwieġ u fi ħdan il-familja, ix-xogħol tagħhom ta' kuljum, il-ħin tal-mistrieħ tagħhom fir-ruħ u l-ġisem, jekk jgħixuhom fl-Ispirtu u jilqgħu wkoll bis-sabar it-tiġrib tal-ħajja, isirulhom sagrifiċċji spiritwali li jogħġbu lil Alla f'Ġesù Kristu *(1 Piet 2,5),* u fiċ-ċelebrazzjoni ewkaristika jiġu, bit-tjieba kollha, offerti lill-Missier flimkien mal-offerta tal-ġisem tal-Mulej. B'hekk il-lajċi jikkonsagraw l-istess dinja lil Alla, huma u jadurawh bil-qdusija ta' ħajjithom".[1]

902 B'mod partikulari l-ġenituri jkunu qegħdin jissieħbu f'dan id-dmir li jqaddsu "billi jgħixu l-ħajja taż-żwieg tagħhom skont l-ispirtu nisrani, u jagħtu lil uliedhom edukazzjoni nisranija".[2]

903 Il-lajċi, jekk ikollhom il-kwalitajiet meħtieġa, jistgħu jiġu istitwiti fil-ministeru tal-lettorat u tal-akkolitat.[3] "Fejn, minħabba n-nuqqas ta' ministri, il-ħtiġijiet tal-Knisja jitolbuh, il-lajċi jistgħu wkoll, għalkemm la huma letturi u lanqas akkolti, jaqdu xi dmirijiet tagħhom bħalma huma l-qadi tal-ministeru tal-Kelma, jippresiedu t-talb liturġiku, jgħammdu u jqarbnu, dejjem skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Knisja".[4]

IS-SEHEM TAL-LAJĊI FIL-MISSJONI PROFETIKA TA' KRISTU

904 "Kristu… jkompli l-missjoni profetika tiegħu mhux biss permezz tal-ġerarkija… imma wkoll permezz tal-lajċi u għalhekk jagħmel minnhom xiehda billi jagħtihom is-sens tal-fidi u l-grazzja tal-kelma":[5]

> Hu dmir ta' kull predikatur, anzi ta' kull min jemmen, li jgħallem lil xi wħud biex iwassalhom għall-fidi.[6]

905 Il-lajċi jaqdu l-missjoni profetika tagħhom permezz tal-evanġelizzazzjoni wkoll, jiġifieri "billi jħabbru 'l Kristu bix-xhieda ta' ħajjithom u bi kliemhom". Fost il-lajċi "din il-ħidma ta' evanġelizzazzjoni… għandha karattru speċifiku u hi b'mod partikulari effikaċi, għaliex issir fil-kundizzjonijiet proprji taż-żmien li jkun":[7]

> Dan l-appostolat mhuwiex biss xhieda ta' ħajja: il-veru appostlu jfittex kull okkażjoni biex iħabbar lil Kristu bil-kelma tiegħu kemm lil dawk li ma jemmnux… u kemm lil dawk li jemmnu".[8]

906 Dawk l-Insara lajċi li huma kapaċi u huma mħarrġin sewwa jistgħu jagħtu sehemhom ukoll fil-formazzjoni kateketika,[9] fit-tagħlim tat-teoloġija[10] u fil-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali.[11]

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 14; ara 10.
[2] CIC kan 835, 4.
[3] Ara *ibid.* kan 230, 1.
[4] *Ibid.* kan 230, 3.
[5] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 35.
[6] San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae,* III, 71, 4 ad 3.
[7] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 35.
[8] Konċ. Vatikan II, *Apostolicam actuositatem,* 6; ara *Ad gentes,* 15.
[9] Ara CIC kan 774, 776, 780.
[10] Ara CIC kan229.
[11] *Ibid.* kan 823, §3.

907 Il-lajċi, skont id-dmir, il-ħila u l-ġieħ li jkollhom, għandhom id-dritt u xi kultant ukoll id-dmir li juru l-fehma tagħhom lir-ragħajja tal-Knisja dwar dak li jkollu x'jaqsam mal-ġid tal-Knisja u jgħarrfu 'l-Insara l-oħra wkoll b'din il-fehma tagħhom, sakemm jibqgħu bla mittiefsa s-sħuħija tal-fidi u tal-morali u r-rispett li għandu jingħata lir-ragħajja, waqt li jitqiesu sewwa kemm il-ġid ta' kulħadd u kemm id-dinjità tal-persuni".[1]

IS-SEHEM TAL-LAJĊI FIL-MISSJONI REGALI TA' KRISTU

908 Kristu, għax obda sal-mewt,[2] ta lid-dixxipli tiegħu d-don tal-ħelsien regali, "biex jeqirdu s-saltna tad-dnub fihom infushom biċ-ċaħda u l-qdusija ta' ħajjithom":[3]

> Min jaħkem fuq ġismu u jmexxi 'l ruħu bla ma jħalli l-passjonijiet tiegħu jegħlbuh, hu sid tiegħu nnifsu: jista' jissejjaħ sultan għaliex għandu l-ħila jmexxi lilu nnifsu, u huwa ħieles u indipendenti u ma jħallix lilu nnifsu jitjassar bi ħtija tiegħu stess.[4]

909 "Barra dan, il-lajċi għandhom ukoll jingħaqdu flimkien biex iġeddu l-istituzzjonijiet u l-kundizzjonijiet tad-dinja, fejn u meta dawn iħajru l-imġiba għad-dnub, biex jimxu kollha man-normi tal-ġustizzja u, flok ifixklu, jgħinu aktar il-ħarsien ta' kull virtù. Meta jagħmlu dan, ikunu jdaħħlu valuri morali fil-kulturi u l-ħidmiet tal-bnedmin".[5]

910 "Il-lajċi jistgħu jħossu li huma msejħin jew qegħdin jiġu msejħin biex jissieħbu mar-ragħajja tagħhom fil-qadi tal-komunità ekkleżjali, għall-ġid tal-ħajja u l-kobor tagħha, billi jaqdu ministeri differenti, skont il-grazzja u l-kariżmi li l-Mulej jogħġbu jnissel fihom".[6]

911 Fil-Knisja "l-lajċi Nsara jistgħu jagħtu sehemhom fit-tħaddim tas-setgħa tat-tmexxija, skont il-liġi".[7] Hekk hi l-preżenza tal-lajċi fil-Konċilji partikulari,[8] fis-Sinodi djoċesani,[9] fil-Kunsilli pastorali,[10] fil-ħidma mal-oħrajn fl-attività pastorali f'parroċċa,[11] f'kollaborazzjoni f'kunsilli ta' amministrazzjoni,[12] f'parteċipazzjoni fit-tribunali ekkleżjastiċi,[13] u l-bqija.

912 L-Insara "jridu bilgħaqal kollu jagħmlu għażla bejn id-drittijiet u d-dmirijiet li għandhom bħala membri tal-Knisja, u bejn id-drittijiet u d-dmirijiet li għandhom bħala membri tas-soċjetà tal-bnedmin. Għandhom ifittxu jsieħbu flimkien f'armonija sħiħa dawn id-drittijiet u d-dmirijiet, huma u jżommu quddiemhom li l-kuxjenza nisranija

[1] CIC kan 212, §3
[2] Ara Fil 2,8-9.
[3] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 36.
[4] San Ambroġ, *Expositio Psalmi CXVIII* 14, 30: PL 15, 1403A.
[5] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 36.
[6] Pawlu VI, eżortazzjoni appostolika *Evangelii nuntiandi*, 73.
[7] CIC kan 129, §2.
[8] *Ibid.* kan 443, §4.
[9] *Ibid.* kan 463, 1, 2.
[10] *Ibid.* kan 511, 536.
[11] *Ibid.* kan 517, §2.
[12] *Ibid.* 492, §1, 536.
[13] *Ibid.* 1421, §2.

tagħhom trid tmexxihom fl-oqsma kollha ta' din id-dinja għaliex ebda ħidma tal-bniedem, ukoll jekk hi ta' din id-dinja, ma tista' teħles minn taħt is-setgħa ta' Alla".[1]

913 "Kull lajk, bil-qawwa tad-doni li jingħatawlu, hu xhud u fl-istess ħin strument ħaj tal-missjoni tal-Knisja stess, 'skont il-qies tad-don ta' Kristu' *(Ef 4,7)*".[2]

## III. Il-Ħajja Konsagrata

914 "L-istat ta' ħajja li jiġi mill-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi, għalkemm mhux parti mill-ġerarkija tal-Knisja, hu parti sewwa mill-ħajja u l-qdusija tagħha".[3]

KUNSILLI EVANĠELIĊI, ĦAJJA KKONSAGRATA

915 Il-kunsilli evanġeliċi, fl-għadd kollu tagħhom, il-Knisja toffrihom lid-dixxipli kollha ta' Kristu. Il-perfezzjoni tal-imħabba li l-Insara kollha huma msejħin għaliha, titlob minn dawk li minn rajhom jilqgħu s-sejħa għall-ħajja kkonsagrata d-dmir li jħarsu l-kastità fiċ-ċelibat f'ġieħ is-Saltna tas-Smewwiet, u jħarsu wkoll il-faqar u l-ubbidjenza. Hi l-*professjoni* ta' dawn il-kunsilli fi stat ta' ħajja stabbli, rikonoxxuta mill-Knisja, li tikkaratterizza l-"ħajja kkonsagrata" lil Alla.[4]

916 L-istat ta' ħajja konsagrata jidher għalhekk wieħed mill-modi li bih wieħed iħaddan konsagrazzjoni "aktar intima", li għandha l-għeruq tagħha fil-Magħmudija, u ta' dedikazzjoni sħiħa lil Alla.[5] Fil-ħajja kkonsagrata l-fidili ta' Kristu, imqanqlin mill-Ispirtu s-Santu, jimpenjaw ruħhom li jimxu wara Kristu aktar mill-qrib, li jingħataw lil Alla u jħobbuh 'il fuq minn kollox u, waqt li jfittxu l-perfezzjoni tal-imħabba fil-qadi tas-Saltna, ifissru u jħabbru fil-Knisja l-glorja tad-dinja li għad trid tiġi.[6]

SIĠRA KBIRA B'ĦAFNA FRIEGĦI

917 Bħal siġra li fl-għalqa tal-Mulej tinbet minn żerriegħa li jkun żera' l-Mulej u tikber u tifrex il-ħafna friegħi tagħha b'mod tassew tal-għaġeb, hekk żviluppaw il-ħafna suriet ta' ħajja solitarja jew komunitarja, familji diversi li mill-għana spiritwali kollu tagħhom kisbu ġid kemm il-membri tagħhom u kemm il-Ġisem kollu ta' Kristu".[7]

918 "Sa mill-bidu tal-Knisja kien hemm irġiel u nisa li riedu, bil-ħarsien tal-kunsilli evanġeliċi, imorru minn rajhom wara Kristu u jfittxu li jkunu jixbhuh b'fedeltà akbar, kull wieħed skont il-manjiera tiegħu, u

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 36.
[2] *Ibid.*, 33.
[3] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 44.
[4] Ara Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium* 42-43; *ibid.*, *Perfectae caritatis*, 1.
[5] Ara Konċ. Vatikan II, *Perfectae caritatis*, 5.
[6] Ara CIC kan 573.
[7] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 43.

jgħixu ħajja kkonsagrata lil Alla. Ħafna minnhom, ispirati mill-Ispirtu s-Santu, għexu ħajja waħedhom, jew waqfu familji reliġjużi, li l-Knisja laqgħet bil-qalb u approvat bl-awtorità tagħha".[1]

919 L-isqfijiet dejjem ħabirku biex jagħrfu d-doni ġodda ta' ħajja kkonsagrata li l-Ispirtu s-Santu jafda lill-Knisja tiegħu; l-approvazzjoni ta' suriet ġodda ta' ħajja kkonsagrata hija riservata lis-Sede Appostolika.[2]

IL-ĦAJJA TAL-EREMITI

920 L-eremiti, għalkemm mhux dejjem jipprofessaw pubblikament it-tliet kunsilli evanġeliċi, "jikkonsagraw ħajjithom għat-tifħir ta' Alla u għas-salvazzjoni tad-dinja f'ħarba aktar 'il bogħod mid-dinja, fis-skiet u s-solitudni, fit-talb ma jaqtax u fil-penitenza."[3]

921 L-eremiti juru lil kulħadd dan l-aspett intimu tal-misteru tal-Knisja li jikkonsisti f'intimità personali ma' Kristu. Il-ħajja tal-eremita, moħbija għal għajnejn il-bnedmin, hi predikazzjoni siekta dwar Dak li lilu l-eremita offra ħajtu, għaliex hu kollox għalih. Din is-sura ta' ħajja hi stedina partikulari biex fid-deżert, fl-istess taqbida spiritwali, insibu l-glorja ta' Kristu msallab.

IL-VERĠNI U R-ROMOL KONSAGRATI

922 Sa minn żmien l-Appostli xi xebbiet u xi romol insara, imsejħin mill-Mulej biex jingħaqdu miegħu biss u ħielsa għalkollox fil-qalb, il-ġisem u l-ispirtu, qatgħuha, bl-approvazzjoni tal-Knisja, li jgħixu l-istat tagħhom ta' verġinità jew ta' kastità perpetwa "għas-Saltna tas-smewwiet" *(Mt 19,12)*.

923 "Waqt li jfissru l-fehma qaddisa tagħhom li jmorru wara Kristu aktar mill-qrib, dawn ix-xebbiet jiġu kkonsagrati lil Alla mill-isqof djoċesan, skont rit liturġiku approvat: jitgħarrsu mistikament ma' Kristu l-Iben ta' Alla, u jiddedikaw ruħhom għall-qadi tal-Knisja".[4] B'dan B'dan ir-rit solenni, "il-verġni ssir persuna sagra, sinjal għoli tal-imħabba tal-Knisja għal Kristu, xbieha eskatoloġika tal-Għarusa tas-sema u tal-ħajja li ġejja".[5]

924 "Bħal suriet oħra ta' ħajja kkonsagrata"[6] l-ordni tal-verġni jagħti lill-mara li qiegħda tgħix fid-dinja (jew lis-soru tal-klawsura) li tgħaddi ħajja fit-talb, fil-penitenza, fil-qadi tal-aħwa u fil-ħidma tal-appostolat skont il-kundizzjoni u l-kariżma li Alla jagħti lil kull waħda.[7]

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Perfectae caritatis,* 1.
[2] Ara CIC kan 605.
[3] CIC kan 603, §1.
[4] *Ibid.* kan 604, §1.
[5] *Ordo Consecrationis Virginis, parenotanda,* 1.
[6] CIC kan 604, §1.
[7] *Ordo Consecrationis Virginis, parenotanda,* 2.

Il-verġni kkonsagrati jistgħu jissieħbu flimkien biex iħarsu b'fedeltà aqwa l-fehma tagħhom.[1]

IL-ĦAJJA RELIĠJUŻA

925 Il-ħajja reliġjuża li bdiet fl-ewwel żminijiet tal-Kristjaniżmu fil-Lvant[2] u jgħixuha l-membri tal-istituti mwaqqfin kanonikament mill-Knisja,[3] tingħażel minn suriet oħra ta' ħajja kkonsagrata mill-aspett tal-kult, mill-professjoni pubblika tal-kunsilli evanġeliċi, mill-ħajja li r-reliġjużi jgħixu flimkien bħala aħwa, u mix-xhieda li jagħtu tal-għaqda ta' Kristu u l-Knisja.[4]

926 Il-ħajja reliġjuża toħroġ mill-misteru tal-Knisja. Hi don li l-Knisja tirċievi mingħand Sidha u li hi toffri bħala stat ta' ħajja stabbli lil min ikun imsejjaħ minn Alla għall-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi. B'hekk il-Knisja fl-istess waqt tkun tista' turi lil Kristu u tagħraf lilha nfisha bħala l-Għarusa tal-Feddej. Il-ħajja reliġjuża hi msejħa biex tesprimi, permezz ta' forom differenti, l-istess imħabba ta' Alla b'lingwaġġ ta' żmienna.

927 Ir-reliġjużi kollha, eżenti jew le,[5] għandhom posthom mal-kooperaturi tal-isqof djoċesan fil-ħidma pastorali tiegħu.[6] Il-ħidma missjunarja għat-twaqqif u t-tkabbir tal-Knisja titlob il-preżenza tal-ħajja reliġjuża fis-suriet kollha tagħha sa mill-bidu tal-evanġelizzazzjoni,[7] "L-istorja tagħti xhieda tal-merti kbar tal-familji reliġjużi fix-xandir tal-fidi u fit-twaqqif tal-Knejjes ġodda, ibda mill-istituzzjonijiet monastiċi tal-qedem u l-Ordnijiet taż-żmien tan-nofs sal-Kongregazzjonijiet tal-lum".[8]

L-ISTITUTI SEKULARI

928 "L-Istitut sekulari hu istitut ta' ħajja kkonsagrata li fih il-fidili, huma u jgħixu fid-dinja, ifittxu l-perfezzjoni tal-imħabba u jħabirku għall-qdusija tad-dinja, l-aktar minn ġewwa".[9]

929 B'"ħajja kollha kemm hi kkonsagrata perfettament għal din is-sura ta' qdusija"[10] il-membri ta' dawn l-Istituti huma mseħbin fil-ħidma tal-Knisja għall-evanġelizzazzjoni "fid-dinja u mid-dinja" fejn il-preżenza tagħhom hi "bħall-ħmira".[11] "Ix-xhieda tal-ħajja nisranija" li huma jagħtu trid twassal biex "il-ħwejjeġ ta' din id-dinja jsiru kif irid Alla u l-qawwa tal-Evanġelju tidħol 'il ġewwa fid-dinja". Huma jintrabtu bir-rabta qaddisa tal-kunsilli evanġeliċi u jgħożżu bejniethom dik l-

[1] Ara CIC kan 604, §2.
[2] Ara Konċ. Vatikan II, *Unitatis redintegratio*, 15.
[3] Ara CIC kan 573.
[4] Ara CIC kan 607.
[5] Ara *ibid.* kan 591.
[6] Ara Konċ. Vatikan II, *Christus Dominus*, 33-35.
[7] Ara Konċ. Vatikan II, *Ad gentes*, 18, 40.
[8] Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Redemptoris missio*, 69.
[9] CIC kan 710.
[10] Piju XII, kostituzzjoni appostolika *Provida Mater*.
[11] Konċ. Vatikan II, *Perfectae caritatis*, 11.

għaqda u dik l-imħabba ta' aħwa li hi proprja "tas-sura tagħhom ta' ħajja fid-dinja".[1]

## IS-SOĊJETAJIET TA' ĦAJJA APPOSTOLIKA

930 Mal-ħafna suriet ta' ħajja kkonsagrata "jsibu posthom is-soċjetajiet ta' ħajja appostolika, li l-membri tagħhom, mingħajr ma jkunu marbutin bil-voti reliġjużi, iħabirku biex jilħqu l-għan appostoliku proprju tas-soċjetà tagħhom u, waqt li jgħixu flimkien ħajja ta 'aħwa, ifittxu, skont il-mod tal-ħajja proprja tagħhom, il-perfezzjoni tal-imħabba bil-ħarsien tal-kostituzzjonijiet tagħhom. Hemm fosthom soċjetajiet li l-membri tagħhom jintrabtu bil-ħarsien tal-kunsilli evanġeliċi skont il-kostituzzjonijiet tagħhom".[2]

## KONSAGRAZZJONI U MISSJONI:
## TĦABBIRA TAS-SULTAN LI GĦANDU JIĠI

931 Mogħti lil Alla maħbub fuq kollox u aktar minn kollox, dak li bil-Magħmudija hu ġa kkonsagrat lil Alla, jiġi kkonsagrat b'mod aktar intimu għall-qadi ta' Alla u impenjat għall-ġid tal-Knisja. Bl-istat ta' konsagrazzjoni lil Alla, il-Knisja tħabbar lil Kristu u turi kif l-Ispirtu s-Santu jaħdem fiha b'mod tal-għaġeb. "Dawk li jħaddnu l-kunsilli evanġeliċi għandhom l-ewwel nett bħala missjoni tagħhom li jgħixu l-konsagrazzjoni tagħhom. Iżda, għax huma kkonsagraw ruħhom għas-servizz tal-Knisja, bis-saħħa stess tal-konsagrazzjoni tagħhom, huma fid-dmir li jħabirku b'mod speċjali fil-ħidma missjunarja, skont il-mod proprju tal-Istitut tagħhom".[3]

932 Fil-Knisja li hi bħalma hu sagrament, jiġifieri sinjal u strument tal-ħajja ta' Alla, il-ħajja kkonsagrata tidher bħala sinjal partikulari tal-misteru tal-fidwa. Min jimxi wara Kristu u jkun jixbhu "dejjem aktar", juri "b'mod dejjem aktar ċar" ix-xejn tiegħu, ifisser li hu jinsab dejjem "aktar fil-fond" tal-qalb ta' Kristu għan-nies ta' żmienu. Għaliex dawk li mexjin f'din it-triq "id-dejqa" jqanqlu lil ħuthom bl-eżempju tagħhom u jagħtu din ix-xhieda hekk ċara "li d-dinja ma tistax tinbidel u tingħata lil Alla mingħajr l-ispirtu tal-beatitudnijiet".[4]

933 Kemm jekk ix-xhieda ta' dawk li huma kkonsagrati lil Alla hi pubblika, kif hu l-każ tal-istat reliġjuż, u kemm jekk hi inqas pubblika, jew moħbija, il-miġja ta' Kristu għal dawk kollha li huma kkonsagrati hi l-bidu u d-direzzjoni ta' ħajjithom kollha:

> Kif il-poplu ta' Alla hawn fuq l-art ma għandux għamara għal dejjem, (l-istat reliġjuż)... juri, lil dawk kollha li jemmnu, il-preżenza sa minn dan iż-żmien tal-ġid tas-sema: jagħti xhieda tal-ħajja ġdida li nkisbet bil-fidwa ta' Kristu, u jħabbar il-qawmien li għad irid iseħħ u l-glorja tas-sema.[5]

---

[1] Ara CIC kan 713, §2.
[2] CIC kan 731, 1.2.
[3] *Ibid.* kan 783; ara Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Redemptoris missio*, 69.
[4] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 31.
[5] *Ibid.*, 44.

## Fil-qosor

934 *"Fil-Knisja, b'istituzzjoni divina, hemm fost il-fidili ministri mqaddsa li bid-dritt kollu jissejħu kjeriċi; l-oħrajn jissejħu lajċi". Fl-aħħar nett hemm ukoll fidili oħra li jagħmlu parti jew minn kategorija jew minn oħra li permezz tal-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi, ikkonsagraw ruħhom lil Alla u hekk għas-servizz tal-missjoni tal-Knisja.*[1]

935 *Kristu, biex ixandar il-fidi u jwaqqaf il-Knisja tiegħu, jibgħat l-Appostli u s-suċċessuri tagħhom. Jagħtihom sehem mill-missjoni tiegħu. Mingħandu jirċievu s-setgħa li jaħdmu f'ismu.*

936 *Il-Mulej għamel minn San Pietru l-pedament viżibbli tal-Knisja tiegħu. Fdalu f'idejh l-imfietaħ tagħha. L-isqof tal-Knisja ta' Ruma, is-suċċessur ta' San Pietru, hu "l-kap tal-kulleġġ tal-isqfijiet, il-vigarju ta' Kristu, u r-ragħaj tal-Knisja kollha fuq l-art".*[2]

937 *Il-Papa "għandu b'awtorità ġejja minn Alla, setgħa suprema, sħiħa, immedjata u universali għat-tmexxija tal-erwieħ".*[3]

938 *L-isqfijiet, imqegħdin mill-Ispirtu s-Santu, huma s-suċċessuri tal-Appostli. Huma, "kull wieħed skont is-sehem tiegħu, il-prinċipju viżibbli u l-pedament tal-għaqda fil-Knejjes partikulari tagħhom".*[4]

939 *L-isqfijiet, bl-għajnuna tas-saċerdoti l-kollaboraturi tagħhom, u tad-djakni, għandhom id-dmir li jgħallmu l-fidi vera, jiċċelebraw il-kult divin, speċjalment l-Ewkaristija, u jmexxu l-Knejjes tagħhom bħala ragħajja tassew. Huma għandhom ukoll fil-ħsieb tagħhom il-ħerqa għall-Knejjes kollha mal-Papa u taħt il-Papa.*

940 *"Hu proprju tal-istat tal-lajċi li jgħixu ħajjithom f'nofs id-dinja u l-ħsibijiet tagħha. Huma msejħin minn Alla biex jaqdu l-appostolat tagħhom fid-dinja bħala ħmira, bil-qawwa tal-ispirtu nisrani tagħhom".*[5]

941 *Il-lajċi għandhom sehem mis-saċerdozju ta' Kristu. Aktar ma jkunu magħqudin miegħu, aktar iqiegħdu fid-dieher il-grazzja tal-Magħmudija u tal-Konfermazzjoni fid-dimensjonijiet kollha tal-ħajja personali, familjari, soċjali u ekkleżjali, u hekk iwieġbu għas-sejħa tal-qdusija magħmula lill-imgħammdin kollha.*

942 *Il-lajċi, minħabba l-missjoni profetika tagħhom, "huma msejħin ukoll biex, fiċ-ċirkostanzi kollha u fil-qalba stess tal-komunità tal-bnedmin, ikunu xhieda ta' Kristu".*[6]

943 *Il-lajċi, minħabba l-missjoni regali tagħhom, għandhom il-qawwa biex jeqirdu s-saltna tad-dnub fihom infushom u fid-dinja biċ-ċaħdiet tagħhom u bil-qdusija ta' ħajjithom.*[1]

---

[1] CIC kan 207, 1.2.
[2] CIC kan 331.
[3] Konċ. Vatikan II, *Christus Dominus*, 23.
[4] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 23.
[5] Konċ. Vatikan II, *Apostolicam actuositatem*, 2.
[6] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et Spes*, 44.

944 *Il-ħajja kkonsagrata lil Alla għandha bħala karatteristika tagħha l-professjoni pubblika tal-kunsilli evanġeliċi tal-faqar, tal-kastità u tal-ubbidjenza f'sura ta' ħajja stabbli magħrufa mill-Knisja.*

945 *Mogħti lil Alla maħbub fuq kollox u aktar minn kollox, dak li fil-Magħmudija ġa ġie kkonsagrat lil Alla, fl-istat ta' ħajja kkonsagrata jiġi kkonsagrat b'mod aktar intimu għall-qadi ta' Alla u impenjat għall-ġid tal-Knisja kollha.*

Il-ħames paragrafu

## IX-XIRKA TAL-QADDISIN

946 Wara li s-Simbolu tal-Appostli jistqarr "il-Knisja mqaddsa kattolika", iżid: "Ix-xirka tal-qaddisin". Dan l-artiklu b'xi mod ifisser l-artiklu ta' qabel: "X'inhi l-Knisja jekk mhux xirka tal-qaddisin kollha?".[2] Ix-xirka tal-qaddisin hi proprju l-Knisja.

947 "Għaliex dawk kollha li jemmnu jagħmlu ġisem wieħed, il-ġid ta' kull wieħed jitqassam lill-oħrajn... Bl-istess mod irridu nemmnu li fil-Knisja hemm komunjoni ta' ġid. Iżda l-membru l-aktar importanti fil-Knisja hu Kristu għax hu r-Ras... Għalhekk, il-ġid ta' Kristu jitqassam lill-membri kollha, u dan it-tqassim isir permezz tas-sagramenti tal-Knisja".[3] "Għax din il-Knisja hi mmexxija mill-istess Spirtu wieħed, il-ġid kollu li rċeviet bilfors isir għajn ta' ġid għal kulħadd".[4]

948 Il-kliem "xirka tal-qaddisin" għandu żewġ tifsiriet, marbutin sewwa ma' xulxin: 'xirka fil-ħwejjeġ qaddisa' *('sancta')*, u 'xirka bejn persuni qaddisa' *('sancti')*.

> *Sancta sanctis!* ("il-ħwejjeġ qaddisa għall-qaddisin") iħabbar iċ-ċelebrant f'ħafna mill-liturġiji tal-Lvant fil-ħin tal-elevazzjoni tad-Doni qaddisa qabel it-tqarbin. Il-fidili *(sancti)* jitmantnu bil-ġisem u d-demm ta' Kristu *(sancta)* biex jikbru fl-għaqda tal-Ispirtu s-Santu *(koinonia)* u jwassluha lid-dinja.

### I. Ix-Xirka fil-ġid spiritwali

949 Fil-komunità tal-bidu f'Ġerusalemm, id-dixxipli kienu "jżommu sħiħ fit-tagħlim tal-Appostli u fl-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb" *(Atti 2,42)*.

*Ix-xirka fil-fidi.* Il-fidi tal-Insara hi l-fidi tal-Knisja li rċeviet mill-Appostli, teżor ta' ħajja li jistagħna meta jinqasam mal-oħrajn.

---

[1] Ara Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 36.
[2] Niċeta ta' Remesjana, *Explanatio symboli*, 10: PL 52, 871B.
[3] San Tumas ta' Aquino, *Expositio in symbolum apostolicum*, 10.
[4] *Catechismus Romanus* 1, 10, 24.

950 *Ix-xirka tas-sagramenti.* "Il-frott tas-sagramenti kollha hu ta' kulħadd. Għax is-sagramenti, u l-aktar il-Magħmudija li qisha l-bieb li minnu l-bnedmin jidħlu fil-Knisja, huma għadd ta' rabtiet qaddisa li jgħaqqdu flimkien il-bnedmin u jorbtuhom ma' Ġesù Kristu. Ix-xirka tal-qaddisin hi x-xirka tas-sagramenti. Kull sagrament jista' jissejjaħ xirka, għax kull wieħed minnhom jgħaqqadna ma' Alla... Iżda l-isem ta' xirka jgħodd l-aktar għall-Ewkaristija milli għal kull sagrament ieħor, għax hi l-Ewkaristija li ġġib il-milja ta' din ix-xirka".[1]

951 *Ix-xirka tal-kariżmi.* Fix-xirka tal-Knisja l-Ispirtu s-Santu "jqassam fost il-fidili ta' kull grad... grazzji speċjali" għall-bini tal-Knisja.[2] Issa "lil kull wieħed tingħata r-rivelazzjoni tal-Ispirtu għall-ġid ta' kulħadd" *(1 Kor 12,7)*.

952 *"Kellhom kollox flimkien" (Atti 4,32).* "Kulma għandu n-Nisrani veru, għandu jqisu bħala ġid li għandu flimkien ma' kulħadd, u għandu dejjem ikun lest u jħoss ruħu mġiegħel jgħin lill-fqir u lil għajru li jinsab fil-miżerja".[3] In-Nisrani hu amministratur tal-ġid tal-Mulej.[4]

953 *Ix-xirka tal-imħabba.* Fix-"xirka tal-qaddisin" "ħadd fostna ma jgħix għalih innifsu u ħadd ma jmut għalih innifsu" *(Rum 14,7)*. "Jekk membru jbati, ibatu lkoll miegħu, jekk membru jitfaħħar, jifirħu lkoll miegħu. Intom il-Ġisem ta' Kristu, u kull wieħed minnkom biċċa minnu" *(1 Kor 12,26-27)*. "L-imħabba ma tfittixx dak li hu tagħha".[5] L-iċken għemil tagħna magħmul b'imħabba hu ta' ġid għal kulħadd, f'solidarjetà mal-bnedmin kollha, ħajjin u mejtin, solidarjetà li tinbena fuq ix-xirka tal-qaddisin. Kull dnub hu ta' ħsara għal din ix-xirka.

## II. Ix-Xirka tal-Knisja tas-sema u tal-art

954 *It-tliet stati tal-Knisja*. "Huma u jistennew lill-Mulej jerġa' jiġi b'setgħa kbira, flimkien mal-anġli kollha tiegħu, tinqered il-mewt, u kollox jitqiegħed taħt riġlejn Kristu, xi wħud mid-dixxipli tiegħu jkomplu fuq l-art il-mixi tagħhom lejn is-sema, oħrajn wara li jtemmu l-mixi tagħhom fid-dinja jkunu għadhom jissaffew mit-tniġis tad-dinja, u oħrajn imbagħad ġa qegħdin fil-glorja jikkontemplaw f'dija ta' dawl, Alla wieħed fi Tliet Persuni, hekk kif inhu":[6]

> Iżda lkoll kemm aħna, fi gradi diversi u taħt suriet diversi, aħna magħqudin flimkien fl-istess imħabba għal Alla u għal għajrna, inlissnu lkoll l-istess innu ta' glorja lil Alla tagħna. Dawk kollha li huma ta' Kristu, u għandhom l-Ispirtu tiegħu, jagħmlu Knisja waħda u jqisu lil xulxin li huma lkoll ħaġa waħda fi Kristu.[7]

---

[1] *Catechismus Romanus* 1, 10, 24.
[2] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 12.
[3] *Catechismus Romanus* 1, 10, 27.
[4] Ara Lq 16,1.3.
[5] Ara 1 Kor 13,5; ara 10,24.
[6] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 49.
[7] *Ibid.*

955 "L-għaqda bejn dawk li għadhom mexjin fi triqthom lejn is-sema ma' ħuthom li ġa raqdu fis-sliem ta' Kristu qatt ma ġiet nieqsa bl-ebda mod. Anzi, skont it-twemmin li ħaddnet il-Knisja minn dejjem, din l-għaqda tissaħħaħ bil-bdil tal-ġid spiritwali".[1]

956 *L-interċessjoni tal-qaddisin.* "Dawk li ġa qegħdin jgħammru fis-sema, għaliex huma magħqudin ma' Kristu b'mod aktar intimu, jgħinu biex il-Knisja tissaħħaħ aktar fil-qdusija. Ma jieqfu qatt jidħlu għalina quddiem il-Missier, u joffru l-merti li kisbu fuq l-art permezz tal-Medjatur waħdieni ta' Alla u tal-bnedmin, Ġesù Kristu... Il-ħerqa tagħhom ta' aħwa hi ta' għajnuna kbira għalina fid-dgħufija tagħna":[2]

> Tibkux, jien inkun aktar ta' ġid għalikom wara mewti u ngħinkom b'mod aktar effikaċi milli għentkom tul ħajti (San Duminku lil ħutu huwa u jmut).[3]

> Ngħaddi l-ġenna tiegħi nagħmel il-ġid fuq l-art.[4]

957 *Ix-xirka mal-qaddisin*. "Aħna ma nivvenerawx biss it-tifkira tal-qaddisin tas-sema minħabba l-eżempji li tawna, imma nivvenerawhom aktar biex tissaħħaħ l-għaqda tal-Knisja kollha fl-Ispirtu, billi nuru mħabba għal xulxin bħal aħwa. Kif l-għaqda tal-Insara kollha fid-dinja tressaqna aktar qrib Kristu, hekk l-għaqda tagħna mal-qaddisin tgħaqqadna ma' Kristu li minnu, qisha minn għajn u mir-Ras, toħroġ kull grazzja u l-ħajja tal-istess poplu ta' Alla":[5]

> Lil Kristu nadurawh għax hu Bin Alla, lill-martri nħobbuhom għax dixxipli tal-Mulej u saru jixbhuh, u din hi ħaġa sewwa, minħabba d-devozzjoni liema bħalha li huma wrew lejn is-sultan u l-imgħallem tagħhom. Jalla aħna wkoll inkunu sħabhom u dixxipli tagħhom.[6]

958 *Ix-xirka mal-mejtin*. "Il-Knisja tal-Insara li għadhom f'din id-dinja, hija u tagħraf sewwa l-għaqda li hemm fi ħdan il-Ġisem mistiku kollu ta' Ġesù Kristu, sa mill-ewwel żminijiet żammet b'għożża u tjieba kbira t-tifkira tal-mejtin u, għaliex 'hu ħsieb qaddis u tajjeb toffri sagrifiċċju biex il-mejtin jeħilsu minn dnubiethom' *(2 Mak 12,45),* offriet għalihom ukoll is-suffraġji tagħha".[7] It-talb tagħna għalihom mhux biss jgħinhom, imma jagħmel effikaċi l-interċessjoni tagħhom għalina.

959 *...fil-familja waħda ta' Alla.* "Aħna lkoll li aħna wlied Alla u lkoll flimkien nagħmlu fi Kristu l-familja waħda ta' Alla, meta nissieħbu flimkien fl-imħabba għal xulxin u fit-tifħir tat-Trinità Qaddisa, inkunu qegħdin inwieġbu għas-sejħa l-aktar intima tal-Knisja".[8]

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 49.
[2] *Ibid.*
[3] Ara Beatu Ġordan ta' Sassonja, *Libellus de principiis Ordinis Praedicatorum*, 93.
[4] Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, *L-Aħħar Kelmiet*.
[5] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 50.
[6] San Polikarpu ta' Smirna, mill-*Martyrium Polycarpi*, 17.
[7] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 50.
[8] *Ibid.*, 51.

## Fil-qosor

960 *Il-Knisja hi "x-xirka tal-qaddisin". Din l-espressjoni tfisser l-ewwel nett dawk "il-ħwejjeġ qaddisa"* ("sancta")*, u qabel kollox l-Ewkaristija, li biha "tintwera u sseħħ l-għaqda tal-fidili li, fi Kristu, jagħmlu Ġisem wieħed".*[1]

961 *Il-kliem "xirka tal-qaddisin" ifisser ukoll "xirka ta' persuni qaddisa"* ("sancti") *fi Kristu li "miet għal kulħadd" b'mod li kulma wieħed jagħmel jew isofri fi Kristu u għal Kristu, ikun ta' frott għal kulħadd.*

962 *"Aħna nemmnu fix-xirka tal-Insara kollha fi Kristu, ta' dawk li għadhom mexjin f'din id-dinja lejn is-sema, tal-mejtin li qegħdin jissaffew mit-tinġis tad-dinja, tal-qaddisin tas-sema: kollha flimkien jagħmlu Knisja waħda, u aħna nemmnu li f'din ix-xirka l-imħabba kollha ħniena ta' Alla u tal-qaddisin hi dejjem lesta tisma' t-talb tagħna".*[2]

Is-sitt paragrafu

# MARIJA, OMM KRISTU, OMM IL-KNISJA

963 Wara li tkellimna dwar il-Verġni Marija fil-misteru ta' Kristu u tal-Ispirtu, jaqbel li issa naraw il-post tagħha fil-misteru tal-Knisja. "Il-Verġni Marija nagħrfuha u nagħtuha ġieħ bħala vera Omm Alla u Omm il-Feddej... Hi wkoll tassew Omm il-membri (ta' Kristu)... għaliex bl-imħabba tagħha tgħin biex jitwieldu fil-Knisja l-fidili, li huma membri tar-Ras tal-Knisja.[3] "...Marija, Omm Kristu, Omm il-Knisja".[4]

## I. Il-maternità ta' Marija għall-Knisja

MAGHQUDA ĦAĠA WAHDA MA' BINHA...

964 Il-ħidma ta' Marija favur il-Knisja ma tistax tinfired mill-għaqda tagħha ma' Kristu, għax toħroġ direttament minnha. "Din l-għaqda ta' Marija ma' Binha fl-opra tas-salvazzjoni tidher sa mill-mument tat-tnissil verġinali ta' Kristu u tibqa' sal-mewt tiegħu".[5] B'mod partikulari tidher fil-Passjoni tiegħu:

> Il-Verġni Marija mxiet 'il quddiem fil-mixi tagħha tal-fidi, u żammet bil-fedeltà kollha r-rabta tagħha ma' Binha sas-salib, u ħdejn is-salib waqfet, – f'dan ma kienx nieqes il-ħsieb ta' Alla – u ssieħbet bil-qawwa kollha fit-tbatijiet u s-sagrifiċċju ta' Binha l-Waħdieni b'qalb ta' omm, hija u taċċetta bl-imħabba kollha li dak li nisslet hi jkun il-vittma għas-sagrifiċċju, u fl-

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 3.
[2] Pawlu VI, Kredu tal-Poplu ta' Alla, 30.
[3] Santu Wistin, *De virginitate* 61; ċitat fil-Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 53.
[4] Pawlu VI, Diskors tal-21 ta' Novembru 1964.
[5] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 57.

aħħar nett ingħatat minn Binha stess qiegħed imut fuq is-salib bħala omm lid-dixxiplu b'dan il-kliem: "Mara, hemm hu ibnek" *(Ġw 19,26-27)*.[1]

965 Wara li Binha tela' fis-sema, Marija "waqfet bit-talb tagħha mal-Knisja hija u titwieled".[2] Flimkien mal-Appostli u xi nisa "naraw lil Marija wkoll bl-interċessjoni tagħha titlob id-don tal-Ispirtu li, fit-Tħabbira tal-anġlu, kien ġa ħadha taħt id-dell tiegħu".[3]

... UKOLL FIT-TLUGĦ FIS-SEMA...

966 "Fl-aħħar nett il-Verġni immakulata, ħielsa minn Alla minn kull tebgħa tad-dnub tan-nisel, wara li temmet il-kors ta' ħajjitha fid-dinja, ġiet imtellgħa bir-ruħ u l-ġisem fil-glorja tas-sema u magħmula mill-Mulej Sultana tal-univers biex tkun dejjem aktar xebh ma' Binha, is-Sid tas-sidien, rebbieħ fuq il-mewt u d-dnub".[4] It-tlugħ tal-Verġni Marija fis-sema hu tisħib singulari mal-qawmien ta' Binha mill-imwiet, u tħabbira minn qabel tal-qawmien mill-imwiet tal-Insara l-oħra:

> Meta tajt it-twelid lil Ibnek, int ħarist bla mittiefsa l-verġinità tiegħek, meta rqadt ir-raqda tal-mewt int ma ħallejtx id-dinja, o Omm Alla: int wasalt ħdejn l-għajn tal-ħajja, int li nissilt lil Alla l-ħaj, u bit-talb tiegħek teħles l-erwieħ tagħna mill-mewt.[5]

... HI OMMNA FL-ORDNI TAL-GRAZZJA

967 Il-Verġni Marija, għax intrabtet kollha kemm hi mar-rieda tal-Missier fl-opra tal-Fidwa ta' Ibnu u ma' kull ispirazzjoni tal-Ispirtu s-Santu, hi għall-Knisja eżempju ta' fidi u ta' mħabba. Minħabba f'hekk hi l-membru l-aktar għoli, u għalkollox singulari tal-Knisja";[6] hi "xbieha" tal-Knisja.[7]

968 Iżda l-ħidma tagħha mal-Knisja u mal-ġens kollu tal-bnedmin hi aktar minn hekk. "Hi ssieħbet b'mod tassew singulari mal-opra tal-Feddej bl-ubbidjenza tagħha, bil-fidi tagħha, bit-tama tagħha, bl-imħabba kollha ħeġġa tagħha biex mill-ġdid tingħata l-ħajja sopranaturali lill-erwieħ; hu għalhekk li hi għalina Omm ukoll fl-ordni tal-grazzja.[8]

969 "Din il-maternità ta' Marija fl-ordni tal-grazzja baqgħet dejjem, mill-mument li tat il-kunsens tagħha b'fedeltà sħiħa fit-Tħabbira tal-anġlu, bil-qawwa kollha żammitha ħdejn is-salib, u tibqa' żżommha sal-mument meta l-magħżulin kollha jaslu għall-milja sħiħa tagħhom. Imtellgħa fis-sema, ma warrbitx minnha dan id-dmir tagħha ta' salvazzjoni, imma bl-interċessjoni dejjem sejra tagħha għadha taqlalna l-grazzji kollha li neħtieġu għas-salvazzjoni ta' dejjem. Hu għalhekk li fil-

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 58.
[2] *Ibid.*, 69.
[3] *Ibid.*, 59.
[4] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 69. Ara l-proklamazzjoni tat-Tlugħ tal-Verġni Marija fis-sema, mill-Papa Piju XII fl-1950; Denzinger-Schonmetzer, 3903.
[5] Liturġija Biżantina, Troparju għall-festa tad-Dormizzjoni tal-Verġni Marija (15 ta' Awwissu).
[6] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 53.
[7] *Ibid.*, 63.
[8] *Ibid.*, 61.

Knisja aħna, lill-Verġni Marija nitolbuha u nsejħulha bit-titli ta' avukata tagħna, ta' awżiljatriċi, ta' sokkorritriċi, u ta' medjatriċi".[1]

970 Il-ħidma ta' Marija bħala omm favur il-bnedmin bl-ebda mod ma ddallam il-medjazzjoni waħdanija ta' Kristu u lanqas tnaqqasha, imma turi l-qawwa tagħha. Dan għaliex il-qawwa kollha li għandha l-Verġni Marija għas-salvazzjoni tal-bnedmin… ġejja mir-rieda tajba ta' Alla, u mill-għana bla qies tal-merti ta' Kristu: hi mibnija kollha kemm hi fuq il-medjazzjoni ta' Kristu, tiddependi minnha għalkollox, u minnha tikseb il-qawwa kollha tagħha".[2] "Ebda kreatura, ebda ħliqa ma tista' titqies daqs il-Verb magħmul bniedem u Feddej tad-dinja; iżda kif il-ministri ta' Alla u l-poplu fidil tiegħu b'ħafna modi għandhom sehem mis-saċerdozju ta' Kristu, u kif it-tjieba ta' Alla tinxtered tassew b'ħafna modi fil-ħlejjaq kollha, hekk ukoll il-medjazzjoni waħdanija tal-Feddej ma teskludix, anzi għall-kuntrarju tqanqal fil-ħlejjaq, koperazzjoni ta' ħafna suriet ħierġa mill-istess għajn waħda.[3]

## II. Il-Kult tal-Verġni Marija

971 *"Kull nisel jibda jsejjaħli hienja" (Lq 1,48*): "Il-venerazzjoni tal-Knisja għall-Verġni Marija hi parti intrinsika mill-kult nisrani".[4] Il-Verġni mqaddsa hi "bir-raġun kollu mogħtija ġieħ b'kult speċjali mill-Knisja. Sa miż-żmien l-aktar imbiegħed il-Verġni Mqaddsa ġiet meqjuma bħala 'Omm Alla', u l-Insara dejjem fittxew il-ħarsien tagħha fit-tiġrib u l-ħtiġijiet kollha tagħhom… Dan il-kult…, għalkemm hu kult tassew singulari, hu essenzjalment differenti mill-kult ta' adorazzjoni li jingħata lill-Verb magħmul bniedem, l-istess bħalma jingħata lill-Missier u lill-Ispirtu s-Santu. Iżda l-kult tal-Verġni Marija jġib ħafna 'l quddiem il-qima ta' adorazzjoni ta' Alla",[5] u jintwera fil-festi liturġiċi f'ġieħ il-Verġni Verġni Omm Alla,[6] u fit-talb, bħalma hu r-Rużarju, li hu "l-Evanġelju kollu miġbur fil-qosor".[7]

## III. Marija – L-Ikona eskatoloġika tal-Knisja

972 Wara li tkellimna fuq il-Knisja, fuq il-bidu tagħha, il-missjoni tagħha u d-destin tagħha, tajjeb li nagħlqu b'ħarsa lejn Marija biex fiha nikkontemplaw x'inhi l-Knisja fil-misteru tagħha, fil-"mixja tagħha tal-fidi", f'dak li għad tkun, wara li ttemm il-mixja tagħha, u tasal f'pajjiżha fejn hemm tistennieha, "fil-glorja tat-Trinità Qaddisa", "fix-xirka tal-qaddisin kollha",[8]dik li l-Knisja tqim bħala Omm il-Mulej u Omm tagħha tagħha wkoll:

> Kif fis-sema Omm Ġesù, ġa fil-glorja bir-ruħ u l-ġisem, hi xbieha u bidu ta' dak li l-Knisja għad tkun fiż-żmien li jrid jiġi, hekk hawn fuq l-art, sa ma

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 62.
[2] *Ibid.*, 60.
[3] *Ibid.*, 62.
[4] Pawlu VI eżortazzjoni appostolika *Marialis cultus*, 56.
[5] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 66.
[6] Ara Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 103.
[7] Ara Pawlu VI eżortazzjoni appostolika *Marialis cultus*, 42.
[8] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 69.

jseħħ Jum il-Mulej, Omm Alla hi sinjal jiddi ta' tama żgura u ta' faraġ għall-poplu ta' Alla fil-mixi tiegħu lejn is-sema.[1]

## Fil-qosor

973 *Meta qalet l-"iva" tagħha għall-misteru tal-Inkarnazzjoni fit-Tħabbira tal-anġlu, Marija bdiet tagħti sehem tagħha fl-opra kollha li kellu jagħmel Binha. Hi Omm kulfejn Kristu hu Feddej u Ras tal-Ġisem mistiku.*

974 *Il-Verġni Mqaddsa Marija, wara li temmet ħajjitha fid-dinja, ġiet imtellgħa bir-ruħ u l-ġisem fil-glorja tas-sema, fejn hi ġa msieħba fil-glorja tal-qawmien ta' Binha, u hekk tħabbar il-qawmien mill-imwiet tal-membri kollha tal-Ġisem tiegħu.*

975 *"Aħna nemmnu li l-Verġni Mqaddsa Omm Alla, Eva l-ġdida, Omm il-Knisja, tkompli fis-sema l-ħidma tagħha ta' Omm mal-membri kollha ta' Kristu".*[2]

### L-għaxar artiklu

## "NEMMEN FIL-MAĦFRA TAD-DNUBIET"

976 Is-Simbolu tal-Appostli jorbot il-fidi fil-maħfra tad-dnubiet mal-fidi fl-Ispirtu s-Santu, kif ukoll mal-fidi fil-Knisja u fix-xirka tal-qaddisin. Kristu rxoxt, meta ta l-Ispirtu s-Santu lill-Appostli tiegħu, tahom ukoll is-setgħa ta' Alla li jaħfru d-dnubiet. "Ħudu l-Ispirtu s-Santu. Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma" *(Ġw 20,22-23)*.

It-tieni parti tal-Katekiżmu titkellem espliċitament dwar il-maħfra tad-dnubiet permezz tal-Magħmudija, tas-sagrament tal-Penitenza u tas-sagramenti l-oħra, u speċjalment permezz tal-Ewkaristija. Hawn għalhekk biżżejjed infakkru fil-qosor xi prinċipji fundamentali.

## I. Magħmudija waħda għall-maħfra tad-dnubiet

977 Il-Mulej jorbot il-maħfra tad-dnubiet mal-fidi u l-Magħmudija: "Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-tajba lill-ħolqien kollu. Min jemmen u jitgħammed isalva" *(Mk 16,15-16)*. Il-Magħmudija hi l-ewwel sagrament u s-sagrament prinċipali għall-maħfra tad-dnubiet għax tgħaqqadna ma' Kristu "li miet għal dnubietna u rxoxta għall-ġustifikazzjoni tagħna"[3] "biex aħna wkoll ngħixu ħajja ġdida" *(Rum 6,4)*.

*6,4)*.

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 68.
[2] Pawlu VI, Kredu tal-Poplu ta' Alla, 15.
[3] Ara Rum 4,25.

978 “Meta aħna nagħmlu l-ewwel stqarrija tal-fidi tagħna, aħna u nirċievu l-Magħmudija li tnaddafna minn kull tinġis tad-dnub, il-maħfra li nirċievu hi hekk kbira u hekk sħiħa li ma jibqa’ xejn li jeħtieġlu jitħassar, la d-dnub tan-nisel, u lanqas id-dnubiet li nkunu għamilna bir-rieda tagħna, u lanqas ikun hemm xi piena li biha nkunu għad irridu npattu… Iżda l-grazzja tal-Magħmudija ma teħlisniex mid-dgħufija tan-natura tagħna. Għall-kuntrarju, inkunu rridu nkomplu nikkumbattu t-tqanqil kollu tal-konkupixxenza li ma tieqaf qatt tiġbidna lejn il-ħażen”.[1]

979 F’din it-taqbida kontra l-ġibda lejn il-ħażen, min jista’ jkun hekk b’saħħtu, hekk attent li jeħles mill-ġerħiet kollha tad-dnub? “La kien meħtieġ li l-Knisja jkollha s-setgħa li taħfer id-dnubiet, kien ukoll meħtieġ li ma tkunx biss il-Magħmudija l-muftieħ tas-Saltna tas-smewwiet li ngħatalha minn Ġesù Kristu; kien meħtieġ li l-Knisja jkollha s-setgħa li taħfer id-dnubiet ta’ dawk li jindmu, ukoll jekk dawn kellhom jerġgħu jidinbu sal-aħħar mument ta’ ħajjithom”.[2]

980 Hu permezz tas-sagrament tal-Penitenza li l-imgħammdin jerġgħu jinħabbu ma’ Alla u mal-Knisja:

> Bir-raġun kollu Missirijiet il-Knisja sejħu l-penitenza “magħmudija tal-ħlas”.[3] Dan is-sagrament ta’ Penitenza, għal dawk li waqgħu fid-dnub wara l-Magħmudija, hu meħtieġ daqs kemm hi meħtieġa l-Magħmudija għal dawk li għadhom ma twildux mill-ġdid.[4]

## II. Is-setgħa tal-imfietaħ

981 Wara li qam mill-imwiet Kristu bagħat lill-Appostli “jxandru f’ismu l-maħfra tad-dnubiet lill-ġnus kollha” *(Lq 24,27).* L-Appostli u s-suċċessuri tagħhom jaqdu dan “il-ministeru tal-ħbiberija ma’ Alla” *(2 Kor 5,18)* mhux biss billi jħabbru lill-bnedmin il-maħfra ta’ Alla li Kristu kiseb għalina bil-merti tiegħu, huma u jistednuhom għall-konverżjoni u għall-fidi, imma wkoll billi jagħtuhom il-maħfra tad-dnubiet permezz tal-Magħmudija u permezz tar-rikonċiljazzjoni ma’ Alla u mal-Knisja bis-setgħa tal-imfietaħ li rċevew mingħand Kristu:

> Il-Knisja rċeviet l-imfietaħ tas-Saltna tas-sema, biex fiha jinħafru d-dnubiet bis-saħħa tad-demm ta’ Kristu u l-ħidma tal-Ispirtu s-Santu… Hu f’din il-Knisja li r-ruħ li kienet mejta minħabba d-dnub, tgħix mill-ġdid ma’ Kristu, li bil-grazzja tiegħu tana s-salvazzjoni.[5]

982 M’hemmx ħtija, kbira kemm hi kbira, li l-Knisja ma għandhiex is-setgħa li taħfer. “M’hemmx bniedem daqstant ħażin u ħati, li ma għandux jittama u jkollu ċ-ċertezza li jista’ jinħafer, sakemm is-sogħba tiegħu tkun tassew ħierġa mill-qalb”.[6] Kristu, li miet għall-bnedmin

---

[1] *Catechismus Romanus* 1, 11, 3.
[2] *Ibid.*, 1, 11, 4.
[3] San Girgor Nazjanzenu, *Orationes* 39, 17: PG 36, 356A.
[4] Konċilju ta’ Trento: Denzinger-Schonmetzer 1672.
[5] Santu Wistin, *Sermones*, 214, 1: PL 38. 1071-1072.
[6] *Catechismus Romanus* 1, 11, 5.

kollha, irid li fil-Knisja tiegħu l-bieb tal-maħfra jkun dejjem miftuħ għal kull min jerġa' lura mid-dnub.[1]

983 Il-katekeżi trid tħabrek biex tqajjem u ssaħħaħ fl-Insara l-fidi fil-kobor bla qies tad-don li Kristu rxoxt ta lill-Knisja tiegħu: il-missjoni u s-setgħa li tassew taħfer id-dnubiet, bil-ministeru tal-Appostli u s-suċċessuri tagħhom:

> Il-Mulej ried li d-dixxipli tiegħu jkollhom setgħa bla qies: ried li l-qaddejja fqar tiegħu jagħmlu f'ismu dak li hu għamel meta kien fid-dinja.[2]
>
> Is-saċerdoti rċevew setgħa mingħand Alla li la ngħatat lill-anġli u lanqas lill-arkanġli... Alla jwettaq hemm fuq fis-sema dak li s-saċerdoti jagħmlu hawn fuq l-art.[3]
>
> Kieku fil-Knisja ma kienx hemm il-maħfra tad-dnubiet, la kien ikun hemm ix-xewqa u lanqas it-tama ta' ħajja ta' dejjem u ta' ħelsien għal dejjem. Inroddu ħajr lil Alla li għoġbu jagħti don bħal dan lill-Knisja tiegħu.[4]

### Fil-qosor

984 *Il-Kredu jorbot "il-maħfra tad-dnubiet" mal-istqarrija tal-fidi fl-Ispirtu s-Santu. Kristu rxoxt ried jafda s-setgħa tal-maħfra tad-dnubiet lill-Appostli meta tahom l-Ispirtu s-Santu.*

985 *Il-Magħmudija hi l-ewwel sagrament u s-sagrament prinċipali għall-maħfra tad-dnubiet, għax tgħaqqadna ma' Kristu mejjet u rxoxt u tagħtina l-Ispirtu s-Santu.*

986 *Kristu ried li l-Knisja jkollha s-setgħa li taħfer id-dnubiet tal-imgħammdin, u din is-setgħa tħaddimha regolarment u abitwalment permezz tal-isqfijiet u tas-saċerdoti fis-sagrament tal-Penitenza.*

987 *"Fil-maħfra tad-dnubiet, is-saċerdoti u s-sagramenti huma biss strumenti li bihom jinqeda Sidna Ġesù Kristu, li waħdu kisbilna u jagħtina s-salvazzjoni, biex ineħħilna l-ħażen tagħna u jagħtina l-grazzja u l-ġustifikazzjoni".[5]*

## Il-ħdax-il artiklu

## "NEMMEN FIL-QAWMA MILL-IMWIET"

988 Il-Kredu nisrani – l-istqarrija tal-fidi f'Alla l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, u fil-ħidma tiegħu għall-ħolqien, għas-salvazzjoni u

[1] Ara Mt 18,21-22.
[2] San Ambroġ, *De paenitentia*, 1, 34: PL 16, 477A.
[3] San Ġwann Griżostmu, *De sacerdotio*, 3, 5: PG 48, 643A.
[4] Santu Wistin, *Sermones* 213, 8.
[5] *Catechismus Romanus*, 1, 11, 6: PL 38, 1064.

għat-tqaddis – jasal fil-qofol tiegħu bl-istqarrija tal-qawmien mill-imwiet fl-aħħar taż-żminijiet, u tal-ħajja ta' dejjem.

989 Aħna nemmnu b'fidi ferma u għalhekk nittamaw li, kif Kristu qam tassew mill-imwiet u jgħix għal dejjem, hekk il-ġusti wara mewthom għad jgħixu għal dejjem ma' Kristu rxoxt meta jqajjimhom fl-aħħar jum.[1] Kif kien il-qawmien ta' Kristu mill-imwiet, hekk ukoll il-qawmien tagħna jkun opra tat-Trinità Qaddisa:

> Jekk l-Ispirtu ta' dak li qajjem lil Ġesù mill-imwiet jgħammar fikom, Alla stess li qajjem lil Kristu mill-imwiet iqajjem għall-ħajja wkoll il-ġisem mejjet tagħkom, bis-saħħa tal-Ispirtu li jgħammar fikom.[2]

990 Il-kelma "ġisem" (*"caro"* fil-Bibbja Latina) tfisser il-bniedem fil-qagħda tiegħu ta' dgħufija u ta' mortalità.[3] Il-"qawma mill-imwiet" – *"carnis resurrectionem"* fil-Kredu bil-Latin – tfisser li wara l-mewt ma jkunx hemm biss ir-ruħ immortali li ma tmut qatt, imma wkoll l-istess "ġisem mejjet" tagħna *(Rum 8,11)* jerġa' jieħu l-ħajja.

991 Il-fidi fil-qawmien mill-imwiet sa mill-bidu kien element essenzjali tal-fidi nisranija. "Il-fiduċja tal-Insara, il-qawmien mill-imwiet: għax nemmnuha, aħna dak li aħna":[4]

> Kif jgħidu xi wħud minnkom li ma hemmx qawmien mill-imwiet? Jekk ma hemmx qawmien mill-imwiet, anqas Kristu ma kien imqajjem mill-imwiet. Imma jekk Kristu ma kienx imqajjem mill-imwiet, fiergħa hi l-predikazzjoni tagħna, fiergħa wkoll il-fidi tagħkom… Imma Kristu qam tassew mill-imwiet, l-ewwel frott ta' dawk li raqdu *(1 Kor 15,12-14.20)*.

## I. Il-qawmien ta' Kristu u l-qawmien tagħna

### RIVELAZZJONI PROGRESSIVA TAL-QAWMIEN MILL-IMWIET

992 Il-qawmien mill-imwiet ġie rrivelat ftit ftit minn Alla lill-Poplu tiegħu. It-tama tal-qawmien tal-ġisem mill-mewt hi konsegwenza intrinsika tal-fidi f'Alla li ħalaq il-bniedem sħiħ ruħ u ġisem. Alla, li ħalaq is-sema u l-art, hu wkoll dak li jżomm bil-fedeltà kollha l-Patt li għamel ma' Abraham u ma' nislu. Fid-dawl ta' dawn iż-żewġ veritajiet bdiet tiżviluppa ruħha l-fidi fil-qawmien mill-imwiet. Waqt it-tiġrib tagħhom il-martri Makkabej stqarru:

> Is-Sultan tad-dinja għad iqajjimna għall-ħajja ta' dejjem, lilna li se mmutu għal-liġi tiegħu *(2 Mak 7,9)*. Aħjar li wieħed imut b'idejn il-bnedmin, meta jkollu t-tama mingħand Alla li għad iqajmu mill-ġdid.[5]

993 Il-Fariżej[6] u ħafna nies li kienu jgħixu fi żmien Ġesù[1] kienu jittamaw fil-qawmien mill-imwiet. Ġesù dan għallmu bil-qawwa kollha.

---

[1] Ara Ġw 6,39-40.
[2] Rum 8,11; ara 1 Tes 4,14; 1 Kor 6,14; 2 Kor 4,14; Fil 3,10-11.
[3] Ara Ġen 6,3; Salm 56,5; Is 40,6.
[4] "Fiducia christianorum, resurrectio mortuorum; illam credentes, sumus", Tertulljan.
[5] 2 Mak 7,14; ara 7,29; Dan 12,1-13.
[6] Ara Atti 23,6.

Lis-Sadduċej li ma kinux jemmnu fil-qawmien mill-imwiet, qalilhom: "Mhux għalhekk tiżbaljaw intom? Għax la tafu l-Iskrittura u lanqas il-qawwa ta' Alla" *(Mk 12,24)*. Il-fidi fil-qawmien mill-imwiet hi mibnija fuq il-fidi f'Alla li "mhux Alla tal-mejtin, imma tal-ħajjin" *(Mk 12,27)*.

994 U mhux dan biss: Ġesù rabat il-fidi fil-qawmien mill-imwiet mal-Persuna tiegħu stess: "Jiena hu l-Qawmien u l-Ħajja" *(Ġw 11,25)*. Hu Ġesù stess li fl-aħħar jum iqajjem lil dawk li emmnu fih[2] u li jkunu kielu ġismu u xorbu demmu.[3] Minn issa ta sinjal u rahan tal-qawmien billi ta l-ħajja mill-ġdid lil xi mejtin,[4] waqt li bil-qawmien tiegħu mill-imwiet ħabbar li l-qawmien mill-imwiet hu f'ordni ieħor. Ġesù jitkellem dwar dan il-fatt uniku bħala "sinjal ta' Ġona" *(Mt 12,39)*, sinjal tat-Tempju:[5] iħabbar il-qawmien tiegħu mill-imwiet fit-tielet jum wara mewtu.[6]

995 Tkun xhud ta' Kristu jfisser tkun "xhud tal-qawmien mill-imwiet",[7] "tkun kilt u xrobt miegħu wara l-qawmien tiegħu mill-imwiet" *(Atti 10,41)*. It-tama nisranija fil-qawmien mill-imwiet hi kollha kemm hi mwettqa mil-laqgħat ma' Kristu rxoxt. Inqumu mill-imwiet bħal Kristu, ma' Kristu, u bi Kristu.

996 Sa mill-bidu, il-fidi nisranija fil-qawmien mill-imwiet sabet min ma fehemhiex u min kien kuntrarju għaliha.[8] "F'ebda verità oħra tal-fidi ma niltaqgħu ma' ċaħdiet daqskemm niltaqgħu ma' dik tal-qawmien mill-imwiet".[9] Kważi kulħadd jaqbel li wara l-mewt il-ħajja tal-persuna tal-bniedem tkompli f'sura spiritwali. Imma kif jista' wieħed jemmen li dan il-ġisem tagħna, li x-xejn tiegħu hu daqstant ċar, għad jirxoxta għall-ħajja ta' dejjem?

KIF JIRXOXTAW IL-MEJTIN?

997 *X'jiġifieri "qawmien mill-imwiet"?* Fil-mewt, meta r-ruħ tinfired mill-ġisem, il-ġisem tal-bniedem jara t-taħsir, waqt li r-ruħ tmur tiltaqa' ma' Alla iżda tibqa' tistenna li tingħaqad mal-ġisem glorifikat tagħha. Alla li jista' kollox għad jagħti darba għal dejjem ħajja, ħielsa min-nuqqas ta' taħsir, lil ġisimna huwa u jgħaqqdu mill-ġdid ma' ruħna bil-qawwa tal-qawmien ta' Kristu mill-imwiet.

998 *Min jirxoxta?* Il-bnedmin kollha li jkunu mietu, "dawk li jkunu għamlu t-tajjeb iqumu għall-ħajja, imma dawk li jkunu għamlu l-ħażin iqumu għall-kundanna".[10]

---

1 Ara Ġw 11,24.
2 Ara Ġw 5,24-25; 6,40.
3 Ara Ġw 6,54.
4 Ara Mk 5,21-42; Lq 7,11-17; Ġw 11.
5 Ara Ġw 2,19-22.
6 Ara Mk 10,34.
7 Atti 1,22; ara 4,33.
8 Ara Atti 17,32; 1 Kor 15,12-13.
9 Santu Wistin, *Enarratio in Psalmos* 88 2, 5.
10 Ġw 5,29; ara Dan 12,2.

999 *Kif?* Kristu rxoxta bil-ġisem tiegħu stess: "Araw idejja u riġlejja. Jiena hu" *(Lq 24,39)*, imma ma reġax lura għall-ħajja fuq l-art. Hekk ukoll, fih "aħna lkoll nirxoxtaw bil-ġisem proprju tagħna, dak li għandna issa",[1] imma dan ġisimna jkollu "s-sura ta' ġisem glorjuż" *(Fil 3,21)*, "ġisem spiritwali" *(1 Kor 15,44)*:

> Għandu mnejn xi ħadd jgħid: "Kif iqumu l-mejtin? B'liema ġisem jiġu? Iblah! Dak li inti tiżra' ma jkollux ħajja jekk qabel ma jmutx. U meta tiżra' ma tiżrax dak il-ġisem li għad ikollok, iżda sempliċi żerriegħa… jinżera' ġisem li jitħassar, iqum ġisem li ma jitħassarx… il-mejtin iqumu biex ma jitħassrux aktar… il-ġisem li jitħassar jilbes in-nuqqas ta' taħsir, u dan il-ġisem li jmut jilbes l-immortalità" *(1 Kor 15,35-37.42.52-53)*.

1000 Ma nistgħux nimmaġinaw u lanqas nifhmu kif dan isir; nafuh biss permezz tal-fidi. Iżda t-tisħib tagħna fl-Ewkaristija ġa qed jagħtina li nduqu minn qabel il-bidla li sseħħ f'ġisimna permezz ta' Kristu:

> Kif il-ħobż, li hu frott tal-art, wara li tingħad fuqu l-barka ta' Alla, ma jibqax ħobż komuni, imma hu Ewkaristija magħmula minn żewġ realtajiet, dik tal-art u dik tas-sema, hekk ukoll il-ġisem tagħna li jirċievi l-Ewkaristija ma jibqax aktar taħt il-liġi tat-taħsir, għax iġorr fih iż-żerriegħa tal-qawmien mill-imwiet.[2]

1001 *Meta?* Żgur li "fl-aħħar jum",[3] "fl-aħħar tad-dinja".[4] Il-qawmien qawmien mill-mewt hu msieħeb b'mod l-aktar intimu mal-Parusija, jiġifieri mat-tieni miġja ta' Kristu fil-glorja:

> Għax il-Mulej innifsu, mal-kmand, mal-leħen tal-arkanġlu u t-tromba ta' Alla, jinżel mis-sema, u dawk li jkunu mietu fi Kristu jqumu l-ewwel *(1 Tes 4,16)*.

NIRXUXTAW MA' KRISTU

1002 Jekk hu veru li Kristu għad iqajjimna "fl-aħħar jum", hu veru wkoll li, b'ċertu mod, aħna ġa rxuxtajna ma' Kristu. Dan għaliex, bil-grazzja tal-Ispirtu s-Santu, il-ħajja nisranija hi sa minn din id-dinja[5] tisħib fil-mewt u l-qawmien tal-Mulej għall-ħajja:

> Indfintu ma' Kristu bil-Magħmudija, u bih irxoxtajtu permezz tal-fidi tagħkom fil-qawwa ta' Alla, li qajmu mill-imwiet… Jekk intom irxoxtajtu ma' Kristu, fittxu l-ħwejjeġ tas-sema fejn Kristu qiegħed fuq il-lemin ta' Alla *(Kol 2,12;3,1)*.

1003 Magħqudin ma' Kristu permezz tal-Magħmudija, dawk li jemmnu ġa għandhom sehem tassew fil-ħajja tas-sema ta' Kristu rxoxt,[6] rxoxt,[6] imma din il-ħajja tibqa' "moħbija ma' Kristu f'Alla" *(Kol 3,3)*. "Qajjimna miegħu u qegħedna fis-smewwiet ma' Kristu Ġesù" *(Ef 2,6)*. La nieklu minn ġismu fl-Ewkaristija, aħna ġa nagħmlu sehem mill-Ġisem ta' Kristu. Meta nirxoxtaw fl-aħħar jum, aħna "nidhru flimkien miegħu fil-glorja" wkoll *(Kol 3,4)*.

---

[1] Konċ. Lateran IV: Denzinger-Sconmetzer, 801.
[2] San Irinew, *Adversus haereses*, 4, 18, 4-5.
[3] Ġw 6,39-40.44.54;11,24.
[4] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 48.
[5] *Ibid.*, 48.
[6] Ara Fil 3,20.

1004 Huma u jistennew dak il-jum, il-ġisem u r-ruħ ta' dawk li jemmnu għandhom ġa sehem mid-dinjità li huma "fi Kristu". U għalhekk huma fid-dmir li juru rispett mhux biss għal ġisimhom stess, imma wkoll għal dak tal-oħrajn, b'mod partikulari għall-ġisem li jkun ibati.

> Il-ġisem għall-Mulej u l-Mulej għall-ġisem. Alla qajjem lill-Mulej, u jqajjem lilna wkoll bil-qawwa tiegħu. Ma tafux li l-iġsma tagħkom huma membri ta' Kristu?… Ma tafux li intom m'intomx tagħkom infuskom?… Mela agħtu ġieħ lil Alla permezz ta' ġisimkom *(1 Kor 6,13-15,19-20)*.

## II. Immutu fi Kristu Ġesù

1005 Biex nirxoxtaw ma' Kristu, irridu mmutu ma' Kristu, irridu "noħorġu minn dan il-ġisem u mmorru noqogħdu għand il-Mulej" *(2 Kor 5,8)*. F'dan it-"tmiem" *(Fil 1,23)*, li hu l-mewt, ir-ruħ tinfired mill-ġisem. Terġa' tingħaqad mal-ġisem fil-jum tal-qawmien mill-imwiet.[1]

IL-MEWT

1006 "Quddiem il-mewt l-enigma tal-qagħda tal-bniedem tilħaq il-qofol tagħha".[2] F'ċertu sens, il-mewt tal-ġisem hi ħaġa naturali, imma għall-fidi hi "l-ħlas tad-dnub".[3] Għal dawk li jmutu fil-grazzja ta' Kristu hi tisħib fil-mewt tal-Mulej, biex ikun hemm ukoll tisħib fil-qawmien tiegħu għall-ħajja.[4]

1007 *Il-mewt hi t-tmiem tal-ħajja fuq l-art.* Ħajjitna titqies miż-żmien, li matulu ninbidlu, nixjieħu u, bħalma hi għal kull ħaġa li tgħix fid-dinja, il-mewt tidher li hi t-tmiem normali tal-ħajja. Dan l-aspett tal-mewt jurina li ma għandniex żmien x'nitilfu tul ħajjitna: it-tifkira li rridu mmutu tfakkarna li ż-żmien li għandna biex ħajjitna tilħaq il-kobor sħiħ tagħha hu qasir:

> Ftakar f'min ħalqek fil-jiem ta' żgħożitek… qabel ma t-trab jerġa' jmur fl-art imnejn ġie, u n-nifs tal-ħajja jitlaq lejn Alla, minn fejn ġie *(Koħ 12,1.7)*.

1008 *Il-mewt hi konsegwenza tad-dnub.* Il-Maġisteru tal-Knisja, huwa u jfisser skont il-verità dak li tgħid l-Iskrittura[5] u dak li tgħid it-Tradizzjoni, jgħallem li l-mewt daħlet fid-dinja minħabba d-dnub tal-bniedem.[6] Għalkemm il-bniedem għandu natura li tmut, Alla ma riedx li l-bniedem imut. Il-mewt għalhekk kienet kontra l-pjan li kellu Alla l-Ħallieq għall-bniedem, u daħlet fid-dinja minħabba d-dnub.[7] "Il-

[1] Ara Pawlu VI, Kredu tal-Poplu ta' Alla, 28.
[2] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 18.
[3] Rum 6,23; ara Ġen 2,17.
[4] Ara Rum 6,3-9; Fil 3,10-11.
[5] Ara Ġen 2,17; 3,3; 3,19; Għerf 1,13; Rum 5,12; 6,23.
[6] Ara Konċ. ta' Trento, Denzinger-Schonmetzer, 1511.
[7] Ara Għerf 2,23-24.

bniedem kien ikun ħieles mill-mewt tal-ġisem kieku ma dinibx":[1] għalhekk hi "l-aħħar għadu" tal-bniedem li jrid jintrebaħ.[2]

1009 *Il-mewt inbidlet minn Kristu.* Kristu l-Iben ta' Alla bata l-mewt li hi proprja tal-qagħda tal-bniedem. Iżda, minkejja l-biża' tiegħu quddiemha,[3] aċċettaha b'att ta' ubbidjenza sħiħa u ħielsa għar-rieda tal-tal-Missier. L-ubbidjenza ta' Ġesù biddlet f'barka s-saħta tal-mewt.[4]

IT-TIFSIR TAL-MEWT NISRANIJA

1010 Minħabba Kristu, il-mewt nisranija għandha tifsir pożittiv. "Għalija l-ħajja hi Kristu u l-mewt hi rebħ" *(Fil 1,21).* "Din hi kelma ta' min joqgħod fuqha: Jekk aħna mitna miegħu, għad ngħixu miegħu wkoll" *(2 Tim 2,11).* Il-ħaġa l-ġdida essenzjali tal-mewt nisranija hi din: fil-Magħmudija n-Nisrani hu ġa sagramentalment "mejjet ma' Kristu" biex jgħix b'ħajja ġdida; u jekk aħna mmutu fil-grazzja ta' Kristu, il-mewt tal-ġisem twassal, għall-milja tagħha, "il-mewt tagħna ma' Kristu" u hekk naslu biex inkunu ġisem wieħed miegħu fl-att tal-fidwa tiegħu:

> Aktar jaqbilli mmut fi Kristu Ġesù milli naħkem sa truf l-art. Jien lil dak li miet għalina lkoll, infittex; jien lil dak li qam għalina mill-imwiet, irrid. Wasal żmien il-ħlas tiegħi... Ħalluni nara d-dawl safi li jibqa' għal dejjem: meta nasal għalih, imbagħad inkun raġel tassew.[5]

1011 Fil-mewt Alla jsejjaħ lill-bniedem għandu. Hu minħabba f'hekk li n-Nisrani jista' jħoss lejn il-mewt xewqa bħal dik li kien iħoss San Pawl: "Nixtieq nintemm u nkun ma' Kristu" *(Fil 1,23)*; u jista' jbiddel mewtu f'att ta' ubbidjenza u ta' mħabba għall-Missier bħal Kristu:[6]

> Imħabbti msallba... hemm ilma ħaj ifawwar u fija jgħid: "Ejja għand il-Missier".[7]

> Irrid nara lil Alla, u biex narah irrid immut.[8]

> Jiena mhux qed immut, imma dieħla fil-ħajja.[9]

1012 Id-dehra nisranija tal-mewt[10] hi mfissra tajjeb ħafna mil-liturġija tal-Knisja:

> Għal dawk li jemmnu fik, Mulej, il-ħajja ma tintemmx, imma tinbidel, u, mal-mewt tal-ġisem fuq din l-art, titħejja għalina għamara għal dejjem fis-sema.[11]

1013 Il-mewt hija t-tmiem tal-mixja tal-bniedem fid-dinja, it-tmiem ta' żmien il-grazzja u l-ħniena li Alla jagħti lill-bniedem, biex ħajtu fuq l-

[1] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et Spes,* 18.
[2] Ara 1 Kor 15,26.
[3] Ara Mk 14,33-34; Lh 5,7-8.
[4] Ara Rum 5,19-21.
[5] San Injazju ta' Antjokja, *Epistula ad Romanos,* 6, 1-2.
[6] Ara Lq 23,46.
[7] San Injazju ta' Antjokja, *Epistula ad Romanos,* 7,2.
[8] Santa Tereża ta' Ġesù, *Ktieb il-Ħajja,* 1.
[9] Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, *L-Aħħar Kelmiet.*
[10] Ara 1 Tes 4,13-14.
[11] Missal Ruman, prefazju I tal-mejtin.

art jgħixha skont il-pjan ta' Alla u tiddeċiedilu d-destin tiegħu tal-aħħar. Meta tintemm għalina "l-ħajja waħda tagħna fuq l-art"[1] mhux se jkollna xi ħajjiet oħra fid-dinja. "Il-bnedmin għandhom imutu darba biss" *(Lh 9,27)*. "Ir-ri-inkarnazzjoni" wara l-mewt ma teżistix.

1014 Il-Knisja tħeġġiġna biex inħejju ruħna għas-siegħa tal-mewt tagħna fil-litanija antika tal-qaddisin.

> F'kulma tagħmel, f'kulma taħseb, għandek iġġib ruħek bħallikieku se tmut illum stess. Jekk il-kuxjenza tiegħek hi f'qagħda tajba, int m'għandekx tibża' ħafna mill-mewt. Aktar jaqbel tħares ruħek mid-dnub milli taħrab mill-mewt. Jekk illum m'intix imħejji għall-mewt, kif se tkun għada? [2]

> Ħa tkun imfaħħar f'Oħtna l-Mewt tal-ġisem
> Li jaħrab minnha qatt ma jista' l-bniedem;
> Ħażin għal dak li jmut fid-dnub il-mejjet,
> Imbierek min imut fis-sliema u niedem.[3]

## Fil-qosor

1015 *"Il-ġisem hu pern tas-salvazzjoni".*[4] *Aħna nemmnu f'Alla li ħalaq il-ġisem; nemmnu fil-Verb li ħa ġisem bħal tagħna biex jifdi l-ġisem; nemmnu fil-qawmien tal-ġisem mill-imwiet, qawmien li bih il-ħolqien u l-fidwa tal-ġisem jilħqu l-qofol tagħhom.*

1016 *Bil-mewt, ir-ruħ tinfired mill-ġisem, imma fil-qawmien Alla jagħti ħajja ħielsa mit-taħsir lill-ġisem tagħna li jinbidel u jingħaqad mill-ġdid mar-ruħ. Kif Kristu rxoxta u jgħix għal dejjem, hekk aħna nirxuxtaw fl-aħħar jum.*

1017 *"Aħna nemmnu fil-qawmien tassew mill-imwiet tal-istess ġisem li għandna issa".*[5] *Iżda fil-qabar "jinżera' ġisem li jitħassar, u jqum ġisem li ma jitħassarx",*[6] *"ġisem spiritwali"* (1 Kor 15,44).

1018 *Minħabba d-dnub tan-nisel il-bniedem ikollu joqgħod għall-"mewt tal-ġisem li kien ikun ħieles minnha kieku ma dinibx".*[7]

1019 *Ġesù, l-Iben ta' Alla, minn rajh bata l-mewt għalina b'att ta' ubbidjenza sħiħa u ħielsa għar-rieda ta' Alla, Missieru. Bil-mewt tiegħu rebaħ il-mewt u hekk ta lill-bnedmin kollha li jkunu jistgħu jsalvaw.*

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 48.
[2] Imitazzjoni ta' Kristu, 1, 23, 1.
[3] San Franġisk ta' Assisi, *Kantiku tal-ħlejjaq*.
[4] "Caro salutis est cardo": Tertulljan, *De resurrectione carnis*, 8, 2.
[5] Konċ. ta' Lyon: Denzinger-Schonmetzer, 854.
[6] Ara 1 Kor 15,42.
[7] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 18.

### It-tnax-il artiklu

## NEMMEN FIL-ĦAJJA TA’ DEJJEM

1020 In-Nisrani li jgħaqqad il-mewt tiegħu ma’ dik ta’ Kristu jqis il-mewt bħala laqgħa ma’ Kristu u dħul fil-ħajja ta’ dejjem. Wara li l-Knisja, għall-aħħar darba, tgħid il-kliem tal-maħfra u tal-assoluzzjoni ta’ Kristu lin-Nisrani li qed imut, tissiġillah għall-aħħar darba b’unzjoni li ssaħħu, u tagħtih lil Kristu bi vjatku bħala ikel fl-aħħar vjaġġ tiegħu, imbagħad tgħidlu kliem ta’ ħlewwa li jimlewh bil-fiduċja:

> Oħroġ, ruħ nisranija minn din id-dinja, fl-isem ta’ Alla l-Missier li jista’ kollox, li ħalqek, fl-isem ta’ Ġesù Kristu Iben Alla l-ħaj, li bata u miet għalik, fl-isem tal-Ispirtu s-Santu mogħti lilek. Jilqgħek illum Alla, biex tkun miegħu għal dejjem fis-sliem tal-ġenna u jsieħbek mal-Verġni Mqaddsa Marija, Omm Alla, ma’ San Ġużepp u mal-anġli u l-qaddisin kollha tas-sema. Nerħik fl-idejn twajba tal-Ħallieq tiegħek biex terġa’ lura għandu, hu li sawrek mit-trab tal-art. Inti u ħiereġ minn din id-dinja tiġi tilqgħek Ommna Marija, flimkien mal-qtajja’ tal-anġli u mal-qaddisin kollha... Jalla tara bis-sliem wiċċ il-feddej tiegħek.[1]

## I. Il-ġudizzju partikulari

1021 Il-mewt ittemm il-ħajja tal-bniedem bħala ż-żmien li fih jista’ jilqa’ jew jiċħad il-grazzja ta’ Alla li dehret fi Kristu.[2] It-Testment il-Ġdid jitkellem dwar il-ġudizzju l-aktar fid-dawl tal-aħħar laqgħa ma’ Kristu meta jerġa’ jiġi, iżda kemm-il darba jsemmi wkoll il-ħlas li jingħata minnufih wara l-mewt lil kull bniedem skont għemilu u twemminu. Il-parabbola ta’ Lazzru l-fqajjar[3] u kliem Kristu fuq is-salib lill-ħalliel it-tajjeb,[4] u passi oħra tat-Testment il-Ġdid,[5] jitkellmu dwar id-destin tal-tal-aħħar tar-ruħ[6] li ma jkunx l-istess għal kull ruħ.

1022 Kull bniedem ma’ mewtu jirċievi fir-ruħ tiegħu li ma tmut qatt, il-ħlas ta’ dejjem f’ġudizzju partikulari, fejn ħajtu titqies f’relazzjoni ma’ Kristu; u l-ħlas ikun jew purifikazzjoni,[7] jew dħul minnufih fl-hena tas-sema,[8]jew dannazzjoni minnufih għal dejjem.[9]

> Fit-tmiem ta’ ħajjitna niġu ġġudikati fuq l-imħabba.[10]

---

[1] *Ordo exsequiarum*, assistenza għall-moribondi.
[2] Ara 2 Tim 1,9-10.
[3] Ara Lq 16,22.
[4] Ara Lq 23,43.
[5] Ara 2 Kor 5,8; Fil 1,23; Lh 9,27;12.23.
[6] Ara Mt 16,26.
[7] Ara Konċ. ta’ Lyon: Denzinger-Schonmetzer 857-858; Konċ. ta’ Firenze: Denzinger-Schonmetzer 1304 -1306; Konċ. ta’ Trento: Denzinger-Schonmetzer 1820.
[8] Ara Benedittu XII kost. *Benedictus Deus:* Denzinger-Schonmetzer 1000-1001; Ġwanni XXII bolla *Ne super his:* Denzinger-Schonmetzer 990.
[9] Ara Benedittu XII kost. *Benedictus Deus:* Denzinger-Schonmetzer 1002.
[10] San Ġwann tas-Salib, *Kliem ta’ dawl u mħabba (Dichos de luz y amor),* 64.

## II. Is-sema

1023 Dawk li jmutu fil-grazzja u l-ħbiberija ma' Alla, u li huma safja perfettament, jgħixu għal dejjem ma' Kristu. Huma għal dejjem f'xebh ma' Alla għax jarawh "kif inhu" *(1 Ġw 3,2)*, wiċċ imb wiċċ":[1]

> Bl-awtorità appostolika tagħna niddefinixxu li, b'dispożizzjoni ġenerali minn Alla, l-erwieħ tal-qaddisin mejtin kollha... u tal-Insara l-oħra li mietu wara li rċevew il-Magħmudija mqaddsa ta' Kristu, li ma kellhomx jew li mhu se jkollhom xejn li jeħtieġ jissaffa... jew inkella li kellhom jew se jkollhom xi ħaġa li teħtieġ tkun imsaffija... ġa qabel il-mument ta' mewthom, qabel il-qawmien tal-ġisem tagħhom u l-ġudizzju universali, u dan wara t-tlugħ tal-Mulej u s-Salvatur Ġesù Kristu fis-sema, kienu, huma u se jkunu fis-sema, fis-Saltna tas-smewwiet u fil-Ġenna ma' Kristu, flimkien mal-anġli qaddisa. Wara l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu huma raw u jaraw l-essenza ta' Alla f'viżjoni intuwittiva u wkoll wiċċ imb wiċċ mingħajr il-medjazzjoni ta' ebda ħlejqa.[2]

1024 Din il-ħajja perfetta mat-Trinità Qaddisa, din ix-xirka ta' ħajja u mħabba magħha, mal-Verġni Marija, mal-anġli u l-qaddisin, tissejjaħ "ġenna". Il-ġenna hi d-destin tal-aħħar u t-temma tax-xewqat l-aktar għolja tal-bniedem, l-istat ta' hena bla qies li jibqa' għal dejjem.

1025 Tkun il-ġenna jiġifieri "tkun ma' Kristu".[3] Il-magħżulin jgħixu "fih", iżda jżommu, anzi jsibu l-identità vera tagħhom, l-isem proprju tagħhom:[4]

> Il-ħajja hi li tkun ma' Kristu, għalhekk fejn hemm Kristu hemm il-ħajja, hemm is-Saltna.[5]

1026 Bil-mewt u l-qawmien tiegħu, Ġesù Kristu "fetħilna" s-sema. Il-ħajja tal-beati fis-sema tikkonsisti filli jkollhom il-milja tal-frott tal-fidwa li seħħet bi Kristu, li jsieħeb fil-glorja tiegħu fis-sema lil dawk kollha li emmnu fih u baqgħu fidili għar-rieda tiegħu. Is-sema hija l-komunità hienja ta' dawk kollha li huma magħqudin ma' Kristu b'mod perfett.

1027 Il-misteru tal-għaqda hienja ma' Alla u ma' dawk kollha li huma fi Kristu, jisboq kulma l-moħħ jista' jifhem u jiddeskrivi. L-Iskrittura tkellimna dwar dan bi xbihat: ħajja, dawl, sliem, festa ta' tieġ, inbid tas-saltna, dar tal-Missier, Ġerusalemm tas-sema, ġenna. "Dak li għajn qatt ma rat u widna qatt ma semgħet, u dak li qatt ma tnissel f'qalb il-bniedem, dak li Alla lesta għal dawk li jħobbuh" *(1 Kor 2,9)*.

1028 Minħabba t-traxxendenza tiegħu, lil Alla nistgħu narawh kif inhu biss meta hu stess jiftaħ il-misteru tiegħu għall-kontemplazzjoni immedjata tal-bniedem u jagħtih il-ħila għaliha. Din il-kontemplazzjoni tal-glorja ta' Alla fis-sema l-Knisja ssejħilha "l-viżjoni beatifika":

---

[1] Ara 1 Kor 13,12; Apok 22,4.
[2] Ara Benedittu XII kost. *Benedictus Deus:* Denzinger-Schonmetzer 1000; ara Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 49.
[3] Ara Ġw 14,3; Fil 1,23; 1 Tes 4,17.
[4] Ara Apok 2,17.
[5] San Ambroġ, *Expositio Evangelii secundum Lucam*, 10, 121: PL 15, 1834A.

> Hekk se tkun il-glorja u l-hena tiegħek! Tidħol tara 'l Alla, ikollok il-ġieħ li tissieħeb fl-hena tas-salvazzjoni u fid-dawl ta' dejjem flimkien ma' Kristu, il-Mulej Alla tiegħek… tissieħeb fl-hena tas-Saltna tas-smewwiet flimkien mal-ġusti u l-ħbieb ta' Alla, fl-hena tal-immortalità li ksibt.[1]

1029 Fil-glorja tas-sema, il-beati jkomplu jaqdu bil-ferħ ir-rieda ta' Alla f'rabta mal-bnedmin u mal-ħolqien kollu kemm hu. Huma ġa qed isaltnu ma' Kristu: miegħu "jsaltnu għal dejjem ta' dejjem".[2]

## III. It-tisfija tal-aħħar jew il-purgatorju

1030 Dawk li jmutu fil-grazzja u l-ħbiberija ta' Alla, iżda mhumiex safja għalkollox, minkejja li żguri mis-salvazzjoni ta' dejjem tagħhom, wara mewthom iġarrbu purifikazzjoni, biex jiksbu l-qdusija meħtieġa ħa jidħlu fl-hena tas-sema.

1031 Il-Knisja ssejjaħ *Purgatorju* din il-purifikazzjoni tal-aħħar tal-magħżulin, tisfija li hi għalkollox differenti mill-kastig tad-dannati. Il-Knisja fissret il-fidi tagħha dwar il-Purgatorju l-aktar fil-Konċilji ta' Firenze[3] u ta' Trento.[4] It-tradizzjoni tal-Knisja, hija u tagħmel referenza għal xi siltiet tal-Iskrittura *(bħalma huma 1 Kor 3,15; 1 Piet 3,7)* titkellem dwar nar li jippurifika:

> Għandna nemmnu li għal xi ħtijiet żgħar qabel il-ġudizzju hemm nar li jsaffi minnhom, skont kif jgħidilna Dak li hu l-Verità fih innifsu, meta jsemmi lil dawk li jitkellmu kontra l-Ispirtu s-Santu, u jgħid li ma jkollhomx maħfra la f'din id-dinja u lanqas f'li ġejja *(Mt 12,32).* Minn dan il-kliem nistgħu nifhmu li xi ħtijiet jistgħu jinħafru f'dan iż-żmien u oħrajn fiż-żmien li għad irid jiġi.[5]

jiġi.[5]

1032 Dan it-tagħlim hu mibni wkoll fuq id-drawwa tat-talb għall-mejtin, li dwaru titkellem l-Iskrittura: "Għalhekk (Ġuda l-Makkabew) offra sagrifiċċju tal-purifikazzjoni biex il-mejtin jinħelsu minn dnubhom" *(2 Mak 12,46)*. Sa mill-ewwel żminijiet, il-Knisja tat ġieħ lit-tifkira tal-mejtin u offriet suffraġji għalihom, b'mod partikulari s-sagrifiċċju ewkaristiku,[6] biex, imsoffija minn dnubiethom, jistgħu jaslu għall-viżjoni beatifika ta' Alla. Il-Knisja tirrakkomanda wkoll il-karità, l-indulġenzi u l-penitenzi b'suffraġju għall-mejtin:

> Ħa ngħinuhom u niftakru fihom. Jekk ulied Ġobb kienu jitnaddfu mit-tniġġis tagħhom bis-sagrifiċċju ta' missierhom,[7] għaliex għandna naħsbu li l-offerti tagħna għall-mejtin mhux se jiksbulhom xi faraġ? Ma noqogħdux naħsbuha biex ngħinu lil dawk li ġa telqu u noffru talb għalihom.[8]

---

[1] San Ċiprjan, *Epistulae* 56, 10, 1: PL 4, 357B
[2] Ara Apok 22,5; ara Mt 25,21.23.
[3] Ara Denzinger-Schonmetzer, 1304.
[4] Ara *ibid.*, 1820; 1580.
[5] San Girgor il-Kbir, *Dialoghi*, 4, 39.
[6] Ara Konċ. ta' Lyon II: Denzinger-Schonmetzer, 856.
[7] Ara Ġobb 1,5.
[8] San Ġwann Griżostmu, *Homiliae in primam ad Corinthios*, 41, 5: PG 61, 594-595.

## IV. L-Infern

1033 Ma nistgħux ningħaqdu ma' Alla jekk ma nagħżlux minn rajna li nħobbuh. Iżda ma nistgħux inħobbu lil Alla jekk nidinbu graviment kontra tiegħu, kontra għajrna u kontra tagħna stess. "Min ma jħobbx, jinsab fil-mewt. Kull min jobgħod lil ħuh hu qattiel u intom tafu li ebda qattiel ma għandu fih il-ħajja ta' dejjem" *(1 Ġw 3,15)*. Il-Mulej wissiena li nkunu mifrudin minnu jekk nonqsu milli nagħmlu tajjeb għall-ħtiġijiet kbar tal-foqra u taċ-ċkejknin ħutu.[1] Il-mewt bid-dnub il-mejjet ta' wieħed li ma nidimx u ma laqax l-imħabba kollha ħniena ta' Alla, tfisser li dan se jibqa' mifrud minn Alla b'għażla ħielsa tiegħu. Hu dan l-istat ta' min minn rajh jinqata' darba għal dejjem mill-għaqda ma' Alla u mal-beati, li nsejħu "infern".

1034 Ġesù spiss tkellem dwar "infern" u "nar li ma jintefiex",[2] merfugħ għal dawk li sal-aħħar mument ta' ħajjithom ma jkunux iridu jemmnu u jikkonvertu, u fejn jistgħu jinqerdu kemm ir-ruħ u kemm il-ġisem.[3] Bi kliem serju ħafna Ġesù jħabbar li se "jibgħat l-anġli tiegħu jiġbru lil kull min jagħmel il-ħażen... u jixħtuhom fil-ħuġġieġa tan-nar" *(Mt 13,41-42)*, u li hu stess jagħti l-kundanna: "Morru minn quddiemi, misħutin, fin-nar ta' dejjem" *(Mt 25,41)*.

1035 It-tagħlim tal-Knisja jtenni li hemm l-infern u li hu għal dejjem. L-erwieħ ta' dawk li jmutu fl-istat tad-dnub mejjet wara mewthom jinżlu minnufih fl-infern, fejn isofru għal dejjem il-pieni tal-infern, "in-nar ta' dejjem".[4] L-akbar kastig tal-infern hu l-firda għal dejjem minn Alla li fih biss il-bniedem jista' jkollu l-ħajja u l-hena li għalihom ġie maħluq u li tant jixtieq.

1036 Dak li tgħid l-Iskrittura u dak li tgħallem il-Knisja fuq l-infern huma stedina *għar-responsabbiltà* li għandu juri l-bniedem fl-użu tal-libertà tiegħu quddiem id-destin tiegħu ta' dejjem. Fl-istess ħin huwa *appell urġenti għall-konverżjoni*: "Idħlu mill-bieb id-dejjaq. Għax wiesa' l-bieb u spazjuża t-triq li tieħu għat-telfien, u ħafna huma li jaqbdu lilha; imma kemm huwa dejjaq il-bieb u dejqa t-triq li tieħu għall-ħajja, u ftit huma li jsibuha" *(Mt 7,13-14)*:

> Għax ma nafux il-ħin u s-siegħa jeħtiġilna nishru, kif iwissina l-Mulej, biex, wara li ntemmu l-mixja waħda biss tagħna f'din id-dinja, ikun jistħoqqilna nidħlu miegħu għall-festa tat-tieġ u ningħaddu mal-beati, u ma nkunux qaddejja ħżiena u għażżenin, li jitwaddbu barra fid-dlam fejn hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien.[5]

1037 Alla ma jippredestina lil ħadd għall-infern;[6] biex wieħed jitwaddab fl-infern jeħtieġ li minn rajh jitbiegħed għalkollox minn Alla

---

[1] Ara Mt 25,31-46.

[2] Ara Mt 5,22.29; 13,42,50; Mk 9,43-48.

[3] Ara Mt 10,28.

[4] Ara Simbolu "*Quicumque*" Denzinger-Schonmetzer, 76; Sinodu ta' Kostantinopli, *ibid.* 409, 411; Konċ. ta' Lateran IX, *ibid.* 801; Konċ. ta' Lyon II, *ibid.* 858; Benedittu XII, Kost. *BenedictusDeus*, *ibid.* 1002; Konċ. ta' Firenze (1442). *Ibid.* 1351; Konċ ta' Trento, *ibid.* 1575; Pawlu VI, Kredu tal-Poplu ta' Alla, 12.

[5] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 48.

[6] Ara Konċ. ta' Orange, Denzinger-Schonmetzer, 397; Konċ ta' Trento, *ibid.* 1567.

(id-dnub il-mejjet), u jibqa’ mbiegħed sal-aħħar. Fil-Liturġija ewkaristika u fit-talb ta’ kuljum tal-Insara, il-Knisja titlob lill-ħniena ta’ Alla biex “ħadd ma jintilef u kulħadd jersaq għall-indiema” *(2 Piet 3,9)*:

> Ilqa’, nitolbuk, Mulej, din l-offerta tagħna u tal-familja kollha tiegħek: seddaq ħajjitna fis-sliem, eħlisna mit-telfien ta’ dejjem, u għoddna fil-merħla tal-magħżulin tiegħek.[1]

## V. Il-ġudizzju tal-aħħar

1038 Il-qawmien tal-mejtin kollha “kemm it-tajbin u kemm il-ħżiena” *(Atti 24,15)* iseħħ qabel il-ġudizzju tal-aħħar. Tkun “is-siegħa meta dawk kollha li jkunu fl-oqbra jisimgħu leħen Bin il-bniedem u joħorġu: dawk li jkunu għamlu t-tajjeb iqumu għall-ħajja, imma dawk li jkunu għamlu l-ħażin iqumu għall-kundanna” *(Ġw 5,28-29)*. Imbagħad Kristu “jiġi fil-glorja tiegħu u bl-anġli kollha miegħu, ...u quddiemu jinġabru l-ġnus kollha, u hu jifridhom minn xulxin kif ir-ragħaj jifred in-nagħaġ mill-mogħoż; in-nagħaġ iqegħedhom fuq il-lemin tiegħu, u l-mogħoż fuq ix-xellug… u dawn imorru fit-tbatija ta’ dejjem u dawk fil-ħajja ta’ dejjem” *(Mt 25,31,32,46)*.

1039 Hu quddiem Kristu, li hu l-istess verità, li tinkixef darba għal dejjem il-verità dwar ir-relazzjoni ta’ kull bniedem ma’ Alla.[2] Il-ġudizzju tal-aħħar juri l-għemejjel kollha ta’ ġid li kull wieħed ikun għamel jew ma għamilx, tul ħajtu fuq l-art, bil-konsegwenzi kollha tagħhom sal-aħħar:

> Id-deni kollu li jagħmlu l-ħżiena jitniżżel – mingħajr ma huma jkunu jafu. Il-Jum meta Alla “ma jibqax sieket” *(Salm 50,3)*: ...hu jdur lejn il-ħżiena: “Qegħidt fuq l-art – jgħidilhom – il-foqra ċkejknin tiegħi għalikom. Jien, ir-ras tagħhom, qiegħed fuq it-tron tas-sema fuq il-leminija ta’ Missieri – imma fuq l-art il-membri tiegħi kienu qed ibatu l-ġuħ. Kieku tajtu xi ħaġa lil dawn il-membri tiegħi, kieku dak li tkunu tajtu kien jasal sar-ras. Meta qegħidt il-foqra ċkejknin tiegħi fuq l-art, għamilthom kummissarji tagħkom biex ikunu jistgħu jwasslu l-għemejjel tajba tagħkom fit-teżor tiegħi: intom ma qiegħdtu xejn f’idejhom, għalhekk intom ma għandkom xejn għandi”.[3]

1040 Il-ġudizzju tal-aħħar isir meta Ġesù jerġa’ jiġi fil-glorja. Il-Missier biss jaf il-ħin u l-jum, hu biss jgħid meta se jseħħ. Permezz ta’ Ibnu Ġesù Kristu, Alla jgħid l-aħħar kelma tiegħu fuq il-ġrajja kollha tad-dinja. Aħna nafu x’inhu d-destin tal-aħħar tal-ħolqien kollu u tal-pjan tas-salvazzjoni, u nifhmu x’kienu t-triqat tal-għaġeb li l-providenza ta’ Alla mexxiet minnhom kollox lejn l-aħħar destin tiegħu. Il-ġudizzju tal-aħħar juri kif il-ġustizzja ta’ Alla toħroġ rebbieħa fuq l-inġustizzji kollha li jagħmlu l-ħlejjaq u li l-imħabba ta’ Alla hi aktar qawwija mill-mewt *(Għanja tal-Għanjiet 8,6)*.

---

[1] Missal Ruman, Kanone Ruman.
[2] Ara Ġw 12.49.
[3] Santu Wistin, *Sermones* 18, 4, 4: PL 38, 130-131.

1041 Il-messaġġ tal-ġudizzju tal-aħħar isejjaħ għall-konverżjoni tul "iż-żmien tajjeb, il-jum tas-salvazzjoni" *(2 Kor 6,2)* li Alla jagħti lill-bnedmin. Jimliena bil-biża' qaddis ta' Alla. Jimpenjana favur il-ġustizzja tas-Saltna ta' Alla. Iħabbrilna "t-tama hienja" *(Titu 2,13)* tal-miġja mill-ġdid tal-Mulej, li "jiġi biex jieħu glorja mingħand il-qaddisin tiegħu u l-ġieħ minn dawk kollha li kienu emmnu fih" *(2 Tes 1,10)*.

## VI. It-tama ta' smewwiet ġodda u art ġdida

1042 Fit-tmiem ta' kollox is-Saltna ta' Alla tilħaq il-milja kollha tagħha. Wara l-ġudizzju universali, il-ġusti jsaltnu għal dejjem ma' Kristu, lebsin bil-glorja fir-ruħ u l-ġisem, u l-univers kollu wkoll jiġġedded:

> Imbagħad il-Knisja tilħaq it-tmiem tagħha fil-glorja tas-sema meta d-dinja kollha, magħquda intimament mal-bniedem u permezz tiegħu, tilħaq id-destin tagħha tal-aħħar u, flimkien mal-ġens kollu tal-bnedmin, tiġġedded fi Kristu.[1]

1043 Dan it-tiġdid misterjuż li jbiddel il-familja kollha tal-bnedmin u d-dinja, l-Iskrittura ssejjaħlu "smewwiet ġodda u art ġdida".[2] B'hekk fl-aħħar iseħħ, darba għal dejjem, il-pjan ta' Alla fejn "kollox jinġabar taħt ras waħda li hu Kristu, kulma hu fl-art u kulma hu fis-sema" *(Ef 1,10)*.

1044 F'din id-"dinja ġdida",[3] f'Ġerusalemm tas-sema, Alla jkollu l-għamara tiegħu mal-bnedmin. "Hu jixxottalhom kull demgħa minn għajnejhom; ma jkunx hemm iżjed mewt, anqas biki jew għajjat jew tbatija ma jkun hemm iżjed, għax għebu l-ħwejjeġ ta' qabel".[4]

1045 *Għall-bniedem*, b'dan it-tmiem, isseħħ l-għaqda sħiħa tal-ġens kollu tal-bnedmin li ried Alla sa mill-ħolqien tad-dinja u li tagħha l-Knisja, hi u miexja fid-dinja, hi "bħal sagrament".[5] Dawk li jkunu magħqudin ma' Kristu jiffurmaw il-komunità tal-mifdijin, il-Belt qaddisa ta' Alla *(Apok 21,2)*, l-"Għarusa tal-Ħaruf" *(Apok 21,9)*. Din ma tkunx aktar midruba mid-dnub, mit-tinġis,[6] minn kulma hu mistkerrah, minn kull ħaġa li teqred jew tidrob il-komunità tal-bnedmin fuq l-art. Il-viżjoni beatifika, li biha Alla jinfetaħ għall-magħżulin b'mod li ma jintemm qatt, tkun l-għajn dejjem tnixxi l-ġid, is-sliem u l-għaqda flimkien.

1046 *Dwar l-univers*, ir-Rivelazzjoni tgħidilna li d-destin tad-dinja u tal-bniedem huma marbutin sewwa ma' xulxin:

> Il-ħlejjaq kollha qegħdin jistennew ħerqana r-rivelazzjoni ta' wlied Alla… bit-tama li l-ħlejjaq huma wkoll ikunu meħlusa mill-jasar tat-taħsir… Aħna

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 48.
[2] 2 Piet 3,13; ara Apok 21,1.
[3] Ara Apok 21,5.
[4] Apok 21,4; ara 21,27.
[5] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 1.
[6] Ara Apok 21,27.

> nafu li l-ħolqien kollu għadu sa issa jitniehed bl-uġigħ tal-ħlas; u mhux hu biss imma wkoll aħna li għandna l-ewwel frott tal-Ispirtu, aħna wkoll nitniehdu fina nfusna waqt li nistennew l-adozzjoni ta' wlied. il-fidwa ta' ġisimna *(Rum 8,19-23)*.

1047 Id-dinja li tidher, mela, hi wkoll destinata li tinbidel, "biex id-dinja stess jerġa' jkollha l-istat li kellha fil-bidu u hekk tkun, bla ebda tfixkil, għall-qadi tal-ġusti", u tissieħeb fil-glorja tagħhom f'Ġesù Kristu rxoxt.[1]

1048 *"Ma nafux iż-żmien* meta d-dinja u l-ġens kollu tal-bnedmin *jilħqu t-tmiem tagħhom,* u lanqas nafu kif se jinbidel l-univers. Żgur li s-sura ta' din id-dinja midruba mid-dnub tgħaddi. Imma aħna tgħallimna li Alla qed iħejjilna għamara ġdida u art ġdida fejn tgħammar il-ġustizzja, u l-hena jimla fuq li jimla x-xewqat kollha għas-sliem li jinbtu f'qalb il-bniedem".[2]

1049 "Iżda t-tama ta' art ġdida ma għandhiex tnaqqas, anzi għandha tħeġġeġ aktar il-ħerqa tagħna ħa naħdmu f'din id-dinja, fejn qed jikber il-ġisem ta' din il-familja ġdida tal-bnedmin, u li b'xi mod ġa qed jagħti xi ħjiel tad-dinja li għad trid tiġi. Għalkemm irridu nagħmlu għażla tajba bejn il-progress fid-dinja u l-kobor tas-Saltna ta' Alla, irridu ngħidu li dan il-progress tad-dinja jiswa ħafna għas-Saltna ta' Alla jekk iwassal għall-organizzazzjoni aħjar tas-soċjetà tal-bnedmin".[3]

1050 "Il-frott tajjeb kollu tan-natura u tal-ħidma tagħna, li nkunu xerridna mad-dinja fl-Ispirtu tal-Mulej u skont il-kmandament tiegħu, nerġgħu nsibuh, safi minn kull tinġis, imdawwal u mibdul, meta Kristu jagħti mill-ġdid lill-Missier is-saltna universali ta' dejjem".[4] Alla mbagħad "ikun kollox f'kollox" *(1 Kor 15,28)* fil-ħajja ta' dejjem:

> Il-ħajja vera hu l-Missier, li bl-Iben, fl-Ispirtu s-Santu, isawwab fuq kulħadd il-ġid kollu tas-sema: għall-ħniena tiegħu aħna l-bnedmin ukoll irċevejna l-wegħda li mhi se tiġi qatt nieqsa tal-ħajja ta' dejjem.[5]

## Fil-qosor

1051 *Kull bniedem malli jmut jirċievi fir-ruħ tiegħu li ma tmut qatt il-ħlas ta' dejjem, permezz tal-ġudizzju partikulari, minn Kristu, l-imħallef tal-ħajjin u tal-mejtin.*

1052 *"Aħna nemmnu li l-erwieħ ta' dawk li jmutu fil-grazzja ta' Kristu… jiffurmaw il-poplu ta' Alla fid-dinja l-oħra li fiha l-mewt tiġi*

[1] San Irinew, *Adversus haereses,* 5, 32, 1.
[2] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes,* 39.
[3] *Ibid.,* 39.
[4] *Ibid., 39;* ara *Lumen gentium,* 2.
[5] San Ċirillu ta' Ġerusalemm, *Catecheses illuminandorum* 18, 29: PG 33, 1049; ara Liturġija tas-Sigħat uffiċċju tal-qari tal-Ħamis tas-17-il ġimgħa.

*mirbuħa darba għal dejjem f'jum il-qawmien mill-imwiet, meta l-erwieħ jerġgħu jingħaqdu mal-iġsma tagħhom.*[1]

1053 *"Aħna nemmnu li l-kotra ta' dawk li huma miġburin madwar Ġesù u Marija fis-sema huma l-Knisja tas-sema, fejn fl-hena ta' dejjem jaraw lil Alla kif inhu, u fejn huma wkoll, fi gradi differenti, huma mseħbin mal-anġli mqaddsa fit-tmexxija ta' Alla permezz ta' Kristu fil-glorja, waqt li jidħlu għalina u jgħinuna fin-nuqqas ta' ħila tagħna b'ħerqa ta' aħwa".*[2]

1054 *Dawk li jmutu fil-grazzja u l-ħbiberija ta' Alla, iżda mhumiex safja għalkollox mit-tinġis tad-dinja, minkejja li żguri mis-salvazzjoni ta' dejjem tagħhom, wara mewthom ibatu purifikazzjoni, ħa jiksbu l-qdusija meħtieġa biex jidħlu fl-hena ta' Alla.*

1055 *Bil-qawwa tax-"xirka tal-qaddisin" il-Knisja tafda l-mejtin lill-ħniena ta' Alla u toffri suffraġji għalihom, b'mod partikulari toffri s-sagrifiċċju ewkaristiku.*

1056 *Fuq l-eżempju ta' Kristu, il-Knisja twissi lill-Insara dwar "ir-realtà tan-niket u tad-dwejjaq tal-mewt ta' dejjem",*[3] *realtà li tissejjaħ ukoll "infern"*

1057 *L-akbar piena tal-infern hi l-firda għal dejjem minn Alla li, fih biss il-bniedem jista' jkollu l-ħajja u l-hena li għalihom ġie maħluq u li fihom jittama.*

1058 *Il-Knisja titlob biex ħadd ma jintilef: "Mulej, tħalli qatt li jien ninfired minnek". Jekk inhu minnu li ebda bniedem ma jista' jsalva lilu nnifsu, hu minnu wkoll li "Alla jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw"* (1 Tim 2,4) *u li għal Alla "kollox jista' jkun"* (Mt 19,26).

1059 *"Il-Knisja qaddisa ta' Ruma temmen u tistqarr bil-qawwa kollha li f'jum il-ġudizzju l-bnedmin kollha jidhru bil-ġisem tagħhom quddiem it-tribunal ta' Kristu biex jagħtu kont ta' għemilhom kollu".*[4]

1060 *Fl-aħħar taż-żmien, is-Saltna ta' Alla tilħaq il-milja tagħha. Imbagħad il-ġusti jsaltnu għal dejjem ma' Kristu, imżejnin bil-glorja fil-ġisem u r-ruħ, u d-dinja wkoll tinbidel; u Alla "jkun kollox f'kollox"* (1 Kor 15,28)*, fil-ħajja ta' dejjem.*

**"AMMEN"**

1061 Il-Kredu, l-istess bħall-aħħar ktieb tal-Iskrittura,[5] jagħlaq bil-kelma Lhudija *Ammen.* Din il-kelma niltaqgħu magħha ta' spiss fl-għeluq tat-talb tat-Testment il-Ġdid. Il-Knisja wkoll ittemm it-talb tagħha bil-kelma "Ammen".

---

1 Pawlu VI, Kredu tal-Poplu ta' Alla, 28.
2 *Ibid.*, 29.
3 Kongregazzjoni għall-Kleru *Directorium Catecheticum Generale,* 69.
4 Konċ. ta' Lyon II, Denzinger-Schonmetzer, 859; ara Konċ. ta' Trento, *Ibid.* 1549.
5 Ara Apok 22,21.

1062 Bil-Lhudi "Ammen" għandha l-istess għerq tal-kelma "Nemmen". Dan l-għerq jesprimi solidità, affidabbiltà, fedeltà. B'hekk nifhmu għaliex il-kelma "Ammen" tesprimi kemm il-fedeltà ta' Alla magħna kif ukoll il-fiduċja tagħna fih.

1063 Fil-profeta Isaija nsibu l-frażi: "Alla tal-verità", letteralment "Alla tal-Ammen", jiġifieri Alla hu fidil fil-wegħdiet tiegħu. "Min jitbierek fuq l-art, jitbierek b'Alla tal-Verità (tal-Ammen)" *(Is 65,16).* Ġesù Sidna spiss juża l-kelma "Ammen",[1] xi kultant itenniha[2] biex jagħmel enfasi fuq l-affidabbiltà li tistħoqq lit-tagħlim tiegħu, lill-awtorità tiegħu mibnija fuq il-verità ta' Alla.

1064 L-"Ammen" li tagħlaq il-Kredu ttenni u twettaq l-ewwel kelmiet: "Jiena nemmen". Temmen jiġifieri tgħid "Ammen" għall-kliem, għall-wegħdiet, għall-kmandamenti ta' Alla, jiġifieri tafda għalkollox f'dak li hu l-"Ammen" tal-imħabba bla qies u tal-fedeltà perfetta. Il-ħajja nisranija ta' kuljum, tkun imbagħad l-"Ammen" għall-"Jiena nemmen" tal-istqarrija tal-fidi tal-Magħmudija tagħna:

> Jalla l-Kredu tiegħek ikun qisu mera għalik. Hares lejk innifsek fih biex tara temminx kulma tgħid li temmen. U thenna kull jum fil-fidi tiegħek.[3]

1065 Ġesù Kristu nnifsu huwa l-"Ammen" *(Apok 3,14).* Hu l-"Ammen" definittiv tal-imħabba tal-Missier għalina: Hu jieħu u jtemm l-"Ammen" tagħna lill-Missier: "Il-wegħdiet ta' Alla saru 'iva' fih; hu għalhekk li aħna, permezz tiegħu, ngħidu l-'Ammen' għall-glorja ta' Alla" *(2 Kor 1,10)*:

> Bi Kristu, ma' Kristu, fi Kristu,
> jingħata lilek, Alla Missier li tista' kollox,
> flimkien mal-Ispirtu s-Santu
> kull ġieħ u glorja għal dejjem ta' dejjem.

> **AMMEN.**

---

[1] Ara Mt 6,2.5.16.
[2] Ara Ġw 5,19.
[3] Santu Wistin, *Sermones*, 58 11, 13: PL 38, 399.